Parlament Ewropew

2014 - 2019

# REGOLI TA' PROĊEDURA

**It-tmien leġislatura**

Settembru 2015

**Nota lill-qarrej:**

Skond id-deċiżjonijiet tal-Parlament dwar l-użu ta' lingwa li tuża ġens newtrali fid-dokumenti tiegħu, ir-Regoli ta' Proċedura ġew adattati biex iqisu l-linji gwida fuq dak is-suġġett approvati mill-Grupp ta' Livell Għoli fuq l-Ugwaljanza Bejn is-Sessi u d-Diversità fit-13 ta' Frar 2008 u endorsjati mill-Bureau fid-19 ta' Mejju 2008.

Interpretazzjonijiet tar-Regoli (skond l-Artikolu 226) huma mniżżlin bil-korsiv.

# KONTENUT


TITOLU I MEMBRI, KORPI TAL-PARLAMENT U GRUPPI POLITIĊI

KAPITOLU 1 MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Artikolu 1 Il-Parlament Ewropew
Artikolu 2 Mandat indipendenti
Artikolu 3 Verifika ta' kredenzjali
Artikolu 4 Tul tal-mandat tal-Membri
Artikolu 5 Privileġġi u immunitajiet
Artikolu 6 Tneħħija ta' l-immunità
Artikolu 7 Ħarsien tal-privileġġi u l-immunità
Artikolu 8 Azzjoni urġenti mill-President għall-asserzjoni tal-immunità
Artikolu 9 Proċeduri dwar l-immunità
Artikolu 10 Implimentazzjoni ta' l-Istatut tal-Membri
Artikolu 11 Interessi finanzjarji tal-Membri, standards ta' mġiba, reġistru ta' trasparenza obbligatorju u aċċess għall-Parlament
Artikolu 12 Investigazzjonijiet interni mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)
Artikolu 13 Osservaturi

KAPITOLU 2 UFFIĊJALI TAL-PARLAMENT

Artikolu 14 President proviżorju
Artikolu 15 Nominazzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali
Artikolu 16 Elezzjoni ta' President - indirizz tal-ftuħ
Artikolu 17 Elezzjoni ta' Viċi Presidenti
Artikolu 18 Elezzjoni ta' Kwesturi
Artikolu 19 Tul tal-Kariga ta' Uffiċjali
Artikolu 20 Postijiet vakanti
Artikolu 21 Tmiem ta' kariga qabel iż-żmien

KAPITOLU 3 KORPI U DMIRIJIET

Artikolu 22 Dmirijiet tal-President
Artikolu 23 Dmirijiet tal-Viċi Presidenti
Artikolu 24 Kompożizzjoni tal-Bureau
Artikolu 25 Dmirijiet tal-Bureau
Artikolu 26 Kompożizzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti
Artikolu 27 Dmirijiet tal-Konferenza tal-Presidenti
Artikolu 28 Dmirijiet tal-Kwesturi
Artikolu 29 Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati
Artikolu 30 Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet
Artikolu 31 Responsabbiltà tal-Bureau u tal-Konferenza tal-Presidenti

KAPITOLU 4 GRUPPI POLITIĊI

Artikolu 32 Tiswir ta' gruppi politiċi
Artikolu 33 Attivitajiet u sitwazzjoni legali tal-gruppi politiċi
Artikolu 34 Intergruppi
Artikolu 35 Membri mhux affiljati
Artikolu 36 Allokazzjoni ta' siġġijiet fil-Kamra

TITOLU II PROĊEDURI LEĠISLATTIVI, TAL-BAĠIT U OĦRAJN

KAPITOLU 1 PROĊEDURI LEĠISLATTIVI - DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 37 Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni
Artikolu 38 Rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea
Artikolu 39 Verifika tal-bażi legali
Artikolu 40 Delega tas-setgħat leġislattivi
Artikolu 41 Verifika ta' kompatibilità finanzjarja
Artikolu 42 Eżami tal-osservanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà
Artikolu 43 Aċċess għal dokumenti u l-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament
Artikolu 44 Rappreżentanza tal-Parlament fil-laqgħat tal-Kunsill
Artikolu 45 Id-drittijiet ta' inizjattiva mogħtija lill-Parlament mit-Trattati
Artikolu 46 Inizjattiva skond l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Artikolu 47 Eżami ta' dokumenti leġislattivi
Artikolu 48 Proċeduri leġislattivi dwar inizjattivi preżentati minn Stati Membri

**KAPITOLU 2 PROĊEDURI FIL-KUMITAT**

Artikolu 49 Rapporti leġislattivi
Artikolu 50 Proċedura simplifikata
Artikolu 51 Rapporti mhux leġislattivi
Artikolu 52 Rapporti fuq inizjattiva proprja
Artikolu 53 Opinjonijiet ta' kumitati
Artikolu 54 Proċedura b'kumitati assoċjati
Artikolu 55 Proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati
Artikolu 56 Abbozz tar-rapporti

**KAPITOLU 3 L-EWWEL QARI**

**Stadju tal-Kumitat**

Artikolu 57 Modifika ta' proposta għal att leġislattiv
Artikolu 58 Pożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar emendi

**Stadju tas-Seduta Plenarja**

Artikolu 59 Konklużjoni ta' l-ewwel qari
Artikolu 60 Ċaħda ta' proposta tal-Kummissjoni
Artikolu 61 Addozzjoni ta' emendi għal proposta tal-Kummissjoni

**Proċedura ta' segwitu**

Artikolu 62 Segwitu għall-pożizzjoni tal-Parlament
Artikolu 63 Referenza mill-ġdid lill-Parlament

**KAPITOLU 4 IT-TIENI QARI**

**Stadju tal-Kumitat**

Artikolu 64 Komunikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill
Artikolu 65 Titwil tal-limiti taż-żmien
Artikolu 66 Referenza lill-kumitat responsabbli u proċedura fl-istess kumitat

**Stadju tas-Seduta Plenarja**

Artikolu 67 Tmiem tat-tieni qari
Artikolu 68 Ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill
Artikolu 69 Emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill

**KAPITOLU 5 IT-TIELET QARI**

**Konċiljazzjoni**

Artikolu 70 Tlaqqigħ tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni
Artikolu 71 Delegazzjoni għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni

**Stadju tas-seduta plenarja**

Artikolu 72 Test konġunt

**KAPITOLU 6 GĦELUQ TAL-PROĊEDURA LEĠISLATTIVA**

Artikolu 73 Negozjati interistituzzjonali fi proċeduri leġislattivi
Artikolu 74 Approvazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-ftuħ ta' negozjati interistituzzjonali qabel l-adozzjoni ta' rapport fil-kumitat
Artikolu 75 Ftehim fl-ewwel qari
Artikolu 76 Ftehim fit-tieni qari
Artikolu 77 Rekwiżiti għat-tfassil ta' atti leġislattivi
Artikolu 78 Iffirmar ta' atti adottati

**KAPITOLU 7 AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI**

Artikolu 79 Reviżjoni Ordinarja tat-Trattati
Artikolu 80 Reviżjoni simplifikata tat-Trattati
Artikolu 81 Trattati ta' adeżjoni
Artikolu 82 Irtirar mill-Unjoni
Artikolu 83 Ksur ta' prinċipji findamentali minn Stat Membru
Artikolu 84 Kompożizzjoni tal-Parlament
Artikolu 85 Kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri

**KAPITOLU 8 PROĊEDURI TAL-BAĠIT**

Artikolu 86 Il-Qafas finanzjarju plurijennali
Artikolu 87 Dokumenti ta' ħidma
Artikolu 88 Kunsiderazzjoni tal-abbozz tal-baġit - l-ewwel fażi
Artikolu 89 Trialogu Finanzjarju
Artikolu 90 Konċiljazzjoni baġitarja
Artikolu 91 Adozzjoni definittiva tal-baġit
Artikolu 92 Is-sistema tal-qsim proviżorju fi tnax-il parti
Artikolu 93 Kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġits
Artikolu 94 Proċeduri oħra ta' kwittanza
Artikolu 95 Kontroll tal-Parlament fuq l-implimentazzjoni tal-baġit

**KAPITOLU 9 PROĊEDURI INTERNI TAL-BAĠIT**

Artikolu 96 Estimi tal-Parlament
Artikolu 97 Proċedura li għandha tapplika fit-tfassil tal-estimi tal-Parlament
Artikolu 98 Setgħa biex jagħmel u jħallas spejjeż

**KAPITOLU 10 PROĊEDURA TA' APPROVAZZJONI**

Artikolu 99 Proċedura ta' approvazzjoni

**KAPITOLU 11 PROĊEDURI OĦRA**

Artikolu 100 Proċedura għall-għoti ta' opinjonijiet skond l-Artikolu 140 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Artikolu 101 Proċeduri dwar id-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema
Artikolu 102 Proċeduri għall-iskrutinju ta' ftehimiet volontarji
Artikolu 103 Kodifikazzjoni
Artikolu 104 Tfassil mill-ġdid
Artikolu 105 Atti delegati

Artikolu 106 Atti u miżuri ta' implimentazzjoni
Artikolu 107 Eżami tal-proċedura ta' kumitati assoċjati jew ta' laqgħat konġunti ta' kumitati

TITOLU III RELAZZJONIJIET BARRANIN

KAPITOLU 1 FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Artikolu 108 Ftehimiet internazzjonali
Artikolu 109 Proċeduri bbażati fuq l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' applikazzjoni proviżorja jew is-sospensjoni ta' ftehimiet internazzjonali jew it-teħid ta' pożizzjoni tal-Unjoni f'korp imwaqqaf bi ftehima internazzjonali

KAPITOLU 2 RAPPREZENTANZA BARRANIJA TA' L-UNJONI U POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

Artikolu 110 Rappreżentanti speċjali
Artikolu 111 Rappreżentanza Internazzjonali
Artikolu 112 Konsultazzjoni mal-Parlament u għoti ta' informazzjoni lill-Parlament fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni
Artikolu 113 Rakkomandazzjonijiet fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni
Artikolu 114 Ksur tad-drittijiet tal-bniedem

TITOLU IV TRASPARENZA FIL-ĦIDMA

Artikolu 115 Trasparenza fl-attivitajiet tal-Parlament
Artikolu 116 Aċċess pubbliku għal dokumenti

TITOLU V RELAZZJONIJIET MA' KORPI OĦRA

KAPITOLU 1 ĦATRIET

Artikolu 117 Elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni
Artikolu 118 Elezzjoni tal-Kummissjoni
Artikolu 119 Mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni
Artikolu 120 In-Nomina tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
Artikolu 121 Ħatra tal-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri
Artikolu 122 Ħatra tal-Membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew

KAPITOLU 2 STQARRIJIET

Artikolu 123 Stqarrijiet mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Kunsill Ewropew
Artikolu 124 Stqarrijiet li jispjegaw id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni
Artikolu 125 Stqarrijiet mill-Qorti ta' l-Awdituri
Artikolu 126 Stqarrijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew
Artikolu 127 Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika.

KAPITOLU 3 MISTOQSIJIET PARLAMENTARI

Artikolu 128 Mistoqsijiet għal tweġiba orali b'dibattitu
Artikolu 129 Ħin għall-mistoqsijiet
Artikolu 130 Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub
Artikolu 131 Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-Bank Ċentrali Ewropew

KAPITOLU 4 RAPPORTI TA' ISTITUZZJONIJIET OĦRA

Artikolu 132 Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet oħra.

KAPITOLU 5 RIŻOLUZZJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

Artikolu 133 Mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet
Artikolu 134 Rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill
Artikolu 135 Dibattiti fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt
Artikolu 136 Dikjarazzjonijiet bil-miktub
Artikolu 137 Konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Artikolu 138 Konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni
Artikolu 139 Talbiet lill-Aġenziji Ewropej

KAPITOLU 6 FTEHIMIET INTERISTITUZZJONALI

Artikolu 140 Ftehimiet interistituzzjonali

KAPITOLU 7 REFERENZI LILL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

Artikolu 141 Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

TITOLU VI RELAZZJONIJIET MA' PARLAMENTI NAZZJONALI

Artikolu 142 Skambju ta' tagħrif, kuntatti u faċilitajiet reċiproċi
Artikolu 143 Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC)
Artikolu 144 Konferenzi tal-parlamenti

TITOLU VII SESSJONIJIET

KAPITOLU 1 SESSJONIJIET TAL-PARLAMENT

Artikolu 145 Leġislatura, sessjonijiet, sessjonijiet parzjali, seduti
Artikolu 146 Tlaqqigħ tal-Parlament
Artikolu 147 Post fejn isiru s-seduti u l-laqgħat
Artikolu 148 Attendenza tal-Membri għas-seduti

KAPITOLU 2 ORDNI TAL-ĦIDMA TAL-PARLAMENT

Artikolu 149 Abbozz ta' l-aġenda
Artikolu 150 Proċedura f'sessjoni plenarja mingħajr emendi u diskussjoni
Artikolu 151 Preżentazzjoni qasira
Artikolu 152 Adozzjoni ta' l-Aġenda u emendi għall-Aġenda
Artikolu 153 Dibattitu straordinarju
Artikolu 154 Proċedura urġenti
Artikolu 155 Dibattitu konġunt
Artikolu 156 Skadenzi

KAPITOLU 3 REGOLI ĠENERALI DWAR IT-TMEXXIJA TAS-SEDUTI

Artikolu 157 Aċċess għall-Kamra
Artikolu 158 Lingwi
Artikolu 159 Arranġament tranżitorju
Artikolu 160 Tqassim ta' dokumenti
Artikolu 161 Proċessar elettroniku ta' dokumenti
Artikolu 162 Allokazzjoni ta' ħin għad-diskorsi u lista tal-kelliema
Artikolu 163 Diskorsi ta' minuta
Artikolu 164 Stqarrijiet personali

KAPITOLU 4 MIŻURI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU F'KAŻ TA' NUQQAS TA' OSSERVANZA TA' L-ISTANDARDS TA' MĠIBA TAL-MEMBRI

Artikolu 165 Miżuri immedjati
Artikolu 166 Pieni
Artikolu 167 Proċeduri interni ta' appell

KAPITOLU 5 KWORUM U VOTAZZJONI

Artikolu 168 Kworum
Artikolu 169 Tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda u t-tressieq tagħhom
Artikolu 170 Ammissibilità ta' emendi
Artikolu 171 Proċedura ta' votazzjoni
Artikolu 172 Voti ndaqs
Artikolu 173 Prinċipji li jirregolaw il-votazzjonijiet
Artikolu 174 Ordni tal-votazzjoni dwar emendi
Artikolu 175 Eżami f'kumitat ta' emendi tas-seduta plenarja
Artikolu 176 Votazzjonijiet maqsuma
Artikolu 177 Dritt għall-vot
Artikolu 178 Votazzjonijiet
Artikolu 179 Votazzjoni aħħarija
Artikolu 180 Votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet
Artikolu 181 Votazzjonijiet elettroniċi
Artikolu 182 Votazzjonijiet permezz ta' vot sigriet
Artikolu 183 Spjegazzjonijiet tal-vot
Artikolu 184 Diżgwid dwar votazzjonijiet

KAPITOLU 6 MOZZJONIJIET TA' INTERRUZZJONI U TA' PROĊEDURA

Artikolu 185 Mozzjonijiet ta' proċedura
Artikolu 186 Punti ta' ordni
Artikolu 187 Tressiq ta' l-inammissibilità ta' xi kwistjoni
Artikolu 188 Referenza lura lill-Kumitat
Artikolu 189 Għeluq ta' dibattitu
Artikolu 190 Aġġornament ta' dibattitu u ta' votazzjoni
Artikolu 191 Sospensjoni jew għeluq tas-seduta

KAPITOLU 7 REĠISTRI PUBBLIĊI TAL-PROĊEDURI

Artikolu 192 Minuti
Artikolu 193 Testi adottati
Artikolu 194 Rapporti Verbatim
Artikolu 195 Rekord awdjoviżiv tad-diskussjonijiet

TITOLU VIII KUMITATI U DELEGAZZJONIJIET

KAPITOLU 1 KUMITATI - TWAQQIF U SETGĦAT

Artikolu 196 Twaqqif ta' Kumitati Permanenti
Artikolu 197 Twaqqif ta' Kumitati Speċjali
Artikolu 198 Kumitati ta' inkjesta
Artikolu 199 Kompożizzjoni tal-kumitati
Artikolu 200 Sostituti
Artikolu 201 Dmirijiet tal-kumitati
Artikolu 202 Kumitat responsabbli mill-verifika ta' kredenzjali
Artikolu 203 Sottokumitati
Artikolu 204 Bureaux tal-kumitati

Artikolu 205 Koordinaturi tal-kumitati u shadow rapporteurs

**KAPITOLU 2 KUMITATI - FUNZJONIJIET**

Artikolu 206 Laqgħat tal-kumitati
Artikolu 207 Minuti tal-laqgħat tal-kumitati
Artikolu 208 Votazzjoni fil-Kumitat
Artikolu 209 Dispożizzjonijiet dwar is-seduti plenarji li japplikaw fil-kumitat
Artikolu 210 Ħin għall-Mistoqsijiet fil-kumitat
Artikolu 211 Seduti ta’ smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini

**KAPITOLU 3 DELEGAZZJONIJIET INTERPARLAMENTARI**

Artikolu 212 Twaqqif u dmirijiet ta' delegazzjonijiet interparlamentari
Artikolu 213 Koperazzjoni ma' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa
Artikolu 214 Kumitati parlamentari konġunti

**TITOLU IX PETIZZJONIJIET**

Artikolu 215 Dritt ta' Petizzjoni
Artikolu 216 Eżami ta' Petizzjonijiet
Artikolu 217 Notifika ta' petizzjonijiet
Artikolu 218 Inizjattiva taċ-ċittadini

**TITOLU X OMBUDSMAN**

Artikolu 219 Elezzjoni tal-Ombudsman
Artikolu 220 Attivitajiet ta' l-Ombudsman
Artikolu 221 Tneħħija ta' l-Ombudsman

**TITOLU XI SEGRETARJAT TAL-PARLAMENT**

Artikolu 222 Segretarjat

**TITOLU XII SETGĦAT U RESPONSABBILTAJIET LI JIKKONĊERNAW IL-PARTITI POLITIĊI FIL-LIVELL EWROPEW**

Artikolu 223 Setgħat u Responsabbiltajiet tal-President
Artikolu 224 Setgħat u Responsabbiltajiet tal-Bureau
Artikolu 225 Setgħat u Responsabbiltajiet tal-kumitat responsabbli u tal-Parlament f'seduta plenarja

**TITOLU XIII APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI TA' PROĊEDURA U EMENDI GĦAR-REGOLI TA' PROĊEDURA**

Artikolu 226 Applikazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura
Artikolu 227 Emendi għar-Regoli ta' Proċedura

**TITOLU XIV DIŻPOSIZZJONIJIET MIXXELLANJI**

Artikolu 228 Is-simboli tal-Unjoni
Artikolu 229 Ħidma mhux mitmuma
Artikolu 230 Arranġament ta' l-annessi
Artikolu 231 Rettifiki

ANNESS I **Kodiċi ta' Mġiba għall-Membri tal-Parlament fir-rigward tal-interessi finanzjarji u l-kunflitti ta' interessi**

ANNESS II **Kif għandu jitmexxa l-Ħin għall-Mistoqsijiet mal-Kummissjoni**

| | | |
|---|---|---|
| ANNESS | III | **Kriterji għall-mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub skont l-Artikoli 130 u 131** |
| ANNESS | IV | **Linji gwida u prinċipji ġenerali li għandhom jiġu segwiti fl-għażla tas-suġġetti li għandhom jiġu nklużi fl-aġenda għad-diskussjoni fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt skond l-Artikolu 135** |
| ANNESS | V | **Proċedura għall-eżami u l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-għoti tal-kwittanza** |
| ANNESS | VI | **Setgħat u responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti** |
| ANNESS | VII | **Dokumenti u informazzjoni kunfidenzjali u sensittivi** |
| ANNESS | VIII | **Dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-eżerċitar tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew** |
| ANNESS | IX | **Reġistru ta' trasparenza** |
| ANNESS | X | **Qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman** |
| ANNESS | XI | **Prevenzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni u ta' kull attività illegali li hi ta' ħsara għall-interessi tal-Kominitajiet** |
| ANNESS | XII | **Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE** |
| ANNESS | XIII | **Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet rivedut bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea** |
| ANNESS | XIV | **Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti** |
| ANNESS | XV | **Linji Gwidi għall-interpretazzjoni ta' l-istandards ta' mġiba tal-Membri** |
| ANNESS | XVI | **Linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni** |
| ANNESS | XVII | **Proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja** |
| ANNESS | XVIII | **Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija** |
| ANNESS | XIX | **DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR ARRANĠAMENTI PRATTIĊI GĦALL-PROĊEDURA TA' KODEĊIŻJONI (ARTIKOLU 251 TAT-TRATTAT KE)** |
| ANNESS | XX | **Kodiċi ta' mġiba għal negozjar fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja** |

**ANNESS XXI** **Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà demokratika u tas-superviżjoni tal-eżerċizzju tal-kompiti mogħtija lill-BĊE fil-qafas tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku**

TITOLU I

MEMBRI, KORPI TAL-PARLAMENT U GRUPPI POLITIĊI

KAPITOLU 1

MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**Artikolu 1**

**Il-Parlament Ewropew**

1. Il-Parlament Ewropew huwa l-assemblea eletta skond it-Trattati, l-Att ta' l-20 ta´ Settembru 1976 li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri b´suffraġju universali dirett u l-leġislazzjoni nazzjonali li ġejja mit-Trattati.

2. Il-persuni eletti fil-Parlament Ewropew għandhom jissejħu:

"Членове на Европейския парламент" bil-Bulgaru,

"Diputados al Parlamento Europeo" bl-Ispanjol,

"Poslanci Evropského parlamentu" biċ-Ċek,

"Medlemmer af Europa-Parlamentet" bid-Daniż

"Mitglieder des Europäischen Parlaments" bil-Ġermaniż,

"Euroopa Parlamendi liikmed" bl-Eston,

"Βουλευτές του Ευρωπαϊκού Κοινοβουλίου" bil-Grieg,

"Members of the European Parliament" bl-Ingliż,

"Députés au Parlement européen" bil-Franċiż,

"Zastupnici u Europskom parlamentu" bil-Kroat,

"Feisirí de Pharlaimint na hEorpa" bl-Irlandiż,

"Deputati al Parlamento europeo" bit-Taljan,

"Eiropas Parlamenta deputāti" bil-Latvjan,

"Europos Parlamento nariai" bil-Litwan,

"Európai Parlamenti Képviselők" bl-Ungeriż,

"Membri tal-Parlament Ewropew" bil-Malti,

"Leden van het Europees Parlement" bl-Olandiż,

"Posłowie do Parlamentu Europejskiego" bil-Pollakk,

"Deputados ao Parlamento Europeu" bil-Portugiż,

"Deputaţi în Parlamentul European" bir-Rumen,

"Poslanci Európskeho parlamentu" bis-Slovak,

"Poslanci Evropskega parlamenta" bis-Sloven,

"Euroopan parlamentin jäsenet" bil-Finlandiż,

"Ledamöter av Europaparlamentet" bl-Iżvediż

**Artikolu 2**

**Mandat indipendenti**

Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jeżerċitaw il-mandat tagħhom b'mod indipendenti. M'għandhomx jiġu mxekkla minn xi istruzzjonijiet u m'għandhomx jirċievu mandat li jorbothom.

**Artikolu 3**

**Verifika ta' kredenzjali**

1. Wara l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, il-President għandu jistieden lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri sabiex jgħaddu lill-Parlament mingħajr dewmien l-ismijiet tal-Membri eletti sabiex il-Membri kollha jieħdu l-kariga fil-Parlament b'effet mill-ftuħ ta' l-ewwel seduta wara l-elezzjonijiet.

Fl-istess ħin, il-President għandu jiġbed l-attenzjoni ta' dawk l-awtoritajiet għad-dispożizzjoniiet rilevanti għall-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 u jistedinhom jieħdu l-miżuri meħtiega sabiex jevitaw kull inkompatibbiltà mal-kariga ta' Membru tal-Parlament Ewropew.

2. Kull Membru li l-elezzjoni tiegħu jkun mgħarraf biha l-Parlament għandu jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub, qabel jidħol fil-kariga fil-Parlament, li huwa ma għandu ebda kariga inkompatibbli ma' dik ta' Membru tal-Parlament Ewropew fis-sens ta' l-Artikolu 7(1) u (2) ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976. Wara l-elezzjonijiet ġenerali, din id-dikjarazzjoni għandha ssir fejn hu possibbli mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel is-seduta kostituttiva tal-Parlament. Sakemm il-kredenzjali ta' Membru jkunu vverifikati jew tkun ingħatat deċiżjoni fuq kwalunkwe tilwima u kemm-il darba jkun iffirma minn qabel id-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija aktar 'l fuq, il-Membru għandu jidħol fil-kariga tiegħu fil-Parlament u fil-korpi tiegħu u għandu jgawdi mid-drittijiet marbuta ma' din il-kariga.

Fejn ikun stabbilit minn fatti vverifikati minn sorsi disponibbli għall-pubbliku li Membru għandu kariga inkompatibbli ma' dik ta' Membru tal-Parlament Ewropew, fis-sens ta' l-Artikolu 7(1) u (2) ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976, il-Parlament, fuq il-bażi ta' tagħrif provdut mill-President tiegħu, għandu jistabbilixxi li hemm post vakanti.

3. Fuq il-bażi ta' rapport magħmul mill-kumitat responsabbli mill-verifika tal-kredenzjali, il-Parlament għandu jivverifika l-kredenzjali mingħajr dewmien u jiddeċiedi dwar il-validità tal-mandat ta' kull wieħed mill-Membri li jkunu għadhom kemm ġew eletti kif ukoll dwar xi kontestazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976, ħlief għad-dispożizzjonijiet ibbażati fuq il-liġijiet elettorali nazzjonali.

4. Ir-rapport tal-kumitat għandu jkun ibbażat fuq in-notifika uffiċjali tar-riżultati sħaħ ta' l-elezzjoni min naħa ta' kull Stat Membru. Fin-notifika għandhom ikunu speċifikati l-ismijiet tal-kandidati eletti u l-ismijiet ta' xi sostituti flimkien ma' l-ordni tagħhom skond ir-riżultat tal-votazzjoni.

Il-validità tal-mandat ta' xi Membru ma tistax tkun ikkonfermata jekk ma jkunux saru d-dikjarazzjonijiet bil-miktub meħtieġa taħt dan l-Artikolu u l-Anness I ta' dawn ir-regoli.

Fuq il-bażi ta' rapport tal-kumitat, il-Parlament jista' f'kull ħin jieħu deċiżjoni dwar xi kontestazzjoni tal-validità tal-mandat ta' xi wieħed mill-Membri tiegħu.

5. Meta l-ħatra ta' Membru sseħħ minħabba l-irtirar ta' kandidati mill-istess lista, il-kumitat responsabbli għandu jiżgura li l-irtirar fil-kwistjoni jkun sar skond l-ispirtu u l-kelma ta' l-Att tal-20 ta' Settembru 1976 u ta' l-Artikolu 4(3).

6. Il-kumitat għandu jiżgura li kull informazzjoni li tista' teffettwa l-qadi tad-dmirijiet ta' xi Membru tal-Parlament Ewropew jew l-ordni tas-sostituti tintbagħat minnufih lill-Parlament mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jew ta' l-Unjoni, b'indikazzjoni tad-data tas-seħħ fejn jikkonċerna xi ħatra.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jagħtu bidu għal proċedura li tista' twassal għall-iskwalifika ta' Membru milli jieħu l-kariga, il-President għandu jitlobhom biex iżommuh infurmat regolarment dwar l-istadju li fih tkun waslet il-proċedura. Huwa għandu jirreferi l-każ lill-kumitat responsabbli. Fuq proposta ta' dak il-kumitat, il-Parlament jista' jieħu pożizzjoni dwar il-każ.

**Artikolu 4**

**Tul tal-mandat tal-Membri**

1. Il-mandat tal-membri għandu jibda u jispiċċa skond kif imniżżel fl-Att tal-20 ta' Settembru 1976. Jintemm ukoll mal-mewt jew mar-riżenja.

2. Kull membru għandu jibqa' fil-kariga sal-ftuħ ta' l-ewwel seduta tal-Parlament wara l-elezzjonijiet.

3. Membru li jkun se jirriżenja għandu jgħarraf lill-President bir-riżenja tiegħu u bid-data li fiha r-riżenja tkun ser sseħħ, liema data m'għandhiex tkun aktar tard minn tliet xhur wara n-notifika. Din in-notifika għandu jkollha forma ta' dokument uffiċjali mħejji fil-preżenza tas-Segretarju Ġenerali jew tar-rappreżentant tiegħu, iffirmat minn dan ta' l-aħħar u mill-Membru konċernat u ppreżentat minnufih lill-kumitat responsabbli li għandu jdaħħlu fl-aġenda ta' l-ewwel laqgħa tiegħu li tiġi wara li jkun irċieva d-dokument.

Jekk il-kumitat responsabbli jqis li r-riżenja ma tkunx skond l-ispirtu u l-kelma ta' l-Att tal-20 ta' Settembru 1976 huwa għandu jinforma b'dan lill-Parlament ħalli l-Parlament ikun jista' jistabilixxi jekk il-post ikunx vakanti jew le.

F'każ li jiġi meqjus vakanti, il-post jitqies vakanti sa mid-data li l-Membru li jkun qed jirriżenja jkun niżżel fid-dokument uffiċjali. M'għandux jittieħed vot fil-Parlament dwar dan.

*Ġiet introdotta proċedura simplifikata għal ċirkustanzi eċċezzjonali, b'mod partikulari fejn ikun hemm sessjoni parzjali waħda jew aktar bejn id-data effettiva tar-riżenja u l-ewwel laqgħa tal-kumitat responsabbli u fejn, peress li l-post ma jkunx għadu ġie meqjus vakanti, il-grupp politiku li minnu jagħmel parti l-Membru li qed jirriżenja ma jkollux il-possibiltà li jpoġġi Membru minfloku waqt dawk is-sessjonijiet parzjali. F'din il-proċedura, ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli minn dawn il-każi għandu s-setgħa li jeżamina minnufih kull riżenja nnotifikata kif jisthoqq u, fil-każ fejn kwalunkwe dewmien fil-kunsiderazzjoni tagħha jista' jkun ta' preġudizzju, li jirreferi l-każ lill-president tal-kumitat u jitolbu, skond il-paragrafu 3:*

– *jew li jgħarraf lill-President għan-nom tal-kumitat li l-post jista' jitqies vakanti;*

– *jew li jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-kumitat sabiex jeżamina xi diffikultajiet speċifiċi nnutati mir-rapporteur.*

4. Fejn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tinnotifika lill-President bit-tmiem tal-mandat ta' Membru tal-Parlament Ewropew skond id-dispożizzjonijiet tal-Liġi ta' dak l-Istat Membru, b'riżultat jew ta' inkompatibbiltajiet fis-sens ta' l-Artikolu 7(3) ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976

jew ta' l-irtirar tal-mandat skond l-Artikolu 13(3) ta' dak l-Att, il-President għandu jinforma lill-Parlament li l-mandat spiċċa fid-data kkomunikata mill-Istat Membru u jistieden lill-Istat Membru jimla l-post vakanti mingħajr dewmien.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew ta' l-Unjoni jew il-Membru konċernat jgħarrfu lill-President dwar xi ħatra jew elezzjoni għal kariga li tkun inkompatibbli mal-kariga ta' Membru tal-Parlament Ewropew, fis-sens ta' l-Artikolu 7(1) u (2) ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976, il-President għandu jgħarraf lill-Parlament u l-Parlament għandu jistabilixi li hemm post vakanti.

5. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jew ta' l-Unjoni għandhom jgħarrfu lill-President b'xi kariga li jkunu bi ħsiebhom jagħtu lil xi Membru. Il-President għandu jirreferi lill-kumitat responsabbli l-kwistjoni tal-kompatibilità tal-kariga proposta ma' l-ispirtu u l-kelma ta' l-Att tal-20 ta' Settembru 1976. Huwa għandu jgħarraf lill-Parlament, lill-Membru u lill-awtoritajiet konċernati bil-konklużjonijiet li jkun wasal għalihom il-kumitat.

6. Id-data tat-tmiem tal-kariga u d-data effettiva ta' post vakanti għandhom jitqiesu kif imniżżel hawn taħt:

– f'każ ta' riżenja, id-data li fiha l-Parlament iqis il-post bħala vakanti, skond in-notifika tar-riżenja;

– f'każ ta' ħatra jew elezzjoni għal kariga li hija inkompatibbli mal-kariga ta' Membru tal-Parlament Ewropew, fis-sens ta' l-Artikolu 7(1) jew (2) ta' l-Att tal-20 ta' Settembru 1976: id-data notifikata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jew ta' l-Unjoni jew mill-Membru konċernat.

7. Meta l-Parlament jistabilixxi li jeżisti post vakanti, għandu jgħarraf b'dan lill-Istat Membru konċernat u jistiednu jimla il-kariga mingħajr dewmien.

8. Kull kontestazzjoni li tikkonċerna l-validità tal-ħatra ta' Membru li l-kredenzjali tiegħu ikunu diġà ġew verifikati għandha tiġi rreferuta lill-kumitat responsabbli, li min-naħa tiegħu għandu jirraporta minnufih lill-Parlament u mhux aktar tard mill-bidu tas-sessjoni parzjali li jkun imiss.

9. Il-Parlament jirriżerva d-dritt li jiddikjara li l-ħatra li qed tiġi kkunsidrata tkun invalida jew li jirrifjuta li jqis il-post vakanti jekk l-aċċettazzjoni jew it-tmiem tal-kariga jkunu jidhru li huma bbażati fuq ineżattezzi materjali jew fuq vizzju tal-kunsens.

**Artikolu 5**

**Privileġġi u immunitajiet**

1. Il-Membri għandhom igawdu l-privileġġi u l-immunitajiet skond il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

2. L-immunità parlamentari mhix privileġġ personali ta' Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu.

3. Malli l-President jiġi mgħarraf bl-elezzjoni tal-Membri, huwa għandu joħroġ permessi lill-Membri biex huma jkunu jistgħu jiċċirkulaw bla xkiel fl-Istati Membri.

4. Il-Membri għandhom jingħataw is-setgħa li jispezzjonaw il-fajls miżmuma mill-Parlament jew minn xi kumitat, ħlief fajls personali u ta' kontabilità li l-Membri konċernati biss jingħatalhom il-permess li jispezzjonawhom. Eċċezzjonijiet għal din ir-regola għall-immaniġġjar ta' dokumenti li l-aċċess għalihom jista' ma jkunx permess, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament

Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandhom jitniżżlu fl-Anness VII ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

**Artikolu 6**

**Tneħħija ta' l-immunità**

1. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' privileġġi u immunitajiet, il-Parlament jaġixxi biex iħares l-integrità tiegħu bħala assemblea leġislattiva demokratika u jiżgura l-indipendenza tal-Membri tiegħu fil-qadi ta' dmirijiethom Kull talba għat-tneħħija tal-immunità għandha tkun ivvalutata skont it-termini tal-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea u skont il-prinċipji li hemm riferiment għalihom f'dan l-Artikolu.

2. Meta jkun meħtieġ li Membru jidher bħala xhud jew li jixhed bħala espert, ma jkunx hemm għalfejn issir talba għat-tneħħija tal-immunità kemm-il darba:

– li ma jkunux obbligati jidhru f'data u f'ħin li ma jippermettilhomx iwettqu d-dmirijiet parlamentari tagħhom, jew jagħmluhielhom diffiċli li jwettqu dawk id-dmirjiet, jew li se jkunu jistgħu jagħtu stqarrija bil-miktub jew b'xi forma oħra li ma tkunx tagħmilha diffiċli għalihom li jwettqu d-dmirijiet parlamentari tagħhom; u

– li ma jkunux obbligati jixhdu dwar informazzjoni miksuba b'mod kunfidenzjali fl-eżerċizzju tal-mandat tagħhom u li hu ma jkunux iħossu li għandhom jagħtu.

**Artikolu 7**

**Ħarsien tal-privileġġi u l-immunità**

1. Fil-każijiet fejn il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jew ex-Membru jkun allegat li ġew miksura mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, tista' ssir talba għal deċiżjoni tal-Parlament dwar jekk fil-fatt kienx hemm ksur ta' dawk il-privileġġi u immunitajiet skont it-termini tal-Artikolu 9(1).

2. B'mod partikolari, tali talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet tista' ssir jekk jitqies li ċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu restrizzjoni amministrattiva jew ta' xort' oħra fuq il-moviment liberu ta' Membri li jivvjaġġaw lejn jew mill-post tal-laqgħa tal-Parlament jew fuq l-opinjoni espressa jew vot mixħut fit-twettiq ta' dmirijiethom, jew li jkunu jinkwadraw ruħhom fl-ambitu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

3. Talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru ma titqiesx ammissibbli jekk talba għal tneħħija jew ħarsien tal-immunità ta' dak il-Membru tkun ġa ġiet riċevuta f'dak li għandu x'jaqsam mal-istess proċedimenti legali, kemm jekk ittieħdet deċiżjoni kemm jekk le f'dak iż-żmien.

4. L-ebda konsiderazzjoni oħra ma tingħata lil talba għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru jekk it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' dak il-Membru tasal b'rabta mal-istess proċedimenti legali.

5. F'każijiet fejn deċiżjoni tkun ittieħdet li ma jkunux imħarsin il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Membru, il-Membru jista' jagħmel talba għar-rikunsiderazzjoni tad-deċiżjoni, billi jippreżenta evidenza ġdida. It-talba għar-rikunsiderazzjoni għandha tkun inammissibbli jekk ikunu nbdew proċedimenti kontra d-deċiżjoni skont l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew jekk il-President iqis li l-evidenza l-ġdida preżentata ma tkunx suffiċjentement sostanzjali li titlob għar-rikunsiderazzjoni.

**Artikolu 8**

**Azzjoni urġenti mill-President għall-asserzjoni tal-immunità**

1. Bħala kwestjoni ta' urġenza, meta jkun hemm ċirkostanzi li fihom jiġi arrestat Membru jew il-libertà tiegħu jew tagħha tal-moviment tkun tnaqqset f'dak li jkun jidher bħala ksur tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru, il-President, wara li jikkonsulta mal-President u mar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jista' jieħu inizjattiva għall-asserzjoni tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membru kkonċernat. Il-President għandu jinnotifika lill-kumitat b'dik l-inizjattiva u jgħarraf lill-Parlament.

2. Meta l-President jagħmel użu mis-setgħat mogħtija lilu mill-paragrafu 1, il-kumitat responsabbli għandu jieħu nota tal-inizjattiva tal-President fil-laqgħa li jkun imiss tiegħu. Jekk il-kumitat iħoss li jkun meħtieġ, dan jista' jħejji rapport biex jitressaq quddiem il-Parlament.

**Artikolu 9**

**Proċeduri dwar l-immunità**

1. Kull talba indirizzata lill-President minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru għat-tneħħija tal-immunità ta' xi Membru, jew minn Membru jew xi ħadd li kien Membru sabiex jitħarsu l-privileġġi u l-immunitajiet, għandha titħabbar fil-Parlament u tkun riferuta lill-kumitat responsabbli.

*Il-Membru jew l-ex-Membru jista' jkun rappreżentat minn Membru ieħor. It-talba ma tistax issir minn Membru ieħor mingħajr il-qbil tal-Membru kkonċernat.*

2. Il-kumitat għandu jikkunsidra mingħajr dewmien, imma billi titqies il-komplessità relattiva tagħhom, it-talbiet għat-tneħħija tal-immunità jew it-talbiet għall-ħarsien tal-privileġġi u tal-immunitajiet.

3. Il-kumitat għandu jagħmel proposta għal deċiżjoni motivata li tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għat-tneħħija ta' l-immunità jew għall-ħarsien tal-privileġġi u l-immunitajiet.

4. Il-kumitat jista' jitlob lill-awtorità kkonċernata għal informazzjoni jew spjegazzjoni li l-kumitat iqis li hija meħtieġa sabiex ikun jista' jifforma opinjoni dwar għandhiex l-immunità tiġi mneħħija jew imħarsa.

5. Il-Membru kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jinstema', jista' jippreżenta dokumenti jew evidenza bil-miktub li jħoss li huma meħtieġa. Huwa jista' jkun rappreżentat minn Membru ieħor.

Il-Membru ma għandux ikun preżenti matul id-dibattiti dwar it-talba għat-tneħħija jew il-ħarsien tal-immunità tiegħu, ħlief għas-smigħ innifsu.

Il-President tal-Kumitat għandu jistieden lill-Membru għas-smigħ, billi jindika d-data u l-ħin. Il-Membru jista' jirrinunzja d-dritt tiegħu li jipparteċipa fis-smigħ.

Jekk il-Membru ma jipparteċipax fis-smigħ wara dik l-istedina, jitqies li rrinunzja dak il-jedd li jkun mismugħ, sakemm ma jitlobx li jkun eżonerat mis-smigħ f'dik id-data u ħin kif proposti, u jagħti r-raġunijiet. Il-President tal-Kumitat għandu jagħti deċiżjoni dwar jekk tali talba li dak li jkun ikun skużat tintlaqax fid-dawl tar-raġunijiet mogħtija, u ma jkun permess l-ebda appell fuq dan il-punt.

Jekk il-President tal-Kumitat jilqa' t-talba għal eżoneru, allura jistieden lill-Membru jinstema' f'data u ħin ġodda. Jekk il-Membru jonqos li jimxi mat-tieni stedina li jinstema', il-proċedura

tissokta mingħajr ma jinstema’ l-Membru. Ebda talba oħra għal eżoneru, jew għas-smigħ, ma tintlaqa’ minn dan l-istadju ’l quddiem.

6. Jekk it-talba tfittex li tneħħi l-immunità għal iktar minn raġuni waħda, kull waħda minn dawn ir-raġunijiet tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni separata. Ir-rapport tal-kumitat jista', bħala eċċezzjoni, jipproponi li t-tneħħija ta' l-immunità tapplika biss għal proċeduri ta' prosekuzzjoni u li, sakemm tingħata sentenza definittiva, il-Membru għandu jkun immuni minn kull forma ta' detenzjoni jew limitazzjoni tal-libertà jew minn kull miżura li ma tħallihx iwettaq id-dmirijiet marbuta mal-mandat tiegħu.

7. Il-kumitat jista' jagħti parir motivat dwar il-kompetenza ta' l-awtorità in kwistjoni u dwar l-ammissibiltà tat-talba, iżda fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lilu jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.

8. Ir-rapport tal-kumitat għandu jitqiegħed fil-bidu ta' l-aġenda ta' l-ewwel seduta wara l-jum li fih ikun imqiegħedfuq il-Mejda. Ebda emenda għall-proposta/proposti għal deċiżjoni ma tista' tiġi mqiegħda fuq il-Mejda.

Id-diskussjoni għandha tiġi ristretta għar-raġunijiet favur jew kontra kull proposta biex jitneħħa jew jitħares il-privileġġ jew l-immunità.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 164, il-Membru li tiegħu l-privileġġi u l-immunitajiet ikunu qed jitqiesu, m'għandux jieħu sehem fid-dibattitu.

Il-proposta/proposti għal deċiżjoni li jinsabu fir-rapport għandu jittieħed vot fuqhom fl-ewwel ħin ta' votazzjoni wara d-dibattitu.

Wara li l-Parlament ikun ikkunsidra l-każ, għandu jittieħed vot separat fuq kull waħda mill-proposti li jinsabu fir-rapport. Jekk proposta tiġi miċħuda, jitqies li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni kuntrarja.

9. Il-President għandu jikkomunika minnufih id-deċiżjoni tal-Parlament lill-Membru konċernat u lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat, b'talba li l-President għandu jinżamm infurmat dwar żviluppi fil-proċedimenti rilevanti u dwar sentenzi ġudizzjarji mogħtija bħala konsegwenza ta' dawn. Meta l-President jirċievi l-informazzjoni għandu jgħaddiha lill-Parlament bil-mod li huwa jaħseb li jkun xieraq, u jekk ikun meħtieġ wara li jkun ikkonsulta l-kumitat responsabbli.

10. Il-kumitat għandu jittratta dawn l-affarijiet u juża d-dokumenti li jkun irċieva bl-akbar kunfidenzjalità.

11. Wara li jkun ikkonsulta l-Istati Membri, il-kumitat jista' jagħmel lista indikattiva ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li jistgħu jressqu talba biex titneħħa l-immunità ta' xi Membru.

12. Il-kumitat għandu jistabbilixxi l-prinċipji għall-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu.

13. Kull talba għal informazzjoni dwar il-firxa tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Membri magħmula minn awtorità kompetenti għandha tiġi ttrattata skond ir-regoli t'hawn fuq.

**Artikolu 10**

**Implimentazzjoni ta' l-Istatut tal-Membri**

Il-Parlament għandu jadotta l-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew u kwalunkwe modifika għalih fuq il-bażi ta’ proposta mill-kumitat responsabbli. L-Artikolu 150(1) għandu japplika mutatis mutandis. Il-Bureau għandu jkun responsabbli għall-applikazzjoni ta’ dawn ir-regoli u għandu jiddeċiedi dwar il-pakketti finanzjarji fuq il-bażi tal-baġit annwali.

**Artikolu 11**

**Interessi finanzjarji tal-Membri, standards ta' mġiba, reġistru ta' trasparenza obbligatorju u aċċess għall-Parlament**

1. Il-Parlament għandu jistabbilixxi regoli li jirregolaw it-trasparenza ta' l-interessi finanzjarji tal-Membri tiegħu, taħt forma ta' kodiċi ta' mġiba adottat mill-maġġoranza tal-Membri, skont l-Artikolu 232 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mehmuż ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura bħala anness[1].

Dawn ir-regoli m'għandhom bl-ebda mod joħolqu preġudizzju jew restrizzjoni għall-Membri fil-qadi tal-kariga tagħhom jew fi kwalunkwe attività politika jew ta' xort'oħra li għandha x'taqsam ma' l-imsemmija kariga.

2. L-imġiba tal-Membri għandha tkun ikkaratterizzata b'rispett reċiproku, għandha tkun ibbażata fuq il-valuri u l-priċipji stabbiliti fit-testi bażiċi li fuqhom hija imsejsa l-Unjoni Ewropea, għandha tirrispetta d-dinjità tal-Parlament u m'għandiex tikkomprometti t-tmexxija bla xkiel tal-ħidma parlamentari jew itellef il-paċi u l-kwiet ta' kwalunkwe bini tal-Parlament.Il-Membri għandhom jimxu mar-regoli tal-Parlament dwar it-trattament ta' tagħrif kunfidenzjali.

In-nuqqas ta' osservazzjoni ta' dawn l-istandards u r-regoli jista' jwassal għal applikazzjoni tal-miżuri skont l-Artikoli 165, 166 u 167.

3. L-applikazzjoni ta' din ir-Regola bl-ebda mod m'għandha tnaqqas mill-ħeġġa tad-dibattiti parlamentari jew tippreġudika l-libertà tal-kelma tal-Membri.

Għandha tkun ibbażata fuq rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-Membri, kif stipulat fil-liġi primarja u l-Istatut tal-Membri.

Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' trasparenza u titwettaq b'mod tali li d-dispożizzjonijiet relevanti jkunu ċari għall-Membri, li għandhom ikunu mgħarrfa individwalment bid-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

4. Fil-bidu ta' kull leġislatura, il-Kwesturi għandhom jiddeterminaw l-ikbar numru ta' assistenti li jistgħu jiġu akkreditati minn kull Membru (assistenti akkreditati).

5. Il-kards ta' aċċess fit-tul jinħarġu lil persuni esterni għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni taħt ir-responsabbiltà tal-Kwesturi  Dawn il-kards huma validi għal mhux aktar minn sena, u jistgħu jiġġeddu.  Id-dettalji dwar l-użu ta’ dawn il-kards huma ffissati mill-Bureau.

Dawn il-kards ta' aċċess jistgħu jinħarġu:

---

[1]Ara l-Anness I.

– lill-persuni li huma rreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza[2], jew li jirrappreżentaw jew jaħdmu għal organizzazzjonijiet li huma rreġistrati fih, għalkemm r-reġistrazzjoni ma tagħtix dritt awtomatiku għal tali kards ta' aċċess;

– lill-persuni li jixtiequ jidħlu l-bini tal-Parlament ta' spiss iżda ma jaqgħux fl-ambitu tal-ftehim dwar l-istabbilment tar-reġistru ta' trasparenza[3];

– lill-assistenti lokali tal-Membri kif ukoll lill-persuni li jgħinu lill-Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni.

6. Il-persuni rreġistrati fir-reġistru ta' trasparenza għandhom, fil-kuntest tar-relazzjonijiet tagħhom mal-Parlament, josservaw:

– il-kodiċi ta' mġiba anness mal-ftehim[4];

– il-proċeduri u l-obbligi l-oħra stabbiliti fil-ftehim; u

– id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, kif ukoll id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu;

7. Il-Kwesturi għandhom jiddeterminaw sa fejn il-kodiċi ta' mġiba huwa applikabbli għall-persuni li, filwaqt li għandhom kard ta' aċċess fit-tul, ma jaqgħux fl-ambitu tal-ftehim.

8. Il-kard ta' aċċess għandha tiġi rtirata permezz ta' deċiżjoni motivata mill-Kwesturi fil-każijiet li ġejjin:

– it-tneħħija mir-reġistru ta' trasparenza, ħlief jekk ikun hemm argumenti sinifikattivi kontra l-irtirar;

– nuqqas serju tal-osservanza tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 6.

9. Il-Bureau, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, għandu jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa sabiex jimplimenta r-reġistru ta' trasparenza skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar l-istabbiliment tal-imsemmi reġistru;

Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-paragrafi 5 sa 8 għandhom jiġu stabbiliti fl-anness[5].

10. Il-kodiċi ta' mġiba u d-drittijiet u l-privileġġi ta' ex-Membri għandhom jitħejjew b'deċiżjoni tal-Bureau. M'għandhiex issir distinzjoni fit-trattament ta' ex-Membri.

**Artikolu 12**

**Investigazzjonijiet interni mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)**

Ir-regoli komuni mniżżla fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) li jinkludu l-miżuri meħtieġa biex jiġu ffaċilitati l-investigazzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju għandhom ikunu

[2]Reġistru stabbilit permezz tal-ftehim bejn il-Parlament Ewropej u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-istabbiliment ta' "reġistru ta' trasparenza" għall-organizzazzjonijiet u l-persuni li jaħdmu għal rashom li huma involuti fl-abbozzar u fl-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni Ewropea (ara l-Anness IX, Parti B).
[3]Ara l-Anness IX, Parti B.
[4]Ara l-Anness 3 tal-ftehim li jinsab fl-Anness IX, Parti B.
[5]Ara l-Anness IX, Parti A.

applikabbli fil-Parlament, skond id-Deċiżjoni tal-Parlament annessa ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura[6].

**Artikolu 13**

**Osservaturi**

1. Meta jkun ġie ffirmat Trattat dwar l-adeżjoni ta' xi Stat mal-Unjoni Ewropea, il-President jista', wara li jkun kiseb il-qbil tal-Konferenza tal-Presidenti, jistieden lill-parlament tal-Istat li qed jaderixxi biex, minn fost il-membri tiegħu stess, jaħtar numru ta' osservaturi li jkun daqs in-nurmu ta' siġġijiet ġejjienin fil-Parlament Ewropew allokati lil dak l-Istat.

2. Dawk l-osservaturi għandhom jieħdu sehem fil-proċeduri tal-Parlament sakemm jidħol fis-seħħ it-Trattat ta' Adeżjoni, u għandu jkollhom id-dritt li jitkellmu fil-kumitati u l-gruppi politiċi. M'għandux ikollhom id-dritt li jivvutaw jew li joħorġu għall-elezzjoni għal pożizzjonijiet fi ħdan il-Parlament. Il-parteċipazzjoni tagħhom m'għandu jkollha l-ebda effett legali fuq il-proċeduri tal-Parlament.

3. It-trattament tagħhom għandu jkun assimilat ma' dak ta' Membru tal-Parlament f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-faċilitajiet tal-Parlament u r-rimborż tal-ispejjeż li jġarrbu fl-attivitajiet tagħhom bħala osservaturi.

# KAPITOLU 2

# UFFIĊJALI TAL-PARLAMENT

**Artikolu 14**

**President proviżorju**

1. Fis-seduta li tinżamm skont l-Artikolu 146(2), u fi kwalunkwe seduta oħra miżmuma bil-għan li jiġu eletti l-President u l-Bureau, il-President uxxenti jew, fin-nuqqas tiegħu, xi wieħed mill-Viċi Presidenti uxxenti fl-ordni ta' preċedenza jew, fl-assenza tagħhom, il-Membru li jkun żamm il-mandat għall-itwal perijodu għandu jippresiedi sakemm ikun elett il-President.

2. M'għandu jsir l-ebda xogħol sakemm xi Membru jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont il-paragrafu 1, ħlief jekk ix-xogħol ikollu x'jaqsam ma' l-elezzjoni tal-President jew mal-verifika tal-kredenzjali.

*Il-Membru li jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont il-paragrafu 1 jeżerċita s-setgħat tal-President imsemmija fl-Artikolu 3(2). Kull kwistjoni oħra li għandha x’ taqsam mal-verifika ta’ kredenzjali li titqajjem waqt li hu jkun qiegħed jippresiedi, għandha tkun riferuta lill-kumitat responsabbli mill-verifika tal-kredenzjali.*

**Artikolu 15**

**Nominazzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Il-President, il-Viċi Presidenti u l-Kwesturi għandhom ikunu eletti b'vot sigriet, skond l-Artikolu 182. In-nominazzjonijiet għandhom ikunu bil-kunsens. Dawn jistgħu isiru biss minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru. Madankollu, jekk in-numru ta' nominazzjonijiet ma jkunx jisboq in-numru ta' karigi li jridu jimtlew, il-kandidati jistgħu ikunu eletti b'akklamazzjoni.

---

[6] Ara l-Anness XI.

*Jekk ikun meħtieġ li jittieħed il-post ta' Viċi President wieħed, u jkun hemm kandidat wieħed biss, dan jistà jiġi elett b'akklamazzjoni. Il-President għandu diskrezzjoni biex jiddeċiedi jekk l-elezzjoni ssirx b'akklamazzjoni jew b'vot sigriet. Il-kandidat elett  għandu jieħu l-post tal-predeċessur tiegħu fl-ordni ta' preċedenza*

2. Fl-elezzjoni tal-President, tal-Viċi Presidenti u tal-Kwesturi għandha titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata b'mod ġenerali rappreżentazzjoni ġusta ta' l-Istati Membri u ta' fehmiet politiċi.

**Artikolu 16**

**Elezzjoni ta' President - indirizz tal-ftuħ**

1. Il-President għandu jkun elett l-ewwel. In-nominazzjonijiet għandhom jingħataw qabel kull votazzjoni lill-Membru li jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont l-Artikolu 14, li għandu jħabbarhom lill-Parlament. Jekk wara tliet votazzjonijiet ebda kandidat ma jġib maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, ir-raba' votazzjoni għandha tkun biss bejn dawk iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-akbar numru ta' voti fit-tielet votazzjoni. F' każ ta' voti ndaqs, l-aktar kandidat anzjan għandu jiġi dikjarat elett.

2. Malli jiġi elett il-President, il-Membru li jkun qiegħed jippresiedi proviżorjament skont l-Artikolu 14 m'għandux jibqa jippresiedi. Huwa biss il-President elett li jista' jagħmel l-indirizz tal-ftuħ.

**Artikolu 17**

**Elezzjoni ta' Viċi Presidenti**

1. Il-Viċi Presidenti għandhom imbagħad jiġu eletti fuq karta tal-vot waħda. Għandhom ikunu dikjarati eletti fl-ewwel votazzjoni dawk illi jġibu maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, sakemm jimtlew erbatax-il post u fl-ordni skont in-numru ta' voti li jkunu kisbu. Jekk in-numru ta' kandidati eletti jkun inqas min-numru ta' karigi li jridu jimtlew, għandha ssir it-tieni votazzjoni skond l-istess kundizzjonijiet sabiex jimtlew il-karigi li jkun fadal. Jekk tkun meħtieġa it-tielet votazzjoni, maġġoranza relattiva għandha tkun biżżejjed għall-elezzjoni fil-karigi li jkun fadal. Fil-każ ta' riżultat ndaqs, l-aktar kandidati anzjani għandhom ikunu dikjarati eletti.

*Għalkemm dan l-Artikolu, kuntrarju għall-Artikolu 16(1), ma jipprovdix espressament għat-tfigħ ta' nominazzjonijiet ġodda bejn votazzjoni u oħra matul l-elezzjoni għal Viċi Presidenti, azzjoni ta' dan it-tip hija permissibbli għaliex il-Parlament, li huwa korp sovran, għandu jkun jista' jikkunsidra l-kandidati kollha possibbli, speċjalment billi n-nuqqas ta' din il-possibilita' jista' jfixkel l-iżvolġiment kalm ta' l-elezzjoni.*

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20(1), il-Viċi Presidenti għandu jkollhom preċedenza skond l-ordni li fih ikunu ġew eletti u, fil-każ ta' voti ndaqs, skond l-eta`.

Meta jkunu ġew eletti b'akklamazzjoni, għandu jittieħed vot sigriet biex tiġi stabbilita l-ordni ta' preċedenza.

**Artikolu 18**

**Elezzjoni ta' Kwesturi**

Wara l-elezzjoni tal-Viċi Presidenti, il-Parlament għandu jeleġġi ħames Kwesturi

Il-Kwesturi għandhom ikunu eletti bl-istess proċedura bħall-Viċi Presidenti.

**Artikolu 19**

**Tul tal-Kariga ta' Uffiċjali**

1. Il-mandat tal-President, tal-Viċi Presidenti u tal-Kwesturi għandu jkun ta' sentejn u nofs.

*Meta Membru jibdel il-grupp politiku tiegħu huwa jżomm, sakemm jiskadi ż-żmien tal-kariga ta’ sentejn u nofs, kwalunkwe siġġu li jkollu fil-Bureau jew fil-Kulleġġ tal-Kwesturi.*

2. Jekk xi waħda minn dawn il-karigi ssir vakanti qabel ma jiskadi dan iż-żmien, il-Membru elett għandu jservi biss għall-perjodu li jkun jifdal miż-żmien tal-kariga tal-predeċessur tiegħu.

**Artikolu 20**

**Postijiet vakanti**

1. Jekk ikun meħtieġ li l-President, xi Viċi President jew xi Kwestur jinbidlu, kull wieħed mis-suċċessuri rispettivi tagħhom għandu jiġi elett skond ir-regoli ta' qabel.

Viċi President elett ġdid għandu jieħu l-post tal-predeċessur tiegħu fl-ordni ta' preċedenza.

2. Jekk il-kariga ta' President issir vakanti, l-ewwel Viċi President għandu jieħu rwol ta' President sakemm jiġi elett il-President il-ġdid.

**Artikolu 21**

**Tmiem ta' kariga qabel iż-żmien**

Il-Konferenza tal-Presidenti, permezz ta' maġġoranza ta' tlieta minn kull ħamsa tal-voti mitfugħa, liema voti jirrappreżentaw mhux inqas minn tliet partiti politiċi, tista tipproponi lill-Parlament sabiex jitneħħa l-mandat tal-President, ta' xi Viċi President, ta' xi Kwestur, ta' xi president jew viċi president ta' kumitat, ta' xi president jew viċi president ta' delegazzjoni inter-parlamentari, jew ta' kwalunkwe detentur ta' xi kariga elett mill-Parlament, f'każ li jinstab li l-Membru kkonċernat ikun ħati ta' mġieba ħażina serja. Il-Parlament għandu jieħu deċiżjoni fuq dik il-proposta b'maġġoranza ta' żewg terzi tal-voti mitfugħa, li għandhom ikunu jirrapreżentaw il-maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu.

Meta rapporteur jikser id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Mġiba tal-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward ta' interessi finanzjarji u kunflitt ta' interess, anness ma’ dawn ir-Regoli ta’ Proċedura, il-kumitat li ħatru jista', fuq l-inizjattiva tal-President u fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti, itemm tali mandat. Il-maġġoranzi stabbiliti fl-ewwel paragrafu għandhom japplikaw mutatis mutandis għal kull stadju ta' din il-proċedura.

# KAPITOLU 3

# KORPI U DMIRIJIET

**Artikolu 22**

**Dmirijiet tal-President**

1. Il-President għandu jmexxi l-attivitajiet kollha tal-Parlament u tal-korpi tiegħu skond il-kundizzjonijiet stipulati f'dawn l-artikoli. Huwa għandu jgawdi s-setgħat kollha meħtieġa sabiex jippresjedi l-proċeduri tal-Parlament u sabiex jiżgura li dawn jitmexxew kif għandu jkun.

*Din id-dispożizzjoni tista’ tiġi interpretata li tfisser li s-setgħat mogħtija minnha jinkludu s-setgħa li jiġi mitmum l-użu żejjed ta’ mozzjonijiet bħal punti ta’ ordni, mozzjonijiet proċedurali, spjegazzjonijiet tal-vot u talbiet għal votazzjonijiet separati, votazzjonijiet maqsuma jew*

*votazzjonijiet b'sejħa ta' l-ismijiet meta l-President ikun konvint li dawn ikunu manifestament maħsuba biex joħolqu tħarbit imtawwal u gravi tal-proċeduri tal-Kamra jew tad-drittijiet tal-Membri l-oħra u jkunu se jirriżultaw f'dan.*

*Is-setgħat mogħtija permezz ta' din id-dispożizzjoni jinkludu s-setgħa li jippreżenta testi għall-votazzjoni f'ordni differenti minn dak elenkat fid-dokument li fuqu tkun qed issir il-votazzjoni. B'analoġija mal-Artikolu 174(7), il-President jista' jara li l-Parlament ikun jaqbel qabel jagħmel dan.*

2. Id-dmirijiet tal-President huma li jiftaħ, jissospendi u jagħlaq is-seduti; li jagħti deċiżjonijiet dwar l-ammissibilità ta' emendi, dwar mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u dwar il-konformità ta' rapporti ma' dawn ir-Regoli; li jiżgura l-osservanza ta' dawn ir-Regoli, li jżomm l-ordni, li jsejjaħ lill-kelliema, li jagħlaq diskussjonijiet, li jressaq kwistjonijiet biex jittieħed vot fuqhom u li jħabbar ir-riżultat tal-votazzjonijiet; u li jirreferi lill-kumitati dawk il-komunikazzjonijiet li jkunu jikkonċernawhom.

3. Il-President jista' jitkellem waqt diskussjoni biss sabiex jagħlaq jew sabiex jitlob lill-kelliema jżommu l-ordni. Jekk ikun jixtieq jieħu sehem f'diskussjoni, huwa għandu jħalli s-Sedja u m'għandux jerġa jeħodha qabel ma tispiċċa d-diskussjoni.

4. F'relazzjonijiet internazzjonali, f'okkażjonijiet ċerimonjali u f'affarijiet amministrattivi, legali u finanzjarji mill-President, li jista' jiddelega dawn is-setgħat.

**Artikolu 23**

**Dmirijiet tal-Viċi Presidenti**

1. Jekk il-President ikun assenti jew ma jkunx f'pożizzjoni li jaqdi dmirijietu, jew jekk ikun jixtieq li jieħu sehem f'diskussjoni skond l-Artikolu 22(3), wieħed mill-Viċi Presidenti skond l-Artikolu 17(2) għandu jeħodlu postu.

2. Il-Viċi Presidenti għandhom ukoll jaqdu d-dmirijiet mogħtija lilhom skond l-Artikoli 25, 27(3) u (5) u 71(3).

3. Il-President jista' jiddelega lill-Viċi Presidenti kwalunkwe dmir bħal ma hu d-dmir li jirrappreżenta lill-Parlemant f'ċerimonji speċifiċi u atti. B'mod partikulari, il-President jista' jinnomina lil wieħed mill-Viċi Presidenti sabiex jinkariga ruħu minn ċerti responsabbiltajiet mogħtija lill-President fl-Artikolu 130(2) u l-paragrafu 3 tal-Anness II.

**Artikolu 24**

**Kompożizzjoni tal-Bureau**

1. Il-Bureau għandu jkun kompost mill-President u mill-erbatax-il Viċi President tal-Parlament.

2. Il-Kwesturi għandhom ikunu membri tal-Bureau f'kapaċita` konsultattiva.

3. Jekk votazzjoni fil-Bureau tirriżulta f'voti ndaqs, il-President ikollu l-vot deċiżiv.

**Artikolu 25**

**Dmirijiet tal-Bureau**

1. Il-Bureau għandu jaqdi d-dmirijiet mogħtija lilu skond ir-Regoli ta' Proċedura.

2. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjonijiet ta' xorta finanzjarja, organizzattiva u amministrattiva dwar affarijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni interna tal-Parlament u tas-Segretarjat u l-korpi tiegħu.

3. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjonijiet ta' xorta finanzjarja, organizzattiva u amministrattiva dwar affarijiet li jikkonċernaw lill-Membri fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali jew ta' grupp politiku.

4. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjonijiet dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-tmexxija tas-seduti.

*It-terminu 'tmexxija tas-seduti' jinkludi l-kwistjoni ta' l-imġiba tal-Membri fil-bini kollu tal-Parlament.*

5. Il-Bureau għandu jadotta d-disposizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 35 dwar Membri mhux affiljati.

6. Il-Bureau għandu jiddeċiedi dwar it-twaqqif ta' l-organigramma tas-Segretarjat u jagħmel regolamenti dwar is-sitwazzjoni amministrattiva u finanzjarja ta' l-uffiċjali u ta' impjegati oħra.

7. Il-Bureau għandu jħejji l-abbozz preliminari tal-baġit tal-Parlament.

8. Il-Bureau għandu jadotta l-linji gwida għall-kwesturi skond l-Artikolu 28.

9. Il-Bureau għandu jkun l-awtorità responsabbli li tawtorizza laqgħat ta' kumitati li jsiru barra mill-postijiet tax-xogħol tas-soltu, seduti, kif ukoll vjaġġi li jsiru għal studju u għal ġbir ta' informazzjoni minn rapporteurs.

F'każ li dawn il-laqgħat ikunu awtorizzati, l-arranġamenti lingwistiċi għandhom jiġu stabbiliti skond il-lingwi uffiċjali użati u mitluba mill-membri u mis-sostituti tal-kumitat konċernat.

L-istess għandu japplika fil-każ ta' delegazzjonijiet, ħlief fejn il-membri u s-sostituti konċernati jiftiehmu mod ieħor.

10. Il-Bureau għandu jaħtar is-Segretarju Ġenerali skond l-Artikolu 222.

11. Il-Bureau għandu jħejji r-regoli ta' implimentazzjoni skond ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2004/2003 dwar id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-partiti politiċi fil-livell Ewropew u r-regoli dwar iffinanzjar tagħhom. Fl-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament huwa għandu jieħu fuqu d-dmirijiet mogħtija lilu permezz ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

12. Il-Bureau għandu jistipula r-regoli dwar it-trattament ta' tagħrif kunfidenzjali mill-Parlament u mill-korpi, mid-detenturi ta' karigi u minn Membri oħrajn tiegħu, filwaqt li titqies kwalunkwe ftehima interistituzzjonali dwar kwistjonijiet bħal dawn. Dawk ir-regoli għandhom ikunu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u annessi ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.[7]

13. Il-President u/jew il-Bureau jistgħu jagħtu lil xi membru jew lil membri tal-Bureau dmirijiet ġenerali jew speċifiċi li jaqgħu fi ħdan il-kompetenzi tal-President u/jew tal-Bureau. Fl-istess ħin għandu jkun speċifikat il-mod kif dawn id-dmirijiet għandhom jitwettqu.

14. Il-Bureau għandu jinnomina żewġ Viċi Presidenti li jkunu inkarigati mill-implimentazzjoni tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali.

---

[7] Ara l-Anness VII, Parti E.

Huma għandhom jirrapurtaw lura b'mod regolari lill-Konferenza tal-Presidenti dwar l-attivitajiet tagħhom f'dan ir-rigward.

15. Meta jkun elett Parlament ġdid, il-Bureau li jkun se jispiċċa għandu jibqa' fil-kariga sa l-ewwel seduta tal-Parlament il-ġdid.

**Artikolu 26**

**Kompożizzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti**

1. Il-Konferenza tal-Presidenti tkun magħmula mill-President tal-Parlament u mill-presidenti tal-gruppi politiċi. Il-president ta' grupp politiku jista' jagħmel arranġamenti sabiex ikun rappreżentat minn xi membru tal-grupp tiegħu.

2. Il-President tal-Parlament għandu jistieden lil wieħed mill-Membri mhux affiljati sabiex jattendi għal-laqgħat tal-Konferenza tal-Presidenti, mingħajr ma jkollu d-dritt għall-vot.

3. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tagħmel ħilitha sabiex jintlaħaq konsensus fuq kwistjonijiet riferiti lilha.

Meta ma jistax jintlaħaq kunsens, il-kwistjoni għandu jittieħed vot fuqha li jvarja skond piż ibbażat fuq in-numru ta' Membri f'kull grupp politiku.

**Artikolu 27**

**Dmirijiet tal-Konferenza tal-Presidenti**

1. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha twettaq id-dmirijiet mogħtija lilha skond ir-Regoli ta' Proċedura.

2. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol tal-Parlament u ta' affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' ppjanar leġislattiv.

3. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli għal affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet u l-organi l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea u mal-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri.

4. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli għal affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' relazzjonijiet ma' pajjiżi li m'humiex membri u ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li m'humiex ta' l-Unjoni.

5. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun responsabbli biex torganizza konsultazzjonijiet strutturati mas-soċjetà ċivili Ewropea dwar kwistjonijiet ewlenin. Dan għandu jinkludi ż-żamma ta' dibattiti pubbliċi, li jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini interessati, dwar suġġetti ta' interess ġenerali Ewropew. Il-Bureau għandu jaħtar Viċi President responsabbli mill-implimentazzjoni ta' konsultazzjonijiet ta' dan it-tip, li għandu jirrapporta lura lill-Konferenza tal-Presidenti.

6. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tħejji l-abbozz ta' l-aġenda għas-sessjonijiet parzjali tal-Parlament.

7. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorita responsabbli mill-kompożizzjoni u l-kompetenza ta' kumitati, kumitati ta' inkjesta u kumitati parlamentari konġunti, delegazzjonijiet permanenti u delegazzjonijiet 'ad hoc'.

8. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jiġu allokati is-siġġijiet fil-Kamra skond l-Artikolu 36.

9. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli li tawtorizza li jsiru rapporti fuq inizjattiva proprja.

10. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tippreżenta proposti lill-Bureau dwar affarijiet amministrattivi u baġitarji li jkollhom x'jaqsmu mal-gruppi politiċi.

**Artikolu 28**

**Dmirijiet tal-Kwesturi**

Il-Kwesturi għandhom ikunu responsabbli għal affarijiet amministrattivi u finanzjarji li jolqtu direttament lill-Membri, skond il-linji gwida stabbiliti mill-Bureau.

**Artikolu 29**

**Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati**

1. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tkun magħmula mill-presidenti tal-kumitati permanenti jew temporanji kollha. Hija għandha teleġġi l-president tagħha.

*Fl-assenza tal-president, il-laqgħa tal-Konferenza għandha tiġi ppreseduta mill-Membru l-akbar fl-età, jew fl-assenza tiegħu, mill-Membru l-akbar fl-età li jkun preżenti.*

2. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti dwar ix-xogħol tal-kumitati u dwar il-preparazzjoni ta' l-abbozz ta' l-aġenda tas-sessjonijiet parzjali.

3. Il-Bureau u l-Konferenza tal-Presidenti jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati sabiex twettaq doveri speċifiċi.

**Artikolu 30**

**Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet**

1. Il-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet għandha tkun magħmula mill-presidenti tad-delegazzjonijiet interparlamentari permanenti kollha. Hija għandha teleġġi l-president tagħha.

*Fl-assenza tal-President, il-laqgħa tal-Konferenza għandha tiġi ppreseduta mill-Membru l-akbar fl-età, jew fl-assenza tiegħu, mill-Membru l-akbar fl-età li jkun preżenti.*

2. Il-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti dwar ix-xogħol tad-delegazzjonijiet.

3. Il-Bureau u l-Konferenza tal-Presidenti jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet sabiex twettaq dmirijiet speċifiċi.

**Artikolu 31**

**Responsabbiltà tal-Bureau u tal-Konferenza tal-Presidenti**

1. Il-minuti tal-Bureau u tal-Konferenza tal-Presidenti għandhom ikunu tradotti fil-lingwi uffiċjali, stampati u mqassma lill-Membri kollha tal-Parlament u għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku, ħlief jekk il-Bureau jew il-Konferenza tal-Presidenti, f'każi eċċezzjonali u għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, kif stipulat fl-Artikolu 4(1) sa (4) tar-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiddeċiedu mod ieħor dwar ċerti punti tal-minuti.

2. Kull Membru jista' jagħmel mistoqsijiet li jkollhom x'jaqsmu max-xogħol tal-Bureau, tal-Konferenza tal-Presidenti u tal-Kwesturi. Dawn il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati

lill-President bil-miktub, innotifikati lill-Membri u ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Parlament, flimkien mat-tweġibiet li jingħataw, fi żmien tletin jum minn meta jitqiegħdu fuq il-Mejda.

# KAPITOLU 4

# GRUPPI POLITIĊI

## Artikolu 32

## Tiswir ta' gruppi politiċi

1. Il-Membri jistgħu jingħaqdu fi gruppi skond l-affinitajiet politiċi tagħhom.

*Il-Parlament normalment m'għandux għalfejn jevalwa l-affinità politika tal-membri ta' grupp. Meta jsawwru grupp flimkien skond dan l-Artikolu, il-Membri konċernati jaċċettaw bħala definizzjoni li huma għandhom affinità politika. Huwa biss meta din tiġi miċħuda mill-Membri konċernati li jkun meħtieġ li l-Parlament jevalwa jekk dan il-grupp ġiex imwaqqaf skont ir-Regoli.*

2. Grupp politiku għandu jkun magħmul minn Membri eletti minn mhux inqas minn kwart ta' l-Istati Membri. In-numru ta' Membri meħtieġ biex jissawwar grupp politiku għandu jkun ta' ħamsa u għoxrin.

3. Jekk grupp jinżel taħt il-limitu meħtieġ, il-President, bi ftehim mal-Konferenza tal-Presidenti, jista' jippermetti li l-grupp ikompli jeżisti sas-seduta kostituttiva tal-Parlament li jkun imiss, kemm-il darba jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

– il-membri jkomplu jirrappreżentaw mhux inqas minn wieħed minn kull ħames Stati Membri;

– il-grupp ikun ilu jeżisti għal perjodu ta' aktar minn sena.

Il-President m'għandux japplika din id-deroga fejn ikun hemm biżżejjed evidenza li wieħed jissuspetta li tkun qed tiġi abbużata.

4. Membru ma jistax ikun f'iktar minn grupp wieħed.

5. Il-President għandu jkun mgħarraf permezz ta' stqarrija meta jitwaqqaf grupp politiku. Din l-istqarrija għandha tispeċifika l-isem tal-grupp u l-ismijiet tal-membri tiegħu u tal-membri tal-Bureau tiegħu.

6. Din l-istqarrija għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

## Artikolu 33

## Attivitajiet u sitwazzjoni legali tal-gruppi politiċi

1. Il-gruppi politiċi għandhom iwettqu dmirijiethom bħala parti mill-attivitajiet ta' l-Unjoni, inklużi l-ħidmiet allokati lilhom mir-Regoli ta' Proċedura. Il-gruppi politiċi għandhom ikunu provduti b'segretarjat skond l-organigramma tas-Segretarjat, b'faċilitajiet amministrattivi u bl-approprijazzjonijiet imdaħħla għal dak il-għan fil-baġit tal-Parlament.

2. Il-Bureau għandu jħejji r-regoli dwar il-forniment, l-implimentazzjoni u l-issorveljar ta' dawk il-faċilitajiet u approprjazzjonijiet, kif ukoll dwar id-delegi relatati ta' setgħat għall-implimentazzjoni tal-baġit.

3. Dawk ir-regoli għandhom jiddeterminaw il-konsegwenzi amministrattivi u finanzjarji f'każ li grupp politiku jiġi xolt.

### Artikolu 34

### Intergruppi

1. Membri individwali jistgħu jiffurmaw Intergruppi, jew gruppi mhux uffiċjali oħrajn ta' Membri, minn fost il-gruppi politiċi kollha biex jiġu organizzati skambji informali ta’ fehmiet dwar kwistjonijiet speċifiċi, bil-parteċipazzjoni ta' membri ta’ kumitati parlamentari differenti, u biex jiġi promoss il-kuntatt bejn il-Membri u s-soċjetà ċivili.

2. Dawn il-gruppi ma jistgħux jinvolvu ruħhom f’attivitajiet li jistgħu jirriżultaw f’konfużjoni mal-attivitajiet uffiċjali tal-Parlament jew tal-korpi tiegħu. Kemm-il darba jiġu rispettati l-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli li jirregolaw l-istabbiliment ta' dawn il-gruppi, kif adottati mill-Bureau, il-gruppi politiċi jistgħu jiffaċilitaw l-attivitajiet ta' dawn il-gruppi billi jipprovdulhom appoġġ loġistiku.

Dawn il-gruppi għandhom ikunu marbuta li jiddikjaraw kwalunkwe appoġġ, sew fi flus u sew in natura (eż. assistenza fix-xogħol tas-segretarjat) li, jekk ġie offrut lill-Membri bħala individwi, irid ikun iddikjarat skont l-Anness I.

Il-Kwesturi għandhom iżommu reġistru tad-dikjarazzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu. Dan ir-reġistru għandu jkun ippubblikat fis-sit web tal-Parlament. Il-Kwesturi għandhom jadottaw regoli dettaljati dwar dawn id-dikjarazzjonijiet.

### Artikolu 35

### Membri mhux affiljati

1. Membri mhux affiljati għandhom jiġu provduti b'segretarjat. L-arranġamenti dettaljati għandhom jiġu stabbiliti mill-Bureau fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali.

2. Il-Bureau għandu jiddetermina l-istatus u d-drittijiet parlamentari ta' dawn il-Membri.

3. Il-Bureau għandu jħejji r-regoli dwar il-forniment, l-implimentazzjoni u l-verifika tal-fondi mdaħħla fil-baġit tal-Parlament biex ikopru l-ispejjeż segretarjali u amministrattivi tal-Membri mhux affiljati.

### Artikolu 36

### Allokazzjoni ta' siġġijiet fil-Kamra

Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddeċiedi kif għandhom jiġu allokati s-siġġijiet fil-Kamra fost il-gruppi politiċi, fost il-Membri mhux affiljati u fost l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

# TITOLU II

# PROĊEDURI LEĠISLATTIVI, TAL-BAĠIT U OĦRAJN

## KAPITOLU 1

## PROĊEDURI LEĠISLATTIVI - DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### Artikolu 37

### Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni

1. Il-Parlament għandu jaħdem flimkien mal-Kummissjoni u mal-Kunsill sabiex jiddetermina l-ippjanar leġislattiv ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Parlament u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw fit-tħejjija tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni - li huwa l-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-ipprogrammar annwali u multiannwali tal-Unjoni - skont l-iskeda u l-arranġamenti miftiehma bejn iż-żewġ istituzzjonijiet u annessi ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura[8].

2. F'ċirkustanzi urġenti u mhux previsti, istituzzjoni tista', fuq inizjattiva tagħha u skont il-proċeduri mniżżla fit-Trattati, tipproponi ż-żieda ta' miżura leġislattiva mal-miżuri proposti fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni.

3. Il-President għandu jgħaddi r-riżoluzzjoni adottata mill-Parlament lill-istituzzjonijiet l-oħra li jipparteċipaw fil-proċedura leġislattiva u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

Il-President għandu jistaqsi lill-Kunsill sabiex jesprimi opinjoni fuq il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni u fuq ir-riżoluzzjoni tal-Parlament.

4. Fejn istituzzjoni ma tkunx tista timxi mal-kalendarju stabbilit għaliha, għandha tgħarraf lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar ir-raġunijiet għad-dewmien u tipproponi kalendarju ġdid.

### Artikolu 38

### Rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea

1. Il-Parlament għandu fl-attivitajiet kollha tiegħu jirrispetta b’mod sħiħ id-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Parlament għandu jirrispetta wkoll b'mod sħiħ id-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 u fl-Artikolu 6(2) u (3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

2. Fejn il-kumitat responsabbli mis-suġġett, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jkunu tal-opinjoni li proposta għal att leġislattiv jew partijiet minnha ma jkunux konformi ma’ drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-kwistjoni għandha, fuq talba tagħhom, tkun riferuta lill-kumitat responsabbli mill-interpretazzjoni tal-Karta. L-opinjoni ta’ dak il-kumitat għandha tkun annessa mar-rapport tal-kumitat responsabbli mis-suġġett.

### Artikolu 39

### Verifika tal-bażi legali

1. Fil-każijiet kollha ta' proposti għal atti leġislattivi u ta' dokumenti oħra ta' xorta leġislattiva, l-kumitat responsabbli mis-suġġett għandu l-ewwel jivverifika l-bażi legali.

[8] Ara Anness XIII.

2. Jekk dak il-kumitat jikkontesta l-validità u x-xerqien tal-bażi legali, anke fil-kuntest tal-verifika skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa għandu jitlob l-opinjoni tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali.

3. Il-kumitat responsabbli mill-affarijiet legali jista' wkoll, fuq inizjattiva tiegħu stess, jittratta mistoqsijiet dwar il-bażi legali tal-proposti għal atti leġislattivi. F'każijiet bħal dawn huwa għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli mis-suġġett.

4. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jiddeċiedi li jikkontesta l-validità u x-xerqien tal-bażi legali, huwa għandu jirraporta il-konklużjonijiet tiegħu lill-Parlament. Il-Parlament għandu jivvota fuq din il-kontestazzjoni qabel ma jivvota fuq il-kontenut tal-proposta.

5. M'humiex ammissibbli emendi mqiegħda fuq il-Mejda fil-Parlament sabiex tinbidel il-bażi legali ta' proposta għal att leġislattiv, jekk il-kumitat responsabbli mis-suġġett jew il-kumitat responsabbli mill-affarijiet legali ma jkunux ikkontestaw il-validità jew ix-xerqien tal-bażi legali.

6. Jekk il-Kummissjoni ma taqbilx li l-proposta tagħha għandha tigi emendata sabiex tikkonforma mal-bażi legali approvata mill-Parlament, ir-rapporteur jew il-president tal-kumitat responsabbli għall-affarjiiet legali jew tal-kumitat responsabbli mis-suġġett jistgħu jipproponu li l-votazzjoni fuq il-kontenut tal-proposta tiġi posposta għal seduta suċċessiva.

**Artikolu 40**

**Delega tas-setgħat leġislattivi**

1. Meta tiġi eżaminata proposta għal att leġislattiv li jiddelega setgħat lill-Kummissjoni kif previst mill-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikolari għall-objettivi, il-kontenut, l-ambitu u t-tul ta' żmien tad-delega, kif ukoll għall-kundizzjonijiet li għalihom tkun soġġetta.

2. Il-kumitat responsabbli għas-suġġett jista', f'kull ħin, jitlob l-opinjoni tal-kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

3. Il-kumitat responsabbli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jista' wkoll, bl-inizjattiva tiegħu, jittratta kwistjonijiet dwar id-delega tas-setgħat leġislattivi. F'każijiet bħal dawn, għandu jgħarraf kif jixraq lill-kumitat responsabbli għas-suġġett.

**Artikolu 41**

**Verifika ta' kompatibilità finanzjarja**

1. Fejn proposta għal att legislattiv ikollha implikazzjonijet finanzjarji, il-Parlament għandu jistabbilixxi jekk ikunux ipprovduti riżorsi finanzjarji biżżejjed.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 47, il-kumitat responsabbli mis-suġġett għandu jivverifika l-kompatibilità finanzjarja ta' kull proposta għal att leġislattiv, jew ta' kull dokument ieħor ta' natura leġislattiva, mal-qafas finanzjarju plurijennali.

3. Meta l-kumitat responsabbli mis-suġġett jemenda l-allokazzjoni finanzjarja ta' l-att li qed jeżamina, għandu jitlob il-fehma tal-kumitat responsabbli mill-affarijiet tal-baġit.

4. Il-kumitat responsabbli mill-affarijiet tal-baġit jista' wkoll, fuq inizjattiva tiegħu stess, jittratta mistoqsijiet dwar il-kompatibilità finanzjarja tal-proposti għal atti leġislattivi. F'każijiet bħal dawn, għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli mis-suġġett.

5. Jekk il-kumitat responsabbli mill-affarijiet tal-baġit jiddeċiedi li jikkontesta il-kompatibilità finanzjarja, għandu jirraporta l-konklużjonijiet tiegħu lill-Parlament li għandu jressaqhom biex jittieħed vot fuqhom.

6. Att iddikjarat inkompatibbli jista' jiġi adottat mill-Parlament bla ħsara għad-deċiżjonijiet ta' l-Awtorità dwar il-Baġit.

**Artikolu 42**

**Eżami tal-osservanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà**

1. Waqt l-eżami ta’ proposta għal att legislattiv, il-Parlament għandu jagħti attenzjoni partikulari lill-osservanza tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u ta’ proporzjonalità.

2. Il-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà jista’ jiddeċiedi li jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-attenzjoni tal-kumitat responsabbli mis-suġġett fir-rigward ta’ kwalunkwe proposta għal att leġislattiv.

3. Jekk parlament nazzjonali jibgħat lill-President opinjoni motivata skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, dak id-dokument għandu jkun riferut lill-kumitat responsabbli mis-suġġett u mgħoddi għall-informazzjoni lill-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà.

4. Ħlief fil-każijiet ta’ urġenza stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, il-kumitat responsabbli mis-suġġett m’għandux jgħaddi għall-votazzjoni aħħarija tiegħu qabel tmiem l-iskadenza ta’ tmien ġimgħat li hija stipulata fl-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

5. Meta l-opinjonijiet motivati dwar in-nuqqas ta’ konformità ta’ proposta għall-att leġislattiv mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà jirrappreżentaw mhux inqas minn terz tal-voti kollha allokati għall-parlamenti nazzjonali jew kwart fil-każ ta’ proposta għall-att leġislattiv ippreżentat skont l-Artikolu 76 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament m'għandux jieħu deċiżjoni sakemm l-awtur tal-proposta jistipula kif ikun biħsiebu jipproċedi.

6. Meta, skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, opinjonijiet motivati li jallegaw in-nuqqas ta’ konformità ta’ proposta għal att leġislattiv mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà jirrappreżentaw mhux inqas minn maġġoranza sempliċi tal-voti allokati lill-parlamenti nazzjonali, il-kumitat responsabbli mis-suġġett, wara li jkun qies l-opinjonijiet motivati mressqa mill-parlamenti nazzjonali u mill-Kummissjoni, u wara li jkun sema’ l-fehmiet tal-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà, jista’ jirrakkomanda lill-Parlament li jiċħad il-proposta fuq il-bażi ta’ ksur tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà jew jippreżenta lill-Parlament kwalunkwe rakkomandazzjoni oħra, li tista’ tinkludi suġġerimenti għal emendi li jkollhom x'jaqsmu mal-osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. L-opinjoni mogħtija mill-kumitat responsabbli mill-osservanza tal-prinċipju ta’ sussidjarjetà għandha tkun annessa ma’ kwalunkwe rakkomandazzjoni bħal din.

Ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament għal dibattitu u għal votazzjoni. Jekk rakkomandazzjoni biex tkun miċħuda l-proposta tkun adottata b’maġġoranza tal-voti mitfugħa, il-President għandu jiddikjara l-proċedura magħluqa. Meta l-Parlament ma jiċħadx il-proposta, il-proċedura għandha tkompli, filwaqt li jitqiesu kwalunkwe rakkomandazzjonijiet approvati mill-Parlament.

**Artikolu 43**

**Aċċess għal dokumenti u l-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament**

1. Matul il-proċedura leġislattiva, il-Parlament u l-kumitati tiegħu għandhom jitolbu aċċess għad-dokumenti kollha li għandhom x'jaqsmu ma' proposti għal atti leġislattivi, bl-istess kundizzjonijiet li jgawdu l-Kunsill u l-gruppi ta' ħidma tiegħu.

2. Waqt l-eżami ta' proposta għal att leġislattiv, il-kumitat responsabbli għandu jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iżommuh mgħarraf dwar il-progress ta' din il-proposta fi ħdan il-Kunsill u l-gruppi ta' ħidma tiegħu, u b'mod partikulari biex iżommuh mgħarraf dwar l-iżvilupp ta' kull kompromess li jkun se jemenda sostanzjalment il-proposta oriġinali għal att leġislattiv, jew dwar il-ħsieb tal-awtur li jirtira l-proposta tiegħu.

**Artikolu 44**

**Rappreżentanza tal-Parlament fil-laqgħat tal-Kunsill**

Meta l-Kunsill jistieden lill-Parlament biex jieħu sehem f'laqgħa tal-Kunsill li fiha l-Kunsill jaġixxi f'kapacità leġislattiva, il-President għandu jitlob lill-president jew lir-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jew lil xi Membru ieħor maħtur mill-kumitat, biex jirrappreżenta lill-Parlament.

**Artikolu 45**

**Id-drittijiet ta' inizjattiva mogħtija lill-Parlament mit-Trattati**

F'każijiet fejn it-Trattati jagħtu dritt ta' inizjattiva lill-Parlament, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jfassal rapport fuq inizjattiva proprja

Ir-rapport għandu jinkludi:

(a) mozzjoni għal riżoluzzjoni;

(b) fejn hu xieraq, abbozz ta' deċiżjoni jew abbozz ta' proposta;

(c) stqarrija spjegattiva li tinkludi, fejn ikun xieraq, dikjarazzjoni finanzjarja.

Fejn l-adozzjoni ta' att mill-Parlament jeħtieġ l-approvazzjoni jew il-kunsens tal-Kunsill u l-opinjoni jew il-kunsens tal-Kummissjoni, il-Parlament jista', wara l-votazzjoni għall-att propost, u fuq proposta tar-rapporteur, jiddeċiedi li jipposponi l-votazzjoni tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni sakemm il-Kunsill jew il-Kummissjoni jkunu ddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom.

**Artikolu 46**

**Inizjattiva skond l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

1. Il-Parlament jista', billi jadotta riżoluzzjoni fuq il-bażi ta' rapport fuq inizjattiva proprja mħejji mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 52, jagħmel talba lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sabiex tressaq quddiemu kull proposta xierqa sabiex jiġu adottati atti ġodda jew jiġu emendati atti eżistenti. Ir-riżoluzzjoni għandha tiġi adottata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament fil-votazzjoni aħħarija. Il-Parlament jista', fl-istess ħin, jistabbilixxi limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' din il-proposta.

2. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda proposta għal att tal-Unjoni fuq il-bażi tad-dritt ta' inizjattiva mogħti lill-Parlament skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Tali proposta tista' titressaq f'daqqa minn mhux aktar minn għaxar Membri.

Il-proposta għandha tindika l-bażi legali tagħha u tista' tkun akkumpanjata min nota ta' spjegazzjoni ta' mhux aktar minn 150 kelma.

3. Il-proposta għandha tiġi ppreżentata lill-President, li għandu jivverifika jekk ir-rekwiżiti legali ġewx sodisfatti. Huwa jista' jirreferi l-proposta għal opinjoni dwar jekk il-bażi legali hix xierqa lill-kumitat responsabbli għal tali verifika. Jekk il-President jiddikjara li l-proposta hija ammissibbli, għandu jħabbar dan fil-plenarja u jirreferiha lill-kumitat responsabbli.

Qabel ma ssir din ir-riferenza lill-kumitat responsabbli, il-proposta għandha tiġi tradotta f'dawk il-lingwi uffiċjali li l-president ta' dak il-kumitat iqis li huma meħtieġa biex issir possibbli kunsiderazzjoni sommarja.

Il-kumitat jista' jirrakkomanda lill-President li l-proposta tinfetaħ għall-firma minn kwalunkwe Membru, soġġett għall-modalitajiet u l-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 136(2), 136(3) u 136(7).

Meta tali proposta tkun iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, ir-rapport dwar il-proposta għandu jitqies li ġie awtorizzat mill-Konferenza tal-Presidenti. Il-kumitat għandu jfassal rapport skont l-Artikolu 52, wara li jkun sema' lill-awturi tal-proposta.

Meta proposta ma tinfetaħx għal firem addizzjonali jew ma tiġix iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, il-kumitat responsabbli għandu jieħu deċiżjoni dwar azzjoni ulterjuri fi żmien tliet xhur mir-riferiment, u wara li jkun sema' lill-awturi tal-proposta.

L-awturi tal-proposta għandhom jissemmew b'isimhom fit-titolu tar-rapport.

4. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament għandha tindika l-bażi legali xierqa u tiġi akkumpanjata minn rakkomandazzjonijiet dettaljati rigward il-kontenut tal-proposti meħtieġa li għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' sussidjarjetà.

5. F'każ li proposta jkollha implikazzjonijiet finanzjarji, il-Parlament għandu jindika kif jistgħu jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji adegwati.

6. Il-kumitat responsabbli għandu jikkontrolla l-progress fit-tħejjija ta' kull att leġislattiv propost imfassal wara talba speċifika mill-Parlament.

**Artikolu 47**

**Eżami ta' dokumenti leġislattivi**

1. Il-proposti għal atti leġislattivi u dokumenti oħra ta' xorta leġislattiva għandhom jiġu referuti mill-President lill-kumitat responsabbli mill-eżami.

Fil-każ ta' dubju, il-President jista' japplika l-Artikolu 201(2) qabel jitħabbar fil-Parlament li dawn id-dokumenti ġew referuti lill-kumitat responsabbli.

F'każijiet fejn proposta tkun mniżżla fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jaħtar rapporteur biex isegwi l-fażi ta' tħejjija tal-proposta.

Konsultazzjonijiet mill-Kunsill jew talbiet għal opinjoni mill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu mill-President lill-kumitat responsabbli mill-eżami tal-proposta kkonċernata.

Id-dispożizzjonijiet għall-ewwel qari stipulati fl-Artikoli 38 sa 46, 57 sa 63 u 75 għandhom japplikaw għall-proposti għal atti leġislattivi sew jekk ikunu jeħtieġu qari wieħed, jew tnejn jew tlieta.

2. Il-pożizzjonijiet tal-Kunsill għandhom jiġu referuti lill-kumitat responsabbli biex jiġu eżaminati fl-ewwel qari.

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tieni qari mniżżla fl-Artikoli 64 sa 69 u 76 għandhom japplikaw għall-pożizzjonijiet tal-Kunsill.

3. Waqt il-proċedura ta' konċiljazzjoni bejn il-Parlament u l-Kunsill li tiġi wara t-tieni qari, ma jistax ikun hemm referenza lura lill-kumitat.

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tielet qari mniżzla fl-Artikoli 70, 71 u 72 għandhom japplikaw fil-każ tal-proċedura ta' konċiljazzjoni.

4. L-Artikoli 49, 50, 53, 59(1) u (3), 60, 61 u 188 m' għandhomx japplikaw waqt it-tieni u t-tielet qari.

5. Fil-każ ta' konflitt bejn dispożizzjoni tar-Regoli ta' Proċedura li għandha x'taqsam mat-tieni u t-tielet qari u kull dispożizzjoni oħra tar-Regoli, id-dispożizzjoni li għandha x'taqsam mat-tieni u t-tielet qari għandha tieħu l-preċedenza.

**Artikolu 48**

**Proċeduri leġislattivi dwar inizjattivi preżentati minn Stati Membri**

1. Inizjattivi ppreżentati minn Stati Membri skont l-Artikolu 76 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu trattati skont dan l-Artikolu u skont l-Artikoli 38 sa 43, 47 u 59.

2. Il-kumitat responsabbli jista' jistieden rappreżentanti ta' l-Istati Membri li ppreżentaw l-inizjattiva biex jippreżentawha lill-kumitat. Ir-rappreżentanti jistgħu jiġu akkompanjati mill-Presidenza tal-Kunsill.

3. Qabel ma l-kumitat responsabbli jgħaddi għall-votazzjoni, għandu jistaqsi lill-Kummissjoni jekk hux qed tħejji opinjoni fuq l-inizjattiva. F'każ li jkun hekk, il-kumitat m'għandux jadotta r-rapport tiegħu qabel ma jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni.

4. Fejn żewġ proposti jew aktar li joriġinaw mill-Kummissjoni u/jew minn Stat Membru bl-istess għan leġislattiv jiġu ppreżentati lill-Parlament fl-istess ħin jew f'perjodu qasir ta' żmien, dawn għandhom jitqiesu f'rapport wieħed. Fir-rapport tiegħu, il-kumitat responsabbli għandu jindika għal liema test qed jiġu proposti l-emendi u jsemmi it-testi l-oħra kollha fir-riżoluzzjoni leġislattiva.

## KAPITOLU 2

## PROĊEDURI FIL-KUMITAT

**Artikolu 49**

**Rapporti leġislattivi**

1. Il-president tal-kumitat li quddiemu tkun tressqet xi proposta għal att leġislattiv għandu jipproponi lill-kumitat il-proċedura li għandha tkun segwita.

2. Wara li tittieħed deċiżjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita, u jekk l-Artikolu 50 ma jkunx japplika, il-kumitat għandu jaħtar rapporteur dwar il-proposta għal att leġislattiv minn fost il-membri tiegħu jew minn fost is-sostituti permanenti jekk ikun għadu ma għamilx dan fuq il-bażi tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni miftiehem skond l-Artikolu 37.

3. Ir-rapport tal-kumitat għandu jkun fih:

(a) emendi, jekk ikun hemm, għall-proposta, flimkien ma', jekk ikun il-każ, ġustifikazzjonijiet qosra li għandhom ikunu r-responsabiltà tar-rapporteur u m'għandhux jittieħed vot fuqhom;

(b) abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva, skond l-Artikolu 59(2);

(c) jekk ikun il-każ, nota spjegattiva li tinkludi dikjarazzjoni finanzjarja li tistabbilixxi l-impatt finanzjarju u l-kompatibilità tiegħu mal-qafas finanzjarju plurijennali.

**Artikolu 50**

**Proċedura simplifikata**

1. Wara l-ewwel diskussjoni dwar proposta għal att leġislattiv, il-president tal-kumitat jista' jipproponi li din tkun approvata mingħajr emendi. Ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni minn mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat, il-president tal-kumitat għandu jippreżenta lill-Parlament rapport li japprova l-proposta. L-Artikolu 150(1), it-tieni sub-paragrafu, (2) u (4) għandu japplika.

2. Inkella, il-president tal-kumitat jista' jipproponi li huwa jew ir-rapporteur jagħmlu abbozz ta' sett ta' emendi li jirriflettu d-diskussjoni tal-kumitat. Jekk il-kumitat jaqbel ma dan, dawn l-emendi għandhom jintbagħtu lill-membri tal-kumitat. Ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni minn mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat fil-limitu ta' żmien mogħti, li m'għandux ikun inqas minn wieħed u għoxrin ġurnata mid-data ta' meta jintbagħat, ir-rapport għandu jitqies li kien adottat mill-kumitat. F'dan il-każ l-abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva u l-emendi għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament mingħajr dibattitu skond l-Artikolu 150(1), it-tieni subparagrafu, (2) u (4).

3. Jekk ikun hemm oġġezzjoni minn mill-inqas wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat, l-emendi għandu jittieħed vot fuqhom fil-laqgħa tal-kumitat li jkun imiss.

4. L-ewwel u t-tieni sentenza ta' l-ewwel paragrafu, u l-ewwel, it-tieni u t-tielet sentenza tat-tieni paragrafu u t-tielet paragrafu għandhom japplikaw, 'mutatis mutandis', fir-rigward ta' opinjonijiet tal-kumitati skond it-tifsira ta' l-Artikolu 53.

**Artikolu 51**

**Rapporti mhux leġislattivi**

1. Meta kumitat iħejji rapport mhux leġislattiv, il-kumitat għandu jaħtar rapporteur minn fost il-membri tiegħu jew minn fost is-sostituti permanenti.

2. Ir-rapporteur għandu jkollu r-responsabiltà li jipprepara r-rapport tal-kumitat u li jippreżentah lill-Parlament f'isem il-kumitat.

3. Ir-rapport tal-kumitat għandu jkun fih:

(a) mozzjoni għal riżoluzzjoni;

(b) nota spjegattiva li tinkludi dikjarazzjoni finanzjarja li tistabilixxi l-impatt finanzjarju u l-kompatibilità tiegħu mal-qafas finanzjarju plurijennali;

(c) it-testi ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li għandhom ikunu inklużi skond l-Artikolu 133(4).

**Artikolu 52**

**Rapporti fuq inizjattiva proprja**

1. Kumitat li jkollu l-ħsieb li jħejji rapport u li jippreżenta lill-Parlament mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar xi suġġett li jaqa' fi ħdan il-kompetenza tiegħu, li dwaru la kien ikkonsultat u lanqas intalab jagħti opinjoni skont l-Artikolu 201(1), jista' jagħmel dan biss bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti. Meta din l-awtorizzazzjoni ma tingħatax, għandha dejjem tingħata raġuni. Fejn is-suġġett tar-rapport ikun proposta mqiegħda fuq il-Mejda minn Membru skont l-Artikolu 46(2), l-awtorizzazzjoni tista' tiġi miċħuda biss jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Istatut tal-Membri u fl-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jiġux sodisfatti.

*Il-Konferenza tal-Presidenti tieħu deċiżjoni għal talbiet għal awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti skont il-paragrafu 1 fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li għandha tistabilixxi hija stess. Jekk il-kompetenza ta' kumitat li jħejji rapport tiġi kontestata, il-Konferenza tal-Presidenti tieħu deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, jew, jekk ma jkun hemm ebda rakkomandazzjoni ta' dan it-tip, mill-President ta' din ta' l-aħħar. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti tonqos milli tieħu deċiżjoni f'dak iż-żmien, ir-rakkomandazzjoni tiġi dikjarata li ġiet approvata.*

2. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li jkunu f' rapporti fuq inizjattiva proprja għandhom jiġu eżaminati mill-Parlament skond il-proċedura bi preżentazzjoni qasira stipulata fl-Artikolu 151. Emendi għal mozzjonijiet għal riżoluzzjoniijiet bħal dawn għandhom ikunu ammissibbli biss biex jitqiesu fil-plenarja jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda mir-rapporteur biex jitqies tagħrif ġdid jew minn mhux inqas minn wieħed minn kull għaxra tal-Membri tal-Parlament. Il-gruppi politiċi jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet alternattivi skond l-Artikolu 170(4). L-Artikoli 176 u 180 għandhom japplikaw għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-kumitat u għall-emendi li din tkun suġġetta għalihom. L-Artikolu 180 għandu japplika wkoll għall-votazzjoni waħdanija fuq mozzjonijiet għal riżoluzzjoni alternattivi.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika fejn is-suġġett tar-rapport jikkwalifika għal dibattitu ta' prijorità fil-plenarja, fejn ir-rapport jitfassal skond id-dritt ta' inizjattiva msemmi fl-Artikoli 45 jew 46, jew fejn ir-rapport ikun ġie awtorizzat bħala rapport strateġiku[9].

3. Fejn is-suġġett tar-rapport jaqa' taħt id-dritt ta' inizjattiva msemmi fl-Artikolu 45, l-awtorizzazzjoni tista' tinżamm biss fuq il-bażi li l-kundizzjonijiet stipulati fit-Trattati ma ġewx sodisfatti.

4. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 45 u l-Artikolu 46, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahrejn.

**Artikolu 53**

**Opinjonijiet ta' kumitati**

1. Jekk il-kumitat li quddiemu tkun tressqet għall-ewwel darba l-mistoqsija jkun jixtieq li jisma' l-fehmiet ta' kumitat ieħor, jew jekk kumitat ieħor ikun jixtieq jagħti l-fehmiet tiegħu dwar ir-rapport tal-kumitat li quddiemu tkun tressqet għall-ewwel darba l-mistoqsija, dawn il-kumitati jistgħu jitolbu lill-President biex, skond l-Artikolu 201(3), wieħed mill-kumitati jiġi nominat bħala l-kumitat responsabbli u l-ieħor bħala l-kumitat li jintalab jagħti opinjoni.

---

[9]Ara d-deċiżjoni relevanti tal-Konferenza tal-Presidenti, riprodotta fl-Anness XVII tar-Regoli ta' Proċedura.

2. Fil-każ ta' dokumenti ta' xorta leġislattiva skond it-tifsira ta' l-Artikolu 47(1), l-opinjoni għandha tkun tikkonsisti f'emendi għat-test li jkun tressaq quddiem il-kumitat flimkien ma', jekk ikun il-każ, ġustifikazzjonijiet qosra. Dawn il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu r-responsabilità tar-rapporteur għal opinjoni u m'għandhomx jitressqu għall-vot. Jekk ikun meħtieġ, il-kumitat li jintalab opinjoni jista' jippreżenta ġustifikazzjoni qasira bil-miktub għall-opinjoni sħiħa.

Fil-każ ta' testi mhux leġislattivi, l-opinjoni għandha tkun tikkonsisti f'suġġerimenti li jolqtu partijiet mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni ppreżentata mill-kumitat responsabbli.

Il-kumitat responsabbli għandu jivvota fuq dawn l-emendi jew suġġerimenti.

L-opinjonijiet għandhom ikunu biss dwar dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' responsabilità tal-kumitat li jkun qed jagħti opinjoni.

3. Il-kumitat responsabbli għandu jistabbilixxi żmien li fih il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni għandu jagħti din l-opinjoni, biex din tiġi kkunsidrata mill-kumitat responsabbli. Kwalunkwe tibdil fil-programm imħabbar għandu jkun ikkomunikat minnufih mill-kumitat responsabbli lill-kumitat/i li jintalbu jagħtu opinjoni. Il-kumitat responsabbli m'għandux jasal għall-konklużjonijiet aħħarin tiegħu qabel ma jkun skada dak iż-żmien.

4. L-opinjonijiet kollha adottati għandhom ikunu annessi mar-rapport tal-kumitat responsabbli.

5. Il-kumitat responsabbli biss jista' jqiegħed fuq il-Mejda emendi fis-seduta plenarja.

6. Il-president u r-rapporteur għal opinjoni tal-kumitat li jintalab jagħti opinjoni għandhom ikunu mistiedna sabiex jieħdu sehem f'kapaċità konsultattiva fil-laqgħat tal-kumitat responsabbli, sa fejn dawn il-laqgħat ikunu dwar il-kwistjoni ta' interess komuni.

**Artikolu 54**

**Proċedura b'kumitati assoċjati**

Meta titressaq kwistjoni ta' kompetenza quddiem il-Konferenza tal-Presidenti skont l-Artikoli 201(2) jew 52, u l-Konferenza tal-Presidenti tqis li, fuq il-bażi ta' l-Anness VI, il-kwistjoni taqa' kważi b'mod indaqs taħt il-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, jew li partijiet differenti tal-kwistjoni jaqgħu taħt il-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, l-Artikolu 53 għandu japplika b'dawn id-dispożizzjonijiet miżjuda li ġejjin:

- il-programm għandu jkun miftiehem bejn il-kumitati kkonċernati flimkien;
- ir-rapporteur u r-rapporteurs għal opinjoni għandhom iżommu lil xulxin mgħarrfa u għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jilħqu qbil dwar it-testi li huma jipproponu lill-kumitati tagħhom u dwar il-pożizzjoni tagħhom dwar l-emendi;
- il-presidenti tal-kumitati, ir-rapporteur u r-rapporteurs għal opinjoni kkonċernati għandhom jidentifikaw flimkien l-oqsma tat-test li jaqgħu taħt il-kompetenzi esklużivi jew konġunti tagħhom u jilħqu qbil dwar l-arranġamenti preċiżi għall-koperazzjoni tagħhom. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar id-delimitazzjoni tal-kompetenzi il-kwistjoni għandha titressaq, fuq talba ta' wieħed mill-kumitati involuti, quddiem il-Konferenza tal-Presidenti, li tista' tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-kompetenzi rispettivi jew tiddeċiedi li għandha tapplika l-proċedura b'laqgħat ta' kumitati konġunti skont l-Artikolu 55; it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 201(2) għandu japplika mutatis mutandis;
- il-kumitat responsabbli għandu jaċċetta mingħajr votazzjoni emendi minn kumitat assoċjat meta dawn ikunu dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva

tal-kumitat assoċjat. Jekk l-emendi dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza konġunta tal-kumitat responsabbli u ta' kumitat assoċjat jiġu miċħuda mill-kumitat responsabbli, il-kumitat assoċjat jista' jqiegħed dawk l-emendi direttament fuq il-Mejda fil-plenarja;

– fil-każ li jkun hemm proċedura ta' konċiljazzjoni fuq il-proposta, id-delegazzjoni tal-Parlament għandha tinkludi lir-rapporteur ta' kwalunkwe kumitat assoċjat.

*Il-formulazzjoni ta’ dan l-Artikolu ma tqiegħed ebda limiti għall-applikabilità tiegħu. Talbiet għall-applikazzjoni tal-proċedura b’kumitati assoċjati dwar rapporti mhux leġislattivi imsejsa fuq l-Artikolu 52(1) u l-Artikolu 132(1) u (2) huma ammissibbli.*

*Il-proċedura b’kumitati assoċjati stabbilita f’dan l-Artikolu m’għandhiex tapplika bi rbit mar-rakkomandazzjoni li jkun għandha tiġi adottata mill-kumitat responsabbliskont l-Artikolu 99.*

*Id-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti li tiġi applikata l-proċedura b’kumitati assoċjati tapplika fl-istadji kollha tal-proċedura in kwistjoni.*

*Il-jeddijiet marbuta mal-istatus ta’ "kumitat resonsabbli" għandhom jitwettqu mill-kumitat ewlieni. Fit-twettiq ta’ dawn il-jeddijiet, il-kumitat ewlieni għandu jirrispetta l-prerogattivi tal-kumitat assoċjat, b’mod partikolari l-obbligu ta’ kooperazzjoni leali fir-rigward tal-kalendarju u l-jedd tal-kumitat assoċjat li jiddetermina l-emendi li jiġu ppreżentati lill-Parlament fil-qasam ta’ kompetenza esklussiva tiegħu.*

*Fil-każ li l-kumitat ewlieni ma jagħrafx il-prerogattivi tal-kumitat assoċjat, id-deċiżjonijiet meħuda minn tal-ewwel jibqgħu validi, imma tal-aħħar ikun jista jqiegħed l-emendi direttament fuq il-Mejda quddiem il-Parlament, fil-limiti tal-kompetenzi esklussivi tiegħu.*

**Artikolu 55**

**Proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati**

1. Meta tiġi riferita lilha kwistjoni ta' kompetenza skont l-Artikolu 201(2), il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi li għandha tiġi applikata l-proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati u b'votazzjoni konġunta jekk:

– il-kwistjoni taqa', skont l-Anness VI, b'mod inseparabbli taħt il-kompetenzi ta' aktar minn kumitat wieħed, u

– hija tkun tal-fehma li l-kwistjoni hija ta' importanza maġġuri.

2. F'dak il-każ, ir-rapporteurs rispettivi għandhom ifasslu abbozz ta' rapport uniku, li għandu jkun eżaminat u li għandha ssir votazzjoni dwaru mill-kumitati involuti fil-laqgħat konġunti li jiġu ppreseduti b'mod konġunt mill-presidenti tal-kumitati involuti.

Fl-istadji kollha tal-proċedura, id-drittijiet relatati mal-istatus ta' kumitat kompetenti ma jistgħux jiġu eżerċitati mill-kumitati involuti ħlief meta jaġixxu b'mod konġunt. Il-kumitati involuti jistgħu jistabbilixxu gruppi ta' ħidma biex jitħejjew il-laqgħat u l-votazzjonijiet.

3. Fit-tieni qari tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi eżaminata waqt laqgħa konġunta tal-kumitati kkonċernati li, fin-nuqqas ta' qbil bejn il-presidenti ta' dawn il-kumitati, issir nhar l-Erbgħa tal-ewwel ġimgħa prevista għal-laqgħat tal-organi parlamentari wara li tiġi kkomunikata l-pożizzjoni tal-Kunsill lill-Parlament. Fin-nuqqas ta' qbil dwar is-sejħa ta' laqgħa ulterjuri, din tissejjaħ mill-president tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-votazzjoni dwar r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari issir f'laqgħa konġunta fuq il-bażi ta' abbozz konġunt imħejji mir-rapporteurs rispettivi tal-kumitati kkonċernati jew, fin-nuqqas ta' abbozz konġunt, tal-emendi preżentati fil-kumitati kkonċernati.

Fit-tielet qari tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-presidenti u r-rapporteurs tal-kumitati kkonċernati jkunu ex officio membri tad-delegazzjoni fil-kumitat ta' konċiljazzjoni.

*Dan l-Artikolu jista' jiġi applikat għall-proċedura li twassal għal rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni jew għaċ-ċħid tal-konklużjoni ta' ftehima internazzjonali skont l-Artikoli 108(5) u 99(1) kemm-il darba jitwettqu l-kundizzjonijiet fih stipulati.*

**Artikolu 56**

**Abbozz tar-rapporti**

1. In-nota spjegattiva għandha taqa' taħt ir-responsabilità tar-rapporteur u m'għandux jittieħed vot fuqha. Madankollu, din għandha tkun taqbel mat-test tal-mozzjoni għal risoluzzjoni kif adottata u ma kwalunkwe emendi proposti mill-kumitat. Jekk ma jkunx hekk, il-president tal-kumitat jista' jħassar in-nota spjegattiva.

2. Ir-rapport għandu jagħti r-riżultat tal-vot meħud fuq ir-rapport fis-sħuħija tiegħu. Barra minn hekk, jekk mhux inqas minn terz tal-membri preżenti hekk jitolbu meta jittieħed il-vot, ir-rapport għandu jindika kif ivvota kull membru.

3. Meta l-opinjoni tal-kumitat ma tkunx unanima, ir-rapport għandu jagħti wkoll ġabra fil-qosor ta' l-opinjoni tal-minoranza. Opinjonijiet tal-minoranza għandhom ikunu espressi meta jittieħed il-vot fuq it-test sħiħ, u jistgħu, fuq talba ta' l-awturi, ikunu s-suġġett ta' dikjarazzjoni bil-miktub li ma tkunx itwal minn 200 kelma, u li tkun annessa man-nota spjegattiva.

Il-president tal-kumitat għandu jsolvi kwalunkwe nuqqas ta' ftehim li jista' jinqala' bħala riżultat ta' l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

4. Fuq proposta mill-bureau tiegħu, kumitat jista' jiffissa limitu ta' żmien li fih ir-rapporteur ikollu jippreżenta l-abbozz tar-rapport tiegħu. Dan il-limitu ta' żmien jista' jittawwal jew jista' jinħatar rapporteur ieħor.

5. Malli jiskadi ż-żmien, il-kumitat jista' jagħti struzzjonijiet lill-president tiegħu sabiex jitlob li l-kwistjoni mressqa quddiemu titqiegħed fl-aġenda ta' waħda mis-seduti tal-Parlament li jkun imiss. Id-dibattiti jistgħu imbagħad jitmexxew fuq il-bażi ta' rapport bil-fomm mill-kumitat konċernat.

## KAPITOLU 3

## L-EWWEL QARI

**Stadju tal-Kumitat**

**Artikolu 57**

**Modifika ta' proposta għal att leġislattiv**

1. Jekk il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament jew jekk il-kumitat responsabbli jinduna b'xi mod ieħor li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li timmodifika l-proposta tagħha, il-kumitat responsabbli għandu jipposponi l-eżaminazzjoni tal-każ sakemm jirċievi l-proposta l-ġdida jew l-emendi tal-Kummissjoni.

2. Jekk il-Kunsill jimmodifika sostanzjalment il-proposta għal att leġislattiv, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 63.

**Artikolu 58**

**Pożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar emendi**

1. Qabel ma jgħaddi għall-votazzjoni aħħarija dwar proposta għal att leġislattiv, il-kumitat responsabbli għandu jitlob lill-Kummissjoni biex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar l-emendi għall-proposta adottata mill-kumitat, u jitlob lill-Kunsill biex jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu.

2. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tagħmel stqarrija simili, jew jekk tiddikjara li mhix preparata li taċċetta l-emendi kollha adottati mill-kumitat responsabbli, il-kumitat jista' jipposponi l-votazzjoni aħħarija.

3. Jekk ikun il-każ, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport.

**Stadju tas-Seduta Plenarja**

**Artikolu 59**

**Konklużjoni ta' l-ewwel qari**

1. Il-Parlament għandu jeżamina l-proposta għal att leġislattiv fuq il-bażi ta' rapport imħejji mill-kumitat responsabbli skond l-Artikolu 49.

2. Il-Parlament għandu l-ewwel jivvota fuq l-emendi għall-proposta li dwarha jkun ir-rapport tal-kumitat responsabbli, imbagħad fuq il-proposta, emendata jew le, imbagħad fuq l-emendi għall-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva, imbagħad fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva fis-sħuħija tagħha, li għandu jkun fiha biss stqarrija dwar jekk il-Parlament japprovax, jiċħadx jew jipproponix emendi għall-proposta għal att leġislattiv u kwalunkwe talbiet proċedurali.

L-ewwel qari jiġi konkluż jekk jiġi adottat l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva. Jekk il-Parlament ma jadottax ir-riżoluzzjoni leġislattiva, il-proposta għandha tiġi referuta lura lill-kumitat responsabbli.

*Kull rapport imqiegħed fuq il-Mejda skond il-proċedura leġislattiva għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti 39, 47 u 49. Kull mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva imqiegħda fuq il-Mejda minn kumitat għandha ssir skond il-proċeduri ta' referenza kif stipulat fl-Artikoli 52 jew 201.*

3. It-test tal-proposta kif approvat mill-Parlament u r-riżoluzzjoni li takkumpanjah għandhom jintbagħtu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni mill-President bħala l-pożizzjoni tal-Parlament.

**Artikolu 60**

**Ċaħda ta' proposta tal-Kummissjoni**

1. Jekk proposta tal-Kummissjoni ma jirnexxilhiex tikseb il-maġġororanza tal-voti mitfugħa jew jekk tkun ġiet adottata mozzjoni għaċ-ċaħda tagħha, li tista' titqiegħed fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru, il-President għandu, qabel ma l-Parlament jivvota fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva, jitlob lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta.

2. Jekk il-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha, il-President għandu jiddikjara li l-proċedura ngħalqet u għandu jinforma lill-Kunsill b'dan.

3. Jekk il-Kummissjoni ma tirtirax il-proposta tagħha, il-Parlament għandu jirreferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli mingħajr ma ssir il-votazzjoni fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva, ħlief jekk il-Parlament, wara proposta tal-president jew ir-rapporteur

tal-kumitat responsabbli jew ta’ xi grupp politiku jew ta’ mhux inqas minn erbgħin Membru, jgħaddi għall-votazzjoni dwar l-abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva.

Fil-każ li l-proposta tiġi rreferuta lura lill-kumitat, il-kumitat responsabbli għandu jiddeċiedi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita u għandu jirraporta lura lill-Parlament, bil-fomm jew bil-miktub, fi żmien stabbilit mill-Parlament li ma jistax ikun itwal minn xahrejn.

*Wara referenza lura lill-kumitat skont il-paragrafu 3, il-kumitat ewlieni għandu, qabel ma jieħu id-deċiżjoni tiegħu dwar il-proċedura, jippermetti li kumitat assoċjat skont l-Artikolu 54 jagħmel l-għażliet tiegħu dwar l-emendi li huma rilevanti għall-kompetenza esklussiva tiegħu, b’mod partikolari l-għażla ta’ emendi li għandhom jiġu ppreżentati mill-ġdid lill-Parlament.*

*L-iskadenza stabbilita skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 għandha tapplika għat-tqegħid fuq il-Mejda, bil-fomm jew bil-miktub, tar-rapport tal-kumitat reponsabbli. Dan ma jaffettwax l-istabbiliment mill-Parlament tal-mument opportun sabiex jitkompla l-eżami tal-proċedura in kwistjoni.*

4. Jekk il-kumitat responsabbli ma jkunx jista' jirrapporta lura sad-data ta' l-iskadenza, għandu jitlob referenza lura lill-kumitat skond l-Artikolu 188(1). Jekk ikun meħtieġ, il-Parlament jista' jistabbilixxi data ta' skadenza ġdida skond l-Artikolu 188(5). Jekk it-talba tal-kumitat ma tiġix aċċettata, il-Parlament għandu jgħaddi għall-votazzjoni fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva.

**Artikolu 61**

**Addozzjoni ta' emendi għal proposta tal-Kummissjoni**

1. Meta proposta tal-Kummissjoni tiġi approvata fis-sħuħija tagħha, imma fuq bażi ta' emendi li wkoll ikunu ġew adottati, il-votazzjoni fuq l-abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva għandha tiġi posposta sa meta l-Kummissjoni tistqarr il-pożizzjoni tagħha fuq kull emenda tal-Parlament.

Jekk il-Kummissjoni ma tkunx f'qagħda li tagħmel dan it-tip ta' stqarrija fi tmiem il-votazzjoni il-Parlament fuq il-proposta tagħha, għandha tinforma lill-President jew lill-kumitat responsabbli dwar meta tkun tista' tagħmel dan; il-proposta għandha mbagħad titqiegħed fl-abbozz ta' l-aġenda ta' l-ewwel seduta parzjali li jkun imiss.

2. Jekk il-Kummissjoni tħabbar li ma jkollhiex il-ħsieb li tadotta l-emendi kollha tal-Parlament, ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli jew, fin-nuqqas tiegħu, il-president tal-kumitat responsabbli għandu jagħmel proposta formali lill-Parlament dwar jekk għandhiex titkompla l-votazzjoni fuq l- abbozz tar-riżoluzzjoni leġislattiva. Qabel jippreżenta din il-proposta, ir-rapporteur jew il-president tal-kumitat responsabbli jistgħu jitolbu lill-President sabiex jissospendi l-eżami tal-punt imqajjem.

Jekk il-Parlament jiddeċiedi li jipposponi l-votazzjoni, il-punt imqajjem jitqies li ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat.

F'dan il-każ, il-kumitat responsabbli għandu jirraporta lura lill-Parlament, oralment jew bil-miktub, fi żmien stabbilit mill-Parlament li ma jistax ikun itwal minn xahrejn.

Jekk il-kumitat responsabbli ma jkunx jista' jirrapporta lura sad-data ta' skadenza, għandha tiġi applikata l-proċedura stipulata fl-Artikolu 60(4).

Huma biss l-emendi li jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli u li jfittxu li jintlaħaq kompromess mal-Kummissjoni li għandhom ikunu ammissibbli f'dan l-stadju.

3. L-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ma teskludix il-possibiltà li titqiegħed fuq il-Mejda talba għar-riferenza minn Membri oħra skond l-Artikolu 188.

*Kumitat li lilu jkun ġie referut każ lura, skond il-paragrafu 2, għandu qabel kollox, skond il-kundizzjonijiet tal-mandat li l-paragrafu hawn imsemmi jassenjalu, jirrapporta sad-data ta' skadenza mogħtija u, fejn ikun xieraq, iqiegħed fuq il-Mejda emendi li jfittxu li jintlaħaq kompromess mal-Kummissjoni, iżda mhux li jerġgħu jiġu eżaminati d-dispożizzjonijiet kollha approvati mill-Parlament.*

*Madankollu, f' dawn it-termini ta' referenza, minħabba l-effett ta' sospensjoni fuq il-każ meta jiġi mgħoddi lura, il-kumitat ikollu iktar libertà u jista', fejn iħoss il-bżonn biex jintlaħaq kompromess, jipproponi li jerġa' jeżamina fil-Parlament dawk id-dispożizzjonijiet li kisbu vot favorevoli.*

*F'każi bħal dawn, peress li l-uniċi emendi li jistgħu jitressqu mill-kumitat huma dawk l-emendi li jfittxu li jintlaħaq kompromess, u bil-għan li tiġi mħarsa s-sovranità tal-Parlament, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiddikjara b'mod ċar liema minn dawk id-dispożizzjonijiet diġà approvati jaqgħu jekk l-emendi proposti jiġu adottati.*

**Proċedura ta' segwitu**

**Artikolu 62**

**Segwitu għall-pożizzjoni tal-Parlament**

1. Fiż-żmien li jiġi wara li l-Parlament ikun adotta il-pożizzjoni tiegħu dwar xi proposta mill-Kummissjoni, il-president u r-rapporteur tal-kumitat responsabbli għandhom isegwu l-progress tal-proposta fil-kors tal-proċedura li twassal għall-adozzjoni tagħha mill-Kunsill, b'mod partikulari sabiex jiżguraw li l-impenji meħuda mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni lejn il-Parlament fir-rigward tal-pożizzjoni tiegħu jkunu osservati kif jixraq.

2. Il-kumitat responsabbli jista` jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jiddiskuti l-kwistjoni magħhom.

3. F'kull stadju tal-proċedura ta' segwitu il-kumitat responsabbli jista', jekk iqis li jkun meħtieġ, iqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal risoluzzjoni skond dan l-Artikolu li tirrakkomanda li l-Parlament:

– jitlob lill-Kummissjoni sabiex tirtira l-proposta tagħha, jew

– jitlob lill-Kummissjoni jew lill-Kunsill biex jirreferu l-kwistjoni mill-ġdid lill-Parlament skond l-Artikolu 63, jew jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta ġdida, jew

– jiddeċiedi li jieħu kull azzjoni oħra li jqis li tkun xierqa.

Din il-mozzjoni għandha titqiegħed fl-abbozz ta' l-aġenda tas-sessjoni parzjali li taħbat wara d-deċiżjoni mill-kumitat.

**Artikolu 63**

**Referenza mill-ġdid lill-Parlament**

**Proċedura leġislattiva ordinarja**

1. Il-President għandu, fuq talba tal-kumitat responsabbli, jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tirreferi l-proposta tagħha lill-Parlament:

– meta l-Kummissjoni tirtira l-proposta inizjali tagħha wara li l-Parlament ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu sabiex tibdilha b'test ieħor, ħlief meta dan isir sabiex titqies il-pożizzjoni tal-Parlament; jew

- meta l-Kummissjoni temenda jew ikollha l-ħsieb li temenda il-proposta inizjali b'mod sostanzjali, ħlief meta dan isir sabiex titqies il-pożizzjoni tal-Parlament; jew
- meta, minħabba l-mogħdija taż-żmien jew il-bidliet fiċ-ċirkustanzi, in-natura tal-problema li magħha jkollha x'taqsam il-proposta tinbidel b'mod sostanzjali; jew
- meta jkunu saru elezzjonijiet ġodda tal-Parlament minn mindu dan kien adotta l-pożizzjoni tiegħu, u l-Konferenza tal-Presidenti tqis li dan ikun opportun.

2. Il-Parlament għandu, fuq talba tal-kumitat responsabbli, jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jirreferi lill-Parlament proposta ppreżentata mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, meta l-Kunsill ikollu l-ħsieb ibiddel il-bażi legali tal-proposta bir-riżultat li l-proċedura leġislattiva ordinarja ma tibqax tapplika.

**Proċeduri oħra**

3. Fuq talba tal-kumitat responsabbli, il-President għandu jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsulta lill-Parlament fl-istess ċirkustanzi u bl-istess kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, kif ukoll meta l-Kunsill jemenda jew ikollu l-ħsieb li jemenda b'mod sostanzjali l-proposta li dwarha l-Parlament kien oriġinarjament ta l-opinjoni tiegħu, ħlief meta dan isir sabiex jiddaħħlu l-emendi tal-Parlament.

4. Il-President għandu wkoll jitlob li proposta għal att terġa titressaq quddiem il-Parlament fiċ-ċirkustanzi stabbiliti f'dan l-artikolu meta l-Parlament hekk jiddeċiedi fuq proposta minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru.

## KAPITOLU 4

## IT-TIENI QARI

**Stadju tal-Kumitat**

**Artikolu 64**

**Komunikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill**

1. Il-komunikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sseħħ meta titħabbar mill-President fil-Parlament. Il-President għandu jagħmel it-tħabbira wara li jkun irċieva d-dokumenti li jkun fihom il-pożizzjoni nnifisha, id-dikjarazzjonijiet kollha li jsiru fil-minuti tal-Kunsill meta jadotta il-pożizzjoni, ir-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, tradotti kif imiss fil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. It-tħabbira mill-President għandha ssir waqt l-ewwel sessjoni parzjali li tiġi l-wasla ta' dawn id-dokumenti.

*Qabel jagħmel it-tħabbira, il-President għandu jistabilixxi, wara li jikkonsulta lill-president tal-kumitat responsabbli u/jew ir-rapporteur, li t-test li jkun rċieva jkun tabilħaqq pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u li ċ-ċirkustanzi deskritti fl-Artikolu 63 ma japplikawx. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-President, flimkien mal-kumitat responsabbli u, fejn hu possibbli, bi ftehim mal-Kunsill, għandu jfittex soluzzjoni xierqa.*

2. Għandha tiġi pubblikata lista ta' dawn il-komunikazzjonijiet fil-minuti tas-seduta flimkien ma' l-isem tal-kumitat responsabbli.

**Artikolu 65**

**Titwil tal-limiti taż-żmien**

1. Fil-każ ta' limitu ta' żmien għat-tieni qari, il-President għandu, fuq talba tal-president tal-kumitat responsabbli, jew fuq talba tad-delegazzjoni tal-konċiljazzjoni tal-Parlament fil-każ ta' limiti ta' żmien għall-konċiljazzjoni, itawwal il-limiti ikkonċernati skond l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-President għandu javża lill-Parlament b'kull estensjoni tal-limitu ta' żmien skond l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sew jekk ikun fuq inizjattiva tal-Parlament sew jekk ikun fuq inizjattiva tal-Kunsill.

**Artikolu 66**

**Referenza lill-kumitat responsabbli u proċedura fl-istess kumitat**

1. Fil-jum li tiġi kkomunikata lill-Parlament skond l-Artikolu 64(1), il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha titqies li tkun tressqet awtomatikament quddiem il-kumitat responsabbli u quddiem il-kumitati li jkunu ntalbu jagħtu opinjoni fl-ewwel qari.

2. Il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tiddaħħal bħala l-ewwel punt fl-aġenda ta' l-ewwel laqgħa tal-kumitat responsabbli li tiġi wara d-data li fiha ssir il-komunikazzjoni. Il-Kunsill jista' jiġi mistieden jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu.

3. Ħlief jekk ikun deċiż xorta oħra, ir-rapporteur fit-tieni qari għandu jkun l-istess bħal fl-ewwel qari.

4. Id-dispożizzjonijiet għat-tieni qari fl-Artikolu 69(2), (3) u (5) għandhom japplikaw għall-proċeduri fil-kumitat responsabbli; membri u sostituti permanenti ta' dak il-kumitat biss jistgħu iqiegħdu fuq il-Mejda proposti għal ċaħda jew għal emendi. Il-kumitat għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.

5. Qabel il-votazzjoni, il-kumitat jista' jitlob lill-president tal-kumitat u lir-rapporteur sabiex l-emendi li jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda fil-kumitat jiġu diskussi mal-President tal-Kunsill jew mar-rappreżentant tiegħu jew mal-Kummissarju responsabbli preżenti. Ir-rapporteur jista' jqiegħed fuq il-Mejda emendi ta' kompromess wara din id-diskussjoni.

6. Il-kumitat responsabbli għandu jippreżenta rakkomandazzjoni għat-tieni qari li tipproponi li tapprova, temenda jew tiċħad il-pożizzjoni adottata mill-Kunsill. Ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi ġustifikazzjoni qasira għad-deċiżjoni proposta.

**Stadju tas-Seduta Plenarja**

**Artikolu 67**

**Tmiem tat-tieni qari**

1. Il-pożizzjoni tal-Kunsill u, fejn ikun disponibbli, ir-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-kumitat responsabbli għandhom jitqiegħdu awtomatikament fl-abbozz ta' l-aġenda għas-sessjoni parzjali li l-jum ta' l-Erbgħa tagħha jkun jaħbat qabel u jkun eqreb għall-jum li fih jiskadi ż-żmien ta' tliet xhur jew, jekk jiġi estiż skond l-Artikolu 65, ta' erbgħa xhur, ħlief jekk il-kwistjoni kienet ikkunsidrata f'sessjoni partzjali ta' qabel.

*Ir-rakkomandazzjonijiet għat-tieni qari ppreżentati minn kumitati parlamentari huma ekwivalenti għal nota spjegattiva li fiha l-kumitat jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Kunsill. Ma jittieħed l-ebda vot fuq dawn it-testi.*

2. It-tieni qari jintemm meta l-Parlament japprova, jiċħad jew jemenda l-pożizzjoni tal-Kunsill fil-limitu ta' żmien u skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Artikolu 68**

**Ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill**

1. Il-kumitat responsabbli, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu, bil-miktub u qabel ma jiskadi ż-żmien stabbilit mill-President, iqiegħdu fuq il-Mejda proposta għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill. Għall-adozzjoni ta' din il-proposta jkunu jinħtieġu l-voti tal-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament. Il-votazzjoni fuq proposta għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill għandha ssir qabel il-votazzjoni fuq kwalunkwe emendi.

2. Minkejja vot mill-Parlament kontra l-proposta inizjali għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill, il-Parlament jista', fuq ir-rakkomandazzjoni tar-rapporteur, jikkunsidra proposta oħra għaċ-ċaħda wara li jsiru l-votazzjonijiet fuq l-emendi u wara li jisma' stqarrija mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 69(5).

3. Jekk il-pożizzjoni tal-Kunsill tkun miċħuda, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-proċedura leġislattiva tkun magħluqa.

**Artikolu 69**

**Emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill**

1. Il-kumitat responsabbli, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda emendi għall-posizzjoni tal-Kunsill biex jitqiesu fil-Parlament.

2. Emenda għall-pożizzjoni tal-Kunsill tkun ammissibbli biss jekk tkun skont l-Artikoli 169 u 170 u tkun tfittex li:

(a) terġa' ġġib lura kompletament jew parzjalment il-pożizzjoni adottata mill-Parlament fl-ewwel qari tiegħu; jew

(b) tilħaq kompromess bejn il-Kunsill u l-Parlament; jew

(c) temenda parti mit-test ta' pożizzjoni tal-Kunsill li ma kenitx inkluża fil-proposta ppreżentata fl-ewwel qari jew li kienet differenti minnha fil-kontenut u li ma ssarfitx f'tibdil sostanzjali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 63; jew

(d) tqis fatt ġdid jew sitwazzjoni legali ġdida li seħħew minn meta sar l-ewwel qari.

Id-diskrezzjoni tal-President li jiddikkjara emenda ammissibbli jew mhux ammissibbli ma tistax tiġi kkontestata.

3. Jekk ikunu saru elezzjonijiet ġodda minn mindu jkun sar l-ewwel qari, imma l-Artikolu 63 ma jkunx ġie invokat, il-President jista' jiddeċiedi li jneħħi r-restrizzjonijiet dwar l-ammissibilita stipulati fil-paragrafu 2.

4. Emenda għandha tiġi adottata biss jekk tikseb il-voti tal-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament.

5. Qabel il-votazzjoni fuq l-emendi, il-President jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha u jista' jitlob lill-Kunsill sabiex jagħmel il-kummenti tiegħu.

# KAPITOLU 5

# IT-TIELET QARI

## Konċiljazzjoni

### Artikolu 70

### Tlaqqigħ tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni

Meta l-Kunsill jinforma lill-Parlament li ma jkunx jista' japprova l-emendi kollha tal-Parlament għall-pożizzjoni tal-Kunsill, il-President għandu, flimkien mal-Kunsill, jiftiehem dwar ħin u post għall-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Iż-żmien ta' sitt ġimgħat jew, jekk jittawwal, ta' tmien ġimgħat, kif stipulat fl-Artikolu 294(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu jibda mill-jum li fih jiltaqa' l-ewwel darba l-Kumitat.

### Artikolu 71

### Delegazzjoni għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni

1. Id-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandha tkun magħmula minn numru ta' membri illi jkun ugwali għan-numru ta' membri tad-delegazzjoni tal-Kunsill.

2. Il-kompożizzjoni politika tad-delegazzjoni għandha tikkorrispondi mal-kompożizzjoni tal-Parlament skkond gruppi politiċi. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi n-numru eżatt ta' Membri minn kull grupp politiku.

3. Il-membri tad-delegazzjoni għandhom jinħatru mill-gruppi politiċi għal kull każ ta' konċiljazzjoni, preferibilment minn fost il-membri tal-kumitati kkonċernati, ħlief għal tliet membri li għandhom jinħatru bħala membri permanenti ta' delegazzjonijiet konsekuttivi għal perjodu ta' tnax-il xahar. It-tliet membri permanenti għandhom jinħatru mill-partiti politiċi minn fost il-Viċi Presidenti u għandhom ikunu ġejjin minn mhux inqas minn żewġ gruppi politiċi differenti. Il-president u r-rapporteur tal-kumitat responsabbli f'kull każ partikulari għandhom ikunu membri tad-delegazzjoni.

4. Il-gruppi politiċi rappreżentati fid-delegazzjoni għandhom jaħtru sostituti.

5. Gruppi politiċi u Membri mhux affiljati li ma jkunux rappreżentati fid-delegazzjoni jistgħu jibagħtu rappreżentant kull wieħed għal kull laqgħa interna ta' preparazzjoni tad-delegazzjoni.

6. Id-delegazzjoni għandha titmexxa mill-President jew minn wieħed mit-tliet membri permanenti.

7. Id-delegazzjoni għandha tiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tagħha. Id-deliberazzjonijiet tagħha m'għandhomx ikunu pubbliċi.

Il-konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi linji gwida proċedurali oħra għall-ħidma tad-delegazzjoni għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

8. Ir-riżultati tal-konċiljazzjoni għandhom jingħataw lill-Parlament mid-delegazzjoni.

**Stadju tas-seduta plenarja**

**Artikolu 72**

**Test konġunt**

1. Meta jintlaħaq ftehim dwar test konġunt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, il-kwistjoni għandha titqiegħed fl-aġenda ta' seduta tal-Parlament li għandha ssir fi żmien sitt ġimgħat jew, jekk ikun hemm estensjoni, fi żmien tmien ġimgħat mid-data ta' l-approvazzjoni tat-test konġunt mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

2. Il-president jew membru ieħor nominat tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jagħmel stqarrija dwar it-test konġunt, u din għandha jkollha anness magħha rapport.

3. Ma' tista' tqiegħed fuq il-Mejda l-ebda emenda għat-test konġunt.

4. Għandha tittieħed votazzjoni waħdanija fuq it-test konġunt sħiħ. It-test konġunt għandu jkun approvat jekk iġib il-maġġoranza tal-voti mitfugħa.

5. Meta ma jintlaħaq ebda ftehim dwar test konġunt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, il-president jew membru ieħor nominat tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandhom jagħmlu stqarrija. Din l-istqarrija għandha tiġi segwita b'dibattitu.

# KAPITOLU 6

# GĦELUQ TAL-PROĊEDURA LEĠISLATTIVA

**Artikolu 73**

**Negozjati interistituzzjonali fi proċeduri leġislattivi**

1. Negozjati mal-istituzzjonijiet l-oħrajn bil-għan li tintlaħaq ftehima waqt proċedura leġislattiva għandhom jitwettqu filwaqt li jitqies il-Kodiċi ta’ Mġiba stipulat mill-Konferenza tal-Presidenti.i[10].

2. Tali negozjati m'għandhomx jinbdew qabel l-adozzjoni mill-kumitat responsabbli, fuq bażi ta' każ b'każ għal kull proċedura leġislattiva kkonċernata u, b'maġġoranza tal-membri tiegħu, ta’ deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati. Dik id-deċiżjoni għandha tiddetermina l-mandat u l-kompożizzjoni tat-tim tan-negozjati. Tali deċiżjonijiet għandhom jiġu nnotifikati lill-President, li għandu jżomm il-Konferenza tal-Presidenti infurmata fuq bażi regolari.

Il-mandat għandu jikkonsisti f’rapport adottat fil-kumitat u mqiegħed fuq il-Mejda għal eżami ulterjuri mill-Parlament. Bħala eċċezzjoni, meta l-kumitat responsabbli jqis li jkun debitament ġustifikat li wieħed jidħol f'negozjati qabel l-adozzjoni ta' rapport fil-kumitat, il-mandat jista’ jikkonsisti f'sett ta' emendi jew f’sett ta’ objettivi, prijoritajiet jew orjentazzjonijiet definiti b'mod ċar.

3. It-tim tan-negozjati għandu jitmexxa mir-rapporteur u għandu jiġi ppresedut mill-President tal-kumitat responsabbli jew minn Viċi President innominat mill-President. Għandu jinkludi għall-inqas ix-shadow rapporteurs minn kull grupp politiku.

4. Kwalunkwe dokument maħsub biex jiġi diskuss f’laqgħa mal-Kunsill u l-Kummissjoni (“trilogu”) għandu jieħu l-forma ta’ dokument li jindika l-pożizzjonijiet rispettivi tal-istituzzjonijiet involuti u s-soluzzjonijiet ta’ kompromess possibbli u għandu jiġi ċċirkolat

[10]Ara l-Anness XX.

mat-tim tan-negozjati għall-inqas 48 siegħa, jew f'każijiet ta' urġenza għall-inqas 24 siegħa, qabel it-trilogu inkwistjoni.

Wara kull trilogu, it-tim tan-negozjati għandu jirrapporta lura lil-laqgħa sussegwenti tal-kumitat responsabbli. Id-dokumenti li jirriflettu l-eżitu tal-aħħar trilogu għandhom ikunu disponibbli għall-kumitat.

Meta ma jkunx fattibbli li tissejjaħ laqgħa tal-kumitat b'mod f'waqtu, it-tim tan-negozjati għandu jirrapporta lura lill-President, lix-shadow rapporteurs u lill-koordinaturi tal-kumitat, kif xieraq.

Il-kumitat responsabbli jista' jaġġorna l-mandat fid-dawl tal-progress tan-negozjati.

5. Jekk in-negozjati jwasslu għal kompromess, il-kumitat responsabbli għandu jkun infurmat mingħajr dewmien. It-test miftiehem għandu jiġi ppreżentat lill-kumitat responsabbli biex jeżaminah. Jekk jiġi approvat fil-kumitat, it-test miftiehem għandu jitqiegħed fuq il-Mejda sabiex jiġi eżaminat mill-Parlament fil-forma xierqa, inklużi l-emendi ta' kompromess. Jista' jiġi ppreżentat bħala test konsolidat sakemm ikun juri b'mod ċar il-modifiki għall-proposta għal att leġislattiv li tkun qed tiġi eżaminata.

6. Meta l-proċedura tinvolvi kumitat jew kumitati assoċjati jew laqgħat konġunti tal-kumitati, l-Artikoli 54 u 55 għandhom japplikaw għad-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati u għall-mod kif jitmexxew dawn in-negozjati.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kumitati kkonċernati, il-modalitajiet għall-ftuħ tan-negozjati u għat-tmexxija ta' tali negozjati għandhom jiġu ddeterminati mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati b'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dawk l-Artikoli.

**Artikolu 74**

**Approvazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-ftuħ ta' negozjati interistituzzjonali qabel l-adozzjoni ta' rapport fil-kumitat**

1. Kwalunkwe deċiżjoni minn kumitat dwar il-ftuħ tan-negozjati qabel l-adozzjoni ta' rapport fil-kumitat għandha tiġi tradotta fil-lingwi uffiċjali kollha, għandha titqassam lill-Membri kollha tal-Parlament u għandha tiġi ppreżentata lill-Konferenza tal-Presidenti.

Fuq talba ta' grupp politiku, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi li tinkludi l-punt, biex jiġi eżaminat b'dibattitu u votazzjoni, fl-abbozz tal-aġenda tas-sessjoni parzjali ta' wara t-tqassim tad-deċiżjoni, f'liema każ il-Parlament għandu jistabbilixxi skadenza għat-tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda.

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Konferenza tal-Presidenti biex il-punt jiġi inkluż fl-abbozz tal-aġenda ta' dik is-sessjoni parzjali, id-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati għandha titħabbar mill-President waqt il-ftuħ ta' dik is-sessjoni parzjali.

2. Il-punt għandu jiġi inkluż fl-abbozz ta' aġenda għas-sessjoni parzjali ta' wara t-tħabbir tad-deċiżjoni għal eżami b'dibattitu u votazzjoni, u l-President għandu jistabbilixxi skadenza għat-tressiq ta' emendi meta grupp politiku jew għall-inqas 40 Membru jitolbu dan fi żmien 48 siegħa wara t-tħabbir tad-deċiżjoni.

Inkella, id-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati għandha titqies approvata.

**Artikolu 75**

**Ftehim fl-ewwel qari**

Meta, skond l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill ikun għarraf lill-Parlament li jkun approva l-pożizzjoni tal-Parlament, il-President, wara l-finalizzazzjoni skont l-Artikolu 193, għandu jħabbar fil-Parlament li l-proposta tkun ġiet adottata bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament.

**Artikolu 76**

**Ftehim fit-tieni qari**

Meta ebda mozzjoni għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill, u ebda emendi għal dik il-pożizzjoni ma jiġu adottati skond l-Artikolu 68 u 69 fiż-żmien stabbilit għat-tqegħid fuq il-Mejda u t-teħid ta' vot fuq l-emendi jew fuq proposti għaċ-ċaħda, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-att propost ġie adottat b'mod aħħari. Huwa għandu, flimkien mal-President tal-Kunsill, jiffirma l-att propost u jagħmel arranġamenti għall-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, skond l-Artikolu 78.

**Artikolu 77**

**Rekwiżiti għat-tfassil ta' atti leġislattivi**

1. Atti adottati b'mod konġunt mill-Parlament u l-Kunsill skond il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom juru x-xorta ta' l-att rilevanti u jkunu segwiti min-numru tas-serje, mid-data ta' adozzjoni u b'turija ta' xi jkun is-suġġett.

2. atti adottati b'mod konġunt mill-Parlament u l-Kunsill għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) 'Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea';

(b) referenza għad-disposizzjonijiet li taħthom l-att ikun ġie adottat, preċeduta mill-kelmiet 'Wara li kkunsidraw';

(c) ċitazzjoni li jkun fiha referenza għall-proposti ppreżentati, opinjonijiet miksuba u konsultazzjonijiet imwettqa;

(d) stqarrija tal-ġustifikazzjonijiet li fuqhom ikun ibbażat l-att, introdotta bil-kelma 'billi';

(e) frażi bħal 'adottaw dan ir-Regolament' jew 'adottaw din id-Direttiva' jew 'adottaw din id-Deċiżjoni' jew 'iddeċidew kif ġej', segwita mit-test ta' l-att.

3. L-atti għandhom ikunu maqsumin f'artikoli, u jekk ikun il-każ miġbura f'kapitoli u f'taqsimiet.

4. L-aħħar artikolu ta' att għandu jispeċifika id-data tad-dħul fis-seħħ, meta dik id-data tkun taħbat qabel jew wara l-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni.

5. L-aħħar artikolu tal-att għandu jkun segwit minn:

– formulazzjoni xierqa, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati, fir-rigward tal-applikabilità tiegħu;

– 'Magħmul …', segwita mid-data li fiha l-att ġie adottat;

– 'Għall-Parlament Ewropew il-President', 'Għall-Kunsill il-President', segwiti mill-isem tal-President tal-Parlament u tal-President tal-Kunsill li jkun fil-kariga meta l-att ikun adottat.

**Artikolu 78**

**Iffirmar ta' atti adottati**

Wara li t-test adottat skont l-Artikolu 193 jkun ġie ffinalizzat u ladarba jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha jkunu ntemmew kif jixraq, l-atti adottati skont il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom jiġu ffirmati mill-President u s-Segretarju Ġenerali u għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarji Ġenerali tal-Parlament u tal-Kunsill.

## KAPITOLU 7

## AFFARIJIET KOSTITUZZJONALI

**Artikolu 79**

**Reviżjoni Ordinarja tat-Trattati**

1. Skont l-Artikoli 45 u 52 il-kumitat responsabbli jista’ jippreżenta lill-Parlament rapport li jkun fih proposti lill-Kunsill għal emendi għat-Trattati.

2. Meta l-Parlament jiġi kkonsultat, skont l-Artikolu 48(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fuq proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew favur li jiġu eżaminati l-emendi għat-Trattati, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-kumitat responsabbli. Il-kumitat għandu jagħmel rapport li jkun fih:

– mozzjoni għal riżoluzzjoni li tiddikjara jekk il-Parlament japprovax jew jiċħadx id-deċiżjoni proposta u li jista' jkollha proposti għall-attenzjoni tal-Konvenzjoni jew tal-konferenza tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri;

– jekk ikun xieraq, nota spjegattiva.

3. Jekk il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jsejjaħ Konvenzjoni, ir-rappreżentanti tal-Parlament jistgħu jinħatru mill-Parlament fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti.

Id-delegazzjoni tal-Parlament għandha teleġġi l-mexxej u l-kandidati tagħha għas-sħubija fi kwalunkwe grupp ta’ tmexxija jew bureau mwaqqaf mill-Konvenzjoni.

4. Fejn il-Kunsill Ewropew jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament għal deċiżjoni biex ma tissejjaħx Konvenzjoni għall-eżami ta' emendi proposti għat-Trattati, il-kwistjoni għandha tkun riferuta lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 99.

**Artikolu 80**

**Reviżjoni simplifikata tat-Trattati**

1. Skont l-Artikoli 45 u 52, il-kumitat responsabbli jista’ jippreżenta lill-Parlament, skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 48(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, rapport li jkun fih proposti indirizzati lill-Kunsill Ewropew għal reviżjoni tad-dispożizzjonijiet kollha jew parti minnhom tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Meta l-Parlament jiġi kkonsultat, skont l-Artikolu 48(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fuq proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li temenda t-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 79(2) għandu japplika mutatis mutandis. F'dak

il-każ, il-mozzjoni għal riżoluzzjoni jista' jkollha biss proposti għal emendi ta' dispożizzjonijiet fit-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Artikolu 81**

**Trattati ta' adeżjoni**

1. Kull applikazzjoni minn xi Stat Ewropew sabiex isir membru tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi referuta lill-kumitat responsabbli biex tkun meqjusa.

2. Il-Parlament jista' jiddeċiedi, fuq proposta tal-kumitat responsabbli, ta' xi grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, li jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jieħdu sehem f'dibattitu qabel ma jibdew in-negozjati ma' l-Istat applikant.

3. Matul in-negozjati l-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jgħarrfu lill-kumitat responsabbli regolarment u bis-sħiħ dwar il-progress fin-negozjati u, jekk ikun meħtieġ, dan it-tagħrif għandu jingħata b'mod kunfidenzjali.

4. Fi kwalunkwe stadju tan-negozjati, l-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, jadotta rakkomandazzjonijiet u jitlob li dawn jitqiesu qabel jiġi konkluż xi trattat għall-adeżjoni ta' Stat applikant fl-Unjoni Ewropea.

5. Meta jitlestew in-negozjati, imma qabel ma jiġi ffirmat kwalunkwe ftehim, l-abbozz tal-ftehim għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 99.

**Artikolu 82**

**Irtirar mill-Unjoni**

Jekk Stat Membru jiddeċiedi, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jirtira mill-Unjoni, il-kwistjoni għandha tkun riferuta lill-kumitat responsabbli. L-Artikolu 81 għandu japplika mutatis mutandis. Il-Parlament għandu jiddeċiedi dwar l-approvazzjoni ta' ftehima dwar l-irtirar b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.

**Artikolu 83**

**Ksur ta' prinċipji fondamentali minn Stat Membru**

1. Il-Parlament jista’, fuq il-bażi ta’ rapport speċifiku tal-kumitat responsabbli mfassal skont l-Artikoli 45 u 52:

(a) jivvota fuq proposta motivata li titlob lill-Kunsill biex jaġixxi skond l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

(b) jivvota fuq proposta li titlob lill-Kummissjoni jew lill-Istati Membri sabiex iressqu proposta skond l-Artikolu 7(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

(c) jivvota fuq proposta li titlob lill-Kunsill sabiex jaġixxi skond l-Artikolu 7(3) jew, sussegwentement, skond l-Artikolu 7(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

2. Kull talba mill-Kunsill għal approvazzjoni ta' proposta ppreżentata skont l-Artikolu 7(1) u (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea flimkien mal-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat għandhom jitħabbru lill-Parlament u jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 99. Ħlief fil-każ ta' ċirkustanzi urġenti u ġustifikati, il-Parlament għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu fuq proposta mill-Kumitat responsabbli.

3. Deċiżjonijiet skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu jeħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, li tkun tikkostitwixxi l-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament.

4. Il-kumitat responsabbli jista’ jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni, bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza ta' Presidenti. Dik il-mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha turi l-fehmiet tal-Parlament dwar xi ksur serju minn xi Stat Membru, dwar is-sanzjonijiet xierqa u dwar kif dawk is-sanzjonijiet jiġu mibdula jew revokati.

5. Il-kumitat responsabbli għandu jiżgura li l-Parlament ikun infurmat b'mod sħiħ u, fejn ikun meħtieġ, li jintalab jagħti l-fehmiet tiegħu dwar il-miżuri li jsegwu l-approvazzjoni tiegħu mogħtija skont il-paragrafu 3. Il-Kunsill għandu jkun mistieden sabiex jispjega l-iżviluppi skont kif ikun xieraq. Fuq proposta mill-kumitat responsabbli, mħejjija bl-awtorizzazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament jista' jadotta rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill.

**Artikolu 84**

**Kompożizzjoni tal-Parlament**

F'ħin xieraq qabel it-tmiem ta’ leġislatura, il-Parlament jista’, fuq il-bażi ta’ rapport imfassal mill-kumitat responsabbli tiegħu skont l-Artikolu 45, jagħmel proposta biex tinbidel il-kompożizzjoni tiegħu. L-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament għandu jkun eżaminat skont l-Artikolu 99.

**Artikolu 85**

**Kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri**

1. Talbiet għall-introduzzjoni ta' koperazzjoni msaħħa bejn Stati Membri skont l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea għandhom jitressqu mill-President quddiem il-Kumitat responsabbli biex jitqiesu. L-Artikoli 39, 41, 43, 47, 57 sa 63 u 99 għandhom japplikaw kif jixraq.

2. Il-kumitat responsabbli għandu jivverifika l-konformità mal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mal-Artikoli 326 sa 334 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. Atti sussegwenti proposti taħt reġim ta' koperazzjoni msaħħa, malli dan ikun stabbilit, għandhom ikunu trattati mill-Parlament skond l-istess proċeduri bħal meta l-koperazzjoni msaħħa ma tkunx tapplika. Għandu japplika l-Artikolu 47.

## KAPITOLU 8

## PROĊEDURI TAL-BAĠIT

**Artikolu 86**

**Il-Qafas finanzjarju plurijennali**

Fejn il-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament għall-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju plurijennali, il-kwistjoni għandha tkun riferuta lill-kumitat responsabbli skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 99. L-approvazzjoni tal-Parlament għandha tkun teħtieġ il-voti tal-maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu.

**Artikolu 87**

**Dokumenti ta' ħidma**

1. Id-dokumenti li ġejjin għandhom ikunu disponibbli għall-Membri:

(a) l-abbozz tal-baġit ippreżentat mill-Kummissjoni;

(b) ġabra fil-qosor mill-Kunsill tad-deliberazzjonijiet tiegħu dwar l-abbozz tal-baġit;

(c) il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit imfassal skont l-Artikolu 314(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(d) kull abbozz ta' deċiżjoni dwar il-qsim proviżorju fi tnax-il parti skont l-Artikolu 315 tat-Trattat dwar l-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Dawk id-dokumenti għandhom ikunu rreferuti lill-kumitat responsabbli. Kull kumitat ikkonċernat jista' jagħti opinjoni.

3. Jekk kumitati oħra jkunu jixtiequ jagħtu opinjoni, il-President għandu jistabbilixxi żmien sa meta dawn l-opinjonijiet għandhom jiġu kkomunikati lill-kumitat responsabbli.

**Artikolu 88**

**Kunsiderazzjoni tal-abbozz tal-baġit - l-ewwel fażi**

1. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt, kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda u jitkellem favur abbozzi ta' emendi għall-abbozz tal-baġit.

2. L-abbozzi ta' emendi għandhom ikunu ammissibbli biss jekk jiġu ppreżentati bil-miktub, ikunu ffirmati minn mhux inqas minn erbgħin Membru jew jitqiegħdu fuq il-Mejda f'isem grupp politiku jew kumitat, ikunu jindikaw it-titolu tal-baġit li għalih jirreferu u jkunu jiżguraw li jinżamm bilanċ bejn id-dħul u l-infiq. L-abbozzi ta' emendi għandhom jinkludu t-tgħrif rilevanti kollu dwar ir-rimarki li għandhom jitniżżlu ħdejn it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

L-abbozzi ta' emendi kollha għall-abbozz tal-baġit għandhom ikunu ġustifikati bil-miktub.

3. Il-President għandu jiffissa l-limitu ta' żmien għat-tqegħid fuq il-Mejda ta' abbozzi ta' emendi.

4. Il-kumitat responsabbli għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar it-testi ppreżentati qabel ma jiġu diskussi fil-Parlament.

M'għandux jittieħed vot fil-Parlament fuq abbozzi ta' emendi li jiġu miċħuda mill-kumitat responsabbli ħlief jekk issir talba bil-miktub għal dan minn kumitat jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru, qabel ma jiskadi ż-żmien iffissat mill-President; din l-iskadenza m'għandha fl-ebda każ tkun ta' anqas minn 24 siegħa qabel ma tibda l-votazzjoni.

5. L-abbozzi ta' emendi għall-estimi tal-Parlament li jkunu simili għal dawk li jkunu diġà ġew miċħuda mill-Parlament fiż-żmien meta tfasslu l-estimi għandhom jiġu diskussi biss fil-każ fejn il-kumitat responsabbli ikun ta opinjoni favorevoli.

6. Minkejja l-Artikolu 59(2), il-Parlament għandu jieħu votazzjonijiet separati u suċċessivi fuq:

– kull abbozz ta' emenda,

– kull taqsima tal-abbozz tal-baġit,

– mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar l-abbozz tal-baġit.

Madankollu, għandu japplika l-Artikolu 174(4) sa (8).

7. L-artikoli, il-kapitoli, it-titoli u t-taqsimiet tal-abbozz tal-baġit li dwarhom ma tqiegħdu fuq il-Mejda l-ebda abbozzi ta' emendi għandhom jitqiesu bħala li ġew adottati.

8. Sabiex jiġu adottati, l-abbozzi ta' emendi għandhom jiksbu l-maġġoranza tal-voti tal-Membri kollha tal-Parlament.

9. Jekk il-Parlament ikun emenda l-abbozz tal-baġit, l-abbozz tal-baġit kif emendat għandu jiġi mgħoddi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, flimkien mal-ġustifikazzjonijiet.

10. Il-minuti tas-seduta li fiha l-Parlament ikun ta l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz tal-baġit għandhom jiġu mgħoddija lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Artikolu 89**

**Trialogu Finanzjarju**

Il-President għandu jieħu sehem f'laqgħat regolari bejn il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jissejħu, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, taħt il-proċeduri tal-baġit imsemmija fit-Titolu II tas-Sitt Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-President għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jippromwovi konsultazzjoni u rikonċiljazzjoni tal-posizzjonijiet tal-istituzzjonijiet sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-proċeduri fuq msemmija.

Il-President tal-Parlament jista’ jiddelega dan id-dover lil xi Viċi President li jkollu esperjenza fi kwistjonijiet baġitarji jew lill-President tal-kumitat responsabbli għal kwistjonijiet baġitarji.

**Artikolu 90**

**Konċiljazzjoni baġitarja**

1. Il-President għandu jlaqqa’ l-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni skont l-Artikolu 314(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Id-delegazzjoni li tirrappreżenta l-Parlament f’laqgħat tal-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni fil-proċedura tal-baġit għandha tikkonsisti minn numru ta’ membri indaqs bħal dak tad-delegazzjoni tal-Kunsill.

3. Il-membri tad-delegazzjoni għandhom ikunu maħtura mill-gruppi politiċi kull sena qabel il-votazzjoni tal-Parlament dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill, preferibilment minn fost il-membri tal-kumitat responsabbli għal kwistjonijiet baġitarji u kumitati oħrajn ikkonċernati. Id-delegazzjoni għandha titmexxa mill-President tal-Parlament. Il-President jista’ jiddelega dan l-irwol lil xi Viċi President li jkollu esperjenza fi kwistjonijiet baġitarji jew lill-President tal-kumitat responsabbli għal kwistjonijiet baġitarji.

4. Għandu japplika l-Artikolu 71(2), (4), (5), (7) u (8).

5. Fejn jintlaħaq ftehim dwar test konġunt fi ħdan il-Kumitat ta’ Konċiljazzjoni, il-kwistjoni għandha titpoġġa fuq l-aġenda ta’ seduta tal-Parlament li issir fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data ta’ dak il-ftehim. It-test konġunt għandu jkun disponibbli għall-Membri kollha. Għandu japplika l-Artikolu 72(2) u (3).

6. Għandha tittieħed votazzjoni waħdanija fuq it-test konġunt sħiħ. Il-votazzjoni għandha tittieħed b'sejħa tal-ismijiet. It-test konġunt għandu jitqies li huwa approvat ħlief jekk jiġi miċħud mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament.

7. Jekk il-Parlament japprova t-test konġunt filwaqt li l-Kunsill jiċħdu, il-kumitat responsabbli jista’ jqiegħed fuq il-Mejda l-emendi kollha jew uħud minnhom tal-Parlament għall-pożizzjoni tal-Kunsill għal konferma skont il-punt (d) tal-Artikolu 314(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-votazzjoni fuq il-konferma għandha titqiegħed fuq l-aġenda ta' seduta tal-Parlament li ssir fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data tal-komunikazzjoni mill-Kunsill taċ-ċaħda tat-test konġunt.

L-emendi għandhom jitqiesu li ġew ikkonfermati jekk ikunu approvati minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament u minn tlieta minn kull ħamsa tal-voti mitfugħa.

**Artikolu 91**

**Adozzjoni definittiva tal-baġit**

Fejn il-President ikun sodisfatt li l-baġit ġie adottat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa għandu jiddikjara fil-Parlament li l-baġit kien adottat b'mod definittiv. Huwa għandu jagħmel l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Artikolu 92**

**Is-sistema tal-qsim proviżorju fi tnax-il parti**

1. Kull deċiżjoni mill-Kunsill li tawtorizza nefqa li tisboq parti waħda minn tnax mill-qsim proviżorju fi tnax-il parti għall-infiq għandha tkun riferuta lill-kumitat responsabbli.

2. Il-kumitat responsabbli jista' jressaq abbozz ta' deċiżjoni biex inaqqas in-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Il-Parlament għandu jiddeċiedi dwarha fi żmien 30 jum wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill.

3. Il-Parlament għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu.

**Artikolu 93**

**Kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġits**

Id-dipożizzjonijiet dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-għoti ta' kwittanza lill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament Finanzjarju huma mehmuża ma' dawn ir-Regoli bħala anness[11]. Dan l-anness għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 227(2).

**Artikolu 94**

**Proċeduri oħra ta' kwittanza**

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' għoti ta' kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għandhom japplikaw bl-istess mod għall-proċedura ta' għoti ta' kwittanza:

– lill-President tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew;

– lill-persuni responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġits ta' istituzzjoniijiet u organi oħra ta' l-Unjoni Ewropea bħal ma huma l-Kunsill (f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-attivitajiet tiegħu bħala eżekuttiv), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni;

– lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp;

[11] Ara l-Anness V.

– lill-organi responsabbli mill-eżekuzzjoni tal-baġit ta' entitajiet li huma legalment indipendenti u li jwettqu dmirijiet tal-Unjoni, sa fejn l-attivitajiet tagħhom ikunu suġġetti għal dispożizzjonijiet legali li jeħtieġu kwittanza mill-Parlament Ewropew.

**Artikolu 95**

**Kontroll tal-Parlament fuq l-implimentazzjoni tal-baġit**

1. Il-Parlament għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena kurrenti. Dan id-dover għandu jingħata lill-kumitat responsabbli mill-kontroll tal-baġit u lill-kumitati l-oħra li jkunu kkonċernati.

2. Kull sena, qabel l-ewwel qari ta' l-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja ta' wara, il-Parlament għandu jikkonsidra l-problemi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tal-baġit kurrenti, jekk ikun il-każ fuq il-bażi ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli.

## KAPITOLU 9

## PROĊEDURI INTERNI TAL-BAĠIT

**Artikolu 96**

**Estimi tal-Parlament**

1. Il-Bureau għandu jħejji abbozz preliminari ta' l-estimi fuq il-bażi ta' rapport ippreparat mis-Segretarju Ġenerali.

2. Il-President għandu jgħaddi l-abbozz preliminari ta' estimi lill-kumitat responsabbli li għandu jħejji l-abbozz ta' l-estimi u jgħaddih lill-Parlament.

3. Il-President għandu jistabbilixxi żmien sa meta jistgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda emendi għall-abbozz ta' l-estimi.

Il-kumitat responsabbli għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar dawn l-emendi.

4. Il-Parlament għandu jadotta l-estimi.

5. Il-President għandu jgħaddi l-estimi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

6. Id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom japplikaw ukoll għal estimi għal baġits ta' emenda.

**Artikolu 97**

**Proċedura li għandha tapplika fit-tfassil tal-estimi tal-Parlament**

1. Għall-baġit tal-Parlament, il-Bureau u l-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet dwar il-baġit għandhom jieħdu deċiżjonijiet fi stadji suċċessivi dwar:

(a) l-organigramma;

(b) l-abbozz preliminari u l-abbozzi ta' l-estimi.

2. Id-deċiżjonijiet dwar l-organigramma jittieħdu skont il-proċedura li ġejja:

(a) il-Bureau għandu jfassal l-organigramma għal kull sena finanzjarja;

(b) għandha tinbeda proċedura ta' konċiljazzjoni bejn il-Bureau u l-kumitat responsabbli għall-baġit f'każ li l-kumitat responsabbli għall-baġit ma jaqbilx mad-deċiżjonijiet inizjali meħuda mill-Bureau;

(c) fit-tmiem tal-proċedura, il-Bureau għandu jieħu d-deċiżjoni aħħarija dwar l-estimi għall-organigramma, skont l-Artikolu 222(3), mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda skond l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. Għall-estimi nfushom, il-proċedura għat-tfassil tal-estimi tinbeda malli l-Bureau jieħu deċiżjoni aħħarija dwar l-organigramma. L-istadji ta' dik il-proċedura għandhom ikunu dawk stipulati fl-Artikolu 96. Għandha tinbeda proċedura ta' konċiljazzjoni f'każ li l-pożizzjonijiet tal-kumitat responsabbli għall-baġit u tal-Bureau jkunu differenti ħafna.

**Artikolu 98**

**Setgħa biex jagħmel u jħallas spejjeż**

1. Wara li jiġi kkonsultat il-kumitat kompetenti, il-President għandu jagħmel u jħallas, jew iġiegħel li jsiru u jitħallsu, l-ispejjeż koperti mir-regoli finanzjarji interni maħruġa mill-Bureau.

2. Il-President għandu jgħaddi l-abbozz tal-kontijiet annwali lill-kumitat responsabbli.

3. Fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, il-Parlament għandu japprova l-kontijiet tiegħu u jiddeċiedi dwar l-għoti ta' kwittanza.

## KAPITOLU 10

## PROĊEDURA TA' APPROVAZZJONI

**Artikolu 99**

**Proċedura ta' approvazzjoni**

1. Meta l-Parlament jintalab jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal att propost, għandu, meta jadotta d-deċiżjoni tiegħu, iqis ir-rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli li japprova jew jiċħad l-att. Ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi kunsiderazzjonijiet, iżda m'għandhiex tinkludi premessi. Tista' tinkludi ġustifikazzjoni qasira, li għandha taqa' taħt ir-responsabbiltà tar-rapporteur u li m'għandux jittieħed vot dwarha. L-Artikolu 56(1) għandu japplika mutatis mutandis. Emendi mressqa fil-kumitat għandhom ikunu ammissibbli biss jekk ikollhom l-għan li jaqilbu s-sens tar-rakkomandazzjoni kif proposta mir-rapporteur**.**

Il-kumitat responsabbli jista' jressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva. Kumitati oħra jistgħu jkunu involuti fit-tfassil tar-riżoluzzjoni bi qbil mal-Artikolu 201(3) flimkien mal-Artikoli 53, 54 jew 55.

Il-Parlament għandu jiddeċiedi dwar l-att li jkun jeħtieġ l-approvazzjoni tiegħu skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea permezz ta' votazzjoni waħda dwar l-approvazzjoni, irrispettivament minn jekk ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli tkunx li l-att propost jiġi approvat jew miċħud, u ebda emenda ma tista' titqiegħed fuq il-mejda. Il-maġġoranza meħtieġa għall-adozzjoni tal-approvazzjoni għandha tkun il-maġġoranza stipulata fl-Artikolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li joħloq il-bażi legali għall-att propost jew, jekk fih ma tkun indikata l-ebda maġġoranza, il-maġġoranza tal-voti mitfugħa. Jekk il-maġġoranza meħtieġa ma tintlaħaqx, l-att propost għandu jitqies li jkun ġie miċħud.

2. Barra minn hekk, fil-każ ta’ ftehimiet internazzjonali, trattati ta’ adeżjoni, id-determinazzjoni ta’ ksur serju u persistenti ta' prinċipji fundamentali minn Stat Membru, l-istabbiliment tal-kompożizzjoni tal-Parlament, l-istabbiliment ta’ kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri jew l-adozzjoni ta’ qafas finanzjarju pluriennali, għandhom japplikaw l-Artikoli 108, 81, 83, 84, 85 u 86 rispettivament.

3. Meta l-approvazzjoni tal-Parlament tkun meħtieġa għal xi proposta għal att leġislattiv propost jew xi ftehim internazzjonali previst, il-kumitat responsabbli jista', sabiex jiffaċilita r-riżultat pożittiv tal-proċedura, jiddeċiedi li jippreżenta rapport interim dwar il-proposta lill-Parlament b'mozzjoni għal riżoluzzjoni li jkun fiha rakkomandazzjonijiet għall-modifika jew għall-implimentazzjoni tal-att leġislattiv propost jew tal-ftehim internazzjonali previst.

4. Il-kumitat responsabbli għandu jindirizza t-talba għall-approvazzjoni mingħajr dewmien żejjed. Jekk il-kumitat responsabbli jiddeċiedi li ma jagħtix rakkomandazzjoni, jew ma jkunx adotta rakkomandazzjoni fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun ġiet riferita lilu t-talba għall-approvazzjoni, il-Konferenza tal-Presidenti tista' jew tpoġġi l-kwistjoni fuq l-Aġenda għall-kunsiderazzjoni ta' sessjoni parzjali sussegwenti jew inkella, f'każijiet debitament sostanzjati, tiddeċiedi li testendi l-perjodu ta' sitt xhur.

Meta l-approvazzjoni tal-Parlament hija meħtieġa għal ftehima internazzjonali prevista, il-Parlament jista' jiddeċiedi, fid-dawl ta' rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli, li jissospendi l-proċedura ta' approvazzjoni għal żmien mhux itwal minn sena.

## KAPITOLU 11

## PROĊEDURI OĦRA

### Artikolu 100

### Proċedura għall-għoti ta' opinjonijiet skond l-Artikolu 140 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. Meta l-Parlament ikun ikkonsultat dwar rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skond l-Artikolu 140(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu, wara li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu ppreżentati fis-seduta plenarja mill-Kunsill, jiddelibera fuq il-bażi ta' proposta ppreżentata oralment jew bil-miktub mill-kumitat responsabbli u li tipproponi l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tar-rakkomandazzjonijiet li dwarhom il-Parlament ikun ġie kkonsultat.

2. Il-Parlament għandu mbagħad jieħu vot wieħed kollettiv fuq ir-rakkomandazzjonijiet li għalihom ma jistgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda l-ebda emendi.

### Artikolu 101

### Proċeduri dwar id-djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema

1. Kull dokument imħejji mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew kull ftehim milħuq bejn min imexxi u l-ħaddiema skond l-Artikolu 155(1) tat-Trattat, u kwalunkwe proposti ppreżentati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 155(2) tat-Trattat, għandhom jitressqu quddiem il-President u l-kumitat responsabbli biex ikunu kkunsidrati.

2. Meta min imexxi u l-ħaddiema jgħarrfu lill-Kummissjoni bix-xewqa tagħhom li jibdew il-proċess kif stipulat fl-Artikolu 155 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-kumitat responsabbli jista' jħejji rapport dwar il-mertu tal-kwistjoni.

3. Meta min imexxi u l-ħaddiema jkunu laħqu ftehim u flimkien jitolbu li l-ftehim ikun implimentat b'deċiżjoni tal-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 155(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-kumitat responsabbli għandu jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li tirrakkomanda l-adozzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba.

**Artikolu 102**

**Proċeduri għall-iskrutinju ta' ftehimiet volontarji**

1. Meta l-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament bil-ħsieb tagħha li tesplora l-użu ta' ftehimiet volontarji bħala alternattiva għal leġislazzjoni, il-kumitat responsabbli jista' jħejji rapport dwar il-mertu tal-kwistjoni skond l-Artikolu 52.

2. Meta l-Kummissjoni tħabbar li biħsiebha tidħol fi ftehima volontarja, il-kumitat responsabbli jista' jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li tirrakkomanda l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tal-proposta, u taħt liema kundizzjonijiet.

**Artikolu 103**

**Kodifikazzjoni**

1. Meta proposta għall-kodifikazzjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni tiġi ppreżentata lill-Parlament, din għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali. Dan il-Kumitat għandu jeżaminaha skond l-arranġamenti milħuqa fuq livell interistituzzjonali[12] sabiex jaċċerta ruħu li din tkun sempliċiment kodifikazzjoni mingħajr tibdil sostanzjali.

2. Il-Kumitat li kien responsabbli għall-atti li kellhom jiġu kkodifikati jistà, fuq talba tiegħu stess jew tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali, jintalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar kemm hi mixtieqa l-kodifikazzjoni.

3. L-emendi għat-test tal-proposta mhumiex ammissibbli.

Madankollu, fuq talba tar-rapporteur, il-president tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jistà jippreżenta, għall-approvazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, emendi relatati ma' l-adattamenti tekniċi, kemm-il darba dawk l-adattamenti jkunu meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-proposta hija konformi mar-regoli dwar il-kodifikazzjoni u ma jinvolvux tibdil sostanzjali tal-proposta.

4. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jikkonkludi li l-proposta ma tinvolvix tibdil sostanzjali għall-leġislazzjoni tal-Unjoni, huwa għandu jirreferiha lill-Parlament għall-approvazzjoni tiegħu.

Jekk il-kumitat huwa tal-fehma li l-proposta tinkludi tibdil sostanzjali, huwa għandu jipproponi lill-Parlament iċ-ċaħda tal-proposta.

Fiż-żewġ każi, il-Parlament għandu jiddeċiedi permezz ta' vot wieħed, mingħajr emendi jew dibattitu.

**Artikolu 104**

**Tfassil mill-ġdid**

1. Meta proposta għat-tfassil mill-ġdid ta' leġislazzjoni tal-Unjoni tiġi preżentata lill-Parlament, għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali u l-kumitat responsabbli mis-suġġett.

---

[12]Ftehima interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994, Metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi, punt 4 (ĠU C 102, 4.4.1996, p.2).

2. Il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali għandu jeżaminaha skond l-arranġamenti milħuqa fuq livell interistituzzjonali[13] bil-għan li jkun żgurat li l-proposta ma tinvolvix tibdiliet sostanzjali minbarra dawk identifikati bħala tali fil-proposta.

Għall-iskop ta' dan l-eżami, l-emendi għat-test tal-proposta mhumiex ammissibbli. Madankollu, l-Artikolu 103(3), it-tieni subparagrafu għandu japplika għal dispożizzjonijiet li ma nbidlux fil-proposta għal tfassil mill-ġdid.

3. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta ma tinkludi l-ebda bidla sostanzjali ħlief għal dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli b'dan.

F'dan il-każ, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 169 u 170, l-emendi għandhom ikunu ammissibbli mill-kumitat responsabbli mis-suġġett jekk jikkonċernaw dawk il-partijiet tal-proposta li jinkludu tibdiliet sostanzjali.

Madankollu, jekk f’konformità mal-punt 8 tal-Ftehima Interistituzzjonali l-kumitat responsabbli jkollu l-ħsieb ukoll li jippreżenta emendi għall-partijiet kodifikati tal-proposta, huwa għandu jinnotifika minnufih il-ħsieb tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u din tal-aħħar għandha tgħarraf lill-kumitat, qabel il-vot skont l-Artikolu 58, bil-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-emendi kif ukoll dwar jekk għandhiex il-ħsieb li tirtira l-proposta ta' tfassil mill-ġdid.

4. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jqis li l-proposta tinkludi bidliet sostanzjali minbarra dawk il-bidliet identifikati bħala tali fil-proposta, huwa għandu jipproponi li l-Parlament jiċħad il-proposta u għandu jgħarraf lill-kumitat responsabbli mis-suġġett b'dan.

F'dan il-każ, il-President għandu jsejjaħ lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha. Jekk il-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha, il-President għandu jinnota li l-proċedura tilfet l-iskop tagħha u għandu jgħarraf lill-Kunsill. Jekk il-Kummissjoni ma tirtirax il-proposta tagħha, il-Parlament għandu jerġà jibgħatha lill-kumitat responsabbli mis-suġġett, sabiex jeżaminaha skond il-proċedura normali.

**Artikolu 105**

**Atti delegati**

1. Meta l-Kummissjoni tibgħat att delegat lill-Parlament, il-President għandu jgħaddih lill-kumitat responsabbli għall-att leġiżlattiv ta' bażi, li jista' jiddeċiedi li jaħtar rapporteur għall-analiżi ta’ att delegat wieħed jew iktar.

2. Il-President għandu jħabbar lill-Parlament id-data meta l-att delegat ikun wasal fil-lingwi uffiċjali kollha u l-perjodu li matulu jistgħu jitqajmu oġġezzjonijiet. Dan il-perjodu għandu jibda minn din id-data.

It-tħabbira għandha tiġi ppubblikata fil-minuti tas-seduta, flimkien mal-isem tal-kumitat responsabbli.

3. Il-kumitat responsabbli jista’, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att leġiżlattiv ta' bażi u, jekk iqis li jkun xieraq, wara li jkun ikkonsulta lil kull kumitat konċernat, iressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni motivata lill-Parlament. Dik il-mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet tal-Parlament għall-oġġezzjonijiet u jista’ jkun fiha talba lill-Kummissjoni biex jiġi ppreżentat att delegat ġdid li jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament.

---

[13]Ftehima interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' tfassil mill-ġdid ta' l-atti legali, punt 9 (ĠU C 77, 28.3.2002, p.1).

4. Jekk għaxart ijiem tax-xogħol qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali li matulha l-jum tal-Erbgħa jaħbat qabel u l-eqreb għall-jum tal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 5, il-kumitat responsabbli ma jkunx ressaq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin membru jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar il-kwistjoni biex tiddaħħal fl-aġenda tas-sessjoni parzjali hawn fuq imsemmija.

5. Il-Parlament għandu jiddeċiedi, fiż-żmien stipulat fl-att leġiżlattiv ta' bażi, dwar kull mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa, bil-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Meta l-kumitat responsabbli jqis li hu xieraq li jestendi, skont l-att leġiżlattiv ta' bażi, l-iskadenza għat-tressiq ta' oġġezzjonijiet għall-att delegat, il-President tal-kumitat kompetenti għandu jinnotifika, f'isem il-Parlament, din l-estensjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

6. Jekk il-kumitat responsabbli jirrakkomanda li, qabel l-iskadenza stipulata fl-att leġiżlattiv ta' bażi, il-Parlament jiddikjara li mhux se joġġezzjona għall-att delegat:

– huwa għandu jgħarraf lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati permezz ta’ ittra li tistipula r-raġunijiet tiegħu u jressaq rakkomandazzjoni dwar dan;

– jekk ma titressaq l-ebda oġġezzjoni fil-laqgħa li jkun imiss tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew f’każ ta’ urġenzail-president tal-kumitat għandu javża, permezz ta’ proċedura bil-miktub, lill-President tal-Parlament, li għandu jgħarraf lill-plenarja mill-iktar fis possibbli;

– jekk, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa wara t-tħabbir fil-plenarja, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru joġġezzjonaw għar-rakkomandazzjoni, din tal-aħħar għandha titqiegħed għall-votazzjoni;

– jekk fl-istess perjodu, ma ssir l-ebda oġġezzjoni, ir-rakkomandazzjoni proposta għandha titqies bħala approvata;

– l-adozzjoni ta’ tali rakkomandazzjoni għandha twassal biex kwalunkwe proposta ta’ oġġezzjoni sussegwenti għall-att delegat tkun inammissibbli.

7. Il-kumitat responsabbli jista’, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att leġiżlattiv ta' bażi, jieħu l-inizjattiva li jressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni motivata lill-Parlament biex tiġi revokata, kollha kemm hi jew parzjalment, id-delega tas-setgħat stipulati għal dan l-att. Il-Parlament għandu jaġixxi skont il-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

8. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-pożizzjonijiet meħuda skont dan l-Artikolu.

**Artikolu 106**

**Atti u miżuri ta' implimentazzjoni**

1. Meta l-Kummissjoni tgħaddi abbozz ta’ att jew miżura ta’ implimentazzjoni lill-Parlament, il-President għandu jibagħtu lill-kumitat responsabbli għall-att leġiżlattiv ta' bażi, liema kumitat jista’ jiddeċiedi li jaħtar rapporteur għall-analiżi ta’ abbozz wieħed jew iżjed ta’ atti jew miżuri ta’ implimentazzjoni.

2. Il-kumitat responsabbli jista’ jippreżenta mozzjoni għal riżoluzzjoni motivata lill-Parlament li tindika li abbozz ta’ att jew ta’ miżura ta’ implimentazzjoni jaqbeż il-kompetenzi

ta’ implimentazzjoni stipulati fl-att leġiżlattiv ta' bażi jew mhux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal raġunijiet oħra.

3. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni tista’ tinkludi talba lill-Kummissjoni biex tirtira l-att, il-miżura jew l-abbozz ta' att jew ta’ miżura, biex temendah filwaqt li jitqiesu l-oġġezzjonijiet formulati mill-Parlament jew biex titressaq proposta leġiżlattiva ġdida. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill u l-Kummissjoni bil-pożizzjoni li tittieħed.

4. Jekk il-miżuri ta' implimentazzjoni previsti mill-Kummissjoni jaqgħu taħt il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fid-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kumplimentari li ġejjin:

(a) iż-żmien ta’ l-iskrutinju għandu jibda jgħodd meta l-abbozz ta’ miżuri jkun ġie mressaq lill-Parlament bil-lingwi uffiċjali kollha. Fejn japplikaw limiti ta’ żmien ta' skrutinju applikati kif previst fl-Artikolu 5a(5)(b) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE u f’każijiet ta’ urġenza stipulati fl-Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-perjodu taż-żmien għall-iskrutinju għandu jibda jgħodd mid-data meta l-Parlament jirċievi l-abbozz aħħari tal-miżuri ta’ implimentazzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi ppreżentati lill-membri tal-kumitat stabbilit skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE, ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni mill-president tal-kumitat responsabbli. L-Artikolu 158 m'għandux japplika f'dan il-każ;

(b) jekk l-abbozz ta' miżura ta’ implimentazzjoni jkun ibbażat fuq il-paragrafu 5 jew 6 tal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, li jistipula limiti ta' żmien imqassra għal oppożizzjoni mill-Parlament, tista' titqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li topponi l-adozzjoni tal-abbozz ta’ miżura mill-president tal-kumitat responsabbli jekk dak il-kumitat ma jkunx seta' jiltaqa' fiż-żmien disponibbli;

(c) il-Parlament, billi jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu, jista’ jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta’ miżura ta’ implimentazzjoni billi jindika li l-abbozz jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni pprovduti fl-att ta' bażi, li mhux kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-att ta' bażi jew li ma jirrispettax il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew proporzjonalità;

(d) fil-każ li l-kumitat responsabbli, wara talba motivata kif xieraq mill-Kummissjoni, jirrakkomanda permezz ta’ ittra motivata lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati li l-Parlament jiddikjara li ma jopponix il-miżura proposta, qabel l-iskadenza taż-żmien normali stipulat fl-Artikolu 5a(3)(c) u/jew l-Artikolu 5a(4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 105(6), ta' dan l-Artikolu.

**Artikolu 107**

**Eżami tal-proċedura ta' kumitati assoċjati jew ta' laqgħat konġunti ta' kumitati**

1. Jekk l-att leġiżlattiv ta' bażi jkun ġie adottat mill-Parlament permezz tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 54, id-dispożizzjonijiet kumplimentarji li ġejjin għandhom japplikaw għall-eżami ta’ atti delegati u abbozzi ta’ atti jew ta’ miżuri ta' implimentazzjoni:

– l-att delegat jew l-abbozz ta’ att jew ta’ miżura ta’ implimentazzjoni għandu jintbagħat lill-kumitat responsabbli u lill-kumitat assoċjat;

– il-president tal-kumitat responsabbli jistabbilixxi t-tul ta’ żmien li fih il-kumitat assoċjat jista’ jifformula proposti relatati mal-punti li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tiegħu jew il-kompetenza konġunta ta’ dawn iż-żewġ kumitati;

– jekk l-att delegat jew l-abbozz ta’ att jew ta’ miżura ta’ implimentazzjoni jaqgħu essenzjalment taħt il-kompetenzi esklużivi tal-kumitat assoċjat, id-dispożizzjonijiet tagħhom għandhom jiddaħħlu mingħajr votazzjoni mill-kumitat responsabbli; jekk dan ma jsirx, il-President jista’ jawtorizza lill-kumitat assoċjat iressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni lill-Parlament.

2. Jekk l-att leġiżlattiv bażiku ikun ġie adottat mill-Parlament permezz tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 55, id-dispożizzjonijiet kumplimentarji li ġejjin għandhom japplikaw għall-eżami ta’ atti delegati u abbozzi ta’ atti jew ta’ miżuri ta' implimentazzjoni:

– il-President għandu jiddetermina, meta jasal l-att delegat jew l-abbozz ta’ att jew ta’ miżura ta’ implimentazzjoni, liema jkun il-kumitat responsabbli jew il-kumitati konġunti responsabbli għall-eżami tagħhom, billi jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 55 u kwalunkwe ftehimiet li jkunu saru bejn il-presidenti tal-kumitati kkonċernati;

– jekk att delegat jew abbozz ta’ att jew ta’ miżura ta’ implimentazzjoni jerġa’ jintbagħat għal eżami skont il-proċedura tal-laqgħat konġunti tal-kumitati, kull kumitat jista’ jitlob li tissejjaħ laqgħa konġunta għall-eżami ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni. Jekk il-presidenti tal-kumitati kkonċernati ma jirnexxilhomx jilħqu qbil, il-laqgħa konġunta għandha tissejjaħ mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati.

TITOLU III

RELAZZJONIJIET BARRANIN

KAPITOLU 1

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**Artikolu 108**

**Ftehimiet internazzjonali**

1. Meta jkun hemm il-ħsieb li jinfetħu negozjati dwar il-konklużjoni, it-tiġdid jew l-emendar ta' ftehima internazzjonali, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jfassal rapport jew b'xi mod ieħor jissorvelja l-proċedura u jinforma lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati b'dik id-deċiżjoni. Fejn ikun xieraq, kumitati oħrajn jistgħu jintalbu għal opinjoni skont l-Artikolu 53(1). L-Artikoli 201(2), 54 jew 55 għandhom japplikaw fejn ikun xieraq.

Il-presidenti u r-rapporteurs tal-kumitat responsabbli u ta' kwalunkwe kumitati assoċjati, għandhom, b'mod konġunt, jieħdu azzjoni xierqa biex jiġi żgurat li l-Parlament jingħata tagħrif immedjat, regolari u sħiħ, jekk ikun meħtieġ b'mod kunfidenzjali, fl-istadji kollha tan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, inklużi l-abbozz u t-test adottat b'mod aħħari ta' direttivi ta' negozjar, kif ukoll it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 3.

- mill-Kummissjoni skont l-obbligi tagħha taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-impenji tagħha skont il-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, u
- mill-Kunsill skont l-obbligi tiegħu taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-Parlament jista', fuq proposta tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, jitlob lill-Kunsill sabiex ma jawtorizzax il-ftuħ ta' negozjati qabel ma l-Parlament ikun iddikjara l-pożizzjoni tiegħu dwar il-mandat ta' nnegozjar propost fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli.

3. Meta jkunu se jinfetħu in-negozjati, il-kumitat responsabbli għandu jikseb tagħrif mill-Kummissjoni dwar il-bażi legali magħżula għall-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 1. Il-Kumitat responsabbli għandu jivverifika il-bażi legali magħżula skont l-Artikolu 39. Meta l-Kummissjoni tonqos milli tidentifika bażi legali, jew meta jkun hemm dubji dwar il-validità ta' bażi legali, għandu japplika l-Artikolu 39.

4. Fi kwalunkwe stadju tan-negozjati, u minn tmiem in-negozjati sal-konklużjoni tal-ftehima, il-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, u wara li jqis kwalunkwe proposta rilevanti imqiegħda fuq il-Mejda skont l-Artikolu 134, jadotta rakkomandazzjonijiet u jitlob li dawn jitqiesu qabel tiġi konkluża dik il-ftehima.

5. Talbiet mill-Kunsill għal approvazzjoni jew opinjoni tal-Parlament għandhom jitressqu mill-President quddiem il-kumitat responsabbli għal konsiderazzjoni skont l-Artikolu 99 jew l-Artikolu 47(1).

6. Qabel ma ssir il-votazzjoni, il-kumitat responsabbli jew grupp politiku jew mhux inqas minn wieħed minn kull għaxar Membri, jistgħu jipproponu li l-Parlament jitlob opinjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-kompatibilità ta' ftehima internazzjonali mat-Trattati.

Jekk il-Parlament japprova proposta ta' dan it-tip, il-votazzjoni għandha tiġi ddiferita sakemm il-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha[14].

7. Il-Parlament jagħti l-opinjoni jew l-approvazzjoni tiegħu dwar il-konklużjoni, it-tiġdid jew l-emendar ta' ftehima internazzjonali jew ta' protokoll finanzjarju li jsir mill-Unjoni Ewropea f'votazzjoni waħdanija b'maġġoranza tal-voti mitfugħa. M'għandhomx ikunu ammissibbli emendi għat-test tal-ftehima jew tal-protokoll.

8. Jekk l-opinjoni adottata mill-Parlament tkun waħda negattiva, il-President għandu jitlob lill-Kunsill sabiex ma jidħolx għall-ftehima ikkonċernata.

9. Jekk il-Parlament ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu għal xi ftehima internazzjonali, il-President għandu javża lill-Kunsill li l-ftehima ikkonċernata ma tistax issir.

**Artikolu 109**

**Proċeduri bbażati fuq l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' applikazzjoni proviżorja jew is-sospensjoni ta' ftehimiet internazzjonali jew it-teħid ta' pożizzjoni tal-Unjoni f'korp imwaqqaf bi ftehima internazzjonali**

Meta l-Kummissjoni skont l-obbligi tagħha taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, tgħarraf lill-Parlament u lill-Kunsill bil-ħsieb tagħha li tipproponi l-applikazzjoni proviżorja jew is-sospensjoni ta' ftehim internazzjonali, għandha ssir stqarrija fil-Parlament u tkun segwita b'diskussjoni. Il-Parlament jista' jħejji rakkomandazzjonijiet skond l-Artikoli 108 u 113.

L-istess proċedura għandha tapplika meta l-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament bi proposta li tikkonċerna l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'korp stabbilit minn ftehim internazzjonali.

## KAPITOLU 2

## RAPPREZENTANZA BARRANIJA TA' L-UNJONI U POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

**Artikolu 110**

**Rappreżentanti speċjali**

1. Meta l-Kunsill ikollu l-ħsieb li jaħtar Rappreżentant Speċjali skond l-Artikolu 33 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-President, fuq talba tal-Kumitat responsabbli, għandu jistieden lill-Kunsill sabiex jagħmel stqarrija u jwieġeb mistoqsijiet dwar il-mandat, l-għanijiet u affarijiet oħra rilevanti li jkollhom x'jaqsmu mad-doveri u l-irwol li għandu jwettaq ir-Rappreżentant Speċjali.

2. Meta jkun inħatar ir-Rappreżentant Speċjali, imma qabel ma jieħu l-pożizzjoni tiegħu, il-persuna maħtura tista' tiġi mistiedna sabiex tidher quddiem il-kumitat responsabbli biex tagħmel stqarrija u twieġeb mistoqsijiet.

3. Fi żmien tliet xhur mis-smigħ, il-kumitat jista' jipproponi rakkomandazzjoni skond l-Artikolu 134 li jkollha x'taqsam direttament ma' l-istqarrija li tkun saret u mat-tweġibiet mogħtija.

4. Ir-Rappreżentant Speċjali għandu jiġi mistieden sabiex iżomm il-Parlament infurmat b'mod sħiħ u regolari dwar l-implimentazzjoni fil-prattika tal-mandat tiegħu.

---

[14]Ara wkoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 141.

5. Rappreżentant speċjali maħtur mill-Kunsill b'mandat li jkollu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' politika partikulari jista' jiġi mistieden mill-Parlament, jew jista' jitlob li jiġi mistieden, sabiex jagħmel stqarrija lill-kumitat responsabbli.

**Artikolu 111**

**Rappreżentanza Internazzjonali**

1. Meta jkollu jinħatar Kap ta' delegazzjoni barranija tal-Unjoni, il-persuna nominata tista' tiġi mistiedna sabiex tidher quddiem l-organu rilevanti tal-Parlament sabiex tagħmel stqarrija u twieġeb mistoqsijiet.

2. Fi żmien tliet xhur mis-smiegħ imsemmi fil-paragrafu 1, il-kumitat responsabbli jista' jadotta risoluzzjoni jew jagħmel rakkomandazzjoni, skond il-każ, liema riżoluzzjoni jew rakkomandazzjoni jkollhom x'jaqsmu direttament ma' l-istqarrija li tkun saret u mat-tweġibiet mogħtija.

**Artikolu 112**

**Konsultazzjoni mal-Parlament u għoti ta' informazzjoni lill-Parlament fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni**

1. Meta l-Parlament jiġi ikkonsultat skond l-Artikolu 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-kwistjoni għandha tinġieb quddiem il-kumitat responsabbli li jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet skond l-Artikolu 113.

2. Il-kumitati kkonċernati għandhom ifittxu li jiżguraw li l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jipprovdihom b'tagħrif regolari u f'waqtu dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni ta' l-Unjoni, dwar l-ispiża mistennija kull darba li tiġi adottata deċiżjoni li tinvolvi infiq skond dik il-politika u dwar kwalunkwe konsiderazzjonijiet finanzjarji oħra li jkollhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet skond dik il-politika. Eċċezzjonalment, fuq talba tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli, il-kumitat jista' jiddeċiedi li l-proċeduri tiegħu jsiru fil-magħluq.

3. Għandu jsir dibattitu darbtejn fis-sena fuq id-dokument konsultattiv stabbilit mill-Viċi-President/Rappreżentant Għoli dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-politika estera u ta' sigurta` komuni, inklużi l-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni u l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit ta' l-Unjoni. Il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 123 għandhom japplikaw.

*(Ara wkoll l-interpretazzjoni ta’ l-Artikolu 134)*

4. Il-Viċi President/Rappreżentant Għoli għandu jkun mistieden għal kull dibattitu f'seduta plenarja li jinvolvi politika barranija, politika ta' sigurtà jew politika ta' difiża.

**Artikolu 113**

**Rakkomandazzjonijiet fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni**

1. Il-Kumitat responsabbli mill-politika estera u ta' sigurtà komuni jista' jħejji rakkomandazzjonijet lill-Kunsill fl-oqsma li jaqgħu fi ħdan ir-responsabbiltà tiegħu wara li jkun kiseb awtorizzazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti jew fuq proposta skont l-Artikolu 134.

2. F'każi urġenti l-awtorizzazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 tista' tingħata mill-President, li jista' bl-istess mod jawtorizza laqgħa ta' emerġenza tal-kumitat konċernat.

3.	Waqt il-proċedura għall-adozzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, li għandu jittieħed vot fuqhom fil-forma ta' test bil-miktub, l-Artikolu 158 m'għandux japplika u għandhom ikunu ammissibbli emendi orali.

*In-nuqqas ta' applikabilità ta' l-Artikolu 158 huwa possibbli biss fil-kumitat u biss f'każi urġenti. Ma jistax ikun hemm eċċezzjonijiet għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 158, la f'laqgħat tal-kumitat li ma jkunux dikjarati bħala urġenti u l-anqas f'seduti plenarji.*

*Id-dispożizzjoni li tgħid li emendi orali huma ammissibbli tfisser li membri ma jistgħux joġġezzjonaw għal emendi orali li jittieħed vot fuqhom fil-kumitat.*

4.	Rakkomandazzjonijiet imħejjija b'dan il-mod għandhom ikunu inklużi fl-aġenda għas-sessjoni parzjali li jkun imiss. F'każi urġenti, li dwarhom jiddeċiedi l-President, rakkomandazzjonijiet jistgħu ikunu inklużi fl-aġenda ta' sessjoni parzjali kurrenti. Rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu li ġew adottati ħlief jekk, qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali, mhux inqas minn erbgħin Membru iressqu oġġezzjoni bil-miktub, f'liema każ ir-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat għandhom jiġu inklużi fl-aġenda ta' l-istess seduta parzjali għad-diskussjoni u l-votazzjoni. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu emendi fuq il-Mejda.

**Artikolu 114**

**Ksur tad-drittijiet tal-bniedem**

F'kull seduta parzjali, mingħajr ma jkollu bżonn ta' awtorizzazzjoni, kull wieħed mill-kumitati responsabbli jista' jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni skond l-istess proċeduri kif stipulat fl-Artikolu 113(4) dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

# TITOLU IV

# TRASPARENZA FIL-ĦIDMA

## Artikolu 115

## Trasparenza fl-attivitajiet tal-Parlament

1. Il-Parlament għandu jiżgura l-akbar trasparenza fl-attivitajiet tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. Id-dibattiti fil-Parlament għandhom ikunu pubbliċi.

3. Il-laqgħat tal-kumitati għandhom normalment ikunu pubbliċi. Il-kumitati jistgħu jiddeċiedu, madankollu, sa mhux aktar tard minn meta l-aġenda tal-laqgħa tkun adottata, li jaqsmu l-aġenda ta' dik il-laqgħa f'punti li jkunu miftuħin għall-pubbliku u punti li jkunu magħluqin għall-pubbliku. Madankollu jekk laqgħa ssir fil-magħluq, il-kumitat jistà, bla ħsara għall-Artikolu 4(1) sa (4) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jagħmel id-dokumenti u minuti tal-laqgħa aċċessibbli għall-pubbliku. L-Artikolu 166 għandu japplika f'każ ta' kwalunkwe ksur tar-regoli li jirregolaw il-kunfidenzjalità.

4. L-eżami li jsir mill-kumitat responsabbli ta' talbiet li jkollhom x'jaqsmu ma' proċeduri dwar immunità skond l-Artikolu 9 għandu dejjem isir bil-magħluq.

## Artikolu 116

## Aċċess pubbliku għal dokumenti

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni u kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jkollhom aċċess għal dokumenti tal-Parlament skont l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bla ħsara għall-prinċipji, l-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u skond id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

Aċċess għal dokumenti tal-Parlament għandu, sa fejn ikun possibbli, jingħata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra bl-istess mod.

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għandu jkun ippubblikat bħala tagħrif flimkien mar-Regoli ta' Proċedura[15].

2. Għall-għanijiet ta' aċċess għal dokumenti, l-espressjoni 'dokumenti tal-Parlament' tfisser kwalunkwe kontenut li jaqa' fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 li jkun tħejja minn jew ġie rċevut minn Uffiċjali tal-Parlament skond it-tifsira tal-Titolu I, Kapitolu 2 ta' dawn ir-Regoli, minn organi li jirregolaw il-Parlament, minn kumitati jew delegazzjonijiet interparlamentari, jew mis-Segretarjat tal-Parlament.

Jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda skond ir-Regoli ta' Proċedura, dokumenti mħejjija minn Membri individwali jew minn gruppi politiċi huma dokumenti tal-Parlament għall-għanijiet ta' aċċess għal dokumenti.

Il-Bureau għandu jagħmel regoli sabiex jiżgura li d-dokumenti kollha tal-Parlament jiġu reġistrati.

---

[15]Ara Anness XIV.

3. Il-Parlament għandu jistabbilixxi reġistru ta' dokumenti tal-Parlament. Dokumenti leġislattivi u ċerti kategoriji oħra ta' dokumenti għandhom, skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, ikunu aċċessibbli direttament mir-reġistru. Referenzi għal dokumenti oħra tal-Parlament għandhom, sa fejn ikun possibbli, ikunu inklużi fir-reġistru.

Il-kategoriji ta' dokumenti li jkunu aċċessibbli direttament għandhom ikunu stabbiliti f'lista adottata mill-Bureau u ppubblikata fuq is-sit elettoniku tal-Parlament. Din il-lista m'għandhiex tillimita d-dritt ta' aċċess għal dokumenti li ma jkunux fil-kategoriji inklużi fil-lista; dawk id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli fuq talba bil-miktub.

Il-Bureau jista' jadotta regoli, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jistabbilixxu arranġamenti għall-aċċess, liema regoli għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

4. Il-Bureau għandu jinnomina l-organi responsabbli mill-immaniġġar ta' talbiet inizjali (Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) u għandu jaddotta deċiżjonijiet dwar talbiet ta' konferma (Artikolu 8 tar-Regolament) u talbiet għal dokumenti sensittivi (Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura).

5. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tinnomina r-rappreżentanti tal-Parlament fuq il-kumitat interistituzzjonali mwaqqaf skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

6. Wieħed mill-Viċi Presidenti għandu jkun responsabbli mis-superviżjoni ta' l-immaniġġjar ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti.

7. Il-kumitat responsabbli tal-Parlament għandu, fuq il-bażi ta' tagħrif mogħti mill-Bureau u sorsi oħrajn, jipprepara r-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u jippreżentah lis-seduta plenarja.

Il-kumitat responsabbli għandu wkoll jeżamina u jevalwa r-rapporti adottati mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji l-oħra skond l-Artikolu 17 tar-Regolament.

TITOLU V

RELAZZJONIJIET MA' KORPI OĦRA

KAPITOLU 1

ĦATRIET

**Artikolu 117**

**Elezzjoni tal-President tal-Kummissjoni**

1. Meta l-Kunsill Ewropew jipproponi kandidat għal President tal-Kummissjoni, il-President għandu jitlob lill-kandidat biex jagħmel stqarrija u jippreżenta l-linji gwida politiċi tiegħu lill-Parlament. L-istqarrija għandha tkun segwita minn dibattitu.

Il-Kunsill Ewropew għandu jkun mistieden jieħu sehem fid-dibattitu.

2. Il-Parlament għandu jeleġġi l-President tal-Kummissjoni b'maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu.

Il-votazzjoni għandha ssir permezz ta' vot sigriet.

3. Jekk il-kandidat jiġi elett, il-President għandu jgħarraf b'dan lill-Kunsill u jitlob lilu u lill-President elett tal-Kummissjoni biex jipproponu bi ftehim komuni l-persuni nominati għall-karigi differenti ta’ Kummissarji.

4. Jekk il-kandidat ma jiksibx il-maġġoranza meħtieġa, il-President għandu jistieden lill-Kunsill Ewropew sabiex fi żmien xahar jipproponi kandidat ieħor għall-elezzjoni, skont l-istess proċedura.

**Artikolu 118**

**Elezzjoni tal-Kummissjoni**

1. Wara li jkun ikkonsulta mal-President elett tal-Kummissjoni, il-President għandu jitlob lill-persuni nominati għall-karigi differenti bħala Kummissarji mill-President elett tal-Kummissjoni u mill-Kunsill sabiex jidhru quddiem il-kumitati parlamentari rispettivi skond l-oqsma li għalihom ġew nominati. Dan is-smigħ għandu jsir fil-pubbliku.

2. Il-President jista' jistieden lill-President elett tal-Kummissjon biex jgħarraf lill-Parlament dwar l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet tal-portafolli fil-Kulleġġ tal-Kummissarji propost f'konformità mal-linji gwida politiċi tiegħu.

3. Il-kumitat jew kumitati kompetenti għandhom jistiednu lill-Kummissarju nnominat biex jagħmel stqarrija u jwieġeb għall-mistoqsijiet. Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jippermetti li l-Kummissarji nnominati jagħtu lill-Parlament t-tagħrif kollu rilevanti. Id-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smigħ għandhom ikunu stipulati f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura[16].

4. Il-President elett għandu jippreżenta l-kulleġġ tal-Kummissarji u l-programm tagħhom f'seduta tal-Parlament li għaliha għandhom ikunu mistiedna jattendu l-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kunsill. L-istqarrija għandha tkun segwita minn dibattitu.

[16]Ara l-Anness XVI.

5. Sabiex jingħalaq id-dibattitu, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni. L-Artikolu 123(3), (4) u (5) għandu japplika.

Wara l-votazzjoni fuq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, il-Parlament għandu jeleġġi jew jiċħad il-Kummissjoni b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.

Il-vot għandu jittieħed permezz ta' sejħa ta' l-ismijiet.

Il-Parlament jista` jiddifferixxi l-votazzjoni għas-seduta ta' wara.

6. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill bl-elezzjoni jew biċ-ċaħda tal-Kummissjoni.

7. F'każ ta' bdil sostanzjali fil-portafolli matul il-mandat tal-Kummissjoni, il-mili ta' post vakanti jew il-ħatra ta' Kummissarju ġdid wara l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid, il-Kummissarji konċernati għandhom jiġu mistiedna jidhru quddiem il-kumitati responsabbli mill-oqsma ta' kompetenza rispettivi, skond il-paragrafu 3.

**Artikolu 119**

**Mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni**

1. Mozzjoni ta' ċensura kontra l-Kummissjoni tista' tiġi ppreżentata lill-President minn parti waħda minn għaxra tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.

2. Il-mozzjoni għandha tissejjah 'mozzjoni ta' ċensura' u għandha tigi sostnuta b'raġunijiet. Għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

3. Il-President għandu jħabbar lill-Membri li tqiegħdet fuq il-Mejda mozzjoni ta' ċensura minnufih malli jirċeviha.

4. Id-dibattitu dwar iċ-ċensura m'għandux jsir biss wara li jgħaddu mill-inqas erbgħa u għoxrin siegħa minn meta tkun tħabbret lill-Membri l-wasla tal-mozzjoni ta' ċensura.

5. Il-votazzjoni dwar il-mozzjoni għandha ssir permezz ta' sejħa ta' l-ismijiet u għandha issir wara li jgħaddu mhux inqas minn tmienja u erbgħin siegħa mill-bidu tad-dibattitu.

6. Id-dibattitu u l-votazzjoni għandhom isiru, l-aktar tard, waqt is-seduta parzjali ta' wara li tkun giet ippreżentata l-mozzjoni.

7. Il-mozzjoni ta' ċensura tgħaddi jekk ikollha maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, maġġoranza li tirraprezenta l-maġġoranza tal-Membri li jiffurmaw il-Parlament. Ir-riżultat għandu jiġi notifikat lill-President tal-Kunsill u lill-President tal-Kummissjoni.

**Artikolu 120**

**In-Nomina tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

Fuq proposta tal-kumitat responsabbli, il-Parlament għandu jaħtar il-persuna nominata minnu fuq il-kumitat ta' seba' persuni inkarigat biex jevalwa x-xerqien tal-kandidati biex jingħataw il-kariga ta' Imħallfin jew Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.

**Artikolu 121**

**Ħatra tal-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri**

1. Il-kandidati nominati bħala Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandhom jiġu mistiedna jagħmlu stqarrija quddiem il-kumitat responsabbli u jwieġbu l-mistoqsijiet magħmula lilhom mill-membri. Il-kumitat għandu jivvota b'mod sigriet separatament fuq kull nominazzjoni.

2. Il-kumitat responsabbli għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Parlament dwar jekk in-nominazzjoni għandhiex tiġi approvata, liema rakkomandazzjoni għandu jkollha l-forma ta' rapport li jinkludi proposta separata għal kull deċiżjoni fuq kull nomina.

3. Il-vot f'seduta plenarja għandu jittieħed fi żmien xahrejn minn meta tkun waslet in-nominazzjoni ħlief jekk il-Parlament, fuq talba tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, jiddeċiedi mod ieħor. Il-Parlament għandu jivvota b'mod sigriet separatament għal kull nomina u jieħu d-deċiżjoni tiegħu b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.

4. Jekk l-opinjoni adottata mill-Parlament dwar nominazzjoni individuali tkun negattiva, il-President għandu jitlob lill-Kunsill biex jirtira n-nominazzjoni u jippreżenta nominazzjoni ġdida lill-Parlament.

**Artikolu 122**

**Ħatra tal-Membri tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**

1. Il-kandidat innominat bħala President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiġi mistieden biex jagħmel stqarrija quddiem il-kumitat responsabbli u jwieġeb il-mistoqsijiet magħmula lilu mill-Membri.

2. Il-kumitat responsabbli għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-Parlament dwar jekk in-nominazzjoni għandhiex tiġi approvata.

3. Il-vot għandu jittieħed fi żmien xahrejn minn meta tkun ġiet ippreżentata n-nominazzjoni ħlief jekk il-Parlament, fuq talba tal-kumitat responsabbli, ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, jiddeċiedi mod ieħor.

4. Jekk l-opinjoni adottata mill-Parlament tkun negattiva, il-President għandu jitlob lill-Kunsill biex jirtira n-nomina tiegħu u jippreżenta nomina ġdida lill-Parlament.

5. L-istess proċedura għandha tapplika fil-każ tan-nominazzjonijiet ta' Viċi President u tal-Membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew.

## KAPITOLU 2

## STQARRIJIET

**Artikolu 123**

**Stqarrijiet mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Kunsill Ewropew**

1. Il-Membri tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew jistgħu f'kull ħin jitolbu permess mingħand il-President tal-Parlament biex jagħmlu stqarrija. Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jagħmel stqarrija wara kull laqgħa tal-Kunsill Ewropew. Il-President tal-Parlament għandu jiddeċiedi meta l-istqarrija tkun tista' ssir u jekk għandhiex tiġi segwita minn dibattitu sħiħ jew minn tletin minuta ta' mistoqsijiet qosra u konċizi mill-Membri.

2. Meta jpoġġi stqarrija b'dibattitu fl-aġenda tiegħu, il-Parlament għandu jiddeċiedi jekk jagħlaqx jew le d-dibattitu b'riżoluzzjoni. Fil-każ li jkun programmat rapport fuq l-istess argument fl-istess seduta parzjali jew f'dik ta' wara, dan ma jsirx, ħlief jekk il-President, għal raġunijiet eċċezzjonali, jipproponi mod ieħor. Jekk il-Parlament jiddeċiedi li jagħlaq id-dibattitu b'riżoluzzjoni, kumitat, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni.

3. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet għandu jittieħed vot fuqhom fl-istess ġurnata. Il-President għandu jiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet. Spjegazzjonijiet ta' votazzjoni għandhom ikunu ammissibbli.

4. Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni għandha tieħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet imqiegħda fuq il-Mejda qabel mill-firmatarji tagħha, iżda mhux il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda minn kumitati, gruppi politiċi jew Membri oħra.

5. Wara li tkun ġiet adottata riżoluzzjoni, ma jistax jittieħed vot fuq mozzjonijiet oħra ħlief jekk il-President, b'eċċezzjoni, jiddeċiedi mod ieħor.

**Artikolu 124**

**Stqarrijiet li jispjegaw id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni**

Wara li jkun ikkonsulta mal-Konferenza tal-Presidenti, il-President jista' jistieden lill-President tal-Kummissjoni, lill-Kummissarju responsabbli mir-relazzjonijiet mal-Parlament Ewropew jew, bi ftehim, lil xi Kummissarju ieħor, biex jagħmlu stqarrija lill-Parlament wara kull laqgħa tal-Kummissjoni li tispjega d-deċiżjonijiet ewlenin li jkunu ttieħdu. L-istqarrija għandha tiġi segwita minn dibattitu ta' mhux inqas minn tletin minuta li fih il-Membri jistgħu jagħmlu xi mistoqsijiet qosra.

**Artikolu 125**

**Stqarrijiet mill-Qorti ta' l-Awdituri**

1. Fil-kuntest ta' proċedura ta' kwittanza jew ta' l-attivitajiet tal-Parlament f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tal-baġit, il-President tal-Qorti ta' l-Awdituri jista' jiġi mistieden jieħu l-kelma sabiex jippreżenta l-kummenti inklużi fir-Rapport Annwali, fir-rapporti speċjali jew fl-opinjonijiet tal-Qorti, jew sabiex jispjega l-programm ta' ħidma tal-Qorti.

2. Il-Parlament jista' jiddeċiedi li jlaqqa dibattitu separat dwar xi kwistjonijiet li jirriżultaw minn stqarrijiet ta' dan it-tip bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, b'mod partikulari fejn ikunu ġew irrapurtati irregolaritajiet fl-immaniġġjar tal-finanzi.

**Artikolu 126**

**Stqarrijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew**

1. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew għandu jippreżenta lill-Parlament ir-Rapport Annwali tal-Bank dwar l-attivitajiet tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u dwar il-politika monetarja kemm tas-sena ta' qabel kif ukoll tas-sena kurrenti.

2. Din il-preżentazzjoni għandha tiġi segwita minn dibattitu ġenerali.

3. Il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, mhux inqas minn erba' darbiet fis-sena, għandu jiġi mistieden għal-laqgħat tal-kumitat responsabbli biex jagħmel stqarrija u jwieġeb għall-mistoqsijiet.

4. Fuq talba tagħhom jew tal-Parlament, il-President, il-Viċi President u l-Membri l-oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jiġu mistiedna għal laqgħat addizzjoni.

5. Għandu jitħejja rapport verbatim fil-lingwi uffiċjali ta' dak li jkun intqal skond il-paragrafi 3 u 4.

**Artikolu 127**

**Rakkomandazzjoni dwar il-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika.**

1. Ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni għandha tiġi ppreżentata lill-kumitat responsabbli li għandu jissottometti rapport lill-Parlament.

2. Il-Kunsill għandu jiġi mistieden biex jgħarraf lill-Parlament bil-kontenut tar-rakkomandazzjoni tiegħu u bil-pożizzjoni meħuda mill-Kunsill Ewropew.

## KAPITOLU 3

## MISTOQSIJIET PARLAMENTARI

**Artikolu 128**

**Mistoqsijiet għal tweġiba orali b'dibattitu**

1. Jistgħu isiru mistoqsijiet lill-Kunsill jew lill-Kummissjoni minn kumitat, minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru, b'talba biex il-mistoqsijiet jidħlu fl-aġenda tal-Parlament.

Dawn il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub lill-President li għandu jgħaddihom minnufih lill-Konferenza tal-Presidenti.

Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddeċiedi jekk il-mistoqsijiet għandhomx jitqiegħu fl-aġenda u f'liema ordni għandhom jitqiegħdu fl-aġenda. Il-mistoqsijiet li ma jitqegħdux fl-aġenda tal-Parlament fi żmien tliet xhur minn meta jkunu ġew imressqa jiskadu.

2. Il-mistoqsijiet lill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu lil dik l-istituzzjoni mhux inqas minn ġimgħa qabel is-seduta li fl-aġenda tagħha għandhom jidhru dawn il-mistoqsijiet, u l-mistoqsijiet lill-Kunsill għandhom jintbagħtu mhux inqas minn tliet ġimgħat qabel dik id-data.

3. Fejn il-mistoqsijiet ikollhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, id-data ta' skadenza stipulata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma tapplikax, u l-Kunsill għandu jwieġeb kemm jista' jkun malajr u jżomm il-Parlament infurmat kif suppost.

4. Wieħed mill-interpellanti jkollu ħames minuti biex jagħmel il-mistoqsija. Għandu jwieġeb membru ta' l-istituzzjoni konċernata.

*L-interpellant huwa ntitolat li juża l-ħin kollu għall-intervent kif imsemmi.*

5. L-Artikolu 123(2) sa (5) għandu japplika mutatis mutandis.

**Artikolu 129**

**Ħin għall-mistoqsijiet**

1. Għandu jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet lill-Kummissjoni f'kull sessjoni parzjali għal tul ta' 90 minuta dwar tema orizzontali speċifika waħda jew iktar minn waħda deċiżi mill-Konferenza tal-Presidenti xahar qabel is-sessjoni parzjali.

2. Il-Kummissarji mistiedna mill-Konferenza tal-Presidenti biex jipparteċipaw għandu jkollhom portafoll relatat mat-tema jew it-temi orizzontali speċifiċi li dwarhom ikunu se jsiru mistoqsijiet. In-numru ta' Kummissarji għandu jkun limitat għal tnejn għal kull sessjoni parzjali,

bil-possibilità li jiżdied it-tielet wieħed skont it-tema jew temi orizzontali speċifiċi magħżula għall-Ħin għall-Mistoqsijiet.

3. Il-ħin għall-mistoqsijiet għandu jsir b'konformita ma' sistema ta' poloz li d-dettalji tagħha huma stabbiliti f'anness ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura[17].

4. Skont il-linji gwida stabbiliti mill-Konferenza tal-Presidenti, jistgħu jiġu organizzati ħinijiet għal mistoqsijiet speċifiċi mal-Kunsill, mal-President tal-Kummissjoni, mal-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mal-President tal-Grupp tal-euro.

**Artikolu 130**

**Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub**

1. Kull Membru jista' jagħmel mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà skont kriterji stipulati f'anness ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura[18]. L-awturi tal-mistoqsijiet għandhom ikunu esklussivament responsabbli mill-kontenut tal-mistoqsijiet.

2. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-President. Id-dubji dwar l-ammissibilità ta' mistoqsija għandhom jiġu trattati mill-President. Id-deċiżjoni tal-President ma għandhiex tkun bbażata esklussivament fuq id-dispożizzjonijiet tal-anness imsemmi fil-paragrafu 1 iżda fuq id-dispożizzjonijiet ta’ dawn ir-Regoli ta’ Proċedura b'mod ġenerali. Id-deċiżjoni tal-President għandha tkun innotifikata lill-persuna li tagħmel il-mistoqsija.

3. Il-mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati f’format elettroniku. Kull Membru jista’ jippreżenta massimu ta’ ħames mistoqsijiet fix-xahar.

Bħala eċċezzjoni, il-mistoqsijiet addizzjonali jistgħu jiġu ppreżentati fil-forma ta’ dokument stampat depożitat u ffirmat personalment mill-Membru kkonċernat fis-servizz rilevanti tas-Segretarjat.

Wara perjodu li jiskadi sena wara l-bidu tat-tmien leġiżlatura, il-Konferenza tal-Presidenti għandha twettaq valutazzjoni tar-reġim dwar il-mistoqsijiet addizzjonali.

*L-espressjoni "bħala eċċezzjoni" għandha tiġi interpretata li tfisser li l-mistoqsija addizzjonali tikkonċerna kwistjoni ta’ urġenza u li t-tressiq ta’ dik il-mistoqsija ma jkunx jista’ jistenna sax-xahar ta’ wara. Barra minn hekk, in-numru ta’ mistoqsijiet imressqa skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 għandu jkun iżgħar min-norma ta’ ħames mistoqsijiet fix-xahar.*

4. Jekk mistoqsija ma tkunx tista' titwieġeb fil-ħin stipulat għandha titqiegħed, fuq talba ta' l-interpellant, fl-aġenda tal-laqgħa ta' wara tal-kumitat responsabbli. L-Artikolu 129 għandu japplika mutatis mutandis.

*Peress li l-President ta’ kumitat għandu s-setgħa li jsejjaħ laqgħa ta’ dak il-kumitat, kif stipulat fl-Artikolu 206(1), huwa għandu wkoll, fl-interess ta’ organizzazzjoni tajba tal-proċeduri, jiddeċiedi dwar l-abbozz ta’ aġenda għal-laqgħa li jsejjaħ. Din il-prerogattiva tapplika mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-President skont l-Artikolu 130(4) li jissottometti mistoqsija bil-miktub, fuq talba tal-awtur tagħha, fl-abbozz ta’ aġenda tal-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat. Madankollu, il-President għandu s-setgħa diskrezzjonali li jipproponi, filwaqt li jikkunsidra l-prijoritajiet politiċi, l-ordni tal-ħidma tal-laqgħa u l-modalitjiet tal-proċedura (pereżempju,*

[17] Ara Anness II.
[18] Ara Anness III.

*proċedura mingħajr dibattitu bl-adozzjoni, eventwalment, ta’ deċiżjoni dwar is-segwitu, kif ukoll, fejn xieraq, rakkomandazzjoni sabiex il-punt ikompli jiġi diskuss f’laqgħa sussegwenti).*

5. Mistoqsijiet li jeħtieġu tweġiba minnufih iżda ma jeħtiġux riċerka dettaljata (mistoqsijiet ta' prijorità) għandhom jingħataw tweġiba fi żmien tliet ġimgħat minn meta jkunu mibgħuta lid-destinatarji. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda mistoqsija prijoritarja waħda fix-xahar.

Mistoqsijiet oħra (mistoqsijiet mhux prijoritarji) għandhom jingħataw tweġiba fi żmien sitt ġimgħat minn meta jkunu mibgħuta lill-istituzzjoni konċernata.

6. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Parlament.

**Artikolu 131**

**Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-Bank Ċentrali Ewropew**

1. Kwalunkwe Membru jista' jagħmel sa mhux aktar minn sitt mistoqsijiet fix-xahar għal tweġiba bil-miktub lill-Bank Ċentrali Ewropew b’konformità ma’ kriterji stipulati f'anness ma’ dawn ir-Regoli ta' Proċedura. L-awturi tal-mistoqsijiet għandhom ikunu esklużivament responsabbli mill-kontenut tal-mistoqsijiet[19].

2. Tali mistoqsijiet għandhom jiġu ppreżentati bil-miktub lill-president tal-kumitat responsabbli li għandu jinnotifikahom lill-Bank Ċentrali Ewropew.Id-dubji dwar l-ammissibilità ta’ mistoqsija għandhom jiġu trattati mill-President. Id-deċiżjoni tal-President għandha tkun innotifikata lill-awtur tal-mistoqsija.

3. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt tal-Parlament.

4. Jekk mistoqsija ma tkunx ingħatat tweġiba sad-data ta' skadenza stipulata, għandha tiġi inkluża, fuq talba ta' min ikun għamilha, fl-aġenda ta' l-ewwel laqgħa li l-kumitat responsabbli jkollu mal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew.

## KAPITOLU 4

## RAPPORTI TA' ISTITUZZJONIJIET OĦRA

**Artikolu 132**

**Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet oħra.**

1. Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet oħra, li għalihom it-Trattati jipprovdu l-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew jew li għalihom dispożizzjonijiet legali oħra jipprovdu għall-opinjoni tal-Parlament, għandhom jiġu ttrattati permezz ta' rapport ippreżentat fis-seduta plenarja.

2. Rapporti annwali u rapporti oħra ta' istituzzjonijiet oħra li ma jaqgħux taħt il-paragrafu 1 għandhom jiġu mgħoddija lill-kumitat responsabbli li jista' jipproponi li jitħejja rapport skond l-Artikolu 52.

[19] Ara Anness III.

KAPITOLU 5

RIŻOLUZZJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Artikolu 133**

**Mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet**

1. Kull Membru jista' jqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni fuq materja li taqa' taħt l-isferi attività tal-Unjoni Ewropea.

Il-mozzjoni m'għandhiex tkun itwal minn 200 kelma.

2. Il-kumitat responsabbli għandu jiddeċiedi liema proċeduri għandhom jiġu adottati.

Huwa jista' jgħaqqad il-mozzjoni għal riżoluzzjoni ma' mozzjonijiet għal riżoluzzjoni oħrajn jew ma' rapporti oħra.

Jista' jagħti opinjoni li tista' tieħu l-forma ta' ittra.

Jista' jiddeċiedi li jħejji rapport skond l-Artikolu 52.

3. L-awturi ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni għandhom jiġu mgħarrfa bid-deċiżjonijiet tal-kumitat u tal-Konferenza tal-Presidenti.

4. Ir-rapport għandu jinkludi t-test tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni.

5. Opinjonijiet f'forma ta' ittra indirizzata lill-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea għandhom jiġu mgħoddija mill-President.

6. L-awtur jew l-awturi ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda skond l-Artikoli 123(2), 128(5) jew 135(2) għandu jkollhom id-dritt li jirtirawha qabel il-votazzjoni aħħarija.

7. Mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda skond il-paragrafu 1 tista' tiġi rtirata mill-awtur, l-awturi jew l-ewwel firmatarju qabel ma l-kumitat jiddeċiedi li jħejji rapport dwarha skond il-paragrafu 2.

Ladarba l-mozzjoni tkun ittieħdet mill-kumitat, il-kumitat biss ikun jista' jirtiraha sa qabel ma tibda l-votazzjoni aħħarija.

8. Mozzjoni għal riżoluzzjoni li tkun ġiet irtirata tista' tittieħed u terġa' titqiegħed fuq il-Mejda minnufih minn grupp, kumitat jew mill-istess numru ta' Membri li jkollhom id-dritt li jqiegħduha fuq il-Mejda.

*Il-kumitati għandhom id-dmir li jiżguraw li l-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li jitqiegħdu fuq il-Mejda skond dan l-Artikolu u li jissodisfaw ir-rekwiżiti hemm stipulati jiġu segwiti u ssir riferenza għalihom kif imiss f'dokumenti li jitħejjew b'riżultat tagħhom.*

**Artikolu 134**

**Rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill**

1. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru, jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar suġġetti li jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jew jekk il-Parlament ma jkunx ġie kkonsultat dwar ftehima internazzjonali fl-ambitu tal-Artikoli 108 jew 109.

2. Dawn il-proposti għandhom jiġu referuti lill-kumitat responsabbli biex jiġu eżaminati.

Fejn ikun il-każ, il-kumitat għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Parlament skond il-proċeduri mniżżla f'dawn ir-Regoli.

3. Fir-rapport tiegħu, il-kumitat responsabbli għandu jressaq proposta lill-Parlament għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill, flimkien ma' nota spjegattiva qasira u, fejn ikun il-każ, flimkien ma' l-opinjonijiet tal-kumitati kkonsultati.

*Ma jkunx hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni minn qabel mill-Konferenza tal-Presidenti biex jiġi applikat dan il-paragrafu.*

4. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 113.

**Artikolu 135**

**Dibattiti fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt**

1. Kumitat, delegazzjoni interparlamentari, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jitolbu bil-miktub lill-President biex isir dibattitu dwar każ urġenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt (Artikolu 149(3)).

2. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tagħmel lista ta' suġġetti li għandhom jiġu inklużi fl-abbozz aħħari ta' l-aġenda għad-dibattitu li jkun imiss fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt skond it-talbiet imsemmija fil-paragrafu 1 u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness IV. In-numru totali ta' suġġetti nklużi fl-aġenda m'għandux ikun akbar minn tlieta, inklużi s-sotto-kapitoli.

Skont l-Artikolu 152, il-Parlament jista' jwarrab suġġett li jkun se jiġi diskuss u jibdlu ma' ieħor mhux skedat. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet fuq is-suġġetti magħżula għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda sa fil-għaxija ta' dak il-jum li fih tkun approvata l-aġenda. Il-President għandu jistabbilixxi data ta' skadenza preċiża sa meta jistgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda dawn il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet.

3. Il-ħin totali allokat għad-diskorsi tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 162(4) u (5) fil-limiti tal-ħin massimu ta' 60 minuta mħolli għad-dibattitu għal kull sessjoni parzjali.

Il-ħin li jifdal wara li jitnaqqas il-ħin meħtieġ għall-introduzzjoni u l-votazzjoni fuq il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet u l-ħin għad-diskorsi, jekk ikun hemm, li jkun allokat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, għandu jinqasam bejn il-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati.

4. Fl-aħħar tad-dibattitu għandu jittieħed vot immedjat. L-Artikolu 183 ma japplikax.

*Il-votazzjonijiet li jsiru meħuda skond dan l-Artikolu jistgħu jiġu organizzati fuq bażi kollettiva taħt ir-responsabbiltà tal-President jew tal-Konferenza tal-Presidenti.*

5. Jekk jiġu mressqa żewġ mozzjonijiet, jew aktar, għal riżoluzzjonijiet dwar l-istess suġġett, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 123(4).

6. Il-President u l-presidenti tal-gruppi politiċi jistgħu jiddeċiedu li mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha titqiegħed għall-vot mingħajr dibattitu. Deċiżjoni ta' dan it-tip teħtieġ il-qbil unanimu tal-presidenti tal-gruppi politiċi kollha.

*Id-dispożizzjonijiet tar-Regoli 187, 188 u 190 m'għandhomx japplikaw għal riżoluzzjonijiet inklużi fl-aġenda għal dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt.*

*Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda għal dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt biss wara li tkun ġiet approvata l-lista tas-suġġetti. Il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li ma jkunux jistgħu jiġu ttrattati fil-ħin allokat għad-dibattitu jiskadu. L-istess għandu japplika fil-każ tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li għalihom, fuq talba skond l-Artikolu 168(3), ikun ġie stabbilit li m'hemmx kworum. Il-Membri jibqa' jkollhom id-dritt li jerġgħu ipoġġu fuq il-Mejda dawn il-mozzjonijiet, biex jiġu eżaminati fil-kumitat skond l-Artikolu 133 jew biex ikun hemm dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt fis-sessjoni parzjali li jkun imiss.*

*Suġġett ma jistax jitqiegħed fl-aġenda għal dibattitu fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt jekk diġà jkun fl-aġenda għal dik is-sessjoni parzjali.*

*M'hemm ebda dispożizzjoni fir-Regoli ta' Proċedura li tippermetti li jsir dibattitu konġunt fuq mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda skond il-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, u fuq rapport ta' kumitat dwar l-istess suġġett.*

* * *

*Meta ssir talba skond l-Artikolu 168(3) sabiex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm kworum, din it-talba għandha tkun valida biss fil-każ tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni li għandha titqiegħed għall-vot u mhux fil-każ tal-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li jiġu wara.*

**Artikolu 136**

**Dikjarazzjonijiet bil-miktub**

1. Mhux inqas minn għaxar Membri minn mhux inqas minn tliet gruppi politiċi jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma li jkollha x'taqsam esklussivament ma' kwistjoni li taqa' taħt il-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea. Il-kontenut ta' dikjarazzjoni bħal din ma jistax imur lil hinn mill-forma ta' dikjarazzjoni B'mod partikolari, dan il-konteut jista' ma jitlobx azzjoni leġiżlattiva, ikun fih kwalunkwe deċiżjoni dwar kwistjonijiet li għalihom ġew stabbiliti proċeduri u kompetenzi speċifiċi f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura jew jindirizza s-suġġett ta' proċedimenti li għaddejjin fil-Parlament.

2. L-awtorizzazzjoni biex jitkompla l-proċess għandha tkun soġġetta għal deċiżjoni raġunata mill-President skont il-paragrafu 1 fi kwalunkwe każ partikolari. Id-dikjarazzjonijiet bil-miktub għandhom ikunu ppubblikati bil-lingwi uffiċjali fuq is-sit web tal-Parlament u mqassma elettronikament lill-Membri kollha. Dawn għandhom jiddaħħlu f'reġistru elettroniku flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji. Dan ir-reġistru għandu jkun pubbliku u għandu jkun aċċessibbli permezz tas-sit web tal-Parlament. Kopji stampati tad-dikjarazzjonijiet bil-miktub iffirmati għandhom jinżammu wkoll mill-President.

3. Kull Membru jista' jżid il-firma tiegħu ma' dikjarazzjoni inkluża fir-reġistru elettroniku. Il-firma tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe mument qabel tmiem il-perjodu ta' tliet xhur mid-dħul tad-dikjarazzjoni fir-reġistru. F'każ ta' rtirar bħala dan, il-Membru kkonċernat ma għandux jitħalla jerġa' jiffirma d-dikjarazzjoni.

4. Meta, wara perjodu ta' tliet xhur minn meta tkun iddaħħlet fir-reġistru, dikjarazzjoni tkun iffirmata mill-maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, il-President għandu jgħarraf b'dan lill-Parlament. Bla ma torbot lill-Parlament, id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha.

5. Il-proċedura għandha tingħalaq billi, fl-aħħar tas-sessjoni parzjali, id-dikjarazzjoni tintbagħat lid-destinatarji flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji.

6. Fejn l-istituzzjonijiet li lilhom tkun ġiet indirizzata d-dikjarazzjoni adottata ma jgħarrfux lill-Parlament dwar is-segwitu maħsub fi żmien tliet xhur minn meta jirċevuha, il-kwistjoni għandha, fuq talba ta' wieħed mill-awturi tad-dikjarazzjoni, titpoġġa fuq l-aġenda ta' laqgħa sussegwenti tal-kumitat responsabbli.

7. Dikjarazzjoni bil-miktub li tkun ilha fir-reġistru għal aktar minn tliet xhur u ma tkunx iffirmata minn mhux inqas minn nofs il-Membri kollha tal-Parlament għandha taqa', mingħajr il-possibbiltà li l-perjodu ta' tliet xhur ikun imtawwal.

**Artikolu 137**

**Konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

1. Fejn it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-President għandu jibda l-proċedura ta' konsultazzjoni u jgħarraf lill-Parlament b'dan.

2. Kumitat jista' jitlob li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jiġi kkonsultat dwar kwistjonijiet ta' xorta ġenerali jew dwar punti speċifiċi.

Il-kumitat għandu jindika iż-żmien li fih il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jagħti l-opinjoni tiegħu.

Talba għall-konsultazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandha tiġi approvata mill-Parlament mingħajr dibattitu.

3. L-opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandhom jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli.

**Artikolu 138**

**Konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni**

1. Fejn it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni, il-President għandu jibda l-proċedura ta' konsultazzjoni u jgħarraf lill-Parlament b'dan.

2. Kumitat jista' jitlob li l-Kumitat tar-Reġjuni jiġi kkonsultat dwar kwistjonijiet ta' xorta ġenerali jew dwar punti speċifiċi.

Il-kumitat għandu jindika ż-żmien li fih il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jagħti l-opinjoni tiegħu.

Talba għall-konsultazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni għandha tiġi approvata mill-Parlament mingħajr dibattitu.

3. L-opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jiġu riferuti lill-kumitat responsabbli.

**Artikolu 139**

**Talbiet lill-Aġenziji Ewropej**

1. Meta l-Parlament ikollu d-dritt li jippreżenta talba lil xi aġenzija Ewropea, kull Membru jista' jippreżenta talba bħal din bil-miktub lill-President tal-Parlament. Dawn it-talbiet għandhom ikunu dwar materji li jaqgħu fi ħdan il-missjoni ta' aġenzija konċernata u għandhom jinkludu tagħrif bażiku li jispjega l-kwistjoni u l-interess tal-Unjoni.

2. Wara li jkun ikkonsultat il-kumitat responsabbli, il-President għandu jew jgħaddi t-talba lill-aġenzija inkella jieħu l-azzjoni xierqa. Il-Membru li jkun qed jippreżenta t-talba għandu jkun infurmat b'dan minnufih. Kull talba li tintbagħat mill-President lill-Aġenzija għandha tinkludi limitu ta' żmien li fih tingħata tweġiba.

3. Jekk l-Aġenzija tqis li ma tistax tirrispondi għat-talba kif ifformulata, jew jekk tfittex li t-talba tiġi modifikata, hija għandha tinforma b'dan lill-President li, minn naħa tiegħu, għandu jieħu l-azzjoni xierqa, jekk ikun meħtieġ wara li jikkonsulta lill-kumitat responsabbli.

# KAPITOLU 6

# FTEHIMIET INTERISTITUZZJONALI

## Artikolu 140

## Ftehimiet interistituzzjonali

1. Il-Parlament jista' jidħol fi ftehimiet ma' istituzzjonijiet oħra fil-kuntest ta' l-applikazzjoni tat-Trattati jew sabiex itejjeb jew jikkjarifika proċeduri.

Ftehimiet ta' dan it-tip jistgħu jkunu fil-forma ta' dikjarazzjonijiet konġunti, skambju ta' ittri jew kodiċi ta' mġiba jew strumenti oħra xierqa. Dawn għandhom ikunu ffirmati mill-President wara li jiġu eżaminati mill-kumitat responsabbli għall-affarijiet kostituzzjonali u wara li jkunu approvati mill-Parlament. Huma jistgħu jiġu annessi mar-Regoli ta' Proċedura bħala informazzjoni.

2. Meta ftehimiet ta' dan it-tip iġibu magħhom bdil fi drittijiet jew obligazzjonijiet proċedurali eżistenti jew tistabbilixxi drittijiet jew obligazzjonijiet proċedurali ġodda għall-Membri jew għall-organi tal-Parlament, jew b'xi mod ieħor iġibu magħhom bdil jew interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura, il-kwistjoni għandha titressaq quddiem il-kumitat responsabbli sabiex tiġi eżaminata skond l-Artikolu 226(2) sa (6) qabel ma jkunu ffirmati l-ftehimiet.

# KAPITOLU 7

# REFERENZI LILL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

## Artikolu 141

## Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

1. Il-Parlament għandu, fil-limiti ta' żmien mogħtija mit-Trattati u mill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' azzjoni mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, jeżamina l-leġislazzjoni tal-Unjoni u l-miżuri ta' implimentazzjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tiegħu ġew rispettati kompletament.

2. Il-kumitat responsabbli għandu jirrapporta lill-Parlament, jekk ikun meħtieġ oralment, meta jissusspetta li jkun hemm ksur tal-ligi tal-Unjoni.

3. Il-President għandu jippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'isem il-Parlament skond ir-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli.

Fil-bidu tas-sessjoni parzjali li jkun imiss, huwa jista' jressaq id-deċiżjoni dwar it-tkomplija ta' l-azzjoni quddiem is-seduta plenarja. Jekk is-seduta plenarja tiddeċiedi kontra l-azzjoni b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, huwa għandu jirtiraha.

Jekk il-President jippreżenta rikors kontra r-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli, huwa għandu fil-bidu tas-sezzjoni parzjali li jkun imiss iressaq id-deċiżjoni dwar it-tkomplija tal-proċeduri quddiem is-seduta plenarja.

4. Il-President għandu jippreżenta osservazzjonijiet jew jintervjeni f'isem il-Parlament fi proċeduri quddiem il-qorti wara konsultazzjoni mal-kumitat responsabbli.

Fejn il-President ikun bi ħsiebu jitbiegħed mar-rakkomandazzjoni tal-kumitat responsabbli, huwa għandu jinforma lill-kumitat b'dan u għandu jirreferi l-kwistjoni lill-Konferenza tal-Presidenti, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet tiegħu.

Fejn il-Konferenza tal-Presidenti tkun tal-fehma li l-Parlament, b'mod eċċezzjonali, m'għandux iressaq osservazzjonijiet jew jintervjeni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm dubji dwar il-validità legali ta' att tal-Parlament, il-kwistjoni għandha titressaq fil-plenarja mingħajr dewmien.

F'każijiet ta' urġenza, il-President jista' jieħu azzjoni kawtelatorja sabiex jikkonforma mal-limiti ta' żmien preskritti mill-qorti kkonċernata. F'każijiet bħal dawn, il-proċedura stipulata f'dan il-paragrafu għandha tiġi implimentata ma' l-ewwel opportunità.

*M’hemm xejn fir-Regoli li jżomm lill-kumitat responsabbli milli jiddeċiedi dwar arranġamenti proċedurali xierqa għat-trażmissjoni fil-ħin tar-rakkomandazzjoni tiegħu f’każijiet ta’ urġenza.*

*L-Artikolu 108(6) jistabbilixxi proċedura speċifika għad-deċiżjoni tal-Parlament dwar l-eżerċitar tad-dritt li l-Qorti tal-Ġustizzja, bis-saħħa tal-Artikolu 218(11) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tintalab opinjoni dwar il-kompatibilità ta’ xi ftehima internazzjonali mat-Trattati. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi ’lex specialis’ li għandha prevalenza fuq ir-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 141.*

*Meta jkollhom jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-Parlament fir-rigward tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-att ikkonċernat ma jkunx kopert mill-Artikolu 141, il-proċedura tipprevedi li dan l-Artikolu għandu japplika b’analoġija.*

## TITOLU VI

## RELAZZJONIJIET MA' PARLAMENTI NAZZJONALI

**Artikolu 142**

**Skambju ta' tagħrif, kuntatti u faċilitajiet reċiproċi**

1. Il-Parlament għandu jżomm il-parlamenti ta' l-Istati Membri mgħarrfa regolarment bl-attivitajiet tiegħu.

2. L-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni interparlamentari effettiva u regolari fl-Unjoni, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-irwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu nnegozjati fuq il-bażi ta' mandat mogħti mill-Konferenza tal-Presidenti, wara konsultazzjoni mal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati.

Il-Parlament għandu japprova dawn il-ftehimiet skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 140.

3. Kumitat jista' jidħol fi djalogu direttament ma' parlamenti nazzjonali fil-livell ta' kumitati, fil-limiti tal-approprjazzjonijiet baġitarji allokati għal dan il-għan. Dan jista' jinkludi forom xierqa ta' kooperazzjoni preleġislattiva u postleġislattiva.

4. Kull dokument li jikkonċerna proċedura leġislattiva fil-livell tal-Unjoni li jiġi trażmess b'mod uffiċjali minn parlament nazzjonali lill-Parlament Ewropew għandu jintbagħat lill-kumitat responsabbli għas-suġġett ittrattat f'dak id-dokument.

5. Il-Konferenza tal-Presidenti tista' tagħti mandat lill-President sabiex jinnegozja faċilitajiet għall-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri fuq bażi reċiproka, u sabiex jipproponi miżuri oħra biex jiffaċilita l-kuntatt mal-parlamenti nazzjonali.

**Artikolu 143**

**Konferenza tal-Kumitati għall-Affarijiet Ewropej (COSAC)**

1. Fuq proposta tal-President, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tinnomina l-membri tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-COSAC, u tista' tagħtihom il-mandat. Id-delegazzjoni għandha titmexxa minn Viċi President tal-Parlament Ewropew responsabbli għall-implimentazzjoni tar-relazzjonijiet mal-parlamenti nazzjonali u mill-President tal-kumitat responsabbli għal kwistjonijiet istituzzjonali.

2. Il-membri l-oħra tad-delegazzjoni għandhom jintgħażlu skont is-suġġetti li jkunu se jiġu diskussi fil-laqgħa tal-COSAC, u għandhom ikunu, kemm jista' jkun, rappreżentanti tal-kumitati responsabbli għal dawk is-suġġetti. Id-delegazzjoni għandha tippreżenta rapport wara kull laqgħa.

3. Għandu jitqies kif jistħoqq il-bilanċ politiku globali fil-Parlament.

**Artikolu 144**

**Konferenzi tal-parlamenti**

Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tinnomina l-membri tad-delegazzjoni tal-Parlament għal kull konferenza jew korp simili li jinvolvi rappreżentanti ta' parlamenti u għandha tagħtiha mandat li jkun jaqbel ma' kwalunkwe riżoluzzjoni rilevanti tal-Parlament. Id-delegazzjoni għandha teleġġi l-president tagħha u, fejn ikun il-każ, viċi president wieħed jew aktar.

# TITOLU VII

# SESSJONIJIET

## KAPITOLU 1

## SESSJONIJIET TAL-PARLAMENT

### Artikolu 145

### Leġislatura, sessjonijiet, sessjonijiet parzjali, seduti

1. Il-leġislatura għandha tkun l-istess bħat tul tal-mandat tal-Membri, kif stipulat fl-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976.

2. Is-sessjoni għandha tkun il-perjodu annwali kif stipulat fl-Att u fit-Trattati.

3. Is-sessjoni parzjali għandha tkun il-laqgħa tal-Parlament imsejħa bħala regola kull xahar u maqsuma f'seduti ta' kuljum.

*Seduti tal-Parlament fl-istess ġurnata għandhom jitqiesu bħala seduta waħda.*

### Artikolu 146

### Tlaqqigħ tal-Parlament

1. Il-Parlament għandu jiltaqa', mingħajr il-ħtieġa li jiġi msejjaħ, fit-tieni Tlieta ta' Marzu ta' kull sena u għandu jiddetermina hu nnifsu t-tul ta' l-aġġornamenti tas-sessjoni.

2. Barra minn hekk, il-Parlament għandu jiltaqa' mingħajr il-ħtieġa li jiġi msejjaħ fl-ewwel jum tat-Tlieta li jaħbat wara li jgħaddi perjodu ta' xahar mit-tmiem tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 10(1) ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976.

3. Il-Konferenza tal-Presidenti, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għal dan, tista' tibdel it-tul ta' l-aġġornamenti deċiżi skond il-paragrafu 2 mill-inqas ġimagħtejn qabel id-data li qabel kienet stabbilita mill-Parlament sabiex tkompli s-sessjoni; madankollu, l-ġurnata tat-tkomplija m' għandhiex tkun posposta għal aktar minn ġimagħtejn.

4. F'każi eċċezzjonali, wara li jikkonsulta mal-Konferenza tal-Presidenti, il-President għandu jlaqqa' l-Parlament fuq talba ta' maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu jew fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill.

F'każi eċċezzjonali, bl-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti, il-President jista' jlaqqa l-Parlament f'każi ta' urġenza.

### Artikolu 147

### Post fejn isiru s-seduti u l-laqgħat

1. Il-Parlament għandu jżomm is-seduti tiegħu u l-laqgħat tal-kumitati tiegħu skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati.

*Proposti għal sezzjonijiet parzjali addizzjonali fi Brussel u kwalunkwe emenda għalihom jeħtieġu biss maġġoranza tal-voti mitfugħa.*

2. Kull kumitat jista' jiddeċiedi li jitlob li waħda jew iżjed mil-laqgħat jinżammu xi mkien ieħor. Talba bħal din, flimkien mar-raġunijiet għaliex qed issir, għandha ssir lill-President, li għandu jressaqha quddiem il-Bureau. Jekk il-kwistjoni tkun urġenti, il-President jista' jieħu

d-deċiżjoni hu stess. Jekk it-talba tkun miċħuda mill-Bureau jew mill-President, għandhom jingħataw ir-raġunijiet għala kienet miċħuda.

**Artikolu 148**

**Attendenza tal-Membri għas-seduti**

1. Għandu jkun espost reġistru ta' attendenza għall-firma tal-Membri f'kull seduta.

2. L-ismijiet tal-Membri preżenti, skont kif jidhru fir-reġistru ta' attendenza, għandhom jitniżżlu fil-minuti ta' kull seduta bħala "preżenti". L-ismijiet tal-Membri li jkunu ġew skużati milli jattendu mill-President għandhom jitniżżlu fil-minuti ta' kull seduta bħala "skużati".

## KAPITOLU 2

## ORDNI TAL-ĦIDMA TAL-PARLAMENT

**Artikolu 149**

**Abbozz ta' l-aġenda**

1. Qabel kull sessjoni parzjali l-abbozz ta' l-aġenda għandu jitħejja mill-Konferenza tal-Presidenti fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati u wara li jitqies il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni miftiehem imsemmi fl-Artikolu 37.

Il-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu, fuq stedina tal-President, jattendu għad-deliberazzjonijiet tal-konferenza tal-Presidenti dwar l-abbozz ta' l-aġenda.

2. L-abbozz ta' l-aġenda jista' jindika ħinijiet għall-votazzjoni għal ċerti punti li jitpoġġew għall-konsiderazzjoni.

3. Perjodu wieħed jew tnejn li flimkien ma jaqbżux is-60 minuta, jistgħu jiġu riżervati fl-abbozz ta' l-aġenda għal dibattiti dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt kif stipulat fl-Artikolu 135.

4. L-aħħar abbozz ta' l-aġenda għandu jitqassam lill-membri mhux inqas minn tliet siegħat qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali.

**Artikolu 150**

**Proċedura f'sessjoni plenarja mingħajr emendi u diskussjoni**

1. Kull proposta għal att leġislattiv (l-ewwel qari) u kull mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva li tkun adottata fil-kumitat b'inqas minn wieħed minn għaxra tal-membri tal-kumitat li jivvutaw kontriha għandha titqiegħed fl-abbozz ta' l-aġenda tal-Parlament għall-votazzjoni mingħajr emendi.

Għaldaqstant, dak il-punt fl-aġenda għandu jittieħed vot uniku fuqu, ħlief jekk, qabel jitħejja l-aħħar abbozz ta' l-aġenda, gruppi politiċi jew Membri individwali li flimkien jiffurmaw parti waħda minn għaxra tal-Parlament, ikunu talbu bil-miktub li l-punt ikun miftuħ għal emendi, f'liema każ il-President għandu jistabbilixxi żmien sa meta jistgħu jitqiegħdu emendi fuq il-Mejda.

2. Punti mqiegħda fl-aħħar abbozz ta' l-aġenda għal votazzjoni mingħajr emendi għandhom ikunu wkoll mingħajr diskussjoni ħlief jekk il-Parlament, meta jadotta l-aġenda tiegħu fil-bidu ta' sessjoni parzjali, jiddeċiedi mod ieħor fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, jew jekk jintalab jagħmel dan minn xi grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru.

3. Meta tkun qed tħejji l-aħħar abbozz ta' l-aġenda ta' sessjoni parzjali, il-konferenza tal-Presidenti tista' tipproponi li punti oħra jkunu eżaminati mingħajr emendi jew mingħajr diskussjoni. Meta jkun qed jadotta l-aġenda tiegħu, il-Parlament jista' ma jaċċettax proposta bħal din jekk xi grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jkunu qiegħdu fuq il-Mejda l-oppożizzjoni tagħhom bil-miktub mhux inqas minn siegħa qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali.

4. Meta punt ikun eżaminat mingħajr diskussjoni, ir-rapporteur jew il-president tal-kumitat responsabbli jistgħu jagħmlu diskors ta' mhux iktar minn żewġ minuti minnufih qabel ma jittieħed il-vot.

**Artikolu 151**

**Preżentazzjoni qasira**

Fuq talba tar-rapporteur jew fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament jista' wkoll jiddeċiedi li punt li ma jkunx jeħtieġ dibattitu sħiħ jiġi ttrattat permezz ta' preżentazzjoni qasira fil-plenarja mir-rapporteur. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandu jkollha l-opportunità li tagħti tweġiba, li tkun segwita b'għaxar minuti ta' dibattitu li fihom il-President jista' jagħti l-kelma, għal mhux iżjed minn minuta kull wieħed, lil Membri li jitolbu l-kelma.

**Artikolu 152**

**Adozzjoni ta' l-Aġenda u emendi għall-Aġenda**

1. Fil-bidu ta' kull sessjoni parzjali, il-Parlament għandu jieħu deċiżjoni dwar l-aħħar abbozz ta' l-aġenda. Emendi jistgħu jkunu proposti minn xi kumitat, minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru. Kull proposta bħal din għandha tasal għand il-President mhux inqas minn siegħa qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali. Il-President jista' jagħti l-kelma lil min iressaq l-emenda, lil kelliem favur u lil kelliem kontra, f'kull każ għal mhux iżjed minn minuta.

2. Malli tiġi adottata, l-aġenda ma tistax tiġi emendata, ħlief skond l-Artikoli 154 u 187 sa 191 jew fuq proposta mill-President.

Jekk mozzjoni ta' proċedura sabiex tiġi emendata l-aġenda tiġi miċħuda, ma tistax terġa' titqiegħed fuq il-Mejda fl-istess sessjoni parzjali.

3. Qabel ma jagħlaq is-seduta, il-President għandu jħabbar id-data, il-ħin u l-aġenda għas-seduta li jkun imiss.

**Artikolu 153**

**Dibattitu straordinarju**

1. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jitolbu li jitqiegħed fl-aġenda tal-Parlament dibattitu strarodinarju dwar xi materja ta' interess kbir li jkollha x'taqsam mal-politika ta' l-Unjoni Ewropea. Bħala regola, m'għandux isir aktar minn dibattitu straordinarju wieħed matul kull sessjoni parzjali.

2. It-talba għandha ssir lill-President bil-miktub mhux inqas minn tliet sigħat qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali li matulha jkun ħa jsir id-dibattitu straordinarju. Il-vot fuq din it-talba għandu jittieħed fil-bidu tas-sessjoni parzjali meta l-Parlament jadotta l-aġenda.

3. B'risposta għal żviluppi li jseħħu wara l-adozzjoni ta' l-aġenda għal sessjoni parzjali, il-President, wara li jikkonsulta lill-presidenti tal-gruppi politiċi, jista' jipproponi dibattitu straordinarju. Il-vot fuq kull proposta bħal din għandu jittieħed fil-bidu ta' xi seduta jew f'xi ħin għal votazzjoni skond l-iskeda, u l-proposta għandha tkun notifikata lill-Membri mhux inqas minn siegħa qabel.

4. Il-President għandu jistabbilixxi l-ħin li fih għandu jsir dibattitu bħal dan. B'kollox, il-ħin tad-dibattitu m'għandux jisboq is-60 minuta. Il-ħin għall-interventi għandu jiġi allokat lill-gruppi politiċi u lill-Membri mhux affiljati skond l-Artikolu 162(4) u (5).

5. Id-dibattitu għandu jiġi xolt mingħar ma tiġi adottata riżoluzzjoni.

**Artikolu 154**

**Proċedura urġenti**

1. Talba sabiex dibattitu dwar xi proposta li fuqha l-Parlament kien ikkonsultat skond l-Artikolu 47(1) jitqies bħala urġenti tista' ssir lill-Parlament mill-President, minn xi kumitat, minn xi grupp politiku, minn mhux inqas minn erbgħin Membru, mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandhom jingħataw r-raġunijiet għala qed issir.

2. Malli l-President jirċievi talba għal dibattitu urġenti huwa għandu jħabbar dan lill-Parlament. Il-vot fuq it-talba għandu jittieħed fil-bidu tas-seduta li tiġi wara s-seduta li fiha tkun saret it-tħabbira, kemm-il darba il-proposta li tikkonċerna t-talba tkun tqassmet bil-lingwi uffiċjali. Meta jkun hemm diversi talbiet għal dibattitu urġenti dwar l-istess suġġett, l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għal dibattitu urġenti għandhom japplikaw għat-talbiet kollha dwar dak l-istess suġġett.

3. Qabel il-votazzjoni, jistgħu jinstemgħu biss min iressaq it-talba, kelliem wieħed favur u wieħed kontra, u l-president u/jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli, f'kull każ dawn ma jistgħux jitkellmu għal iżjed minn tliet minuti.

4. Kwistjonijiet li għandhom ikunu trattati bi proċedura urġenti għandhom jingħataw prijorità fuq punti oħra ta' l-aġenda. Il-President għandu jistabbilixxi l-ħin tad-dibattitu u tal-votazzjoni.

5. Dibattitu urġenti jista' jsir mingħajr rapport jew, f'każi eċċezzjonali, fuq il-bażi ta' rapport orali mill-kumitat responsabbli.

**Artikolu 155**

**Dibattitu konġunt**

Tista' tittieħed deċiżjoni f'kull ħin biex punti li jixxiebħu jew li fattwalment ikollhom x'jaqsmu ma' xulxin ikunu diskussi f'daqqa.

**Artikolu 156**

**Skadenzi**

Ħlief fil-każi ta' urġenza msemmija fl-Artikoli 135 u 154, m'għandux jinfetaħ dibattitu u m'għandhiex issir votazzjoni fuq xi test ħlief jekk dan ikun tqassam mhux inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel.

# KAPITOLU 3

# REGOLI ĠENERALI DWAR IT-TMEXXIJA TAS-SEDUTI

**Artikolu 157**

**Aċċess għall-Kamra**

1. Ebda persuna ma tista' tidħol fil-Kamra ħlief Membri tal-Parlament, Membri tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament, membri tal-persunal li

jeħtieġu li jkunu preżenti hemmhekk fil-qadi ta' dmirijiethom, u esperti jew uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Huma biss persuni li jkollhom tessera tad-dħul maħruġa kif imiss mill-President jew mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament li jistgħu jitħallew jidħlu fil-gallariji.

3. Membri tal-pubbliku li jitħallew jidħlu fil-gallariji għandhom jibqgħu bil-qiegħda u jżommu s-skiet. Kwalunkwe persuna li tesprimi approvazzjoni jew diżapprovazzjoni għandha tinħareġ minnufih mill-'ushers'.

**Artikolu 158**

**Lingwi**

1. Id-dokumenti kollha tal-Parlament għandhom jitħejjew bl-lingwi uffiċjali.

2. Il-Membri kollha għandhom id-dritt li jitkellmu fil-Parlament bil-lingwa uffiċjali ta' l-għażla tagħhom. Diskorsi mogħtija f'waħda mill-lingwi uffiċjali għandhom ikunu interpretati simultanjament fil-lingwi uffiċjali l-oħra u fi kwalunkwe lingwa oħra li l-Bureau jidhirlu li jkun hemm il-ħtieġa għaliha.

3. Interpretazzjoni għandha tiġi pprovduta fil-laqgħat tal-kumitat minn u għal-lingwi uffiċjali użati u mitluba mill-membri u l-membri sostituti ta' dak il-kumitat jew delegazzjoni.

4. F'laqgħat tal-kumitati u delegazzjonijiet li ma jsirux fil-postijiet normali tax-xogħol, l-interpretazzjoni għandha tigi pprovduta f'dawk il-lingwi tal-membri li jkunu kkonfermaw l-attendenza għal dawn il-laqgħat. Arranġamenti aktar flessibbli jistgħu jsiru f'kazi eċċezzjonali jekk ikun hemm qbil għad dan bejn il-membri tal-kumitat jew tad-delegazzjoni. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil għandu jiddeċiedi l-Bureau.

*Meta, wara li jitħabbar ir-riżultat ta' xi votazzjoni, ikun stabbilit illi hemm diskrepanzi bejn il-verżjonijiet tal-lingwi differenti, il-President jiddeċiedi jekk ir-riżultat imħabbar huwiex validu skond l-Artikolu 184(5). Jekk huwa jiddikkjara ir-riżultat validu, huwa għandu jiddeċiedi liema verżjoni għandha titqies bħala li giet adottata. Madankollu, m' hix regola ġenerali li l-verżjoni oriġinali għandha titqies bħala t-test uffiċjali, billi jista' jkun hemm sitwazzjoni li fiha l-lingwi l-oħra kollha jkunu differenti mit-test oriġinali.*

**Artikolu 159**

**Arranġament tranżitorju**

1. Tul perjodu tranżitorju li jibqa' jgħodd sa tmiem it-tmien leġislatura parlamentari[20], huma permessi derogi mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 158, meta u sa fejn f'xi lingwa uffiċjali ma jkunux disponibbli interpreti jew tradutturi f'numru biżżejjed minkejja miżuri xierqa

2. Il-Bureau jiddetermina fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali, is-sitwazzjoni tar-rekwiżiti tal-Paragrafu 1 għal kull lingwa uffiċjali kkonċernata u jeżamina d-deċiżjoni tiegħu kull sitt xhur fuq il-bażi ta' rapport tas-Segretarju Ġenerali dwar il-progress li jkun sar. Il-Bureau jiddeċiedi dwar id-dispożizzjonijiet meħtieġa li għandhom jiġu implimentati.

3. Hawnhekk, minħabba t-Trattati, jiġu applikati r-regolamenti tranżitorji speċjali maħruġa mill-Kunsill rigward il-kompożizzjoni ta' dokumenti legali bl-eċċezzjoni ta' regolamenti li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill joħorġu flimkien.

---

[20] Estiż b'deċiżjoni tal-Parlament tas-26 ta' Frar 2014.

4. Fuq rakkomandazzjoni mill-Bureau, il-Parlament jista' jiddeċiedi li dan l-artikolu jitneħħa qabel iż-żmien stipulat, jew li jestendih meta jiskadi l-perjodu stipulat.

**Artikolu 160**

**Tqassim ta' dokumenti**

Dokumenti li jiffurmaw il-bażi għal dibattiti u deċiżjonijiet tal-Parlament għandhom ikunu stampati u mqassma lill-Membri. Lista ta' dawn id-dokumenti għandha tiġi ppubblikata fil-minuti tas-seduti tal-Parlament.

Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu, il-Membri u l-gruppi politiċi għandu jkollhom aċċess dirett għas-sistema ta' l-informatika interna tal-Parlament Ewropew għall-konsultazzjoni ta' kwalunkwe dokument ta' tħejjija mhux kunfidenzjali (abbozz ta' rapport, abbozz ta' rakkomandazzjoni, abbozz ta' opinjoni, dokument ta' ħidma, emendi mqiegħda fuq il-Mejda f'kumitat).

**Artikolu 161**

**Proċessar elettroniku ta' dokumenti**

Id-dokumenti tal-Parlament jistgħu jiġu ppreparati, iffirmati u mqassmin f'forma elettronika. Il-Bureau għandu jiddeċiedi dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u dwar il-preżentazzjoni tal-forma elettronika.

**Artikolu 162**

**Allokazzjoni ta' ħin għad-diskorsi u lista tal-kelliema**

1. Il-Konferenza tal-Presidenti tista' tipproponi lill-Parlament li jkun allokat ħin għad-diskorsi għal xi dibattitu partikulari. Il-Parlament għandu jiddeċiedi fuq din il-proposta mingħajr diskussjoni.

2. Ebda membru ma jista' jitkellem ħlief meta jissejjaħ biex jagħmel dan mill-President. Il-Membri għandhom jitkellmu minn posthom u għandhom jindirizzaw lill-President. Jekk kelliem joħroġ barra mis-suġġett, il-President għandu jsejjaħlu għall-ordni.

3. Għall-ewwel parti ta' dibattitu partikulari, il-President jista' jagħmel lista ta' kelliema li tkun tinkludi dawra waħda jew aktar ta' kelliema minn kull grupp politiku li jkun jixtieq jitkellem, f'ordni skont id-daqs tal-grupp, u Membru wieħed li ma jkunx affiljat ma' grupp.

4. Il-ħin għad-diskorsi għal din il-parti tad-dibattitu għandu jiġi allokat skont il-kriterji li ġejjin:

(a) l-ewwel parti tal-ħin għad-diskorsi għandha tinqasam b'mod indaqs bejn il-gruppi politiċi kollha;

(b) parti oħra għandha tinqasam bejn il-gruppi politiċi fi proporzjon skont in-numru totali tal-membri tagħhom;

(c) il-Membri mhux affiljati għandhom jiġu allokati ħin totali għad-diskorsi li jkun ibbażat fuq il-partijiet allokati lil kull grupp politiku skont il-punti (a) u (b).

5. Meta jkun allokat ħin totali għad-diskorsi għal bosta punti fl-aġenda, il-gruppi politiċi għandhom jgħarrfu lill-President dwar il-parti mill-ħin allokat lilhom li tkun se tintuża għal kull punt individwali. Il-President għandu jiżgura li dawn il-ħinijiet għad-diskorsi jkunu rispettati.

6. Il-bqija tal-ħin maħsub għad-dibattitu m'għandux jiġi allokat b'mod speċifiku minn qabel. Minflok, il-President għandu jistieden lill-Membri biex jitkellmu, bħala regola ġenerali għal mhux aktar minn minuta. Il-President għandu jiżgura – sa fejn ikun possibbli – li kelliema li jkollhom opinjonijiet politiċi differenti u li jkunu minn Stati Membri differenti jitkellmu wara xulxin.

7. Fuq talba, tista' tingħata prijorità lill-president jew lir-rapporteur tal-kumitat responsabbli u lill-presidenti ta' gruppi politiċi li jkunu jixtiequ jitkellmu f'isem il-grupp tagħhom, jew lil kelliema li jkunu deputati tagħhom.

8. Il-President jista' jagħti l-kelma lill-Membri li juru, billi jgħollu karta kaħla, ix-xewqa tagħhom li jressqu mistoqsija ta' mhux aktar minn nofs minuta lil Membru ieħor waqt id-diskors tiegħu, jekk il-kelliem jaqbel u jekk il-President iqis li dan ma jkunx se jfixkel id-dibattitu.

9. Ebda Membru ma jista' jitkellem għal iktar minn minuta fuq dawn li ġejjin: il-minuti tas-seduta, il-mozzjonijiet proċedurali, l-emendi għall-aħħar abbozz tal-aġenda jew għall-aġenda.

10. Bla ħsara għas-setgħat dixxiplinarji l-oħra tiegħu, il-President jista' jordna li d-diskorsi ta' Membri li ma jkunx tahom il-kelma jew li jkomplu jitkellmu iktar mill-ħin mogħti lilhom jitħassru mir-rapporti verbatim tas-seduti.

11. Fid-dibattitu dwar xi rapport il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jinstemgħu, bħala regola, minnufih wara l-preżentazzjoni tiegħu mir-rapporteur. Il-Kummissjoni, il-Kunsill u r-rapporteur jistgħu jinstemgħu mill-ġdid, b'mod partikolari biex iwieġbu għall-istqarrijiet magħmula mill-Membri.

12. Membri li ma jkunux tkellmu waqt xi dibattitu jistgħu, mhux iżjed minn darba f'kull sessjoni parzjali, jippreżentaw stqarrija bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma li għandha tiġi annessa mar-rapport verbatim tad-dibattitu.

13. Bla ħsara għall-Artikolu 230 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-President għandu jfittex li jilħaq ftehim mal-Kummissjoni, mal-Kunsill u mal-President tal-Kunsill Ewropew dwar allokazzjoni xierqa ta' ħin għad-diskorsi għalihom.

**Artikolu 163**

**Diskorsi ta' minuta**

Għal perjodu ta' mhux iżjed minn tletin minuta waqt l-ewwel seduta ta' kull sessjoni parzjali l-President għandu jsejjaħ biex jitkellmu Membri li jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni tal-Parlament dwar kwistjoni ta' importanza politika. Il-ħin tad-diskors għal kull Membru m'għandux jisboq il-minuta. Il-President jista' jaċċetta li jkun hemm perjodu ieħor bħal dan iktar tard matul l-istess sessjoni parzjali.

**Artikolu 164**

**Stqarrijiet personali**

1. Membru li jitlob li jagħmel stqarrija personali għandu jinstema' fit-tmiem tad-diskussjoni fuq il-punt ta' l-aġenda li jkun qed jiġi eżaminat jew meta l-minuti tas-seduta li għaliha tirreferi t-talba għal permess biex jitkellem jiġu kkunsidrati għall-approvazzjoni.

Il-Membru kkonċernat ma jistax jitkellem dwar affarijiet sostanzjali imma għandu jillimita l-osservazzjonijiet tiegħu sabiex jirribatti kummenti li jkunu saru dwar il-persuna tiegħu matul id-dibattitu jew opinjonijiet li jkunu ġew attribwiti lilu, jew sabiex jikkoreġi osservazzjonijiet li hu stess ikun għamel.

2. Ħlief jekk il-Parlament jiddeċiedi mod ieħor, ebda stqarrija personali m'għandha ddum iktar minn tliet minuti.

## KAPITOLU 4

## MIŻURI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU F'KAŻ TA' NUQQAS TA' OSSERVANZA TA' L-ISTANDARDS TA' MĠIBA TAL-MEMBRI

**Artikolu 165**

**Miżuri immedjati**

1. Il-President għandu jsejjaħ għall-ordni kwalunkwe Membru li jisfratta t-tmexxija bla xkiel tal-proċeduri jew li l-imġiba tiegħu tonqos milli tkun konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-Artikolu 11.

2. Jekk din l-imġieba tirrepeti ruħha, il-President għandu għal darb'oħra jerġa' jsejjaħ lill-Membru għall-ordni, u l-fatt għandu jiġi rrapurtat fil-minuti.

3. Jekk it-tfixkil ikompli, jew jekk l-imġieba terġa tirrepeti ruħha, il-President jista' jċaħħad lil Membru kkonċernat mid-dritt li jitkellem u jkeċċih mill-Kamra għall-bqija tas-seduta. Huwa jista' wkoll jirrikorri għal din il-miżura ta' l-aħħar minnufih u mingħajr it-tieni sejħa għall-ordni f' każijiet ta' serjetà eċċezzjonali. Is-Segretarju Ġenerali għandu, mingħajr dewmien, jara li dawn il-miżuri dixxiplinari jitwettqu, bl-għajnuna ta' l-ushers u, jekk ikun meħtieġ, tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Parlament.

4. Jekk it-tfixkil jhedded li jostakola l-ħidma tal-Kamra, il-President għandu jagħlaq jew jissospendi s-seduta għal żmien speċifiku sabiex jerġa' jġib l-ordni. Jekk ma jkunx jista' jsemma' lilu nnifsu, għandu jħalli s-Sedja; dan għandu jkollu l-effett ta' sospensjoni tas-seduta. Il-President għandu jerġa jsejjaħ s-seduta.

5. Is-setgħat stipulati fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jingħataw, mutatis mutandis, lill-uffiċjali li jippresiedu l-organi, il-kumitati u d-delegazzjonijiet kif stipulat fir-Regoli ta' Proċedura.

6. Fejn hu xieraq, u filwaqt li titqies is-serjetà tal-ksur ta' l-istandards ta' mġiba tal-Membri, il-Membru li jkun qed jippresiedi jista', sa mhux aktar tard mis-sessjoni parzjali li jkun imiss jew mil-laqgħa li jkun imiss ta' l-organu, kumitat jew delegazzjoni kkonċernati, jsaqsi lill-President biex japplika l-Artikolu 166.

**Artikolu 166**

**Pieni**

1. F'każijiet eċċezzjonalment serji ta' diżordni jew sfrattar tal-Parlament bi ksur tal-prinċipji imniżżla fl-Artikolu 11, il-President, wara li jisma' lill-Membru konċernat, għandu jadotta deċiżjoni motivata li tistipula l-piena xierqa, liema deċiżjoni huwa għandu jinnotifka lill-Membru konċernat u lill-uffiċjali li jippresiedu l-organi, l-kumitati u d-delegazzjonijiet li fihom iservi l-Membru, qabel ma jħabbarha fil-plenarja.

2. Waqt il-valutazzjoni ta' l-imġiba osservata għandha titqies in-natura eċċezzjonali, rikorrenti jew permanenti tagħha u s-serjetà tagħha, fuq il-bażi tal-linji gwida annessi ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura[21].

3. Il-piena tista' tikkonsisti f'miżura waħda jew iżjed minn dawn li ġejjin:

---
[21] Ara l-Anness XV.

(a) twissija;

(b) it-telf tal-jedd għall-allowance ta' sussistenza ta' kuljum għal perjodu ta' bejn jumejn u għaxart ijiem;

(c) mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-vot fil-plenarja, u suġġett, f'dan il-każ, għal konformità stretta ma' l-istandards ta' mġiba tal-Membri, sospensjoni temporanja mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kollha jew uħud minnhom tal-Parlament, għal perjodu ta' bejn jumejn u għaxart ijiem konsekuttivi li fihom jiltaqgħu l-Parlament jew kwalunkwe wieħed mill-organi, kumitati jew delegazzjonijiet tiegħu;

(d) preżentazzjoni lill-Konferenza tal-Presidenti, skond l-Artikolu 21, ta' proposta għal sospensjoni jew tneħħija minn waħda jew iżjed mill-karigi li dak il-Membru jkollu fil-Parlament.

**Artikolu 167**

**Proċeduri interni ta' appell**

Il-Membru konċernat jista' jressaq appell intern lill-Bureau fi żmien ġimagħtejn min-notifika tal-piena imposta mill-President. Dan l-appell għandu jkollu l-effett li jissospendi l-applikazzjoni ta' dik il-piena. Il-Bureau jista', sa mhux iktar tard minn erba' ġimgħat wara li jkun tressaq l-appell, jannulla, jikkonferma jew inaqqas il-piena imposta, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' appell esterni disponibbli għall-Membru konċernat. Jekk il-Bureau jonqos milli jieħu deċiżjoni fil-limitu ta' żmien stipulat, il-piena għandha tiġi ddikjarata nulla u bla effett.

## KAPITOLU 5

## KWORUM U VOTAZZJONI

**Artikolu 168**

**Kworum**

1. Il-Parlament jista' jiddelibera, jgħaddi l-aġenda u japprova l-minuti, ikun xi jkun in-numru ta' Membri preżenti.

2. Għandu jitqies li ntlaħaq kworum meta terz tal-Membri kollha tal-Parlament ikunu preżenti fil-Kamra.

3. Il-votazzjonijiet kollha għandhom ikunu validi ikun xi jkun in-numru ta' votanti ħlief jekk il-President, fuq talba li ssir qabel tibda l-votazzjoni minn mhux inqas minn erbgħin Membru, jara fil-ħin tal-votazzjoni li ma hemmx kworum. Jekk il-votazzjoni turi li ma hemmx kworum, il-votazzjoni għandha titqiegħed fl-aġenda tas-seduta li jkun imiss.

*Talba sabiex ikun ivverifikat il-kworum għandha ssir minn mhux inqas minn erbgħin Membru. Talba f'isem grupp politiku mhix ammissibbli.*

*Meta jkun qed jiġi stabbilit ir-riżultat tal-votazzjoni, għandhom jitqiesu, skond il-paragrafu 2, il-Membri kollha preżenti fil-Kamra u, skond il-paragrafu 4, tal-Membri kollha li talbu sabiex ikun ivverifikat il-kworum. Is-sistema ta' votazzjoni elettronika ma tistax tintuża għal dan il-għan. Il-bibien tal-Kamra ma jistgħux jingħalqu.*

*Jekk in-numru ta' Membri meħtieġ sabiex jintlaħaq il-kworum ma jkunx preżenti, il-President m'għandux iħabbar ir-riżultat tal-votazzjoni imma għandu jiddikjara li ma hemmx kworum.*

*L-aħħar sentenza tal-paragrafu 3 ma tapplikax għal votazzjonijiet dwar mozzjonijiet proċedurali imma biss għal votazzjonijiet fuq il-mertu.*

4. Membri li jkunu talbu għall-verifika tal-kworum għandhom jitqiesu li huma preżenti skond it-tifsira tal-paragrafu 2, anke jekk ma jkunux għadhom fil-Kamra.

*Membri li jkunu talbu għall-verifika tal-kworum għandhom ikunu preżenti fil-Kamra meta ssir it-talba.*

5. Jekk ikun hemm inqas minn erbgħin Membru preżenti, il-President jista' jagħti deċiżjoni li ma hemmx kworum.

**Artikolu 169**

**Tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda u t-tressieq tagħhom**

1. Emendi biex ikunu eżaminati fil-Parlament jistgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli, minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru.

Emendi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda bil-miktub u għandhom ikunu ffirmati mill-awturi tagħhom.

Emendi għal dokumenti ta' natura leġislattiva li jaqgħu fit-tifsira ta' l-Artikolu 47(1) jista' jkollhom magħhom ġustifikazzjoni qasira. Dawn il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu r-responsabiltà ta' l-awtur u m'għandux jittieħed vot fuqhom.

2. Bla ħsara għal-limitazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 170, emenda jista' jkollha l-għan li tbiddel kwalunkwe parti ta' xi test, jew li tħassar, iżżid jew tissostitwixxi kliem jew numri.

*F'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 170 il-kelma "test" tfisser it-test sħiħ ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni jew ta' abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva, ta' proposta għal deċiżjoni jew ta' proposta għal att leġislattiv.*

3. Il-President għandu jistabbilixxi limitu ta' żmien għat-tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda.

4. Emenda tista' titressaq waqt id-dibattitu mill-awtur tagħha jew minn kwalunkwe Membru ieħor maħtur mill-awtur sabiex jissostitwih.

5. Meta emenda tiġi rtirata mill-awtur tagħha, din għandha taqa' ħlief fil-każ li tittieħed minnufih minn xi Membru ieħor.

6. mendi għandhom jitqiegħdu għall-vot biss wara li jkunu ġew stampati u mqassma fil-lingwi uffiċjali kollha, ħlief jekk il-Parlament jiddeċiedi mod ieħor. Il-Parlament ma jistax jiddeċiedi mod ieħor jekk joġġezzjonaw mhux inqas minn erbgħin Membru. Il-Parlament għandu jevita li jieħu deċiżjonijiet li jwasslu sabiex Membri li jużaw lingwa partikolari jkunu żvantaġġjati b'mod inaċċettabbli.

Meta jkun hemm inqas minn mitt Membru preżenti, il-Parlament ma jistax jiddeċiedi mod ieħor jekk mhux inqas minn wieħed minn kull għaxar Membri preżenti joġġezzjonaw.

*Fuq proposta tal-President, emenda orali jew kwalunkwe modifika orali oħra tiġi trattata bħal emenda mhux mqassma fil-lingwi kollha uffiċjali. Jekk il-President jidhirlu li tali emenda jew modifika hija ammissibbli abbażi tal-Artikolu 170(3), sakemm ma jkunx hemm oppożizzjoni espressa skont l-Artikolu 169(6), għandha tiġi vvotata skont l-ordni stabbilita għall-vot.*

*Fil-kumitat, in-numru ta' voti meħtieġ biex jiġi oppost il-vot ta' tali emenda jew modifika, huwa stabbilit abbażi tal-Artikolu 209 proporzjonalment għal dak li jipprevali fil-plenarja, aġġustat, jekk ikun il-każ, għall-eqreb numru sħiħ.*

**Artikolu 170**

**Ammissibilità ta' emendi**

1. Ebda emenda m'għandha tkun ammissibbli jekk:

(a) ma jkollhiex x'taqsam direttament mat-test li tkun temenda;

(b) tkun tħassar jew tissostitwixxi t-test sħiħ;

(c) tkun temenda iżjed minn wieħed mill-artikoli jew paragrafi individwali tat-test li għalih tirreferi. Din id-disposizzjoni ma tapplikax għal emendi ta' kompromess jew għal emendi li jfittxu li jagħmlu tibdil identiku f'xi espressjonijiet partikulari fit-test kollu;

(d) ikun stabbilit li mill-anqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali t-test li dwaru qed tintalab emenda ma jkunx jitlob tibdil; f'dan il-każ, il-President għandu, flimkien ma' min hu kkonċernat, ifittex li jsib rimedju lingwistiku xieraq.

2. Emenda għandha taqa' jekk tkun inkonsistenti ma' deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu qabel fir-rigward tat-test matul l-istess votazzjoni.

3. Il-President għandu jiddeċiedi jekk emendi humiex ammissibbli jew le.

*Id-deċiżjoni tal-President skond il-paragrafu 3 dwar l-ammissibilità ta' emendi ma tkunx ibbażata esklussivament fuq id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, imma fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regoli b'mod ġenerali.*

4. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni alternattiva għal mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġislattiva li tkun f' xi rapport ta' xi kumitat.

F'każ bħal dan, il-grupp jew il-Membri kkonċernati ma jistgħux iqiegħdu fuq il-Mejda emendi għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni mill-kumitat responsabbli. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni alternattiva ma tistax tkun itwal mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-kumitat. Fuq din għandu jittieħed vot wieħed fil-Parlament mingħajr emendi.

L-Artikolu 123(4) għandu japplika mutatis mutandis.

**Artikolu 171**

**Proċedura ta' votazzjoni**

1. Din il-proċedura ta' votazzjoni li ġejja tapplika fil-każ ta' rapporti:

(a) l-ewwel, votazzjonijiet fuq emendi tat-test li jkollhom x'jaqsmu mar-rapport tal-kumitat responsabbli;

(b) it-tieni, votazzjoni fuq it-test sħiħ, emendat jew mhux,

(c) votazzjoni fuq emendi għal mozzjoni għal riżoluzzjoni jew għal abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva,

(d) fl-aħħar, votazzjoni fuq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni sħiħa jew għal abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva (votazzjoni aħħarija).

Il-Parlament m'għandux jivvota fuq in-noti spjegattivi li jkun fih ir-rapport.

2. Il-proċedura li ġejja tapplika għat-tieni qari:

(a) meta ma tkun tqiegħdet fuq il-Mejda l-ebda proposta sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni tal-Kunsill, din għandha titqies li ġiet approvata skond l-Artikolu 76;

(b) il-votazzjoni dwar proposta sabiex tiġi miċħuda l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tittieħed qabel il-votazzjoni fuq xi emendi (ara l-Artikolu 68(1));

(c) meta jiġu mqiegħda fuq il-Mejda bosta emendi għal pożizzjoni tal-Kunsill, il-votazzjoni fuq dawn l-emendi għandha tittieħed fl-ordni stipulat fl-Artikolu 174;

(d) meta l-Parlament ikun ħa votazzjoni sabiex jemenda il-pożizzjoni tal-Kunsill, votazzjoni oħra fuq it-test sħiħ tista' tittieħed biss skond l-Artikolu 68(2).

3. Il-proċedura stipulata fl-Artikolu 72 għandha tapplika għat-tielet qari.

4. F'votazzjonijiet fuq testi leġislattivi u fuq mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet mhux leġislattivi, għandhom isiru l-ewwel il-votazzjonijiet fuq il-mertu u warajhom isiru votazzjonijiet fuq iċ-ċitazzjonijiet u l-premessi. Emendi li jkunu inkonsistenti ma' vot li diġà ttieħed għandhom jaqgħu.

5. L-uniku Membru li jista' jitkellem waqt il-votazzjoni huwa r-rapporteur li għandu jkollu l-opportunità li jesprimi fil-qosor il-fehmiet tal-kumitat tiegħu dwar l-emendi li ttieħed vot fuqhom.

**Artikolu 172**

**Voti ndaqs**

1. Fil-każ ta' voti ndaqs skond l-Artikolu 171(1)(b) jew (d), it-test sħiħ għandu jerġa' jintbagħat quddiem il-kumitat. Dan japplika wkoll għal votazzjonijiet skond l-Artikoli 3 u 9 u għal votazzjonijiet aħħarin skont l-Artikoli 199 u 212, bil-ftehim li, għal dawn l-aħħar żewġ Artikoli, il-kwistjoni tintbagħat lura quddiem il-Konferenza tal-Presidenti.

2. Fil-każ ta' voti ndaqs fuq l-aġenda bħala oġġett sħiħ (Artikolu 152) jew fuq il-minuti bħala oġġett sħiħ (Artikolu 192), jew fuq test li jitpoġġa għal votazzjonijiet maqsuma skond l-Artikolu 176, it-test għandu jitqies li ġie adottat.

3. Fil-każi l-oħra kollha, fejn ikun hemm voti ndaqs, bla ħsara għal dawk l-Artikoli li jeħtieġu maġġoranza kwalifikata, it-test jew il-proposta għandhom jitqiesu li ġew miċħuda.

*Artikolu 172(3) għandu jiġi interpretat li jfisser li, fejn ikun hemm vot indaqs fuq abbozz ta' rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 141(4) sabiex ma jkunx hemm intervenzjoni fi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dan il-vot indaqs ma għandux ifisser l-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni li l-Parlament għandu jintervjeni f'dawk il-proċeduri. F'każ bħal dan, il-kumitat responsabbli għandu jitqies li ma esprimiex rakkomandazzjoni.*

**Artikolu 173**

**Prinċipji li jirregolaw il-votazzjonijiet**

1. Votazzjoni fuq rapport għandha ssir fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-kumitat responsabbli. Il-kumitat jista' jiddelega dan id-dmir lill-president u lir-rapporteur tiegħu.

2. Il-kumitat jista' jirrakkomanda li l-emendi kollha jew bosta minnhom jittieħed vot fuqhom f'daqqa sabiex jiġu aċċettati, miċħuda jew iddikjarati bla effett.

Il-kumitat jista' wkoll jipproponi emendi ta' kompromess.

3. Meta l-kumitat jirrakkomanda li emendi jittieħed vot fuqhom f'daqqa, il-vot kollettiv fuq dawn l-emendi għandu jittieħed l-ewwel.

4. Meta l-kumitat jipproponi emenda ta' kompromess, din l-emenda ta' kompromess għandha tingħata prijorità fil-votazzjoni.

5. Emendi li għalihom tintalab votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet għandu jittieħed vot fuqhom individwalment.

6. Votazzjoni maqsuma mhix ammissibbli f'każ ta' votazzjoniji kollettiva jew f'każ ta' votazzjoni fuq emenda ta' kompromess.

**Artikolu 174**

**Ordni tal-votazzjoni dwar emendi**

1. Emendi jieħdu prijorità fuq it-test li miegħu jkollhom x'jaqsmu u għandu jittieħed vot fuqhom qabel it-test.

2. Jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda żewġ emendi jew iżjed għall-istess parti ta' xi test li jkunu jeskludu lil xulxin, l-emenda li l-aktar titbiegħed mit-test oriġinali għandha tieħu l-prijorità u għandu jittieħed vot fuqha l-ewwel. Jekk tkun adottata, l-emendi l-oħra għandhom jitqiesu bħala miċħuda; jekk tkun miċħuda, għandu jittieħed vot fuq l-emenda li jkun imiss fil-prijorità u l-istess għal kull waħda mill-emendi li jkun fadal. Fejn ikun hemm dubju dwar il-prijorità, il-President għandu jiddeċiedi. Jekk l-emendi kollha jiġu miċħuda, it-test oriġinali għandu jitqies bħala adottat ħlief fil-każ li jkun intalab vot separat fiż-żmien speċifikat.

3. Il-President jista' jqiegħed it-test oriġinali għall-vot l-ewwel, jew iqiegħed għall-vot, qabel l-emenda li l-aktar titbiegħed mit-test oriġinali, emenda li hija eqreb lejn it-test oriġinali.

Jekk xi waħda minn dawn iġib maġġoranza, l-emendi l-oħra kollha li jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda għall-istess test għandhom jaqgħu.

4. F'każi eċċezzjonali, fuq proposta mill-President, emendi mqiegħda fuq il-Mejda wara l-għeluq tad-dibattitu jista' jittieħed vot fuqhom jekk ikunu emendi ta' kompromess, jew jekk ikun hemm problemi tekniċi. Il-President jkollu l-approvazzjoni tal-Parlament sabiex jittieħed vot fuq dawn l-emendi.

*Skont l-Artikolu 170(3), il-President għandu jiddeċiedi jekk emendi jkunux ammissibbli. Fil-każ ta' emendi ta' kompromess imqiegħda fuq il-Mejda qabel l-għeluq ta' dibattitu, bi qbil ma' dan il-paragrafu, Il-President għandu jiddeċiedi dwar l-ammissibilità tagħhom każ b'każ, filwaqt li jqis in-natura ta' kompromess ta' l-emendi.*

*Dawn il-kriterji ġenerali għall-ammissibilità jistgħu jiġu applikati:*

– *bħala regola ġenerali, emendi ta' kompromess ma jistgħux ikunu għal partijiet mit-test li ma kienux suġġett ta' emendi qabel ma skada ż-żmien sabiex jitqiegħdu emendifuq il-Mejda;*

– *bħala regola ġenerali, emendi ta' kompromess għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejdaminn gruppi politiċi, mill-presidenti, ir-rapporteurs jew ir-rapporteurs għall-opinjoni tal-kumitati kkonċernati jew mill-awturi ta' emendi oħrajn;*

– *bħala regola ġenerali, emendi ta' kompromess għandhom iġibu l-irtirar ta' emendi oħra għall-istess parti tat-test.*

*Il-President biss jista' jipproponi li emenda ta' kompromess tiġi kkunsidrata. Sabiex emenda ta' kompromess jittieħed vot fuqha, il-President għandu jkollu l-approvazzjoni tal-Parlament billi jistaqsi jekk hemmx oġġezzjonijiet għal dik il-votazzjoni. Jekk ikun hemm oġġezzjoni, il-Parlament għandu jiddeċiedi fuq il-kwistjoni b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.*

5. Meta l-kumitat responsabbli jkun qiegħed fuq il-Mejda sett ta' emendi għat-test li jkun is-suġġett tar-rapport, il-President għandu jqiegħdhom għall-vot flimkien, ħlief fil-każ li xi grupp politiku jew grupp ta' mhux inqas minn erbgħin Membru jkunu talbu votazzjonijiet separati jew ħlief fil-każ li jkunu tqiegħdu emendi oħra fuq il-Mejda.

6. Il-President jista' jqiegħed emendi oħra għall-vot b'mod kollettiv meta dawn l-emendi jkunu kumplimentari. F'każi bħal dawn huwa għandu jsegwi l-proċedura stipulata fil-paragrafu 5. Awturi ta' emendi bħal dawn jistgħu jipproponu voti kollettivi meta l-emendi tagħhom ikunu kumplimentari.

7. Il-President jista' jiddeċiedi, wara l-adozzjoni jew iċ-ċaħda ta' xi emenda partikulari, li bosta emendi oħra li jkollhom kontenut simili jew li jkollhom l-istess għanijiet għandu jittieħed vot fuqhom flimkien. Il-President jista' jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament qabel ma jagħmel dan.

Sett ta' emendi bħal dan jista' jkun jirreferi għal partijiet differenti tat-test oriġinali.

8. Meta żewġ emendi identiċi jew iżjed jitqiegħdu fuq il-Mejda minn awturi differenti, dawn għandu jittieħed vot fuqhom bħala emenda waħda.

**Artikolu 175**

**Eżami f'kumitat ta' emendi tas-seduta plenarja**

Meta jitqiegħdu fuq il-Mejda aktar minn ħamsin emenda u talba għal votazzjoni maqsuma jew separata għal rapport li jkun qed jiġi eżaminat mill-Parlament, il-President jista' jitlob lill-kumitat responsabbli, wara li jikkonsulta lill-president tal-istess kumitat, sabiex jiltaqa' biex jeżamina dawk l-emendi jew talbiet. Kull emenda jew talba għal votazzjoni maqsuma jew separata li ma tirċevix voti favorevoli f'dan l-istadju minn mhux inqas minn wieħed minn kull għaxra tal-membri tal-kumitat m'għandux jittieħed vot fuqha fil-Parlament.

**Artikolu 176**

**Votazzjonijiet maqsuma**

1. Meta t-test li għandu jitqiegħed għall-vot ikun fih żewġ dispożizzjonijiet jew iżjed, jew referenzi għal żewġ punti jew iżjed, jew ikun jista' jinqasam f'żewġ partijiet jew iżjed li jkollhom tifsira distinta u/jew valur normattiv distint, tista' tintalab votazzjoni maqsuma minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru.

2. It-talba għandha ssir sa mhux aktar tard minn filgħaxija tal-ġurnata ta' qabel il-votazzjoni, ħlief fil-każ li l-President jistabbilixxi skadenza differenti. Il-President għandu jiddeċiedi fuq it-talba.

**Artikolu 177**

**Dritt għall-vot**

Id-dritt għall-vot huwa dritt personali.

Il-membri għandhom jitfgħu il-vot tagħhom individwalment u personalment.

*Kull ksur ta' dan l-Artikolu jitqies bħala każ serju ta' diżordni kif stipulat fl-Artikolu 166(1) u jkollu l-konsegwenzi legali stipulati f'dak l-Artikolu.*

**Artikolu 178**

**Votazzjonijiet**

1. Bħala regola ġenerali, l-Parlament għandu jivvota b'turija ta' l-idejn.

2. Jekk il-President jiddeċiedi li r-riżultat huwa dubjuż, għandu jittieħed vot mill-ġdid permezz tas-sistema ta' votazzjoni elettronika u, jekk din ma tkunx qed taħdem, jittieħed vot billi l-Membri jpoġġu bil-qiegħda u jqumu bil-wieqfa.

3. Ir-riżultat tal-vot għandu jiġi reġistrat.

**Artikolu 179**

**Votazzjoni aħħarija**

Meta tittieħed deċiżjoni abbażi ta' rapport, il-Parlament għandu jieħu kwalunkwe votazzjoni waħdanija u/jew aħħarija b'sejħa tal-ismijiet skont l-Artikolu 180(2). Il-votazzjoni dwar l-emendi għandha tittieħed b'sejħa tal-ismijiet biss wara li tkun saret talba skont l-Artikolu 180.

*Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 179 fuq votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet ma japplikawx għar-rapporti previsti fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3), (6) u (8) fil-kuntest ta' proċeduri relatati mal-immunità ta' Membru.*

**Artikolu 180**

**Votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet**

1. Barra mill-każi msemmijin fl-Artikoli 118(5), 119(5) u 179, il-vot għandu jittieħed b'sejħa tal-ismijiet jekk issir talba bil-miktub għal dan minn xi grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru sa mhux aktar tard minn filgħaxija tal-ġurnata ta' qabel il-votazzjoni, ħlief fil-każ li l-President jistabbilixxi skadenza differenti.

*Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 180(1) fuq votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet ma japplikawx għar-rapporti previsti fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3), (6) u (8) fil-kuntest ta' proċeduri relatati mal-immunità ta' Membru.*

2. Il-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet għandha ssir permezz tas-sistema ta' votazzjoni elettronika. Meta din ma tkunx tista' tintuża għal raġunijiet tekniċi, l-ismijiet għandhom jissejħu f'ordni alfabetiku, u jibdew bl-isem ta' Membru li jittella' bil-polza. Il-President għandu jkun l-aħħar wieħed li jissejjaħ biex jivvota.

Il-votazzjoni għandha ssir bil-fomm u għandha tiġi espressa permezz ta' "Iva", "Le", jew "Nastjeni". Meta jiġi kkalkulat jekk mozzjoni kenitx adottata jew miċħuda għandhom jitqiesu biss voti favur u kontra. Il-President għandu jistabbilixxi u jħabbar ir-riżultat.

Ir-riżultat tal-votazzjoni għandu jitniżżel fil-minuti tas-seduta skond il-grupp politiku fl-ordni alfabetiku ta' l-ismijiet tal-Membri, b'indikazzjoni ta' kif ivvutaw.

**Artikolu 181**

**Votazzjonijiet elettroniċi**

1. Il-President jista', fi kwalunkwe ħin, jiddeċiedi li l-votazzjonijiet indikati fl-Artikoli 178, 180 u 182 għandhom isiru permezz tas-sistema ta' votazzjoni elettronika.

Meta s-sistema ta' votazzjoni elettronika ma tkunx tista' tintuża għal raġunijiet tekniċi, il-votazzjonji għandha ssir skond l-Artikoli 178, 180(2) jew 182.

L-arranġamenti tekniċi għall-użu tas-sistema ta' votazzjoni elettronika għandhom jkunu rregolati b' istruzzjonijiet mill-Bureau.

2. Meta jittieħed vot elettroniku, ir-riżultat numeriku tal-vot biss jiġi rreġistrat.

Madankollu, jekk tkun intalbet votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet skond l-Artikolu 180(1), il-voti għandhom jitniżżlu fil-minuti tas-seduta skond il-grupp politiku fl-ordni alfabetiku ta' l-ismijiet tal-Membri.

3. Il-votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet għandha tittieħed skond l-Artikolu 180(2) jekk il-maġġoranza tal-Membri preżenti jitolbu dan. Is-sistema indikata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tintuża sabiex tistabbilixxi jekk ikunx hemm maġġoranza.

**Artikolu 182**

**Votazzjonijiet permezz ta' vot sigriet**

1. Fil-każ ta' ħatriet il-votazzjonijiet għandhom isiru b'vot sigriet, bla ħsara għall-Artikolu 15(1), l-Artikolu 199(1) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 204(2).

Fil-kalkolu tan-numru ta' voti mitfugħa għandhom jitqiesu biss karti tal-vot li jkun fihom l-ismijiet ta' Membri li ġew nominati.

2. Votazzjoni tista' wkoll ssir b'vot sigriet jekk jintalab dan minn mhux inqas minn parti waħda minn ħamsa tal-Membri kollha tal-Parlament. Dawn it-talbiet għandhom isiru qabel tibda l-votazzjoni.

*Meta ssir talba għal votazzjoni sigrieta qabel il-bidu tal-votazzjoni minn mhux inqas minn wieħed minn kull ħamsa tal-Membri tal-Parlament, il-Parlament għandu jagħmel din il-votazzjoni.*

3. Talba għal vot sigriet għandha tieħu prijorità fuq talba għal vot b'sejħa ta' l-ismijiet.

4. Minn tnejn sa tmien Membri mtellgħa bil-polza għandhom jgħoddu l-voti mitfugħa f'vot sigriet, ħlief jekk issir votazzjoni elettronika.

Fil-każ ta' votazzjonijiet skond il-Paragrafu 1, m'għandux ikun hemm kandidati fost dawk li jgħoddu l-voti.

*L-ismijiet ta' Membri li jieħdu sehem f'vot sigriet għandhom jitniżżlu fil-minuti tas-seduta li fiha jkun ittieħed il-vot.*

**Artikolu 183**

**Spjegazzjonijiet tal-vot**

1. Malli jintemm id-dibattitu ġenerali, kull Membru jista' jagħti spjegazzjoni bil-fomm ta' mhux iżjed minn minuta jew jagħmel spjegazzjoni bil-miktub ta' mhux iżjed minn 200 kelma dwar il-votazzjoni aħħarija. L-ispegazzjoni għandha tiġi inkluża fir-rapport verbatim tal-proċeduri.

Kull grupp politiku jista' jagħti spjegazzjoni tal-vot li ma ddumx aktar minn żewġ minuti.

Ma jintlaqgħux iżjed talbiet għal spjegazzjoni tal-vot malli tibda l-ewwel spjegazzjoni tal-vot.

*Spjegazzjonijiet tal-vot huma ammissibbli fil-każ ta' votazzjoni aħħarija fuq kwalunkwe suġġett imressaq quddiem il-Parlament. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu l-espressjoni "votazzjoni aħħarija" ma tirreferix għat-tip ta' votazzjoni, imma tfisser l-aħħar votazzjoni fuq kwalunkwe suġġett.*

2. Spjegazzjonijiet tal-vot m'humiex ammissibbli fil-każ ta' votazzjonijiet dwar affarijiet proċedurali.

3. Meta xi proposta għal att leġislattiv jew xi rapport jiddaħħlu fl-aġenda tal-Parlament skond l-Artikolu 150, il-Membri jistgħu jressqu spjegazzjonijiet tal-vot bil-miktub skont il-paragrafu 1.

*Spjegazzjonijiet tal-vot, sew bil-fomm u sew bil-miktub, għandu jkollhom relevanza diretta għat-test li fuqu tkun qed tittieħed il-votazzjoni.*

**Artikolu 184**

**Diżgwid dwar votazzjonijiet**

1. Il-President għandu jiddikjara l-votazzjonijiet miftuħin u magħluqin.

2. Malli l-President jiddikjara votazzjoni miftuħa, ħadd ħlief il-President ma jitħalla jitkellem sakemm il-votazzjoni ma tkunx dikjarata magħluqa.

3. Punti ta' ordni li jikkonċernaw il-validità ta' xi votazzjoni jistgħu jitqajmu wara li l-President ikun iddikkjara l-votazzjoni magħluqa.

4. Wara li jitħabbar ir-riżultat ta' votazzjoni b'turija ta' l-idejn, kwalunkwe Membru jista' jitlob li dan ir-riżultat ikun ivverifikat billi tintuża s-sistema ta' votazzjoni elettronika.

5. Il-President għandu jiddeċiedi jekk ir-riżultat imħabbar ikunx validu. Id-deċiżjoni tiegħu għandha tkun aħħarija.

# KAPITOLU 6

# MOZZJONIJIET TA' INTERRUZZJONI U TA' PROĊEDURA

**Artikolu 185**

**Mozzjonijiet ta' proċedura**

1. Talbiet sabiex jitressqu mozzjonijiet ta' proċedura, jiġifieri:

   (a) l-inammissibilità ta' xi kwistjoni (Artikolu 187);

   (b) referenza lura lill-kumitat (Artikolu 188);

   (c) l-għeluq ta' xi dibattitu (Artikolu 189);

(d) l-aġġornament ta' xi dibattitu u votazzjoni (Artikolu 190);

(e) is-sospensjoni jew l-għeluq tas-seduta (Artikolu 191);

għandhom jieħdu preċedenza fuq talbiet sabiex tingħata l-kelma.

Fuq dawn il-mozzjonijiet għandhom jinstemgħu biss dawk li jkunu ressquhom u dawn li ġejjin: kelliem wieħed favur u wieħed kontra u l-president jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli.

2. Il-ħin tad-diskorsi m'għandux ikun itwal minn minuta.

**Artikolu 186**

**Punti ta' ordni**

1. Membru jista' jitħalla jitkellem sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-President dwar kull nuqqas ta' rispett tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. Il-Membru għandu l-ewwel jispeċifika għal liema Artikolu jkun qed jirreferi.

2. Talba sabiex jitqajjem punt ta' ordni għandha tieħu preċedenza fuq kull talba oħra sabiex tingħata l-kelma.

3. Il-ħin tad-diskorsi m'għandux jisboq il-minuta.

4. Il-President għandu jieħu deċiżjoni minnufih dwar punti ta' ordni skond ir-Regoli ta' Proċedura u għandu jħabbar id-deċiżjoni tiegħu minnufih wara li jitqajjem il-punt ta' ordni. M'għandu jittieħed l-ebda vot fuq id-deċiżjoni tal-President.

5. F'każi eċċezzjonali, huwa jista' jgħid li se jħabbar id-deċiżjoni tiegħu aktar tard, iżda mhux iżjed tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li jkun tqajjem il-punt ta' ordni. Il-posponiment ta' deċiżjoni ma jġibx miegħu l-aġġornament tad-dibattitu. Il-President jista' jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli.

*It-talba biex isir punt ta' ordni għandha tkun relatata mal-punt ta' l-aġenda li jkun qiegħed jiġi diskuss f'dak il-mument. Il-President jista' jieħu punt ta' ordni dwar kwistjoni differenti f'mument xieraq, eż. wara li l-punt ta' l-aġenda in kwistjoni ikun magħluq jew qabel ma s-seduta tiġi aġġornata.*

**Artikolu 187**

**Tressiq ta' l-inammissibilità ta' xi kwistjoni**

1. Fil-bidu tad-dibattitu dwar xi punt speċifiku ta' l-aġenda, tista' titressaq l-inammissibilità ta' dak il-punt. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.

Meta jkun hemm il-ħsieb li jitressaq każ ta' inammisibilità, dan għandu jkun notifikat mhux inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel lill-President li għandu jinforma lill-Parlament minnufih.

2. Jekk il-mozzjoni tiġi approvata, il-Parlament għandu jgħaddi minnufih għall-punt li jkun imiss fl-aġenda.

**Artikolu 188**

**Referenza lura lill-Kumitat**

1. Grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jagħmlu talba għal referenza lura lill-kumitat meta tkun stabbilita l-aġenda jew qabel il-bidu tad-dibattitu.

Għandha tingħata notifika dwar l-intenzjoni li titressaq referenza lura lill-kumitat mhux inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel. In-notifika għandha ssir lill-President li għandu jinforma lill-Parlament minnufih.

2. Referenza lura lill-kumitat tista' wkoll tintalab minn xi grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru qabel jew matul il-votazzjoni. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.

3. Talba tista' ssir darba biss f'kull wieħed minn dawn l-istadji proċedurali.

4. Referenza lura lill-kumitat iġġib magħha sospensjoni tad-diskussjoni dwar dak il-punt.

5. Il-Parlament jista' jistabbilixxi limitu ta' żmien li fih il-kumitat ikollu jagħti l-konklużjonijiet tiegħu.

**Artikolu 189**

**Għeluq ta' dibattitu**

1. Fuq proposta tal-President jew fuq talba ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru, dibattitu jista' jingħalaq qabel ma jkunu tkellmu l-kelliema kollha mniżżlin fil-lista tal-kelliema. Għandu jittieħed vot minnufih fuq proposta jew talba bħal din.

2. Jekk il-proposta jew it-talba jiġu approvati, minn dak il-ħin ikun jista' jitkellem Membru wieħed biss minn kull grupp politiku li jkun għadu ma tkellimx f'dak id-dibattitu.

3. Wara d-diskorsi msemmija fil-paragrafu 2, id-dibattitu għandu jingħalaq u l-Parlament għandu jivvota fuq il-kwistjoni li tkun qed tiġi diskussa, ħlief meta l-ħin għall-votazzjoni jkun ġie stabbilit bil-quddiem.

4. Jekk il-proposta jew it-talba jiġu miċħuda, ma jistgħux jerġgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda f'dak id-dibattitu, ħlief mill-President.

**Artikolu 190**

**Aġġornament ta' dibattitu u ta' votazzjoni**

1. Fil-bidu ta' dibattitu dwar xi punt fl-aġenda, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu iressqu mozzjoni li d-dibattitu jiġi aġġornat għal data u ħin speċifiċi. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.

Il-ħsieb li se titressaq mozzjoni ta' aġġornament għandu jkun ikkomunikat lill-President mill-inqas 24 siegħa bil-quddiem u l-President għandu jgħarraf lill-Parlament minnufih.

2. Jekk il-mozzjoni tiġi approvata, il-Parlament għandu jgħaddi minnufih għall-punt li jkun imiss fl-aġenda. Id-dibattitu li jkun ġie aġġornat għandu jissokta fid-data u l-ħin speċifikati.

3. Jekk il-mozzjoni tiġi miċħuda, ma tistax terġa' titqiegħed fuq il-Mejda f'dik is-sessjoni parzjali.

4. Qabel jew waqt votazzjoni, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu iressqu mozzjoni li l-votazzjoni tkun aġġornata. Mozzjoni bħal din għandu jittieħed vot fuqha minnufih.

*Kull deċiżjoni mill-Parlament sabiex dibattitu jiġi aġġornat għal sessjoni parzjali sussegwenti għandha tispeċifika s-sessjoni parzjali li fl-aġenda tagħha se jitqiegħed id-dibattitu, bil-ftehim li l-aġenda għal dik is-sessjoni parzjali ikollha titħejja skond l-Artikoli 149 u 152.*

**Artikolu 191**

**Sospensjoni jew għeluq tas-seduta**

Is-seduta tista' tiġi sospiża jew magħluqa waqt dibattitu jew votazzjoni jekk il-Parlament hekk jiddeċiedi fuq proposta mill-President jew fuq talba ta' grupp politiku jew ta' mhux inqas minn erbgħin Membru. Għandu jittieħed vot fuq proposta jew talba bħal din minnufih.

*Jekk tiġi ppreżentata talba biex seduta tiġi sospiża jew biex tingħalaq, il-proċedura għall-votazzjoni fuq talba bħal din għandha tkun mibdija bla dewmien. Il-mod normali ta' kif jitħabbru l-votazzjonijiet fil-plenarja għandu jintuża u, skont il-prattika attwali, għandu jingħata biżżejjed żmien biex il-Membri jaslu fl-Awla.*

*B'analoġija mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 152(2), jekk tali talba tiġi miċħuda, talba simili ma tkunx tista' titressaq mill-ġdid matul l-istess jum. Skont l-interpretazzjoni tal-Artikolu 22(1), il-President għandu d-dritt li jtemm l-użu eċċessiv ta' talbiet ippreżentati taħt dan l-Artikolu.*

# KAPITOLU 7

# REĠISTRI PUBBLIĊI TAL-PROĊEDURI

**Artikolu 192**

**Minuti**

1. Il-minuti ta' kull seduta, bid-dettalji tal-proċeduri u d-deċiżjonijiet tal-Parlament u l-ismijiet tal-kelliema, għandhom jitqassmu mhux inqas minn nofs siegħa qabel il-bidu tal-parti ta' wara nofsinhar tas-seduta li jkun imiss.

*Fil-kuntest ta' proċeduri leġislattivi, l-emendi kollha adottati mill-Parlament għandhom ukoll jitqiesu li jkunu deċiżjonijiet skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni, wkoll jekk il-proposta relevanti tal-Kummissjoni jew il-pożizzjoni tal-Kunsill ikunu fl-aħħar mill-aħħar miċħuda, skont l-Artikolu 60(1) jew l-Artikolu 68(3) rispettivament.*

2. Fil-bidu tal-parti ta' wara nofsinhar ta' kull seduta, il-President għandu jqiegħed quddiem il-Parlament, għall-approvazzjoni tiegħu, il-minuti tas-seduta ta' qabel.

3. Jekk jitqajjmu oġġezzjonijiet għall-minuti, il-Parlament għandu, jekk ikun meħtieġ, jiddeċiedi jekk il-bidliet mitluba għandhomx ikunu kkunsidrati. Ebda Membru ma jista' jitkellem fuq is-suġġett għal aktar minn minuta.

4. Il-minuti għandhom ikunu ffirmati mill-President u mis-Segretarju Ġenerali u jinżammu fl-arkivji tal-Parlament. Il-minuti għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Artikolu 193**

**Testi adottati**

1. It-testi adottati mill-Parlament għandhom ikunu ppubblikati minnufih wara l-votazzjoni. Għandhom jitressqu quddiem il-Parlament flimkien mal-minuti tas-seduta rilevanti u jinżammu fl-arkivji tal-Parlament.

2. It-testi adottati mill-Parlament għandhom ikunu suġġetti għal finalizzazzjoni legali u lingwistika taħt ir-responsabilità tal-President. Meta dawn it-testi jiġu adottati fuq il-bażi ta' ftehima milħuqa bejn il-Parlament u l-Kunsill, din il-finalizzazzjoni għandha ssir miż-żewġ istituzzjonijiet f'koperazzjoni mill-qrib u permezz ta' ftehim reċiproku.

3. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 231 għandha tapplika meta, sabiex ikunu żgurati l-koerenza u l-kwalità tat-test f'konformità mar-rieda espressa mill-Parlament, ikunu meħtieġa adattazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-korrezzjonijiet ta' żbalji tipografiċi jew mill-korrezzjonijiet meħtieġa biex tkun żgurata l-konkordanza bejn il-verżjonijiet fil-lingwi kollha, l-korrettezza lingwistika u l-konsistenza terminoloġika tagħhom.

4. Il-pożizzjonijiet adottati mill-Parlament skont il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom jieħdu s-sura ta' test konsolidat. Meta l-vot tal-Parlament ma jkunx ibbażat fuq ftehima mal-Kunsill, it-test konsolidat għandu jidentifika l-emendi li jkunu ġew adottati.

5. Wara l-finalizzazzjoni, it-testi adottati għandhom ikunu ffirmati mill-President u mis-Segretarju Ġenerali u għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**Artikolu 194**

**Rapporti Verbatim**

1. Għandu jsir rapport verbatim tad-diskussjonijiet ta' kull seduta bħala dokument multilingwi li fih jidhru l-kontribuzzjonijiet orali kollha bil-lingwa oriġinali tagħhom.

2. Il-kelliema jistgħu jagħmlu korrezzjonijiet għat-test ittajpjat tal-kontribuzzjonijiet orali tagħhom fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol. Il-korrezzjonjiet għandhom jintbagħtu sal-iskadenza lis-Segretarjat.

3. Ir-rapport verbatim multilingwi għandu jkun ippubblikat bħala anness mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jinżamm fir-rekords tal-Parlament.

4. Għandha ssir traduzzjoni bi kwalunkwe lingwa uffiċjali ta' silta mir-rapport verbatim fuq talba minn Membru. Jekk ikun meħtieġ, it-traduzzjoni għandha tingħata fi żmien qasir.

**Artikolu 195**

**Rekord awdjoviżiv tad-diskussjonijiet**

1. Id-diskussjonijiet tal-Parlament bil-lingwi li jsiru, kif ukoll is-soundtrack multilingwi minn kull kabina attiva tal-interpretazzjon, għandhom jixxandru fil-ħin reali fil-websajt tiegħu.

2. Eżatt wara s-seduta għandu jsir rekord awdjoviżiv indiċizzat tad-diskussjonijiet bil-lingwi li jsiru fihom, kif ukoll is-soundtracks multilingwi minn kull kabina attiva tal-interpretazzjoni u dawn għandhom isiru disponibbli fil-websajt tal-Parlament matul il-mandat parlamentari kurrenti u dak li jmiss, u wara dan iż-żmien dawn għandhom jinħażnu fir-rekords tal-Parlament. Dan ir-rekord awdjoviżiv għandu jkun marbut permezz ta' ħolqa mar-rapporti verbatim tad-diskussjonijiet malli dawn ikunu disponibbli.

# TITOLU VIII

# KUMITATI U DELEGAZZJONIJIET

## KAPITOLU 1

## KUMITATI - TWAQQIF U SETGĦAT

### Artikolu 196

### Twaqqif ta' Kumitati Permanenti

Fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament għandu jwaqqaf kumitati permanenti li s-setgħat tagħhom għandhom ikunu stabbiliti f'anness għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura[22]. Il-Membri tagħhom għandhom ikunu eletti fl-ewwel sessjoni parzjali wara l-elezzjoni ta' Parlament ġdid u mill-ġdid sentejn u nofs wara.

*Is-setgħat tal-kumitati permanenti għandhom jigu stabbiliti f'ħin differenti mill-ħin meta l-kumitat ikun qed jitwaqqaf.*

### Artikolu 197

### Twaqqif ta' Kumitati Speċjali

Fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament jista' f'kull ħin iwaqqaf kumitati speċjali, li s-setgħat, il-kompożizzjoni u l-mandat tagħhom għandhom ikunu stabbiliti fl-istess ħin li tittieħed id-deċiżjoni li jitwaqqfu; il-mandat tagħhom m'għandux jisboq it-tnax-il xahar, ħlief meta l-Parlament jestendi dan il-mandat malli jiskadi.

*Billi s-setgħat, il-kompożizzjoni u l-mandati tal-kumitati speċjali jiġu deċiżi fl-istess ħin li jitwaqqfu dawk il-kumitati, il-Parlament ma jistax sussegwentement jiddeċiedi li jibdel is-setgħat tagħhom, sew billi jżidhom u sew billi jnaqqashom.*

### Artikolu 198

### Kumitati ta' inkjesta

1. Il-Parlament jista' fuq talba ta' kwart tal-Membri tiegħu, iwaqqaf kumitat ta' inkjesta biex jinvestiga allegazzjoni ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni jew allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħazina fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni li jkunu jidhru li jkunu atti ta' xi istituzzjoni jew organu tal-Komunitajiet Ewropej, ta' xi korp ta' amministrazzjoni pubblika ta' xi Stat Membru, jew ta' persuni li għandhom setgħa mogħtija mil-liġi tal-Unjoni sabiex jimplimentaw dik il-liġi.

Id-deċiżjoni li jitwaqqaf kumitat ta' inkjesta għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fi żmien xahar. Barra minn hekk, il-Parlament għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex kemm jista' jkun jiċċirkula din id-deċiżjoni.

2. Il-modus operandi ta' kumitat ta' inkjesta għandu jkun regolat mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli dwar il-kumitati, ħlief jekk ikun stipulat speċifikament mod ieħor f'dan l-Artikolu u fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 dwar id-disposizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew li hija annessa ma dawn ir-Regoli[23].

---

[22] Ara l-Anness VI.
[23] Ara l-Anness VIII.

3. It-talba sabiex jitwaqqaf kumitat ta' inkjesta għandha tispeċifika b'mod preċiż is-suġġett ta' l-inkjesta u tinkludi stqarrija dettaljata tar-raġunijiet għala qed issir. Il-Parlament, fuq proposta mill-Konferenza ta' Presidenti, għandu jiddeċiedi jekk għandux jitwaqqaf kumitat u, jekk jiddeċiedi li għandu jitwaqqaf kumitat, jiddeċiedi x'għamla għandu jkollu dan il-kumitat, skont l-Artikolu 199.

4. Kumitat ta' inkjesta għandu jtemm xogħlu bil-preżentazzjoni ta' rapport fi żmien mhux aktar minn tnax-il xahar. Il-Parlament jista' għal darbtejn jestendi dan il-perjodu bi tliet xhur kull darba.

Huma biss membri sħaħ jew, fl-assenza tagħhom, sostituti permanenti li jistgħu jivvutaw f'kumitat ta' inkjesta.

5. Kumitat ta' inkjesta għandu jeleġġi l-president tiegħu u żewġ viċi presidenti u jaħtar rapporteur wieħed jew iżjed. Il-kumitat jista' wkoll jassenja responsabbiltajiet, dmirijiet u doveri speċifiċi lill-Membri tiegħu li mbagħad ikunu jridu jibdew jagħtu rapporti dettaljati lill-kumitat.

Fl-intervall bejn laqgħa u oħra, il-Bureau tal-kumitat għandu, f'każi ta' urġenza jew ħtieġa, jeżerċita s-setgħat tal-kumitat, azzjoni li tkun suġġetta għal ratifika fil-laqgħa li jkun imiss.

6. Meta kumitat ta' inkjesta jqis li jkun inkiser xi wieħed mid-drittijiet tiegħu, dan għandu jipproponi li l-President jieħu l-miżuri xierqa.

7. Kumitat ta' inkjesta jista' jikkuntattja lill-istituzzjonijiet jew lill-persuni msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni stipulata fil-paragrafu 2 bil-għan li jżomm xi seduta ta' smigħ jew li jakkwista xi dokumenti.

L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni ta' membri u ta' uffiċjali ta' istituzzjonijiet u organi tal-Unjoni għandhom jitħallsu minn dawk l-istituzzjonijiet u organi. Spejjeż ta' l-ivjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni ta' persuni oħra li jidhru quddiem kumitat ta' inkjesta għandhom ikunu rimbursati mill-Parlament Ewropew skond ir-regoli dwar is-seduta ta' smigħ ta' esperti.

Kull persuna li tissejjaħ sabiex tixhed quddiem kumitat ta' inkjesta tista' titlob li tgawdi d-drittijiet kollha li tgawdi kieku tixhed quddiem tribunal f'pajjiżha. Hija għandha tkun infurmata dwar dawn id-drittijiet qabel ma tixhed quddiem il-kumitat.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwi użati, kumitat ta' inkjesta għandu japplika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 158. Madankollu, il-Bureau tal-kumitat:

– jista' jillimita l-interpretazzjoni għal-lingwi uffiċjali ta' dawk li għandhom jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet, jekk iqis li dan huwa meħtieġ għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità,

– għandu jiddeċiedi dwar it-traduzzjoni ta' dokumenti li jkun irċieva b'mod li jiżgura li l-kumitat ikun jista' jwettaq id-deliberazzjonijiet tiegħu b'mod effiċjenti u malajr u li s-segretezza u l-kunfidenzjalità meħtieġa jkunu rispettati.

8. Il-president ta' kumitat ta' inkjesta għandu, flimkien mal-Bureau, jiżgura li s-segretezza u l-kunfidenzjalità tad-deliberazzjonijiet ikunu rispettati u għandu jagħti avviż kif imiss lill-membri dwar dan.

Huwa għandu wkoll jirreferi b'mod espliċitu għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq. Għandha tapplika il-Parti A tal-Anness VII għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

9. Fl-eżami ta' dokumenti sigrieti jew kunfidenzjali li jkunu ġew mgħoddija lill-kumitat għandhom jintużaw miżuri tekniċi li jiżguraw li jkunu biss il-membri responsabbli mill-każ li

jkollhom aċċess personali għalihom. Il-membri konċernati għandhom jintrabtu solennement li ma jippermettux li xi persuna oħra jkollha aċċess għal tagħrif sigriet jew kunfidenzjali, skond dan l-Artikolu, u li jużaw din l-informazzjoni esklussivament għall-għanijiet biex li jippreparaw ir-rapport tagħhom għall-kumitat ta' inkjesta. Il-laqgħat għandhom jinżammu f'postijiet mgħammra b'tali mod li jkun impossibbli għal persuni mhux awtorizzati li jsegwu l-proċeduri.

10. Wara li jtemm xogħlu, kumitat ta' inkjesta għandu jissottometti lill-Parlament rapport dwar ir-riżultat ta' xogħlu, li jkun fih opinjonijiet tal-minoranza, jekk ikun il-każ, skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 56. Ir-rapport għandu jkun ippubblikat.

Fuq talba tal-kumitat ta' inkjesta l-Parlament għandu jagħmel dibattitu dwar ir-rapport fis-sessjoni parzjali li jkun imiss wara li jiġi ppreżentat.

Il-kumitat jista' wkoll jippreżenta lill-Parlament abbozz ta' rakkomandazzjoni indirizzat lil istituzzjonijiet jew organi tal-Unjoni Ewropea jew lill-Istati Membri.

11. Il-President għandu jagħti struzzjonijiet lill-kumitat responsabbli skond l-Anness VI sabiex jissorvelja l-azzjonijiet li ttieħdu bħala riżultat tax-xogħol tal-kumitat ta' inkjesta u, jekk ikun il-każ, sabiex jirraporta dwar dan. Huwa għandu jieħu kwalunkwe passi oħra li jidhirlu xierqa sabiex jiżgura li l-konklużjonijiet ta' l-inkjesta jitpoġġew fil-prattika.

*Hija biss il-proposta mill-Konferenza tal-Presidenti dwar l-għamla ta' kumitat ta' inkjesta (paragrafu 3) li tista' tiġi emendata, skond l-Artikolu 199(2).*

*Is-suġġett ta' l-inkjesta kif stabbilit minn kwart tal-Membri kollha tal-Parlament (paragrafu 3) u ż-żmien stipulat fil-paragrafu 4 ma jistgħux jiġu emendati.*

**Artikolu 199**

**Kompożizzjoni tal-kumitati**

1. Membri tal-kumitati u tal-kumitati ta' inkjesta għandhom jiġu eletti wara li n-nominazzjonijiet ikunu ġew ippreżentati mill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tippreżenta proposti lill-Parlament. Il-kompżizzjoni tal-kumitati għandha tirrifletti, sa fejn ikun possibbli, il-kompożizzjoni tal-Parlament.

*Meta Membru jbiddel il-grupp politiku tiegħu huwa għandu jżomm, għall-bqija tal-mandat tiegħu ta' sentejn u nofs, is-siġġijiet li jkollu f'kumitati parlamentari. Madankollu, jekk il-bdil tal-grupp politiku ta' xi Membru ikollu l-effett li jtellef il-bilanċ ta' rappreżentanza ġusta ta' fehmiet politiċi f'xi kumitat, għandhom isiru proposti ġodda għall-kompożizzjoni ta' dak il-kumitat mill-Konferenza tal-Presidenti skond il-proċedura mniżżla fil-paragrafu 1, it-tieni sentenza, liema proposti għandhom jiggarantixxu d-drittijiet individwali tal-Membru kkonċernat.*

*Il-proporzjonalità tat-tqassim tas-siġġijiet tal-kumitati fost il-gruppi politiċi m'għandhiex titbiegħed mill-eqreb numru sħiħ xieraq. Jekk xi grupp jiddeċiedi li ma jkollux rappreżentanti f'xi kumitat, dawn is-siġġijiet għandhom jibqgħu battala u l-kumitat jonqos fid-daqs bin-numru korrispondenti. Mhuwiex permess l-iskambju ta' siġġijiet bejn il-gruppi politiċi.*

2. Emendi għall-proposti tal-Konferenza tal-Presidenti jkunu ammissibbli biss jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda minn mhux inqas minn erbgħin Membru. Il-Parlament għandu jivvota fuq dawn l-emendi b'vot sigriet.

3. Membri għandhom jitqiesu li ġew eletti fuq il-bażi tal-proposti mill-Konferenza tal-Presidenti, kif eventwalment emendati skond paragrafu 2.

4. Meta grupp politiku jonqos milli jippreżenta nominazzjonijiet għal membri f'kumitat ta' inkjesta skond il-paragrafu 1 fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Konferenza tal-Presidenti,

il-Konferenza tal-Presidenti għandha tippreżenta lill-Parlament biss in-nominazzjonijiet ippreżentati lilha f'dak il-limitu ta' żmien.

5. Il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi proviżorjament li timla postijiet vakanti f'xi kumitat bi qbil mal-persuni li għandhom jinħatru u bla ħsara għall-paragrafu 1.

6. Kwalunkwe tibdil bħal dan għandu jitressaq quddiem il-Parlament għar-ratifika fis-seduta li jkun imiss.

**Artikolu 200**

**Sostituti**

1. Il-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati jistgħu għal kull kumitat jaħtru numru ta' sostituti permanenti li jkun ugwali għan-numru ta' membri sħaħ li jkunu jirrappreżentawhom fil-kumitat. Il-President għandu jkun infurmat b'dan. Dawn is-sostituti permanenti għandu jkollhom id-dritt li jattendu u jitkellmu f'laqgħat tal-kumitat u, jekk il-membru sħiħ ikun assenti, li jieħdu sehem fil-votazzjonijiet.

*Fil-każ li s-siġġu ta' membru sħiħ ta' kumitat jiġi vakanti, sostitut permanenti mill-istess grupp politiku għandu jkun intitolat li jivvota fil-post tal-membru sħiħ, fuq bażi temporanja sakemm is-sostituzzjoni proviżorja tal-membru sħiħ skont l-Artikolu 199(5), jew, fin-nuqqas ta' tali sostituzzjoni provviżorja, sakemm issir il-ħatra ta' membru sħiħ ġdid. Dan id-dritt huwa bbażat fuq id-deċiżjoni tal-Parlament dwar il-kompożizzjoni numerika tal-kumitat, u l-għanijiet li jiżguraw li n-numru ta 'membri tal-grupp politiku kkonċernat li jista' jieħu sehem fil-votazzjoni huwa ugwali għan-numru intitolati li jagħmlu dan qabel is-siġġu ġie vakanti.*

2. Barra minn hekk, f'każ ta' assenza ta' membru sħiħ u fil-każ li ma kienux maħtura sostituti permanenti jew fil-każ li dawn ta' l-aħħar ikunu assenti, il-membru sħiħ tal-kumitat jista' jagħmel arranġamenti sabiex ikun rappreżentat fil-laqgħat minn membru ieħor tal-grupp politiku tiegħu li għandu jkun intitolat għall-vot. L-isem tas-sostitut għandu jkun notifikat lill-president tal-kumitat qabel il-bidu tas-sessjoni tal-votazzjoni.

*Paragrafu 2 għandu japplika, 'mutatis mutandis', għall-Membri mhux affiljati.*

*In-notifika bil-quddiem imsemmija fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 2 għandha tingħata qabel tmiem id-dibattitu jew qabel il-ftuħ tal-votazzjoni fuq il-punt jew punti li għalihom il-membru sħiħ sostitwit.*

* * *

*Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jinkludu żewġ elementi li huma mfissra b'mod ċar b'dan it-test:*

– *grupp politiku ma jistax ikollu sostituti permanenti għal xi kumitat aktar milli jkollu membri sħaħ;*

– *gruppi politiċi biss għandhom id-dritt li jaħtru sostituti permanenti, bil-kundizzjoni waħdanija li jinfurmaw lill-President.*

*Bħala konklużjoni:*

– *l-istatus ta' sostituti permanenti jiddependi esklussivament fuq jekk wieħed ikunx membru ta' grupp politiku partikulari;*

– *meta n-numru ta’ membri sħaħ ta’ grupp politiku partikulari f’xi kumitat jinbidel, l-akbar numru ta’ sostituti permanenti li dak il-grupp politiku jkun jista’ jaħtar fuq dak il-kumitat jinbidel bl-istess mod;*

– *meta membru jibdel il-grupp politiku tiegħu, huwa ma jistgħax iżomm l-’istatus’ ta’ sostitut permanenti li kellu bħala membru tal-grupp oriġinali tiegħu;*

– *membru ta’ kumitat ma jistax, taħt l-ebda ċirkustanza, jissostitwixxi xi kollega li jkun ġej minn grupp politiku ieħor.*

**Artikolu 201**

**Dmirijiet tal-kumitati**

1. Kumitati permanenti għandhom jeżaminaw kwistjonijiet imressqa quddiemhom mill-Parlament jew, f'xi aġġornament tas-sessjoni, mill-President f'isem il-Konferenza tal-Presidenti. Ir-responsabbiltajiet ta' kumitati speċjali u kumitati ta' inkjesta għandhom ikunu stabbiliti meta jitwaqqfu; dawn ma jistgħux jagħtu opinjonijiet lil kumitati oħra.

*(Ara l-interpretazzjoni taħt l-Artikolu 197)*

2. Jekk kumitat permanenti jiddikjara lilu nnifsu mhux kompetenti biex jeżamina xi kwistjoni, jew jekk jinqala' konflitt dwar il-kompetenza ta' żewġ kumitati permanenti jew iżjed, il-kwistjoni ta' kompetenza għandha titressaq quddiem il-Konferenza tal-Presidenti fi żmien erba' ġimgħat minn meta jitħabbar fil-Parlament li saret riferenza lill-kumitat.

Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, jew, jekk ma jkunx hemm rakkomandazzjoni bħal din, mill-president tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti ma tieħux deċiżjoni f'dak il-perjodu, ir-rakkomandazzjoni għandha titqies li tkun ġiet approvata.

*Il-presidenti tal-kumitati jistgħu jagħmlu ftehimiet ma’ presidenti oħra tal-kumitati dwar l-allokazzjoni ta’ suġġett lil xi kumitat partikolari, bla ħsara, fejn ikun il-każ, għall-awtorizzazzjoni ta’ proċedura b’ kumitati assoċjati skont l-Artikolu 54.*

3. Jekk ikun hemm żewġ kumitati permanenti jew iżjed li jkunu kompetenti sabiex jikkunsidraw xi kwistjoni, wieħed mill-kumitati għandu jkun nominat bħala l-kumitat responsabbli u l-oħrajn bħala kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni.

Madankollu, ebda kwistjoni m'għandha titressaq fl-istess ħin quddiem iżjed minn tliet kumitati, ħlief jekk ikun hemm raġuni serja għala għandha tingħata deroga minn din ir-regola skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1.

4. Żewġ kumitati jew iżjed, jew żewġ sotto-kumitati jew iżjed jistgħu b'mod konġunt jikkunsidraw kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, imma ma jistgħux jieħdu deċiżjoni.

5. Kull kumitat jista', bi qbil mal-Bureau tal-Parlament, jagħti istruzzjonijiet lil wieħed jew iżjed mill-membri tiegħu sabiex jagħmel xi studju jew xi missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni.

**Artikolu 202**

**Kumitat responsabbli mill-verifika ta' kredenzjali**

Fost il-kumitati mwaqqfa skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli, għandu jkun hemm kumitat li jkun responsabbli mill-verifika ta' kredenzjali u mill-preparazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar kwalunkwe oġġezzjoni li tikkonċerna l-validità ta' elezzjonijiet.

**Artikolu 203**

**Sottokumitati**

1. Kumitat permanenti jew speċjali jista', fl-interess ta' xogħolu, b'awtorizzazzjoni minn qabel mill-Konferenza tal-Presidenti, jaħtar sottokumitat wieħed jew iżjed, li tagħhom l-istess kumitat għandu jiddetermina l-kompożizzjoni, skond l-Artikolu 199, u l-oqsma ta' responsabiltà. Is-sottokumitati għandhom jirraportaw lill-kumitat li jkun waqqafhom.

2. Il-proċedura tas-sottokumitati għandha tkun l-istess bħal tal-kumitati.

3. Sostituti għandhom jitħallew ikunu f'sottokumitati taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ma jkunu f'kumitati.

4. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandha tkun tali li tiggarantixxi l-interdipendenza bejn sottokumitat u l-kumitat li fi ħdanu jkun twaqqaf is-sottokumitat. Għal dan il-għan il-membri sħaħ kollha ta' sottokumitat għandhom jintgħażlu minn fost il-membri tal-kumitat prinċipali.

**Artikolu 204**

**Bureaux tal-kumitati**

1. Fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara l-elezzjoni tal-membri tal-kumitat skond l-Artikolu 199, il-kumitat għandu jeleġġi bureau li jkun jikkonsisti fi president u minn viċi presidenti li għandhom ikunu eletti f'votazzjonijiet separati. In-numru ta’ viċi presidenti li għandhom jiġu eletti għandu jiġi determinat mill-Parlament fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti.

*Huma biss il-membri titulari tal-kumitat, li ġew eletti skont l-Artikolu 199, li jistgħu jiġu eletti għall-bureau tiegħu.*

2. Meta n-numru ta' nominazzjonijiet ikun jaqbel man-numru ta' postijiet li jridu jimtlew, l-elezzjoni tista' ssir b'akklamazzjoni.

Meta dan ma jkunx il-każ, jew fuq talba ta' parti waħda minn sitta tal-membri tal-kumitat, l-elezzjoni għandha ssir permezz ta' votazzjoni sigrieta.

Jekk ikun hemm biss kandidat wieħed, l-elezzjoni tintrebaħ b'maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa li għandhom jinkludu l-voti favur u kontra.

Meta jkun hemm iżjed minn kandidat wieħed fl-ewwel votazzjoni, il-kandidat li jġib maġġoranza assoluta tal-voti mitfugħa, kif imfisser fis-subparagrafu preċedenti, għandu jkun elett. Fit-tieni votazzjoni, il-kandidat li jġib l-ogħla numru ta' voti għandu jkun elett. Fil-każ ta' voti ndaqs, l-aktar membru anzjan għandu jkun elett.

Meta tkun meħtieġa t-tieni votazzjoni, jistgħu jkunu nominati kandidati ġodda.

*Din id-dispożizzjoni ma żżommx, imma għall-kuntrarju tippermetti, lill-president tal-kumitat prinċipali milli jinvolvi lill-presidenti tas-sottokumitati fil-ħidma tal-Bureau jew milli jippermettilhom li jippresiedu dibattiti dwar kwistjonijiet trattati b’mod speċifiku mis-sottokumitati*

*kkonċernati, kemm-il darba dan il-mod ta' kif wieħed jipproċedi jkun ippreżentat lill-bureau fis-sħuħija tiegħu għall-konsiderazzjoni tiegħu u jkun hemm qbil dwaru mill-bureau.*

**Artikolu 205**

**Koordinaturi tal-kumitati u shadow rapporteurs**

1. Il-gruppi politiċi jistgħu jinnominaw wieħed mill-membri tagħhom bħala koordinatur.

2. Fejn ikun meħtieġ, il-koordinaturi tal-kumitati għandhom jiġu msejħa mill-president tal-kumitat biex iħejju deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-kumitat, b'mod partikolari deċiżjonijiet dwar il-proċedura u l-ħatra ta' rapporteurs. Il-kumitat jista' jiddelega lill-koordinaturi s-setgħa biex jittieħdu ċerti deċiżjonijiet, ħlief għal deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni ta' rapporti, opinjonijiet jew emendi. Il-viċi presidenti tal-kumitati jistgħu jiġu mistiedna jieħdu sehem bħala konsulenti fil-laqgħat tal-koordinaturi tal-kumitati. Il-koordinaturi għandhom jagħmlu ħilithom biex jilħqu kunsens. Meta ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, huma jistgħu jaġixxu biss b'maġġoranza li tirrappreżenta b'mod ċar maġġoranza kbira tal-kumitat, filwaqt li titqies is-saħħa rispettiva tal-gruppi differenti.

3. Il-koordinaturi tal-kumitati għandhom jissejħu mill-president tal-kumitat tagħhom sabiex iħejju l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji nnominati. Wara dawn is-seduti ta' smigħ, il-koordinaturi għandhom jiltaqgħu biex jevalwaw il-kandidati nnominati f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Anness XVI.

4. Għal kull rapport, il-gruppi politiċi jistgħu jinnominaw shadow rapporteur biex isegwi l-progress tar-rapport rilevanti u jfittex kompromessi fil-kumitat f'isem il-grupp. Ismijiethom għandhom jiġu mgħarrfa lill-president tal-kumitat. Fuq proposta tal-koordinaturi, il-kumitat jista', b'mod partikolari, jiddeċiedi li jinvolvi lix-shadow rapporteurs sabiex jintlaħaq ftehim mal-Kunsill fi proċeduri leġislattivi ordinarji.

*Il-Membri Mhux Affiljati ma jikkostitwixxux grupp politiku skont l-Artikolu 32 u, għaldaqstant, ma jistgħux jinnominaw koordinaturi, li huma l-uniċi Membri li jistgħu jipparteċipaw bi dritt fil-laqgħat tal-koordinaturi.*

*Il-laqgħat tal-koordinaturi huma maħsuba biex iħejju d-deċiżjonijiet ta' kumitat u ma jistgħux jissostitwixxu l-laqgħat ta' kumitat, ħlief b'delega espliċita. Minħabba dan, id-deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħa tal-koordinaturi għandhom jiġu soġġetti għal delega ex ante. Fin-nuqqas ta' din id-delega, il-koordinaturi jistgħu jadottaw biss rakkomandazzjonijiet li jeħtieġu approvazzjoni formali ex post mill-kumitat.*

*Fi kwalunkwe każ, id-dritt għall-aċċess għat-tagħrif tal-Membri Mhux Affiljati għandu jiġi garantit, f'konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, permezz tat-trażmissjoni tat-tagħrif u tal-preżenza ta' membru tas-Segretarjat tal-Membri Mhux Affiljati fil-laqgħat tal-koordinaturi.*

## KAPITOLU 2

## KUMITATI - FUNZJONIJIET

**Artikolu 206**

**Laqgħat tal-kumitati**

1. Kumitat għandu jiltaqa' meta jissejjaħ mill-president tiegħu jew fuq talba tal-President.

2. Il-Kummissjoni u l-Kunsill jistgħu jieħdu sehem f'laqgħat tal-kumitati jekk ikunu mistiedna biex jagħmlu dan f'isem xi kumitat mill-president tiegħu.

B'deċiżjoni speċjali ta' kumitat, kwalunkwe persuna oħra tista' tkun mistiedna sabiex tattendi u titkellem f'xi laqgħa.

*B'analoġija, id-deċiżjoni dwar jekk assistenti ta' Membri għandhomx jitħallew ikunu preżenti f'laqgħat tal-kumitat għandha titħalla fid-diskrezzjoni ta' kull kumitat.*

*Il-kumitat responsabbli jista', bl-approvazzjoni tal-Bureau, jorganizza smigħ ta' esperti jekk jikkunsidra dan is-smiegħ bħala essenzjali għat-tmexxija effettiva tax-xogħol tiegħu fir-rigward ta' xi suġġett partikulari.*

*Kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni jistgħu jattendu għas-smiegħ jekk ikunu jixtiequ.*

*Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu interpretati f'konformità mal-punt 50 tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea*[24].

3. Bla ħsara għall-Artikolu 53(6) u ħlief fil-każ li kumitat jiddeċiedi mod ieħor, il-Membri jistgħu jattendu laqgħat ta' kumitati li huma ma jkunux jagħmlu parti minnhom, imma ma jistgħux jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet.

Dawn il-Membri jistgħu, madankollu, jingħataw permess mill-kumitat biex jieħdu parti fil-proċeduri f'kapaċità konsultattiva.

**Artikolu 207**

**Minuti tal-laqgħat tal-kumitati**

Il-minuti ta' kull laqgħa ta' kumitat għandhom jitqassmu lill-membri kollha ta' dak il-kumitat u jiġu ppreżentati lill-kumitat għall-approvazzjoni tiegħu.

**Artikolu 208**

**Votazzjoni fil-Kumitat**

1. Kull Membru jista' jqiegħed emendi fuq il-Mejda biex ikunu eżaminati mill-kumitat.

2. Kumitat jista' jivvota b'mod validu meta kwart mill-membri tiegħu ikunu fil-fatt preżenti. Madankollu, jekk issir talba f'dan ir-rigward minn parti waħda minn sitta tal-membri tiegħu qabel ma tibda l-votazzjoni, il-votazzjoni tkun valida biss jekk il-maġġoranza tal-membri li jiffurmaw il-kumitat ikunu ħadu sehem fiha.

3. Kwalunkwe votazzjoni unika u/jew aħħarija fil-kumitat dwar rapport għandha ssir permezz ta' votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet skont l-Artikolu 180(2). Il-votazzjoni dwar l-emendi u votazzjonijiet oħrajn għandhom isiru b'turija tal-idejn, sakemm il-President jiddeċiedi li jkompli b'votazzjoni elettronika jew kwart tal-membri tal-kumitat jitolbu li ssir votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet.

*Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 208(3) dwar il-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet m'għandhomx japplikaw għar-rapporti stipulati fl-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 9(3), (6) u (8), fi proċedimenti relatati mal-immunità ta' Membru.*

4. Il-president tal-kumitat jista' jieħu sehem f'diskussjonijiet u jista' jivvota, imma mingħajr ma jkollu l-vot deċiżiv.

5. Fid-dawl ta' l-emendi mqiegħda fuq il-Mejda, il-kumitat jista', minflok ma jgħaddi għal votazzjoni, jitlob lir-rapporteur sabiex jippreżenta abbozz ġdid li kemm jista' jkun, jagħti kas ta'

---
[24] Ara Anness XIII.

l-emendi. Għandu mbagħad jiġi stabbilit perjodu ġdid li fih ikunu jistgħu jsiru emendi għal dan l-abbozz.

**Artikolu 209**

**Dispożizzjonijiet dwar is-seduti plenarji li japplikaw fil-kumitat**

L-Artikoli 14, 15, 16, 19, 20, 38 sa 48, 160, 162(2) u (10), 165, 167, 169 sa 172, 174, 177, 178, 181, 182, 184 sa 187, 190 u 191 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal-laqgħat tal-kumitati.

**Artikolu 210**

**Ħin għall-Mistoqsijiet fil-kumitat**

Jista' jsir Ħin għall-Mistoqsijiet fil-kumitat jekk xi kumitat hekk jiddeċiedi. Kull kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli tiegħu dwar it-twassim tal-Ħin tal-Mistoqsijiet.

**Artikolu 211**

**Seduti ta' smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini**

1. Meta l-Kummissjoni tkun ippubblikat inizjattiva taċ-ċittadini fir-reġistru rilevanti skont l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 211/20111 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, il-President tal-Parlament, fuq talba mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati:

(a) għandu jagħti l-kompitu lill-kumitat leġiżlattiv responsabbli mis-suġġett skont l-Anness VI biex jorganizza s-smigħ pubbliku stipulat fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011; il-Kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet għandu jkun awtomatikament assoċjat mal-kumitat leġiżlattiv skont l-Artikolu 54 ta' dawn ir-Regoli;

(b) jista', fejn żewġ inizjattivi taċ-ċittadini jew aktar, ippubblikati fir-reġistru rilevanti skont l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, ikollhom suġġett simili, jiddeċiedi, wara li jikkonsulta lill-organizzaturi, li jiġi organizzat smigħ pubbliku konġunt fejn jiġu indirizzati l-inizjattivi taċ-ċittadini kollha fuq l-istess livell.

2. Il-kumitat responsabbli:

(a) għandu jiżgura li l-Kummissjoni tirċievi lill-organizzaturi fil-livell xieraq skont l-Artikolu 10(1)(b), tar-Regolament (UE) Nru 211/2011;

(b) għandu jiżgura, jekk ikun hemm bżonn bl-appoġġ tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, li l-Kummissjoni tipparteċipa kif xieraq fl-organizzazzjoni tas-smigħ pubbliku u li, f'din l-okkażjoni, tkun rappreżentata fil-livell xieraq.

3. Il-President tal-kumitat responsabbli għandu jagħżel id-data għas-smigħ pubbliku fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tal-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.

4. Il-kumitat responsabbli għandu jorganizza s-smigħ pubbliku fil-Parlament, jekk ikun il-każ flimkien mal-istituzzjonijiet u l-entitajiet l-oħrajn tal-Unjoni f'każ li juru x-xewqa li jipparteċipaw. Jista' jistieden lil partijiet interessati oħrajn biex jattendu.

Il-kumitat responsabbli għandu jistieden lil grupp rappreżentattiv tal-organizzaturi, inkluż tal-inqas waħda mill-persuni ta’ kuntatt imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, biex tippreżenta l-inizjattiva fis-seduta ta’ smigħ.

5. Il-Bureau għandu, skont l-arranġamenti maqbulha mal-Kummissjoni, jadotta regoli dwar ir-rimborż ta' spejjeż imġarrba.

6. Il-President tal-Parlament u l-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jista’ jiddelega s-setgħat tagħhom fil-qafas ta’ dan l-Artikolu lil Viċi President jew president ieħor tal-kumitat rispettivament;

7. Jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 54 jew fl-Artikolu 55, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll mutatis mutandis għal kumitati oħrajn. L-Artikolu 201 għandu japplika wkoll.

L-Artikolu 25(9) ma għandux japplika għas-seduti ta’ smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini.

# KAPITOLU 3

# DELEGAZZJONIJIET INTERPARLAMENTARI

## Artikolu 212

### Twaqqif u dmirijiet ta' delegazzjonijiet interparlamentari

1. Fuq proposta tal-Konferenza tal-Presidenti, il-Parlament għandu jwaqqaf delegazzjonijiet interparlamentari permanenti u, filwaqt li jqis id-dmirijiet tagħhom, jiddeċiedi dwar in-natura tagħhom u dwar in-numru ta' membri li jiffurmawhom. Il-membri għandhom ikunu eletti matul fl-ewwel jew fit-tieni sessjoni parzjali wara li l-Parlament jerġa' jiġi elett u l-elezzjoni tagħhom tkun tgħodd għal-leġislatura sħiħa.

2. Membri tad-delegazzjonijiet għandhom ikunu eletti wara li jiġu ppreżentati nominazzjonijiet lill-Konferenza tal-Presidenti mill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tippreżenta lill-Parlament proposti maħsuba sabiex jiżguraw li jkun hemm, sa fejn ikun possibbli, rappreżentazzjoni ġusta ta' l-Istati Membri u ta' fehmiet politiċi. L-Artikolu 199(2), (3), (5) u (6) għandu japplika.

3. Il-Bureaux tad-delegazzjonijiet għandhom jitwaqqfu skond il-proċedura stabbilita għall-kumitati permanenti skond l-Artikolu 204.

4. Il-Parlament għandu jistabbilixxi s-setgħat ġenerali tad-delegazzjonijiet individwali. Huwa jista' f'kull ħin jiddeċiedi li jżid jew inaqqas dawn is-setgħat.

5. Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni meħtieġa sabiex id-delegazzjonijiet ikunu jistgħu iwettqu xogħolhom għandhom ikunu adottati mill-Konferenza tal-Presidenti fuq proposta mill-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet.

6. Il-president ta' delegazzjoni għandu jippreżenta rapport dwar l-attivitajiet tad-delegazzjoni lill-kumitat responsabbli mill-affarijiet barranin u s-sigurtà.

7. Il-president ta' delegazzjoni għandha tingħatalu l-opportunità li jinstema' minn kumitat meta fl-aġenda jkun hemm xi punt li jkollu x'jaqsam mal-qasam ta' responsabilità tad-delegazzjoni. L-istess għandu jgħodd f'laqgħat ta' xi delegazzjoni għall-president jew għar-rapporteur ta' dak il-kumitat.

**Artikolu 213**

**Koperazzjoni ma' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa**

1. Il-korpi tal-Parlament, b'mod partikulari l-kumitati, għandhom jikkoperaw f'oqsma ta' interess komuni mal-korpi korrispondenti fl-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa bil-għan, partikulari li jtejbu l-effiċjenza f'xogħolhom u jevitaw d-duplikazzjoni ta' l-isforzi tagħhom.

2. Il-Konferenza tal-Presidenti, bi qbil ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa, għandha tiddeċiedi dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożsizzjonijiet.

**Artikolu 214**

**Kumitati parlamentari konġunti**

1. Il-Parlament Ewropew jista' jwaqqaf kumitati parlamentari konġunti mal-parlamenti ta' Stati assoċjati mal- Unjoni jew ta' Stati li magħhom ikunu bdew negozjati għall-adeżjoni.

Dawn il-kumitati jistgħu jħejju rakkomandazzjonijiet għall-Parlamenti involuti. Fil-każ tal-Parlament Ewropew, dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jitpoġġew quddiem il-kumitat responsabbli, li għandu jressaq proposti dwar x'azzjoni għandha tittieħed.

2. Ir-responsabilitajiet ġenerali tad-diversi kumitati parlamentari konġunti għandhom jiġu stabbiliti mill-Parlament Ewropew u skond il-ftehima mal-pajjiżi terzi.

3. Kumitati parlamentari konġunti għandhom ikunu regolati mill-proċeduri stipulati fil-ftehima kkonċernata. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew u d-delegazzjoni tal-parlament involut.

4. Kumitati parlamentari konġunti għandhom iħejju r-regoli ta' proċedura tagħhom u jippreżentawhom għall-approvazzjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew u tal-Parlament involut.

5. L-elezzjoni tal-membri ta' delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew għal kumitati parlamentari konġunti u l-kompożizzjoni tal-Bureau ta' dawn id-delegazzjonijiet għandhom ikunu skond il-proċedura stabbilita għal delegazzjonijiet interparlamentari.

## TITOLU IX

## PETIZZJONIJIET

### Artikolu 215

### Dritt ta' Petizzjoni

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea u kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru għandhom id-dritt li jindirizzaw, b'mod individwali jew flimkien ma' ċittadini jew persuni oħrajn, petizzjoni lill-Parlament dwar xi kwistjoni li tkun taqa' fl-oqsma ta' attività ta' l-Unjoni Ewropea u li tkun taffettwahom direttament.

2. Petizzjonijiet lill-Parlament għandhom juru l-isem, in-nazzjonalità u l-indirizz permamenti ta' kull wieħed minn dawk li jkunu qed jagħmlu l-petizzjoni.

3. Meta petizzjoni tkun iffirmata minn bosta persuni fiżiċi jew ġuridiċi, il-firmatarji għandhom jaħtru rappreżentant u viċi rappreżentanti li għandhom jitqiesu bħala l-petizzjonanti għall-finijiet ta' dan it-Titolu.

Meta ma tkun saret l-ebda nominazzjoni bħal din, l-ewwel firmatarju jew persuna oħra xierqa għandhom jitqiesu bħala l-petizzjonanti.

4. Kull petizzjonant jista' fi kwalunkwe żmien jirtira l-appoġġ tiegħu għall-petizzjoni.

Wara l-irtirar tal-appoġġ mill-petizzjonanti kollha l-petizzjoni għandha ssir nulla u bla effett.

5. Il-petizzjonijiet għandhom ikunu miktuba b'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Petizzjonijiet miktuba b'xi lingwa oħra jkunu kkunsidrati biss jekk min jagħmel il-petizzjoni jkun hemeż traduzzjoni f'xi waħda mil-lingwi uffiċjali. Il-korrispondenza tal-Parlament ma' min jagħmel il-petizzjoni għandha tkun bil-lingwa uffiċjali li biha tkun miktuba t-traduzzjoni.

Il-Bureau jista' jiddeċiedi li l-petizzjonijiet u l-korrispondenza mal-petizzjonanti jistgħu jkunu abbozzati b'lingwi oħra li huma użati f' xi Stat Membru.

6. Petizzjonijiet għandhom jiddaħħlu f'reġistru fl-ordni li fih jiġu rċevuti jekk ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2; dawk li ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għandhom jiġu arkivjati, u min għamel il-petizzjoni għandu jingħata r-raġunijiet għal dan.

7. Petizzjonijiet li jiddaħħlu fir-reġistru għandhom jitressqu mill-President quddiem il-kumitat responsabbli li għandu l-ewwel jistabbilixxi jekk il-petizzjoni tkunx ammissibbli jew le skont l-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Jekk il-kumitat responsabbli ma jilħaqx konsensus dwar l-ammissibilità tal-petizzjoni, din għandha tiġi ddikjarata ammissibbli jekk kemm-il darba jkun hemm talba f'das-sens minn mhux anqas minn kwart tal-membri tal-kumitat.

8. Petizzjonijiet dikjarati inammissibbli mill-kumitat għandhom jiġu arkivjati; il-petizzjonant għandu jkun mgħarraf bid-deċiżjoni u bir-raġunijiet li wasslu għaliha. Meta jkun possibbli, jistgħu jiġu rrakkomandati mezzi ta’ riparazzjoni alternattivi.

9. Il-petizzjonijiet, ladarba jiddaħħlu fir-reġistru, għandhom bħala regola ġenerali jsiru dokumenti pubbliċi, u l-isem tal-petizzjonant kif ukoll il-kontenut tal-petizzjoni jistgħu jiġu ppubblikati mill-Parlament għal raġunijiet ta' trasparenza.

10. Minkejja d-dispożizzjonijiet imniżżla fil-paragrafu 9 hawn fuq, il-petizzjonant jista' jitlob li ismu ma jidhirx sabiex tkun imħarsa l-privatezza tiegħu, f'liema każ il-Parlament għandu jilqa' it-talba.

Meta l-ilment tal-petizzjonant ma jkunx jista' jiġi investigat għal raġunijiet ta' anonomità, il-petizzjonant għandu jiġi kkonsultat rigward x'passi oħra jridu jkomplu jittieħdu.

11. Il-petizzjonant jista' jitlob li l-petizzjoni tiegħu (jew tagħha) tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali, f'liema każ għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet xierqa mill-Parlament biex jiġi żgurat illi l-kontenut ma jsirx pubbliku. Il-petizzjonant għandu jiġi mgħarraf taħt liema kundizzjonijiet preċiżi għandha tapplika din id-dispożizzjoni.

12. Meta l-kumitat iqis li jkun il-każ, dan jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Ombudsman.

13. Petizzjonijiet indirizzati lill-Parlament minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li la jkunu ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u lanqas jkunu residenti fi Stat Membru, u lanqas ma jkollhom l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, għandhom ikunu reġistrati u arkivjati separatament. Kull xahar, il-President għandu jibgħat rendikont ta' petizzjonijiet bħal dawn li jkunu waslu matul ix-xahar ta' qabel, liema rendikont għandu jindika s-suġġett ta' dawn il-petizzjonijiet, lill-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet li jista' jitlob li jingħata dawk li jkun jixtieq jeżamina.

**Artikolu 216**

**Eżami ta' Petizzjonijiet**

1. Il-petizzjonijiet ammissibbli għandhom jiġu kkunsidrati mill-kumitat responsabbli waqt l-attività normali tiegħu, permezz ta' diskussjoni waqt laqgħa regolari jew permezz ta' proċedura bil-miktub. Il-petizzjonanti jistgħu jiġu mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kumitat jekk tkun se tiġi diskussa l-petizzjoni tagħhom, jew inkella jistgħu jitolbu huma biex ikunu preżenti. Id-dritt tal-kelma għandu jingħata lill-petizzjonanti skont id-diskrezzjoni tal-president tal-kumitat.

2. Il-kumitat jista', għal dak li għandu x'jaqsam ma' petizzjoni ammissibbli, jiddeċiedi li jfassal rapport fuq inizjattiva proprja skont l-Artikolu 52(1) jew li jippreżenta mozzjoni qasira għal riżoluzzjoni lill-Parlament, kemm-il darba ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti. Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni bħal dawn għandhom jitqiegħdu fl-abbozz tal-aġenda tas-sessjoni parzjali li ssir mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara li jkunu ġew adottati fil-kumitat. Għandha ssir votazzjoni waħdanija għalihom u għandhom ikunu wkoll mingħajr dibattitu ħlief jekk il-Konferenza tal-Presidenti ma tiddeċidix b'mod eċċezzjonali li tapplika l-Artikolu 151.

Il-kumitat jista' jitlob opinjonijiet mingħand kumitati oħra li għandhom responsabilità speċifika għall-kwistjoni li tkun qed tiġi meqjusa skond l-Artikolu 53 u l-Anness VI.

3. Meta r-rapport jittratta, b'mod partikolari, l-applikazjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, jew xi tibdil propost għal-liġi eżistenti, il-kumitat responsabbli għas-suġġett għandu jiġi assoċjat skont l-Artikolu 53(1) u l-ewwel u t-tieni inċiżi tal-Artikolu 54. Il-kumitat responsabbli għandu jaċċetta mingħajr votazzjoni suġġerimenti għal partijiet tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni li jaslu mingħand il-kumitat responsabbli għas-suġġett u li jittrattaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew xi tibdil għal-liġi eżistenti. Jekk il-kumitat responsabbli ma jaċċettax dawn is-suġġerimenti, il-kumitat assoċjat jista' jqiegħdhom direttament fuq il-Mejda fil-plenarja.

4. Għandu jitwaqqaf reġistru elettroniku li fih iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħtu jew jirtiraw l-appoġġ tagħhom lill-petiżżjonant, billi jpoġġu l-firma elettronika tagħhom fuq petizzjonijiet li jkunu ġew dikjarati ammissibbli u li jkunu ddaħħlu fir-reġistru.

5. Meta jkun qed jinvestiga petizzjonijiet, jistabbilixxi fatti jew ifittex soluzzjonijiet il-kumitat jista' jorganizza żjarat sabiex jinstabu l-fatti fl-Istat Membru jew fir-reġjun konċernat mill-petizzjoni.

Ir-rapporti dwar iż-żjarat għandhom jiġu abbozzati minn min jieħu sehem fihom. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu mgħoddija lill-President wara l-approvazzjoni tal-kumitat.

*Żjarat għall-ġbir tal-fatti u r-rapporti dwar dawk iż-żjarat huma mmirati biss biex jipprovdu lill-Kumitat bit-tagħrif mitlub sabiex ikun jista' jqis il-petizzjoni b'mod ulterjuri. Tali rapporti huma abbozzati taħt ir-responsabbiltà esklussiva tal-parteċipanti fiż-żjara, li għandhom ifittxu li jilħqu konsensus. Jekk dan ma jintlaħaqax, ir-rapport għandu jistabbilixxi s-sejbiet diverġenti tal-fatti jew tal-valutazzjonijiet. Ir-rapport jiġi sottomess lill-Kumitat għall-approvazzjoni tiegħu permezz ta' vot wieħed, sakemm il-President ma jiddikjarax, fejn xieraq, li l-emendi jistgħu jitressqu għal partijiet tar-rapport. L-Artikolu 56 ma japplikax għal dawn ir-rapporti, la direttament u lanqas mutatis mutandis. Fil-każ li l-Kumitat ma japprovahomx, ir-rapporti ma għandhomx jiġu mgħoddija lill-President.*

6. Il-kumitat jista' jitlob l-għajnuna tal-Kummissjoni, b'mod partikulari permezz ta' tagħrif dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew dwar il-konformità magħha, u permezz ta' kull tagħrif jew dokumenti li jkunu relevanti għall-petizzjoni. Għandhom jiġu mistiedna rappreżentanti tal-Kummissjoni biex jattendu l-laqgħat tal-kumitat.

7. Il-kumitat jista' jitlob lill-President biex jgħaddi l-opinjoni jew ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Kunsill jew lill-awtorità kkonċernata tal-Istat Membru għal azzjoni jew tweġiba.

8. Il-kumitat għandu jgħarraf lill-Parlament kull sitt xhur dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu.

Il-kumitat jista', b'mod partikulari, jgħarraf lill-Parlament bil-miżuri meħuda mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni dwar petizzjonijiet riferuti lilhom mill-Parlament.

9. Il-petizzjonant għandu jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni meħuda mill-kumitat u għandu jingħata r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

Meta l-konsiderazzjoni ta' petizzjoni ammissibbli tintemm, din għandha tiġi ddikjarata magħluqa u l-petizzjonant għandu jiġi mgħarraf.

**Artikolu 217**

**Notifika ta' petizzjonijiet**

1. Għandha ssir notifika fil-Parlament dwar il-petizzjonijiet li jkunu ddaħħlu fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 215(6) u dwar id-deċiżjonijiet prinċipali li jikkonċernaw il-proċedura li għandha tiġi segwita f'petizzjonijiet speċifiċi. Dawn in-notifikazzjonijiet għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-proċeduri.

2. It-titlu u l-ġabra fil-qosor tat-test tal-petizzjonijiet li jiddaħħlu fir-reġistru, flimkien mat-testi ta' l-opinjonijiet u tad-deċiżjonijiet l-aktar importanti li jitressqu b'konnessjoni ma' l-eżami tal-petizzjonijiet, għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku f'database, kemm-il darba min jagħmel il-petizzjoni jaqbel li dan isir. Petizzjonijiet kunfidenzjali għandhom jinżammu fl-arkivji tal-Parlament fejn ikunu għad-dispożizzjoni tal-Membri li jridu jikkonsultawhom.

**Artikolu 218**

**Inizjattiva taċ-ċittadini**

Meta l-Parlament ikun mgħarraf li l-Kummissjoni tkun ġiet mistiedna biex tressaq proposta għal att legali skont l-Artikolu 11(4) tat-Trattat UE u b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 211/2011, il-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet għandu jaċċerta ruħu jekk din il-ħaġa tistax taffettwa l-ħidma tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, għandu jgħarraf lil dawk il-petizzjonanti li jkunu indirizzaw il-petizzjonijiet dwar suġġetti relatati.

Il-proposti għal inizjattivi taċ-ċittadini li jkunu ġew reġistrati b'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, iżda li ma jistgħux jitressqu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament minħabba li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stipulati ma ġewx rispettati, jistgħu jiġu eżaminati mill-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet jekk dan iqis xieraq li jingħata segwitu. L-Artikoli 215, 216 u 217 għandhom japplikaw mutatis mutandis.

# TITOLU X

# OMBUDSMAN

## Artikolu 219

## Elezzjoni tal-Ombudsman

1. Fil-bidu ta' kull leġislatura, minnufih wara l-elezzjoni tal-President jew fil-każi imsemmija fil-paragrafu 8, il-President għandu jsejjaħ għal nominazzjonijiet għall-uffiċċju ta' l-Ombudsman u għandu jagħti żmien sa meta jistgħu jiġu ppreżentati. Avviż li jsejjaħ għal nominazzjonijiet għandu jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. In-nominazzjonijiet għandu jkollhom l-appoġġ ta' mhux inqas minn erbgħin Membru li jkollhom nazzjonalita` ta' mhux inqas minn żewġ Stati Membri.

Kull membru jista' jappoġġja biss nominazzjoni waħda.

In-nominazzjonijiet għandhom jinkludu d-dokumenti kollha ta' prova meħtieġa sabiex juru b'mod ċert li l-persuna nominata tissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba mir-Regolamenti dwar l-Ombudsman.

3. In-nominazzjonijiet għandhom jitressqu quddiem il-kumitat responsabbli, li jista' jitlob li jisma' lill-persuni nominati.

Dan is-smiegħ għandu jkun miftuħ għall-Membri kollha.

4. Il-Parlament imbagħad għandu jivvota biex japprova lista ta' nominazzjonijiet ammissibbli f'ordni alfabetiku.

5. Il-votazzjoni għandha ssir b'vot sigriet fuq il-bażi ta' maġġoranza tal-voti mitfugħa.

Jekk ebda kandidat ma jkun elett wara l-ewwel żewġ votazzjonijiet, ikomplu jikkontestaw biss iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-akbar numru ta' voti fit-tieni votazzjoni.

Fil-każ ta' voti ndaqs għandu jinħatar l-aktar membru anzjan.

6. Qabel ma tinfetaħ il-votazzjoni, il-President għandu jiżgura li jkunu preżenti mhux inqas minn nofs il-Membri kollha tal-Parlament.

7. Il-persuna eletta għandha tissejjaħ minnufih sabiex tieħu ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

8. L-Ombudsman għandu jeżerċita d-dmirijiet tiegħu sakemm is-suċċessur tiegħu jieħu l-kariga, ħlief fil-każ ta' mewt jew ta' tneħħija mill-kariga.

## Artikolu 220

## Attivitajiet ta' l-Ombudsman

1. Id-deċiżjoni dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman u d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw dik id-deċiżjoni kif adottata mill-Ombudsman huma annessi għall-informazzjoni ma' dawn ir-Regoli ta' Proċedura[25].

2. L-Ombudsman għandu, skond l-Artikolu 3(6) u (7) tad-deċiżjoni hawn fuq imsemmija, jinforma lill-Parlament dwar każi ta' amministrazzjoni ħażina li dwarhom il-kumitat responsabbli

[25] Ara l-Anness XI.

jkun jista' jagħmel rapport. L-Ombudsman għandu wkoll, skont l-Artikolu 3(8) ta' dik id-deċiżjoni, jippreżenta rapport lill-Parlament fi tmiem kull sessjoni annwali dwar ir-riżultat ta' l-inkjesti tiegħu. Il-Kumitat responsabbli għandu jagħmel rapport dwar dan li għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament sabiex isir dibattitu fuqu.

3. L-Ombudsman jista' wkoll jagħti tagħrif lill-kumitat responsabbli fuq talba ta' dan ta' l-aħħar, jew jinstema' mill-istess kumitat fuq inizjattiva tiegħu.

**Artikolu 221**

**Tneħħija ta' l-Ombudsman**

1. Parti waħda minn għaxra tal-Membri kollha tal-Parlament tista' tagħmel talba għat-tneħħija ta' l-Ombudsman jekk ma jkunx jibqa' jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġ biex jaqdi dmirijietu jew jekk ikun ħati ta' mġieba ħażina serja.

2. It-talba għandha tintbagħat lill-Ombudsman u lill-kumitat responsabbli li, jekk jiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tiegħu li r-raġunijiet huma fondati, għandu jippreżenta rapport lill-Parlament. Jekk jitlob li jintema', l-Ombudsman għandu jinstema' qabel ma jittieħed vot fuq ir-rapport. Il-Parlament għandu, wara li jsir dibattitu, jieħu deċiżjoni permezz ta' vot sigriet.

3. Qabel ma jiftaħ il-votazzjoni, il-President għandu jiżgura li nofs il-membri kollha tal-Parlament ikunu preżenti.

4. Jekk il-vot ikun favur it-tneħħija ta' l-Ombudsman u dan ma jirriżenjax wara l-vot, il-President għandu, sa mhux aktar tard mis-sessjoni parzjali li taħbat wara dik s-sessjoni li fiha jkun ittieħed il-vot, jagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex l-Ombudsman jitneħħa flimkien ma' talba sabiex tingħata deċiżjoni mingħajr dewmien.

Ir-riżenja ta' l-Ombudsman ġġib fi tmiemha il-proċedura.

TITOLU XI

SEGRETARJAT TAL-PARLAMENT

**Artikolu 222**

**Segretarjat**

1. Il-Parlament għandu jkun megħjun minn Segretarju Ġenerali maħtur mill-Bureau.

Is-Segretarju Ġenerali għandu jagħmel dikjarazzjoni solenni quddiem il-Bureau li jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'mod kuxjenzjuż u b'imparzjalità assoluta.

2. Is-Segretarju Ġenerali għandu jmexxi Segretarjat li l-kompożizzjoni u l-organizzazzjoni tiegħu għandhom ikunu stabbiliti mill-Bureau.

3. Il-Bureau għandu jistabbilixxi l-organingramma tas-Segretarjat u r-regolamenti li jirrigwardaw is-sitwazzjoni amministrattiva u finanzjarja ta' uffiċjali u impjegati oħra.

Il-Bureau għandu wkoll jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali u impjegati oħra li għalihom japplikaw, b'mod sħiħ jew f'parti minnhom, l-Artikoli 11 sa 13 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea.

Il-President tal-Parlament għandu jinforma b'dan lill-istituzzjonijiet relevanti ta' l-Unjoni Ewropea.

## TITOLU XII

## SETGĦAT U RESPONSABBILTAJIET LI JIKKONĊERNAW IL-PARTITI POLITIĊI FIL-LIVELL EWROPEW

**Artikolu 223**

**Setgħat u Responsabbiltajiet tal-President**

Il-President għandu jirrappreżenta l-Parlament fir-relazzjonijiet tiegħu mal-partiti politiċi fil-livell Ewropew, skont l-Artikolu 22(4).

**Artikolu 224**

**Setgħat u Responsabbiltajiet tal-Bureau**

1. Il-Bureau għandu jieħu deċiżjoni fuq kwalunkwe talba għall-iffinanzjar ippreżentata minn partit politiku fil-livell Ewropew u fuq it-tqassim tal-benefiċċji fost il-partiti politiċi benefiċjarji. Huwa għandu jħejji lista ta' benefiċjarji u tal-ammonti allokati.

2. Il-Bureau għandu jiddeċiedi jekk jissospendix jew inaqqasx l-iffinanzjar, u jekk jirkuprax ammonti li jkunu tħallsu bi żball.

3. Fl-aħħar tas-sena finanzjarja, il-Bureau għandu japprova r-rapport aħħari ta' l-attivita tal-partit politiku benefiċjarju u d-dikjarazzjoni finanzjarja aħħarija.

4. Skond it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament u tal-Kunsill, il-Bureau jista' jagħmel għotja ta' assistenza teknika lill-partiti politiċi fil-livell Ewropew skond il-proposti tagħhom. Il-Bureau jista' jiddelega lis-Segretarju Ġenerali xi deċiżjonijiet partikulari għall-għoti ta' assistenza teknika.

5. Fil-każijiet kollha msemmija fil-paragrafi 1 sa 4, il-Bureau għandu jaġixxi skond proposta mis-Segretarju Ġenerali. Ħlief f'dawk il-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u 4 il-Bureau għandu jisma' r-rappreżentanti tal-partiti politiċi konċernati qabel ma jieħu deċiżjoni. Il-Bureau jista', f'kull ħin, jikkonsulta l-Konferenza tal-Presidenti.

6. Meta l-Parlament - wara verifika - jistabbilixxi li partit politiku fil-livell Ewropew ma jkunx baqa' josserva l-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija, tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ta' l-istat tad-dritt, il-Bureau għandu jiddeċiedi li dak il-partit ma jingħatax iffinanzjar.

**Artikolu 225**

**Setgħat u Responsabbiltajiet tal-kumitat responsabbli u tal-Parlament f'seduta plenarja**

1. Fuq talba ta' kwart mill-Membri tal-Parlament li jirrappreżentaw minn ta' l-inqas tliet gruppi politiċi, il-President, wara diskussjoni fil-Konferenza tal-Presidenti, għandu jitlob lill-kumitat responsabbli sabiex jivverifika jekk partit politiku fil-livell Ewropew ikunx għadu josserva (b'mod partikulari fil-programm u l-attivitajiet tiegħu) il-prinċipji li fuqhom hi mwaqqfa l-Unjoni Ewropea, li huma l-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija, tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u ta' l-istat tad-dritt.

2. Qabel ma jippreżenta proposta għal deċiżjoni lill-Parlament, il-kumitat responsabbli għandu jisma' lir-rappreżentanti tal-partiti politiċi konċernati u għandu jitlob u jikkunsidra l-opinjoni ta' kumitat magħmul minn persuni eminenti indipendenti, skond ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2004/2003 ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament.

3. Il-Parlament għandu jivvota (b'maġġoranza tal-voti mitfugħa) fuq proposta għal deċiżjoni li tistabbilixxi jekk il-partit politiku kkonċernat ikunx josserva jew le l-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1. L-ebda emenda ma tista' titqiegħed fuq il-Mejda. Fi kwalunkwe każ, jekk il-proposta għal deċiżjoni ma tiksibx maġġoranza, titqies li ġiet addotata deċiżjoni kuntrarja.

4. Id-deċiżjoni tal-Parlament għandha tapplika b'effett mill-ġurnata minn meta kienet imqiegħda fuq il-Mejda t-talba msemmija fil-paragrafu 1.

5. Il-President għandu jirrappreżenta il-Parlament fil-kumitat magħmul minn persuni eminenti indipendenti.

6. Il-kumitat responsabbli għandu jħejji r-rapport skond ir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 dwar l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament u dwar l-attivitajiet iffinanzjati, u għandu jippreżentah fis-seduta plenarja.

## TITOLU XIII

## APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI TA' PROĊEDURA U EMENDI GĦAR-REGOLI TA' PROĊEDURA

**Artikolu 226**

**Applikazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura**

1. Jekk iqum xi dubju dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta’ dawn ir-Regoli ta’ Proċedura, il-President jista’ jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli għall-eżami.

Min ikun jippresiedi kumitat jista’ jagħmel dan meta jqum xi dubju bħal dan waqt li jkun għaddej ix-xogħol tal-kumitat u jkollu x’jaqsam miegħu.

2. Il-kumitat għandu jiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ li jipproponi emenda għar-Regoli ta' Proċedura. F'dan il-każ għandu jimxi skond l-Artikolu 227.

3. Jekk il-kumitat jiddeċiedi li interpretazzjoni tar-regoli eżistenti tkun biżżejjed, dan għandu jgħaddi l-interpretazzjoni tiegħu lill-President li għandu jgħarraf lill-Parlament fis-sessjoni parzjali li jkun imiss.

4. Jekk grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jikkontestaw l-interpretazzjoni tal-kumitat, għandu jittieħed vot fuq il-kwistjoni fil-Parlament. It-test jiġi adottat b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, bil-kundizzjoni li mhux inqas minn terz tal-Membri kollha tal-Parlament ikunu preżenti. Fil-każ li jiġi miċħud, il-kwistjoni għandha tintbagħat lura lill-kumitat.

5. Interpretazzjonijiet mhux kontestati u interpretazzjonijiet adottati mill-Parlament għandhom jiddaħħlu bil-korsiv bħala noti spjegattivi ma' l-Artikolu jew l-Artikoli relevanti.

6. Interpretazzjonijiet għandhom joħolqu preċedent għall-applikazzjoni u l-interpretazzjoni fil-ġejjieni ta' l-Artikoli konċernati.

7. Ir-Regoli ta' Proċedura u l-interpretazzjonijiet għandhom jiġu riveduti regolarment mill-kumitat responsabbli.

8. Meta dawn ir-Regoli jagħtu drittijiet lil numru speċifiku ta' Membri, dak in-numru għandu jinbidel awtomatikament ma' l-eqreb numru sħiħ li jkun jirrappreżenta l-istess persentaġġ tal-Membri tal-Parlament kull meta jiżdied in-numru totali tal-membri tal-Parlament, b'mod partikulari wara tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.

**Artikolu 227**

**Emendi għar-Regoli ta' Proċedura**

1. Kull Membru jista' jipproponi emendi għal dawn ir-Regoli u għall-annessi tagħhom flimkien ma' ġustifikazzjonijiet qosra, jekk ikun il-każ.

Dawn l-emendi proposti għandhom ikunu tradotti, mitbugħa, mqassma u mressqa quddiem il-kumitat responsabbli li għandu jeżaminahom u jiddeċiedi jekk jippreżentahomx lill-Parlament.

Għall-fini ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 169, 170 u 174 fl-eżami ta' dawn l-emendi proposti fil-Parlament, referenzi f'dawk l-Artikoli għal "test oriġinali" jew għal "proposta għal att leġislattiv " għandhom jitqiesu bħala referenza għad-dispożizzjoni li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien.

2. Emendi għal dawn ir-Regoli għandhom jiġu adottati biss jekk jiksbu l-maġġoranza tal-voti tal-Membri kollha tal-Parlament.

3. Ħlief jekk ikun stipulat mod ieħor meta jittieħed il-vot, emendi għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura u għall-annessi tagħhom għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel sessjoni parzjali wara l-adozzjoni tagħhom.

TITOLU XIV

DIŻPOSIZZJONIJIET MIXXELLANJI

**Artikolu 228**

**Is-simboli tal-Unjoni**

1. Il-Parlament għandu jagħraf u jagħmel tiegħu s-simboli tal-Unjoni li ġejjin:

– il-bandiera li turi ċ-ċirku ta' tnax-il kewkba tad-deheb fuq sfond ikħal;

– l-innu li huwa bbażat fuq ‘l-Odi lil Hena’ mid-Disa' Sinfonija ta' Ludwig van Beethoven;

– il-motto 'Magħquda fid-diversità'.

2. Il-Parlament għandu jiċċelebra Jum l-Ewropa fid-9 ta' Mejju.

3. Il-bandiera għandha tittajjar fil-postijiet kollha tal-Parlament u fl-okkażjoni ta' avvenimenti uffiċjali. Il-bandiera għandha tintuża f’kull sala fejn isiru laqgħat tal-Parlament.

4. L-innu għandu jindaqq fil-ftuħ ta' kull seduta kostituttiva u f'seduti solenni oħra, b'mod partikulari biex tingħata merħba lill-Kapijiet ta' Stat jew Gvern jew biex tingħata tislima lil Membri ġodda wara tkabbir.

5. Il-motto għandu jidher fuq id-dokumenti uffiċjali tal-Parlament.

6. Il-Bureau għandu jeżamina użu ulterjuri tas-simbolu fi ħdan il-Parlament. Il-Bureau għandu jistipula dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

**Artikolu 229**

**Ħidma mhux mitmuma**

Fi tmiem l-aħħar sessjoni parzjali qabel l-elezzjonijiet, ix-xogħol kollu mhux mitmum tal-Parlament għandu jitqies li waqa', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu.

Fil-bidu ta' kull leġislatura, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni dwar talbiet motivati li jsiru minn kumitati parlamentari u istituzzjonijiet oħra sabiex jerġa jibda jew jitkompla l-eżami ta' kwistjonijiet bħal dawn.

Dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għal petizzjonijiet u komunikazzjonijiet li ma jeħtiġux deċiżjoni.

**Artikolu 230**

**Arranġament ta' l-annessi**

L-annessi għal dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom ikunu rranġati taħt l-erba' intestaturi li ġejjin:

(a) dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għal proċeduri skond dawn ir-Regoli, adottati b'maġġoranza tal-voti mitfugħa (Anness VI);

(b) dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' normi speċifiċi tar-Regoli ta' Proċedura u skond il-proċeduri u r-regoli ta' maġġoranza kif stipulat fihom (Annessi I, II, III, IV, V, VII(A), (C), (E), u (F), u IX(A));

(c) ftehima interistituzzjonali u dispożizzjonijiet oħra adottati skond it-Trattati li huma applikabbli fil-Parlament jew li għandhom effett fuq l-operat tiegħu. Deċiżjonijiet biex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu annessi mar-Regoli ta' Proċedura għandhom jittieħdu mill-Parlament b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, fuq proposta mill-kumitat responsabbli (Annessi VII(B) u (D), VIII, IX(B), X, XI, XII, XIII, XIV, XVIII, XIX u XXI);

(d) linji gwida u kodiċijiet ta' mġiba adottati mill-korpi rilevanti tal-Parlament (Annessi XV, XVI, XVII u XX).

**Artikolu 231**

**Rettifiki**

1. Jekk jiġi identifikat żball f'test adottat mill-Parlament, il-President għandu, meta jkun xieraq, jirreferi abbozz ta' rettifika lill-kumitat responsabbli.

2. Jekk jiġi identifikat żball f'test adottat mill-Parlament u miftiehem ma' istituzzjonijiet oħra, il-President għandu jfittex il-qbil ta' dawk l-istituzzjonijiet dwar il-korrezzjonijiet meħtieġa qabel ma jipproċedi skond il-paragrafu 1.

3. Il-kumitat responsabbli għandu jeżamina l-abbozz ta' rettifika u jressqu quddiem il-Parlament jekk ikun sodisfatt li sar żball li jista' jiġi kkoreġut bil-mod kif ġie propost.

4. Ir-rettifika għandha titħabbar fis-sessjoni parzjali li jkun imiss. Din għandha titqies bħala approvata ħlief jekk, sa mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin siegħa wara t-tħabbir tagħha, ssir talba minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru biex titressaq għall-votazzjoni. Jekk ir-rettifika ma tiġix approvata, għandha tiġi rriferuta lura lill-kumitat responsabbli li jista' jipproponi rettifika emendata jew jagħlaq il-proċedura.

5. Ir-rettifiki approvati għandhom jiġu ppubblikati bl-istess mod bħat-test li għalih jirreferu. L-Artikoli 76, 77 u 78 għandhom japplikaw mutatis mutandis.

ANNESS I

## Kodiċi ta' Mġiba għall-Membri tal-Parlament fir-rigward tal-interessi finanzjarji u l-kunflitti ta' interessi

**Artikolu 1**

**Prinċipji ta’ gwida**

Fil-kuntest tal-mandat tagħhom, il-Membri tal-Parlament Ewropew:

(a) jispiraw ruħhom u jaġixxu skont il-prinċipji ta' mġiba ġenerali li ġejjin: id-diżinteress, l-integrità, it-trasparenza, id-diliġenza, l-onestà, ir-responsabilità u r-rispett għar-reputazzjoni tal-Parlament,

(b) jaġixxu biss fl-interess pubbliku u la jiksbu u lanqas jippruvaw jiksbu benefiċċju finanzjarju dirett jew indirett jew xi ħlas ieħor.

**Artikolu 2**

**Dmirijiet ewlenin tal-Membri**

Fil-kuntest tal-mandat tagħhom, il-Membri tal-Parlament Ewropew:

(a) ma għandhom jidħlu fl-ebda ftehim li jwassalhom għal att jew vot fl-interess ta' terza persuna, li jista' jipperikola l-libertà tal-vot tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'votazzjoni diretta universali u l-Artikolu 2 tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew,

(b) ma għandhom ifittxu, jaċċettaw jew jirċievu l-ebda benefiċċju finanzjarju dirett jew indirett, jew kwalunkwe premju ieħor, bi skambju għall-eżerċizzju ta' influwenza jew vot dwar leġiżlazzjoni, mozzjonijiet għal riżoluzzjoni, dikjarazzjonijiet bil-miktub jew mistoqsijiet imressqa quddiem il-Parlament jew xi wieħed mill-kumitati tiegħu, u għandhom jieħdu miżuri stretti sabiex jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li tista' timplika korruzzjoni.

**Artikolu 3**

**Kunflitti ta’ interess**

1. Kunflitt ta' interess jeżisti meta Membru jkollu interess personali li jista' jinfluwenza b'mod mhux xieraq il-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew. M'hemmx kunflitt ta' interess meta Membru jibbenefika biss bħala membru tal-pubbliku ġenerali jew ta' kategorija wiesgħa ta' persuni.

2. Kull Membru li jsib li għandu kunflitt ta' interess għandu jieħu minnufih il-miżuri meħtieġa biex isib rimedju, skont il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba. Jekk il-Membru ma jkunx jista' jsolvi l-kunflitt ta' interess, huwa għandu jirrappurtah bil-miktub lill-President. Fil-każ ta' ambigwità, il-Membru jista' jitlob il-parir tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Imġiba tal-Membri tal-Parlament, stabbilit bl-Artikolu 7.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-Membri għandhom jiżvelaw, qabel ma jitkellmu jew jivvutaw fil-plenarja jew fil-korpi tal-Parlament, jew jekk ikunu proposti bħala rapporteur, kull kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali rigward il-kwestjoni li tkun qed tiġi eżaminata, meta dan ma jkunx evidenti mit-tagħrif iddikjarat skont l-Artikolu 4. Din id-dikjarazzjoni għandha ssir bil-fomm jew bil-miktub lill-President matul id-dibattiti parlamentari inkwistjoni.

**Artikolu 4**

**Dikjarazzjoni tal-Membri**

1. Għal raġunijiet ta' trasparenza, il-Membri għandhom ir-responsabilità personali li jippreżentaw dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji lill-President qabel it-tmiem tal-ewwel perjodu ta' sessjoni wara l-elezzjoni tal-Parlament Ewropew (jew, fil-kors tal-leġiżlatura, fi żmien 30 jum wara li jkunu ħadu l-kariga fil-Parlament), permezz tal-formola adottata mill-Bureau skont l-Artikolu 9. Huma għandhom jgħarrfu lill-President b'kull bidla li taffettwa d-dikjarazzjoni tagħhom fi żmien 30 jum minn din il-bidla.

2. Id-dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji għandha tinkludi t-tagħrif li ġej, li għandu jiġi pprovdut b'mod preċiż:

(a) l-attivitajiet professjonali tal-Membru matul it-tliet snin qabel il-ħatra tiegħu fil-Parlament, u l-involviment tiegħu matul dak il-perjodu f'kumitati jew bordijiet ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew kwalunkwe organu ieħor stabbilit fil-liġi;

(b) kull ħlas li l-Membru jirċievi għat-twettiq ta' mandat f'parlament ieħor,

(c) kwalunkwe attività bi ħlas imwettqa mill-Membru fl-istess żmien li jkun qed jeżerċita l-kariga tiegħu, kemm bħala impjegat u kemm jekk jaħdem għal rasu;

(d) il-parteċipazzjoni f'kumitati jew bordijiet ta' kumpaniji, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet jew kwalunkwe organu ieħor stabbilit fil-liġi, jew kwalunkwe attività oħra esterna li tinvolvi l-Membru, kemm jekk imħallsa u kemm jekk mhijiex;

(e) kwalunkwe attività esterna okkażjonali bi ħlas (inklużi l-attivitajiet ta' kitba, konferenzi jew konsulenza), jekk il-kumpens totali jaqbeż EUR 5 000 f'sena kalendarja;

(f) ishma jew sħubija f'kumpanija, fejn hemm il-possibilità ta' riperkussjonijiet fuq il-politika pubblika, jew meta din il-parteċipazzjoni tagħti lill-Membru influwenza sinifikanti fl-affarijiet tal-organizzazzjoni inkwestjoni;

(g) kull għajnuna, sew finanzjarja u sew fil-forma ta’ riżorsi umani jew materjali, minbarra l-għajnuna pprovduta mill-Parlament, mogħtija lill-Membru minħabba l-attivitajiet politiċi tiegħu minn terzi persuni, li għandhom ikunu identifikati;

(h) kwalunkwe interess finanzjarju ieħor li jista' jinflwenza l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Membru.

Kull dħul regolari li jirċievi l-Membru għal kull punt irrappurtat skont l-ewwel subparagrafu għandu jitqiegħed f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

– minn EUR 500 sa EUR 1 000 fix-xahar;

– minn EUR 1 001 sa EUR 5 000 fix-xahar;

– minn EUR 5 001 sa EUR 10 000 fix-xahar;

– aktar minn EUR 10 000 fix-xahar.

Kwalunkwe dħul ieħor riċevut mill-Membru għal kull punt irrapportat skont l-ewwel subparagrafu huwa kkalkulat fuq bażi annwali, maqsum bi tnax u mqiegħed f'xi waħda mill-kategoriji stabbiliti fit-tieni subparagrafu.

3. It-tagħrif ipprovdut lill-President skont dan l-Artikolu għandu jkun ippubblikat fis-sit tal-Parlament f'forma faċilment aċċessibbli.

4. Membru ma jistax jiġi elett għal kariga fil-Parlament jew fl-organi tiegħu, maħtur bħala rapporteur, jew jipparteċipa f'delegazzjonijiet uffiċjali, jekk ma jkunx għamel id-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tiegħu.

**Artikolu 5**

**Rigali jew benefiċċji simili**

1. Il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom joqogħdu lura milli jaċċettaw, fil-qadi ta' dmirijiethom, kwalunkwe rigal jew benefiċċju simili, għajr dawk b'valur approssimattiv ta' anqas minn EUR 150 mogħtija skont l-użanzi ta' kortesija jew dawk mogħtija lilhom meta jkunu qed jirrappreżentaw lill-Parlament Ewropew f'kariga uffiċjali.

2. Kwalunkwe rigal offrut lill-Membri, skont il-paragrafu 1, meta jkunu qed jirrappreżentaw il-Parlament f'kapaċità uffiċjali għandu jintradd lill-President u jiġi ttrattat skont il-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti bl-Artikolu 9.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, alloġġ u sussistenza tal-Membri, jew għall-ħlas dirett ta' dawn l-ispejjeż minn partijiet terzi, meta l-Membri, fuq stedina u fil-qadi ta' dmirijiethom, jattendu ġrajjiet organizzati minn partijiet terzi.

L-ambitu ta' dan il-paragrafu, b'mod partikolari r-regoli għall-iżgurar tat-trasparenza, huwa ppreċiżat fil-miżuri ta; implimentazzjoni stabbiliti mill-Bureau skont l-Artikolu 9.

**Artikolu 6**

**Attivitajiet ta' ex Membri**

Ex Membri li jimpenjaw ruħhom f'attività professjonali ta' lobbying jew ta' rappreżentanza marbuta direttament mal-proċess deċiżjonali tal-Unjoni ma jistgħux jibbenefikaw, tul il-perjodu kollu ta' tali impenn, mill-faċilitajiet mogħtija lill-ex Membri skont ir-regoli stabbiliti f'dak ir-rigward mill-Bureau[26].

**Artikolu 7**

**Kumitat Konsultattiv dwar l-Imġiba tal-Membri tal-Parlament**

1. Huwa stabbilit kumitat konsultattiv dwar l-imġiba tal-Membri (il-Kumitat Konsultattiv).

2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jkun kompost minn ħames Membri maħtura mill-President fil-bidu tal-mandat tiegħu minn fost il-membri tal-bureaux u l-koordinaturi tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali, b'kunsiderazzjoni għall-esperjenza tal-Membri u l-bilanċ politiku.

Kull Membru tal-Kumitat Konsultattiv għandu jieħu l-presidenza għal sitt xhur fuq bażi ta' rotazzjoni.

---

[26]Deċiżjoni tal-Bureau tat-12 ta' April 1999.

3. Il-President għandu wkoll, fil-bidu tal-mandat tiegħu, jaħtar il-membri ta' riserva tal-Kumitat Konsultattiv, wieħed għal kull grupp mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv.

Fil-każ ta' allegazzjoni ta' ksur ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba minn membru ta' grupp politiku li mhux rappreżentat fil-Kumitat Konsultattiv, il-membru ta' riserva kkonċernat isir is-sitt membru sħiħ tal-Kumitat Konsultattiv għall-eżami tal-ksur allegat inkwistjoni.

4. Fuq talba minn Membru, il-Kumitat Konsultattiv għandu jipprovdilu, b'mod kunfidenzjali u fi żmien 30 jum kalendarju, gwida dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba. Il-Membru kkonċernat għandu jkun intitolat iserraħ fuq tali gwida.

Fuq talba tal-President, il-Kumitat Konsultattiv għandu jevalwa wkoll il-każijiet ta' ksur allegat ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba u jagħti parir lill-President dwar il-miżuri eventwali li għandhom jittieħdu.

5. Il-Kumitat Konsultattiv jista', wara konsultazzjoni mal-President, jitlob parir mingħand esperti esterni.

6. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu.

**Artikolu 8**

**Proċedura f'każ ta' eventwali ksur tal-Kodiċi ta' Mġiba**

1. Fejn ikun hemm raġunijiet li jagħtu x'wieħed jaħseb li Membru tal-Parlament Ewropew seta' kiser dan il-Kodiċi ta' Mġiba, il-President jista' jinnotifika lill-Kumitat Konsultattiv b'dan.

2. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jeżamina ċ-ċirkostanzi tal-ksur allegat, u jista' jisma' l-Membru kkonċernat. Fuq il-bażi tal-konstatazzjonijiet tiegħu, għandu jagħmel rakkomandazzjoni lill-President dwar deċiżjoni possibbli.

3. Jekk, fid-dawl ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-President jikkonkludi li l-Membru kkonċernat ikun kiser il-Kodiċi ta' Mġiba, huwa għandu, wara li jisma' lill-Membru, jadotta deċiżjoni motivata li tistipula l-piena, li biha għandu jgħarraf lill-Membru.

Il-piena tista' tikkonsisti f'waħda jew iżjed mill-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 166(3) tar-Regoli ta' Proċedura.

4. Il-Membru kkonċernat għandu l-possibilità ta' appell intern skont l-Artikolu 167 tar-Regoli ta' Proċedura.

5. Wara l-iskadenzi provduti fl-Artikolu 167 tar-Regoli ta' Proċedura, kwalunkwe piena imposta fuq Membru għandha titħabbar mill-President fil-plenarja u tiġi ppubblikata fid-dieher fuq is-sit web tal-Parlament għall-bqija tal-leġiżlatura.

**Artikolu 9**

**Implimentazzjoni**

Il-Bureau għandu jistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba, inkluża proċedura ta' monitoraġġ u, fejn ikun meħtieġ, għandu jaġġorna l-ammonti speċifikati fl-Artikoli 4 u 5.

Il-Bureau jista' jressaq proposti għar-reviżjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Mġiba.

## ANNESS II

## Kif għandu jitmexxa l-Ħin għall-Mistoqsijiet mal-Kummissjoni

1. Il-Membri li jagħmlu mistoqsija lil wieħed mill-Kummissarji għandhom jintgħażlu permezz ta’ sistema ta’ poloz bil-mod li ġej:

- kaxxa tal-poloz titqiegħed fid-daħla tal-Kamra siegħa qabel il-bidu tal-Ħin għall-Mistoqsijiet;
- il-Membri li jixtiequ jagħmlu mistoqsija jiktbu isimhom fuq formola u jpoġġuha fil-kaxxa tal-poloz;
- il-Membri li jixtiequ jagħmlu mistoqsija jistgħu jippreżentaw mhux aktar minn formola waħda;
- il-President jibda l-Ħin għall-Mistoqsijiet u jagħlaq il-kaxxa tal-poloz;
- il-President itella’ l-poloz waħda waħda u jistieden lill-Membru magħżul jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Kummissarju kompetenti.

2. Membru għandu jingħata minuta biex jifformula l-mistoqsija u l-Kummissarju jingħata żewġ minuti biex iwieġeb. Dak il-Membru jista' jagħmel mistoqsija supplimentari ta' 30 sekonda li jkollha relevanza diretta mal-mistoqsija prinċipali. Il-Kummissarju mbagħad għandu jingħata żewġ minuti biex jagħti tweġiba supplimentari.

3. Il-mistoqsijiet u l-mistoqsijiet supplimentari għandhom ikunu direttament relatati mat-tema orizzonatali speċifika magħżula. Il-President jista' jiddeċiedi dwar l-ammissibilità.

## ANNESS III

## Kriterji għall-mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub skont l-Artikoli 130 u 131

1. Mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub għandhom:

– jispeċifikaw b'mod ċar lil liema destinatarju għandhom ikunu trażmessi permezz tal-mezzi interistituzzjonali normali;

– jaqgħu esklussivament fil-limiti tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet kif stipulati fit-Trattati relevanti u fl-isfera ta' responsabilità tad-destinatarju, u jkunu ta' interess ġenerali;

– ikunu konċiżi u jkollhom interrogazzjoni li tinftiehem sew;

– ma jkunux itwal minn 200 kelma;

– ma jkunx fihom lingwaġġ offensiv;

– ma jkollhomx x'jaqsmu ma' kwistjonijiet strettament personali;

– ma jkunx fihom aktar minn tliet submistoqsijiet.

2. Fuq talba, is-Segretarjat għandu jipprovdi lill-awturi parir dwar kif issir konformità mal-kriterji stipulati fil-paragrafu 1 f'każ individwali.

3. Jekk tkun tressqet u twieġbet mistoqsija identika jew simili matul is-sitt xhur ta' qabel, jew sa fejn mistoqsija titlob biss tagħrif dwar is-segwitu għal riżoluzzjoni speċifika tal-Parlament ta' xorta li l-Kummissjoni tkun diġà tat f'komunikazzjoni ta' segwitu bil-miktub, is-Segretarjat għandu jibgħat kopja tal-mistoqsija u tat-tweġiba ta' qabel lill-awtur. Il-mistoqsija mtennija m'għandhiex tiġi mgħoddija lid-destinatarju ħlief jekk il-President jiddeċiedi li jagħmel dan fid-dawl ta' żviluppi ġodda sinifikanti u b'risposta għal talba raġunata mill-awtur.

4. Jekk mistoqsija tfittex informazzjoni fattwali jew statistika li tkun diġà disponibbli għas-servizzi ta' riċerka tal-Parlament, din ma għandhiex tintbagħat lid-destinatarju iżda lil dawk is-servizzi, sakemm il-President ma jiddeċidiex mod ieħor fuq talba tal-awtur.

5. Mistoqsijiet dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma xulxin jistgħu jinġabru flimkien mis-Segretarjat f'mistoqsija waħda u jitwieġbu flimkien.

ANNESS IV

# Linji gwida u prinċipji ġenerali li għandhom jiġu segwiti fl-għażla tas-suġġetti li għandhom jiġu nklużi fl-aġenda għad-diskussjoni fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt skond l-Artikolu 135

**Prinċipji Fundamentali**

1. Għandha tingħata prijorità lil mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet li jkunu maħsuba sabiex iwasslu għal votazzjoni fil-Parlament li jkunu indirizzati lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali, qabel xi avveniment partikulari, kemm-il darba is-sessjoni parzjali kurrenti tkun l-unika sessjoni parzjali tal-Parlament Ewropew li fiha jkun jista' jittieħed vot fil-ħin.

2. Mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet m'għandhomx ikunu itwal minn 500 kelma.

3. Suġġetti li jkollhom x'jaqsmu mar-responabbiltajiet ta' l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fit-Trattati, għandhom jingħataw prijorità, kemm-il darba ikunu ta' importanza kbira.

4. In-numru ta' suġġetti magħżula għandu jkun tali li jippermetti li jsir dibattitu xieraq skond l-importanza tas-suġġett, u m'għandux ikun akbar minn tlieta, inklużi s-sottokapitoli.

**Dettalji Prattiċi**

5. Il-prinċipji fundamentali applikati fl-għażla tas-suġġetti li għandhom ikunu inklużi fid-dibattitu fuq każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta’ l-istat tad-dritt għandhom ikunu nnotifikati lill-Parlament u lill-gruppi politiċi.

**Limitazzjoni u allokazzjoni tal-ħin għad-diskorsi**

6. Sabiex isir użu aħjar mill-ħin disponibbli, il-President, wara li jikkonsulta lill-presidenti tal-gruppi politiċi, għandu jilħaq ftehim mal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-limitazzjoni tal-ħin għall-istqarrijiet rispettivi tagħhom, fil-każ li jkollhom stqarrijiet bħal dawn, fid-dibattitu dwar każi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-demokrazija u ta’ l-istat tad-dritt.

**Żmien sabiex jitqiegħdu emendi fuq il-Mejda**

7. Il-limitu ta' żmien sabiex jitqiegħdu emendi fuq il-Mejda għandu jippermetti li jkun hemm intervall twil biżżejjed bejn it-tqassim tagħhom fil-lingwi uffiċjali u ż-żmien stabbilit għad-dibattitu dwar il-mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet biex il-Membri u l-gruppi politiċi jkollhom ċans jeżaminawhom kif jixraq.

# ANNESS V

## Proċedura għall-eżami u l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-għoti tal-kwittanza

**Artikolu 1**

**Dokumenti**

1. Għandhom jiġu stampati u mqassma d-dokumenti li ġejjin:

(a) il-kont tad-dħul u l-infiq, l-analiżi finanzjarja u l-karta tal-bilanċ mibgħuta mill-Kummissjoni;

(b) ir-Rapport Annwali u r-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, flimkien mat-tweġibiet ta' l-istituzzjonijiet;

(c) dikjarazzjoni li tiċċertifika li l-kontijiet huma ta' min joqgħod fuqhom u li t-tranżazzjonijiet relatati magħhom huma legali u skond ir-regoli, liema dikjarazzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-Qorti ta' l-Awdituri skond l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(d) ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

2. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu rreferuti lill-kumitat responsabbli. Kull kumitat ikkonċernat jista' jagħti l-opinjoni tiegħu.

3. Il-President għandu jiffissa d-data ta' skadenza sa meta l-kumitati li jixtiequ jagħtu l-opinjoni tagħhom għandhom jgħaddu l-imsemmija opinjoni lill-kumitat kompetenti.

**Artikolu 2**

**Eżami tar-rapport**

1. Il-Parlament għandu jeżamina rapport mill-kumitat kompetenti dwar il-kwittanza sat-30 ta' April tas-sena ta' wara s-sena li fiha jkun approvat ir-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri, kif previst mir-Regolament Finanzjarju.

2. Ir-Regoli tal-Parlament li għandhom x'jaqsmu ma' l-emendi u l-votazzjoni għandhom japplikaw, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor f'dan l-Anness.

**Artikolu 3**

**Kontenut tar-rapport**

1. Ir-rapport tal-kwittanza mħejji mill-kumitat responsabbli għandu jinkludi:

(a) proposta għal deċiżjoni għall-għoti tal-kwittanza jew għall-posponiment tad-deċiżjoni dwar il-kwittanza (votazzjoni fis-sessjoni parzjali ta' April), jew proposta għal deċiżjoni għall-għoti jew għaċ-ċaħda tal-kwittanza (votazzjoni fis-sessjoni parzjali ta' Ottubru);

(b) proposta għal deċiżjoni li tagħlaq il-kontijiet tad-dħul, ta' l-infiq, ta' l-attiv u tal-passiv kollu tal-Unjoni;

(c) mozzjoni għal riżoluzzjoni li tinkludi l-kummenti dwar il-proposta għal deċiżjoni msemmija fil-punt (a) li tinkludi l-evalwazzjoni ta' l-amministrazzjoni baġitarja tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sena finazjarja, kif ukoll osservazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' l-infiq għall-futur;

(d) mehmuża bħala anness, lista ta' dokumenti mibgħuta mill-Kummissjoni, kif ukoll tad-dokumenti mitluba lill-Kummissjoni iżda li hija ma bagħtithomx;

(e) l-opinjonijiet tal-kumitati kkonċernati.

2. Jekk il-kumitat kompetenti jipproponi li d-deċiżjoni dwar il-kwittanza tiġi posposta, il-mozzjoni għal riżoluzzjoni li għandha x'taqsam magħha għandha tindika wkoll:

(a) ir-raġunijiet tal-posponiment;

(b) il-miżuri addizzjonali li l-Kummissjoni hija mistennija li tieħu u d-dati ta' skadenza tagħhom;

(c) id-dokumenti meħtieġa sabiex il-Parlament ikun jista' jieħu deċiżjoni bbażata fuq informazzjoni tajba.

**Artikolu 4**

**Analiżi u votazzjoni fil-Parlament**

1. Kull rapport mill-kumitat kompetenti dwar il-kwittanza għandu jiddaħħal fl-aġenda ta' l-ewwel sessjoni parzjali li tiġi wara d-data li fiha jkun tqiegħed fuq il-Mejda.

2. Għandhom ikunu ammissibbli biss l-emendi għall-mozzjoni għal riżoluzzjoni mqiegħda fuq il-Mejda skond l-Artikolu 3(1)(c).

3. Il-votazzjoni fuq il-proposti għal deċiżjonijiet u fuq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha ssir skond l-ordni indikat fl-Artikolu 3, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fl-Artikolu 5.

4. Il-Parlament għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, skont l-Artikolu 231 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Artikolu 5**

**Varjanti proċedurali**

1. Votazzjoni fis-sessjoni parzjali ta' April

Fl-ewwel fażi, ir-rapport dwar il-kwittanza għandu jipproponi li tingħata jew li tiġi posposta l-kwittanza.

(a) Jekk proposta għall-għoti tal-kwittanza tikseb il-maġġoranza tal-voti, il-kwittanza tingħata. Fl-istess ħin dan ikun jikkostitwixxi l-għeluq tal-kontijiet.

Jekk proposta għall-għoti tal-kwittanza ma tiksibx il-maġġoranza tal-voti, il-kwittanza għandha titqies bħala posposta u l-kumitat kompetenti jkollu jqiegħed fuq il-Mejda rapport ġdid fi żmien sitt xhur li jkun jinkludi proposta ġdida għall-għoti jew għaċ-ċħid tal-kwittanza.

(b) Jekk tiġi adottata proposta għall-posponiment tal-kwittanza, il-kumitat kompetenti jkollu jqiegħed fuq il-Mejda rapport ġdid fi żmien sitt xhur, li jkun jinkludi proposta ġdida għall-għoti jew għaċ-ċħid tal-kwittanza. F'dan il-każ, l-għeluq tal-kontijiet jiġi pospost ukoll u jkollu jerġa' jitqiegħed fuq il-Mejda mar-rapport il-ġdid.

Jekk proposta għall-posponiment tal-kwittanza ma tiksibx il-maġġoranza, il-kwittanza titqies bħala mogħtija. F'dan il-każ, id-deċiżjoni tkun tikkostitwixxi wkoll l-għeluq tal-kontijiet. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni xorta tista' titqiegħed għall-vot.

2. Votazzjoni fis-sessjoni parzjali ta' Ottubru

Fit-tieni fażi, ir-rapport għall-kwittanza għandu jipproponi li tingħata jew li tiġi miċħuda l-kwittanza.

(a) Jekk proposta għall-għoti tal-kwittanza tikseb il-maġġoranza tal-voti, il-kwittanza tingħata. Fl-istess ħin dan ikun jikkostitwixxi l-għeluq tal-kontijiet.

Jekk proposta għall-għoti tal-kwittanza ma tiksibx il-maġġoranza tal-voti, il-kwitanza titqies li ġiet miċħuda. Għandha tiġi ppreżentata proposta formali għall-għeluq tal-kontijiet għas-sena finanzjarja kkonċernata fis-sessjoni parzjali ta' wara, li fiha l-Kummissjoni tiġi mistiedna tagħmel dikjarazzjoni.

(b) Jekk proposta sabiex tiġi miċħuda l-kwittanza tikseb il-maġġoranza tal-voti, għandha tiġi ppreżentata proposta formali għall-għeluq tal-kontijiet għas-sena finanzjarja kkonċernata fis-sessjoni parzjali ta' wara, li fiha l-Kummissjoni tiġi mistiedna tagħmel dikjarazzjoni.

Jekk proposta sabiex tiġi miċħuda l-kwittanza ma tiksibx il-maġġoranza tal-voti, il-kwittanza titqies bħala mogħtija. F'dan il-każ id-deċiżjoni tkun tikkostitwixxi wkoll l-għeluq tal-kontijiet. Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni xorta tista' titqiegħed għall-vot.

3. Jekk il-mozzjoni għal riżoluzzjoni jew il-proposta għall-għeluq tal-kontijiet ikunu jinkludu dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-vot tal-Parlament dwar il-kwittanza, il-President, wara li jkun ikkonsulta lill-president tal-kumitat responsabbli, jista' jipposponi l-votazzjoni u jistabbilixxi data ta' skadenza ġdida għat-tqegħid ta' emendi fuq il-Mejda.

**Artikolu 6**

**Implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza**

1. Il-President għandu jgħaddi kull deċiżjoni jew riżoluzzjoni tal-Parlament, adottati skond l-Artikolu 3, lill-Kummissjoni u lil kull waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra. Huwa għandu jieħu ħsieb li jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-serje riżervata għall-atti ta' xorta leġislattiva.

2. Il-kumitat kompetenti għandu jagħmel rapport lill-Parlament mhux inqas minn darba fis-sena dwar il-miżuri meħuda mill-istituzzjonijiet dwar il-kummenti li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet ta' kwittanza u l-kummenti l-oħra li jinsabu fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament u li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' l-infiq.

3. Il-President, f'isem il-Parlament, fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat kompetenti għall-kontroll tal-baġit, jista' jiftaħ kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra l-istituzzjoni kkonċernata skont l-Artikolu 265 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għal nuqqas ta' osservanza ta' l-obbliġi li jirriżultaw mill-kummenti li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza jew ir-riżoluzzjonijiet l-oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' l-infiq.

ANNESS VI

# Setgħat u responsabbiltajiet tal-kumitati permanenti[27]

## I. Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Kumitat responsabbli għall-promozzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika barranija tal-Unjoni fir-rigward ta':

1. għall-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u għall-politika komuni ta' sigurtà u ta' difiża (PKSD). F'dan il-kuntest il-kumitat ikun assistit minn sottokumitat għas-sigurtà u d-difiża;

2. għar-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u entitajiet oħra tal-Unjoni, mal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u ma' assembleji interparlamentari għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu;

3. is-superviżjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;

4. għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet politiċi ma' pajjiżi terzi permezz ta' programmi komprensivi ta' koperazzjoni u assistenza jew permezz ta' ftehimiet internazzjonali bħal ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew sħubija;

5. għall-ftuħ, il-monitoraġġ u l-konklużjoni ta' negozjati dwar l-adeżjoni ta' Stati Ewropej ma' l-Unjoni;

6. għal-leġiżlazzjoni, l-ipprogrammar u l-iskrutinju kollha tal-azzjonijiet imwettqa taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi u l-Istrument ta' Sħubija għall-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi, u l-politiki li fuqhom huma bbażati;

7. il-monitoraġġ u s-segwitu ta', inter alia, il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), b'mod partikolari fir-rigward tar-Rapporti ta' Progress Annwali tal-PEV;

8. kwistjonijiet li jirrigwardaw id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' minoranzi, f'pajjiżi terzi u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali. F'dan il-kuntest il-kumitat ikun assistit minn sottokumitat għad-drittijiet tal-bniedem, li għandu jiżgura koerenza bejn il-politika esterna kollha tal-Unjoni u l-politika tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli, membri ta' kumitati u entitajiet oħra li għandhom kompetenzi f'dan il-qasam għandhom jiġu mistiedna sabiex jattendu l-laqgħat tas-sottokumitat;

9. l-involviment tal-Parlament fil-missjonijiet ta' osservazzjoni ta' elezzjonijiet, fejn hu xieraq b'kooperazzjoni mal-kumitati u d-delegazzjonijiet l-oħra rilevanti;

Il-kumitat jipprovdi superviżjoni politika, u jikkoordina x-xogħol ta' kumitati parlamentari konġunti u ta' kumitati parlamentari ta' kooperazzjoni kif ukoll ix-xogħol ta' delegazzjonijiet interparlamentari u ta' delegazzjonijiet ad hoc li jaqgħu taħt il-kompetenzi tiegħu.

## II. Kumitat għall-Iżvilupp

Kumitat responsabbli:

[27] Adottat permezz ta' deċiżjoni tal-Parlament tas-6 ta' Mejju 2009.

1. għall-promozzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika ta' l-iżvilupp u l-koperazzjoni ta' l-Unjoni, b'mod partikulari:

   (a) id-djalogu politiku mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fuq livell bilaterali u f'organizzazzjonijiet internazzjonali u fora interparlamentari rilevanti,

   (b) l-għajnuna għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' tali pajjiżi, b'mod partikolari superviżjoni ta' ffinanzjar effettiv ta' għajnuna u evalwazzjoni tal-prestazzjoni, inkluż fir-rigward tal-qerda tal-faqar,

   (c) monitoraġġ tar-relazzjoni bejn il-politika tal-Istati Membri u dik implimentata fil-livell tal-Unjoni,

   (d) il-promozzjoni tal-valuri demokratiċi, ta' tmexxija t-tajba u tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

   (e) l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-progress fil-koerenza politika fir-rigward tal-politika għall-iżvilupp;

2. għal kull leġiżlazzjoni, programmar u skrutinju ta' azzjonijiet imwettqa taħt l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) – b'kooperazzjoni mill-qrib mal-parlamenti nazzjonali – u l-Istrument ta' Għajnuna Umanitarja, kif ukoll għall-kwistjonijiet kollha relatati ma' għajnuna umanitarja fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-politika li fuqha jkunu msejsin;

3. għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u għar-relazzjonijiet mal-entitajiet rilevanti;

4. għall-kwistjonijiet relatati mal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej;

5. għall-involviment tal-Parlament fil-missjonijiet ta' osservazzjoni ta' elezzjonijiet, fejn hu xieraq b'koperazzjoni ma' kumitati u delegazzjonijiet oħra rilevanti.

Il-kumitat jikkoordina x-xogħol tad-delegazzjonijiet interparlamentari u tad-delegazzjonijiet ad hoc li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

## III. Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Kumitat responsabbli

għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni u r-relazzjonijiet ekonomiċi esterni tagħha, b'mod partikolari:

1. ir-relazzjonijiet finanzjarji, ekonomiċi u kummerċjali ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet reġjonali;

2. it-tariffa esterna komuni u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ, kif ukoll l-aspetti esterni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dwana u l-ġestjoni tagħha;

3. il-ftuħ, il-monitoraġġ, il-konklużjoni u s-segwitu ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali, multilaterali u plurilaterali li jirregolaw ir-relazzjonijiet ekonomiċi,kummerċjali u ta' investiment ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet reġjonali;

4. il-miżuri ta' armonizzazzjoni teknika jew ta' standardizzazzjoni teknika f'oqsma koperti minn strumenti ta' liġi internazzjonali;

5. ir-relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u ma' fora internazzjonali dwar kwistjonijiet relalati mal-kummerċ, u ma' organizzazzjonijiet li jippromwovu integrazzjoni ekonomika u kummerċjali fuq livell reġjonali barra mill-Unjoni;

6. ir-relazzjonijiet mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), inkluża d-dimensjoni parlamentari tagħha.

Il-kumitat jikkomunika mad-delegazzjonijiet interparlamentari u ad hoc li huma rilevanti dwar l-aspetti ekonomiċi u kummerċjali tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi .

## IV. Kumitat għall-Baġits

Kumitat responsabbli:

1. għall-qafas finanzjarju plurijennali tad-dħul u l-infiq ta' l-Unjoni u għas-sistema tar-riżorsi ta' l-Unjoni stess;

2. għall-prerogattivi baġitarji tal-Parlament, b'mod patikulari l-baġit ta' l-Unjoni u l-innegozjar u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet interistituzzjonali f'dan il-qasam;

3. għall-estimi tal-Parlament skond il-proċedura stabbilita fir-Regoli;

4. għall-baġit ta' entitajiet deċentralizzati;

5. għall-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew għall-Investiment li mhumiex parti mill-governanza ekonomika Ewropea;

6. biex jiddaħħal fil-baġit il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-kumitat responsabbli għall-Ftehima ta' sħubija ACP-UE;

7. għall-implikazzjonijiet finanzjarji ta' l-atti kollha tal-Unjoni u għall-kompatibiltà tagħhom mal-qafas finanzjarju plurijennali, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-kumitati rilevanti;

8. għall-issorveljar u l-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-baġit kurrenti minkejja l-Artikolu 95(1), trasferimenti ta' approprjazzjonijiet, proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' l-organigrammi, approprjazzjonijiet amministrattivi u opinjonijiet dwar proġetti relatati mal-bini li jkollhom implikazzjonijiet finanzjarji qawwija;

9. għar-Regolament Finanzjarju, bl-esklużjoni ta' kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni u l-kontroll tal-baġit.

## V. Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Kumitat responsabbli:

1. għall-kontroll ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Unjoni u tal-Fond għall-Iżvilupp Ewropew, u għad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Parlament dwar il-kwittanza, inkluża l-proċedura għall-kwittanza interna, u għall-miżuri l-oħra li jakkumpanjaw jew li jimplimentaw dawn id-deċiżjonijiet;

2. għall-għeluq, il-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet u tal-karti tal-bilanċ tal-Unjoni, tal-istituzzjonijiet tagħha u tal-entitajiet iffinanzjati minnha, inkluża

d-deċiżjoni dwar liema approprjazzjonijiet għandhom jiġu riportati u s-saldu tal-bilanċi;

3. għall-kontoll ta' l-attivitajiet finanzjarji tal-Bank Ewropew għall-Investiment;

4. għall-monitoraġġ tal-effettività fl-infiq tat-tipi differenti ta' finanzjament tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni, bl-involviment, fuq talba tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, tal-kumitati speċjalizzati u b'azzjoni, fuq talba tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, f'kooperazzjoni mal-kumitati speċjalizzati għall-eżami tar-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri;

5. għar-relazzjonijiet mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), għall-indagar dwar frodi u irregolaritajiet fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, għall-miżuri li għandhom bħala skop il-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dawn il-każijiet, għall-protezzjoni riġida tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-azzjonijiet rilevanti mill-Prosekutur Pubbliku Ewropew f'dan il-qasam

6. għar-relazzjonijiet mal-Qorti tal-Awdituri, għall-ħatra tal-membri tagħha u għall-konsiderazzjoni tar-rapporti tagħha;

7. għar-Regolament Finanzjarju għal dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-baġit.

## VI. Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Kumitat responsabbli:

1. għall-politika ekonomika u monetarja tal-Unjoni, għall-operat tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u għas-sistema monetarja u finanzjarja Ewropea (inklużi r-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet rilevanti);

2. għall-moviment ħieles tal-kapital u tal-pagamenti (pagamenti trans-fruntiera, żona ta' pagament uniku, bilanċ ta' pagamenti, moviment ta' kapital u politika ta' self u tislif, kontroll tal-moviment ta' kapital li jkun ġej minn pajjiżi terzi, miżuri li jkollhom l-iskop li jinkoraġġixxu l-esportazzjoni tal-kapital ta' l-Unjoni);

3. għas-sistema internazzjonali monetarja u finanzjarja (inklużi r-relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet finanzjarji u monetarji);

4. għar-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuna Statali jew pubblika;

5. għad-dispożizzjonijiet fiskali;

6. għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni ta' servizzi, istituzzjonijiet u swieq finanzjarji, inkluż ir-rappurtaġġ finanzjarju, il-verifika, ir-regoli dwar il-kontabilità, it-tmexxija ta' kumpaniji u kwistjonijiet oħra marbuta mal-liġi dwar il-kumpaniji u li jikkonċernaw speċifikament is-servizzi finanzjarji;

7. għall-attivitajiet rilevanti tal-Bank Ewropew tal-Investiment bħala parti mill-governanza ekonomika Ewropea fiż-żona tal-euro.

## VII. Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Kumitat responsabbli:

1. għall-politika tal-impjiegi u l-aspetti kollha tal-politika soċjali, inklużi l-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sigurtà soċjali, l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali;

2. għad-drittijiet tal-ħaddiema;

3. għall-miżuri ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

4. għall-Fond Soċjali Ewropew;

5. għall-politika tat-taħriġ vokazzjonali, inklużi l-kwalifiki professjonali;

6. għall-moviment ħieles tal-ħaddiema u tal-pensjonanti;

7. għad-djalogu soċjali;

8. għall-forom kollha ta' diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u fis-suq tax-xogħol ħlief għad-diskriminazzjoni sesswali;

9. għar-relazzjonijiet:

   – maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop),

   – mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonjiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol,

   – mal-Fondazzjoni Ewropea ghat-Taħriġ,

   – ma' l-Agenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

   kif ukoll għar-relazzjonijiet ma' entitajiet oħra rilevanti oħra tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

## VIII. Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Kumitat responsabbli:

1. għall-politika ambjentali u għall-miżuri ta' protezzjoni ta' l-ambjent, b'mod partikulari dawk li jikkonċernaw:

   (a) it-tibdil fil-klima,

   (b) it-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma, l-immaniġġjar u r-riċiklaġġ tal-iskart, is-sustanzi u l-taħlitiet perikolużi, il-livelli tal-istorbju u l-protezzjoni tal-bijodiversità,

   (c) l-iżvilupp sostenibbli,

   (d) il-miżuri u l-ftehimiet internazzjonali u reġjunali għall-protezzjoni ta' l-ambjent,

   (e) it-tiswija ta' ħsara ambjentali,

   (f) il-protezzjoni ċivili,

   (g) l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;

   (h) l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi;

2. għas-saħħa pubblika, b'mod partikulari:

   (a) il-programmi u l-miżuri speċifiċi fil-qasam tas-saħħa pubblika,

   (b) il-prodotti farmaċewtiċi u kożmetiċi,

   (c) l-aspetti tas-saħħa tat-terroriżmu bijoloġiku,

   (d) l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard;

3. għall-kwistjonijiet ta' sikurezza ta' l-ikel, b'mod partikulari:

   (a) it-tikkettar u s-sikurezza tal-prodotti ta' l-ikel,

   (b) il-leġislazzjoni veterinarja dwar il-protezzjoni mir-riskji għas-saħħa tal-bniedem; il-kontrolli ta' saħħa pubblika fuq il-prodotti ta' l-ikel u fuq is-sistemi tal-produzzjoni ta' l-ikel,

   (c) l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel u l-Uffiċju Ewropew għall-Ikel u s-Servizzi Veterinarji.

## IX. Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Kumitat responsabbli:

1. għall-politika industrijali tal-Unjoni u miżuri relatati, u għall-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, inklużi l-miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

2. għall-politika tal-Unjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż ix-xjenza u t-teknoloġija kif ukoll it-tixrid u l-esplojtazzjoni tar-riżultati tar-riċerka;

3. għall-politika spazjali Ewropea;

4. għall-attivitajiet taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija u l-Istitut tal-Materjali u l-Kejl ta' Referenza, kif ukoll il-JET, l-ITER u proġetti oħra fl-istess qasam;

5. għall-miżuri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-enerġija b'mod ġenerali u fil-kuntest tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, inklużi miżuri relatati ma';

   (a) is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fl-Unjoni,

   (b) il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija u l-iżvilupp ta’ forom ta’ enerġija ġodda u li jiġġeddu,

   (c) il-promozzjoni tal-interkonnessjoni ta' netwerks tal-enerġija u l-effiċjenza tal-enerġija, inkluż it-twaqqif u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fis-settur tal-infrastruttura tal-enerġija;

6. għat-Trattat Euratom u l-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom; għas-sikurezza nukleari, għall-għeluq tal-istabbilimenti nukleari u għat-tneħħija tal-iskart fis-settur nukleari;

7. għas-soċjetà tal-informazzjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni u n-netwerks u s-servizzi ta' komunikazzjoni, inkluż it-teknoloġiji u l-aspetti ta' sigurtà u t-twaqqif

u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fis-settur tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA).

## X. Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Kumitat responsabbli:

1. għall-koordinazzjoni fuq livell tal-Unjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali fil-qasam tas-suq intern u għall-Unjoni doganali, b'mod partikulari:

   (a) il-moviment ħieles tal-merkanzija, inkluża l-armonizzazzjoni ta' l-istandards tekniċi,

   (b) id-dritt li wieħed jiftaħ negozju jew jagħti servizz,

   (c) il-libertà ta' l-għoti ta' servizzi, ħlief fis-settur finanzjarju u fis-settur postali;

2. għall-funzjonament tas-Suq Uniku, inkluż miżuri li għandhom bħala skop l-identifikazzjoni u t-tneħħija ta' affarijiet li jistgħu jkunu ta' xkiel għall-implimentazzjoni tas-Suq Uniku, inkluż is-Suq Uniku Diġitali;

3. għall-promozzjoni u l-ħarsien tal-interessi ekonomiċi tal-konsumatur, ħlief għall-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà tal-ikel;

4. għall-politika u l-leġiżlazzjoni rigward l-infurzar tar-regoli dwar is-Suq Uniku u d-drittijiet tal-konsumatur.

## XI. Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Kumitat responsabbli:

1. għall-kswistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp ta' politika komuni għat-trasport ferrovjarju, fuq it-toroq, f'mogħdijiet ta' l-ilma interni, bil-baħar u bl-ajru, b'mod partikulari:

   (a) għar-regoli komuni applikabbli għat-trasport fl-Unjoni Ewropea,

   (b) għat-twaqqif u l-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fil-qasam ta' l-infrastruttura tat-trasport,

   (c) għall-għoti ta' servizzi ta' trasport u għar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi fil-qasam tat-trasport,

   (d) għas-sigurtà tat-trasport,

   (e) għar-relazzjonijiet ma' entitajiet u organizzazzjonijiet internazzjonali tat-trasport;

   (f) għall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u l-Impriża Konġunta SESAR;

2. għas-servizzi postali;

3. għat-turiżmu.

## XII. Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Kumitat responsabbli:

1. għall-operat u l-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp u l-koeżjoni reġjonali, kif stabbilit fit-Trattati;

2. għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-istrumenti l-oħra tal-politika reġjonali tal-Unjoni

3. għall-valutazzjoni tal-effett ta' linji politiċi oħrajn tal-Unjoni fuq il-koeżjoni ekonomika u soċjali,

4. għall-koordinazzjoni tal-istrumenti strutturali tal-Unjoni,

5. għad-dimensjoni urbana tal-politika ta' koeżjoni,

6. għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer, kif ukoll il-kooperazzjoni trans-fruntiera u bejn ir-reġjuni,

7. għar-relazzjonijiet mal-Kumitat għar-Reġjuni, l-organizzazzjonijiet ta' kooperazzjoni bejn ir-reġjuni u l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

## XIII. Kumitat għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali

Kumitat responsabbli:

1. għall-operat u l-iżvilupp tal-politika agrikola komuni;

2. għall-iżvilupp rurali, inklużi l-attivitajiet ta' l-istrumenti finanzjarji rilevanti;

3. għal-leġislazzjoni dwar:

   (a) kwistjonijiet veterinarji u li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa tal-pjanti u mal-għalf, kemm-il darba dawn il-miżuri ma jkunux intiżi sabiex titħares s-saħħa tal-bniedem,

   (b) it-trobbija u l-benesseri ta' l-annimali;

4. għat-titjib fil-kwalità tal-prodotti agrikoli;

5. għall-provvista ta' materja prima għall-agrikoltura;

6. għall-Uffiċċju Komunitarju għall-Varjetajiet tal-Pjanti;

7. għall-imsaġar u s-sistema agroforestali.

## XIV. Kumitat għas-Sajd

Kumitat responsabbli:

1. għall-operat u l-iżvilupp tal-politika komuni tas-sajd u għall-amministrazzjoni tagħha;

2. għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, il-ġestjoni tas-sajd u ta' flotot li jisfruttaw tali riżorsi u r-riċerka dwar studji tal-baħar u studji applikati dwar is-sajd;

3. għall-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-qasam tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tiegħu;

4. għall-politika strutturali fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, inklużi l-istrumenti finanzjarji u l-fondi għall-għajnuna fis-sajd biex jiġu appoġġjati dawn is-setturi;

5. għall-politika marittima integrata fir-rigward tal-attivitajiet tas-sajd;

6. għal ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli, l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd u l-implimentazzjoni ta' obbligi internazzjonali fil-qasam tas-sajd.

## XV. Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Kumitat responsabbli:

1. għall-aspetti kulturali ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari:

   (a) it-titjib fl-għerf u fid-disseminazzjoni tal-kultura,

   (b) il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika,

   (c) il-konservazzjoni u l-ħarsien tal-patrimonju kulturali, l-iskambji kulturali u l-kreazzjoni artistika;

2. għall-politika ta' l-Unjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni, inkluż il-qasam ta' edukazzjoni ogħla fl-Ewropa, il-promozzjoni tas-sistema ta' skejjel Ewropej u t-tagħlim tul il-ħajja;

3. għall-politika awdjoviżiva u l-aspetti kulturali u edukattivi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni;

4. għall-politika dwar iż-żgħażagħ;

5. għall-iżvilupp ta' politika tal-isport u l-ħin liberu;

6. għall-politika ta' l-informazzjoni u tal-media;

7. għall-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-kultura u l-edukazzjoni u għar-relazzjonijiet ma' l-organizzazzjonijiet u l-entitajiet internazzjonali kkonċernati.

## XVI. Kumitat għall-Affarijiet Legali

Kumitat responsabbli:

1. għall-interpretazzjoni, l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-Liġi tal-Unjoni, u għall-konformità tal-atti tal-Unjoni mal-leġislazzjoni primarja, b'mod partikulari l-għażla tal-bażi legali u r-rispett tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

2. għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi internazzjonali, għal dak li jkollu x'jaqsam mal-Unjoni Ewropea;

3. għal tfassil aħjar tal-liġijiet u għas-semplifikazzjonital-liġi tal-Unjoni;

4. għall-ħarsien legali tad-drittijiet u l-prerogattivi tal-Parlament, inkluża l-parteċipazzjoni tal-Parlament f'kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

5. għall-atti tal-Unjoni li jaffettwaw il-liġijiet ta' l-Istati Membri, b'mod partikulari fl-oqsma:

   (a) tal-liġi ċivili u kummerċjali,

(b) tal-liġi dwar il-kumpaniji,

(c) tal-liġi dwar il-proprjetà intellettwali,

(d) tal-liġi proċedurali;

6. għall-miżuri rigward il-koperazzjoni ġudizzjarja u amministrattiva fil-qasam ċivili;

7. għar-responsabbiltà ambjentali u għas-sanzjonijiet applikabbli għal delitti kontra l-ambjent;

8. għall-kwistjonijiet etiċi li għandhom x'jaqsmu ma' teknoloġiji ġodda, bl-applikazzjoni tal-proċedura b'kumitati assoċjati mal-kumitati rilevanti;

9. għall-Istatut tal-Membri u għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea;

10. għall-privileġġi u l-immunitajiet, kif ukoll għall-verifika tal-kredenzjali tal-Membri;

11. għall-organizzazzjoni u għall-istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

12. għall-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern.

**XVII. Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern**

Kumitat responsabbli:

1. għall-protezzjoni fit-territorju tal-Unjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini, tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni tal-minoranzi, kif stipulat fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

2. għall-miżuri meħtieġa fil-ġlieda kontra kull tip ta' diskriminazzjoni, ħlief id-diskrimazzjoni sesswali jew id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u fis-suq tax-xogħol;

3. għal-leġislazzjoni fl-oqsma tat-trasparenza u tal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iproċessar ta' informazzjoni personali;

4. għat-twaqqif u l-iżvilupp ta' żona ta' liberta`, sigurtà u ġustizzja, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, b'mod partikulari:

   (a) miżuri li għandhom x'jaqsmu mad-dħul u l-moviment tal-persuni, ma' l-asil u l-migrazzjoni,

   (b) miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni integrata tal-fruntieri komuni,

   (c) miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni tal-pulizija u mal-kooperazzjoni ġudizjarja fil-qasam kriminali, inkluż it-terroriżmu, u miżuri sostantivi u proċedurali relatati mal-iżvilupp ta' approċċ aktar koerenti tal-Unjoni lejn il-liġi kriminali;

5. għaċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-Europol, l-Eurojust, is-Cepol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u entitajiet u aġenziji oħra li joperaw fl-istess qasam;

6. għad-determinazzjoni ta' riskju evidenti ta' ksur gravi, min-naħa ta' Stat Membru, tal-prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri.

## XVIII. Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Kumitat responsabbli:

1. għall-aspetti istituzzjonali tal-proċess ta' intergrazzjoni Ewropea, b'mod partikolari il-preparazzjoni, l-inizjazzjoni u l-proċedimenti tal-proċeduri ordinarji u ssemplifikati għar-reviżjoni tat-Trattati;

2. għall-implimentazzjoni tat-Trattati u għall-valutazzjoni ta' l-operat tiegħu;

3. għall-konsegwenzi istituzzjonali tan-negozjati tat-tkabbir ta' l-Unjoni jew ta' ħruġ mill-Unjoni;

4. għar-relazzjonijiet interistituzzjonali, inkluż l-eżami tal-ftehimiet interistituzzjonali skont l-Artikolu 140(2) tar-Regoli ta' Proċedura, minħabba li jridu jiġu approvati mill-Parlament;

5. għall-proċedura elettorali uniformi;

6. għall-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet politiċi f'livell Ewropew, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Bureau;

7. għad-determinazzjoni ta' l-eżistenza ta' ksur gravi u persistenti, min-naħa ta' Stat Membru, tal-prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri;

8. għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura u l-proposti għal emendi għar-Regoli.

## XIX. Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Kumitat responsabbli:

1. għad-definizzjoni, il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa fl-Unjoni u għall-miżuri tal-Unjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' dan;

2. għall-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa f'pajjiżi terzi;

3. għall-politika ta' opportunitajiet indaqs, inkluża l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u t-trattament fuq il-post tax-xogħol;

4. għat-tneħħijata' kull tip ta' vjolenza u diskriminazzjoni sesswali;

5. għall-implimentazzjoni u aktar żvilupp fil-qasam tal-gender mainstreaming fis-setturi kollha;

6. għas-segwitu u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tan-nisa;

7. għall-inkoraġġiment ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tan-nisa.

## XX. Kumitat għall-Petizzjonijiet

Kumitat responsabbli:

1. għall-petizzjonijiet;

2. għall-organizzazzjoni ta' seduti ta' smigħ pubbliċi dwar inizjattivi taċ-ċittadini skont l-Artikolu 211;

3. għar-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman Ewropew.

## ANNESS VII

## Dokumenti u informazzjoni kunfidenzjali u sensittivi

## A. Eżami ta' dokumenti kunfidenzjali mibgħuta lill-Parlament

Proċedura għall-eżami ta' dokumenti kunfidenzjali mibgħuta lill-Parlament Ewropew[28]

1. B'dokumenti kunfidenzjali nfissru dokumenti u informazzjoni li għalihom il-pubbliku jista' ma jingħatax aċċess, skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1049/2001, u għandhom jinkludu dokumenti sensittivi kif iddefiniti fl-Artikolu 9 tar-Regolament.

Meta waħda mill-istituzzjonijiet ikollha dubju dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti li jaslu l-Parlament, il-każ għandu jitressaq quddiem il-Kumitat Interistituzzjonali, skond l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Meta dokumenti kunfidenzjali jintbagħtu lill-Parlament, iċ-Chairman tal-Kumitat Parlamentari responsabbli għandu awtomatikament japplika l-proċedura ta' kunfidenzjalità kif stipulat fil-paragrafu 3 hawn taħt.

2. Kwalunkwe kumitat tal-Parlament Ewropew għandu jkun jista' japplika l-proċedura ta' kunfidenzjalità għal xi biċċa informazzjoni jew dokument, jekk jintalab li jagħmel dan bil-kliem jew bil-kitba minn wieħed mill-membri tiegħu. Maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri hija meħtieġa sabiex tiġi applikata l-proċedura ta' kunfidenzjalità.

3. Malli ċ-Chairman tal-kumitat jiddikkjara li l-proċeduri huma kunfidenzjali, l-aċċess għal dawn għandu jingħata biss lill-Membri tal-kumitat u lill-uffiċjali u esperti li ġew nominati minn qabel miċ-Chairman u li l-preżenza tagħhom tkun assolutament meħtieġa.

Id-dokumenti għandhom jingħataw numru u għandhom jitqassmu fil-bidu ta' kull laqgħa u jinġabru fl-aħħar. M'għandhom jittieħdu l-ebda noti jew bla dubju kopji fotostatiċi tad-dokumenti.

Id-diskussjoni dwar punt trattat skond il-proċedura ta' kunfidenzjalità m'għandhiex tissemma fil-minuti tal-laqgħa. Id-deċiżjoni rilevanti biss, jekk tittieħed, tista' titniżżel.

4. Tliet membri ta' kumitat li applika l-proċedura kunfidenzjali jistgħu jagħmlu talba biex jiġi kkunsidrat ksur ta' kunfidenzjalità, u din it-talba tista' titniżżel fl-aġenda. B'maġġoranza tal-membri, il-kumitat jista' jiddeċiedi li t-talba biex jiġi kkunsidrat każ ta' ksur ta' kunfidenzjalità titniżżel fl-aġenda ta' l-ewwel laqgħa li tiġi wara d-data li fiha li din it-talba tiġi ppreżentata lill-president tal-kumitat.

5. Pieni: f'każ ta' ksur tar-regoli, il-President tal-kumitat, għandu jipproċedi skont l-Artikoli 11(2), 165, 166 u 167.

[28]Adottata bid-deċiżjoni tal-Parlament tal-15 ta' Frar 1989 u emendata bid-deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2001.

## B. Ftehima interistituzzjonali dwar aċċess tal-Parlament għal informazzjoni sensittiva fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża

Ftehima Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċess tal-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża[29]

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL,

Billi:

(1) L-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid li l-Presidenza tal-Kunsill għandha tikkonsulta l-Parlament Ewropew rigward l-aspetti ewlenin u l-għażliet bażiċi tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni u fl-istess ħin għandha tiżgura li l-opinjonijiet tal-Parlament Ewropew jiġu kkunsidrati kif jixraq. Dan l-Artikolu jistipula wkoll li l-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat regolarment mill-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni. Għandu jiġi introdott mekkaniżmu li jiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji f'dan il-qasam.

(2) Minħabba n-natura speċifika u l-kontenut partikolarment delikat ta' ċerta informazzjoni ta' kunfidenzjalità għolja fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża, għandhom jiġu introdotti miżuri speċjali għall-immaniġġjar ta' dokumenti b'dan it-tip ta' informazzjoni.

(3) Bi qbil ma' l-Artikolu 9(7) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[30], il-Kunsill għandu jgħarraf lill-Parlament Ewropew b'dokumenti sensittivi, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9(1) ta' dak ir-Regolament, dejjem skond il-ftehimiet milħuqa bejn l-istituzzjonijiet.

(4) Fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri hemm mekkaniżmi speċifiċi li jirregolaw il-komunikazzjoni u l-immaniġġjar ta' informazzjoni klassifikata bħala kunfidenzjali bejn il-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali. Din il-Ftehima Interistituzzjonali għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew bi trattament li jkun ispirat mill-aqwa prattiċi ta' l-Istati Membri,

LAĦQU DIN IL-FTEHIMA INTERISTITUZZJONALI:

### 1. Għan

1.1. Din il-Ftehima Interistituzzjonali hija marbuta ma' l-aċċess tal-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża, jiġifieri informazzjoni klassifikata bħala "TRÈS SECRET/TOP SECRET", "SECRET" jew "CONFIDENTIAL", ikunu xi jkunu l-oriġini, il-mezz ta' komunikazzjoni jew l-istat ta' kompletezza tad-dokument, kif ukoll mal-mod kif jiġu mmaniġġjati d-dokumenti hekk ikklassifikati.

1.2. Informazzjoni minn Stat terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali għandha tiġi kkomunikata bl-approvazzjoni ta' l-Istat jew l-organizzazzjoni kkonċernati.

Meta l-informazzjoni minn Stat Membru tasal għand il-Kunsill mingħajr restrizzjoni espliċita fuq kif għandha tiġi kkomunikata lill-istituzzjonijiet l-oħra ħlief għall-mod kif hi klassifikata, għandhom japplikaw ir-regoli tat-taqsimiet 2 u 3 ta' din il-Ftehima Interistituzzjonali. Il-bqija, din l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata bl-approvazzjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat.

[29] ĠU C 298, 30.11.2002, p. 1.
[30] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

Fil-każ li jirrifjuta li jikkomunika informazzjoni minn Stat terz, minn organizzazzjoni internazzjonali jew minn Stat Membru, il-Kunsill għandu jagħti r-raġunijiet għala qed jirrifjuta.

1.3. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Ftehima Interistituzzjonali għandhom japplikaw skond il-liġi fis-seħħ u bla ħsara għad-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 fuq id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-applikazzjoni tad-dritt ta' inkjesta[31] tal-Parlament Ewropew u bla ħsara għall-arranġamenti eżistenti, speċjalment għall-Ftehima Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja[32].

## 2. Regoli ġenerali

2.1. Iż-żewġ istituzzjonijiet għandhom jaġixxu skond id-dmirijiet reċiproċi ta' koperazzjoni sinċiera u fiduċja reċiproka kif ukoll bi qbil mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat. Il-komunikazzjoni u l-immaniġġjar ta' l-informazzjoni koperta b'din il-Ftehima Interistituzzjonali għandhom jirrispettaw l-interessi li l-klassifikazzjoni tfittex li tipproteġi, u b'mod partikolari l-interess pubbliku f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà u d-difiża ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew iktar mill-Istati Membri, jew fl-immaniġġjar ta' kriżi kemm militari kif ukoll mhux militari.

2.2. Fuq talba ta' waħda mill-persuni msemmija f'punt 3.1, il-Presidenza tal-Kunsill jew is-Segretarju Ġenerali/ir-Rappreżentant Għoli għandhom jinfurmawhom fil-ħin dwar kwalunkwe informazzjoni sensittiva meħieġa għall-eżerċitar tas-setgħat mogħtija lill-Parlament Ewropew mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fl-oqsma li għandhom x'jaqsmu mal-Ftehima Interistituzzjonali. Wieħed għandu jagħti każ ta' l-interess pubbliku fi kwestjonijiet marbutin mas-sigurtà u d-difiża ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew iktar mill-Istati Membri, jew ta' l-immaniġġjar ta' kriżi kemm militari kif ukoll mhux militari, bi qbil ma' l-arranġamenti stipulati fit-tielet taqsima.

## 3. Arranġamenti għall-aċċess għall-informazzjoni sensittiva u l-immaniġġjar tagħha

3.1. Fil-kuntest ta' din il-Ftehima Interistituzzjonali, il-President tal-Parlament Ewropew jew iċ-Chairman tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Politika Komuni ta' Sigurtà u ta' Difiża jistgħu jitolbu li l-Presidenza tal-Kunsill jew is-Segretarju Ġenerali/ir-Rappreżentant Għoli jgħaddu informazzjoni dwar l-iżviluppi fil-qasam tal-politka Ewropea tas-sigurtà u d-difiża lil dan il-kumitat, inkluża informazzjoni sensittiva li għaliha japplika l-punt 3.3.

3.2. Fil-każ ta' kriżi jew fuq it-talba tal-President tal-Parlament Ewropew jew taċ-Chairman tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Politika Komuni ta' Sigurtà u ta' Difiża, din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta kemm jista' jkun malajr.

3.3. F'dan il-qafas, il-President tal-Parlament Ewropew u kumitat speċjali presedut miċ-Chairman tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Politika Komuni ta' Sigurtà u ta' Difiża u magħmul minn erba' membri maħturin mill-Konferenza tal-Presidenti, għandhom jiġu mgħarrfa mill-Presidenza tal-Kunsill jew mis-Segretarju Ġeneral/mir-Rappreżentant Għoli dwar il-kontenut ta' l-informazzjoni sensittiva, meta dan ikun meħtieġ għall-eżerċitar tas-setgħat mogħtija lill-Parlament Ewropew mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fil-qasam kopert mill-Ftehima Intersistituzzjonali. Il-President tal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Speċjali jistgħu jitolbu li jikkonsultaw id-dokumenti kkonċernati fl-uffiċċji tal-Kunsill.

---

[31] ĠU L 113, 19.5.1995, p. 1.
[32] ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1.

Fejn ikun xieraq u possibbli, fid-dawl tan-natura u l-kontenut ta' l-informazzjoni jew tad-dokumenti kkonċernati, dawn għandhom ikunu aċċessibbli għall-President tal-Parlament Ewropew li għandu jagħżel waħda minn dawn il-possibilitajiet:

(a) informazzjoni intenzjonata għaċ-Chairman tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Politika Komuni ta' Sigurta`u ta' Difiża;

(b) aċċess għal informazzjoni riżervata għall-Membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Politika Komuni ta' Sigurtà u ta' Difiża;

(c) diskussjoni fil-Kumitat ta' l-Affarijiet Barranin, id-Drittijiet tal-Bniedem, Il-Politika Komuni ta' Sigurtà u ta' Difiża, laqgħat bil-magħluq, bi qbil mal-miżuri li jistgħu jvarjaw skond il-livell ta' kunfidenzjalità involuta;

(d) komunikazzjoni tad-dokumenti li minn hemm tneħħiet informazzjoni skond il-livell ta' segretezza mitlub.

Dawn il-possibilitajiet mhumiex applikabbli jekk l-informazzjoni sensittiva tkun klassifikata bħala "TRÈS SECRET/TOP SECRET".

Fir-rigward ta' informazzjoni jew ta' dokumenti klassifikati "SECRET" jew "CONFIDENTIAL", l-għażla ta' waħda minn dawn il-possibilitajiet mill-President tal-Parlament Ewropew għandha ssir bi qbil minn qabel mal-Kunsill.

L-informazzjoni jew id-dokumenti kkonċernati m'għandhomx jiġu ppubblikati jew mgħoddija lil persuni terzi.

## 4. Dispożizzjonijiet finali

4.1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, kull wieħed min-naħa tiegħu, għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li din il-Ftehima Interistituzzjonali tiġi implimentata, inklużi l-passi meħtieġa għall-protezzjoni tal-persuni involuti.

4.2. Iż-żewġ istituzzjonijiet iridu li jiddiskutu Ftehimiet Interistituzzjonali kumparabbli li jikkonċernaw informazzjoni klassifikata bħala konfidenzjali f'oqsma oħra ta' l-attivitajiet tal-Kunsill, bil-kundizzjoni li d-dispożizzjonijiet ta' din il-Ftehima Interistituzzjonali ma joħolqux preċedent għal oqsma oħra ta' attivitajiet ta' l-Unjoni jew tal-Komunità, u ma jaffettwawx il-mertu ta' kwalunkwe Ftehima Interistituzzjonali oħra.

4.3. Din il-Ftehima Interistituzzjonali għandha tiġi eżaminata minn waħda miż-żewġ istituzzjonijiet, fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba permezz ta' l-implimentazzjoni tagħha.

## Anness

Din il-Ftehima Interistituzzjonali għandha tiġi implimentata b'konformità mar-regolamenti rilevanti applikabbli, b'mod partikulari mal-prinċipju li jistabbilixxi li l-kunsens ta' min ipprovda l-informazzjoni oriġinali huwa kundizzjoni meħtieġa biex tiġi kkomunikata informazzjoni klassifikata bħala kunfidenzjali kif stipulat fil-punt 1.2.

Il-konsultazzjoni ta' dokumenti sensittivi mill-Membri tal-Kumitat Speċjali tal-Parlament Ewropew għandha ssir f'sala mgħammra b'miżuri ta' sigurtà fil-bini tal-Kunsill.

Din il-Ftehima Interistituzzjonali għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Parlament Ewropew ikun adotta miżuri ta' sigurtà interni li huma konformi mal-prinċipji stipulati fil-punt 2.1 u jaqblu mal-prinċipji ta' l-isituzzjonijiet l-oħra sabiex ikun hemm garanzija ta' livell ekwivalenti ta' ħarsien ta' l-informazzjoni sensittiva kkonċernata.

## Ċ. Implimentazzjoni tal-Ftehima Interistituzzjonali li tirregola l-aċċess tal-Parlament għal informazzjoni sensittiva fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża

Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2002 dwar l-implimentazzjoni ta' Ftehim Interistituzzjonali li tirregola l-aċċess tal-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża[33]

IL-PARLAMENT EWROPEW,

wara li kkunsidra l-Artikolu 9, b'mod partikulari l-paragrafi 6 u 7 tiegħu, kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[34],

wara li kkunsidra l-punt 1 ta' l-Anness VII, taqsima A tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

wara li kkunsidra l-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni tal-Bureau tat-28 ta' Novembru 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament[35],

wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċess tal-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża,

wara li kkunsidra l-proposta tal-Bureau,

wara li kkunsidra n-natura speċifika u l-kontenut partikolarment sensittiv ta' xi informazzjoni kunfidenzjali ħafna fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża,

billi, skond id-dispożizzjonijiet li qablu fuqhom l-istituzzjonijiet, il-Kunsill huwa mistenni li jara li l-informazzjoni dwar id-dokumenti sensittivi tkun disponibbli għall-Parlament,

billi l-Membri tal-Parlament Ewropew li qegħdin fil-kumitat speċjali mwaqqaf permezz tal-Ftehima Interistituzzjonali jridu jingħataw aċċess għad-dokumenti sensittivi, skond il-prinċipju tal-"bżonn li wieħed ikun jaf",

wara li kkunsidra l-bżonn li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi biex il-Parlament jirċievi, jipproċessa u jipproteġi informazzjoni sensittiva mibgħuta mill-Kunsill, mill-Istati Membri, minn Stati terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali,

IDDEĊIEDA:

**Artikolu 1**

Din id-Deċiżjoni tadotta l-miżuri meħtieġa biex tiġi implimentata l-Ftehima Interistituzzjonali li tirregola l-aċċess tal-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża.

**Artikolu 2**

It-talbiet tal-Parlament għall-aċċess għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill għandhom jiġu proċessati mill-Kunsill b'mod li jaqbel mar-regoli rilevanti. Jekk id-dokumenti mitluba tħejjew minn istituzzjonijiet oħra, minn Stati Membri, minn pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, dawn id-dokumenti għandhom jintbagħtu biss bl-approvazzjoni ta' l-istituzzjonijiet, l-Istati jew l-organizzazzjonijiet kkonċernati.

---

[33] ĠU C 298, 30.11.2002, p. 4.
[34] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
[35] ĠU C 374, 29.12.2001, p. 1.

**Artikolu 3**

Il-President tal-Parlament għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Ftehima Interistituzzjonali fi ħdan l-Istituzzjoni.

F'dan is-sens, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiggarantixxi li l-informazzjoni li tasallu direttament mill-President tal-Kunsill jew mis-Segretarju Ġenerali/ Rappreżentant Għoli, jew informazzjoni miksuba waqt il-konsultazzjoni tad-dokumenti sensittivi fil-bini tal-Kunsill, jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

**Artikolu 4**

Meta l-President tal-Parlament jew iċ-Chairman tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, id-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sigurtà Komuni u l-Politika tad-Difiża jitlob lill-Presidenza tal-Kunsill jew lis-Segretarju Ġenerali/lir-Rappreżentant Għoli biex jipprovdu informazzjoni sensittiva lill-Kumitat Speċjali mwaqqaf permezz tal-Ftehima Interistituzzjonali, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta kemm jista' jkun malajr. Għal dan il-għan, il-Parlament għandu jħejji sala apposta għal-laqgħat li għandhom x'jaqsmu ma' l-informazzjoni sensittiva. Is-sala għandha tintgħażel bil-għan li tiggarantixxi livell ta' protezzjoni ekwivalenti għall-livell stipulat għal dan it-tip ta' laqgħat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001[36] li adottat ir-regolamenti tal-Kunsill dwar is-sigurtà.

**Artikolu 5**

Il-laqgħa ta' informazzjoni preseduta mill-President tal-Parlament jew miċ-Chairman tal-kumitat imsemmi hawn fuq għandha ssir bil-magħluq.

Bl-eċċezzjoni ta' l-erba' Membri maħturin mill-Konferenza tal-Presidenti, għandu jingħata aċċess għas-sala tal-laqgħa biss lill-uffiċjali li, minħabba dmirijiethom jew minħabba eżiġenzi tas-servizz ġew awtorizzati li jidħlu fis-sala tal-laqgħa fuq il-bażi tal-prinċipju tal-"bżonn li wieħed ikun jaf".

**Artikolu 6**

Skond il-paragrafu 3.3 tal-Ftehima Interistituzzjonali msemmija hawn fuq, meta l-President tal-Parlament jew iċ-Chairman tal-kumitat imsemmi hawn fuq jiddeċiedi li jitlob l-awtorizzazzjoni biex jikkonsulta dokumenti li fihom informazzjoni sensittiva, dik il-konsultazzjoni għandha ssir fil-bini tal-Kunsill.

Id-dokumenti għandhom jiġu kkonsultati fuq il-post fi kwalunkwe versjoni li tkun disponibbli.

**Artikolu 7**

Il-Membri tal-Parlament li għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat ta' informazzjoni jew li għandhom aċċess għal dokumenti sensittivi għandhom jiġu soġġetti għal proċedura ta' awtorizzazzjoni bħal dik li jgħaddu minnha l-Membri tal-Kunsill u l-Membri tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, il-President tal-Parlament għandu jieħu l-passi meħtieġa ma' l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

**Artikolu 8**

B'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati għall-istituzzjonijiet l-oħra, għandha tingħata l-awtorizzazzjoni lil dawk l-uffiċjali li se jkollhom aċċess għal informazzjoni sensittiva. Uffiċjali li jingħataw permess b'dan il-mod, fuq il-bażi tal-prinċipju tal-"bżonn li wieħed ikun jaf", għandhom jiġu mistiedna biex jieħdu sehem fil-laqgħat ta' informazzjoni msemmija hawn fuq jew jaqraw b'attenzjoni d-dokumenti kkonċernati. F'dan il-kuntest, is-Segretarju Ġenerali, wara li jikkonsulta

[36] ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, għandu jagħti awtorizzazzjoni fuq il-bażi ta' l-inkjesta ta' sigurtà magħmula mill-istess awtoritajiet.

**Artikolu 9**

L-informazzjoni miksuba f'dawn il-laqgħat jew waqt il-konsultazzjoni ta' dawn id-dokumenti fil-bini tal-Kunsill m'għandhiex tiġi mogħtija, mxerrda jew ikkupjata, la sħiħa u lanqas f'partijiet, fl-ebda għamla. Bl-istess mod, m'għandu jkun awtorizzat l-ebda rrekordjar ta' dettalji li jkollhom x'jaqsmu ma' l-informazzjoni sensittiva pprovduta mill-Kunsill.

**Artikolu 10**

Biex ikollhom aċċess għall-informazzjoni sensittiva l-Membri tal-Parlament nominati mill-Konferenza tal-Presidenti għandhom ikunu marbuta mill-kundizzjoni li jirrispettaw il-kunfidenzjalità. Kull Membru li jikser din il-kundizzjoni għandu jiġi sostitwit fil-kumitat speċjali minn Membru ieħor nominat mill-Konferenza tal-Presidenti. F'dan il-kuntest, il-Membru ħati ta' ksur tar-regolament jista', qabel ma jitkeċċa mill-kumitat speċjali, jingħata ċ-ċans li jitkellem f'laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti, li għandha torganizza laqgħa speċjali bil-magħluq. Jekk ikun hemm bżonn, minbarra t-tkeċċija tiegħu/tagħha mill-kumitat speċjali, l-Membru responsabbli għall-kxif ta' informazzjoni jista' wkoll jiġi soġġett għall-proċedimenti ġudizzjarji skond il-leġislazzjoni rilevanti fis-seħħ.

**Artikolu 11**

L-uffiċjali li ngħataw aċċess għal informazzjoni sensittiva fuq il-bażi tal-prinċipju tal-"bżonn li wieħed ikun jaf" għandhom ikunu marbuta mill-kundizzjoni li jirrispettaw il-kunfidenzjalità. Kull uffiċjal li jikser din ir-regola għandu jkun soġġett għal investigazzjoni taħt l-awtorità tal-President, jew, jekk ikun hemm bżonn, għal proċeduri dixxiplinari skond ir-Regolamenti tal-Persunal (statut des fonctionnaires). Jekk jinfetħu proċedimenti legali, il-President għandu jieħu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jkunu jistgħu jimplimentaw il-proċeduri xierqa.

**Artikolu 12**

Il-Bureau għandu jkollu s-setgħa li jagħmel kwalunkwe reviżjoni jew emenda jew li jagħti kull interpretazzjoni li jkunu meħtieġa minħabba l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

**Artikolu 13**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi annessa mar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament u tidħol fis-seħħ fil-jum stess li fih tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

## D. Ftehim interistituzzjonali dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni

Ftehim interistituzzjonali tat-12 ta' Marzu 2014 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni[37]

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL,

Billi:

(1) L-Artikolu 14(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jipprevedi li l-Parlament Ewropew, flimkien mal-Kunsill, għandu jeżerċita funzjonijiet leġislattivi u baġitarji u li għandu jeżerċita funzjonijiet ta' kontroll u konsultazzjoni politika kif stabbilit fit-Trattati.

(2) L-Artikolu 13(2) tat-TUE jipprevedi li kull istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati, u f'konformità mal-proċeduri, il-kondizzjonijiet u l-finijiet stabbiliti fihom. Dik id-dispożizzjoni tipprevedi wkoll li l-istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw kooperazzjoni sinċiera reċiproka. L-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, inter alia, għandhom jagħmlu arranġamenti għall-kooperazzjoni tagħhom u li, għal dak il-għan, huma jistgħu, f'konformità mat-Trattati, jikkonkludu ftehimiet interistituzzjonali li jistgħu jkunu ta' natura vinkolanti.

(3) It-Trattati u, kif adatt, dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn jipprevedu li jew fil-kuntest ta' proċedura leġislattiva speċjali jew skont proċeduri oħrajn ta' teħid ta' deċiżjonijiet, il-Kunsill għandu jikkonsulta jew jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew qabel jadotta att legali. It-Trattati jipprevedu wkoll li, f'ċerti każijiet, il-Parlament Ewropew għandhu jiġi informat dwar il-progress jew ir-riżultati ta' proċedura partikolari jew ikun involut fl-evalwazzjoni jew l-iskrutinju ta' ċerti aġenziji tal-Unjoni.

(4) B'mod partikolari, l-Artikolu 218(6) tat-TFUE jistipula li, minbarra meta ftehim internazzjonali huwa relatat esklużivament mal-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehimiet konċernati wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew jew ikun ikkonsultah; il-ftehimiet internazzjonali kollha ta' dan it-tip li mhumiex relatati esklużivament mal-politika estera u ta' sigurtà komuni huma għaldaqstant koperti minn dan il-Ftehim Interistituzzjonali.

(5) L-Artikolu 218(10) TFUE jistipula li l-Parlament Ewropew għandu jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura; dik id-dispożizzjoni tapplika wkoll għal ftehimiet relatati mal-politika estera u ta' sigurtà komuni.

(6) F'każijiet fejn l-implimentazzjoni tat-Trattati u, kif adatt, ta' dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn, tkun teħtieġ aċċess mill-Parlament Ewropew għal informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill, l-arranġamenti adatti li jirregolaw tali aċċess għandhom jiġu miftehma bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

(7) Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jagħti aċċess lill-Parlament Ewropew għal informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, huwa jieħu deċiżjonijiet *ad hoc* għal dak il-għan, jew juża l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċess mill-Parlament Ewropew għal

[37] ĠU C 95, 1.4.2014, p. 1.

informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża[38] (minn issa 'l quddiem il-"Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002"), kif adatt.

(8) Id-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar ir-responsabbiltà politika[39], li saret meta ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna[40], tiddikjara li r-Rappreżentant Għoli ser jirrieżamina u fejn meħtieġ jipproponi biex jiġu aġġustati d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-aċċess għall-Membri tal-Parlament Ewropew għal dokumenti u informazzjoni klassifikati fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (jiġifieri l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002).

(9) Huwa importanti li l-Parlament Ewropew ikun assoċjat mal-prinċipji, l-istandards u r-regoli għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata li huma meħtieġa sabiex jitħarsu l-interessi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew ser ikun f'pożizzjoni li jipprovdi informazzjoni klassifikata lill-Kunsill.

(10) Fil-31 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta Deċiżjoni 2011/292/UE dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE[41] (minn hawn 'il quddiem "ir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill").

(11) Fis-6 ta' Ġunju 2011, il-Bureau tal-Parlament Ewropew adotta Deċiżjoni dwar ir-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew[42] (minn hawn 'il quddiem "ir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew").

(12) Ir-regoli ta' sigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni għandhom flimkien jikkostitwixxu qafas ġenerali komprensiv u koerenti fl-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata, u għandhom jiżguraw l-ekwivalenza tal-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi. Il-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew u fir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill għandhom għaldaqstant ikunu ekwivalenti.

(13) Il-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-informazzjoni klassifikata skont ir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew għandu jkun ekwivalenti għal-livell mogħti lill-informazzjoni klassifikata taħt ir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill.

(14) Is-servizzi rilevanti tas-Segretarjat tal-Parlament Ewropew u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li jiġu applikati livelli ekwivalenti ta' protezzjoni għall-informazzjoni klassifikata fiż-żewġ istituzzjonijiet,

(15) Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għal: ir-regoli eżistenti u futuri dwar l-aċċess għad-dokumenti adottati f'konformità mal-Artikolu 15(3) TFUE; ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali adottati f'konformità mal-Artikolu 16(2) TFUE; ir-regoli dwar id-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew adottati f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 226 TFUE; u d-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF),

FTEHMU KIF ĠEJ:

---

[38] ĠU C 298, 30.11.2002, p. 1.
[39] ĠU C 210, 3.8.2010, p. 1.
[40] ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.
[41] ĠU L 141, 27.5.2011, p. 17.
[42] ĠU C 190, 30.6.2011, p. 2.

**Artikolu 1**

**Għan u kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-arranġamenti li jirregolaw it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill, dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, li hija rilevanti sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jeżerċita s-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu. Dan jikkonċerna, b' mod partikolari, l-kwistjonijiet kollha bħal dawn:

(a) proposti soġġetti għal proċedura leġislattiva speċjali jew għal proċedura oħra ta' teħid ta' deċiżjonijiet skont liema l-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat jew huwa mitlub jagħti l-kunsens tiegħu;

(b) ftehimiet internazzjonali li dwaru l-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat jew mitlub jagħti l-kunsens tiegħu skont l-Artikolu 218(6) TFUE;

(c) direttivi ta' negozjar għal ftehimiet internazzjonali msemmijin fil-punt (b);

(d) attivitajiet, rapporti ta' evalwazzjoni jew dokumenti oħrajn li dwarhom il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat; u

(e) dokumenti dwar l-attivitajiet ta' dawk l-aġenziji tal-Unjoni li l-Parlament Ewropew għandu jkun involut fl-evalwazzjoni jew l-iskrutinju tagħhom.

**Artikolu 2**

**Definizzjoni ta' "informazzjoni klassifikata"**

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "informazzjoni klassifikata" għandha tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin, jew dawn kollha:

(a) "Informazzjoni klassifikata tal-UE" (IKUE) kif definita fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew u fir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill u li jkollha waħda mill-marki ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà li ġejjin:

– RESTREINT UE/EU RESTRICTED;

– CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL;

– SECRET UE/EU SECRET;

– TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET;

(b) informazzjoni klassifikata mogħtija lill-Kunsill mill-Istati Membri u li jkollha marka nazzjonali ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà ekwivalenti għal waħda mill-marki ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà użati għall-IKUE elenkati fil-punt (a);

(c) informazzjoni klassifikata mogħtija lill-Unjoni Ewropea minn Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jkollha marka ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà ekwivalenti għal waħda mill-marki ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà użati għall-IKUE elenkati fil-punt (a), kif hemm previst fil-ftehimiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni jew l-arranġamenti amministrattivi rilevanti.

**Artikolu 3**

**Protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata**

1. Il-Parlament Ewropew għandu jipproteġi, f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tiegħu u ma' dan il-Ftehim, kwalunkwe informazzjoni klassifikata mogħtija lilu mill-Kunsill.

2. Minħabba li għandha tinżamm ekwivalenza bejn il-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata stabbilita mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fir-regoli ta' sigurtà rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew għandu jiżgura li l-miżuri ta' sigurtà fis-seħħ fil-bini tiegħu jistgħu jkollhom livell ta' protezzjoni għall-informazzjoni klassifikata ekwivalenti għal dak mogħti lil tali informazzjoni fil-bini tal-Kunsill. Is-servizzi rilevanti tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jikkooperaw mill-qrib għal dan il-għan

3. Il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri adatti biex jiżgura li informazzjoni klassifikata mogħtija lilu mill-Kunsill ma għandhiex:

(a) tintuża għal finijiet minbarra dawk li għalihom ingħata aċċess;

(b) tingħata lil persuni li mhumiex dawk li ngħatalhom aċċess f'konformità mal-Artikoli 4 u 5, jew issir pubblika;

(c) tiġi rilaxxata lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħrajn tal-Unjoni, jew lil Stati Membri, Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali mingħajr ma jkun ingħata kunsens bil-miktub minn qabel mill-Kunsill.

4. Il-Kunsill jista' jagħti lill-Parlament Ewropew aċċess għal informazzjoni klassifikata li toriġina f'istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħrajn tal-Unjoni, jew fi Stati Membri, Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali biss jekk ikun ingħata kunsens bil-miktub minn qabel mill-oriġinatur.

**Artikolu 4**

**Sigurtà tal-persunal**

1. L-aċċess għal informazzjoni klassifikata għandha tingħata lill-Membri tal-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 5(4).

2. Meta l-informazzjoni kkonċernata hija klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu, jista' jingħata aċċess biss lill-Membri tal-Parlament Ewropew awtorizzati mill-President tal-Parlament Ewropew:

(a) li jkunu ngħataw approvazzjoni tas-sigurtà f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew; jew

(b) li dwarhom tkun saret notifika minn awtorità nazzjonali kompetenti li huma debitament awtorizzati permezz tal-funzjonijiet tagħhom f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, fejn l-informazzjoni kkonċernata hija klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew l-ekwivalenti tiegħu, l-aċċess jista' jingħata ukoll lil dawk il-Membri tal-Parlament Ewropew determinati f'konformità mal-Artikolu 5(4) li ffirmaw dikjarazzjoni solenni ta' segretezza f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew. Il-Kunsill għandu jkun infurmat bl-ismijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew li ngħataw aċċess skont dan is-subparagrafu.

3.	Qabel ma jingħataw aċċess għal informazzjoni klassifikata, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati fil-qosor dwar u jirrikonoxxu r-responsabbiltajiet tagħhom li jipproteġu tali informazzjoni f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew, u għandhom jiġu infurmati dwar il-mezzi biex tiġi żgurata tali protezzjoni.

4.	L-aċċess għal informazzjoni klassifikata għandu jingħata biss lil dawk l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u impjegati oħra tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi li:

(a)	nħatru minn qabel bħala li jeħtieġu li jkunu infurmati mill-korp jew uffiċjal parlamentari determinati f'konformità mal-Artikolu 5(4);

(b)	ingħataw approvazzjoni tas-sigurtà għal-livell adatt f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew meta l-informazzjoni hija klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu; u

(c)	ingħataw informazzjoni fil-qosor u rċevew struzzjonijiet bil-miktub dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom li jipproteġu tali informazzjoni kif ukoll dwar il-mezzi li jiżguraw tali protezzjoni, u li ffirmaw dikjarazzjoni fejn jirrikonoxxu li rċevew dawk l-istruzzjonijiet u li jimpenjaw rwieħhom li jaderixxu magħhom f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew.

**Artikolu 5**

**Proċedura għall-aċċess għal informazzjoni klassifikata**

1.	Il-Kunsill għandu jagħti l-informazzjoni klassifikata msemmija fl-Artikolu 1 lill-Parlament Ewropew meta jkun obbligat legalment li jagħmel dan, skont it-Trattati jew atti legali adottati abbażi tat-Trattati. Il-korpi jew uffiċjali parlamentari msemmija fil-paragrafu 3 jistgħu wkoll jippreżentaw talba bil-miktub għal tali informazzjoni.

2.	F'każijiet oħrajn, il-Kunsill jista' jagħti l-informazzjoni klassifikata msemmija fl-Artikolu 1 lill-Parlament Ewropew, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba bil-miktub mingħand wieħed mill-korpi jew uffiċjali parlamentari msemmija fil-paragrafu 3.

3.	Il-korpi jew uffiċjali parlamentari li ġejjin jistgħu jippreżentaw talbiet bil-miktub lill-Kunsill:

(a)	il-President;

(b)	il-Konferenza tal-Presidenti;

(c)	il-Bureau;

(d)	il-President(i) tal-kumitat(i) konċernat(i);

(e)	ir-relatur(i) konċernat(i).

It-talbiet minn Membri oħra tal-Parlament Ewropew għandhom isiru permezz ta' wieħed mill-korpi jew uffiċjali parlamentari msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Il-Kunsill għandu jwieġeb għal tali talbiet mingħajr dewmien.

4.	Fejn il-Kunsill ikun taħt obbligu legali li, jew ikun iddeċieda li jagħti lill-Parlament Ewropew aċċess għal informazzjoni klassifikata, huwa għandu jiddetermina bil-miktub, qabel ma din l-informazzjoni tintbagħat, flimkien mal-korp jew l-uffiċjal rilevanti kif elenkat fil-paragrafu 3:

(a)	li tali aċċess jista' jingħata lil wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

il-President;

il-Konferenza tal-Presidenti;

il-Bureau;

il-President(i) tal-Kumitat(i) konċernat(i);

ir-relatur(i) konċernat(i);

il-membri tal-kumitat(i) konċernati kollha jew uħud minnhom; u

(b) kwalunkwe arranġament ta' trattament speċifiku għall-protezzjoni ta' tali informazzjoni.

**Artikolu 6**

**Reġistrazzjoni, ħżin, konsultazzjoni u diskussjonita' informazzjoni klassifikata fil-Parlament Ewropew**

1. Informazzjoni klassifikata pprovduta mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew, fejn din tkun klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu:

(a) għandha tiġi rreġistrata għal finijiet ta' sigurtà biex jiġi rrekordjat iċ-ċiklu ta' ħajja tagħha u tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħha f'kull ħin;

(b) għandha tinħażen f'żona sigura li tilħaq l-istandards minimi ta' sigurtà fiżika stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill u fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew, li għandhom ikunu ekwivalenti; u

(c) tista' tiġi kkonsultata mill-Membri tal-Parlament Ewropew, uffiċjali tal-Parlament Ewropew u l-impjegati oħra tal-Parlament rilevanti li jaħdmu għall-gruppi politiċi msemmijin fl-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 5(4) biss f'kamra sikura għall-qari ġewwa l-bini tal-Parlament Ewropew. F'dan il-każ, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-informazzjoni m'għandha tiġi kkopjata bl-ebda mezz, bħall-fotokopji jew ritratti;

(ii) m'għandhomx jittieħdu noti; u

(iii) l-ebda apparat ta' komunikazzjoni elettronika ma jista' jittieħed fil-kamra.

2. Informazzjoni klassifikata pprovduta mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew, fejn din tkun klassifikata fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew l-ekwivalenti tiegħu, għandha tiġi ttratata u maħżuna f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew li għandhom joffru livell ta' protezzjoni għal tali informazzjoni klassifikata ekwivalenti għal dak tal-Kunsill.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, għal perijodu ta' 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, informazzjoni klassifikata fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew l-ekwivalenti tiegħu għandha tiġi ttratata u maħżuna f'konformità mal-paragrafu 1. L-aċċess għal tali informazzjoni klassifikata għandha tkun irregolata mill-punti (a) u (c) tal-Artikolu 4(4) u mill-Artikolu 5(4).

3. L-informazzjoni klassifikata tista' tiġi ttrattata biss fuq sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni li jkunu ġew debitament akkreditati jew approvati f'konformità ma' standards ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill.

4. L-informazzjoni klassifikata mogħtija bil-fomm lil dawk li jirċevuha fil-Parlament Ewropew għandha tiġi soġġetta għal-livell ekwivalenti ta' protezzjoni bħal dak mogħti lil informazzjoni klassifikata f'forma miktuba.

5. Minkejja l-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni klassifikata sal-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ekwivalenti tiegħu mogħtija mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew tista' tiġi diskussa f'laqgħat li jsiru *in camera* u li għalihom jattendu biss il-Membri u dawk l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u impjegati oħrajn tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi u li ngħataw aċċess għall-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 5(4). Għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

– id-dokumenti għandhom jitqassmu fil-bidu tal-laqgħa u jerġgħu jinġabru fl-aħħar;

– id-dokumenti m'għandhom jiġu kkopjati bl-ebda mezz, bħall-fotokopji jew ritratti;

– m'għandhomx jittieħdu noti;

– l-ebda apparat ta' komunikazzjoni elettronika ma jista' jittieħed fil-kamra; u

– il-minuti tal-laqgħa m'għandhomx isemmu d-diskussjoni dwar il-punt li jkun fih informazzjoni klassifikata.

6. Meta jkunu jinħtieġu laqgħat biex tiġi diskussa informazzjoni klassifikata fil-livell SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu għandhom jiġu miftiehma arranġamenti speċifiċi bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq bażi ta' każ b' każ.

**Artikolu 7**

**Ksur tas-sigurtà, telf jew kompromess ta' informazzjoni klassifikata**

1. Fil-każ ta' telf jew kompromess ipprovat jew issuspettat ta' informazzjoni klassifikata mogħtija mill-Kunsill, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew għandu jinforma lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill b'dan immedjatament. Is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew għandu jmexxi investigazzjoni u għandu jinforma lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni u tal-miżuri li ttieħdu biex dan ma jerġax iseħħ. Fejn huwa kkonċernat Membru tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Parlament Ewropew għandu jaġixxi flimkien mas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew.

2. Kwalunkwe Membru tal-Parlament Ewropew li jkun responsabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew jew f'dan il-Ftehim jista' jkun soġġett għal miżuri u penali skont ir-Regoli 9(2) u 152 sa 154 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew[43].

3. Kwalunkwe uffiċjal tal-Parlament Ewropew jew impjegat ieħor tal-Parlament li jaħdem għal grupp politiku li jkun responsabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew jew f'dan il-Ftehim jista' jkun soġġett għall-pieni stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjaliu l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Impjegati Oħrajn tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill Regulation (KEE, Euratom, KEFA) No 259/68[44].

4. Persuni li jkunu responsabbli għat-telf jew il-kompromess ta' informazzjoni klassifikata jistgħu jkunu soġġetti għal azzjoni dixxiplinarja u/jew legali f'konformità mal-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti applikabbli.

---

[43]Issa l-Artikoli 11(2) u 165 sa 167.
[44]ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

**Artikolu 8**

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, min-naħa tagħhom, għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Huma għandhom jikkooperaw għal dan il-għan, b'mod partikolari billi jiġu organizzati żjarat biex tiġi sorveljata l-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi u ta' sigurtà ta' dan il-Ftehim.

2. Is-servizzi rilevanti tas-Segretarjat tal-Parlament Ewropew u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jikkonsultaw lil xulxin qabel ma waħda mill-istituzzjonijiet timmodifika r-regoli ta' sigurtà rispettivi tagħha, sabiex jiġi żgurat li tinżamm l-ekwivalenza tal-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata.

3. L-informazzjoni klassifikata għandha tiġi pprovduta lill-Parlament Ewropew skont dan il-Ftehim ladarba l-Kunsill, flimkien mal-Parlament Ewropew, ikun iddetermina li tkun intlaħqet ekwivalenza bejn il-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, minn naħa, u bejn il-livell ta' protezzjoni mogħti għall-informazzjoni klassifikata fil-bini tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, min-naħa l-oħra.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi rieżaminat fuq talba ta' istituzzjoni waħda jew l-oħra fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tiegħu.

5. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## E Ir-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew

Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2013 dwar ir-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew[45].

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 23(12) [46] tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fid-dawl tal-Ftehim Qafas ġdid dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea [47] ffirmat fl-20 ta' Ottubru 2010 ("il-Ftehim Qafas") u l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni[48] ffirmat fit-12 ta' Marzu 2014 ("il-Ftehim Interistituzzjonali") huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi dwar it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew ffirmat fl-20 ta' Ottubru 2010 ('il-Ftehim Qafas') huwa meħtieġ li tiġi riveduta d-Deċiżjoni tal-Bureau tat-13 ta' Novembru 2006 dwar ir-regoli li jirregolaw l-ipproċessar amministrattiv ta' dokumenti kunfidenzjali.

(2)It-Trattat ta' Lisbona jagħti kompiti ġodda lill-Parlament Ewropew u sabiex jiġu żviluppati l-attivitajiet tal-Parlament f'dawk l-oqsma li jirrikjedu livell għoli ta' kunfidenzjalità, jeħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji bażiċi, standards minimi ta' sigurtà u proċeduri xierqa għat-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni kunfidenzjali, anke dik klassifikata.

(3)L-għan tar-regoli stipulati f'din id-Deċiżjoni huwa li jiżguraw standards ekwivalenti ta' protezzjoni u kompatibilità mar-regoli adottati minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra stabbiliti b'riżultat jew abbażi tat-Trattati jew mill-Istati Membri sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament bla xkiel tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni huma bla ħsara għar-regoli attwali u futuri dwar l-aċċess għad-dokumenti adottati skont l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal- Unjoni Ewropea (TFUE).

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni huma bla ħsara għar-regoli attwali u futuri dwar il-protezzjoni tad-data personali adottati skont l-Artikolu 16 TFUE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

### Objettiv

Din id-Deċiżjoni tirregola l-ġestjoni u t-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew, inklużi l-ħolqien, ir-riċeviment, it-trażmissjoni u l-ħżin ta' tali informazzjoni, bl-għan tal-protezzjoni xierqa tan-natura kunfidenzjali tagħha. Hija timplimenta l-Ftehim Interistituzzjonali u l-Ftehim Qafas, b'mod partikolari l-Anness II tiegħu.

---

[45]ĠU C 96, 1.4.2014, p. 1.
[46]Issa l-Artikolu 25(12)
[47]ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
[48]ĠU L 95, 1.4.2014, p. 1.

**Artikolu 2**

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(a) 'informazzjoni' tfisser kwalunkwe informazzjoni miktuba jew orali, ikun x'ikun il-mezz u jkun min ikun l-awtur';

(b) 'informazzjoni kunfidenzjali' tfisser “Informazzjoni klassifikata”, u “informazzjoni kunfidenzjali oħra” mhux klassifikata';

(ċ) 'informazzjoni klassifikata' tfisser “Informazzjoni klassifikata tal-UE” (IKUE) u “informazzjoni klassifikata ekwivalenti';

(d) 'informazzjoni klassifikata tal-UE' (IKUE) tfisser kwalunkwe informazzjoni u materjal, klassifikati bħala “TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET, SECRET UE/EU SECRET”, “CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL” jew “RESTREINT UE/EU RESTRICTED”, li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jikkawża livelli varji ta' ħsara għall-interessi tal-Unjoni, jew għall-interessi ta' Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha, kemm jekk din l-informazzjoni toriġina fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji stabbiliti b'riżultat jew abbażi tat-Trattati u kemm jekk le. F'dan ir-rigward, informazzjoni u materjal klassifikat fil-livell:

- 'TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET” huma informazzjoni u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jikkawża ħsara eċċezzjonalment kbira lill-interessi essenzjali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha;

- 'SECRET UE/EU SECRET” huma informazzjoni u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jikkawża ħsara serja lill-interessi essenzjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha;

- 'CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL” hija l-klassifikazzjoni għal informazzjoni u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jikkawża ħsara lill-interessi ess- enzjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha;

- 'RESTREINT UE/EU RESTRICTED” huma informazzjoni u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jkun ta' żvantaġġ għall-interessi ess- enzjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha;

(e) 'informazzjoni klassifikata ekwivalenti' tfisser informazzjoni klassifikata maħruġa minn Stati Membri, Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jkollha marka ta' klassifikazzjoni tas-sigurtà ekwivalenti għal waħda mill-marki ta' klassifikazzjoni tas-sigurtà użati għall-IKUE u li ġiet trażmessa lill-Parlament Ewropew mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni;

(f) 'informazzjoni kunfidenzjali oħra' tfisser kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali mhux klassifikata, inkluża informazzjoni koperta mir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data jew mill-obbligu tas-segretezza professjonali, maħluqa fil-Parlament Ewropew jew trażmessa lill-Parlament Ewropew minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra stabbiliti b'riżultat jew abbażi tat-Trattati jew minn Stati Membri;

(g) 'dokument' tfisser kwalunkwe informazzjoni dokumentata irrispettivament mill-forma fiżika jew il-karatteristiċi tagħha;

(h) 'materjal' tfisser kwalunkwe dokument jew biċċa makkinarju jew apparat, kemm manifatturati kif ukoll fil-proċess li jiġu manifatturati;

(i) 'ħtieġa ta' għarfien' tfissser il-ħtieġa ta' persuna li jkollha aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali biex tkun tista' twettaq funzjoni jew kompitu uffiċjali;

(j) 'awtorizzazzjoni' tfisser deċiżjoni (deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni) adottata mill-President, jekk tikkonċerna lill-Membri tal-Parlament Ewropew, jew mis-Segretarju Ġenerali, jekk tikkonċerna lil uffiċjali tal-Parlament Ewropew jew impjegati oħra tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi biex individwu jingħata aċċess għal informazzjoni klassifikata sa livell speċifiku, abbażi ta' riżultat pożittiv ta' eżami ta' sigurtà (eżami bir-reqqa), imwettaq minn awtorità nazzjonali skont il-liġi nazzjonali u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness I, parti 2;

(k) 'deklassament' tfisser tnaqqis fil-livell ta' klassifikazzjoni;

(l) 'deklassifikazzjoni' tfisser it-tneħħija ta' kwalunkwe klassifikazzjoni;

(m) 'marka' tfisser sinjal mehmuż ma' 'informazzjoni kunfidenzjali oħra' bl-għan li tidentifika istruzzjonijiet speċifiċi predefiniti dwar it-trattament tagħha jew il-qasam kopert minn dokument speċifiku. Tista' tinhemeż ukoll ma' informazzjoni klassifikata, sabiex jiġu imposti rekwiżiti addizzjonali għat-trattament tagħha.

(n) 'tneħħija ta' marka' tfisser it-tneħħija ta' kwalunkwe marka;

(o) 'oriġinatur' tfisser l-awtur awtorizzat kif xieraq ta' informazzjoni kunfidenzjali;

(p) 'avviżi ta' sigurtà' tfisser miżuri implimentattivi kif stipulat fl-Anness II;

(q) 'struzzjonijiet dwar it-trattament' tfisser l-istruzzjonijiet tekniċi maħruġa lis-servizzi tal-Parlament li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

**Artikolu 3**

**Prinċipji bażiċi u standards minimi**

1. It-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew għandu jsegwi l-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi stipulati fl-Anness I, Parti 1.

2. Il-Parlament Ewropew għandu jwaqqaf sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni (SĠSI) skont dawk il-prinċipji bażiċi u istandards minimi. L-SĠSI għandha tikkonsisti mill-avviżi ta' sigurtà, l-istruzzjonijiet dwar it-trattament u r-regoli u r-Regoli ta' Proċedura rilevanti. Għandha timmira għall-iffaċilitar tal-ħidma parlamentari u amministrattiva, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali pproċessata mill-Parlament Ewropew, b'rispett sħiħ tar-regoli stabbiliti mill-oriġinatur ta' tali informazzjoni kif stabbilit fl-avviżi ta' sigurtà.

L-ipproċessar ta' informazzjoni kunfidenzjali permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni (CIS) awtomatizzati tal-Parlament Ewropew għandu jiġi implimentat skont il-kunċett tal-assigurazzjoni tal- informazzjoni (AI) kif previst fin-notifika ta' sigurta' 3.

3. Il-Membri tal-Parlament Ewropew jistgħu jikkonsultaw informazzjoni klassifikata sal-livell ta' RESTREINT UE/EU RESTRICTED, inkluż dak il-livell, bla awtorizzazzjoni ta' sigurtà.

4. Fejn l-Informazzjoni kkonċernata hija klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew l-ekwivalenti tiegħu, aċċess għandu jingħata lil dawk il-Membri tal-Parlament Ewropew li ġew awtorizzati mill-President skont il-paragrafu 5 jew wara li ffirmaw dikjarazzjoni solenni ta' nonżvelar tal-kontenut ta' dik l-informazzjoni lil terzi persuni, ta' konformita' mal-obbligu li jipproteġu informazzjoni klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL u ta' rikonoxximent tal-konsegwenzi ta' kwalunkwe nuqqas li jagħmlu dan.

5. Fejn l-informazzjoni kkonċernata hija klassifikata fil-livell SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu, aċċess għandu jingħata lil dawk il-Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu awtorizzati mill-President wara:

(a) li jkunu ġew awtorizzati fir-rigward tas-sigurtà skont l-Anness I, Parti 2, ta' din id-Deċiżjoni, jew

(b) li notifika tkun riċevuta minn awtorità nazzjonali kompetenti li l-Memrbi kkonċernati huma debitament awtorizzati permezz tal-funzjonijiet tagħhom skont il-liġi nazzjonali.

6. Qabel ma jingħataw aċċess għal informazzjoni klassifikata, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jingħataw tagħrif dwar, u għandhom jirrikonoxxu, ir-responsabbiltajiet tagħhom rigward il-protezzjoni ta' tali informazzjoni skont l-Anness I. Għandhom jingħataw tagħrif dwar il-mezzi biex jiżguraw tali protezzjoni.

7. Uffiċjali tal-Parlament Ewropew u impjegati oħrajn tal- Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi jistgħu jikkonsultaw informazzoni kunfidenzjali jekk ikollhom "ħtieġa ta' għarfien" stabbilita u jistgħu jikkonsultaw informazzjoni klassifikata li tkun ta' livell ogħla minn RESTREINT UE/EU RESTRICTED jekk ikollhom il-livell xieraq ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà. L-aċċess għal informazzjoni klassifikata għandu jingħata biss jekk ikunu ngħataw tagħrif dwar, u jkunu rċevew sruzzjonijiet bil-miktub li jikkonċernaw ir-responsabbiltajiet tagħhom rigward il-protezzjoni ta' tali informazjzoni, kif ukoll il-mezzi biex jiżguraw tali protezzjoni, u jekk ikunu ffirmaw dikjarazzjoni li permezz tagħha jirrikonoxxu l-fatt li rċevew dawk l-istruzzjonijiet u jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw magħhom skont ir-regoi attwali.

**Artikolu 4**

**Ħolqien ta' informazzjoni kunfidenzjali u ġestjoni amministrattiva mill-Parlament Ewropew**

1. Il-President tal-Parlament Ewropew, il-presidenti tal-kumitati parlamentari konċernati u s-Segretarju Ġenerali u/jew kwalunkwe persuna awtorizzata minnu kif xieraq bil-miktub jistgħu joħolqu informazzjoni kunfidenzjali u/jew jikklassifikaw informazzjoni kif previst fl-avviżi ta' sigurtà.

2. Meta joħloq informazzjoni kunfidenzjali, l-oriġinatur għandu japplika l-livell xieraq ta' klassifikazzjoni skont l-istandards u d-definizzjonijiet internazzjonali stabbiliti fl-Anness I. L-oriġinatur għandu jiddetermina wkoll, bħala regola ġenerali, id-destinatarji li għandhom ikunu awtorizzati jikkonsultaw l-informazzjoni skont il-livell ta' klassifikazzjoni. Din l-informazzjoni għandha tkun trażmessa lill-Unità għall-Informazzjoni Klassifikata (UIK) meta d-dokument jiġi ddepożitat fl-UIK.

3. Informazzjoni kunfidenzjali oħra" koperta mis-segretezza professjonali għandha tiġi ttrattata skont l-Annessi I u II u l-istruzzjonijiet ta' ġestjoni.

**Artikolu 5**

**Riċeviment ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew**

1.Informazzjoni kunfidenzjali li jirċievi l-Parlament Ewropew għandha tiġi trażmessa kif ġej:

(a) Informazzjoni kklassifikata fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew ekwivalenti tiegħu u "informazzjoni kunfidenzjali oħra": lis-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament li jkun ressaq it-talba, jew direttament lill-UIK;

(b) Informazzjoni klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu: lill-UIK.

2. Ir-reġistrazzjoni, il-ħżin u t-traċċabilità ta' informazzjoni kunfidenzjali għandhom jiġu ttrattati, skont il-każ, mis-Segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament li rċieva l-informazzjoni jew mill-UIK.

3. L-arranġamenti miftiehma li għandhom jiġu stabbiliti bi qbil komuni bil-ħsieb li tiġi preservata il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni, fil-każ ta' informazzjoni kunfidenzjali komunikata mill-Kummissjoni skont il-punt 3.2 tal-Anness II tal-Ftehim Qafas, jew fil-każ ta' informazzjoni klassifikata trażmessa mill-Kunsill skont l-Artikolu 5(4) tal-Ftehim Interistituzzjonali, għandhom jiġu ddepożitati, flimkien mal-informazzjoni kunfidenzjali, fis-Segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew fl-UIK, skont il-każ.

4. L-arranġamenti msemmijin fil-paragrafu 3 jistgħu japplikaw ukoll mutatis mutandis għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra stabbiliti b'riżultat jew abbażi tat-Trattati jew mill-Istati Membri.

5. Sabiex jiġi żgurat livell ta' protezzjoni proporzjonat mal-livell ta' klassifikazzjoni “TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET” jew l-ekwivalenti tiegħu, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi kumitat ta' sorveljanza. Informazzjoni klassifikata fil-livell “TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET” jew l-ekwivalenti tiegħu għandha tiġi kkomunikata lill-Parlament Ewropew skont arranġamenti addizzjonali, li għandhom jiġu miftiehma bejn il-Parlament Ewropew u l-Istituzzjoni tal-Unjoni li minnha l-informazzjoni tkun riċevtua.

**Artikolu 6**

**Komunikazzjoni ta' informazzjoni klassifikata mill-Parlament Ewropew lil partijiet terzi**

Il-Parlament Ewropew jista', skont il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur jew tal-Istituzzjoni tal-Unjoni li jkunu kkomunikaw l-informazjzoni klassifikata lill-Parlament Ewropew, skont il-każ, iressaq tali informazzjoni klassifikata lil partijiet terzi, bil-kundizzjoni li jiżguraw li, meta tiġi ġestita tali informazzjoni, fis-servizzi u s-sedi tagħhom jiġu rispettati regoli ekwivalenti għal dawk stipulati f'din id-Deċiżjoni.

**Artikolu 7**

**Faċilitajiet sikuri**

1. Għall-finijiet tal-ġestjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, il-Parlament Ewropew għandu jistabbilixxi Żona Sikura u Swali tal-Qari Sikuri.

2. Iż-Żona Sikura għandha tipprovdi faċilitajiet għar-reġistrazzjoni, il-konsultazzjoni, l-arkivjar, it-trażmissjoni u t-trattament ta' informazzjoni klassifikata. Għandu jkun fiha, inter alia, sala tal-qari u sala tal-laqgħat għall-konsultazzjoni ta' informazzjoni klassifikata u għandha tkun ġestita mill-UIK.

3. Barra ż-Żona Sikura, jistgħu jinħolqu Swali tal-Qari Sikuri, sabiex tkun tista' ssir konsultazzjoni ta' informazzjoni klassifikata fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew l-ekwivalenti tiegħu, u ta' “informazzjoni kunfidenzjali oħra”. Dawk is-Swali tal-Qari Sikuri għandhom ikunu ġestiti mis-servizzi kompetenti tas-segretarjati tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew mill-UIK, skont il-każ. M'għandux ikun fihom magni tal-fotokopji, telefowns, faċilitajiet għall-fax, skanners jew kwalunkwe apparat tekniku ieħor għar-riproduzzjoni jew it-trażmissjoni ta' dokumenti.

**Artikolu 8**

**Reġistrazzjoni, trattament u ħżin ta' informazzjoni kunfidenzjali**

1. Informazzjoni klassifikata fil-livell “RESTREINT UE/EU RESTRICTED” jew l-ekwivalenti tiegħu, u “informazzjoni kunfidenzjali oħra” għandha tiġi rreġistrata u maħżuna mis-servizzi kompetenti tas-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew mill-UIK, skont min irċieva l-informazzjoni.

2. Il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għat-trattament ta' informazzjoni fil-livell “RESTREINT EU/EU RESTRICTED” jew l-ekwivalenti tiegħu u “informazzjoni kunfidenzjali oħra”:

(a) id-dokumenti għandhom jingħataw personalment lill-kap tas-segretarjat, li għandu jirreġistrahom u jipprovdi konferma tar-riċevuta;

(b) meta ma jkunux fil-fatt qed jintużaw, tali dokumenti għandhom jinżammu f'post imsakkar, taħt ir-responsabilità tas-segretarjat;

(c) l-informazzjoni fl-ebda każ ma tista' tiġi ssejvjata fuq mezz ieħor, jew trażmessa lil xi persuna. Tali dokumenti jistgħu jiġu duplikati biss permezz ta' tagħmir akkreditat kif xieraq kif definit fl-avviżi ta' sigurtà;

(d) l-aċċess għal tali informazzjoni għandu jkun limitat għal dawk deżinjati mill-oriġinatur jew mill-Istituzzjoni tal-Unjoni li kkomunikat l-informazzjoni lill-Parlament Ewropew, skont l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 4(2), jew l-Artikolu 5(3), (4) u (5);

(e) is-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament għandu jżomm rekord tal-persuni li kkonsultaw l-informazzjoni, u tad-data u l-ħin ta' tali konsultazzjoni, u għandu jittrażmetti r-rekord lill-UIK fil-ħin tad-depożitu tal-informazzjoni mal-UIK.

3. Informazzjoni klassifikata bħala “CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL” u aktar jew ekwivalenti għandha tiġi rreġistrata, ġestita u maħżuna mill-UIK fiż-Żona Sikura, skont il-livell speċifiku ta' klassifikazzjoni u kif definit fl-avviżi ta' sigurtà.

4. Fil-każ li jkun hemm ksur tar-regoli stabbiliti hawn fuq, l-uffiċjal responsabbli mis-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew mill-UIK, skont il-każ, għandu jinforma lis-Segretarju Ġenerali, u dan għandu jirreferi l-kwistjoni lill-President, jekk Membru tal-Parlament Ewropew ikun involut.

**Artikolu 9**

**Aċċess għal faċilitajiet sikuri**

1. Il-persuni li ġejjin biss għandu jkollhom aċċess għaż-Żona Sikura:

(a) persuni li, skont l-Artikolu 3(4) sa (7), huma awtorizzati jikkonsultaw l-informazzjoni miżmuma hemm u li jkunu ssottomettew applikazzjoni skont l-Artikolu 10(1);

(b) persuni li, skont l-Artikolu 4(1), huma awtorizzati joħolqu informazzjoni klassifikata u jkunu ssottomettew applikazzjoni skont l-Artikolu 10(1);

(c) l-uffiċjali tal-UIK tal-Parlament Ewropew;

(d) l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew responsabbli mit-tmexxija tas-SIK;

(e) l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew responsabbli għas-sigurtà u s-sikurezza f'każ ta' nirien, meta jkun meħtieġ;

(f) il-persunal tat-tindif, iżda biss fil-preżenza u taħt sorveljanza stretta ta' uffiċjal li jaħdem fl-UIK.

2. L-UIK tista' tiċħad l-aċċess għaż-Żona Sikura lil kwalunkwe persuna li mhijiex awtorizzata li tidħol. Kwalunkwe oġġezzjoni għal tali ċaħda ta' aċċess għandha titressaq lill-President, fil-każ ta' talba għal aċċess minn Membru tal-Parlament Ewropew, u lis-Segretarju Ġenerali f'każijiet oħra.

3. Is-Segretarju Ġenerali jista' jawtorizza laqgħa għal numru limitat ta' persuni fis-sala tal-laqgħat li tinsab fiż-Żona Sikura.

4. Il-persuni li ġejjin biss għandu jkollhom aċċess għal Sala tal-Qari Sikura:

(a) il-Membri tal-Parlament Ewropew, l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u l-impjegati oħra tal-Parlament Ewropew li jaħdmu għall-gruppi politiċi, li jkunu identifikati kif xieraq għal skopijiet ta' konsultazzjoni jew ħolqien ta' informazzjoni kunfidenzjali;

(b) l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew responsabbli għall-ġestjoni tas-SIK, l-uffiċjali tas-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament li rċevew l-informazzjoni u l-uffiċjali tal-UIK;

(c) kif meħtieġ, l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew responsabbli għas-sigurtà u s-sikurezza f'każ ta' nirien;

(d) il-persunal tat-tindif, iżda biss fil-preżenza u taħt is-sorveljanza stretta ta' uffiċjal li jaħdem fis-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew tal-UIK, skont il-każ.

5. Is-segretarjat kompetenti tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew tal-UIK, skont il-każ, jista' ma jippermettix l-aċċess għal Sala tal-Qari Sikura lil kwalunkwe persuna li ma tkunx awtorizzata tidħol. Kwalunkwe oġġezzjoni għal-ċaħda ta' aċċess għandha titressaq lill-President, fil-każ ta' talba għal aċċess minn Membri tal-Parlament Ewropew u lis-Segretarju Ġenerali f'każijiet oħra.

**Artikolu 10**

**Konsultazzjoni jew ħolqien ta' informazzjoni kunfidenzjali f'faċilitajiet sikuri**

1. Kwalunkwe persuna li trid tikkonsulta jew toħloq informazzjoni kunfidenzjali fiż-Żona Sikura għandha tikkomunika isimha bil-quddiem lill-UIK. L-UIK għandha tiċċekkja l-identità ta' dik il-persuna u tivverifika jekk dik il-persuna għandhiex permess, skont l-Artikolu 3(3) sa (7), l-Artikolu 4(1) jew l-Artikolu 5(3), (4) u (5) biex tikkonsultaha jew toħloq informazzjoni kunfidenzjali.

2. Kwalunkwe persuna li trid, skont l-Artikolu 3(3) u (7), tikkonsulta informazzjoni kunfidenzjali klassifikata fil-livell "RESTREINT EU/EU RESTRICTED" jew l-ekwivalenti tiegħu jew "informazzjoni kunfidenzjali oħra" f'Sala tal-Qari Sikura, għandha tikkomunika isimha minn qabel lis-servizzi kompetenti tas-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew tal-UIK.

3. Ħlief f'ċirkustanzi straordinarji (eż. fejn jiġu ppreżentati bosta talbiet għal konsultazzjoni f'perjodu qasir ta' żmien), persuna waħda biss għandha tkun awtorizzata tikkonsulta l-informazzjoni kunfidenzjali f'faċilità sikura, fil-preżenza ta' uffiċjal tas-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew tal-UIK.

4. Waqt il-proċess ta' konsultazzjoni, il-kuntatt ma' barra (inkluż permezz ta' telefowns jew ta' apparat teknoloġiku ieħor), it-teħid ta' noti u l-iffotokopjar jew l-iffotografar tal-informazzjoni kunfidenzjali kkonsultata għandu jkun ipprojbit.

5. Qabel ma persuna tiġi awtorizzata toħroġ mill-faċilità sikura, l-uffiċjal tas-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew tal-UIK għandu jikkontrolla li l-informazzjoni kunfidenzjali kkonsultata tkun għadha preżenti, intatta u kompleta.

6. Fil-każ li jkun hemm ksur tar-regoli stabbiliti hawn fuq, l-uffiċjal tas-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew tal-UIK għandu jinforma lis-Segretarju Ġenerali, u dan għandu jirreferi l-kwistjoni lill-President, fejn Membru tal-Parlament Ewropew ikun involut.

**Artikolu 11**

**Standards minimi għall-konsultazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali f'laqgħa in camera barra l-faċilitajiet sikuri**

1. Informazzjoni klassifikata fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew l-ekwivalenti tiegħu u “informazzjoni kunfidenzjali oħra” tista' tiġi kkonsultata mill-membri tal-kumitati parlamentari jew ta' korpi politiċi u amministrattivi oħra tal-Parlament Ewropew waqt laqgħa in camera barra l-faċilitajiet sikuri.

2. Fiċ-ċirkostanzi previsti fil-paragrafu 1, is-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament responsabbli mil-laqgħa għandu jiżgura li jiġu rispettati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-persuni magħżula mill-President tal-kumitat jew korp kompetenti biex jieħdu sehem fil-laqgħa biss jitħallew jidħlu fil-kamra tal-laqgħa;

(b) id-dokumenti kollha jkunu nnumerati u mqassmin fil-bidu tal-laqgħa u miġburin lura fl-aħħar, u ma jittieħdux noti ta' dawk id-dokumenti u ma jsirux fotokopji jew ritratti tagħhom;

(c) il-minuti tal-laqgħa ma jinkludux il-kontenut tad-diskussjoni tal-informazzjoni meqjusa. Id-deċiżjoni rilevanti biss, jekk tittieħed, tista' tiġi dokumentata;

(d) l-informazzjoni kunfidenzjali mogħtija bil-fomm lil destinatarji fil-Parlament Ewropew hija suġġetta għal livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dik mogħtija lil informazzjoni kunfidenzjali mogħtija bil-miktub;

(e) l-ebda stokk addizzjonali ta' dokumenti ma jinżamm fis-swali tal-laqgħat;

(f) kopji ta' dokumenti jinqassmu lill-parteċipanti u lill-interpreti fil-bidu tal-laqgħa;

(g) l-istatus ta' klassifikazzjoni/marka tad-dokumenti jkun iċċarat mill-President tal-laqgħa fil-bidu tal-laqgħa;

(h) il-parteċipanti ma joħorġux b'dokumenti mis-sala tal-laqgħa;

(i) il-kopji kollha tad-dokumenti jinġabru, u jingħaddu fi tmiem il-laqgħa mis-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament; u

(j) l-ebda apparat ta' komunikazzjoni elettroniku jew apparat elettroniki ieħor ma jiddaħħal fis-sala tal-laqgħa li fiha l-informazzjoni kunfidenzjali inkwistjoni tiġi kkonsultata jew diskussa.

3. Meta, f'konformità mal-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-punt 3.2.2 tal-Anness II tal-Ftehim ta' Qafas u fl-Artikolu 6(5) tal-Ftehim Interistituzzjonali, informazzjoni klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew l-ekwivalenti tiegħu tiġi diskussa f'laqgħa li ssir in camera, is-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament responsabbli mil-laqgħa għandu, minbarra li jiżgura konformita' mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, jiżgura li l-persuni magħżula biex jieħdu sehem fil-laqgħa jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(4) u (7).

4. Fil-każ previst fil-paragrafu 3, l-UIK għandha tipprovdi lis-segretarjta tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament responsabbli mil-laqgħa in camera n-numru ta' kopji rekwiżiti tad-dokumenti li għandhom jiġu diskussi, li għandhom jiġu rritornati lill-UIK wara l-laqgħa.

**Artikolu 12**

**Arkivjar ta' informazzjoni kunfidenzjali**

1. Għandu jkun hemm faċilitajiet sikuri ta' arkivjar fiż-Żona Sikura. L-UIK għandha tkun responsabbli mill-ġestjoni tal-arkivju sikur skont il-kriterji standard tal-arkivjar.

2. L-informazzjoni klassifikata ddepożitata definittivament mal-UIK u informazjzoni klassifikata fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew l-ekwivalenti tiegħu ddepożitata mas-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-Parlament għandha tiġi trasferita fl-arkivju sikur fiż-Żona Sikura sitt xhur wara li ġiet ikkonsultata l-aħħar u, tal-anqas, sena wara li ġiet iddepożitata. "Informazzjoni kunfidenzjali oħra" għandha tiġi arkivjata, sakemm ma tiġix iddepożitata mal-UIK, mis-segretarjati tal-korp/detentur ta' mandat kkonċernat fi ħdan il-Parlament rispettiv, skont ir-regoli ġenerali dwar il-ġestjoni tad-dokumenti.

3. L-informazzjoni kunfidenzjali miżmuma fl-arkivju sikur tista' tiġi kkonsultata skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma biss dawk il-persuni li jkunu identifikati b'isimhom, bil-funzjoni jew bil-kariga tagħhom fid-dokument mehmuż imfassal meta l-informazzjoni kunfidenzjali tkun ġiet depożitata li għandhom ikunu awtorizzati jikkonsultaw dik l-informazzjoni;

(b) l-applikazzjoni biex tiġi kkonsultata informazzjoni kunfidenzjali għandha titressaq lill-UIK, u dan għandu jittrasferixxi d-dokument inkwistjoni fil-Kamra tal-Qari Sikura; u

(c) għandhom japplikaw il-proċeduri u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-konsultazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali stipulati fl-Artikolu 10.

**Artikolu 13**

**Deklassament, deklassifikazzjoni u tneħħija tal-marka ta' informazzjoni kunfidenzjali**

1. Informazzjoni kunfidenzjali tista' tiġi deklassata u deklassifikata jew tista' titneħħilha l-marka biss bil-kunsens minn qabel tal-oriġinatur, u, jekk ikun meħtieġ, wara diskussjoni ma' partijiet interessati oħra.

2. Id-deklassament jew id-deklassifikazzjoni għandhom ikunu kkonfermati bil-miktub. L-oriġinatur għandu jkun responsabbli li jinforma lid-destinatarji dwar il-bidla, li min-naħa tagħhom għandhom ikunu responsabbli li jinfurmaw dwar il-bidla lil kwalunkwe destinatarju sussegwenti, li jkunu bagħtulu jew ikkupjawlu d-dokument. Jekk ikun possibbli, l-oriġinaturi għandhom jispeċifikaw fid-dokumenti kklassifikati data, perjodu jew avveniment meta l-kontenut ikun jista' jiġi deklassat jew deklassifikat. Inkella, għandhom jeżaminaw id-dokumenti mill-ġdid, mill-inqas kull ħames snin, sabiex jiġi żgurat li l-klassifikazzjoni oriġinali hija meħtieġaJekk ikun possibbli, l-oriġinaturi għandhom jispeċifikaw fid-dokumenti kklassifikati data, perjodu jew avveniment meta l-kontenut ikun jista' jiġi deklassat jew deklassifikat. Inkella, għandhom jeżaminaw id-dokumenti mill-ġdid, mill-inqas kull ħames snin, sabiex jiġi żgurat li l-klassifikazzjoni oriġinali hija meħtieġa.

3. Informazjzoni kunfidenzjali miżmuma fl-arkivji għandha tiġi eżaminat fi żmien xieraq, u mhux aktar tard mill-25 anniversarju tal-ħolqien tagħha, sabiex jiġi determinat jekk għandhiex tiġi deklassifikata, deklassata jew jekk għandhiex titneħħielha l-marka. L-eżami u l-pubblikazzjoni ta' tali informazzjoni għandhom isiru skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE,

Euratom) Nru 354/83 tal-1 ta' Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika [49]. Id-deklassifikazzjoni għandha ssir mill-oriġinatur tal-informazzjoni klassifikata jew mis-servizz attwalment responsabbli skont l-Anness I, Parti 1, Taqsima 10.

4. Wara d-deklassifikazzjoni, informazzjoni preċedentement klassifikata li tkun qed tinżamm fl-arkivju sikur għandha tiġi trasferita fl-arkivji storiċi tal-Parlament Ewropew għal żamma permanenti u trattament addizzjonali skont ir-regoli applikabbli.

5. Wara t-tneħħija tal-marka, dik li kienet "informazzjoni kunfidenzjali oħra" għandha tkun soġġetta għar-regoli tal-Parlament Ewropew dwar il-ġestjoni tad-dokumenti.

**Artikolu 14**

**Ksur tas-sigurtà, telf jew kompromess ta' informazzjoni kunfidenzjali**

1. Ksur tal-kunfidenzjalità b'mod ġenerali u ta' din id-Deċiżjoni b'mod partikolari, għandu, fil-każ tal-Membri tal-Parlament Ewropew, iwassal għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti rigward il-pieni stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

2. Ksur imwettaq minn membru tal-persunal tal-Parlament Ewropew għandu jwassal għall-applikazzjoni tal-proċeduri u l-penali previsti, rispettivament mir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea, stipulati fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[50] ('ir-Regolamenti tal-Persunal').

3. Il-President u/jew is-Segretarju Ġenerali, skont il-każ, għandhom jorganizzaw kull investigazzjoni meħtieġa fil-'każ ta' ksur kif definit fl-avviż ta' sigurtà 6.

4. Jekk l-informazzjoni kunfidenzjali ġiet ikkomunikata lill-Parlament Ewropew minn Istituzzjoni tal-Unjoni jew minn Stat Membru, il-President u/jew is-Segretarju Ġenerali, skont il-każ, għandhom jinfurmaw lill-Istituzzjoni tal-Unjoni jew lill-Istat Membru kkonċernat dwar kull telf jew kompromess ippruvat jew issuspettat ta' informazjzoni klassifikata, dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni u l-miżuri meħuda biex tiġi evitata rikorrenza.

**Artikolu 15**

**Adattament ta' din id-Deċiżjoni u tar-regoli implimentattivi tagħha u r-rappurtar annwali dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni**

1. Is-Segretarju Ġenerali għandu jipproponi kull adattament meħtieġ ta' din id-Deċiżjoni u tal-annessi li jimplimentawha u għandu jressaq dawk il-proposti lill-Bureau għal deċiżjoni.

2. Is-Segretarju Ġenerali għandu jkun responsabbli għall-implimentazjzoni ta' din id-Deċiżjoni mis-servizzi tal-Parlament Ewropew u għandu joħroġ l-istruzzjonijiet dwar it-trattament rigward kwistjonijiet koperti mill-SĠSI skont il-prinċipji stabbiliti minn din id-Direttiva.

3. Is-Segretarju Ġenerali għandu jressaq rapport annwali lill-Bureau dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

[49] ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1.
[50] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

**Artikolu 16**

**Dispożizzjonijiet tranżitorji u aħħarin**

1. L-informazzjoni mhux klassifikata mizmuma fl-UIK jew fi kwalunkwe arkivju ieħor tal-Parlament Ewropew li hija meqjusa bħala kunfidenzjali u datata qabel l-1 ta' april 2014 għandha titqies, għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, li tikkostitwixxi "informazzjoni kunfidenzjali oħra". L-oriġinatur tagħha jista' jirrikunsidra l-livell ta' kunfidenzjalità tagħha fi kwalunkwe żmien.

2. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 5(1) u mill-Artikolu 8(1) ta' din id-Deċiżjoni, għal perjodu ta' tnax-il xahar mill-1 ta' april 2014, l-informazzjoni pprovduta mill-Kunsill skont il-Ftehim Interistituzzjonali, li hija klassifikata fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew l-ekwivalenti tiegħu għandha tiġi ddepożitata ma', irreġistrata minn u maħżuna fl-UIK. Tali informazzjoni tista' tiġi kkonsultata skont il-punti (a) u (c) tal-Artikolu 4(2) u mal-Artikolu 5(4) tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3. Id-Deċiżjoni tal-Bureau tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar ir-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew hija mħassra.

**Artikolu 17**

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

# ANNESS I

# PARTI 1 PRINĊIPJI BAŻIĊI U STANDARDS MINIMI TAS-SIGURTÀ GĦALL-PROTEZZJONI TA' INFORMAZZJONI KUNFIDENZJALI

## 1. DAĦLA

Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali li l-Parlament Ewropew għandu jirrispetta u/jew jkun konformi magħhom fil-postijiet kollha ta' xogħol tiegħu, kif għandhom jagħmlu wkoll id-destinatarji kollha ta' informazzjoni klassifikata u ta' "informazzjoni kunfidenzjali oħra", sabiex is-sigurtà tiġi ssalvagwardjata u il-persuni kkonċernati kollha jkunu żgurati li huwa stabbilit standard komuni ta' protezzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet huma supplementati bl-avviżi tas-sigurtà li jinsabu fl-Anness II u b'dispożizzjonijiet oħra li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-kumitati parlamentari u minn korpi/detenturi ta' mandat oħrajn fi ħdan il-parlament oħra.

## 2. PRINĊIPJI BASIĊI

Il-politika tas-sigurtà tal-Parlament Ewropew tifforma parti integrali mill-politika ġenerali tiegħu ta' ġestjoni interna u għalhekk hija bbażata fuq il-prinċipji li jirregolaw dik il-politika ġenerali tiegħu. Dawk il-prinċipji jinkludu l-legalità, it-trasparenza, ir-responsabbiltà, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Il-legalità tinkludi l-ħtieġa li wieħed jibqa' strettament fi ħdan il-qafas legali fit-twettiq ta' funzjonijiet ta' sigurtà, u l-ħtieġa tal-konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli. Barra minn hekk, ir-responsabilitajiet fil-qasam tas-sigurtà jridu jkunu msejsa fuq dispożizzjonijiet legali xierqa. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal japplikaw bis-sħiħ, partikolarment l-Artikolu 17 tagħhom dwar l-obbligu tal-persunal li ma jagħmilx żvelar mingħajr awtorizzazzjoni ta' informazzjoni rċevuta fil-qadi ta' dmirijietu u t-Titolu VI tagħhom dwar il-miżuri dixxiplinari.

Fl-aħħar nett, ksur tas-sigurtà fi ħdan ir-responsabilità tal-Parlament Ewropew għandu jkun ittrattat b'mod li jkun konsistenti mar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u mal-politika tal-tiegħu dwar il-miżuri dixxiplinari.

It-trasparenza tinkludi l-ħtieġa ta' ċarezza rigward ir-regoli u d-dispożizzjonijiet kollha tas-sigurtà, ta' bilanċ bejn is-servizzi differenti u l-oqsma differenti (sigurtà fiżika meta mqabbla mal-protezzjoni tal-informazzjoni, eċċ.), u l-ħtieġa ta' politika ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà konsistenti u strutturata. Barra minn hekk, jinħtieġu linji gwida ċari bil-miktub għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà.

Ir-responsabbiltà tfisser li r-responsabilitajiet fil-qasam tas-sigurtà jridu jkunu definiti b'mod ċar. Barra minn hekk jinkludi l-ħtieġa li jiġi mmonitorat regolarment jekk dawk ir-responsabilitajiet twettqux b'mod korrett.

Sussidjarjetà tfisser li s-sigurtà trid tkun organizzata fl-anqas livell possibbli u fil-qrib kemm jista' jkun tad-Direttorati Ġenerali u s-servizzi tal-Parlament Ewropew.

Proporzjonalità tfisser li l-attivitajiet ta' sigurtà jridu ikunu limitati strettament għal dawk li huwa assolutament meħtieġa u li l-miżuri ta' sigurtà iridu jkunu proporzjonati għall-interessi li jridu jitħarsu kif ukoll għat-theddida attwali jew potenzjali għal dawk l-interessi, sabiex dawk l-interessi ikunu jistgħu jiġu difiżi b'mod li jiżgura l-inqas tfixkil possibbli.

## 3. PEDAMENTI TAS-SIGURTÀ TAL-INFORMAZZJONI

Il-pedamenti ta' sigurtà tal-informazzjoni soda huma:

(a) sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni (CIS) xierqa. Dawn jaqgħu fir-responsabbilta' tal-Awtorità tal-Assigurazzjoni tal-Informazzjoni (kif definiti fin-notifika ta' sigurta' 1);

(b) fil-Parlament Ewropew, l-Awtorità tal-Assigurazzjoni tal-Informazjzoni (kif definit fin-notifika ta' sigurta' 1), responsabbli biex taħdem mal-Awtorità tas-Sigurtà biex tipprovdi informazzjoni u pariri dwar theddidiet tekniċi għas-CIS u l-mezzi ta' protezzjoni minn dawk it-theddidiet;

(c) kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi responsabbli tal-Parlament Ewropew u s-servizzi tas-sigurtà tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni;

## 4. PRINĊIPJI RIGWARD IS-SIGURTÀ TAL-INFORMAZZJONI

### 4.1 Objettivi

L-objettivi ewlenin tas-sigurtà tal-informazzjoni huma dawn li ġejjin:

(a) li tissalvagwardja “informazjzoni kunfidenzjali” mill-ispjunaġġ, milli tiġi kompromessa jew mill-iżvelar mhux awtorizzat;

(b) li tissalvagwardja l-informazzjoni klassifikata ġestita f'sistemi u netwerks ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni kontra theddid għall-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibilità tagħha;

(c) li tissalvagwardja l-bini tal-Parlament Ewropew li jkun fih informazzjoni klassifikata minn sabotaġġ u ħsara malizzjuża bi ħsieb;

(d) fil-każ ta' falliment tas-sigurtà, li tivvaluta l-ħsara li saret, tillimita l-konsegwenzi, twettaq investigazzjonijiet dwar is-sigurtà u tadotta kull miżura ta' rimedju meħtieġa.

### 4.2 Klassifikazzjoni

4.2.1 Fir-rigward tal-kunfidenzjalità, jinħtieġu l-attenzjoni u l-esperjenza fl-għażla tal-informazzjoni u materjal li għandhom jiġu protetti kif ukoll fil-valutazzjoni tal-livell ta'

protezzjoni meħtieġ. Huwa essenzjali li l-livell ta' protezzjoni jikkorrispondi għas-sensitività, f'termini ta' sigurtà, tal-punt ta' informazzjoni jew materjal individwali li għandhom jiġu protetti. Biex ikun żgurat il-fluss ta' informazzjoni bla xkiel, għandhom jiġu evitati sew is-sovraklassifikazzjoni u sew is-sottoklassifikazzjoni.

4.2.2 Is-sistema ta' klassifikazzjoni hija l-istrument meħtieġ biex jiġu implimentati l-prinċipji stipulati f'din it-taqsima. Sistema simili ta' klassifikazzjoni għandha tintuża fl-ippjanar u l-organizzazzjoni ta' modi biex jiġu miġġielda l-ispjunaġġ, is-sabotaġġ, it-terroriżmu u theddidiet oħra, sabiex jiġi żgurat l-ogħla livell ta' protezzjoni għall-bini l-aktar importanti li jkun fih informazzjoni klassifikata kif ukoll għall-aktar punti sensittivi f'dak il-bini.

4.2.3 Ir-responsabilità għall-klassifikazzjoni ta' informazzoni hija unikament tal-oriġinatur tal-informazzjoni kkonċernata.

4.2.4 Il-livell ta' klassifikazzjoni jista' jkun ibbażat unikament fuq il-kontenut ta' l-informazzjoni kkonċernata.

4.2.5 Fejn diversi punti ta' informazzjoni jinġabru flimkien, il-klassifikazzjoni tagħhom għandha tkun tal-anqas għolja daqs l-ogħla livell ta' klassifikazzjoni assenjat lil wieħed mill-punti individwali. Madankollu, ġabra ta' informazzjoni tista' tiġi assenjata klassifikazzjoni ogħla mill-partijiet kostitwenti tagħha.

4.2.6 Il-klassifikazzjonijiet għandhom ikunu assenjati biss meta jkun meħtieġ u għat-tul ta' żmien meħtieġ.

## 4.3 Għanijiet tal-miżuri ta' sigurtà

Il-miżuri ta' sigurtà għandhom:

(a) japplikaw għall-persuni kollha li jkollhom aċċess għal informazjzoni klassifikata, għal mezzi li jkun fihom informazzjoni klassifikata u għal "informazzjoni kunfidenzjali oħra", u kif ukoll għall-bini kollu li jkun fih tali informazzjoni u għal installazzjonijiet importanti;

(b) jitfasslu b'tali mod li jidentifikaw persuni li l-pożizzjoni tagħhom (f'termini ta' aċċess, relazzjonijiet jew mod ieħor) tista' tipperikola is-sigurtà ta' tali informazzjoni u ta' installazzjonijiet importanti li jkun fihom tali informazzjoni, u jaħsbu għall-esklużjoni jew it-tneħħija tagħhom;

(c) jipprevjenu lil kwalunkwe persuna mhux awtorizzata milli jkollha aċċess għal tali informazzjoni jew għal installazzjonijiet li jkun fihom din l-informazzjoni;

(d) jiżguraw li tali informazzjoni titqassam unikament abbażi tal-prinċipju tal-ħtieġa ta' għarfien li huwa fundamentali għall-aspetti kollha tas-sigurtà;

(e) jiżguraw l-integrità (bil-prevenzjoni ta' korruzzjoni, bdil mhux awtorizzat jew tħassir mhux awtorizzat) u d-disponibilità (lil min ikollu bżonn u jkun awtorizzat li jkollu aċċess għaliha) tal-informazzjoni kunfidenzjali speċjalment meta din tkun maħżuna, proċessata jew trażmessa f'forma elettromanjetika.

# 5. STANDARDS MINIMI KOMUNI

Il-Parlament Ewropew għandu jiżgura li d-destinatarji kolla ta' informazzjoni klassifikata jħarsu standards minimi komuni, sew fl-istituzzjoni u sew taħt il-kompetenza tagħha, jiġifieri mis-servizzi u l-kuntratturi kollha, biex din l-informazzjoni tkun tista' tiġi trażmessa bil-fiduċja li se tkun ġestita bl-istess attenzjoni. Tali standards minimi għandhom jinkludu kriterji għall-awtorizzazzjoni ta' sigurtà tal-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u impjegati oħrajn tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi, u proċeduri għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

Il-Parlament Ewropew għandu jippermetti l-aċċess għal din l-informazzjoni lil partijiet terzi biess meta tali partijiet terzi jiggarantixxu li tkun ittrattata skont l-istess dispożizzjonijiet li jkunu tal-anqas strettament ekwivalenti għal dawn l-istandards minimi komuni.

Tali standards minimi komuni għandhom japplikaw ukoll meta l-Parlament jagħti lil entitajiet industrijali jew entitajiet oħra, b'kuntratt jew bi ftehim ta' sovvenzjoni, kompiti li jinvolvu informazzjoni kunfidenzjali.

## 6. SIGURTÀ FIR-RIGWARD TA' UFFIĊJALI TAL-PARLAMENT EWROPEW U IMPJEGATI OĦRAJN TAL-PARLAMENT LI JAĦDMU GĦALL-GRUPPI POLITIĊI

### 6.1 L-istruzzjoni dwar is-sigurtà għal uffiċjali u ta' impjegati oħrajn tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi

L-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u impjegati oħrajn tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi f'karigi fejn jista' jkollhom aċċess għal informazzjoni klassifikata għandhom jingħataw struzzjonijiet bir-reqqa, meta jibdew jaqdu dmirijiethom u wara dan f'intervalli regolari, dwar il-ħtieġa tas-sigurtà u l-proċeduri involuti. Tali persuni għandhom ikunu meħtieġa jikkonfermaw bil-miktub li jkunu qraw u fehmu bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet applikabbli dwar is-sigurtà.

### 6.2 Responsabilitajiet tal-maniġment

Irid ikun parti mid-dmirijiet tal-maniġers li jkunu jaf min mill-persunal tagħhom qed iwettaq xogħol fuq informazzjoni klassifikata jew min ikollu aċċess għal sistemi sikuri ta' komunikazzjoni jew informazzjoni, u li jiddokumentaw u jirrappurtaw kwalunkwe inċidenti jew vulnerabilitajiet apparenti, li aktarx ikollhom effett fuq is-sigurtà.

### 6.3 Status ta' sigurtà tal-uffiċjali u ta' impjegati oħrajn tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi

Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri li jiżguraw li, meta ssir magħrufa informazzjoni negattiva rigward xi uffiċjal tal-Parlament Ewropew jew impjegat ieħor tal-Parlament li jaħdem għal xi grupp politiku, jittieħdu passi sabiex jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol ta' dak l-individwu iġibux f'kuntatt ma' informazzjoni klassifikata jew jekk huwa għandux aċċess għal sistemi sikuri ta' komunikazzjoni u informazzjoni, u li s-servizz responsabbli tal-Parlament Ewropew jiġi infurmat. Jekk l-Awtorità tas-Sigurtà Nazzjonali kompetenti tindika li tali individwu jikkostitwixxi riskju għas-sigurtà, għandu jiġi eskluż jew imneħħi minn kompiti fejn jista' jipperikola s-sigurtà.

## 7. SIGURTÀ FIŻIKA

"Sigurtà fiżika" tfisser l-applikazzjoni ta' miżuri fiżiċi u tekniċi ta' protezzjoni biex jiġi evitat l-aċċess mhux awtorizzat għal informazzjoni klassifikata.

### 7.1 Ħtieġa ta' protezzjoni

Il-livell ta' miżuri ta' sigurtà fiżika li għandu jkun applikat biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata għandu jkun proporzjonat għall-klassifikazzjoni u l-volum tal-informazzjoni u l-materjal miżmum u għat-theddida għalihom. Id-detenturi kollha ta' informazzjoni klassifikata għandhom isegwu prattiki uniformi rigward il-klassifikazzjoni ta' dik l-informazzjoni u jissodisfaw standards komuni ta' protezzjoni rigward il-kustodja, it-trażmissjoni u r-rimi ta' informazzjoni u materjal li jeħtieġu protezzjoni.

### 7.2 Kontroll

Qabel ma jħallu żoni li fihom informazzjoni klassifikata inkustoditi, il-persuni li jkollhom il-kustodja tagħha għandhom jiżguraw li tkun maħżuna b'mod sikur u li l-apparat kollu ta' sigurtà

jkun attivat (serraturi, allarmi, eċċ.). Għandhom isiru kontrolli indipendenti addizzjonali wara l-ħinijiet tax-xogħol.

### 7.3 Sigurtà tal-bini

Il-bini li fih informazzjoni klassifikata jew sistemi sikuri ta' komunikazzjoni u informazzjoni għandu jiġi protett kontra aċċess mhux awtorizzat.

In-natura tal-protezzjoni mogħtija lil informazzjoni klassifikata, eż. l-imbarrar tat-twieqi, serraturi għall-bibien, għassa fl-entraturi, sistemi awtomatizzati ta' kontroll tal-aċċess, kontrolli u rondi ta' sigurtà, sistemi ta' allarm, sistemi ta' identifikazzjoni f'każ ta' dħul u klieb tal-għassa, għandha tiddependi:

(a) mill-klassifikazzjoni, il-volum u l-lokalizzazzjoni fil-bini tal-informazzjoni u l-materjal li għandhom jiġu protetti;

(b) mill-kwalità tal-kontenituri ta' sigurtà għal din l-informazzjoni u dan il-materjal; u

(c) min-natura fiżika u l-lokalizzazzjoni tal-bini..

In-natura tal-protezzjoni mogħtija lis-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni għandha tiddependi minn valutazzjoni tal-valur tal-beni inkwistjoni u tal-ħsara potenzjali jekk tiġi kompromessa s-sigurtà, min-natura fiżika u l-lokalizzazzjoni tal-bini li fih tinsab is-sistema, u mil-lokalizzazzjoni tas-sistema fil-bini.

### 7.4 Pjani ta' kontinġenza

Għandhom jitlestew pjani dettaljati minn qabel għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata f'sitwazzjoni ta' emerġenza.

## 8. DEŻINJATURI TAS-SIGURTà, MARKI, APPOŻIZZJONI U ĠESTJONI TAL-KLASSIFIKAZZJONI

### 8.1 Deżinjaturi tas-sigurtà

Mhumiex permessi klassifikazzjonijiet oħra għajr dawk definiti fil-punt (d) tal-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Jista' jintuża deżinjatur tas-sigurtà li jkun hemm ftehim dwaru biex jiġu stabbiliti limiti għall-validità ta' klassifikazzjoni (jiġifieri meta l-informazzjoni klassifikata tiġi deklassata jew deklassifikata awtomatikament).

Id-deżinjaturi tas-sigurtà għandhom jintużaw biss flimkien ma' klassifikazzjoni.

Id-deżinjaturi tas-sigurtà huma rregolati wkoll fl-avviż tas-sigurtà 2 u definiti fl-istruzzjonijiet dwar it-trattament.

### 8.2 Marki

Marka tista' tintuża biex tispeċifika struzzjonijiet speċifiċi predefiniti dwar it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali. Marka tista' tintuża wkoll biex tindika l-qasam kopert mid-dokument jew distribuzzjoni partikolari fuq bażi ta' ħteġa ta' għarfien, jew (għal informazzjoni mhux klassifikata) biex tfisser it-tmiem ta' embargo.

Marka mhijiex klassifikazzjoni u m'għandhiex tintuża minflokha.

Il-marki huma rregolati wkoll fl-avviż tas-sigurtà 2 u definiti fl-istruzzjonijiet dwar it-trattament.

## 8.3 Appożizzjoni tal-klassifikazzjonijiet u tad-deżinjaturi tas-sigurtà

L-appożizzjoni tal-klassifikazzjonijiet u tad-deżinjaturi tas-sigurtà u l-marki għandha ssir skont l-avviż tas-sigurtà 2, taqsima E, u l-istruzzjonijiet dwar it-trattament.

## 8.4 Ġestjoni tal-klassifikazzjoni

### 8.4.1 Ġenerali

L-informazzjoni għandha tiġi kklassifikata biss meta jkun meħtieġ. Il-klassifikazzjoni għandha tkun indikata b'mod ċar u korrett, u għandha tinżamm biss għat-tul ta' żmien li matulu l-informazzjoni tkun teħtieġ il-protezzjoni.

Ir-responsabilità għall-klassifikazzjoni ta' informazzjoni u għal kwalunkwe deklassament jew deklassifikazzjoni oħra hija unikament tal-oriġinatur.

L-uffiċjali tal-Parlament Ewropew għandhom jikklassifikaw, jiddeklassaw jew jiddeklassifikaw informazzjoni fuq istruzzjonijiet minn jew b'delega mis-Segretarju Ġenerali.

Il-proċeduri dettaljati għat-trattament ta' dokumenti klassifikati għandhom jitfasslu b'tali mod li jkun żgurat li jingħataw protezzjoni xierqa għall-informazzjoni li jkun fihom.

L-għadd ta' persuni awtorizzati joriġinaw informazzjoni klassifikata fil-livell “TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET” għandu jkun l-inqas wieħed possibbli, u l-ismijiet tagħhom għandhom jinżammu f'lista mfassla mill-UIK.

### 8.4.2 Applikazzjoni tal-klassifikazzjoni

Il-klassifikazzjoni ta' dokument għandha tiġi determinata mil-livell ta' sensittività tal-kontenut tiegħu skont id-definizzjonijiet li jinsabu fil-punt (d) tal-Artikolu 2. Huwa importanti li l-klassifikazzjonijiet jiġu assenjati korrettament u meta jkunu meħtieġa biss.

Il-klassifikazzjoni ta' ittra jew nota li jkun fiha interkjużuri għandha tkun tal-anqas għolja daqs l-ogħla klassifikazzjoni assenjata lil waħda mill-interkjużuri tagħha. L-oriġinatur għandu jindika b'mod ċar f'liema livell għandha tiġi klassifikata meta titneħħa minn mal-interkjużuri tagħha.

L-oriġinatur ta' dokument li għandu jingħata klassifikazzjoni għandu jsegwi r-regoli stabbiliti hawn fuq u għandu jevita sovraklassifikazzjoni jew sottoklassifikazzjoni.

Paġni, paragrafi, taqsimiet, annessi, appendiċi, partijiet mehmuża u interkjużuri individwali ta' dokument partikolari jistgħu jeħtieġu klassifikazzjonijiet differeneti u għandhom jiġu klassifikati kif xieraq. Il-klassifikazzjoni tad-dokument kollu kemm hu għandha tkun dik tal-parti bl-ogħla klassifikazzjoni tiegħu

## 9. SPEZZJONIJIET

Spezzjonijiet interni perjodiċi tal-arranġamenti tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klasssifikata għandhom jitwettqu mid-Direttorat għas-Sigurtà u l-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Parlament Ewropew, li jista' jitlob assistenza mill-Awtoritajiet tas-Sigurtà tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni.

L-Awtoritajiet tas-Sigurtà u s-servizzi kompetenti tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jwettqu, bħala parti minn proċess miftiehem imniedi minn kwalunkwe naħa, evalwazzjonijiet bejn il-pari tal-arranġamenti tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata skambjata skont il-ftehimiet interistituzzjonali rilevanti.

## 10. DEKLASSIFIKAZZJONI U PROĊEDURI TA' TNEĦĦIJA TAL-MARKA

10.1 L-UIK għandha teżamina informazzjoni kunfidenzjali inkluża fir-Reġistru tagħha u tfittex il-kunsens tal-oriġinatur għad-deklassifikazzjoni jew it-tneħħija ta' marka ta' xi dokument sa mhux aktar tard mill-25 anniversarju tal-ħolqien tiegħu. Id-dokumenti mhux deklassifikati jew li ma tneħħitilhomx il-marka wara l-ewwel eżami għandhom ikunu rieżaminati perjodikament u tal-anqas kull ħames snin. Minbarra li jiġi applikat għal dokumenti li attwalment jinsabu fl-arkivji sikuri fiż-Żona Sikura u klassifikati kif xieraq, il-proċess ta' tneħħija tal-marka jista' jkopri wkoll informazzjoni kunfidenzjali oħra miżmuma jew fil-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament jew fis-servizzi tal-Parlament inkarigati mill-arkivji storiċi tal-Parlament.

10.2 Id-deċiżjoni fir-rigward tad-deklassifikazzjoni jew tat-tneħħija ta' marka ta' dokument għandha, bħala regola ġenerali, tittieħed unikament mill-oriġinatur jew, eċċezzjonalment, b'kooperazzjoni mal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament li jkollu tali informazzjoni, qabel ma l-informazzjoni li jkun fija tiġi trażmessa lis-servizz inkarigat mill-arkivji storiċi tal-Parlament. Informazzjoni klassifikata tista' tiġi deklassifikata jew titneħħielha l-marka biss bil-kunsens bil-miktub minn qabel tal-oriġinatur. Fil-każ ta' "informazzjoni kunfidenzjali oħra", is-segretarjat tal-korp/detentur ta' mandat fi ħdan il-parlament li jkollu tali informazzjoni, b'kooperazzjoni mal-oriġinatur, għandu jiddeċiedi jekk tistax titneħħa l-marka tad-dokument.

10.3 F'isem l-oriġinatur, l-UIK għandha tkun responsabbli li jinforma lid-destinatarji tad-dokument dwar il-bidla fil-klassifikazzjoni jew il-marka, li min-naħa tagħhom għandhom ikunu responsabbli li jinfurmaw lil kwalunkwe destinatarju sussegwenti, li jkunu bagħtulu jew ikkupjawlu d-dokument.

10.4 Id-deklassifikazzjoni ma għandhiex taffettwa l-ebda deżinjatur tas-sigurtà jew marka li jistgħu jidhru fuq id-dokument.

10.5 Fil-każ ta' deklassifikazzjoni, il-klassifikazzjoni oriġinali fin-naħa ta' fuq u f'qiegħ kull paġna għandha titħassar. L-ewwel paġna (kopertina) tad-dokument għandha tiġi ttimbrata u kkompletata bir-referenza tal-UIK. F'każ ta' tneħħija tal-marka, il-marka oriġinali fin-naħa ta' fuq u f'qiegħ kull paġna għandha titħassar.

10.6 It-test tad-dokument deklassifikat jew li tneħħietlu l-marka għandu jinhemeż mal-fiche elettronika jew mas-sistema ekwivalenti li ġie rreġistrat fiha.

10.7 Fil-każ ta' dokumenti koperti bl-eċċezzjoni marbuta mal-privatezza jew mal-integrità tal-individwu jew ma' interessi kummerċjali ta' xi persuna naturali jew ġuridika u fil-każ ta' dokumenti sensittivi, għandu japplika l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 354/83.

10.8 Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-punti 10.1 sa 10.7, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) fir-rigward ta' dokumenti ta' partijiet terzi, l-UIK għandha tikkonsulta lill-parti terza konċernata qabel ma tipproċedi bit-twettiq tad-deklassifikazzjoni jew tat-tneħħija tal-marka;

(b) fir-rigward tal-eċċezzjoni marbuta mal-privatezza u l-integrità tal-individwu, il-proċedura ta' deklassifikazzjoni jew tat-tneħħija tal-marka għandha tqis b'mod partikolari l-ftehim tal-persuna konċernata jew, skont il-każ, l-impossibilità li tiġi identifikata l-persuna konċernata;

(c) fir-rigward tal-eċċezzjoni marbuta mal-interessi kummerċjali ta' persuna ġuridika jew fiżika, il-persuna konċernata tista' tiġi avżata permezz tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u tingħata erba' ġimgħat mill-jum tal-pubblikazzjoni sabiex tippreżenta xi kummenti.

## PARTI 2 PROĊEDURA TA' AWTORIZZAZZJONI TA' SIGURTÀ

### 11. PROĊEDURA TA' AWTORIZZAZZJONI TA' SIGURTÀ GĦALL-MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

11.1 Sabiex ikollhom aċċess għal informazzjoni kklassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew l-ekwivalenti tiegħu, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu ġew awtorizzati jew skont il-proċedura msemmija fil-punti 11.3 u 11.4 ta' dan l-Anness jew abbażi ta' dikjarazzjoni solenni ta' nuqqas ta' żvelar skont l-Artikolu 3(4) ta' din id-Deċiżjoni.

11.2 Sabiex ikollhom aċċess għal informazzjoni klassifikata fil-livell “TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET”, jew SECRET UE/EU SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu ġew awtorizzati skont il-proċedura msemmija fil-punti 11.3 u 11.14.

11.3 L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss lill-Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu għaddew minn eżami ta' sigurtà mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri skont il-proċedura msemmija fil-punti 11.9 sa 11.14. Il-President għandu jkun responsabbli għall-għoti tal-awtorizzazzjoni lill-Membri.

11.4 Il-President jista' jagħti l-awtorizzazzjoni bil-miktub wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri abbażi ta' eżami ta' sigurtà li jsir skont il-punti 11.8 sa 11.13.

11.5 Id-Direttorat għas-Sigurtà u l-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Parlament Ewropew għandu jżomm lista aġġornata tal-Membri tal-Parlament Ewropew kollha li jkunu ngħataw l-awtorizzazzjoni, inkluża awtorizzazzjoni proviżorja skont it-tifsira tal-punt 11.15.

11.6 L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' ħames snin jew għall-perjodu tax-xogħlijiet li għalihom tkun ingħatat, liema minnhom ikun l-iqsar. Din tista' tiġġedded skont il-proċedura stipulata fil-punt 11.4.

11.7 L-awtorizzazzjoni għandha tiġi rtirata mill-President meta jqis li jkun hemm raġunijiet ġustifikati għal tali rtirar. Kull deċiżjoni ta' revoka tal-awtorizzazzjoni għandha tiġi notifikata lill-Membru kkonċernat tal-Parlament Ewropew, li jista' jitlob li jinstema' mill-President qabel ma d-deċiżjoni ta' trirar tidħol fis-seħħ, kif ukoll lill-awtorità nazzjonali kompetenti.

11.8 L-eżami ta' sigurtà għandu jsir bl-assistenza tal-Membru kkonċernat tal-Parlament Ewropew u fuq talba tal-President. L-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għall-eżami għandha tkun dik tal-Istat Membru li tiegħu l-Membru kkonċernat ikun ċittadin.

11.9 Bħala parti mill-proċedura tal-eżami, il-Membru kkonċernat tal-Parlament Ewropew għandu jintalab jimla formola ta' informazzjoni personali.

11.10 Fit-talba tiegħu, il-President għandu jispeċifika lill-awtorita' kompetenti nazzjonali l-livell ta' informazzjoni klassifikata li għandu jkun disponibbli għall-Membru kkonċernat tal-Parlament Ewropew, biex jkun jista' jwettaq il-proċess tal-eżami.

11.11 Il-proċess kollu tal-eżami ta' sigurtà mwettaq mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, flimkien mar-riżultati miksuba, għandhom ikunu konformi mar-regoli u r-regolamenti rilevanti fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat, fosthom dawk li jikkonċernaw l-appelli.

11.12 Meta l-awtorita' nazzjonali kompetenti tagħti opinjoni pożittiva, il-President jista' jagħti l-awtorizzazzjoni lill-Membru kkonċernat tal-Parlament Ewropew.

11.13 Opinjoni negattiva mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandha tiġi nnotifikata lill-Membru kkonċernat tal-Parlament Ewropew, li jista' jitlob li jinstema' mill-President. Jekk

jidhirlu li jkun meħtieġ, il-President jista' jitlob lill-awtorita' nazzjonali kompetenti għal kjarifiki oħra. Jekk l-opinjoni negattiva tkun ikkonfermata, l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tingħata.

11.14 Il-Membri kollha tal-Parlament Ewropew li jingħataw l-awtorizzazzjoni fit-tifsira tal-punt 11.3 għandhom, malli tingħata l-awtorizzazzjoni u mbagħad f'intervalli regolari, jirċievu kull linji gwida meħtieġa dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u kif għandhom jiżguraw din il-protezzjoni. Tali Membri għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li tirrikonoxxi l-fatt li rċevew dawk il-linji gwida.

11.15 F'ċirkustanzi straordinarji, il-President, wara li jkun innotifika lill-awtorita' nazzjonali kompetenti u sakemm ebda reazzjoni ma tiġi riċevuta mingħand dikl-awtorita' fi żmien xahar, jista' jagħti awtorizzazzjoni proviżorja lil Membru tal-Parlament Ewropew għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, sakemm joħroġ ir-riżultat tal-eżami msemmi fil-punt 11.11. Atorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija b'dan il-mod m'għandhomx jagħtu aċċess għal informazzjoni klassifikata fil-livell“TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET” jew l- ekwivalenti tiegħu.

## 12. PROĊEDURA TA' AWTORIZZAZZJONI TA' SIGURTÀ GĦALL-UFFIĊJALI TAL-PARLAMENT EWROPEW U GĦAL IMPJEGATI OĦRAJN LI JAĦDMU GĦALL-GRUPPI POLITIĊI

12.1 Huma biss l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u impjegati oħra tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi li jista' jkollhom aċċess għal informazzjoni kklassifikata, peress li minħabba dmirijiethom u fl-interess tas-servizz, jeħtieġ li jkollhom għarfien ta', jew jużaw, din it-tip ta' informazzjoni.

12.2 Biex ikollhom aċċess għal informazzjoni klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, ‘SECRET UE/EU SECRET’ jew ‘TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET’, u l-ekwivalenti tagħhom, l-uffiċjali kkonċernati tal-Parlament Ewropew u impjegati oħra tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi għandhom ikunu ġew awtorizzati skont il-proċedura stipulata fil-punti 12.3. u 12.4.

12.3 L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss lill-persuni msemmija fil-punt 12.1 li jkunu għaddew minn eżami ta' sigurtà mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri, skont il-proċedura msemmija fil-punti 12.9 sa 12.14. Is-Segretarju Ġenerali għandu jkun responsabbli mill-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u għal impjegati oħra tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi.

12.4 Is-Segretarju Ġenerali jista' jagħti awtorizzazzjoni bil-miktub wara li jkun kiseb l-opinjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri abbażi ta' eżami ta' sigurtà li jsir skont il-punti 12.8 sa 12.13.

12.5 Id-Direttorat għas-Sigurtà u l-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Parlament Ewropew għandu jżomm lista aġġornata tal-karigi kollha li jeħtieġu awtorizzazzjoni ta' sigurtà, kif ipprovduta mis-servizzi rilevanti tal-Parlament Ewropew, u tal-persuni kollha li jkunu ngħataw l-awtorizzazzjoni, inkluża awtorizzazzjoni proviżorja skont it-tifsira tal-punt 12.15.

12.6 L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' ħames snin jew għall-perjodu tax-xogħlijiet li għalihom tkun ingħatat, liema minnhom ikun l-iqsar. Din tista' tiġġedded skont il-proċedura msemmija fil-punt 12.4.

12.7 L-awtorizzazzjoni għandha tiġi rtirata mis-Segretarju Ġenerali meta jqis li jkun hemm raġunijiet ġustifikati għal tali rtirar. Kull deċiżjoni ta' revoka tal-awtorizzazzjoni għandha tiġi notifikata lill-uffiċjal kkonċernat tal-Parlament Ewropew jew impjegat ikkonċernat ieħor tal-Parlament li jaħdem għall-grupp politiku, li jista' jitlob li jinstema' mis-Segretarju Ġenerali qabel ma d-deċiżjoni ta' rtirar tidħol fis-seħħ, kif ukoll lill-awtorità nazzjonali kompetenti.

12.8 L-eżami ta' sigurtà għandu jsir bl-assistenza tal-uffiċjal ikkonċernat tal-Parlament Ewropew jew impjegat ikkonċernat ieħor tal-Parlament li jaħdem għall-gruppi politiċi u fuq talba tal-President. L-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għall-eżami għandha tkun dik tal-Istat Membru li tiegħu l-persuna kkonċernata tkun ċittadin. Meta jkun permissibbli mil-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jwettqu investigazzjonijiet dwar persuni li ma jkunux ċittadini li jeħtieġu aċċess għal informazzjoni klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, ‘SECRET UE/EU SECRET’ jew ‘TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET’.

12.9 Bħala parti mill-proċedura ta' eżami, l-uffiċjal ikkonċernat tal-Parlament Ewropew jew impjegat ikkonċernat ieħor tal-Parlament li jaħdem għal grupp politiku għandu jinħtieġ jimla formola ta' informazzjoni personali.

12.10 Fit-talba tiegħu, is-Segretarju Ġenerali għandu jispeċifika lill-awtorita' kompetenti nazzjonali l-livell ta' informazzjoni klassifikata li għandha tkun disponibbli għall-uffiċjal ikkonċernat tal-Parlament Ewropew jew impjegat ikkonċernat ieħor tal-Parlament li jaħdem għal gruppi politiċi, biex b'hekk ikun jista' jwettaq il-proċess ta' eżami u jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-livell xieraq ta' awtorizzazzjoni li għandu jingħata lil dik il-persuna.

12.11 Il-proċess kollu ta' eżami ta' sigurtà mwettaq mill-awtorita' kompetenti nazzjonali, flimkien mar-riżultati miksuba, għandhom ikunu konformi mar-regoli u r-regolamenti rilevanti fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat, fosthom dawk li jikkonċernaw l-appelli.

12.12 Meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jagħtu opinjoni pożittiva, is-Segretarju Ġenerali jista' jagħti l-awtorizzazzjoni lill-uffiċjal ikkonċernat tal-Parlament Ewropew jew impjegat ikkonċernat ieħor tal-Parlament li jaħdem għal gruppi politiċi.

12.13 Opinjoni negattiva mill-awtorita' nazzjonali kompetenti għandha tiġi nnotifikata lill-uffiċjal ikkonċernat tal-Parlament Ewropew jew impjegat ieħor ikkonċernat tal-Parlament li jaħdem għal grupp politiku, li jista' jitlob li jinstema' mis-Segretarju Ġenerali. Jekk jidhirlu li jkun meħtieġ, is-Segretarju Ġenerali jista' jitlob lill-awtorita' nazzjonali kompetenti għal kjarifiki oħra. Jekk l-opinjoni negattiva tkun ikkonfermata, l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tingħata.

12.14 L-uffiċjali kollha tal-Parlament Ewropew u l-impjegati l-oħra kollha tal-Parlament li jaħdmu għal gruppi politiċi li jingħataw awtorizzazzjoni fit-tifsira tal-punti 12.4 u 12.5 għandhom, malli tingħata l-awtorizzazzjoni u mbagħad f'intervalli regolari, jirċievu kull istruzzjoni meħtieġa dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u kif għandhom jiżguraw din il-protezzjoni. Tali uffiċjali u impjegati għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li tirrikonoxxi l-fatt li jkunu rċevew l-istruzzjonijiet u li permezz tagħha jimpenjaw ruħhom li jħarsuhom.

12.15 F'ċirkustanzi straordinarji, is-Segretarju Ġenerali, wara li jkun innotifika lill-awtorita' kompetenti nazzjonali u sakemm ebda reazzjoni ma tiġi riċevuta mingħand dik l-awtorita' fi żmien xahar, jista' jagħti awtorizzazzjoni proviżorja lil uffiċjal tal-Parlament Ewropew jew impjegat ieħor tal-Parlament li jaħdem għal xi grupp politiku għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, sakemm joħroġ ir-riżultat tal-eżami msemmi fil-punt 12.11. L-awtorizzazzjonijiet proviżorji mogħtija b'dan il-mod m'għandhomx jagħtu aċċess għal informazzjoni klassifikata fil-livell ‘TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET’ jew l-ekwivalenti tiegħu.

# ANNESS II [51]

[51]Ippubblikata fil-ĠU C 96, 1.4.2014, p. 21.

## F. Kunflitti ta' interess personali

Bl-approvazzjoni tal-Bureau u fuq il-bażi ta' deċiżjoni motivata, Membru jista' jiġi mċaħħad mid-dritt li jispezzjoni dokument Parlamentari jekk, wara li jkun instema' l-Membru kkonċernat, il-Bureau jasal għall-konklużjoni li tali spezzjoni toħloq ħsara mhux aċċettabbli għall-interessi istituzzjonali tal-Parlament jew għall-interess pubbliku u li l-Membru kkonċernat ikun qed ifittex li jispezzjona d-dokument għal raġunijiet privati u personali. Il-Membru jista' jagħmel appell bil-miktub, li għandu jinkludi ir-raġunijiet kontra din id-deċiżjoni fi żmien xahar minn meta tiġi notifikata. Il-Parlament għandu jasal għal deċiżjoni dwar l-appell mingħajr dibattitu waqt is-sessjoni parzjali li tiġi wara li jkun tressaq l-appell.

## ANNESS VIII

## Dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-eżerċitar tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 fuq id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-eżerċitar tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew[52]**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u b'mod partikolari l-Artikolu 20b tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 193 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 107b tiegħu,

Billi d-dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-eżerċitar tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu stabbiliti bl-attenzjoni dovuta għad-dispożizzjonijiet inklużi fit-Trattat li jwaqqaf il-Komunitajiet Ewropej;

Billi l-kumitati ta' inkjesta temporanji għandu jkollhom il-mezzi meħtieġa biex jaqdu dmirijiethom; billi, għal dan il-għan, huwa essenzjali li l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunitajiet Ewropej jieħdu l-passi kollha sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq ta' dawn id-dmirijiet;

Billi s-segretezza u l-kunfidenzjalità tal-ħidma tal-kumitati ta' inkjesta temporanji għandhom ikunu mħarsa;

Billi, fuq talba ta' waħda mit-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati, id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar it-tħaddim tad-dritt ta' inkjesta jistgħu jiġu rriveduti fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, sa minn tmiem il-leġiżlatura preżenti tal-Parlament Ewropew,

BI QBIL BEJNIETHOM ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-eżerċitar tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu kif inhu stipulat f'din id-Deċiżjoni, skond l-Artikolu 20b tat-Trattat tal-KEFA, l-Artikolu 193 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 107b tat-Trattat tal-KEEA.

### Artikolu 2

1. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet u l-limiti stipulati fit-Trattati msemmija fl-Artikolu 1, il-Parlament Ewropew jista', fil-qadi ta' dmirijietu u fuq talba ta' kwart tal-Membri tiegħu, iwaqqaf kumitat ta' inkjesta temporanju biex jinvestiga allegazzjonijiet ta' kontravenzjonijiet jew ta' nuqqasijiet amministrattivi fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja, li jkunu jidhru li twettqu minn istituzzjoni jew entità tal-Komunitajiet Ewropej, jew minn entità amministrattiva pubblika ta' Stat Membru jew minn persuni mogħtija s-setgħa mil-liġi Komunitarja li jimplimentaw dik il-liġi.

Il-Parlament Ewropew għandu jistabbilixxi il-kompożizzjoni u r-regoli ta' proċedura tal-kumitati temporanji ta' inkjesta.

[52] ĠU L 113, 19.5.1995, p. 1.

Id-deċiżjoni dwar it-twaqqif ta' kumitat temporanju ta' inkjesta, li tispeċifika b'mod partikolari l-għan tiegħu u l-limitu ta' żmien li l-kumitat ikollu biex iressaq ir-rapport tiegħu, għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. Il-kumitat temporanju ta' inkjesta għandu jwettaq dmirijietu skond is-setgħat mogħtija mit-trattati dwar l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunitajiet Ewropej.

Il-membri tal-kumitat temporanju ta' inkjesta u kull persuna li, minħabba d-dmirijiet tagħha, issir taf b'fatti, b'informazzjoni, b'konoxxenza, b'dokumenti jew b'oġġetti li dwarhom għandha tinżamm is-segretezza skond id-dispożizzjonijiet adottati minn Stat Membru jew minn istituzzjoni tal-Komunità, ikunu meħtieġa li jżommu s-sigriet fir-rigward ta' persuni mhux awtorizzati u tal-pubbliku, anke meta d-dmirijiet tagħhom ikunu ntemmu.

Is-seduti ta' smigħ u x-xhieda għandhom isiru fil-pubbliku. Il-ħidma għandha ssir bil-magħluq jekk dan jintalab minn kwart tal-membri tal-kumitat ta' inkjesta, mill-Komunità jew mill-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll meta l-kumitat temporanju ta' inkjesta janalizza informazzjoni sigrieta. Ix-xhieda u l-esperti għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu dikjarazzjoni jew jagħtu x-xhieda bil-magħluq.

3. Kumitat temporanju ta' inkjesta ma jistax jinvestiga każijiet li huma pendenti quddiem qorti tal-ġustizzja nazzjonali jew Komunitarja qabel ma jintemmu dawk il-proċeduri legali.

Fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni skond il-paragrafu 1, jew minn meta l-Kummissjoni tkun ġiet infurmata dwar allegazzjoni ta' kontravenzjoni tal-liġi Komunitarja min-naħa ta' Stat Membru magħmula quddiem kumitat temporanju ta' inkjesta, il-Kummissjoni tista' tgħarraf lill-Parlament Ewropew li każ li għandu jiġi eżaminat mill-kumitat temporanju ta' inkjesta huwa soġġett għal proċedura Komunitarja ta' qabel il-kawża; f'dawk il-każi il-kumitat temporanju ta' inkjesta għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jippermetti lill-Kummissjoni li teżerċita s-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati b'mod sħiħ.

4. Il-kumitat temporanju ta' inkjesta għandu jiġi xolt meta jippreżenta r-rapport tiegħu fiż-żmien li jkun ġie stipulat meta l-imsemmi kumitat ikun twaqqaf, jew mhux aktar tard minn perjodu ta' mhux aktar minn tnax-il xahar mid-data meta twaqqaf, u f'kull każ fi tmiem il-leġislatura.

Il-Parlament Ewropew jista' jestendi l-perjodu ta' tnax-il xahar bi tliet xhur oħra permezz ta' deċiżjoni motivata. Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

5. Kumitat temporanju ta' inkjesta ma jistax jitwaqqaf, jew jitwaqqaf mill-ġdid, għal każi li dwarhom tkun diġà saret inkjesta minn kumitat temporanju ta' inkjesta, sakemm ma jkunux għaddew tnax-il xahar minn meta jkun tressaq ir-rapport dwar dik l-inkjesta jew mit-tmiem ta' l-inkarigu ta' l-imsemmi kumitat, u sakemm ma jkunux ħarġu xi fatti ġodda.

**Artikolu 3**

1. Il-kumitat temporanju ta' inkjesta għandu jagħmel l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jivverifika l-allegazzjonijiet ta' kontravenzjonijiet jew ta' nuqqasijiet amministrattivi fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja skond il-kundizzjonijiet stipulati hawn taħt.

2. Il-Kumitat temporanju ta' inkjesta jista' jistieden lil xi istituzzjoni jew lil xi korp tal-Komunitajiet Ewropej jew tal-gvern ta' Stat Membru sabiex jaħtru membru tagħhom biex jieħu sehem fil-ħidma ta' l-imsemmi kumitat.

3. Fuq talba motivata tal-kumitat temporanju ta' inkjesta, l-Istati Membri kkonċernati u l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandhom jaħtru uffiċjal jew aġent li

huma jawtorizzaw sabiex jidher quddiem il-kumitat temporanju ta' inkjesta, sakemm raġunijiet ta' segretezza jew ta' sigurtà pubblika jew nazzjonali ma jkunux jeħtieġu mod ieħor skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew Komunitarja.

L-uffiċjali u l-aġenti msemmija għandhom jitkellmu f'isem il-gvernijiet jew istituzzjonijiet tagħhom u skond l-istruzzjonijiet ta' dawn ta' l-aħħar. Huma għandhom jibqgħu marbuta ma' l-obbligi li jirriżultaw mir-regoli rispettivi tagħhom.

4. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u ta' l-istituzzjonijiet jew tal-korpi tal-Komunitajiet Ewropej għandhom jipprovdu lill-kumitat temporanju ta' inkjesta bid-dokumenti meħtieġa għall-qadi ta' dmirijietu, fuq talba tiegħu jew fuq inizjattiva tagħhom stess, ħlief meta dan ma jkunx possibbli minħabba raġunijiet ta' segretezza jew ta' sigurtà pubblika jew nazzjonali ġejjin mil-leġiżlazzjoni jew mir-regoli nazzjonali jew Komunitarji.

5. Il-paragrafi 3 u 4 għandhom ikunu bla ħsara għal dispożizzjonijiet oħra ta' l-Istati Membri li ma jippermettux li jidhru l-uffiċjali jew li jitressqu d-dokumenti.

Ostakolu minħabba raġunijiet ta' segretezza, sigurtà pubblika jew nazzjonali, jew id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, għandu jiġi mgħarraf lill-Parlament Ewropew minn rappreżentant li huwa awtorizzat li jieħu impenji f'isem il-gvern ta' l-Istat Membru kkonċernat jew ta' l-istituzzjoni.

6. Istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunitajiet Ewropej m'għandhomx jgħaddu dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri lill-kumitat temporanju ta' inkjesta mingħajr ma jkunu infurmaw qabel lill-Istat ikkonċernat.

Huma m'għandhomx jgħaddu lill-kumitat temporanju ta' inkjesta dokumenti li għalihom japplika l-paragrafu 5 mingħajr ma jkunu kisbu l-kunsens ta' l-Istat Membru kkonċernat.

7. Il-paragrafi 3, 4 u 5 għandhom japplikaw għall-persuni fiżiċi jew legali li jkunu ngħataw is-setgħa mil-liġi Komunitarja sabiex jimplimentaw dik il-liġi.

8. Sakemm ikun meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu, il-kumitat temporanju ta' inkjesta jista' jitlob lil kull persuna oħra sabiex tagħti xhieda quddiemu. Il-kumitat temporanju ta' inkjesta għandu jinforma lil kull persuna li tissemma matul investigazzjoni u li minħabba dan tista' ssofri xi ħsara. L-imsemmi kumitat għandu jisma' lil dik il-persuna jekk din tagħmel talba għal dan.

**Artikolu 4**

1. L-informazzjoni miksuba mill-kumitat temporanju ta' inkjesta għandha tintuża biss għat-twettiq ta' dmirijietu. Ma tistax issir pubblika jekk tkun tinkludi materjal ta' natura sigrieta jew kunfidenzjali, jew issemmi ismijiet ta' persuni.

Il-Parlament Ewropew għandu jadotta l-miżuri amministrattivi u r-regoli proċedurali meħtieġa biex iħares is-segretezza u l-kunfidenzjalità tal-ħidma tal-kumitati temporanji ta' inkjesta.

2. Ir-rapport tal-kumitat temporanju ta' inkjesta għandu jitressaq lill-Parlament Ewropew, li jista' jiddeċiedi li jagħmlu pubbliku bil-kundizzjoni li jkunu osservati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1.

3. Il-Parlament Ewropew jista' jgħaddi lill-istituzzjonijiet jew lill-entitajiet tal-Komunitajiet Ewropej jew lill-Istati Membri, ir-rakkomandazzjonijiet li huwa jadotta fuq il-bażi tar-rapport tal-kumitat temporanju ta' inkjesta. Huma għandhom jisiltu minnu l-konklużjonijiet li huma jqisu xierqa.

**Artikolu 5**

Kull komunikazzjoni indirizzata lill-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandha ssir permezz tar-Rappreżentanzi Permanenti tagħhom għall-Unjoni Ewropea.

**Artikolu 6**

Fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, ir-regoli ta' hawn fuq jistgħu jiġu rriveduti sa minn tmiem il-leġiżlatura kurrenti tal-Parlament Ewropew fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba.

**Artikolu 7**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' meta tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

ANNESS IX

Reġistru ta' trasparenza

A Dispożizzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 11(5) sa (8)

**Artikolu Waħdani**

**Kards ta’ aċċess**

1. Il-kard ta' aċċess għandha tikkonsisti minn tessera tal-plastik, bir-ritratt tal-persuna kkonċernata, b'isimha u kunjomha u l-isem tal-kumpanija jew, ta' l-organizzazzjoni fejn taħdem, jew tal-kap tagħha.

Kull detentur ta' kard ta' aċċess għandu jilbisha b'mod li tkun tidher f'kull ħin fil-bini kollu tal-Parlament. Jekk wieħed ma jilbishiex, il-kard ta' aċċess tista' tiġi kkonfiskata.

Dawn il-kards ta' aċċess jintgħarfu minn kards oħra magħmula għall-viżitaturi okkażjonali minħabba l-għamla u l-kulur tagħhom.

2. Il-kards ta' aċċess għandhom jiġġeddu biss wara li d-detenturi jkunu ssoddisfaw l-obbligazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(6).

Kull ilment sostnut minn fatti materjali u li jaqa' fl-ambitu tal-kodiċi ta' mġiba anness mal-ftehim li jistabbilixxi r-reġistru ta' trasparenza[53] għandu jiġi ppreżentat lis-seġretarjat tar-reġistru ta' trasparenza komuni. Is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament għandu jibgħat id-deċiżjonijiet tat-tneħħija mir-reġistru lill-Kwesturi li għandhom jiddeċiedu fuq l-irtirar tal-kard ta' aċċess.

In-notifiki tad-deċiżjonijiet mill-Kwesturi biex jirtiraw kard ta' aċċess waħda jew aktar għandhom jinkludu talba lid-detenturi jew lill-organizzazzjonijiet li għalihom huma jaħdmu biex jirritornaw l-imsemmija kards lill-Parlament fi żmien 15-il ġurnata min-notifika tad-deċiżjoni.

3. Il-kards ta' aċċess m'għandhom fl-ebda ċirkustanza jippermettu lid-detenturi tagħhom li jieħu sehem f'laqgħat tal-Parlament jew tal-entitajiet tiegħu ħlief f'laqgħat li huma ddikjarati miftuħin għall-pubbliku, u f'dan il-każ id-detentur ma jkollu dritt għall-ebda deroga mir-regoli dwar l-aċċess li jorbtu liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni.

[53] Ara l-Anness 3 tal-ftehim li jinsab fil-Parti B ta' dan l-anness.

## B Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reġistru tat-trasparenza għal organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE[54]

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea (il-“partijiet"),

wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 11(1) u (2) tiegħu, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 295 tiegħu, u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn issa 'l quddiem flimkien imsejħa t-“Trattati”),

billi dawk li jifformulaw l-politika Ewropea ma joperawx iżolati mis-soċjetà ċivili, imma jżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili,

billi l-partijiet eżaminaw mill-ġdid ir-Reġistru tat-Trasparenza (minn issa 'l quddiem "ir-reġistru") stabbilit mill-ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea fit-23 ta' Ġunju 2011 dwar it-twaqqif ta’ Reġistru tat-Trasparenza għal organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom li huma involuti fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika[55], tal-UE skont il-paragrafu 30 ta' dak il-ftehim,

JIFTIEHMU KIF ĠEJ:

### I. Il-prinċipji tar-reġistru

1. It-twaqqif u l-funzjonament tar-reġistru m'għandhomx jaffettwaw jew jippreġudikaw l-objettivi tal-Parlament Ewropew kif espressi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Mejju 2008 dwar l-iżvilupp tal-qafas għall-attivitajiet ta' rappreżentanti ta' gruppi ta' interess ('lobbyists') fl-istituzzjonijiet Ewropej[56] u fid-deċiżjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-konklużjoni ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar Reġistru ta' Trasparenza komuni[57].

2. Il-funzjonament tar-reġistru għandu josserva l-prinċipji ġenerali tad-Dritt tal-Unjoni, inklużi l-prinċipji tal-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni.

3. Il-funzjonament tar-reġistru għandu jirrispetta d-drittijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew li jeżerċitaw il-mandat parlamentari tagħhom mingħajr restrizzjoni.

4. Il-funzjonament tar-reġistru ma għandux jinfluwenza l-kompetenzi jew il-prerogattivi tal-partijiet u lanqas ma għandu jaffettwalhom il-poteri organizzattivi rispettivi tagħhom.

5. Il-partijiet għandhom jistinkaw biex jittrattaw l-operaturi kollha involuti f’attivitajiet simili b’mod simili, u biex ikun hemm kundizzjonijiet ugwali fir-reġistrazzjoni tal-organizzazzjonijiet u tal-individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE.

### II. L-istruttura tar-reġistru

6 L-istruttura tar-reġistru għandha tkun kif ġej:

a) d-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta’ applikazzjoni tar-reġistru, l-attivitajiet koperti mir-reġistru, id-definizzjonijiet, l-inċentivi u l-eżenzjonijiet;

b) it-taqsimiet għar-reġistrazzjoni (Anness 1);

[54]ĠU L 277 19.9.2014, p. 11.
[55]ĠU L 191, 22.7.2011, p. 29.
[56]ĠU C 271 E, 12.11.2009, p. 48.
[57]ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 176.

c) l-informazzjoni mitluba lir-reġistranti, inklużi r-rekwiżiti ta’ divulgazzjoni finanzjarja (Anness 2);

d) il-kodiċi ta’ kondotta (Anness 3);

e) mekkaniżmi ta’ twissija u ta' lmenti u miżuri li għandhom jiġu applikati f’każ ta’ nuqqas ta' konformita' mal-kodiċi ta’ kondotta, inkluża l-proċedura għat-twissijiet u għall-investigazzjoni u t-trattament tal-ilmenti (Anness 4).

f) linji gwida ta’ implimentazzjoni b’informazzjoni prattika għar-reġistranti.

## III. Il-kamp ta’ applikazzjoni tar-reġistru

**Attivitajiet koperti**

7. Il-kamp ta’ applikazzjoni tar-reġistru jkopri l-attivitajiet kollha, għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 10 sa 12, imwettqa bl-għan li jinfluwenzaw direttament jew indirettament it-tfassil jew l-implimentazzjoni tal-politika u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE, irrispettivament minn fejn jitwettqu u mill-kanal jew mezz ta' komunikazzjoni użat, pereżempju peremzz ta' outsourcing, il-midja, il-kuntratti ma’ intermedjarji professjonisti, think-tanks, pjattaformi, fora, kampanji jew inizjattivi fil-livell lokali.

Għall-fini ta' dan il-ftehim, "jinfluwenzaw direttament" tfisser li jinfluwenzaw permezz ta' kuntatt dirett jew komunikazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-UE jew permezz ta' azzjoni oħra li ssegwi tali attivitajiet u "jinfluwenzaw indirettament" tfisser jinfluwenzaw permezz tal-użu ta' vetturi intermedji bħall-midja, l-opinjoni pubblika, konferenzi jew avvenimenti soċjali li jkunu immirati lejn l-istituzzjonijiet tal-UE.

B'mod partikolari, dawk l-attivitajiet jinkludu:

– il-kuntatt mal-Membri u l-assistenti tagħhom, mal-uffiċjali jew ma' persunal ieħor tal-istituzzjonijiet tal-UE;

– it-tħejjija, it-tqassim u l-komunikazzjoni ta' ittri, materjal informattiv jew dokumenti ta' diskussjoni u dokumenti fejn tittieħed pożizzjoni;

– l-organizzazzjoni ta' avvenimenti, laqgħat, attivitajiet promozzjonali, konferenzi jew avvenimenti soċjali, stediniet li jkunu ntbagħtu lill-Membri u lill-assistenti tagħhom, lill-uffiċjali jew lil persunal ieħor tal-istituzzjonijiet tal-UE; kif ukoll

– il-kontribuzzjonijiet volontarji u l-parteċipazzjoni f’konsultazzjonijiet jew smigħ formali dwar proposti leġiżlattivi ppjanati tal-UE jew atti ġuridiċi oħrajn u konsultazzjonijiet miftuħin oħrajn.

8. L-organizzazzjonijiet kollha u individwi li jaħdmu għal rashom, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom, li jkunu involuti f’attivitajiet, kemm jekk attwali kif ukoll jekk ikunu qed jitħejjew u li jkunu koperti mir-reġistru huma mistennija li jirreġistraw.

Kwalunkwe attività koperta mir-reġistru u li tiġi żviluppata fuq il-bażi ta' kuntratt minn intermedjarju li jagħti konsulenza legali u professjonali oħra, hija eliġibbli biex tiġi rreġistrata kemm għall-intermedjarju kif ukoll għall-klijent tiegħu. Tali intermedjarji għandhom jiddikjaraw il-klijenti kollha li jkollhom dak it-tip ta' kuntratti, kif ukoll id-dħul ta' kull klijent minn attivitajiet ta' rappreżentanza kif stipulat fl-Anness 2 fil-punt II.C.2.B. Dan ir-rekwiżit ma jeżentax lill-klijenti milli jirreġistraw u jinkludu fl-istimi tal-ispejjeż tagħhom kwalunkwe attività li tkun ġiet subkuntrattata lil xi intermedjarju.

**Attivitajiet mhux koperti**

9. Organizzazzjoni għandha tkun eliġibbli biex tirreġistra biss jekk twettaq attivitajiet, koperti mir-reġistru, li jkunu rriżultaw f'komunikazzjoni diretta jew indiretta mal-istituzzjonijiet tal-UE. Organizzazzjoni meqjusa mhux eliġibbli tista’ titneħħa mir-reġistru.

10. Attivitajiet li jikkonċernawl-għoti ta' konsulenza ġuridika jew konsulenza professjonali oħra mhumiex koperti mir-reġistru sakemm dawn:

– jikkonsistu f'attivitajiet ta’ konsulenza u ta' kuntatti ma’ korpi pubbliċi sabiex jinfurmaw lill-klijenti aħjar dwar sitwazzjoni ġuridika ġenerali jew dwar il-pożizzjoni ġuridika speċifika tagħhom, jew biex jagħtuhom parir dwar jekk pass legali jew amministrattiv partikolari jkunx xieraq jew ammissibbli skont l-ambjent ġuridiku u regolatorju eżistenti;

– jikkonsistu f'konsulenza mogħtija lil klijenti biex dawn jiżguraw li l-attivitajiet tagħhom jikkonformaw mal-liġi rilevanti;

– jikkonsistu f'analiżijiet u studji mħejjija għall-klijenti dwar l-impatt potenzjali ta' kwalunkwe bidla leġiżlattiva jew regolatorja rigward il-pożizzjoni ġuridika tagħhom jew il-qasam ta' attività tagħhom;

– jikkonsistu f'rappreżentanza fil-kuntest ta’ proċedura ta’ konċiljazzjoni jew medjazzjoni li jkollha l-għan li tevita t-tressiq ta’ tilwima quddiem korp ġudizzjarju jew amministrattiv; jew

– jirrigwardaw l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali ta’ klijent għal proċess ġust, inkluż id-dritt għad-difiża fi proċedimenti amministrattivi, bħal attivitajiet imwettqa mill-avukati jew minn kwalunque professjonist ieħor involut fihom.

Jekk kumpanija u l-konsulenti tagħha jkunu involuti bħala parti f'każ jew fi proċedura speċifika ġuridika jew amministrattiva, kwalunkwe attività marbuta direttament magħhom li ma tippruvax tbiddel il-qafas legali eżistenti mhijiex koperta mir-reġistru. Dan is-subparagrafu japplika għas-setturi tan-negozju kollha fl-Unjoni Ewropea.

Madankollu, l-attivitajiet li ġejjin rigward l-għoti ta' konsulenza legali jew professjonali oħra huma koperti mir-reġistru sakemm ikollhom l-għan li jinfluwenzaw l-istituzzjonijiet tal-UE, il-Membri u l-assistenti tagħhom jew l-uffiċjali jew il-persunal tagħhom:

– l-għoti ta' appoġġ, permezz ta' rappreżentanza jew medjazzjoni, jew il-forniment ta' materjal promozzjonali, inkluż argumentazzjoni u abbozzar; u

– l-għoti ta' konsulenza tattika jew strateġika, inkluż li jitqajmu kwistjonijiet li l-iskop u ż-żmien ta' komunikazzjoni tagħhom ikollhom l-għan li jinfluwenzaw l-istituzzjonijiet tal-UE, il-Membri u l-assistenti jew l-uffiċjali tagħhom jew persunal ieħor.

11. Attivitajiet tal-imsieħba soċjali bħala parteċipanti fid-djalogu soċjali (trade unions, assoċjazzjonijiet ta’ min iħaddem, eċċ.) mhumiex koperti mir-reġistru meta dawk il-imsieħba soċjali jwettqu r-rwol assenjat lilhom mit-Trattati. Dan il-paragrafu japplika *mutatis mutandis* għal kull entità li fit-Trattati hija speċifikament indikata biex tiżvolġi rwol istituzzjonali;

12. Attivitajiet b’risposta għal talbiet diretti u individwali minn istituzzjonijiet tal-UE jew minn Membri tal-Parlament Ewropew, bħalma huma talbiet ad hoc jew regolari għal informazzjoni fattwali, data jew għarfien espert, mhumiex koperti mir-reġistru.

**Dispożizzjonijiet speċifiċi**

13. Ir-reġistru ma japplikax għal knejjes u komunitajiet reliġjużi. Madankollu, l-uffiċċji rappreżentattivi jew entitajiet ġuridiċi, l-uffiċċji u n-netwerks maħluqa biex jirrappreżentaw il-knejjes u l-komunitajiet reliġjużi fir-relazzjonijiet tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tagħhom, huma mistennija jirreġistraw.

14. Ir-reġistru ma japplikax għal partiti politiċi. Madankollu, kwalunkwe organizzazzjoni maħluqa jew appoġġata minnhom li hija involuta f'attivitajiet li huma koperti mir-reġistru hija mistennija tirreġistra.

15. Ir-reġistru ma japplikax għas-servizzi governattivi tal-Istati Membri, għall-gvernijiet ta' pajjiżi terzi, għall-organizzazzjonijiet intergovernattivi internazzjonali u l-missjonijiet diplomatiċi tagħhom.

16. L-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u l-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom mhumiex mistennija jirreġistraw, iżda jistgħu jirreġistraw jekk ikun jixtiequ. Kwalunkwe assoċjazzjoni jew netwerk maħluqa biex tirrappreżenta r-reġjuni b'mod kollettiv hi mistennija tirreġistra.

17. L-awtoritajiet pubbliċi subnazzjonali kollha minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 16, bħal awtoritajiet lokali u muniċipali jew bliet jew l-uffiċċji ta' rappreżentanza tagħhom, l-assoċjazzjonijiet jew in-netwerks tagħhom, huma mistennija jirreġistraw.

18. Netwerks, pjattaformi jew forom oħrajn ta' attività kollettiva mingħajr status legali jew personalità ġuridika imma li de facto huma għajn ta' influwenza organizzata u li huma impenjati f'attivitajiet li huma koperti mir-reġistru, huma mistennija jirreġistraw. Il-membri ta' taliforom ta' attività kollettiva għandhom jaħtru rappreżentant biex jaġixxi bħala l-persuna ta' kuntatt tagħhom responsabbli mir-relazzjonijiet mas-"Segretarjat Konġunt tar-Reġistru tat-Trasparenza" (JTRS).

19. L-attivitajiet li għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni huma dawk immirati (direttament jew indirettament) lejn l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE, kif ukoll lejn il-membri u l-assistenti, l-uffiċjali u persunal ieħor tagħhom. Tali attivitajiet ma jinkludux l-attivitajiet diretti lejn l-Istati Membri, b'mod partikolari dawk diretti lejn ir-rappreżentanzi permanenti tagħhom għall-Unjoni Ewropea.

20. In-netwerks, federazzjonijiet, assoċjazzjonijiet jew pjattaformi Ewropej huma mħeġġin jipproduċu linji gwida komuni u trasparenti biex il-membri tagħhom jidentifikaw l-attivitajiet li huma koperti mir-reġistru. Huma mistennija jagħmlu dawk il-linji gwida pubbliċi.

## IV. Regoli applikabbli għar-reġistranti

21. Meta jirreġistraw, l-organizzazzjonijiet u l-individwi kkonċernati:

– jaqblu li l-informazzjoni li huma jipprovdu biex tkun inkluża fir-reġistru għandha tkun fid-dominju pubbliku;

– jaqblu li jaġixxu f'konformita' mal-kodiċi ta' kondotta stipulat fl-Anness 3 u, fejn rilevanti, li jipprovdu t-test ta' kwalunkwe kodiċi ta' kondotta professjonali li jkunu marbutin bih[58];

– jiggarantixxu li l-informazzjoni mogħtija biex tiġi inkluża fir-reġistru tkun korretta u jaqblu li jikkooperaw mat-talbiet amministrattivi għal informazzjoni kumplementari u aġġornamenti;

[58]Il-kodiċi ta' kondotta professjonali li reġistrant huwa marbut bih jista' jimponi obbligi li huma aktar stretti mir-rekwiżiti tal-kodiċi ta' kondotta stipulat fl-Anness 3.

– jaċċettaw li kull twissija jew ilment li jikkonċernawhom jiġu ttrattati abbażi tar-regoli tal-kodiċi ta’ kondotta stipulat fl-Anness 3;

– jaqblu li jkunu soġġetti għal kwalunkwe miżura applikabbli f’każ ta’ nuqqas ta' konformita' mal-kodiċi ta' kondotta stipulat fl-Anness 3 u jirrikonoxxu li l-miżuri previsti fl-Anness 4 jistgħu jiġu applikati lilhom f'każ ta' nuqqas ta' konformita' mal-kodiċi;

– jinnotaw li l-partijiet jistgħu, fuq talba, u soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [59], jiżvelaw il-korrispondenza u dokumenti oħrajn li jikkonċernaw l-attivitajiet tar-reġistranti.

**V. Implimentazzjoni**

22. Is-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea għandhom ikunu responsabbli għas-superviżjoni tas-sistema u għall-aspetti operattivi kollha ewlenin, u għandhom bi qbil komuni jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiġi implimentat dan il-ftehim.

23. Għalkemm is-sistema tiġi operata b’mod konġunt, il-partijiet jibqgħu ħielsa li jużaw ir-reġistru b’mod indipendenti għall-finijiet speċifiċi proprji tagħhom.

24. Sabiex jimplimentaw is-sistema, is-servizzi tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea jżommu struttura operattiva konġunta magħrufa bħala JTRS. Il-JTRS hu magħmul minn grupp ta’ uffiċjali mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea skont arranġament miftiehem mis-servizzi kompetenti. Il-JTRS jopera taħtil-koordinazzjoni ta’ Kap ta’ Unità fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-kompiti tal-JTRS jinkludu t-tfassil ta’ linji gwida dwar l-implimentazzjoni, fi ħdan il-limiti ta' dan il-ftehim, biex tiġi ffaċilitata interpretazzjoni konsistenti tar-regoli mir-reġistranti kif ukoll biex isir monitoraġġ tal-kwalità tal-kontenut tar-reġistru. Il-JTRS għandu juża r-riżorsi amministrattivi disponibbli biex iwettaq verifiki tal-kwalità tal-kontenut tar-reġistru, bil-fehim, madankollu, li r-reġistranti huma fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-informazzjoni li jkunu pprovdew.

25. Il-partijiet għandhom jorganizzaw taħriġ u proġetti ta’ komunikazzjoni interna xierqa biex titqajjem kuxjenza dwar ir-reġistru u l-proċeduri ta’ twissija u ta' lment fost il-Membri u l-persunal tagħhom.

26. Il-partijiet għandhom jieħdu miżuri xierqa biex esternament titqajjem kuxjenza dwar ir-reġistru u jiġi promoss l-użu tiegħu.

27. Fuq il-websajt tar-Reġistru ta' Trasparenza *Europa* għandha tiġi ppubblikata b'mod regolari sensiela ta' statistika bażika meħuda mill-bażi ta' data tar-reġistru, u għandha tkun aċċessibbli permezz ta' għodda għat-tiftix li hija faċli biex tintuża mill-utent. Il-kontenut pubbliku ta’ dik il-bażi ta' data għandu jkun disponibbli f’formati elettroniċi li jinqraw b'mod elettroniku.

28. Is-Segretarjati Ġenerali tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jippreżentaw rapport annwali dwar il-ħidma tar-reġistru rispettivament lill-Viċi President rilevanti tal-Parlament Ewropew u lill-Viċi President rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea. Ir-rapport annwali għandu jipprovdi informazzjoni fattwali dwar ir-reġistru, il-kontenut u l-evoluzzjoni tiegħu u għandu jiġi ppubblikat kull sena għas-sena kalendarja preċedenti.

[59] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

## VI. Miżuri applikabbli għal reġistranti li jkunu konformi

29. Il-permessi ta' aċċess għall-bini tal-Parlament jinħarġu biss lil individwi li jirrappreżentaw, jew li jaħdmu għal, organizzazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistru, sakemm dawk l-organizzazzjonijiet jew individwi jkunu rreġistraw. Madankollu, ir-reġistrazzjoni ma tagħtix dritt awtomatiku għal tali permess ta' aċċess. Il-ħruġ u l-kontroll ta' permessi li jippermettu aċċess għal perjodu fit-tul għall-bini tal-Parlament Ewropew għandhom jibqgħu proċedura interna tal-Parlament taħt ir-responsabilità tiegħu stess.

30. Il-partijiet għandhom joffru inċentivi, fil-qafas tal-awtorità amministrattiva tagħhom, sabiex iħeġġu biex issir ir-reġistrazzjoni fi ħdan il-qafas maħluq minn dan il-ftehim.

L-inċentivi offruti mill-Parlament Ewropew lir-reġistranti jistgħu jinkludu:

– aċċess aktar aġevolat għall-bini tal-Parlament Ewropew, għall-Membri tiegħu u għall-assistenti tagħhom, għall-uffiċjali u persunal ieħor tiegħu;

– awtorizzazzjoni biex jiġu organizzati jew ospitati b'mod konġunt avvenimenti fil-bini tiegħu;

– trażmissjoni faċilitatata ta' informazzjoni, inklużi listi ta' indirizzi speċifiċi;

– parteċipazzjoni bħala kelliema fis-seduti tal-kumitat;

– il-patroċinju tal-Parlament Ewropew.

L-inċentivi offruti mill-Kummissjoni Ewropea lir-reġistranti jistgħu jinkludu:

– miżuri rigward it-trażmissjoni ta' informazzjoni lir-reġistranti meta jitniedu konsultazzjonijiet pubbliċi;

– miżuri rigward gruppi esperti u korpi konsultattivi oħra;

– listi tal-indirizzi speċifiċi;

– il-patroċinju tal-Kummissjoni Ewropea.

L-inċentivi speċifiċi disponibbli għar-reġistranti għandhom jiġu kkomunikati lilhom mill-partijiet.

## VII. Miżuri f'każ ta' nuqqas ta' konformita' mal-kodiċi ta' kondotta

31. Kwalunkwe persuna tista' tressaq twissijiet u ilmenti, bl-użu tal-formola ta' kuntatt standard disponibbli fuq il-websajt tar-reġistru, rigward il-possibilità ta' nuqqas ta' konformita' mal-kodiċi ta' kondotta stipulat fl-Anness 3. It-twissijiet u l-ilmenti għandhom jiġu mmaniġġjati skont il-proċeduri stipulati fl-Anness 4.

32. Mekkaniżmu ta' twissija huwa għodda li tikkomplementa l-verifiki tal-kwalità mwettqa mill-JTRS skont il-paragrafu 24. Kwalunkwe persuna tista' tressaq twissija rigward żbalji fattwali li jikkonċernaw l-informazzjoni pprovduta mir-reġistranti. It-twissijiet jistgħu jitressqu wkoll rigward reġistrazzjonijiet mhux eliġibbli.

33. Kwalunkwe persuna tista' tressaq ilment formali fejn ikun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformita' mal-kodiċi ta' kondotta mir-reġistrant, minbarra żbalji fattwali. L-ilmenti għandhom jiġu ssostanzjati minn fatti materjali fir-rigward tas-suspett ta' nuqqas ta' konformita' mal-kodiċi.

Il-JTRS għandu jinvestiga dwar is-suspett ta' nuqqas ta' konformita' filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-prinċipji tal-proporzjonalità u l-amministrazzjoni tajba. In-nuqqas ta' konformita' intenzjonali

mal-kodiċi ta' kondotta mir-reġistranti jew mir-rappreżentanti tagħhom għandha twassal biex jiġu applikati l-miżuri stipulati fl-Anness 4.

34. Fejn nuqqas ta' kooperazzjoni ripetuta, imġiba inadegwata ripetuta jew nuqqas ta' konformita' serja mal-kodiċi ta' kondotta jkunu ġew identifikati mill-JTRS taħt il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 31 sa 33, ir-reġistrant ikkonċernat għandu jitneħħa mir-reġistru għal perjodu ta' żmien ta' sena jew sentejn u l-miżura tissemma pubblikament fir-reġistru, kif stipulat fl-Anness 4.

## VIII. Involviment ta' istituzzjonijiet u korpi oħrajn

35. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill huma mistednin jissieħbu f'dan ir-reġistru. Istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħrajn tal-UE huma mħeġġa sabiex huma wkoll jużaw il-qafas maħluq minn dan il-ftehim bħala strument ta' riferenza għall-interazzjonijiet tagħhom mal-organizzazzjonijiet u ma' individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE.

## IX. Dispożizzjonijiet finali

36. Dan il-ftehim għandu jissostitwixxi l-ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' Ġunju 2011 li l-effetti tiegħu ma jibqgħux japplikaw wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim.

37. Ir-reġistru għandu jiġi eżaminat mill-ġdid fl-2017.

38. Dan il-ftehim għandujidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Entitajiet li jkunu diġà rreġistrati fid-data ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim għandhom jemendaw ir-reġistrazzjoni tagħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw minn dan il-ftehim fi żmien tliet xhur minn dik id-data.

# Anness 1 : Ir-Reġistru tat-Trasparenza – Organizzazzjonijiet u individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE

Taqsima I - Konsulenzi professjonali/ditti legali/konsulenti indipendenti

– Sub-taqsima: Konsulenzi professjonali

  Karatteristiċi/rimarki: Ditti li jwettqu, f'isem il-klijenti, attivitajiet li jinvolvu appoġġ, lobbying, promozzjoni, interessi pubbliċi u relazzjonijiet ma' awtoritajiet pubbliċi.

– Sub-taqsima: Ditti legali

  Karatteristiċi/rimarki: Ditti legali li jwettqu, f'isem il-klijenti, attivitajiet li jinvolvu appoġġ, lobbying, promozzjoni, interessi pubbliċi u relazzjonijiet ma' awtoritajiet pubbliċi.

– Sub-taqsima: Konsulenti li jaħdmu għal rashom

  Karatteristiċi/rimarki: Konsulenti li jaħdmu għal rashom li jwettqu, f'isem il-klijenti, attivitajiet li jinvolvu appoġġ, lobbying, promozzjoni, interessi pubbliċi u relazzjonijiet ma' awtoritajiet pubbliċi. Din is-subtaqsima hija għar-reġistrazzjoni tal-entitajiet li jinvolvu biss persuna waħda.

Taqsima II - "Lobbyists interni u assoċjazzjonijiet tal-kummerċ / tan-negozju / professjonali

– Sub-taqsima: Kumpaniji u gruppi

Karatteristiċi/rimarki: Kumpaniji jew gruppi ta’ kumpaniji (bi status ġuridiku jew mingħajru) li jwettqu internament, f’isimhom stess, attivitajiet li jinvolvu appoġġ, lobbying, promozzjoni, interessi pubbliċi u relazzjonijiet ma’ awtoritajiet pubbliċi.

– Sub-taqsima: Assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u tan-negozju

Karatteristiċi/rimarki: Organizzazzjonijiet (bi skop jew mingħajr skop ta’ profitt) li jirrappreżentaw kumpaniji li jagħmlu profitt jew gruppi u pjattaformi mħalltin.

– Sub-taqsima: Trade unions u assoċjazzjonijiet professjonali

Karatteristiċi/rimarki: Rappreżentanza ta’ gruppi ta' interess ta’ ħaddiema, impjegati, negozji jew professjonijiet.

– Sub-taqsima: Organizzazzjonijiet oħrajn inklużi:

  – entitajiet li jorganizzaw avvenimenti (li jagħmlu jew ma jagħmlux profitt);

  – midja relatata mal-interessi jew entitajiet orjentati lejn ir-riċerka marbuta ma' interessi privati li jagħmlu profitt;

  – koalizzjonijiet ad hoc u strutturi temporanji (bi sħubija għall-profitt).

---

Taqsima III - Organizzazzjonijiet mhux governattivi

– Sub-taqsima: Organizzazzjonijiet mhux governattivi, pjattaformi, netwerks, koalizzjonijiet ad hoc, strutturi temporanji u organizzazzjonijiet oħrajn simili.

Karatteristiċi /rimarki: Organizzazzjoni mingħajr skop ta’ profitt (bi status ġuridiku jew mingħajru), li huma indipendenti minn awtoritajiet pubbliċijew organizzazzjonijiet kummerċjali. Inklużi l-fondazzjonijiet, l-entijiet tal-karità, eċċ. Kwalunkwe tip ta' entità li tinkludi elementi bi skop ta’ profitt fis-sħubija tagħha għandha tirreġistra fit-Taqsima II.

Taqsima IV - Think tanks, istituzzjonijiet ta’ riċerka u akkademiċi

– Sub-taqsima: Think tanks u istituzzjonijiet ta’ riċerka

Karatteristiċi/rimarki: Think tanks u istituzzjonijiet ta’ riċerka speċjalizzati li huma involuti fl-attivitajiet u l-politiki tal-Unjoni Ewropea.

– Sub-taqsima: Istituzzjonijiet akkademiċi

Karatteristiċi/rimarki: Istituzzjonijiet li l-iskop primarju tagħhom huwa l-edukazzjoni imma li huma involuti fl-attivitajiet u l-politiki tal-Unjoni Ewropea.

Taqsima V - Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw knejjes u komunitajiet reliġjużi

– Sub-taqsima: Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw knejjes u komunitajiet reliġjużi

Karatteristiċi/rimarki: Entitajiet ġuridiċi, uffiċċji, netwerks jew assoċjazzjonijiet imwaqqfin għal attivitajiet ta’ rappreżentanza.

Taqsima VI - Organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw awtoritajiet lokali, reġjonali u muniċipali, entitajiet pubbliċi jew imħalltin oħrajn, eċċ.

– Sub-taqsima: Strutturi reġjonali

Karatteristiċi/rimarki: Ir-reġjuni infushom u l-uffiċċji rappreżentattivi tagħhom mhumiex mistennija jirreġistraw, iżda jistgħu jirreġistraw jekk ikunu jixtiequ. Assoċjazzjonijiet jew netwerks nazzjonali maħluqa biex jirrappreżentaw ir-reġjuni b'mod kollettiv huma mistennija jirreġistraw.

– Sub-taqsima: Awtoritajiet pubbliċi subnazzjonali oħrajn

Karatteristiċi/rimarki: L-awtoritajiet pubbliċi subnazzjonali oħrajn kollha, bħal bliet, awtoritajiet lokali u muniċipali, jew l-uffiċċji ta' rappreżentanza tagħhom, u l-assoċjazzjonijiet jew in-netwerks nazzjonali, huma mistennija jirreġistraw.

– Sub-taqsima: Assoċjazzjonijiet transnazzjonali u netwerks ta' awtoritajiet pubbliċi reġjonali jew subnazzjonali oħrajn

– Sub-taqsima: Entitajiet pubbliċi jew imħalltin oħrajn, maħluqa mil-liġi li l-għan tagħhom huwa li jaġixxu fl-interess pubbliku

Karatteristiċi/rimarki: Inklużi organizzazzjonijiet oħrajn bi status pubbliku jew imħallat (pubbliċi/privati).

## Anness 2 : Informazzjoni li għandha tingħata mir-reġistranti

### I. INFORMAZZJONI ĠENERALI U BAŻIKA

(a) l-isem jew l-ismijiet tal-organizzazzjoni, l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali u l-indirizz ta' Brussell, il-Lussemburgu jew Strasburgu meta rilevanti, in-numru tat-telefon, l-indirizz tal-posta elettronika, il-websajt tal-organizzazzjoni;

(b) id-dettalji tal-persuna legalment responsabbli mill-organizzazzjoni u l-isem tad-direttur jew soċju responsabbli għall-ġestjoni tal-organizzazzjoni jew, jekk applikabbli, il-punt ta' kuntatt prinċipali tal-organizzazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet koperti mir-reġistru (jiġifieri l-kap tal-affarijiet tal-UE); l-ismijiet tal-persuni b'awtorizzazzjoni ta' aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew[60];

(c) l-għadd ta' persuni (membri, persunal, eċċ.) involuti fl-attivitajiet koperti mir-reġistru u ta' persuni li jibbenefikaw minn permess ta' aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew u l-ammont ta' ħin li tqatta' kull persuna f' dawk l-attivitajiet skont il-perċentwali li ġejjin ta' attività full-time: 25 %, 50 %, 75 % jew 100 %;

(d) l-objettivi/il-mandat – l-oqsma ta' interess – l-attivitajiet – il-pajjiżi fejn issir il-ħidma – l-affiljazzjonijiet ma' netwerks – it-tagħrif ġenerali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistru;

(e) is-sħubija u, jekk applikabbli, l-għadd ta' membri (individwi u organizzazzjonijiet).

### II. INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA

### A. ATTIVITAJIET KOPERTI MIR-REĠISTRU

Għandhom jiġu pprovduti dettalji speċifiċi dwar il-proposti leġiżlattivi jew il-politiki ewlenin li jkunu fil-mira tal-attivitajiet tar-reġistrant, u li huma koperti mir-reġistru. Tista' ssir referenza għal attivitajiet speċifiċi oħrajn, bħal avvenimenti jew pubblikazzjonijiet.

### B. KONNESSJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET TAL-UE

(a) Sħubija fi gruppi ta' livell għoli, kumitati konsultattivi, gruppi ta' esperti, strutturi u pjattaformi oħrajn appoġġjati mill-UE, eċċ.

(b) Sħubija jew parteċipazzjoni f'intergruppi tal-Parlament Ewropew jew f'fora tal-industrija, eċċ.

[60]Ir-reġistranti jistgħu jitolbu awtorizzazzjoni ta' access għall-bini tal-Parlament Ewropew fi tmiem il-proċess ta' reġistrazzjoni. L-ismijiet tal-individwi li jirċievu l-permessi ta' aċċess għall-bini tal-Parlament għandhom jiddaħħlu fir-reġistru. Ir-reġistrazzjoni ma tagħtix dritt awtomatiku għal talipermess ta' aċċess.

## C. INFORMAZZJONI FINANZJARJA RELATATA MAL-ATTIVITAJIET KOPERTI MIR-REĠISTRU

**1. Ir-reġistranti kollha għandhom jipprovdu:**

(a) Stima tal-ispejjeż annwali marbuta mal-attivitajiet koperti mir-reġistru. Iċ-ċifri finanzjarji għandhom ikopru sena sħiħa ta' ħidma u jirreferu għall-aħħar sena finanzjarja magħluqa, mid-data tar-reġistrazzjoni jew tal-aġġornament annwali tar-reġistrazzjoni.

(b) L-ammont u s-sors ta' finanzjament riċevut mill-istituzzjonijiet tal-UE fl-iktarsena finanzjarja riċenti magħluqa, mid-data tar-reġistrazzjoni jew tal-aġġornament annwali tad-dettalji ta' reġistrazzjoni. Dik l-informazzjoni għandha tikkorrispondi mal-informazzjoni pprovduta mis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja Ewropea[61].

**2. Konsulenzi professjonali/ditti legali/konsulenti li jaħdmu għal rashom (Taqsima I tal-Anness 1) għandhom addizzjonalment jipprovdu:**

a) Il-fatturat attribwit għall-attivitajiet koperti mir-reġistru skont it-tabella li ġejja:

Il-fatturat annwali għall-attivitajiet ta' rappreżentanza: 0 – 99 999

Il-fatturat annwali għall-attivitajiet ta' rappreżentanza: 100 000 – 499 999

Il-fatturat annwali għall-attivitajiet ta' rappreżentanza: 500 000 – 1 000 000

Il-fatturat annwali għall-attivitajiet ta' rappreżentanza: > 1 000 000

b) Lista tal-klijenti kollha, li f'isimhom twettqu l-attivitajiet koperti mir-reġistru. Id-dħul mill-klijenti għal attivitajiet ta' rappreżentanza għandhom jitniżżlu skont it-tabella li ġejja:

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 0 – 9 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 10 000 – 24 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 25 000 – 49 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 50 000 – 99 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 100 000 – 199 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 200 000 – 299 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 300 000 – 399 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 400 000 – 499 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 500 000 – 599 999

---

[61] http://ec.europa.eu/budget/fts/index_en.htm

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 600 000 – 699 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 700 000 – 799 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 800 000 – 899 999

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: 900 000 – 1 000 000

Id-daqs tal-kategorija ta' attivitajiet ta' rappreżentanza għal kull klijent fis-sena f'euro: > 1 000 000

c) Il-klijenti huma wkoll mistennija jirreġistraw. Id-dikjarazzjoni finanzjarja magħmula minn ditti ta' konsulenza professjonali / ditti legali / konsulenti li jaħdmu għal rashom dwar klijenti tagħhom (lista u tabella) ma teżentax lil dawk il-klijenti mill-obbligu tagħhom li jinkludu dawk l-attivitajiet kuntrattwali fid-dikjarazzjonijiet tagħhom stess, sabiex jevitaw sottovalutazzjoni tan-nefqa finanzjarja ddikjarata tagħhom.

**3. Lobbyists interni u assoċjazzjonijiet tan-negozju / tal-kummerċ / professjonali (Taqsima II tal-Anness 1) għandhom addizzjonalmentjipprovdu:**

il-fatturat attribwibbli għall-attivitajiet koperti mir-reġistru, inkluż għal ammonti inqas minn EUR 10 000.

**4. Organizzazzjonijiet mhux governattivi, think tanks, istituzzjonijiet ta' riċerka u akkademiċi - organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw knejjes u komunitajiet reliġjużi - organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw awtoritajiet lokali, reġjonali u muniċipali, entitajiet pubbliċi jew imħalltin oħrajn, eċċ (Taqsimiet III sa VI tal-Anness 1) għandhom addizzjonalmentjipprovdu:**

(a) il-baġit totali tal-organizzazzjoni

(b) rendikont dettaljat tal-ammonti u tas-sorsi ewlenin ta’ finanzjament.

## Anness 3 : Kodiċi ta’ kondotta

Il-partijiet jikkunsidraw li r-rappreżentanti kollha ta' gruppi ta' interess li jinteraġġixxu magħhom, kemm f'okkażjoni waħda jew b'mod aktar frekwenti, irreġistrati jew mhumiex, għandhom jaġixxu f'konformita' ma' dan il-kodiċi ta' kondotta.

Fir-relazzjonijiet tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Membri, mal-uffiċjali u persunal ieħor tagħhom, ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess:

(a) għandhom dejjem jidentifikaw ruħhom bl-isem u bin-numru ta' reġistrazzjoni, jekk applikabbli, u bl-isem tal-entità jew entitajiet li jaħdmu għalihom jew li jkunu qed jirrappreżentaw; jiddikjaraw l-interessi, l-objettivi jew l-għanijiet li jippromwovu u, fejn applikabbli, jispeċifikaw il-klijenti jew il-membri li jirrappreżentaw;

(b) m'għandhomx jiksbu jew jipprovaw jiksbu informazzjoni jew deċiżjonijiet b’mod diżonest jew bl-użu ta’ pressjoni indebita jew imġiba mhux xierqa;

(c) m'għandhomx jippretendu li għandhom relazzjoni formali mal-Unjoni Ewropea jew ma’ xi waħda mill-istituzzjonijiet tagħha fit-tranżazzjonijiet tagħhom ma’ terzi, jew jirrappreżentaw b'mod qarrieqi l-effett tar-reġistrazzjoni b'mod li jiżgwida lill-partijiet terzi jew lill-uffiċjali jew persunal ieħor tal-Unjoni Ewropea, jew jużaw il-logos tal-istituzzjonijiet tal-UE mingħajr awtorizzazzjoni espressa;

(d) għandhom jiżguraw li, sa fejn jafu huma, it-tagħrif li jagħtu meta jirreġistraw u sussegwentement fil-qafas tal-attivitajiet tagħhom koperti mir-reġistru, ikun komplet, aġġornat u ma jiżgwidax; jaċċettaw li t-tagħrif kollu provdut ikun soġġett għal eżami mill-ġdid u jaqblu li jikkooperaw mat-talbiet amministrattivi għal informazzjoni u aġġornamenti kumplementari;

(e) m'għandhomx ibiegħu lil terzi kopji ta’ dokumenti miksuba minn istituzzjonijiet tal-UE;

(f) b’mod ġenerali għandhom jirrispettaw u jevitaw kwalunkwe xkiel għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli, il-kodiċijiet u l-prattiki ta’ governanza tajba kollha stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-UE;

(g) m'għandhomx iwasslu biex Membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, uffiċjali jew persunal ieħor tal-Unjoni Ewropea, jew assistenti jew apprendisti ta’ dawk il-Membri, jiksru r-regoli jew l-istandards ta’ kondotta applikabbli għalihom;

(h) għandhom, jekk jimpjegaw persuni li qabel kienu uffiċjali jew persunal ieħor tal-Unjoni Ewropea jew assistenti jew apprendisti tal-Membri tal-istituzzjonijiet tal-UE, jirrispettaw l-obbligu ta' dawk il-persuni li jirrispettaw ir-regoli u r-rekwiżiti ta’ kunfidenzjalità applikabbli għalihom;

(i) għandhom jiksbu l-kunsens minn qabel tal-Membru jew tal-Membri tal-Parlament Ewropew ikkonċernat rigward kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali ma', jew impjieg ta', kwalunkwe individwu fi ħdan l-entourage maħtur ta’ Membru;

(j) għandhom josservaw kwalunkwe regola dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' Membri preċedenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea;

(k) għandhom jinfurmaw lil kulmin jirrappreżentaw dwar l-obbligi tagħhom lejn l-istituzzjonijiet tal-UE.

L-individwi li jkunu rreġistraw mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jinħarġilhom permess personali u mhux trasferibbli li jagħti aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew għandhom:

(l) jiżguraw li jġorru fuqhom b'mod viżibbli l-permess ta' aċċess f'kull ħin fil-bini tal-Parlament Ewropew;

(m) josservaw strettament ir-Regoli ta' Proċedura relevanti tal-Parlament Ewropew;

(n) jaċċettaw li kwalunkwe deċiżjoni dwar talba għal aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew tkun il-prerogativa esklużiva tal-Parlament u li r-reġistrazzjoni ma tagħtix dritt awtomatiku għal permess ta' aċċess.

## Anness 4 Proċedura għat-twissijiet u għall-investigazzjoni u t-trattament tal-ilmenti

### I. TWISSIJIET

Kwalunkwe persuna tista' tressaq twissija quddiem il-JTRS, billi timla l-formola ta' kuntatt standard disponibbli fuq il-websajt tar-reġistru, fir-rigward ta' tagħrif inkluż fir-reġistru u reġistrazzjonijiet mhux eliġibbli.

Fejn isiru twissijiet dwar it-tagħrif li jinsab fir-reġistru, dawn jiġu ttrattati bħala allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformita' mal-punt (d) tal-kodiċi ta' kondotta stabbilit fl-Anness 3[62] Il-punt (d) jirrikjedi li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, fir-relazzjonijiet tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Membri, mal-uffiċjali u persunal ieħor tagħhom, "jiżguraw li, sa fejn jafu huma, it-tagħrif li jagħtu meta jirreġistraw u sussegwentement fil-qafas tal-attivitajiet tagħhom koperti mir-reġistru, ikun komplet, aġġornat u ma jiżgwidax" u "jaċċettaw li t-tagħrif kollu provdut ikun soġġett għal eżami mill-ġdid u jaqblu li jikkooperaw mat-talbiet amministrattivi għal informazzjoni u aġġornamenti kumplementari;".. Ir-reġistrant ikkonċernat jintalab jaġġorna l-informazzjoni jew jispjega lill-JTRS ir-raġuni li minħabba fiha l-informazzjoni ma għandhiex bżonn tiġi aġġornata. Meta r-reġistrant ikkonċernat ma jikkooperax, jistgħu jiġu applikati l-miżuri mniżżla fit-tabella tal-miżuri ta' hawn taħt (ringieli 2 sa 4).

### II. ILMENTI

**Stadju 1: Il-preżentazzjoni ta' lment**

1. Kwalunkwe persuna tista' tippreżenta lment lill-JTRS billi timla formola standard disponibbli fuq il-websajt tar-reġistru. Dik il-formola għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-reġistrant li hu s-suġġett tal-ilment;

(b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' min jagħmel l-ilment;

(c) id-dettalji tan-nuqqas ta' konformita' allegata mal-kodiċi ta' kondotta, inkluż dokumenti possibbli jew materjal ieħor li jappoġġa l-ilment, indikazzjoni dwar jekk kenitx ikkawżata xi ħsara lil min jagħmel l-ilment u r-raġunijiet li jwasslu biex ikun hemm suspett ta' nuqqas ta' konformita' intenzjonata.

L-ilmenti anonimi m'għandhomx jiġu kkunsidrati.

2. L-ilment għandu jispeċifika l-klawsoli tal-kodiċi ta' kondotta li fir-rigward tagħhom min jagħmel l-ilment jallega li kien hemm nuqqas ta' konformita'. Kull ilment, fejn, mill-bidu nett, il-JTRS tqis b'mod ċar li jkun każ ta' nuqqas ta' konformita' mhux intenzjonata, jista' jiġi meqjus mill-ġdid bħala "twissija" mill-JTRS.

3. Il-Kodiċi ta' kondotta japplika b'mod esklużiv għar-relazzjonijiet bejn ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess u l-istituzzjonijiet tal-UE u ma jistax jintuża biex jirregola relazzjonijiet bejn partijiet terzi jew bejn reġistranti.

[62] Il-punt (d) jirrikjedi li r-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, fir-relazzjonijiet tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-Membri, mal-uffiċjali u persunal ieħor tagħhom, "jiżguraw li, sa fejn jafu huma, it-tagħrif li jagħtu meta jirreġistraw u sussegwentement fil-qafas tal-attivitajiet tagħhom koperti mir-reġistru, ikun komplet, aġġornat u ma jiżgwidax" u "jaċċettaw li t-tagħrif kollu provdut ikun soġġett għal eżami mill-ġdid u jaqblu li jikkooperaw mat-talbiet amministrattivi għal informazzjoni u aġġornamenti kumplementari;".

**Stadju 2: Ammissibilità**

4. Mal-wasla tal-ilment il-JTRS għandu:

(a) jagħti konferma li rċieva l-ilment lil min jagħmel l-ilment fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol;

(b) jiddetermina jekk l-ilment jaqax fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-reġistru, kif deskritt fil-kodiċi ta’ kondotta stabbilit fl-Anness 3 u fl-istadju 1 imsemmi hawn fuq;

(c) jivverifika kwalunkwe prova mressqa bħala appoġġ tal-ilment, sew jekk din tieħu l-forma ta’ dokumenti, materjal ieħor jew dikjarazzjonijiet personali; fil-prinċipju, kwalunkwe prova konkreta għandha tittieħed mir-reġistrant ikkonċernat, minn dokument maħruġ minn parti terza jew minn sorsi disponibbli għall-pubbliku. Sempliċi valutazzjonijiet ta' ġudizzju ippreżentati minn min jagħmel l-ilment m'għandhomx jitqiesu bħala prova;

(d) abbażi tal-analiżi msemmija fil-punti (b) u (c), jiddeċiedi dwar l-ammissibilità tal-ilment.

5. Jekk l-ilment jitqies inammissibli, il-JTRS għandu jgħarraf bil-miktub lil min ikun għamel l-ilment, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni.

6. Jekk l-ilment jitqies ammissibbli, kemm min jagħmel l-ilment kif ukoll ir-reġistrant ikkonċernat għandhomjiġu infurmati mill-JTRS dwar id-deċiżjoni u l-proċedura li għandha tiġi segwita, kif stabbilit hawn taħt.

**Stadju 3: L-immaniġġjar ta’ lment ammissibbli - eżaminar u miżuri proviżorji**

7. Ir-reġistrant ikkonċernat għandu jiġi notifikat mill-JTRS dwar il-kontenut tal-ilment u tal-klawsola jew klawsoli li allegatament inkisru u fl-istess ħin għandu jiġi mistieden jippreżenta pożizzjoni b'risposta għal dak l-ilment fi żmien 20 jum tax-xogħol. Bħala appoġġ għal dik il-pożizzjoni, u fl-istess skadenza, ir-reġistrant jista’ jippreżenta ukoll memorandum magħmul minn organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva, b’mod partikolari għall-professjonijiet jew l-organizzazzjonijiet regolati soġġetti għal kodiċi ta’ kondotta professjonali.

8. In-nuqqas ta' konformita' mal-iskadenza indikata fil-paragrafu 7 għandhatwassal għal sospensjoni temporanja tar-reġistrant ikkonċernat mir-reġistru sakemm jerġa' jkun hemm kooperazzjoni.

9. L-informazzjoni kollha miġbura waqt l-investigazzjoni għandha tiġi eżaminata mill-JTRS, li jista’ jiddeċiedi li jisma’ lir-reġistrant ikkonċernat jew lil min ikun għamel l-ilment, jew lit-tnejn li huma.

10. Jekk wara li jiġi eżaminat il-materjal ipprovdut jidher li l-ilment ikun infondat, il-JTRS għandujinforma kemm lir-reġistrant kif ukoll lil min ikun għamel l-ilment bid-deċiżjoni dwar dan, u jiddikjara r-raġunijiet għad-deċiżjoni

11. Jekk l-ilment jintlaqa', ir-reġistrant ikkonċernat jiġi sospiż b’mod temporanju mir-reġistru sakemm jittieħdu l-passi biex tiġi indirizzata l-problema (ara l-Istadju 4 hawn taħt) u jista’ jkun soġġett għal għadd ta’ miżuri addizzjonali inkluż it-tneħħija mir-reġistru u l-irtirar, fejn applikabbli, ta’ kwalunkwe awtorizzazzjoni ta’ aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew skont il-proċeduri interni ta' dik l-istituzzjoni (ara l-Istadju 5 u r-ringieli 2-4 fit-tabella tal-miżuri ta' hawn taħt), prinċipalment f’każijiet ta’ nuqqas ta’ kooperazzjoni.

**Stadju 4: L-immaniġġjar ta' lment ammissibbli - risoluzzjoni**

12. Meta ilment jiġi milqugħ u jiġu identifikati kwistjonijiet problematiċi, il-JTRS jieħu l-passi kollha meħtieġa f'kooperazzjoni mar-reġistrant ikkonċernat biex tiġi indirizzata l-kwistjoni u tinstab risoluzzjoni.

13. Jekk ir-reġistrant ikkonċernat jikkoopera il-JTRS għandu jiġi alloka perjodu raġjonevoli ta' żmien, fuq il-bażi ta' każ b'każ, biex tinsab risoluzzjoni.

14. Fejn tiġi identifikata risoluzzjoni possibbli għall-kwistjoni, u r-reġistrant ikkonċernat jikkoopera biex tiġi applikata dik ir-risoluzzjoni, terġa' tiġi riattivata r-reġistrazzjoni ta' dak ir-reġistrant u l-ilment jingħalaq. Il-JTRS għandu jinforma kemm lir-reġistrant ikkonċernat kif ukoll lil min ikun għamel l-ilment bid-deċiżjoni kkonċernata, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

15. Fejn tiġi identifikata risoluzzjoni possibbli għall-kwistjoni, u r-reġistrant ikkonċernat ma jikkooperax biex dik ir-risoluzzjoni tingħata effett, ir-reġistrazzjoni tar-reġistrant ikkonċernat għandha titħassar (ara r-ringieli 2 u 3 tat-tabella tal-miżuri ta' hawn taħt). Il-JTRS għandu jinforma kemm lir-reġistrant ikkonċernat kif ukoll lil min jagħmel l-ilment bid-deċiżjoni kkonċernata, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

16. Fejn il-possibilità ta' risoluzzjoni tal-kwistjoni titlob deċiżjoni minn parti terza, inkluża awtorità fi Stat Membru, id-deċiżjoni finali tal-JTRS għandhatkun sospiża sakemm tittieħed dik id-deċiżjoni.

17. Jekk ir-reġistrant ma jikkooperax fi żmien 40 jum tax-xogħol min-notifika tal-ilment skont il-paragrafu 7, għandhom japplikaw il-miżuri ta' nuqqas ta' konformita' (ara l-paragrafi 19 sa 22 tal-Istadju 5 u r-ringieli 2 sa 4 tat-tabella tal-miżuri li tinsab iktar 'l isfel).

**Stadju 5: L-immaniġġjar ta' lment ammissibbli – il-miżuri li għandhom jiġu applikati fl-eventwalità ta' nuqqas ta' konformita' mal-Kodiċi ta' Kondotta**

18. Fejn ir-reġistrant ikkonċernat iwettaq korrezzjonijiet immedjati, kemm min jagħmel l-ilment kif ukoll ir-reġistrant ikkonċernat jirċievu konferma bil-miktub tal-fatti u l-korrezzjonijiet tagħhom mill-JTRS (ara r-ringiela 1 tat-tabella tal-miżuri ta' hawn taħt).

19. Jekk ir-reġistrant ikkonċernat ma jiħux azzjoni fl-iskadenza ta' 40 jum stabbiliti fil-paragrafu 17, għandu jitneħħa mir-reġistru (ara r-ringiela 2 tat-tabella tal-miżuri ta' hawn taħt) u jitlef l-aċċess għal kwalunkwe inċentiv marbut mar-reġistrazzjoni.

20. Fejn tiġi identifikata imġiba mhux xierqa, ir-reġistrant ikkonċernat għandu jitneħħa mir-reġistru (ara r-ringiela 3 tat-tabella tal-miżuri ta' hawn taħt) u jitlef kwalunkwe inċentiv marbut mar-reġistrazzjoni.

21. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 19 u 20, ir-reġistrant ikkonċernat jista' jerġa' jirreġistra, jekk ikun instab rimedju għar-raġunijiet li jkunu wasslu biex jitneħħa.

22. Fejn jidher li jkun hemm nuqqas ta' kooperazzjoni jew imġiba mhux xierqa b'mod repetut u deliberat, jew fejn tiġi identifikata nuqqas ta' konformita' serja (ara r-ringiela 4 tat-tabella tal-miżuri ta' hawn taħt), il-JTRS għandu jadottata deċiżjoni li tipprojbixxi reġistrazzjoni mill-ġdid għal perjodu ta' sena jew sentejn (skont il-gravità tal-każ).

23. Il-JTRS għandu jinnotika lir-reġistrant ikkonċernat u lil min jagħmel l-ilment bi kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafi 18 sa 22 jew ir-ringieli 1 sa 4 fit-tabella tal-miżuri ta' hawn taħt.

24. Fil-każijiet fejn miżura adottata mill-JTRS tirriżulta fit-tneħħija mir-reġistru għal perjodu fit-tul (ara r-ringiela 4 tat-tabella tal-miżuri ta' hawn taħt), ir-reġistrant ikkonċernat jista', fi żmien 20 jum tax-xogħol min-notifika tal-miżura, iressaq talba motivata lis-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex dik il-miżura tkun eżaminata mill-ġdid.

25. Malli tiskadi l-iskadenza ta' 20 jum jew wara li s-Segretarji Ġenerali jkunu ħadu d-deċiżjoni finali, il-Viċi President rilevanti tal-Parlament Ewropew u l-Viċi President rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jiġu infurmati u l-miżura tiġi ppubblikata fir-reġistru.

26. Meta deċiżjoni dwar il-projbizzjoni ta' reġistrazzjoni mill-ġdid għal ċertu perjodu ta' żmien timplika l-irtirar tal-possibbiltà li tintalab awtorizzazzjoni għal aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew bħala rappreżentant ta' grupp ta' interess, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew għandu jippreżenta proposta lill-Kulleġġ tal-Kwesturi, li għandu jiġi mistieden jawtorizza l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għal aċċess relatata tal-individwu jew individwi kkonċernati għal dak il-perjodu ta' żmien.

27. Fid-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-miżuri applikabbli skont dan l-Anness, il-JTRS għandu jikkunsidra kif xieraq il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' amministrazzjoni tajba. Il-JTRS għandu jopera taħt il-koordinazzjoni tal-Kap ta' Unità fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, u taħt l-awtorità tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, li għandhom jinżammu dejjem infurmati kif xieraq.

**Tabella ta' miżuri disponibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformita' mal-Kodiċi ta' Kondotta**

Tip ta' nuqqas ta' konformita' 1: Nuqqas ta' konformita', li tiġi korretta minnufih (18)

Miżura: Notifika bil-miktub li tirrikonoxxi l-fatti u l-korrezzjoni tagħhom

Pubblikazzjoni tal-miżura fir-reġistru: Le

Deċiżjoni formali biex ikun irtirat l-aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew: Le

Tip ta' nuqqas ta' konformita' 2: Nuqqas ta' kooperazzjoni mal-JTRS (19 u 21)

Miżura: Tneħħija mir-reġistru, deattivazzjoni tal-awtorizzazzjoni għal aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew u telf ta' inċentivi oħrajn

Pubblikazzjoni tal-miżura fir-reġistru: Le

Deċiżjoni formali biex ikun irtirat l-aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew: Le

Tip ta' nuqqas ta' konformita' 3: Imġiba mhux xierqa (20 u 21)

Miżura: Tneħħija mir-reġistru, deattivazzjoni tal-awtorizzazzjoni għal aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew u telf ta' inċentivi oħrajn

Pubblikazzjoni tal-miżura fir-reġistru: Le

Deċiżjoni formali biex ikun irtirat l-aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew: Le

Tip ta’ nuqqas ta' konformita' 4: Nuqqas ta’ kooperazzjoni ripetuta u deliberata jew imġiba mhux xierqa ripetuta (22) u/jew nuqqas ta' konformita' serja

Miżura: a) Tneħħija mir-reġistru għal sena, u rtirar formali tal-awtorizzazzjoni għal aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew (bħala rappreżentant akkreditat ta’ grupp ta’ interess); b) Tneħħija mir-reġistru għal sentejn, u rtirar formali tal-awtorizzazzjoni għal aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew (bħala rappreżentant akkreditat ta’ grupp ta’ interess);

Pubblikazzjoni tal-miżura fir-reġistru: Iva, b'deċiżjoni tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea

Deċiżjoni formali biex ikun irtirat l-aċċess għall-bini tal-Parlament Ewropew: Iva, b’deċiżjoni tal-Kulleġġ tal-Kwesturi

## ANNESS X

## Qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman

### A. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman[63]

Il-Parlament Ewropew,

wara li kkunsidra t-Trattati li jwaqqfu l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikulari l-Artikolu 195(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea u l-Artikolu 107d(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Kunsill,

billi għandhom jiġu stipulati r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman, skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattati li jwaqqfu l-Komunitajiet Ewropej;

billi għandhom jiġu stabbiliti kemm il-kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom jista' jiġi ppreżentat ilment lill-Ombudsman kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman u l-proċeduri legali jew amministrattivi;

Billi l-Ombudsman, li jista' wkoll jaġixxi fuq inizjattiva proprja tiegħu, għandu jkollu aċċess għall-elementi meħtieġa għat-twettiq ta' l-obbligi tiegħu; billi għalhekk l-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji huma obbligati li jipprovdu lill-Ombudsman, fuq talba tiegħu, kwalunkwe tagħrif li jitlob mingħandhom, u mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' l-Ombudsman li ma jiżvelax din l-informazzzjoni; billi l-aċċess għal tagħrif jew dokumenti kklassifikati, l-aktar għal dokumenti sensittivi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001[64], għandu jkun suġġett għall-konformità mar-regoli dwar is-sigurtà ta' l-istituzzjoni jew l-entità Komunitarji kkonċernati; billi l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet li jipprovdu tagħrif jew dokumenti kklassifikati kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) għandhom jinfurmaw lill-Ombudsman b'din il-klassifikazzjoni; billi, biex ikun hemm l-implimentazzjoni tar-regoli previsti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2), irid ikun hemm qbil minn qabel bejn l-Ombudsman u l-istituzzjoni jew l-entità kkonċernati dwar il-kundizzjonijiet għat-trattament ta' tagħrif jew dokumenti kklassifikati u tagħrif ieħor kopert mill-obbligu tas-segretezza professjonali; billi jekk l-Ombudsman isib li l-assistenza rikjesta mhix qed tiġi sodisfatta, hu għandu jinforma lill-Parlament Ewropew, li għandu jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet xierqa;

billi hu meħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri li għandhom jitħarsu f'każ li l-inkjesti ta' l-Ombudsman jikxfu każijiet ta' amministrazzjoni ħażina; billi jeħtieġ ukoll li jiġi stipulat li l-Ombudsman għandu jippreżenta rapport dettaljat lill-Parlament Ewropew fl-aħħar ta' kull sessjoni annwali;

billi l-Ombudsman u persunal tiegħu huma fid-dmir li jittrattaw b'kunfidenzjalità kull informazzjoni li jkunu kisbu fil-qadi ta' dmirijiethom; billi, iżda, l-Ombudsman huwa fid-dmir li jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti b'fatti li fl-opinjoni tiegħu jistgħu jkollhom x'jaqsmu mal-liġi kriminali u li jkun sar jaf bihom waqt xi inkjesta;

---

[63]Adottata mill-Parlament fid-9 ta' Marzu 1994 (ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15) u emendata bid-deċiżjonijiet tal-Parlament ta' l-14 ta' Marzu 2002 (ĠU L 92, 9.4.2002, p. 13) u tat-18 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 189, 17.7.2008, p. 25).

[64]Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

billi għandhom jiġu stabbiliti proċeduri li joffru l-possibiltà ta' koperazzjoni bejn l-Ombudsman u awtoritajiet li jwettqu l-istess irwol f'ċerti Stati Membri, bi qbil mal-liġijiet nazzjonali applikabbli;

billi hu l-Parlament Ewropew li għandu s-setgħa li jaħtar lill-Ombudsman fil-bidu tal-leġiżlatura u għall-bqija tagħha, li jagħżlu minn fost persuni li huma ċittadini ta' l-Unjoni u li jagħtu l-garanziji xierqa ta' indipendenza u ta' kompetenza;

billi għandhom jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom għandhom jintemmu d-dmirijiet ta' l-Ombudsman;

billi l-Ombudsman għandu jaqdi dmirijietu b'indipendenza assoluta u għandu jagħmel dikjarazzjoni solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li se jagħmel dan meta jidħol fil-kariga tiegħu; billi għandhom jiġu stipulati kemm l-attivitajiet li huma inkompatibbli mal-kariga ta' l-Ombusman, kif ukoll ir-rimunerazzjoni, il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Ombudsman;

billi għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet dwar l-uffiċjali u l-impjegati tas-segretarjat li jassisti lill-Ombudsman u dwar il-baġit għas-segretarjat; billi s-sede ta' l-Ombudsman għandha tkun is-sede tal-Parlament Ewropew;

billi huwa l-Ombudsman li għandu s-setgħa li jadotta dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni; billi, ukoll, għandhom jiġu stipulati ċerti dispożizzjonijiet tranżitorji għall-ħatra ta' l-ewwel Ombudsman wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-UE,

IDDEĊIEDA:

**Artikolu 1**

1. Ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman huma stabbiliti b'din id-Deċiżjoni skond l-Artikolu 195(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea u l-Artikolu 107d(4) tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

2. L-Ombudsman għandu jaqdi dmirijietu skond is-setgħat mogħtija mit-Trattati lill-istituzzjonijiet u l-entitjajiet Komunitarji.

3. L-Ombudsman ma jistax jintervjeni fi proċeduri li jkunu għaddejin quddiem il-qrati u lanqas ma jista' jitfa' dubju fuq il-korrettezza ta' deċiżjoni ta' qorti.

**Artikolu 2**

1. Fil-qafas tat-Trattati msemmija qabel, u skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fihom, l-Ombudsman għandu jgħin sabiex jinkixfu każi ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u ta' l-entitajiet Komunitarji, ħlief fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim' Istanza fl-eżerċizzju tal-funzjoni ġudizzjarja tagħhom, u għandu jagħti rakkomandazzjonijiet bil-għan li dawn il-każi jitwaqqfu. Ma jista' jsir ebda lment lill-Ombusman dwar l-aġir ta' xi awtorità jew persuna oħra.

2. Ċittadini ta' l-Unjoni jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma residenti fi Stat Membru ta' l-Unjoni jew li għandhom l-uffiċju reġistrat tagħhom fi Stat Membru ta' l-Unjoni jistgħu jippreżentaw lill-Ombudsman, b'mod dirett jew permezz ta' Membru tal-Parlament Ewropew, ilment dwar każ ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet jew ta' l-entitajiet Komunitarji, ħlief fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim' Istanza fl-eżerċizzju tal-funzjoni ġudizzjarja tagħhom. Malli jirċievi lment, l-Ombudsman għandu jgħarraf lill-istituzzjoni jew lill-entità kkonċernata.

3. L-ilment għandu juri b'mod ċar min ikun qed jagħmel l-ilment u l-kuntenut tiegħu; il-persuna li tkun ippreżentat l-ilment tista' titlob li l-ilment jibqa' kunfidenzjali.

4. Ilment għandu jiġi ppreżentat fi żmien sentejn mid-data meta l-persuna li tippreżenta l-ilment tkun saret taf bil-fatti li fuqhom hu bbażat. Qabel dan, għandhom jittieħdu l-passi amministrattivi xierqa fir-rigward ta' l-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata.

5. L-Ombudsman jista' jagħti parir lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment biex l-ilment tindirizzah lil awtorità oħra.

6. L-ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman ma jaffettwawx limiti ta' żmien sabiex jiġu ppreżentati appelli fi proċeduri amministrattivi jew legali.

7. Meta l-Ombudsman, minħabba li jkunu għaddejin jew li jkunu ġew konklużi proċeduri legali li jirrigrawdaw il-fatti ppreżentati, ikollu jiddikjara li lment hu inammissibbli jew li ma jkunx jista' jkompli jikkunsidrah, ir-riżultati ta' kwalunkwe inkjesta li jkun għamel sa dak iż-żmien għandhom jiġu arkivjati.

8. Ma jista' jiġi ppreżentat l-ebda ilment lill-Ombudsman li jirrigwarda relazzjonijiet ta' xogħol bejn l-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji u uffiċjali jew impjegati oħra tagħhom ħlief fil-każ li l-persuna kkonċernata tkun eżawriet il-possibiltajiet kollha għall-preżentazzjoni ta' talbiet u lmenti amministrattivi interni b'mod partikulari l-proċeduri imsemmija fl-Artikolu 90 (1) u (2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u biss wara li jkun skada ż-żmien għar-risposta mill-awtorità kkonċernata.

9. L-Ombudsman għandu, mill-aktar fis, jgħarraf lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment bl-azzjoni li jkun ħa f'dak ir-rigward.

**Artikolu 3**

1. L-Ombudsman għandu, fuq inizjattiva tiegħu jew wara li jkun ġie ppreżentat ilment, jagħmel l-investigazzjonijiet kollha li, fil-fehma tiegħu, ikun hemm bżonn li jsiru sabiex jiġi ċċarat kwalunkwe suspett ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji. Għandu jgħarraf lill-istituzzjoni jew lill-entità kkonċernata dwar l-azzjoni meħuda, u l-istituzzjoni jew l-entità tista' tippreżenta kwalunkwe kumment li jista' jkun utli għalih.

2. L-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji huma obbligati li jipprovdu lill-Ombudsman bi kwalunkwe tagħrif mitlub minnu u jagħtuh l-aċċess għall-fajls konċernati. L-aċċess għal tagħrif jew dokumenti kklassifikati, l-aktar għal dokumenti sensittivi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/20011, għandu jkun suġġett għall-konformità mar-regoli dwar is-sigurtà ta' l-istituzzjoni jew l-entità Komunitarji kkonċernati;

L-istituzzjonijiet jew l-entitajiet li jipprovdu tagħrif jew dokumenti kklassifikati kif imsemmi fis-subparagrafu ta' qabel dan għandhom jinfurmaw lill-Ombudsman b'din il-klassifikazzjoni.

Biex ikun hemm l-implimentazzjoni tar-regoli previsti fl-ewwel subparagrafu, għandu jkun hemm qbil minn qabel bejn l-Ombudsman u l-istituzzjoni jew l-entità kkonċernati dwar il-kundizzjonijiet għat-trattament ta' tagħrif jew dokumenti kklassifikati u tagħrif ieħor kopert mill-obbligu tas-segretezza professjonali.

L-istituzzjonijiet jew l-entitajiet ikkonċernati għandhom jagħtu aċċess għal dokumenti li oriġinaw fi Stat Membru u ġew klassifikati bħala sigrieti permezz ta' liġi jew regolament biss fejn dak l-Istat Membru ikun ta l-kunsens tiegħu minn qabel.

Huma għandhom jagħtu aċċess għal dokumenti oħra li joriġinaw fl-Istati Membri wara li jkunu nfurmaw lill-Istat Membru kkonċernat.

Fiż-żewġ każijiet, f'konformità l-Artikolu 4, l-Ombudsman ma jistax jiżvela l-kontenut ta' dawn id-dokumenti.

Uffiċjali u impjegati oħra ta' l-istituzzjonijiet u l-entitajiet Komunitarji għandhom jixhdu fuq talba ta' l-Ombudsman; huma għandhom jibqgħu marbuta bir-regoli rilevanti tar-Regolamenti ta' l-Istaff, b'mod partikolari d-dmir tagħhom ta' segretezza professjonali.

3. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom id-dmir li jagħtu lill-Ombudsman, fuq talba tiegħu, permezz tar-Rappreżentanzi Permanenti ta' l-Istati Membri għall-Komunitajiet Ewropej, kwalunkwe informazzjoni li tista' titfa' dawl fuq każi ta' amministrazzjoni ħażina ta' l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet Komunitarji, ħlief fejn din l-informazzjoni tkun koperta minn liġijiet jew regolamenti dwar is-segretezza jew minn dispożizzjonijiet li jipprojbixxu t-tixrid tagħha. Iżda, f'każ ta' dispożizzjonijiet li jipprojbixxu t-tixrid ta' l-informazzjoni, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti lill-Ombudsman aċċess għal din l-informazzjoni bil-kundizzjoni li ma jikxifhiex.

4. Jekk l-Ombudsman ma jingħatax l-għajnuna mitluba, għandu jgħarraf b'dan lill-Parlament Ewropew, li għandu jieħu l-passi xierqa.

5. Sa fejn hu possibbli, l-Ombudsman għandu jfittex, flimkien ma' l-istituzzjoni jew il-korp kkonċernati, soluzzjoni sabiex jitwaqqaf l-każ ta' amministrazzjoni ħażina u jkun sodisfatt min ippreżenta l-ilment.

6. Jekk l-Ombusdman isib li kien hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina, għandu jgħarraf lill-istituzzjoni jew lill-korp kkonċernati, u fejn hemm bżonn għandu jħejji abbozzi ta' rakkomandazzjonijet. L-istituzzjoni jew l-entità li tingħata dan it-tagħrif għandha tibgħat opinjoni dettaljata lill-Ombudsman fi żmien tliet xhur.

7. Imbagħad l-Ombudsman għandu jibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-istituzzjoni jew lill-korp kkonċernati. Jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet fir-rapport tiegħu. L-Ombudsman għandu jgħarraf lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment bir-riżultati ta' l-inkjesta, u bl-opinjoni mogħtija mill-istituzzjoni jew mill-entità kkonċernata u bi kwalunkwe rakkomandazzjoni li għamel hu stess.

8. Fi tmiem kull sessjoni annwali l-Ombudsman għandu jippreżenta rapport dwar ir-riżultati ta' l-inkjesti tiegħu lill-Parlament Ewropew.

### Artikolu 4

1. L-Ombudsman u l-istaff tiegħu, li għalihom japplikaw l-Artikolu 287 tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej u l-Artikolu 194 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, għandhom ikunu marbuta li ma jiżvelawx tagħrif jew dokumenti li jiksbu waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Huma għandhom, b'mod partikolari, jkunu obligati li ma jgħaddu l-ebda tagħrif jew dokumenti kklassifikati pprovduti lill-Ombudsman, b'mod partikulari dokumenti sensittivi skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, jew dokumenti li jaqgħu fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità rigward il-ħarsien tad-data personali, kif ukoll kull tagħrif li jista' jippreġudika lill-persuna li rreġistrat l-ilment jew kwalunkwe persuna oħra involuta, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2.

2. Jekk, waqt xi inkjesti, jiskopri fatti li jaħseb li jistgħu ikollhom x'jaqsmu mal-liġi kriminali, l-Ombudsman għandu minnufih javża lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti permezz tar-Rappreżentazzjonijiet Permanenti ta' l-Istati Membri għall-Komunitajiet Ewropej u, sa fejn il-każ ikun jaqa' taħt is-setgħat tagħhom, lill-istituzzjoni, entità jew servizz kompetenti tal-Komunità inkarigati li jiġġieledu l-frodi; jekk ikun il-każ, l-Ombudsman għandu javża ukoll lill-istituzzjoni jew entità Komunitarji li jkollhom awtorità fuq l-uffiċjal jew impjegat ikkonċernat, li jistgħu japplikaw it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej. L-Ombudsman jista' wkoll jgħarraf lill-istituzzjoni jew

korp Komunitarju kkonċernati bil-fatti li jirrigwardaw l-imġiba ta' membru ta' l-istaff tagħhom minn aspett dixxiplinarju.

**Artikolu 4a**

L-Ombudsman u l-istaff tiegħu għandhom jieħdu ħsieb tat-talbiet għall-aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti, ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 4(1), skond il-kundizzjonijiet u l-limiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

**Artikolu 5**

1. Sa fejn dan jista' jgħin biex jagħmel l-inkjesti iktar effiċjenti u biex ikunu salvagwardati aħjar id-drittijiet u l-interessi ta' persuni li rreġistraw ilmenti lilu, l-Ombudsman jista' jikkopera ma' awtoritajiet ta' l-istess xorta f'ċerti Stati Membri kemm-il darba jkun konformi mal-liġi nazzjonali applikabbli. L-Ombudsman ma jistax għalhekk jitlob li jara dokumenti li ma kienx ikollu aċċess għalihom skond l-Artikolu 3.

2. Fl-ambitu tal-funzjonijiet tiegħu kif stipulati fl-Artikolu 195 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 107d tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea ta’ l-Enerġija Atomika u filwaqt li jevita kwalunkwe titnija ta' l-attivitajiet ta’ l-istituzzjonijiet u l-entitajiet l-oħra, l-Ombudsman jista', taħt l-istess kundizzjonijiet, jikkopera ma' l-istituzzjonijiet u l-entitajiet ta’ l-Istati Membri responsabbli għall-promozzjoni u għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

**Artikolu 6**

1. L-Ombudsman għandu jinħatar mill-Parlament Ewropew wara kull elezzjoni tal-Parlament, għall-bqija tal-leġiżlatura. Il-ħatra tiegħu tista' tiġġedded.

2. L-Ombudsman għandu jintgħażel minn fost persuni li huma ċittadini ta' l-Unjoni, li jgawdu d-drittijiet ċivili u politiċi kollha, li jagħtu kull garanzija ta' indipendenza, u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju ta' l-ogħla funzjoni ġudizzjarja f'pajjiżhom jew li jkunu magħrufa bħala persuni li għandhom il-kompetenza u l-esperjenza sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Ombudsman.

**Artikolu 7**

1. L-Ombudsman għandu jieqaf milli jeżerċita l-funzjoni tiegħu fi tmiem iż-żmien tal-ħatra jew mar-riżenja jew it-tkeċċija tiegħu.

2. Ħlief f'każ ta' tkeċċija, l-Ombudsman għandu jkompli fil-kariga sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħu.

3. F'każ ta' tmiem antiċipat tal-funzjonijiet ta' l-Ombudman, għandu jiġi maħtur suċċessur għall-bqija tal-leġiżlatura fi żmien tliet xhur minn meta l-kariga ssir vakanti.

**Artikolu 8**

Ombudsman li ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet tiegħu jew li jkun ħati ta' mġieba ħażina serja jista' jitkeċċa mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fuq talba tal-Parlament Ewropew.

**Artikolu 9**

1. L-Ombudsman għandu jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'indipendenza assoluta, fl-interess ġenerali tal-Komunitajiet u taċ-ċittadini ta' l-Unjoni. Fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, la għandu jfittex u lanqas ma għandu jaċċetta istruzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew entità oħra. M'għandu jagħmel l-ebda att li jkun inkompatibbli man-natura tad-dmirijiet tiegħu.

2. Meta jidħol fil-kariga tiegħu, l-Ombudsman għandu jagħmel dikjarazzjoni solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fejn iwiegħed li se jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'indipendenza u b'imparzjalità assoluta u li tul, u wara li jagħlaq, iż-żmien tal-kariga tiegħu hu se jirrispetta d-dmirijiet marbutin mal-kariga tiegħu, b'mod partikulari d-dmir li jaġixxi b'integrità u b'diskrezzjoni meta jiġi biex jaċċetta ċerti karigi jew benefiċċji wara li tkun intemmet il-kariga tiegħu.

**Artikolu 10**

1. Tul iż-żmien tal-kariga tiegħu, l-Ombudsman ma jista' jeżerċita l-ebda funzjoni politika jew amministrattiva, jew kwalunkwe kariga oħra, kemm bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas.

2. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' rimunerazzjoni, allowances u pensjoni, l-Ombudsman għandu jitqies li hu fl-istess pożizzjoni ta' mħallef tal-Qotri tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

3. L-Artikoli 12 sa 15 u l-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandhom japplikaw għall-Ombudsman u għall-uffiċjali u l-impjegati tas-segretarjat tiegħu.

**Artikolu 11**

1. L-Ombudsman għandu jiġi assistit minn segretarjat. Il-prinċipal tas-segretarjat jinħatar mill-Ombudsman.

2. Ir-regoli u r-regolamenti li japplikaw għall-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej għandhom japplikaw ukoll għall-uffiċjali u l-impjegati tas-segretarjat ta' l-Ombudsman. In-numru tagħhom għandu jiġi ffissat kull sena bħala parti mill-proċess baġitarju.

3. L-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u ta' l-Istati Membri li jingħataw kariga fis-segretarjat ta' l-Ombudsman għandhom jiġu sekondati fl-interess tas-servizz b'garanzija li jerġgħu jingħataw il-kariga tagħhom b'mod awtomatiku fl-istituzzjoni fejn kienu jaħdmu qabel.

4. Għall-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-istaff tiegħu, l-Ombudsman għandu jitqies li hu fl-istess pożizzjoni ta' l-istituzzjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' l-Istaff ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

**Artikolu 12**

**Imħassar**

**Artikolu 13**

Is-sede ta' l-Ombudsman għandha tkun is-sede tal-Parlament Ewropew.

**Artikolu 14**

L-Ombudsman għandu jadotta dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

**Artikolu 15**

L-ewwel Ombudsman li jinħatar wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat UE għandu jinħatar għall-bqija tal-leġiżlatura.

**Artikolu 16**

**Imħassar**

**Artikolu 17**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

**B. Deċiżjoni li permezz tagħha l-Ombudsman Ewropew adotta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni[65]**

**Artikolu 1**

**Definizzjonijiet**

F'dawn id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni,

(a) "istituzzjoni kkonċernata" tfisser l-istituzzjoni jew l-entità Komunitarja li hija s-suġġett ta' lment jew ta' inkjesta li tinfetaħ fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman,

(b) "l-istatut" tfisser ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman.

(c) b'relazzjoni għal dokumenti u tagħrif, "kunfidenzjali" tfisser "li m'għandux jinkixef".

**Artikolu 2**

**Wasla ta' lmenti**

2.1. Malli jaslu, l-ilmenti jiġu kklassifikati, reġistrati u nnumerati.

2.2. Tintbagħat irċevuta li tindika n-numru ta' reġistrazzjoni ta' l-ilment u l-isem ta' l-uffiċjal legali li jkun qed jieħu ħsieb il-każ lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment.

2.3. Petizzjoni li tkun intbagħtet lill-Ombudsman mill-Parlament Ewropew bil-kunsens tal-persuna li tkun għamlet il-petizzjoni titqies bħala lment.

2.4. Fejn xieraq, u bil-kunsens tal-persuna li tkun ippreżentat l-ilment, l-Ombudsman jista' jibgħat ilment lill-Parlament Ewropew sabiex jitqies bħala petizzjoni.

2.5. Fejn xieraq, u bil-kunsens tal-persuna li tkun ippreżentat l-ilment, l-Ombudsman jista' jibgħat ilment lil awtorità kompetenti oħra.

**Artikolu 3**

**L-ammissibiltà ta' lmenti**

3.1. Fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fit-Trattat u fl-Istatut, l-Ombudsman jiddeċiedi jekk ilment jaqax fil-limitu tal-mandat tiegħu u, jekk iva, jekk ikunx ammissibbli; qabel ma jiddeċiedi, jista'

---

[65] Adottata fit-8 ta' Lulju 2002 u emendata permezz tad-deċiżjonijiet tal-Ombudsman tal-5 ta' April 2004 u tat-3 ta' Diċembru 2008.

jitlob lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment sabiex tagħti aktar informazzjoni jew tippreżenta aktar dokumenti.

3.2. Jekk ilment ma jkunx fil-limiti tal-mandat tiegħu, jew jekk ikun inammissibbli, l-Ombudsman jagħlaq il-fajl dwar l-ilment. Jinforma lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment bid-deċiżjoni tiegħu u bir-raġunijiet għala ddeċieda hekk. L-Ombudsman jista' jagħti parir lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment biex tindirizzah lil awtorità oħra.

**Artikolu 4**

**Inkjesti fir-rigward ta' lmenti ammissibbli**

4.1. L-Ombudsman jiddeċiedi jekk ikunux jeżistu raġunijiet biżżejjed li jiġġustifikaw li tinfetaħ inkjesta fir-rigward ta' lment ammissibbli.

4.2. Jekk ma jkunx tal-fehma li jeżistu raġunijiet biżżejjed li jiġġustifikaw inkjesta, l-Ombudsman jarkivja l-fajl dwar l-ilment u jgħarraf lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment b'dan. L-Ombudsman jista' wkoll jinforma lill-istituzzjoni kkonċernata.

4.3. Jekk l-Ombudsman ikun tal-fehma li jeżistu raġunijiet biżżejjed biex jiġġustifikaw inkjesta, għandu jgħarraf lill-persuna li tippreżenta l-ilment u lill-istituzzjoni kkonċeranta. Għandu jibgħat kopja ta' l-ilment lill-istituzzjoni kkonċernata u jistidinha sabiex tippreżenta opinjoni fi żmien stabbilit, li normalment ma jkunx ta' aktar minn tliet xhur. L-istedina lill-istituzzjoni kkonċernata tista' tispeċifika aspetti partikulari ta' l-ilment, jew kwistjonijiet speċifiċi, li għandhom jiġu diskussi fl-opinjoni.

4.4. L-opinjoni m'għandhiex tinkludi tagħrif jew dokumenti li l-istituzzjoni kkonċernata tikkunsidra bħala kunfidenzjali.

4.5. L-istituzzjoni kkonċernata tista' titlob li ċerti partijiet tal-opinjoni tagħha jinkixfu biss lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment. Għandha tidentifika b'mod ċar il-partijiet ikkonċernati u għandha tispjega r-raġuni jew r-raġunijiet għat-talba tagħha.

4.6. L-Ombudsman jibgħat l-opinjoni ta' l-istituzzjoni kkonċernata lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment. Il-persuna li tkun ippreżentat l-ilment tista' tibgħat il-kummenti tagħha lill-Ombudsman, fi żmien stabbilit li normalment ma jkunx ta' aktar minn xahar.

4.7. Jekk jikkunsidra li huwa utli li jagħmel hekk, l-Ombudsman jagħmel inkjesti ulterjuri. Punti 4.3 sa 4.6 japplikaw għal inkjesti ulerjuri, ħlief li l-limitu ta' żmien sabiex tirrispondi l-istituzzjoni kkonċernata normalment huwa ta' xahar.

4.8. Fejn jaħseb li hu xieraq li jagħmel hekk, l-Ombudsman jista' juża proċedura simplifikata, bil-ħsieb li jikseb soluzzjoni fi żmien qasir.

4.9. Meta jkun temm l-inkjesti tiegħu, l-Ombudsman jagħlaq il-każ b'deċiżjoni motivata u jinforma lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment u lill-istituzzjoni kkonċernata.

**Artikolu 5**

**Setgħat ta' investigazzjoni**

5.1. Bla ħsara għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Istatut, l-Ombudsman jista' jitlob lill-istituzzjonijiet jew lill-entitajiet Komunitarji u lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri sabiex jagħtuh, fi żmien raġjonevoli, informazzjoni jew dokumenti biex jintużaw fl-inkjesta. Għandhom jidentifikaw b'mod ċar kwalunkwe tagħrif jew dokumenti li jirrigwardaw bħala kunfidenzjali.

5.2. L-Ombudsman jista' jeżamina l-fajl tal-istituzzjoni kkonċernata. L-istituzzjoni kkonċernata għandha tidentifika b'mod ċar kwalunkwe dokumenti fil-fajl li tirrigwarda bħala kunfidenzjali. L-Ombudsman jista' jikkopja l-fajl sħiħ jew dokumenti partikolari li jinsabu fil-fajl. L-Ombudsman għandu jgħarraf lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment li l-fajl ikun ġie eżaminat.

5.3. L-Ombudsman jista' jitlob lil uffiċjali jew impjegati oħra ta' l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet Komunitarji sabiex jagħtu x-xiehda tagħhom skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Istatut. L-Ombudsman jista' jiddeċiedi li l-persuna li tagħti l-evidenza għandha tagħmel dan fis-segretezza.

5.4. L-Ombudsman jista' jitlob lill-istituzzjonijiet jew lill-entitajiet Komunitarji sabiex jagħmlu arranġamenti biex ikun jista' jagħmel l-inkjesti tiegħu fuq il-post.

5.5. L-Ombudsman jista' jikkummissjona studji jew rapporti mħejjija minn esperti, jekk fil-fehma tiegħu dawn ikunu meħtieġa għas-suċċess ta' l-inkjesta.

**Artikolu 6**

**Soluzzjonijiet bonarji**

6.1. Jekk isib li kien hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman jikkopera, sa fejn jista', ma' l-istituzzjoni kkonċernata sabiex tinstab soluzzjoni bonarja biex jiġi eliminat il-każ ta' amministrazzjoni ħażina u tkun sodisfatta l-persuna li tkun ippreżentat l-ilment.

6.2. Jekk l-Ombusman jidhirlu li din il-koperazzjoni tkun irnexxiet, jista' jagħlaq il-każ billi jagħti deċiżjoni mmotivata. Għandu jgħarraf lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment u lill-istituzzjoni kkonċernata bid-deċiżjoni.

6.3. Jekk fil-fehma ta' l-Ombudsman, ma jkunx possibbli li tinstab soluzzjoni bonarja, jew jekk l-isforz biex tinstab soluzzjoni bonarja jkun falla, l-Ombudsman jista' jew jagħlaq il-każ u jagħti deċiżjoni mmotivata li tista' tinkludi kumment ta' kritika, jew inkella jħejji rapport li fih jagħmel abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet.

**Artikolu 7**

**Kummenti ta' kritika**

7.1. L-Ombudsman jagħmel kumment ta' kritika jekk iħoss:

(a) li ma jkunx aktar possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina u

(b) li l-każ ta' amministrazzjoni ħażina ma jkollu l-edba implikazzjoni ġenerali.

7.2. Meta l-Ombudsman jagħlaq il-każ b'kumment ta' kritika, għandu jgħarraf b'dan lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment u lill-istituzzjoni kkonċernata.

**Artikolu 8**

**Rapporti u rakkomandazzjonijiet**

8.1 L-Ombudsman jikteb rapport li fih jagħmel abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-istituzzjoni kkonċernata jekk iħoss li jew

(a) ikun possibbli għall-istituzzjoni kkonċernata li telimina l-każ ta' amministrazzjoni ħażina, jew

(b) il-każ ta' amministrazzjoni ħażina jkollu implikazzjonijiet ġenerali.

8.2. L-Ombudsman jibgħat kopja tar-rapport u ta' l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-istituzzjoni kkonċernata u lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment.

8.3. L-istituzzjoni kkonċernata tibgħat opinjoni dettaljata lill-Ombudsman fi żmien tliet xhur. L-opinjoni dettaljata tista' tikkonsisti f'aċċettazzjoni tad-deċiżjoni ta' l-Ombudsman u f'deskrizzjoni tal-miżuri li jkunu ttieħdu sabiex jiġi implimentat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni.

8.4. Jekk fil-fehma ta' l-Ombudsman l-opinjoni dettaljata ma tkunx sodisfaċenti, jista' jħejji rapport speċjali lill-Parlament Ewropew fir-rigward tal-każ ta' amministrazzjoni ħażina. Ir-rapport jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet. L-Ombudsman jibgħat kopja tar-rapport lill-istituzzjoni kkonċernata u lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment.

**Artikolu 9**

**Inkjesti li jinfetħu fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman stess**

9.1. L-Ombudsman jista' jiddeċiedi li jiftaħ inkjesti fuq inizjattiva tiegħu stess.

9.2. Is-setgħat ta' investigazzjoni li jgawdi l-Ombudsman waqt li jkun qed jagħmel inkjesta fuq inizjattiva tiegħu stess huma l-istess bħal dawk li jgawdi f'inkjesta li tinfetaħ wara li jkun ġie ppreżentat ilment.

9.3. Il-proċeduri li jiġu segwiti f'inkjesti li jinfetħu wara li jkun ġie ppreżentat ilment japplikaw ukoll, b'mod analoġiku, għal inkjesti li jinfetħu fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman.

**Artikolu 10**

**Proċedura**

10.1. L-Ombudsman jikklassifika lment bħala wieħed kunfidenzjali, jekk ikun mitlub biex jagħmel hekk mill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment. Jekk ikun tal-fehma li jeħtieġ li jiġu mħarsa l-interessi tal-persuna li tkun ippreżentat l-ilment jew ta' terza persuna, l-Ombudsman stess jista' jiddeċiedi li jikklassifika lment bħala wieħed kunfidenzjali.

10.2. Jekk ikun tal-fehma li jkun xieraq li jsir hekk, l-Ombudsman jista' jieħu passi sabiex jiġi żgurat li l-ilment jitqies bħala wieħed prijoritarju.

10.3. Jekk jinfetħu proċeduri legali fir-rigward ta' kwistjonijiet li jkun qed jiġu investigati mill-Ombudsman, l-Ombudsman jagħlaq il-każ. Ir-riżultati ta' kwalunkwe inkjesta li tkun saret sa dak iż-żmien jiġu arkivjati mingħajr ma tittieħed azzjoni ulterjuri.

10.4. L-Ombudsman jgħarraf lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u, jekk hemm bżonn, lil istituzzjoni jew entità Komunitarja, bi kwalunkwe kwistjoni ta' liġi kriminali li hu jista' jkun sar jaf biha waqt inkjesta. L-Ombudsman jista' jgħarraf ukoll lil xi istituzzjoni jew entità Komunitarja b'fatti li, fil-fehma tiegħu, jistgħu jiġġustifikaw proċeduri dixxiplinarji.

**Artikolu 11**

**Rapporti lill-Parlament Ewropew**

11.1. L-Ombudsman jibgħat lill-Parlament Ewropew rapport annwali dwar l-attivitajiet tiegħu b'mod ġenerali, inklużi r-riżultati ta' l-inkjesti tiegħu.

11.2. Minbarra rapporti speċjali mħejjija skond kif stipulat fl-Artikolu 8.4 ta' din id-deċiżjoni, l-Ombudsman jista' jippreżenta lill-Parlament rapporti speċjali oħra li fil-fehma tiegħu jkunu meħtieġa sabiex hu jaqdi d-dmirijiet tiegħu skond it-Trattati u l-Istatut.

11.3. Ir-rapporti annwali u speċjali ta' l-Ombudsman jistgħu jinkludu r-rakkomandazzjonijiet li jidhirlu li jkun xieraq li jagħmel sabiex jaqdi d-dmirijiet tiegħu skond it-Trattati u l-Istatut.

**Artikolu 12**

**Koperazzjoni ma' ombudsmen u korpi simili fl-Istati Membri**

L-Ombudsman jista' jaħdem flimkien ma' ombudsmen u entitajiet simili fl-Istati Membri bil-għan li tiżdied l-effikaċja kemm ta' l-inkjesti tiegħu kif ukoll ta' l-inkjesti li jsiru minn ombudsmen u entitajiet simili fl-Istati Membri u bil-għan li jkun hemm dispożizzjonijiet aktar effettivi għall-ħarsien tad-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini fil-liġi ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ewropea.

**Artikolu 13**

**Id-dritt tal-persuna li tkun ippreżentat l-ilment li tara l-fajl**

13.1. Il-persuna li tkun ippreżentat l-ilment għandha d-dritt li tara l-fajl tal-Ombudsman dwar l-ilment tagħha, soġġett għall-Artikolu 13.3 hawn taħt.

13.2. Il-persuna li tkun ippreżentat l-ilment tista' teżerċita d-dritt li tara l-fajl fuq il-post. Tista' titlob lill-Ombudsman biex jipprovdilha kopja tal-fajl sħiħ, jew ta' dokumenti partikulari fil-fajl.

13.3 Il-persuna li tkun ippreżentat l-ilment m'għandhiex ikollha aċċess għal:

(a) dokumenti jew tagħrif li jinkisbu permezz tal-Artikolu 5.1 jew 5.2 ta' hawn fuq li jkunu ġew identifikati lill-Ombudsman bħala kunfidenzjali;

(b) evidenza li tingħata fis-segretezza skont l-Artikolu 5.3 hawn fuq.

**Artikolu 14**

**Aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-Ombudsman**

14.1. Il-pubbliku għandu jingħata aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-Ombudsman, li mhumiex relatati ma' inkjesti, taħt l-istess kundizzjonijiet u skont l-istess limiti li huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001[66] dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

14.2. Il-pubbliku jista' jitlob aċċess għal dokumenti relatati ma' inkjesti miżmuma mill-Ombudsman, sakemm il-persuna li tippreżenta l-ilment ma tkunx ġiet klassifikata bħala kunfidenzjali skont it-talba tal-persuna li tkun ippreżentat l-ilment, jew mill-Ombudsman skont l-Artikolu 10.1 hawn fuq. M'għandux jingħata aċċess għal:

(a) dokumenti jew tagħrif li jinkisbu permezz tal-Artikolu 5.1 jew 5.2 ta' hawn fuq li jkunu ġew identifikati lill-Ombudsman bħala kunfidenzjali;

(b) evidenza li tingħata fis-segretezza skont l-Artikolu 5.3 hawn fuq;

(c) il-partijiet tal-opinjoni tagħha u t-tweġibiet għal kwalunkwe inkjesti ulterjuri li, skont l-Artikolu 4.5 ta' hawn fuq, l-istituzzjoni kkonċernata talbet li jinkixfu biss lill-persuna li tkun ippreżentat l-ilment. L-applikant għandu jkun infurmat bir-raġuni jew ir-raġunijiet li l-istituzzjoni kkonċernata tkun tat għat-talba tagħha;

---

[66]Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

(d) dokument li l-kxif tiegħu dan ikun jippreġudika l-integrità ta' inkjesta li tkun qed issir.

14.3. It-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti għandhom isiru bil-miktub (ittra, faks jew e-mail) u b'mod preċiż biżżejjed sabiex d-dokument ikun jista' jiġi identifikat.

14.4. L-aċċess jingħata fuq il-post jew billi tingħata kopja. L-Ombudsman jista' jimponi tariffi raġonevoli għall-għoti tal-kopji. Il-metodu ta' kif jiġu kkalkulati t-tariffi jkun spjegat.

14.5. Deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-aċċess pubbliku jittieħdu fi żmien 15-il jum tax-xogħol mid-data tal-wasla tagħhom. F'każijiet eċċezzjonali, il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż b'15-il jum tax-xogħol; l-applikant huwa infurmat bil-quddiem dwar l-estenzjoni u jingħataw raġunijiet dettaljati.

14.6. Jekk talba għall-aċċess għal dokument tiġi rifjutata għal kollox, jew tiġi rifjutata parti minnha, jingħataw raġunijiet għala t-talba ma ntlaqgħetx.

**Artikolu 15**

**Lingwi**

15.1. Ilment jista' jiġi ppreżentat lill-Ombudsman b'waħda mil-lingwi tat-Trattat. L-Ombudsman ma jkunx obbligat jeżamina lmenti ppreżentati b'lingwi oħra.

15.2. Il-lingwa proċedurali ta' l-Ombudsman tkun waħda mil-lingwi tat-Trattat; f'każ ta' lment, il-lingwa li biha jkun inkiteb.

15.3. L-Ombudsman jiddeċiedi liema dokumenti għandhom jinkitbu bil-lingwa proċedurali.

**Artikolu 16**

**Pubblikazzjoni ta' rapporti**

16.1. L-Ombudsman Ewropew għandu jippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali avviżi dwar l-adozzjoni ta' rapporti annwali u speċjali. B'dan il-mod, il-mezzi li permezz tagħhom dawk kollha interessati jkunu jistgħu jkollhom aċċess għat-test sħiħ tad-dokumenti jsiru pubbliċi.

16.2. Kull rapport jew sommarju tad-deċiżjonijiet tal-Ombudsman dwar ilmenti kunfidenzjali jiġi ppubblikat b'mod li l-persuna li tkun ippreżentat l-ilment ma tkunx tista' tiġi identifikata.

**Artikolu 17**

**Dħul fis-seħħ**

17.1. Id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni adottati fis-16 ta' Ottubru 1997 huma mħassra.

17.2. Din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

17.3. Il-President tal-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat dwar l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni. Għandu jiġi ppubblikat ukoll avviż fil-Ġurnal Uffiċjali.

ANNESS XI

## Prevenzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni u ta' kull attività illegali li hi ta' ħsara għall-interessi tal-Kominitajiet

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għall-inkjesti interni fir-rigward tal-prevenzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni u ta' kull attività illegali li hi ta' ħsara għall-interessi tal-Komunitajiet**[67]

Il-Parlament Ewropew

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 199 tiegħu,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u b'mod partikulari l-Artikolu 25 tiegħu,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikolu 112 tiegħu,

wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, b'mod partikulari l-Artikolu 186(c)[68] tagħhom,

Billi:

ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69] u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999[70] dwar l-inkjesti mmexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi jistipulaw li l-Uffiċċju għandu jagħti bidu għal inkjesti amministrattivi u jmexxihom fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-uffiċċji u l-aġenziji stabbiliti minn jew fuq il-bażi tat-Trattat tal-KE jew tat-Trattat Euratom;

Ir-responsabbiltà ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, kif stabbilita mill-Kummissjoni, tmur lil hinn mill-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji u tinkludi l-attivitajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-bżonn li jitħarsu l-interessi tal-Komunità minn imġieba irregolari li tista' twassal biex jittieħdu proċeduri amministrattivi jew kriminali;

L-għan tal-ġlieda kontra l-frodi għandu jitwessa' u l-effikaċja ta' din il-ġlieda tista' tittejjeb billi tintuża l-kompetenza eżistenti fil-qasam ta' l-inkjesti amministrattivi;

B'hekk bis-saħħa ta' l-awtonomija amministrattiva tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-uffiċċji u l-aġenziji kollha għandhom jafdaw it-tmexxija ta' inkjesti amministrattivi interni f'idejn l-Uffiċċju, bil-għan li jinkixfu sitwazzjonijiet serji fir-rigward tal-qadi ta' dmirijiet professjonali, li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi ta' uffiċjali u impjegati tal-Komunitajiet, kif stipulat fit-tieni u t-tielet paragrafi ta' l-Artikoli 11 u 12, kif ukoll fl-Artikoli 13, 14, 16 u fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 17 tar-Regolamenti ta' l-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Reklutaġġ ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa 'l quddiem imsejħa 'Regolamenti tal-Persunal'), li jkunu ta' ħsara għall-interessi tal-Komunitajiet ikkonċernati u li jistgħu jwasslu għal proċeduri dixxiplinari jew, fejn japplika, għal proċeduri kriminali, jew li jistgħu jirriżultaw f'imġieba ħażina gravi, kif stipulat fl-Artikolu 22 tar-Regolamenti ta' l-Istaff, jew anke f'nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi analogi tal-Membri tal-Persunal tal-Parlament Ewropew li m'humiex soġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal;

---

[67] Adotatta fit-18 ta' Novembru 1999.
[68] Issa Artikolu 230(c).
[69] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.
[70] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8.

Dawn l-inkjesti għandhom jitmexxew b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikulari mal-Protokoll dwar privileġġi u immunitajiet, mat-testi li jimplimentaw dawn it-Trattati u mar-Regolamenti tal-Persunal;

Il-kundizzjonijiet li jirregolaw it-tmexxija ta' dawn l-inkjesti għandhom jitmexxew taħt l-istess kundizzjonijiet fl-istituzzjonijiet, fil-korpi u fl-uffiċċji u fl-aġenziji kollha tal-Komunità; l-assenjar ta' din il-biċċa tax-xogħol lill-Uffiċċju m'għandhiex taffettwa r-responsabbiltajiet ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji fihom innifishom, u bl-ebda mod m'għandha tnaqqas il-protezzjoni legali tal-persuni kkonċernati;

Sakemm issir l-emenda tar-Regolamenti tal-Persunal, għandhom jitħejjew arranġamenti prattiċi li jistipulaw kif il-membri ta' l-istituzzjonijiet u l-entitajiet, il-ġesturi ta' l-uffiċċji u l-aġenziji u l-uffiċjali u mpjegati ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-uffiċċji u l-aġenziji għandhom jikkoperaw biex l-inkjesti interni jitmexxew bla xkiel,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

**Artikolu 1**

**Id-dmir li wieħed jikkopera ma' l-Uffiċċju**

Is-Segretarju Ġenerali, is-servizzi u kull uffiċjal jew impjegat tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu mistennija li jikkoperaw f'kollox ma' l-aġenti ta' l-Uffiċċju u li jipprovdu l-għajnuna meħtieġa għall-inkjesta. Għal dan il-għan, għandhom jagħtu lill-aġenti ta' l-Uffiċċju kull informazzjoni u kull spjegazzjoni li jistgħu jkunu utli.

Il-Membri għandhom jikkoperaw ma' l-Uffiċċju f'kollox, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikulari tal-Protokoll dwar privileġġi u immunitajiet, u tat-testi li jimplimentaw dawn it-Trattati.

**Artikolu 2**

**Id-dmir li wieħed jipprovdi l-informazzjoni**

Kull uffiċjal jew impjegat tal-Parlament Ewropew li jsir jaf bi provi li jġiegħluh jissoponi l-possibilità ta' każ ta' frodi, ta' korruzzjoni jew ta' kwalunkwe attività illegali li tkun ta' ħsara għall-interessi tal-Komunitajiet, jew ta' sitwazzjonijiet serji fir-rigward tal-qadi ta' dmirijiet professjonali, li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi ta' uffiċjali jew impjegati tal-Komunitajiet jew ta' persunal li mhux soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal, u li jistgħu jwasslu għal proċeduri dixxiplinari jew, f'ċerti każi għal proċeduri kriminali, għandu jgħarraf mill-ewwel lill-Kap tas-Servizz jew lid-Direttur Ġenerali, jew, jekk iqis li dan ikun utli, lis-Segretarju Ġenerali jew direttament lill-Uffiċċju, jekk il-każ ikun jinvolvi uffiċjal, impjegat jew membru tal-persunal li mhux soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal. F'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligi analogi tal-Membri għandu javża lill-President tal-Parlament Ewropew.

Il-President, is-Segretarju Ġenerali, id-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizzi tal-Parlament Ewropew għandhom mill-ewwel jgħaddu lill-Uffiċċju kull evidenza li jiltaqgħu magħha li ġġegħilhom jissoponu li jkun hemm xi forma ta' irregolarità, kif imsemmi fl-ewwel paragrafu.

Uffiċjali jew impjegati tal-Parlament Ewropew m'għandhom bl-ebda mod ibatu minn trattament inġust jew diskriminatorju minħabba li jkunu kkomunikaw l-informazzjoni li jirreferu għaliha l-ewwel u t-tieni paragrafi.

Membri li jiksbu tagħrif dwar fatti bħall-fatti msemmija fl-ewwel paragrafu, għandhom jinfurmaw lill-President tal-Parlament, u jekk iqisu li dan ikun utli, lill-Uffiċċju direttament.

Dan l-artikolu japplika bla ħsara għall-kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità stipulati fil-liġi jew fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

**Artikolu 3**

**Għajnuna mill-Uffiċċju tas-Sigurtà**

Fuq it-talba tad-Direttur ta' l-Uffiċċju, l-uffiċjal tal-Parlament Ewropew responsabbli mis-sigurtà għandu jgħin lill-Uffiċċju fit-tmexxija prattika ta' l-inkjesti.

**Artikolu 4**

**Immunità u d-dritt li wieħed jirrifjuta li jixhed**

Ir-regoli dwar l-immunità parlamentari tal-Membri u d-dritt li wieħed jirrifjuta li jixhed ma jinbidlux.

**Artikolu 5**

**Informazzjoni tal-parti kkonċernata**

Meta tkun kwestjoni li Membru, uffiċjal jew impjegat jkun possibilment implikat, il-parti kkonċernata għandha tiġi mgħarrfa malajr, kemm-il darba dan ma jkunx ta' ħsara għall-inkjesta. F'kull każ, konklużjonijiet li jsemmu Membru, uffiċjal jew impjegat tal-Parlament Ewropew b'isimhom ma jistgħux jitressqu meta tingħalaq l-inkjesta, jekk il-parti kkonċernata ma tkunx ingħatat l-opportunità li tesprimi l-fehma tagħha dwar il-fatti kollha li jaffettwawha.

F'każi li jitolbu s-segretezza assoluta għall-finijiet ta' l-inkjesta u li jeħtieġu l-użu ta' proċeduri investigattivi li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' awtorità ġudizzjali nazzjonali, l-obbligazzjoni li l-Membru, l-uffiċjal jew l-impjegat tal-Parlament Ewropew jiġu mistiedna li jagħtu l-opinjoni tagħhom tista' tiġi differita bil-qbil tal-President fil-każ ta' Membru, jew tas-Segretarju Ġenerali fil-każ ta' uffiċjal jew impjegat.

**Artikolu 6**

**Informazzjoni dwar l-għeluq ta' inkjesta mingħajr ma' tittieħed azzjoni oħra**

Jekk, wara inkjesta interna, l-ebda akkuża ma tkun tista' ssir kontra Membru, uffiċjal jew impjegat tal-Parlament Ewropew, li kontrihom ikunu saru xi allegazzjonijiet, l-inkjesta interna li tikkonċernah għandha tingħalaq kompletament, b'deċiżjoni tad-Direttur ta' l-Uffiċċju li għandu jinforma bil-miktub lill-parti kkonċernata.

**Artikolu 7**

**Revoka ta' l-immunità**

Kull talba mill-pulizija nazzjonali jew minn awtorità ġudizzjali għar-revoka ta' l-immunità minn proċeduri legali ta' uffiċjal jew ta' impjegat tal-Parlament Ewropew f'dak li għandu x'jaqsam ma' każi possibbli ta' frodi, korruzzjoni jew attivitajiet illegali oħra, għandha tiġi kkomunikata lid-Direttur ta' l-Uffiċċju biex jagħti opinjoni. Jekk talba għar-revoka ta' l-immunità tikkonċerna Membru tal-Parlament Ewropew, l-Uffiċċju għandu jiġi infurmat.

**Artikolu 8**

**Data effettiva**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha mill-Parlament Ewropew.

ANNESS XII

# Ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni, kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE

**Informazzjoni lill-Parlament Ewropew**

1. Skond l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE[71], il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat mill-Kummissjoni dwar il-proċedimenti tal-kumitati [72] fuq bażi regolari skond l-arranġamenti li jiżguraw li s-sistema ta' l-għoti ta' l-informazzjoni hija trasparenti u effiċjenti u li l-informazzjoni mibgħuta u l-bosta stadji tal-proċedura ikunu identifikati. Għal dak il-għan, huwa għandu jirċievi, fl-istess waqt mal-membri tal-kumitati u bl-istess kondizzjonijiet, l-abbozz ta' l-aġendi tal-laqgħat tal-kumitati, l-abbozz tal-miżuri ta' l-implimentazzjoni mressqa quddiem dawk il-kumitati skond l-istrumenti bażiċi adottati bil-proċedura prevista fl-Artikolu 251 tat-Trattat, u r-riżultati tal-votazzjoni u r-rekords sommarji tal-laqgħat u l-listi ta' l-awtoritajiet li għalihom jappartjenu l-persuni nominati mill-Istati Membri biex jirrappreżentawhom.

**Reġistru**

2. Il-Kummissjoni se toħloq reġistru li jkun fih id-dokumenti kollha li ġew imressqa lill-Parlament Ewropew[73]. Il-Parlament Ewropew ser ikollu aċċess dirett għal dan ir-reġistru. Skond l-Artikolu 7(5) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, ir-referenzi kollha mibgħuta lill-Parlament Ewropew se jsiru pubbliċi.

3. Skond l-impenji meħuda mill-Kummissjoni fl-istqarrija tagħha dwar l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE[74], u ladarba jsiru l-arranġamenti tekniċi xierqa, ir-reġistru msemmi fil-paragrafu 2 se jippermetti, b'mod partikolari:

– l-identifikazzjoni ċara tad-dokumenti li jaqgħu taħt l-istess proċedura u kwalunkwe tibdil fil-miżura ta' l-implimentazzjoni f'kull stadju tal-proċedura;

– l-indikazzjoni ta' l-istadju tal-proċedura u ż-żmien skedat;

– distinzjoni ċara bejn l-abbozz ta' miżuri li l-Parlament Ewropew u l-membri tal-kumitati rċevew fl-istess waqt f'konformità mad-dritt għall-informazzjoni, u l-abbozz finali li jitfassal wara li tintbagħat l-opinjoni tal-kumitat lill-Parlament Ewropew;

– l-identifikazzjoni ċara ta' kull modifika meta mqabbla ma' dokumenti diġà mressqa lill-Parlament Ewropew.

4. Meta, wara perjodu tranżitorju li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jikkonkludu li s-sistema tiffunzjona u hi sodisfaċenti, it-trasmissjoni tad-dokumenti lill-Parlament Ewropew għandu jseħħ permezz ta' notifika elettronika li jkun fiha link għar-reġistru kif stabbilit fil-paragrafu 2. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed permezz ta'

[71] ĠU L 184, 17.7. 1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).
[72] F'dan il-Ftehim kollu, il-kelma "kumitat" se tirreferi għall-kumitati stabbiliti skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE, ħlief fejn hu speċifikat li hemm referenza għal kumitat ieħor.
[73] Id-data stabbilita għall-ħolqien tar-reġistru hija l-31 ta' Marzu 2008.
[74] ĠU C 171, 22.7.2006, p. 21.

skambju ta' ittri bejn il-presidenti taż-żewġ istituzzjonijiet. Waqt il-perjodu tranżitorju, id-dokumenti għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew bħala anness fil-posta elettronika.

5. Barra minn hekk, il-Kummissjoni taqbel li tibgħat lill-Parlament Ewropew, għal finijiet ta' informazzjoni, fuq it-talba tal-kumitat parlamentari responsabbli, abbozzi ta' miżuri speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' strumenti bażiċi li, għalkemm mhux adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, ikunu ta' importanza partikolari għall-Parlament Ewropew. Dawn il-miżuri għandhom jiddaħħlu fir-reġistru kif stabbilit fil-paragrafu 2 flimkien ma' notifika tagħhom lill-Parlament Ewropew.

6. Barra mir-rekords sommarji msemmija f'paragrafu 1, il-Parlament Ewropew jista' jitlob aċċess għall-minuti tal-laqgħat tal-kumitat[75]. Il-Kummissjoni għandha teżamina kull talba każ b'każ u timxi mar-regoli tal-kunfidenzjalità stabbiliti fl-Anness 1 tal-Ftehim ta' Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni[76].

**Dokumenti kunfidenzali**

7. Id-dokumenti kunfidenzjali għandhom jiġu pproċessati skond il-proċeduri amministrattivi interni mħejjija minn kull istituzzjoni bil-għan li jiġu provduti l-garanziji kollha meħtieġa.

**Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew skond l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE**

8. Skond l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Parlament Ewropew jista' jindika, f'riżoluzzjoni li tagħti r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata, li l-abbozz tal-miżuri ta' l-implimentazzjoni ta' strument bażiku, adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, jeċċedi s-setgħat ta' implimentazzjoni stabbiliti f'dak l-istrument bażiku.

9. Il-Parlament Ewropew għandu jadotta dawn ir-riżoluzzjonijiet skond ir-Regoli ta' Proċedura tiegħu; huwa għandu jkollu perjodu ta' xahar biex jagħmel dan, li jibda jgħodd mid-data li fiha jirċievi l-abbozz finali tal-miżuri ta' l-implimentazzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi mressqa lill-membri tal-kumitat ikkonċernat.

10. Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jaqblu li jkun xieraq li jiġi stabbilit limitu ta' żmien iqsar fuq bażi permanenti għal xi tipi ta' miżuri ta' implimentazzjoni urġenti li fuqhom trid tittieħed deċiżjoni fi żmien iqsar sabiex ikun hemm tmexxija tajba. Dan japplika b'mod partikolari għal ċerti tipi ta' miżuri ta' azzjoni esterna, fosthom l-għajnuna umanitarja u dik ta' emerġenza, il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà, is-sigurtà u s-sikurezza tat-trasport u l-eżenzjonijiet mir-regoli ta' l-akkwist pubbliku. Ftehim bejn il-Membru tal-Kummissjoni u ċ-Chairperson tal-kumitat parlamentari responsabbli se tistabbilixxi t-tipi ta' miżuri kkonċernati u l-limiti ta' żmien applikabbli. Dan il-ftehim jista' jiġi rrevokat fi kwalunkwe ħin miż-żewġ partijiet.

11. Mingħajr preġudizzju għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 10, il-limitu ta' żmien se jkun iqsar għall-każijiet urġenti u fil-każ ta' miżuri marbuta ma' kwistjonijiet amministrativi ta' kuljum u/jew li jkollhom perjodu limitat ta' validità. Il-limitu ta' żmien jista' jkun qasir ħafna f'każi tassew urġenti, b'mod partikolari għal raġunijiet ta' saħħa pubblika. Il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għandu jistabbilixxi limitu ta' żmien addattat u jiddikjara r-raġuni għal dak il-limitu ta' żmien. F'każijiet bħal dawn il-Parlament Ewropew jista' juża proċedura fejn l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE tiġi ddelegata lill-kumitat parlamentari responsabbli, li jista' jibgħat risposta lill-Kummissjoni fil-limitu taż-żmien relevanti.

12. Is-servizzi tal-Kummissjoni se javżaw b'mod informali lis-segretarjat tal-kumitat jew kumitati parlamentari responsabbli kkonċernat/i, hekk kif jipprevedu li l-abbozz ta' miżuri

[75] Ara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tad-19 ta' Lulju 1999 il-Każ T188/97 *Rothmans v il-Kummissjoni* [1999] ECR II-2463**.**

[76] ĠU C 117 E, 18.5.2006, p. 123.

msemmija f'paragrafu 10 u 11 jistgħu jkunu tressqu diġà lil xi kumitat. Hekk kif l-abbozz inizjali ta' miżuri jitressqu lill-membri tal-kumitat, is-servizzi tal-Kummissjoni se jinnotifikaw lis-segretarjat tal-kumitat jew kumitati parlamentari dwar l-urġenza tagħhom u dwar il-limiti ta' żmien li se japplikaw ladarba jitressaq l-abbozz finali.

13. Wara l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew ta' riżoluzzjoni, msemmija f'paragrafu 8, jew risposta kif imsemmi fil-paragrafu 11, il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għandu jinforma lill-Parlament Ewropew jew, fejn xieraq, lill-kumitat parlamentari responsabbli, bl-azzjoni li l-Kummissjoni tkun bi ħsiebha tieħu dwarha.

14. Id-data relatata mal-paragrafi 10 u 13 se tiddaħħal fir-reġistru.

**Il-proċedura regolatorja bi skrutinju**

15. Fejn tapplika l-proċedura regolatorja bi skrutinju, u wara l-vot tal-kumitat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-limiti ta' żmien applikabbli. Suġġett għall-paragrafu 16, dawn il-limiti ta' żmien jibdew jiskorru biss ladarba l-Parlament Ewropew jirċievi l-verżjonijiet lingwistiċi kollha.

16. Fejn japplikaw limiti ta' żmien iqsar (Artikolu 5a(5)(b) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE) u f'każijiet urġenti (Artikolu 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE), il-limiti ta' żmien se jibdew japplikaw mid-data meta l-Parlament Ewropew jirċievi l-abbozz finali tal-miżuri ta' l-implimentazzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi mgħoddija lill-membri tal-kumitat, sakemm ma joġġezzjonax iċ-Chairperson tal-kumitat parlamentari. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni se tagħmel ħilitha biex tressaq il-verżjonijiet lingwistiċi kollha lill-Parlament Ewropew mill-aktar fis possibbli. Is-servizzi tal-Kummissjoni se javżaw b'mod informali lis-segretarjat tal-kumitat jew kumitati parlamentari responsabbli kkonċerna/ti, hekk kif jiprrevedu li l-abbozz ta' miżuri msemmija f'Artikolu 5a(5)(b) jew 6 jistgħu jkunu diġà tressqu lil xi kumitat.

**Is-servizzi finanzjarji**

17. Skond l-istqarrija tagħha stess dwar l-Artikolu 7(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-Kummissjoni timpenja ruħha li fis-servizzi finanzjarji:

- tiżgura li l-uffiċjal tal-Kummissjoni li jkun qed jippresjedi laqgħa tal-kumitat jinforma lill-Parlament Ewropew, jekk dan jitlob hekk, wara kull laqgħa dwar dibattiti li jikkonċernaw l-abbozz ta' miżuri ta' implimentazzjoni li ngħataw lil dak il-kumitat;
- tagħti risposta orali jew bil-miktub għal kull mistoqsija marbuta mad-diskussjonijiet dwar l-abbozz ta' miżuri ta' l-implimentazzjoni li ngħata lil xi kumitat.

Fl-aħħar il-Kummissjoni se tiżgura li jiġu rrispettati l-impenji meħuda waqt is-seduta plenarja tal-Parlament tal-5 ta' Frar 2002[77] u li ġew affermati mill-ġdid fis-seduta plenarja tal-31 ta' Marzu 2004[78] kif ukoll dawk l-impenji msemmija fil-punti 1 sa 7 ta' l-ittra tat-2 ta' Ottubru 2001[79] mill-Kummissarju Bolkestein liċ-Chairperson tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew meħuda fir-rigward tas-settur tas-servizzi finanzjarji kollu (fosthom titoli, banek, assigurazzjoni, pensjonijiet u l-kontabilità).

---

[77]ĠU C 284 E, 21.11.2002, p. 19.

[78]ĠU 103 E, 29.4.2004, p. 446 u Rapport Verbatim tal-Proċedimenti (CRE) tas-seduta plenarja tal-Parlament tal-31 ta' Marzu 2004, taħt 'Vot'.

[79]ĠU C 284 E, 21.11.2002, p. 83.

**Kalendarju tax-xogħol parlamentari**

18. Meta tibgħat abbozz ta' miżuri ta' implimentazzjoni skond dan il-Ftehim, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-perjodi ta' meta l-Parlament Ewropew jagħlaq għall-vaganzi (xitwa, sajf u elezzjonijiet Ewropej) sabiex ikun assigurat li l-Parlament ikun jista' jeżerċita l-prerogattivi tiegħu fil-limiti ta' żmien stipulati fid-Deċiżjoni 1999/468/KE u f'dan il-Ftehim, bl-eċċezzjoni ta' fejn japplikaw limiti iqsar ta' żmien jew f'każijiet urġenti, kif ġej:

**Kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni**

19. Iż-żewġ istituzzjonijiet jesprimu r-rieda tagħhom li jgħinu lill-xulxin sabiex tiġi żgurata kooperazzjoni sħiħa meta jiġu indirizzati miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi. Għal dan il-għan, se jiġu stabbiliti l-kuntatti xierqa fil-livell amministrattiv.

**Ftehim Preċedenti**

20. Il-Ftehim tas-sena 2000 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE[80] jiġi hawnhekksostitwit. Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jqisu li l-ftehim li ġejjin ġew sorpassati u għalhekk m'għandhom ebda effett safejn huma kkonċernati huma stess: il-Ftehim Plumb/Delors ta' l-1988, il-Ftehim Samland/Williamson ta' l-1996 u l-*modus vivendi* ta' l-1994[81].

[80]ĠU L 256, 10.10.2000, p. 19.
[81]ĠU C 102, 4.4.1996, p. 1.

## ANNESS XIII

## Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet rivedut bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea[82]

Il-Parlament Ewropew [83] u l-Kummissjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem "iż-żewġ Istituzzjonijiet"),

– wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), partikolarment l-Artikolu 295 tiegħu, u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (minn issa 'l quddiem "it-Trattati"),

– wara li kkunsidraw il-Ftehimiet Inter-istituzzjonali u t-testi li jkopru r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ istituzzjonijiet,

– wara li kkunsidraw ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament[84], u b'mod partikolari l-Artikoli 105, 106 u 127[85] tagħhom u l-Annessi VIII u XIV[86] għalihom,

– wara li kkunsidraw il-linji gwida politiċi maħruġin, u l-istqarrijiet rilevanti magħmulin, mill-President elett tal-Kummissjoni fil-15 ta' Settembru 2009 u fid-9 ta' Frar 2010 kif ukoll l-istqarrijiet magħmulin minn kull wieħed mill-kandidati Membri tal-Kummissjoni waqt is-seduti ta' smigħ tagħhom quddiem il-kumitati tal-Parlament Ewropew;

A. billi t-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni ta' l-Unjoni,

B. billi ż-żewġ istituzzjonijiet jagħtu l-ikbar importanza lit-traspożizzjoni effettiva u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni,

C. billi dan il-Qafas ta' Ftehim ma jaffettwax il-poteri u l-prerogattivi tal-Parlament, il-Kummissjoni jew istituzzjoni oħra jew korp ta' l-Unjoni, imma jfittex li jiżgura li dawk il-prerogattivi jiġu eżerċitati bl-iżjed mod effettiv u trasparenti possibbli,

D. billi dan il-Ftehim Qafas għandu jkun interpretat b'konformità mal-qafas istituzzjonali hekk kif organizzat mit-Trattati,

E. billi l-Kummissjoni tqis kif jistħoqq l-irwoli rispettivi mogħtija mit-Trattati lill-Parlament u lill-Kunsill, b'mod partikolari b'riferiment għall-prinċipju bażiku ta' trattament indaqs stipulat taħt il-punt 9,

F. billi huwa xieraq li jiġi emendat il-Qafas ta' Ftehim konkluż f'Mejju 2005[87] u għandu jinbidel bit-test li ġej,

jaqblu kif ġej:

---

[82] ĠU L 304 20.11.2010, p. 47.
[83] Deċiżjoni tal-Parlament tal-20 ta' Ottubru 2010.
[84] ĠU L 44, 15.2.2005, p. 1.
[85] Issa l-Artikoli 117, 118 u 140.
[86] Issa l-Annessi VII u XIII.
[87] ĠU C 117E, 18.5.2006, p. 125.

## I. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1. Bil-għan li tiġi riflessa aħjar is-"sħubija speċjali" l-ġdida bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, iż-żewġ Istituzzjonijiet jaqblu fuq il-miżuri li ġejjin biex isaħħu r-responsabbiltà u l-leġittimità politika tal-Kummissjoni, biex jestendu d-djalogu kostruttiv u biex itejbu l-iskambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ Istituzzjonijiet, kif ukoll biex itejbu l-kooperazzjoni fil-proċeduri u fl-ippjanar.

Jaqblu wkoll fuq dispożizzjonijiet speċifiċi:

– dwar laqgħat tal-Kummissjoni mal-esperti nazzjonali, kif inhu stipulat fl-Anness 1;

– dwar il-preżentazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali lill-Parlament, kif inhu stipulat fl-Anness 2;

– dwar in-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, kif inhu stipulat fl-Anness 3; u

– dwar l-iskeda tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, kif inhu stipulat fl-Anness 4.

## II. RESPONSABBILTÀ POLITIKA

2. Wara n-nomina tiegħu mill-Kunsill Ewropew, il-President nominat tal-Kummissjoni jippreżenta lill-Parlament linji gwida politiċi għall-mandat tiegħu bil-għan li jippermettu li jsir skambju infurmat ta' opinjonijiet mal-Parlament qabel ma dan jieħu l-vot dwar l-elezzjoni.

3. Il-Parlament, b'konformità mal-Artikolu 106[88] tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, għandu jikkomunika mal-President-elett tal-Kummissjoni f'ħin xieraq qabel il-ftuħ tal-proċeduri relatati mal-approvazzjoni tiegħu għall-Kummissjoni l-ġdida. Il-Parlament għandu jqis kummenti espressi mill-President-elett.

Il-Membri nominati tal-Kummissjoni għandhom jiżguraw li jagħtu t-tagħrif rilevanti kollu, bi qbil mal-obbligu ta' indipendenza stabbilit fl-Artikolu 245 TFUE.

Il-proċeduri għandhom jitfasslu b'tali mod li jkun żgurat li l-Kummissjoni nominata kollha tkun evalwata b'mod miftuħ, ġust u konsistenti.

4. Kull Kummissarju għandu jerfà responsabbiltà politika għal azzjoni fl-oqsma li jkun responsabbli għalihom, bla ma jagħmel ħsara lill-prinċipju tal-kulleġġjalità tal-Kummissjoni.

Hija r-responsabbiltà sħiħa tal-President tal-Kummissjoni li jidentifika kull kunflitt ta' interess li jimpedixxi Kummissarju milli jaqdi dmirijietu.

Il-President tal-Kummissjoni huwa wkoll responsabbli għal kull azzjoni sussegwenti meħuda f'tali ċirkustanzi u għandu immedjatament javża bil-miktub lill-President tal-Parlament..

Il-parteċipazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni fil-kampanji elettorali hija regolata mill-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji.

Il-Membri tal-Kummissjoni li jipparteċipaw f'kampanji elettorali bħala kandidati fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għandhom jieħu leave mingħajr ħlas għall-elezzjonijiet b'effett mit-tmiem tal-aħħar sessjoni parzjali qabel l-elezzjonijiet.

---

[88] Ara l-Artikolu 118.

Il-President tal-Kummissjoni għandu jgħarraf lill-Parlament f'ħin xieraq bid-deċiżjoni tiegħu li jagħti dan il-leave, filwaqt li jindika liema Membru tal-Kummissjoni se jassumi r-responsabbiltajiet rilevanti għal dak il-perjodu ta' leave.

5. Jekk il-Parlament jitlob lill-President tal-Kummissjoni jirtira l-fiduċja lil xi Membru individwali tal-Kummissjoni, huwa jeżamina serjament jekk għandux jitlob ir-riżenzja ta' dak il-Membru, skont l-Artikolu 17(6) TUE. Il-President għandu jitlob ir-riżenja ta' dak il-Membru jew jispjega quddiem il-Parlament iċ-ċaħda tiegħu li jagħmel dan fis-sessjoni parzjali ta' wara.

6. Meta tqum il-ħtieġa li Membru tal-Kummissjoni jinbidel waqt il-mandat tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 246 TFUE, il-President tal-Kummissjoni jeżamina serjament ir-riżultat tal-konsultazzjoni tal-Parlament qabel ma jagħti l-kunsens tiegħu għad-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Parlament għandu jassigura li l-proċeduri tiegħu jitmexxew b'ħeffa, sabiex jippermettu li l-President tal-Kummissjoni jeżamina serjament l-opinjoni tal-Parlament qabel ma jinħatar il-Membru l-ġdid.

Bl-istess mod, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 246 TFUE, meta ż-żmien li jkun fadal għall-mandat tal-Kummissjoni jkun qasir, il-President tal-Kummissjoni jrid jeżamina serjament il-pożizzjoni tal-Parlament.

7. Jekk il-President tal-Kummissjoni jkun biħsiebu jbiddel l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet fost il-Membri tal-Kummissjoni matul il-mandat tagħha skont l-Artikolu 248 TFUE, għandu jgħarraf lill-Parlament f'ħin xieraq għall-konsultazzjoni parlamentari rilevanti fir-rigward ta' dan it-tibdil. Id-deċiżjoni tal-President li jbiddel l-allokazzjoni tal-portafolli jista' jkollha effett minnufih.

8. Kull meta l-Kummissjoni tressaq reviżjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Kummissarji dwar kunflitt ta' interess jew imġiba etika, għandha titlob l-opinjoni tal-Parlament.

## III. DJALOGU KOSTRUTTIV U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

### (i) Disposizzjonijiet ġenerali

9. Il-Kummissjoni tiggarantixxi li tapplika l-prinċipju bażiku ta' trattament indaqs għall-Parlament u għall-Kunsill, speċjalment f'dak li huwa aċċess għal-laqgħat u l-għoti ta' kontributi u tagħrif ieħor, b'mod partikolari fi kwistjonijiet leġislattivi u baġitarji.

10. Fi ħdan il-kompetenzi tagħha, il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri biex tinvolvi aħjar il-Parlament b'tali mod li tqis kemm jista' jkun il-fehmiet tal-Parlament fil-qasam tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni.

11 Għandhom isiru għadd ta' arranġamenti kif ġej biex tiġi implimentata s-"sħubija speċjali" bejn il-Parlament u l-Kummissjoni:

– il-President tal-Kummissjoni jiltaqa' mal-Konferenza tal-Presidenti fuq talba tal-Parlament, mhux inqas minn darbtejn fis-sena biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' interess komuni;

– il-President tal-Kummissjoni jkollu djalogu regolari mal-President tal-Parlament dwar kwistjonijiet orizzontali fundamentali u proposti leġislattivi ewlenin. Dan id-djalogu għandu jinkludi wkoll stediniet lill-President tal-Parlament biex jattendi laqgħat tal-Kulleġġ tal-Kummissarji;

– il-President tal-Kummissjoni jew il-Viċi President responsabbli mir-relazzjoni interistituzzjonali għandu jkun mistieden jattendi l-laqgħat tal-Konferenza

tal-Presidenti u l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati meta jiġu diskussi kwistjonijiet speċifiċi relatati mat-tfassil tal-aġenda għas-sessjoni plenarja, mar-relazzjonijiet interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-Kummissjoni u ma' kwistjonijiet leġislattivi u baġitarji;

– għandhom isiru laqgħat kull sena bejn il-Konferenza tal-Presidenti u l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati u l-Kulleġġ tal-Kummissarji sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet rilevanti, inklużi t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma;

– il-Konferenza tal-Presidenti u l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fi żmien xieraq bir-riżultati tad-diskussjonijiet tagħhom li jkollhom dimensjoni interistituzzjonali. Barra minn hekk il-Parlament għandu jżomm il-Kummissjoni mgħarrfa bis-sħiħ u regolarment dwar l-eżitu tal-laqgħat li jittrattaw it-tħejjija tas-sessjonijiet parzjali, billi jqis il-fehmiet tal-Kummissjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-punt 45;

– Bil-għan li jiġi garantit skambju ta' tagħrif rilevanti bejn iż-żewġ Istituzzjonijiet, is-Segretarji Ġenerali tal-Parlament u tal-Kummissjoni għandhom jiltaqgħu fuq bażi regolari.

12. Kull Kummissarju jrid jiżgura li jkun hemm skambju regolari u dirett ta' tagħrif bejn il-Kummissarju u l-Presidenti tal-kumitat parlamentari relevanti.

13. Il-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel pubblika xi proposta leġislattiva jew xi inizjattiva jew deċiżjoni sinifikanti qabel ma tavża lill-Parlament bil-miktub.

Iż-żewġ Istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw minn qabel, bi ftehim komuni, fuq bażi tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni , l-inizjattivi ewlenin li għandhom jiġu ppreżentati fis-sessjoni plenarja. Bħala prinċipju, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tippreżenta dawn l-inizjattivi waqt is-sessjoni plenarja u biss wara dan lill-pubbliku.

Bl-istess mod, għandhom jidentifikaw dawk il-proposti u l-inizjattivi li għalihom hemm bżonn jiġi ppreżentat tagħrif quddiem il-Konferenza tal-Presidenti, jew billi jiġi mgħarraf b'mod xieraq il-kumitat parlamentari relevanti jew il-president tiegħu.

Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fil-qafas tad-djalogu regolari bejn iż-żewġ Istituzzjonijiet, kif inhu stipulat fil-punt 11, u għandhom jiġu aġġornati fuq bażi regolari billi jitqiesu kwalunkwe żviluppi politiċi.

14. Jekk dokument intern tal-Kummissjoni - li dwaru l-Parlament ma kienx avżat skont dan il-Ftehim Qafas - jiċċirkola barra mill-Istituzzjonijiet, il-President tal-Parlament jista' jitlob li d-dokument konċernat jintbagħat lill-Parlament mingħajr dewmien ħalli jgħaddih lil kull Membru tal-Parlament li jsaqsi għalih.

15. Il-Kummissjoni tipprovdi kull tagħrif u dokumentazzjoni dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, inklużi liġijiet li ma jorbtux u atti delegati. Il-Kummissjoni, f'każ li tintalab tagħmel dan mill-Parlament, tista' wkoll tistieden l-esperti tal-Parlament biex jattendu għal dawk il-laqgħat.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma stipulati fl-Anness I.

16. Fi żmien tliet xhur wara l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni parlamentari, il-Kummissjoni għandha tipprovdi tagħrif bil-miktub lill-Parlament dwar l-azzjoni meħuda bħala tweġiba għal talba speċifika indirizzata lilha mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament, inkluż f'każijiet fejn ma setgħatx tieħu

azzjoni skont il-fehmiet tiegħu. F'każ li t-talba tkun urġenti, dak il-perjodu jista' jitqassar. Jista' jiġi prorogat b'xahar meta t-talba tkun teħtieġ ħidma aktar eżawrjenti u meta din tkun debitament kif jistħoqq. Il-Parlament għandu jiżgura ruħu li dan it-tagħrif jinxtered b'mod wiesa' mal-istituzzjoni.

Il-Parlament għandu jagħmel ħiltu biex jevita li jagħmel mistoqsijiet bil-fomm jew bil-miktub dwar kwistjonijiet li dwarhom il-Kummissjoni tkun diġà għarrfet lill-Parlament dwar il-pożizzjoni tagħha permezz ta' komunikazzjoni ta' segwitu bil-miktub.

Il-Kummissjoni għandha tintrabat li tirrapporta dwar is-segwitu konkret li jkun ingħata lil kwalunkwe talba għal preżentazzjoni ta' proposta skont l-Artikolu 225 TFUE (rapport ta' inizjattiva leġislattiva) fi żmien tliet xhur wara l-adozzjoni tar-risoluzzjoni korrispondenti fil-plenarja. Il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġislattiva sa mhux iktar tard minn sena wara jew tinkludi l-proposta fil-Programm ta' Ħidma tagħha tas-sena ta' wara. Jekk il-Kummissjoni ma tippreżentax proposta, din għandha tagħti spjegazzjonijiet dettaljati lill-Parlament Ewropew dwar ir-raġunijiet.

Il-Kummissjoni għandha wkoll timpenja ruħha favur kooperazzjoni mill-qrib u bikrija mal-Parlament dwar kull talba ta' inizjattiva leġislattiva minn inizjattivi taċ-ċittadini.

Rigward il-proċedura ta' kwittanza, id-disposizzjonijiet speċifiċi stipulati fil-punt 31 għandhom japplikaw.

17. Meta jsiru inizjattivi, rakkomandazzjonijiet jew talbiet għal atti leġislattivi skont l-Artikolu 289(4) TFUE, il-Kummissjoni għandha tavża lill-Parlament, jekk dan ikun mitlub, dwar il-pożizzjoni tagħha dwar dawk il-proposti miġjuba quddiem il-kumitat parlamentari rilevanti.

18. Iż-żewġ Istituzzjonijiet jaqblu li jikkooperaw fil-qasam tar-relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali.

Il-Parlament u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni tal-Protokoll nru 2 tat-TFUE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi arranġamenti li jkollhom x'jaqsmu ma' kwalunkwe traduzzjoni meħtieġa tal-opinjonijiet motivati ppreżentati mill-Parlamenti nazzjonali.

Meta l-limiti msemmija fl-Artikolu 7 tal-Protokoll nru 2 tat-TFUE jkunu ġew sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tipprovdi t-traduzzjonijiet tal-opinjonijiet motivati kollha ppreżentati mill-Parlamenti nazzjonali flimkien mal-pożizzjoni tagħha f'dan ir-rigward.

19. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament dwar il-lista tal-gruppi esperti tagħha mwaqqfa sabiex jgħinu lill-Kummissjoni fit-twettiq tad-dritt tagħha għall-inizjattiva. Din il-lista għandha tkun aġġornata fuq bażi regulari u pubblikata.

F'dan il-qafas, il-Kummissjoni għandha tgħarraf b'mod xieraq lill-kumitat parlamentari kompetenti, fuq rikjesta speċifika u motivata tal-president tiegħu, dwar l-attivitajiet u l-kompożizzjoni ta' gruppi bħal dawn.

20. Bl-għajnuna ta' mekkaniżmi xierqa, iż-żewġ istituzzjonijiet għandu jkollhom djalogu kostruttiv dwar mistoqsijiet li jikkonċernaw oqsma amministrattivi importanti, l-iżjed dwar kwistjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet diretti għall-amministrazzjoni tal-Parlament stess.

21. Il-Parlament għandu jitlob l-opinjoni tal-Kummissjoni, meta huwa jressaq reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu dwar ir-relazzjonijiet mal-Kummissjoni.

22. Meta tkun invokata l-kunfidenzjalità dwar kwalunkwe tagħrif mibgħut skont din il-Ftehim Qafas, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet imsemmija fl-Anness 2.

**(ii) Ftehimiet internazzjonali u tkabbir**

23. Il-Parlament għandu jkun mgħarraf minnufih u bis-sħiħ f'kull fażi tan-negozjati u tal-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, inkluża d-definizzjoni ta' direttivi ta' negozjati. Il-Kummissjoni għandha taġixxi b'mod tali li tagħti effett sħiħ lill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 218 TFUE, filwaqt li tirrispetta l-irwol ta' kull Istituzzjoni skont l-Artikolu 13(2) TUE.

Il-Kummissjoni għandha tapplika l-arranġamenti stipulati fl-Anness 3.

24. It-tagħrif imsemmi fil-punt 23 għandu jingħata lill-Parlament fi żmien biżżejjed biex jekk hemm bżonn, ikun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu, u lill-Kummissjoni biex safejn ikun possibbli tkun tista' tqis l-opinjoni tal-Parlament. Dan it-tagħrif għandu, bħala regola ġenerali, jkun provdut lill-Parlament mill-kumitat parlamentari responsabbli u, fejn hu xieraq, waqt seduta plenarja. F'każijiet ġustifikati kif jistħoqq, dan għandu jingħata lil aktar minn kumitat parlamentari wieħed.

Bi qbil mad-dispożizzjonijiet tal-Anness 2, il-Parlament u l-Kummissjoni jieħdu ħsieb jistabbilixxu proċeduri u salvagwardji xierqa għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Kummissjoni lill-Parlament.

25. Iż-żewġ -Istituzzjonijiet jagħrfu illi minħabba l-irwoli istituzzjonali differenti tagħhom, il-Kummissjoni tirrappreżenta l-Unjoni Ewropea f'negozjati internazzjonali, għajr f'dawk li għandhom x'jaqsmu mal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni u f'każijiet oħra kif jiddisponu t-Trattati.

Meta l-Kummissjoni tirrappreżenta l-Unjoni f'konferenzi internazzjonali, hija għandha fuq talba tal-Parlament, tiffaċilita l-inklużjoni ta' delegazzjoni ta' Membri tal-Parlament Ewropew bħala osservaturi f'delegazzjonijiet tal-Unjoni, sabiex ikun mgħarraf minnufih u bis-sħiħ dwar il-ħidma tal-konferenza. Il-Kummissjoni tieħu ħsieb, fejn japplika, li sistematikament tgħarraf lid-delegazzjoni tal-Parlament bl-eżitu tan-negozjati.

Il-Membri tal-Parlament Ewropew ma jistgħux jieħdu sehem direttament f'dawn in-negozjati. Suġġett għall-possibilitajiet ġuridiċi, tekniċi u diplomatiċi, jistgħu jingħataw status ta' osservaturi mill-Kummissjoni. F'każ li dan jiġi miċħud, il-Kummissjoni tgħarraf lill-Parlament bir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' Membri tal-Parlament Ewropew bħala osservaturi fil-laqgħat kollha rilevanti taħt ir-responsabbiltà tagħha qabel u wara s-sessjonijiet tan-negozjati.

26. Taħt l-istess kundizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament mgħarraf sistematikament dwar il-laqgħat ta' korpi mwaqqfa bi ftehimiet internazzjonali multilaterali li jinvolvu l-Unjoni u tiffaċilita l-aċċess għal Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu parti minn delegazzjonijiet tal-Unjoni, kulmeta dawn il-korpi jintalbu jieħdu deċiżjonijiet li jkunu jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Parlament jew li l-implimentazzjoni tagħhom tkun tista' tirrikjedi l-adozzjoni ta' atti ġuridiċi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja.

27. Il-Kummissjoni għandha barra minn hekk tagħti lid-delegazzjonijiet tal-Parlament inklużi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni għal konferenzi internazzjonali aċċess għall-użu tal-faċilitajiet kollha tad-delegazzjoni tal-UE f'dawn l-okkażjonijiet, konformement mal-prinċipju ġenerali ta' kooperazzjoni tajba bejn l-istituzzjonijiet u billi tqis il-loġistika disponibbli.

Il-President tal-Parlament għandu jibgħat proposta lill-President tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni ta' delegazzjoni tal-Parlament fid-delegazzjoni tal-Unjoni mhux aktar tard minn 4 ġimgħat qabel il-bidu tal-konferenza, u jispeċifika l-kap tad-delegazzjoni tal-Parlament u n-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew li għandhom ikunu inklużi. F'każijiet debitament ġustifikati, dan it-terminu jista' jitqassar f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

In-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew inklużi fid-delegazzjoni tal-Parlament u tal-persunal ta' sostenn għandu jkun proporzjonat għad-daqs kumplessiv tad-delegazzjoni tal-Unjoni.

28. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament infurmat għal kollox dwar il-progress tan-negozjati għal sħubija u b'mod partikulari dwar aspetti u żviluppi prinċipali, sabiex tagħtih opportunità jesprimi l-opinjonijiet tiegħu f'ħin biżżejjed bl-għajnuna tal-proċeduri parlamentari xierqa.

29. Meta l-Parlament jadotta rakkomandazzjoni dwar dawn is-suġġetti msemmijin fil-punt 28, skont l-Artikolu 90(4)[89] tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, u meta l-Kummissjoni tiddeċiedi għal raġunijiet importanti li ma tistax tappoġġja rakkomandazzjoni bħal din, hija għandha tispjega r-raġunijiet quddiem il-Parlament, waqt seduta plenarja jew waqt il-laqgħa li jkun imiss tal-kumitat parlamentari rilevanti.

### (iii) Implimentazzjoni baġitarja

30. Waqt konferenzi ta' donaturi, qabel ma jsir irbit finanzjarju li jinvolvi impriżi finanzjarji ġodda u li jitlob il-qbil tal-awtorità baġitarja, il-Kummissjoni għandha tavża l-awtorità baġitarja u tevalwa l-kummenti tagħha.

31. Fir-rigward tal-kwittanza annwali rregolata mill-Artikolu 319 TFUE, il-Kummissjoni għandha tikkomunika it-tagħrif kollu meħtieġ għall-kontroll tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena rilevanti, li jitlob mingħandha għal dak il-għan il-president tal-kumitat parlamentari responsabbli għall-proċedura ta' kwittanza, skont l-Anness VII[90] tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

Jekk joħorġu aspetti ġodda li jikkonċernaw is-snin preċedenti, li għalihom tkun diġà ngħatat il-kwittanza, il-Kummissjoni għandha tgħaddi t-tagħrif kollhu meħtieġ dwar il-kwistjoni bil-għan li tintlaħaq soluzzjoni li tkun aċċettabbli għaż-żewġ naħat.

### (iv) Relazzjoni ma' aġenziji regolatorji

32. Il-persuni nominati għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv ta' aġenziji regolatorji għandhom ikunu preżenti għas-seduti ta' smigħ tal-kumitati parlamentari.

Barra minn hekk, fl-ambitu tad-diskussjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma interistituzzjonali dwar l-aġenziji mwaqqaf f'Marzu 2009, il-Kummissjoni u l-Parlament ifittxu approċċ komuni fir-rigward tal-irwol u tal-pożizzjoni tal-aġenziji deċentralizzati fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni, akkumpanjat b'linji gwida komuni għall-ħolqien, l-istruttura u l-operat ta' dawk l-aġenziji, flimkien ma' kwistjonijiet relatati mal-finanzjament, mal-baġit, mal-viġilanza u mal-ġestjoni.

## IV. KOPERAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-PROĊEDURI U TA' L-IPPJANAR LEĠIŻLATTIV

### (i) Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni u l-programmazzjoni

33. Il-Kummissjoni għandha tagħti bidu għall-programmazzjoni annwali u multiannwali tal-Unjoni bil-għan li jintlaħqu ftehimiet interistituzzjonali.

34. Kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-Programm ta' Ħidma tagħha.

35. Iż-żewġ Istituzzjonijiet għandhom jikkooperaw skont l-iskeda mħejjija fl-Anness 4.

Il-Kummissjoni għandha tqis il-prijoritajiet espressi mill-Parlament.

---

[89] Ara l-Artikolu 108(4).

[90] Issa Anness VI.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi biżżejjed dettalji dwar x'inhu previst minn kull punt fil-Programm ta' Ħidma tagħha.

36. Il-Kummissjoni għandha tispjega meta ma tistax tressaq proposti individwali fil-Programm ta' Ħidma tagħha għas-sena kkonċernata jew meta titbiegħed minnu.Il-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli mir-relazzjonijiet interistituzzjonali jieħu ħsieb li jippreżenta regolarment rapport lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, li jispeċifika l-implimentazzjoni politika tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għas-sena kkonċernata .

**(ii) Proċedura għall-adozzjoni ta' atti**

37. Il-Kummissjoni għandha tevalwa bir-reqqa l-emendi għall-proposti leġislattivi tagħha adottati mill-Parlament, bil-għan li dawn jitqiesu fi kwalunkwe proposta emendata.

Meta tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-emendi tal-Parlament skont l-Artikolu 294 TFUE, il-Kummissjoni għandha tqis bir-reqqa l-emendi adottati fit-tieni qari; jekk tiddeċiedi, għal raġunijiet importanti u wara konsiderazzjoni mill-Kulleġġ, biex ma tadottax jew ma tappoġġjax emendi bħal dawn, għandha tispjega d-deċiżjoni tagħha quddiem il-Parlament, u f'kull każ fl-opinjoni tagħha dwar l-emendi tal-Parlament, skont il- punt (ċ) tal-Artikolu 294(7) TFUE.

38. Meta tittratta inizjattiva ppreżentata minn mhux inqas minn kwart tal-Istati Membri, b'konformità mal-Artikolu 76 TFUE, il-Parlament jieħu ħsieb li ma jadotta l-ebda rapport fil-kumitat rilevanti qabel ma jirċievi l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-inizjattiva.

Il-Kummissjoni tieħu ħsieb toħroġ l-opinjoni tagħha dwar inizjattiva bħal din sa mhux aktar tard minn 10 ġimgħat wara li tkun ġiet ippreżentata.

39. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi spjegazzjoni dettaljata fi żmien xieraq qabel ma tirtira kwalunkwe proposta li dwarha l-Parlament ikun diġà esprima pożizzjoni fl-ewwel qari.

Il-Kummissjoni għandha tipproċedi b'analiżi tal-proposti kollha pendenti fil-bidu tal-mandat tal-Kummissjoni l-ġdida, biex tikkonfermahom jew tirtirahom politikament, filwaqt li tqis kif jistħoqq il-fehmiet espressi mill-Parlament.

40. Għall-proċeduri leġislattivi speċjali li dwarhom il-Parlament għandu jiġi kkonsultat, inklużi proċeduri oħrajn bħal dik imniżżla fl-Artikolu 148 TFUE, il-Kummissjoni:

(i) għandha tieħu miżuri biex tinvolvi aħjar lill-Parlament b'mod li tqis kemm jista' jkun il-fehmiet tal-Parlament, partikolarment biex tiżgura li l-Parlament ikollu ż-żmien meħtieġ biex iqis il-proposta tal-Kummissjoni;

(ii) għandha tiżgura li l-korpi tal-Kunsill jiġu mfakkra fi żmien xieraq biex ma jilħqux ftehim politiku għall-proposti tagħha qabel ma l-Parlament ikun adotta l-opinjoni tiegħu. Hi għandha titlob li d-diskussjoni tiġi konkluża fuq livell ministerjali wara li jkun ingħata żmien raġonevoli lill-membri tal-Kunsill biex jeżaminaw l-opinjoni tal-Parlament;

(iii) għandha tiżgura li l-Kunsill josserva r-regoli stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li jeżiġu li l-Parlament jerġa' jiġi kkonsultat jekk il-Kunsill jemenda proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament dwar kull avviż mogħti lill-Kunsill dwar il-ħtieġa ta' konsultazzjoni mill-ġdid;

(iv) tieħu ħsieb, jekk hu xieraq, biex tirtira proposta leġislattiva li l-Parlament ikun ċaħad. Jekk, għal raġunijiet importanti u wara konsiderazzjoni mill-Kulleġġ,

il-Kummissjoni tiddeċiedi li żżomm il-proposta tagħha, għandha tispjega r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni f'dikjarazzjoni quddiem il-Parlament.

41. Min-naħa tiegħu, sabiex itejjeb l-ippjanar leġislattiv, il-Parlament jieħu ħsieb:

(i) li jippjana t-taqsimiet leġislattivi tal-aġenda tiegħu, jadattahom mal-Programm ta' Ħidma attwali tal-Kummissjoni u mar-riżoluzzjonijiet li jkun adotta fuq dak il-programm b'mod partikolari bil-ħsieb ta' titjib fl-ippjanar tad-dibattiti prijoritarji;

(ii) li josserva skadenzi raġonevoli, safejn dawn huma utli għall-proċedura, meta jkun qed jadotta l-posizzjoni tiegħu waqt l-ewwel qari skont il-proċedura leġislattiva ordinarja jew l-opinjoni tiegħu skont il-proċedura ta' konsultazzjoni;

(iii) li sa fejn ikun possibbli jaħtar rapporteurs fuq proposti fil-ġejjieni hekk kif jiġi adottat il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni;

(iv) li jikkunsidra talbiet għal konsultazzjoni mill-ġdid bħala kwistjoni ta' prijorità assoluta kemm-il darba jkun irċieva t-tagħrif kollu meħtieġ.

**(iii) Kwistjonijiet relatati ma' Tfassil Aħjar tal-Liġijiet**

42. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-valutazzjonijiet tal-impatt li tagħmel jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tagħha permezz ta' proċedura trasparenti li tiggarantixxi valutazzjoni indipendenti. Il-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom ikunu ppubblikati fi żmien xieraq, filwaqt li jitqiesu xenarji differenti, fosthom għażla li jinżamm l-istatus quo, u għandhom fil-prinċipju jiġu ppreżentati lill-kumitat parlamentari rilevanti fil-fażi ta' għoti ta' tagħrif lill-Parlamenti nazzjonali skont il-Protokolli nri 1 u 2 tat-TFUE.

43. Fl-oqsma fejn il-Parlament normalment huwa involut fil-proċess leġislattiv, il-Kummissjoni għandha tuża liġijiet li ma jorbtux, fejn dan ikun xieraq, u fuq bażi ġustifikata kif jistħoqq wara li tkun tat lill-Parlament l-opportunità li jesprimi fehmietu. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi spjegazzjoni dettaljata lill-Parlament dwar il-mod kif fehmietu jkunu tqiesu meta tadotta l-proposti tagħha.

44. Sabiex ikun żgurat monitoraġġ aħjar tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni u l-Parlament għandhom jagħmlu ħilithom biex jinkludu tabelli ta' korrelazzjoni obbligatorji u limitu ta' żmien li jorbot għat-traspożizzjoni, li fil-każ tad-direttivi normalment ma għandux jisboq perjodu ta' sentejn.

Barra mir-rapporti speċjali u mir-rapport annwali dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament tagħrif fil-qosor dwar il-proċeduri ta' ksur kollha mill-ittra ta' avviż formali, inkluż, jekk il-Parlament jitlob dan, fuq bażi ta' każ b'każ u fir-rispett tar-regoli relatati mal-kunfidenzjalità, partikolarment dawk rikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dwar il-kwistjonijiet li magħhom ikollha x'taqsam il-proċedura ta' ksur.

## V. IL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-KUMMISSJONI FIL-PROĊEDURI PARLAMENTARI

45. Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-preżenza tagħha, jekk hekk jintalab, fis-seduti plenarji jew fil-laqgħat tal-korpi l-oħra tal-Parlament, qabel ġrajjiet jew stediniet oħra li jseħħu fl-istess ħin.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tiżgura, bħala regola ġenerali, li l-Membri tal-Kummissjoni jkunu preżenti kull meta l-Parlament jitlob dan waqt seduti plenarji li fihom jiġu diskussi punti tal-aġenda li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Dan japplika għall-abbozzi

preliminari tal-aġendi li jkunu ġew approvati mill-Konferenza tal-Presidenti fis-sessjonijiet parzjali preċedenti.

Il-Parlament ifittex li jiżgura, bħala regola ġenerali, li punti tal-aġenda tas-sessjonijiet parzjali li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' Membru tal-Kummissjoni jiġu raggruppati.

46. Fuq talba tal-Parlament, issir disposizzjoni għal Siegħa ta' Mistoqsijiet regolari mal-President tal-Kummissjoni. Din is-Siegħa ta' Mistoqsijiet tkun tikkonsisti f'żewġ partijiet: l-ewwel waħda mal-mexxejja tal-gruppi politiċi jew mar-rappreżentanti tagħhom, li titmexxa fuq bażi totalment spontanja; it-tieni waħda ddedikata lil tema politika miftiehma minn qabel, mhux aktar tard mill-Ħamis qabel is-sessjoni parzjali rilevanti, iżda mingħajr mistoqsijiet imħejjija.

Barra minn hekk, għandha tiddaħħal Siegħa ta' Mistoqsijiet mal-membri tal Kummissjoni, fosthom il-Viċi President għar-Relazzjonijiet Esterni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, fuq il-mudell tas-Siegħa ta' Mistoqsijiet mal-President tal-Kummissjoni, bil-għan li jiġi riformat il-Ħin għall-Mistoqsijiet attwali. Din is-Siegħa ta' Mistoqsijiet għandha jkollha x'taqsam mal-portafoll tal-Membri tal-Kummissjoni rispettivi.

47. Il-Kummissarji għandhom jinstemgħu jekk huma jitolbu dan.

Bla ħsara għall-Artikolu 230 TFUE, iż-żewġ Istituzzjonijiet għandhom jaqblu dwar regoli ġenerali dwar l-allokazzjoni tal-ħin tad-diskorsi bejn l-Istituzzjonijiet.

Iż-żewġ istituzzjonijiet jaqblu li l-allokazzjoni indikattiva tal-ħin tad-diskorsi tagħhom għandha tiġi rispettata.

48. Bil-għan li tiġi żgurata l-preżenza tal-Kummissarji, il-Parlament jieħu ħsieb li jagħmel mill-aħjar biex jaderixxi ma' l-abbozz finali tal-aġenda tiegħu.

Meta l-Parlament jemenda l-abbozz finali ta' l-aġenda, jew iċaqlaq punti mill-aġenda fis-sessjoni parzjali, il-Parlament għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-aħjar li tista' biex tiżgura l-preżenza tal-Membru responsabbli tal-Kummissjoni.

49. Il-Kummissjoni tista' tipproponi l-inklużjoni ta' punti fl-aġenda sa mhux aktar tard mil-mil-laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti li tiddeċiedi dwar l-abbozz aħħari tal-aġenda ta' sessjoni parzjali. Il-Parlament għandu jqis bis-sħiħ proposti bħal dawn.

50. Kwalunkwe kumitat parlamentari għandu jfittex li jżomm l-abbozzi ta' l-aġenda u l-aġenda tiegħu.

Kull meta kumitat parlamentari jemenda l-abbozz għall-aġenda jew l-aġenda tiegħu, il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa minnufih. B'mod partikolari, il-kumitati parlamentari għandhom jagħmlu ħilithom biex jirrispettaw skadenza raġonevoli li tippermetti l-preżenza ta' Membri tal-Kummissjoni fil-laqgħat tagħhom.

Meta l-preżenza ta' Membru tal-Kummissjoni ma tkunx espliċitament mitluba waqt laqgħa tal-kumitat parlamentari, il-Kummissjoni għandha tiżgura li tkun rappreżentata minn uffiċjal kompetenti fil-livell xieraq.

Il-kumitati parlamentari jagħmlu ħilithom biex jikkoordinaw xogħolhom, inkluż li ma jħallux li jsiru laqgħat paralleli dwar l-istess suġġett, u jagħmlu ħilithom biex ma jitbiegħdux mill-abbozz ta' aġenda, biex il-Kummissjoni tkun tista' tiggarantixxi livell xieraq ta' rappreżentanza.

Jekk tintalab il-preżenza ta' uffiċjal ta' livell għoli (Direttur Ġenerali jew Direttur) f'laqgħa ta' kumitat li tittratta proposta tal-Kummissjoni, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jitħalla jagħmel interventi.

## VI. DISPOŻIZZJONIJIET AĦĦARIN

51. Il-Kummissjoni tikkonferma l-impenn tagħha li teżamina mill-aktar fis possibbli l-atti leġislattivi li ma kinux ġew adattati għall-proċedura regolatorja bi skrutinju qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, bil-għan li jiġi valutat jekk dawk l-istrumenti jeħtiġux jiġu adattati għar-reġim ta' atti delegati introdott mill-Artikolu 290 TFUE.

Bħala għan aħħari, sistema koerenti ta' atti delegati u ta' atti ta' implimentazzjoni, konsisteni bis-sħiħ mat-Trattat il-ġdid, għandha tinkiseb permezz ta' valutazzjoni progressiva tax-xorta u tal-kontenuti ta' miżuri attwalment suġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, sabiex jiġu adattati fi żmien xieraq għar-reġim stipulat fl-Artikolu 290 TFUE.

52. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim Qafas jissupplimenta l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[91] mingħajr ma jaffettwawh u bla ħsara għal kwalunkwe reviżjoni oħra tiegħu. Bla ħsara għan-negozjati imminenti bejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill, iż-żewġ Istituzzjonijiet jintrabtu li jaqblu dwar tibdil ewlieni fit-tħejjija ta' negozjati ġejjienin dwar l-adattament tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet għad-dispożizzjonijiet il-ġodda imdaħħla mit-Trattat ta' Lisbona, filwaqt li titqies il-prattika attwali u dan il-Ftehim Qafas.

Jaqblu wkoll dwar il-bżonn li jissaħħaħ il-mekkaniżmu eżistenti ta' kuntatt interistituzzjonali, fuq livell politiku u tekniku, fir-rigward tat-Tfassil Ahjar tal-Liġijiet, biex tiġi żgurata kooperazzjoni interistituzzjonali effettiva bejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill.

53. Il-Kummissjoni tintrabat li tagħti bidu malajr lill-programmazzjoni annwali u multiannwali tal-Unjoni bil-għan li jintlaħqu ftehimiet interistituzzjonali, skont l-Artikolu 17 TUE.

Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni huwa l-kontribut tal-Kummissjoni għall-programmazzjoni annwali u multiannwali tal-Unjoni. Wara l-adozzjoni tiegħu mill-Kummissjoni, għandu jsir trilogu bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar il-programmazzjoni tal-Unjoni.

F'dan il-kuntest u malli l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jkunu laħqu kunsens dwar il-programmazzjoni tal-Unjoni, iż-żewġ Istituzzjonijiet għandhom jirrivedu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim Qafas li għandhom x'jaqsmu mal-programmazzjoni.

Il-Parlament u l-Kummissjoni jistiednu lill-Kunsill biex mill-iktar fis possibli jidħol f'taħditiet dwar il-programmazzjoni tal-Unjoni kif previst fl-Artikolu 17 TUE mill-aktar fis possibbli.

54. L-implimentazzjoni prattika ta' dan il-Ftehim Qafas u l-Annessi tiegħu se tkun valutata perjodikament miż-żewġ Istituzzjonijiet. Sa tmiem l-2011, għandha ssir reviżjoni fid-dawl tal-esperjenza prattika.

## Anness 1 Laqgħat tal-Kummissjoni ma' esperti nazzjonali

Dan l-Anness jistipula l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-punt 15 tal-Ftehim Qafas.

### 1. Kamp ta' Applikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet tal-punt 15 tal-Ftehim Qafas jikkonċernaw il-laqgħat segwenti:

(1) Laqgħat tal-Kummissjoni li jsiru fil-qafas tal-gruppi ta' esperti stabbiliti mill-Kummissjoni u li għalihom ikunu mistednin l-awtoritajiet nazzjonali mill-Istati Membri kollha, meta dawn ikunu dwar it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, inklużi liġijiet li ma jorbtux u atti delegati;

[91] ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

(2) Laqgħat ad hoc tal-Kummissjoni li għalihom ikunu mistednin esperti nazzjonali mill-Istati Membri kollha, meta dawn ikunu dwar it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni, inklużi liġijiet li ma jorbtux u atti delegati.

Huma esklużi l-laqgħat tal-kumitati tal-komitoloġija, bla ħsara għall-arranġamenti speċifiċi eżistenti u tal-ġejjieni dwar l-għoti ta' tagħrif lill-Parlament Ewropew dwar l-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni tal-Kummissjoni[92].

## 2. Tagħrif li għandu jintbagħat lill-Parlament

Il-Kummissjoni tintrabat li tibgħat lill-Parlament l-istess dokumentazzjoni li tibgħat lill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-laqgħat imsemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni tibgħat dawn id-dokumenti, inklużi l-aġendi, f'kaxxa tal-posta funzjonali tal-Parlament fl-istess żmien li jintbagħtu lill-esperti nazzjonali.

## 3. Stedina ta' esperti tal-Parlament

Fuq talba tal-Parlament, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tistieden lill-Parlament jibgħat esperti tal-Parlament biex jattendu l-laqgħat tal-Kummissjoni ma' esperti nazzjonali kif identifikat fil-punt 1.

[92] It-tagħrif li għandu jingħata lill-Parlament dwar il-ħidma tal-kumitati tal-komitoloġija u l-prerogattivi tal-Parlament fl-operat tal-proċeduri ta' komitoloġija huma ddefiniċi b'mod ċar fi strumenti oħra: (1) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), (2) ftehima interistituzzjonali tat-3 ta' Ġunju 2008 bejn il-Parlament u l-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' komitoloġija; u (3) strumenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 291 TFUE.

## Anness 2:Tagħrif kunfidenzjali mibgħuta lill-Parlament

**1. Kamp ta' Applikazzjoni**

1.1. Dan l-Anness għandu jirregola t-twassil lill-Parlament u l-ġestjoni ta' tagħrif kunfidenzjali, kif definit fil-punt 1.2., mill-Kummissjoni f'relazzjoni mal-eżerċizzju tal-prerogattivi u tal-kompetenzi tal-Parlament. Iż-żewġ Istituzzjonijiet għandhom jaġixxu skont id-doveri reċiproċi ta' kooperazzjoni sinċiera fl-ispirtu ta' fiduċja kompleta u reċiproka u f'konformità stretta mad-disposizzjonijiet relevanti tat-Trattat.

1.2. 'Tagħrif' tfisser kwalunkwe tagħrif miktub jew bil-fomm, ikun x'ikun il-mezz u jkun min ikun l-awtur.

1.2.1. 'Tagħrif kunfidenzjali' tfisser 'tagħrif klassifikat tal-UE' (IKUE) u 'tagħrif kunfidenzjali ieħor' mhux klassifikat.

1.2.2. 'Tagħrif klassifikat tal-UE' (IKUE) tfisser kwalunkwe tagħrif u materjal, klassifikat bħala 'TRÈS SECRET UE/ EU TOP SECRET', 'SECRET UE', 'CONFIDENTIEL UE' jew 'RESTREINT UE' jew b'indikazzjonijiet ta' klassifikazzjoni nazzjonali jew internazzjonali ekwivalenti, li l-iżvelar mhux awtorizzat tiegħu jaf jikkaġuna livelli varji ta' preġudizzju għall-interessi tal-Unjoni, jew għal xi Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha, kemm jekk dan it-tagħrif joriġina fl-Unjoni jew ikun ġej mill-Istati Membri, minn Stati terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali.

TRÈS SECRET UE/ EU TOP SECRET: din il-klassifikazzjoni għandha tiġi applikata biss għal tagħrif u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jipperikola b'mod eċċezzjonalment gravi l-interessi essenzjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' xi Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha.

Secret UE: din il-klassifikazzjoni għandha tiġi applikata biss għal tagħrif u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jwassal għal ħsara gravi fl-interessi essenzjali tal-Unjoni jew ta' xi Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha.

Confidentiel UE: din il-klassifikazzjoni għandha tiġi applikata għal tagħrif u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tal-Unjoni jew ta' xi Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha;

RESTREINT UE: din il-klassifikazzjoni għandha tiġi applikata għal tagħrif u materjal li l-iżvelar mhux awtorizzat tagħhom jista' jkun ta' żvantaġġ għall-interessi tal-Unjoni jew ta' xi Stat Membru wieħed jew iżjed tagħha;

1.2.3. 'Tagħrif kunfidenzjali ieħor' tfisser kwalunkwe tagħrif kunfidenzjali, inkluż tagħrif kopert bl-obbligu tas-sigriet professjonali, mitlub mill-Parlament u/jew mibgħut mill-Kummissjoni.

1.3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Parlament jingħata aċċess għat-tagħrif kunfidenzjali, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness, kull meta tirċievi mingħand wieħed mill-korpi parlamentari jew detenturi ta' kariga msemmijin fil-punt 1.4, talba dwar it-trażmissjoni ta' tagħrif kunfidenzjali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tibgħat kwalunkwe tagħrif kunfidenzjali lill-Parlament fuq inizjattiva tagħha stess skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness. .

1.4. Fil-kuntest ta' dan l-Anness, dawn li ġejjin jistgħu jitolbu tagħrif kunfidenzjali mill-Kummissjoni:

- il-President tal-Parlament,
- il-presidenti tal-kumitati parlamentari kkonċernati,

– il-Bureau u l-Konferenza tal-Presidenti, u

– u l-kap tad-delegazzjoni tal-Parlament fi ħdan id-delegazzjoni tal-Unjoni f'konferenza internazzjonali.

1.5. Tagħrif dwar proċeduri ta' ksur u proċeduri dwar kompetizzjoni, sakemm ma jkunux koperti minn deċiżjoni aħħarija tal-Kummissjoni jew minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fid-data meta tiġi rċevuta it-talba minn wieħed mill-korpi parlamentari / mid-detenturi ta' kariga msemmija fil-punt 1.4, u tagħrif li jkollu x'jaqsam mal-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandu jitħalla barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Dan japplika mingħajr preġudizzju għall-punt 44 tal-Ftehim Qafas u għad-drittijiet ta' kontroll tal-baġit li jgawdi l-Parlament.

1.6. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KESE tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jikkontrollaw it-tħaddim tad-dritt tal-Parlament Ewropew tal-investigazzjoni [93] u d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KESE, Euratom tat-28 ta' April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)[94].

## 2. Regoli ġenerali

2.1. Fuq talba ta' wieħed mill-korpi parlamentari / mid-detenturi ta' kariga msemmija fil-punt 1.4, il-Kummissjoni għandha tibgħat lil dak il-korp parlamentari / lid-detentur ta' kariga, b'ħeffa kif jistħoqq, kwalunkwe tagħrif kunfidenzjali meħtieġ għat-tħaddim tal-prerogattivi u tal-kompetenzi tal-Parlament. Skond is-setgħat u r-responsabilitajiet rispettivi tagħhom, iż-żewġ istituzzjonijiet għandhom jirrispettaw:

– id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, inkluż id-dritt għal proċess ġuridiku ġust u d-dritt għall-protezzjoni tal-privatezza;

– id-disposizzjonijiet li jirregolaw proċeduri ġuridiċi u dixxiplinarji;

– il-protezzjoni tas-segretezza fin-negozju u tar-relazzjonijiet kummerċjali;

– il-protezzjoni tal-interessi tal-Unjoni, b'mod partikulari dawk dwar is-sigurtà pubblika, id-difiża, ir-relazzjonijiet internazzjonali, l-istabbilità monetarja u l-interessi finanzjarji.

Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, il-punt għandu jgħaddi f'idejn il-Presidenti taż-żewġ Istituzzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jsolvu l-kwistjoni.

Tagħrif kunfidenzjali minn Stat, istituzzjoni jew organizzazzjoni internazzjonali għandu jiġi trażmess biss bil-kunsens tiegħu.

2.2. L-IKUE għandha tintbagħat lill-Parlament u tkun ġestita u protetta minnu b'konformità mal-istandards komuni minimi ta' sigurtà applikati minn Istituzzjonijiet oħrajn tal-Unjoni, partikolarment il-Kummissjoni.

Hi u tikklassifika t-tagħrif li jkun ġejja mingħandha, il-Kummissjoni għandha tiżgura ruħha li tapplika livelli adegwati ta' klassifikazzjoni konformi mal-istandards u mad-definizzjonijiet internazzjonali u mar-regoli interni tagħha, filwaqt li tqis kif jistħoqq il-ħtieġa li l-Parlament ikun jista' jkollu aċċess għad-dokumenti klassifikati għat-tħaddim effikaċi tal-kompetenzi u tal-prerogattivi tiegħu.

---

[93] ĠU L 113, 19.5.1995, p. 1 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 3, Volum 23, p. 3-65).
[94] ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20.

2.3. Fil-każ ta' dubji dwar ix-xorta kunfidenzjali ta' xi punt jew xi tagħrif jew dwar il-livell adegwat ta' klassifikazzjoni tiegħu, jew fejn hu meħtieġ li jsiru l-arranġamenti xierqa biex tiġi trażmessa skont waħda mill-għażliet imsemmija fil-punt 3.2, iż-żewġ Istituzzjonijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin mill-aktar fis possibbli u qabel it-trażmissjoni tad-dokument. F'dawn il-konsultazzjonijiet, il-Parlament għandu jkun rappreżentat mill-president tal-korp parlamentari kkonċernat, akkumpanjat fejn ikun meħtieġ mir-rapporteur jew mid-detentur ta' kariga li jkunu ppreżentaw t-talba. Il-Kummissjoni għandha tkun rappreżentata mill-Membru tal-Kummissjoni b'responsabbiltà għal dak il-qasam, wara konsultazzjoni mal- Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet ta' sigurtà. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, il-punt għandu jgħaddi f'idejn il-Presidenti taż-żewġ Istituzzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jsolvu l-kwistjoni.

2.4. Jekk fl-aħħar tal-proċedura msemmija fil-punt 2.3, ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim, il-President tal-Parlament, bi tweġiba għal talba motivata mill-korp parlamentari / mid-detentur ta' kariga li jkun ippreżenta t-talba, għandu jitlob lill-Kummissjoni biex titrażmetti, skont l-iskadenza xierqa indikata kif suppost, it-tagħrif kunfidenzjali msemmi, waqt li jagħżel l-arranġamenti fost il-possibilitajiet imsemmija fil-punt 3.2 ta' dan l-Anness. Qabel l-iskadenza ta' dik id-data, il-Kummissjoni għandha tavża bil-miktub lill-Parlament dwar il-posizzjoni aħħarija tagħha. F'dan ir-rigward, jekk xieraq, il-Parlament jirriżerva d-dritt ta' rimedju.

2.5. L-aċċess għall-IKUE għandu jingħata skont ir-regoli applikabbli għall-awtorizzazzjoni ta' sigurtà tal-persunal.

2.5.1. L-aċċess għat-tagħrif klassifikat bħala "TRÈS SECRET UE/ EU" u "CONFIDENTIEL UE" jista' jingħata esklussivament lill-uffiċjali tal-Parlament u lil dawk l-impjegati tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi li għalihom huwa strettament meħtieġ, u li jkunu ntgħażlu minn qabel mill-korp parlamentari / mid-detentur ta' kariga bħala persuni li jeħtieġu jkunu mgħarrfa u li ngħataw awtorizzazzjoni ta' sigurtà xierqa.

2.5.2. Fid-dawl tal-prerogattivi u tal-kompetenzi tal-Parlament, dawk il-Membri li ma ngħatawx awtorizzazzjoni ta' sigurtà personali għandhom jingħataw aċċess għad-dokumenti kklassifikati "CONFIDENTIEL UE", skont arranġamenti prattiċi definiti bi qbil komuni, inkluż l-iffirmar ta' dikjarazzjoni solenni li ma għandhomx jiżvelaw il-kontenuti ta' dawk id-dokumenti lil xi terza persuna.

L-aċċess għad-dokument klassifikati "SECRET UE" għandu jingħata lill-Membri li ngħataw awtorizzazzjoni ta' sigurtà personali xierqa.

2.5.3. Għandu jintlaħaq qbil bl-appoġġ tal-Kummissjoni biex jiġi garantit li l-kontribut mill-awtoritajiet nazzjonali meħtieġ fil-qafas tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà jkun jista' jinkiseb kemm jista' jkun malajr mill-Parlament.

Id-dettalji tal-kategorija jew il-kategoriji ta' persuni b'aċċess għat-tagħrif kunfidenzjali għandhom jiġu kkomunikati fl-istess ħin mat-talba.

Qabel ma jingħata aċċess għal tagħrif bħal dan kull persuna għandha tkun mgħarrfa dwar il-livell ta' kunfidenzjalità u dwar l-obbligi ta' sigurtà li jirriżultaw.

Fil-kuntest tar-reviżjoni ta' dan l-Anness u tal-arranġamenti ġejjienin relatati mas-sigurtà, li hemm riferiment għalihom fil-punti 4.1 u 4.2, il-kwistjoni tal-awtorizzazzjonijiet ta' sigurtà se terġa' tkun eżaminata.

**3. Arranġamenti għall-aċċess u l-ġestjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali**

3.1. Tagħrif kunfidenzjoni mogħti skond il-proċeduri msemmija fil-punt 2.3 u, fejn hu xieraq, il-punt 2.4, għandu isir disponibbli, taħt ir-responsibilità tal-President jew tal-Membru

tal-Kummissjoni, lill-korp parlamentari/detentur ta' kariga li jkun għamel it-talba, taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Il-Parlament u l-Kummissjoni jiżguraw r-reġistrazzjoni u t-traċċabbiltà tat- tagħrif kunfidenzjali.

B'mod aktar speċifiku, l-IKUE ikklassifikat bħala "CONFIDENTIEL UE" u "SECRET UE" għandha tintbagħat mir-reġistru ċentrali tas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni għand is-servizz ekwivalenti kompetenti tal-Parlament li jkun responsabbli li jqegħdha għad-dispożizzjoni, skont l-arranġamenti miftiehma, tal-korp parlamentari / tad-detentur ta' kariga li jkun għamel it-talba.

It-trażmissjoni tal-IKUE ikklassifikati bħala "TRÈS SECRET UE/ EU TOP SECRET" għandha tkun suġġetta għal arranġamenti ulterjuri miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-korp parlamentari / id-detentur ta' kariga li jkun għamel it-talba li jkunu mmirati li jiżguraw livell ta' ħarsien xieraq għal dik il-klassifikazzjoni.

3.2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-punti 2.2 u 2.4. u għall-arranġamenti ta' sigurtà ġejjienin imsemmijin fil-punt 4.1, l-aċċess u l-arranġamenti magħmula biex jipproteġu l-kunfidenzjalità tat-tagħrif għandhom jiġu stipulati bi qbil komuni qabel ma jintbagħat it-tagħrif. Dak il-qbil bejn il-Membru tal-Kummissjoni b'responsabbiltà fil-qasam politiku involut u l-korp parlamentari (rappreżentat mill-president tiegħu) / id-detentur ta' kariga li jkun għamel t-talba, għandu jipprevedi l-għażla ta' waħda mill-għażliet stipulati fil-punti 3.2.1. u 3.2.2. sabiex jiġi garantit livell ta' kunfidenzjalità xieraq.

3.2.1. Għal dak li għandu x'jaqsam mad-destinatarji tat-tagħrif kunfidenzjali għandha tkun prevista waħda minn dawn l-għażliet li ġejjin:

– tagħrif li jkun maħsub biss għall-President tal-Parlament, f'każijiet ġustifikati minn raġunijiet assolutament eċċezzjonali;

– il-Bureau u/jew il-Konferenza tal-Presidenti,

– il-president tal-kumitat parlamentari rilevanti u r-rapporteur tal-istess kumitat;

– il-membri kollha (sħaħ jew supplenti) tal-kumitat parlamentari rilevanti;

– il-Membri kollha tal-Parlament Ewropew.

It-tagħrif kunfidenzjali msemmij ma jistax ikun ippubblikat jew trażmess lil xi destinatarju ieħor mingħajr l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

3.2.2. F'dak li għandu x'jaqsam mal-arranġamenti għall-ġestjoni tat- tagħrif kunfidenzjali, għandhom ikunu previsti l-għażliet li ġejjin:

(a) eżami tad-dokumenti f'kamra tal-qari sikura f'każ li t-tagħrif ikun klassifikat "CONFIDENTIEL UE" u f'livelli ogħla;

(b) il-laqgħa ssir in camera, bil-parteċipazzjoni esklussiva tal-membri tal-Bureau, tal-membri tal-Konferenza tal-Presidenti jew membri sħaħ jew supplenti tal-kumitat parlamentari kompetenti kif ukoll ta' uffiċjali tal-Parlament u dawk l-impjegati tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi li jkunu ntgħażlu minn qabel mill-president bħala persuni li jeħtieġu jkunu mgħarrfa u li l-preżenza tagħhom hija strettament meħtieġa, kemm-il darba ikunu ngħataw livell meħtieġ ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- – kwalunkwe dokument jista' jiġi numerat u mqassam fil-bidu tal-laqgħa u jinġabar lura fi tmiemha. Ma jistgħu la jitniżżlu noti u lanqas isiru fotokopji ta' dawk id-dokumenti;

– id-diskussjoni dwar punt trattat skont il-proċedura ta' kunfidenzjalità ma għandhiex tissemma fil-minuti tal-laqgħa.

Qabel it-trażmissjoni, id-data personali kollha tista' titneħħa mid-dokumenti.

It-tagħrif kunfidenzjali mogħti bil-fomm lid-destinatarji fil-Parlament għandu jkun suġġett għal-livell ekwivalenti ta' ħarsien tat-tagħrif kunfidenzjali mogħti lill-forma bil-miktub. Dan jista' jinkludi dikjarazzjoni solenni mid-destinatarji ta' dak it-tagħrif biex ma jxerrdux il-kontenut tiegħu lill-ebda persuna terza.

3.2.3. Meta t-tagħrif bil-miktub jiġi eżaminata f'kamra tal-qari sikura, il-Parlament għandu jiżgura li l-arranġamenti li ġejjin ikunu fis-seħħ:

– sistema ta' ħżin sikura għat-tagħrif kunfidenzjali;

– kamra tal-qari sigura mingħajr magni tal-fotokopji, telefons, faċilitajiet għall-fax, 'scanners' jew kwalunkwe apparat tekniku ieħor għar-riproduzzjoni u t-trażmissjoni ta' dokumenti, eċċ;

– disposizzjonijiet ta' sigurtà li jikkontrollaw l-aċċess għall-kamra tal-qari, inklużi l-ħtiġijiet ta' firma f'reġistru t'aċċess u dikjarazzjoni solenni biex ma jinxteredx it-tagħrif kunfidenzjal eżaminat.

3.2.4. Dan li jingħad aktar 'l fuq ma jippreklud ix arranġamenti ekwivalenti oħra miftiehmin bejn l-Istituzzjonijiet.

3.3. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn l-arranġamenti għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet tal-Membri mniżżla fl-Anness VIII [95] tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament u fir-rigward tal-uffiċjali u impjegati oħra tal-Parlament Ewropew, id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal[96] jew tal-Artikolu 49 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni.

**4.Dispożizzjonijiet aħħarin**

4.1. Il-Kummissjoni u l-Parlament għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

Għal dan il-għan, is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni u tal-Parlament għandhom jikkoordinaw mill-qrib l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness. Dan għandu jinkludi l-verifika tat-traċċabbiltà tat-tagħrif kunfidenzjali u monitoraġġ perjodiku konġunt tal-arranġamenti relatati mas-sigurtà u l-istandards applikati.

Il-Parlament jintrabat li jadatta, fejn ikun meħtieġ, id-dispożizzjonijiet interni tiegħu biex jimplimenta r-regoli ta' sigurtà għat-tagħrif kunfidenzjali stabbiliti f'dan l-Anness.

Il-Parlament jintrabat li jadotta malajr kemm jista' jkun l-arranġamenti ta' sigurtà ġejjienin u jivverifika dawn l-arranġamenti bi qbil komuni mal-Kummissjoni, bil-għan li jistabbilixxi ekwivalenza tal-istandards tas-sigurtà. Dan jagħti effett lil dan l-Anness fir-rigward ta':

[95] Isaa Anness VII.

[96] Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad- 29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni

– id-dispożizzjonijiet u l-istandards tekniċi ta' sigurtà relatati mal-ġestjoni u mal-ħżin tat-tagħrif kunfidenzjali, inklużi l-miżuri ta' sigurtà fil-qasam tas-sigurtà fiżika, tal-informatika, tal-persunal u tad-dokumenti.

– il-ħolqien ta' kumitat speċjali ta' sorveljanza magħmul minn Membri Parlamentari li għandhom awtorizzazzjoni ta' sigurtà meħtieġa għall-ġestjoni tal-IKUE ikklassifikat bħala "TRÈS SECRET UE/ EU TOP SECRET"..

4.2 Il-Parlament u l-Kummissjoni jirrevedu dan l-anness u, jekk ikun meħtieġ, jadattawh, sa mhux aktar tard miż-żmien ta' reviżjoni imsemmi fil-punt 54 tal-Ftehim Qafas, fid-dawl tal-iżviluppi dwar:

– arranġamenti ta' sigurtà ġejjienin li jinvolvu l-Parlament u l-Kummissjoni;

– ftehimiet jew atti ġuridiċi oħra rilevanti għat-trażmissjoni ta' tagħrif bejn l-Istituzzjonijiet.

## Anness 3 Negozjati u konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali

Dan l-Anness jistipula l-arranġamenti dettaljati għall-għoti ta' tagħrif lill- Parlament dwar in-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali msemmija fil-punti 23, 24 u 25 tal-Ftehim Qafas:

1. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament bl-intenzjoni tagħha li tipproponi l-bidu tan-negozjati fl-istess ħin li tgħarraf lill-Kunsill.

2. Konformement mad-dispożizzjonijiet tal-punt 24 tal-Ftehim Qafas, meta l-Kummissjoni tipproponi abbozz ta' direttivi ta' negozjati bil-għan li dawn jiġu adottati mill-Kunsill, hija għandha tippreżentah fl-istess ħin lill-Parlament.

3. Il-Kummissjoni għandha tqis kif jistħoqq l-osservazzjonijiet tal-Parlament matul in-negozjati kollha.

4. Konformement mad-dispożizzjonijiet tal-punt 23 tal-Ftehim Qafas, il-Kummissjoni għandha tgħarraf regolarment u malajr bl-iżvolġiment tan-negozjati sakemm il-ftehim ikun inizjalat u għandha tispjega jekk u sa liema punt l-osservazzjonijiet tal-Parlament ikunu ġew inkorporati fit-testi f'negozjati u, f'każ li ma jkunux, għaliex.

5. Fil-każ ta' ftehimiet internazzjonali li l-konklużjoni tagħhom tkun teħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament matul il-proċess tan-negozjati it-tagħrif kollu rilevanti li hija tipprovdi wkoll lill-Kunsill (jew lill-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill). Dan għandu jinkludi abbozzi ta' emendi għad-direttivi ta' negozjati adottati, abbozzi ta' testi ta' negozjati, artikoli miftehmin, id-data miftiehma biex jiġi inizjalat il-ftehim u t-test tal-ftehim qabel ma jiġi inizjalat. Il-Kummissjoni għandha wkoll tibgħat lill-Parlament, kif ukoll lill-Kunsill (jew lill-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill) id-dokumenti rilevanti kollha li tirċievi minn partijiet terzi, taħt riżerva tal-kunsens tal-awtur. Il-Kummissjoni għandha żżomm il-kumitat parlamentari responsabbli mgħarraf bl-iżviluppi fin-negozjati u, partikolarment, tispjega kif il-fehmiet tal-Parlament ikunu tqiesu.

6. F'każ ta' ftehimiet internazzjonali li l-konklużjoni tagħhom ma tkunx teħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Parlament ikun mgħarraf minnufih u bis-sħiħ, billi tagħti tagħrif li jkun ikopri mill-inqas l-abbozzi ta' direttivi ta' negozjati, id-direttivi ta' negozjati adottati, l-iżvoġiment sussegwenti tan-negozjati u l-konklużjoni tan-negozjati.

7. Konformement mad-dispożizzjonijiet tal-punt 24 tal-Ftehim Qafas, il-Kummissjoni għandha tagħti tagħrif sħiħ lill-Parlament f' ħin xieraq meta tkun ġie inizjalat ftehim internazzjonali, u tgħarraf lill-Parlament malajr kemm jista' jkun meta tkun biħsiebha tipproponi lill-Kunsill l-applikazzjoni provviżorja tagħha u r-raġunijiet għal dan, għajr jekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba raġunijiet ta' urġenza.

8. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kunsill u lill-Parlament fl-istess ħin u f'ħin xieraq bil-ħsieb tagħha li tipproponi lill-Kunsill is-sospensjoni ta' xi ftehim internazzjonali u r-raġunijiet għal dan.

9. Għal ftehimiet internazzjonali li jaqgħu taħt il-proċedura ta' approvazzjoni stipulata fit-TFUE, il-Kummissjoni għandha wkoll iżżomm lill-Parlament mgħarrab bis-sħiħ

qabel ma tapprova modifiki għal xi ftehim, kif ikun awtorizza l-Kunsill b'deroga, bi qbil mal-Artikolu 218(7) TFUE.

## Anness 4:Skeda għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni

Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għandu jkun akkumpanjat b'lista ta' proposti leġislattivi u mhux leġislattivi għas-snin ta' wara. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni jkopri s-sena kkonċernata li jkun jmiss u jagħti indikazzjoni dettaljata tal-prijoritajiet tal-Kummissjoni għas-snin sussegwenti. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għalhekk jista' jservi ta' bażi għal djalogu strutturat mal-Parlament bil-għan li jinlaħaq kunsens.

Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għandu jinkludi wkoll l-inizjattivi ppjanati għal liġijiet li ma jorbtux, irtirar u simplifikazzjoni.

1. Fl-ewwel semestru ta' sena partikolari, il-Membri tal-Kummissjoni għandhom jidħlu fi djalogu regolari kontinwu mal-kumitati parlamentari korrispondenti dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għas-sena kkonċernata u dwar it-tħejjija tal-Programm ta' Ħidma li jkun jmiss tal-Kummissjoni. Abbażi ta' dak id-djalogu, kull kumitat parlamentari għandu jipprovdi rapport lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati dwar l-eżitu tiegħu.

2. Parallelament, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandu jkollha skambju ta' opinjonijiet mal-Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għar-relazzjonijiet interistituzzjonali, sabiex jiġi valutat l-istat ta' implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma attwali tal-Kummissjoni, sabiex tiġi diskussa it-tħejjija tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni li jkun jmiss, u sabiex isir rendikont tar-riżultati tad-djalogu bilaterali kontinwu bejn il-kumitati parlamentari kkonċernati u l-Membri rilevanti tal-Kummissjoni.

3. F'Ġunju, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tippreżenta rapport fil-qosor lill-Konferenza tal-Presidenti, li għandu jkun fih ir-riżultati tal-analiżi tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni kif ukoll tal-prijoritajiet tal-Parlament għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni li jkun jmiss, u l-Parlament għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'dan.

4. Abbażi ta' dak ir-rapport fil-qosor, waqt is-sessjoni parzjali ta' Lulju, il-Parlament għandu jadotta riżoluzzjoni li tagħti l-pożizzjoni tiegħu u tinkludi b'mod partikolari it-talbiet ibbażati fuq rapporti ta' inizjattiva leġislattiva.

5. Kull sena matul l-ewwel sessjoni parzjali ta' Settembru, għandu jsir dibattitu dwar l-Istat tal-Unjoni li fih il-President tal-Kummissjoni għandu jagħmel diskors li fih jagħti rendikont tas-sena attwali filwaqt li jagħti ħarsa lejn il-prijoritajiet fil-ġejjieni għas-snin ta' wara. Għal dak il-għan, il-President tal-Kummissjoni għandu jistabbilixxi bil-miktub lill-Parlament b'mod parallel l-elementi ewlenin li jiggwidaw it-tħejjija tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għas-sena ta' wara.

6. Mill-bidu ta' Settembru, il-kumitati parlamentari u l-Membri rilevanti tal-Kummissjoni jistgħu jiltaqgħu biex ikollhom skambju ta' opinjonijiet aktar dettaljat dwar il-prijoritajiet fil-ġejjieni f'kull wieħed mill-oqsma politiċi. Dawn il-laqgħat għandhom jintemmu b'laqgħa bejn il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati u l-Kulleġġ tal-Kummissarji u b'laqgħa bejn il-Konferenza tal-Presidenti u l-President tal-Kummissjoni, kif ikun xieraq.

7. F'Ottubru, il-Kummissjoni għandha tadotta l-Programm ta' Ħidma tagħha għas-sena ta' wara. Wara, il-President tal-Kummissjoni għandu jippreżenta dak il-Programm ta' Ħidma lill-Parlament f'livell xieraq.

8. Il-Parlament jista' jżomm dibattitu u jadotta riżoluzzjoni fis-sessjoni ta' Diċembru.

9 Din l-iskeda għandha tiġi applikata għal kull ċiklu regolari tal-programmazzjoni, ħlief fis-snin ta' elezzjonijiet Parlamentari li jaħbtu fl-istess żmien tat-tmiem taż-żmien tal-kariga tal-Kummissjoni.

10. Din l-iskeda m'għandhiex tkun ta' ħsara għal xi ftehim fil-ġejjieni dwar programmazzjoni interistituzzjonali.

## ANNESS XIV

## Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti

**Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni**[97]

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 255(2) tiegħu,

wara li kkunsidraw il-proposta mressqa mill-Kummissjoni[98],

filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat[99],

billi:

(1) It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jħaddan il-kunċett ta' trasparenza, billi jistqarr li t-Trattat jindika stadju ġdid fil-proċess tal-ħolqien ta' għaqda dejjem eqreb fost il-popli ta' l-Ewropa, fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu bl-aktar mod miftuħ, u kemm jista' jkun qrib taċ-ċittadin.

(2) It-trasparenza tgħin liċ-ċittadini jieħdu sehem b'mod aktar mill-qrib fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u tiggarantixxi li l-amministrazzjoni tgawdi aktar leġittimità u tkun aktar effettiva u responsabbli fir-rigward taċ-ċittadin f'sistema demokratika. It-trasparenza tikkontribwixxi biex jissaħħu l-prinċipji tad-demokrazija u r-rispett lejn id-drittijiet fundamentali, kif stipulat fl-Artikolu 6 tat-Trattat UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

(3) Il-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew li saru f'Birmingham, f'Edinburgu u f'Kopenħagen enfasizzaw il-bżonn li tiddaħħal aktar trasparenza fix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni. Dan ir-Regolament jikkonsolida l-inizjattivi li diġà ttieħdu mill-istituzzjonijiet bi skop li jtejbu t-trasparenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

(4) L-iskop ta' dan ir-Regolament huwa li d-dritt ta' l-aċċess pubbliku għad-dokumenti jitwettaq bl-aktar mod effettiv possibbli u li jistipula l-pinċipji ġenerali u l-limiti għal dan l-aċċess skond l-Artikolu 255(2) tat-Trattat KE.

(5) Peress li l-kwistjoni ta' l-aċċess għad-dokumenti m'hijiex koperta mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom, skond id-Dikjarazzjoni Nru 41, mehmuża ma' l-Att Finali tat-Trattat ta' Amsterdam, iqisu dan ir-Regolament bħala gwida fir-rigward ta' dokumenti dwar l-attivitajiet koperti minn dawk iż-żewġ Trattati.

(6) Għandu jingħata aċċess akbar għad-dokumenti f'każi fejn l-istituzzjonijiet jaġixxu fil-kapaċitajiet leġiżlattivi tagħhom, inklużi każi fejn jaġixxu skond setgħat delegati, filwaqt li fl-istess ħin tinżamm l-effettività tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-istituzzjonijiet. Sa fejn ikun possibbli, dawn id-dokumenti għandhom ikunu aċċessibbli direttament.

---

[97] ĠU L 145 31.5.2001 p. 43.
[98] ĠU C 177 E, 27.6.2000, p. 70.
[99] l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 2001 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001.

(7) Skond l-Artikoli 28(1) u 41(1) tat-Trattat UE, id-dritt ta’ l-aċċess japplika wkoll għad-dokumenti dwar il-politika barranija u għas-sigurtà komuni u dwar il-koperazzjoni tal-pulizija u l-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Kull istituzzjoni għandha tirrispetta r-regoli tas-sigurtà tagħha.

(8) L-aġenziji kollha mwaqqfa mill-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-prinċipji stabbiliti f’dan ir-Regolament sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa ta’ dan ir-Regolament fl-attivitajiet kollha ta’ l-Unjoni.

(9) Minħabba l-kontenut sensittiv ħafna tagħhom, xi dokumenti għandhom jingħataw trattament speċjali, . Arranġamenti sabiex il-Parlament Ewropew ikun infurmat bil-kontenut ta' dawn id-dokumenti għandhom isiru permezz ta' ftehim interistituzzjonali.

(10) Sabiex ikun hemm aktar trasparenza fix-xogħol ta’ l-istituzzjonijiet, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jagħtu aċċess mhux biss għad-dokumenti mħejjija mill-istituzzjonijiet, iżda wkoll għad-dokumenti li huma jirċievu. F’dan il-kuntest, għandu jitfakkar li d-Dikjarazzjoni Nru 35, mehmuża ma’ l-Att Finali tat-Trattat ta’ Amsterdam tipprovdi li Stat Membru jista’ jitlob lill-Kummissjoni jew lill-Kunsill biex ma jikkommunikawx lil terzi dokument li ġej minn dak l-Istat mingħajr il-kunsens tiegħu minn qabel.

(11) Fil-prinċipju, d-dokumenti kollha ta’ l-istituzzjonijiet għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku. Madankollu, bħala eċċezzjoni xi interessi pubbliċi u privati għandhom jiġu protetti. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom id-dritt li jipproteġu l-konsultazzjonijiet u d-deliberazzjonijiet interni tagħhom fejn meħtieġ sabiex jissalvagwardjaw il-kapaċità tagħhom li jwettqu dmirijiethom. Meta jevalwaw l-eċċeżżjonijiet, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-prinċipji tal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni ta’ tagħrif personali, f’kull qasam ta’ l-attivitajiet ta’ l-Unjoni.

(12) Ir-regoli kollha dwar l-aċċess għal dokumenti ta’ l-istituzzjonijiet għandhom ikunu konformi ma' dan ir-Regolament.

(13) Sabiex jiġi żgurat li d-dritt ta’ l-aċċess jiġi mħares kompletament, għandha tiġi applikata proċedura amministrattiva f’żewġ stadji, flimkien mal-possibilità miżjuda ta’ proċeduri legali jew ta’ lmenti lill-Ombudsman.

(14) Kull istituzzjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tinforma lill-pubbliku bid-dispożizzjonijiet ġodda fis-seħħ u sabiex tħarreġ l-impjegati tagħha biex jgħinu liċ-ċittadini jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skond dan ir-Regolament. Kull istituzzjoni għandha tipprovdi aċċess għal reġistru ta’ dokumenti sabiex tgħin liċ-ċittadini jeżerċitaw dawn id-drittijiet.

(15) Għalkemm l-emendar ta’ liġijiet nazzjonali dwar aċċess għal dokumenti ma jikkostitwixxix la l-iskop u lanqas l-effett ta' dan ir-Regolament, huwa madankollu ċar li, permezz tal-prinċipju ta' koperazzjoni leali li jirregola r-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri, l-Istati Membri għandhom jaraw li ma jfixklux l-applikazzjoni xierqa ta’ dan ir-Regolament u għandhom iħarsu r-regoli ta’ sigurtà ta’ l-istituzzjonijiet.

(16) Dan ir-Regolament huwa bla preġudizzju għad-drittijiet eżistenti ta’ aċċess għal dokumenti li għandhom l-Istati Membri, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew il-korpi investigattivi.

(17) Skond l-Artikolu 255(3) tat-Trattat tal-KE, kull istituzzjoni għandha tistipula dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-aċċess għad-dokumenti tagħha fir-regoli tal-proċedura tagħha. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/731/KE ta’ l-20 ta’ Diċembru 1993 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Kunsill[100], id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/90/KEFA, KE, Euratom tat-8 ta’

[100] ĠU L 340, 31.12.1993, p. 43. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2000/527/KE (ĠU L 212, 23.8.2000, p. 9).

Frar 1994 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Kummissjoni[101], id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 97/632/KE, KEFA, Euratom ta’ l-10 ta’ Lulju 1997 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew[102], u r-regoli dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti ta’ Schengen, għandhom jiġu emendati jew imħassra,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1 Għan**

L-għan ta’ dan ir-Regolament huwa:

(a) li jiġu definiti l-prinċipji, il-kundizzjonijiet u l-limiti għal raġunijiet ta’ interess pubbliku jew privat li jirregolaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (hawnhekk minn issa 'l quddiem imsejħa "l-istituzzjonijiet") kif stipulat fl-Artikolu 255 tat-Trattat tal-KE sabiex jiġi żgurat l-akbar aċċess possibbli għad-dokumenti,

(b) li jistabbilixxi regoli li jiżguraw l-akbar faċilità possibbli fl-eżerċitar ta’ dan id-dritt, u

(c) li jippromwovi prattika amministrattiva tajba fl-aċċess għad-dokumenti.

**Artikolu 2 Benefiċjarji u skop**

1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew legali residenti jew li għandha l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, għandhom dritt ta’ aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, bla ħsara għall-prinċipji, għall-kundizzjonijiet u għal-limiti stipulati f’dan ir-Regolament.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu, sakemm josservaw l-istess prinċipji, kundizzjonijiet u limiti, jagħtu aċċess għad-dokumenti lil kull persuna fiżika jew legali li m’hijiex residenti jew li m’għandhiex l-uffiċċju reġistrat fi Stat Membru.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għad-dokumenti kollha miżmuma minn istituzzjoni, jiġifieri, dokumenti li ħejjiet jew li rċiviet u li qegħdin fil-pussess tagħha, f’kull qasam ta’ attività ta’ l-Unjoni Ewropea.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 4 u 9, dokumenti għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku wara applikazzjoni bil-miktub, direttament f’forma elettronika jew permezz ta’ reġistru. B’mod partikulari, dokumenti li tħejjew jew li waslu waqt proċedura leġiżlattiva għandhom ikunu aċċessibbli direttament skond l-Artikolu 12.

5. Dokumenti sensittivi kif definiti fl-Artikolu 9(1) għandhom ikunu suġġetti għal trattament speċjali skond dak l-Artikolu.

6. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minn strumenti tad-dritt internazzjonali jew minn atti ta’ l-istituzzjonijiet li qed jimplementawhom.

**Artikolu 3 Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

---

[101]ĠU L 46, 18.2.1994, p. 58. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 96/567/KE, KEFA, Euratom (ĠU L 247, 28.9.1996, p. 45).
[102]ĠU L 263, 25.9.1997, p. 27.

(a) "dokument" tfisser kull kontenut, ikun liema jkun il-mezz ta' komunikazzjoni tiegħu (miktub fuq karta jew reġistrat f'forma elettronika jew irrekordjat bħala 'sound' jew irrekordjat b'mod viżiv jew awdjoviżiv) li jikkonċerna kwistjoni li għandha x'taqsam mal-politiki, ma' l-attivitajiet u mad-deċiżjonijiet li jaqgħu fi ħdan ir-responsabbiltà ta' l-istituzzjoni;

(b) "terza persuna" tfisser kull persuna fiżika jew legali, jew kull entità barra mill-istituzzjoni involuta, inklużi l-Istati Membri, istituzzjonijiet Kommunitarji jew mhux Kommunitarji u korpi u pajjiżi terzi.

**Artikolu 4 Eċċezzjonijiet**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw l-aċċess għal dokument li, jekk jiġi żvelat, jista' jdgħajjef il-ħarsien ta':

(a) l-interess pubbliku fir-rigward:

– tas-sigurtà pubblika,

– tad-difiża u ta' affarijiet militari,

– ta' relazzjonijiet internazzjonali,

– tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru;

(b) il-privatezza u l-integrità ta' l-individwu, b'mod partikulari b'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-ħarsien ta' tagħrif personali.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw l-aċċess għal dokument li, jekk jiġi żvelat, jista' jdgħajjef il-ħarsien ta':

– interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew legali, inkluża l-proprjetà intellettwali,

– proċeduri u pariri legali,

– l-iskop ta' ispezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki,

sakemm ma' jkunx hemm interess pubbliku prevalenti biex id-dokument jiġi żvelat.

3. Għandu jiġi rifjutat l-aċċess għal dokument imħejji għall-użu intern minn istituzzjoni jew li jkun ġie irċevut minn istituzzjoni, li jikkonċerna kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttiħditx mill-istituzzjoni, f'każ li, jekk jiġi żvelat, idgħajjef serjament il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku prevalenti biex dan id-dokument jiġi żvelat.

Aċċess għal dokument li fih opinjonijiet għall-użu intern bħala parti minn deliberazzjonijiet u konsultazzjonijiet preliminarji fl-istituzzjoni kkonċernata għandu jiġi rrifjutat anke wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni jekk l-iżvelar tad-dokument idgħajjef serjament il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku prevalenti biex dan id-dokument jiġi żvelat.

4. Fir-rigward ta' dokumenti ta' terzi persuni, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta mat-terza persuna bl-iskop li tevalwa jekk tkunx tapplika xi eċċezzjoni fil-paragrafu 1 jew 2, sakemm ma jkunx evidenti li d-dokument għandu jiġi żvelat jew le.

5. Stat Membru jista' jitlob lill-istituzzjoni sabiex ma tiżvelax dokument li ġej minn dak l-Istat Membru mingħajr il-kunsens tiegħu minn qabel.

6. Jekk xi eċċezzjonijiet ikopru biss partijiet tad-dokument mitlub, il-partijiet l-oħra tad-dokument għandhom jiġu żvelati.

7. L-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw biss għaż-żmien li fih il-ħarsien ikun iġġustifikat fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu ta' mhux itwal minn 30 sena. Fil-każ ta' dokumenti koperti mill-eċċezzjonijiet li jikkonċernaw il-privatezza jew interessi kummerċjali u fil-każ ta' dokumenti sensittivi, jekk ikun meħtieġ, l-eċċezzjonijiet jistgħu jibqgħu japplikaw wara dan il-perjodu.

**Artikolu 5 Dokumenti fl-Istati Membri**

Meta Stat Membru jirċievi talba għal dokument li hu għandu fil-pussess tiegħu, liema talba toriġina minn istituzzjoni, sakemm ma jkunx ċar li d-dokument għandu jiġi żvelat jew le, l-Istat Membru għandu jikkonsulta ma' l-istituzzjoni involuta sabiex jieħu deċiżjoni li ma tpoġġix fil-periklu l-possibiltà li jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

L-Istat Membru jista' minflok jirreferi t-talba lill-istituzzjoni.

**Artikolu 6 Applikazzjonijiet**

1. Applikazzjonijiet għall-aċċess għal dokument għandhom isiru fi kwalunkwe forma miktuba, inkluża l-forma elettronika, f'waħda mil-lingwi msemmija fl-Artikolu 314 tat-Trattat tal-KE u b'mod preċiż biżżejjed li jippermettu lill-istituzzjoni sabiex tidentifika d-dokument. L-applikant mhux obbligat li jagħti r-raġunijiet li għalihom qed jagħmel l-applikazzjoni.

2. Jekk applikazzjoni ma tkunx preċiża biżżejjed, l-istituzzjoni għandha titlob lill-applikant sabiex jiċċara l-applikazzjoni u għandha tgħin lill-applikant f'dan il-proċess billi, per eżempju, tipprovdi tagħrif dwar l-użu tar-reġistri pubbliċi ta' dokumenti.

3. Fil-każ ta' applikazzjoni li għandha x'taqsam ma' dokument twil ħafna jew ma' numru kbir ta' dokumenti, l-istituzzjoni involuta tista' tkellem lill-applikant b'mod informali, sabiex tinstab soluzzjoni ġusta.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu tagħrif u għajnuna liċ-ċittadini dwar kif u fejn jistgħu jsiru l-applikazzjonijiet għall-aċċess għad-dokumenti.

**Artikolu 7 Proċessar ta' applikazzjonijiet inizjali**

1. Applikazzjoni għall-aċċess għal dokument għandha tiġi proċessata mill-ewwel. Għandha tintbagħat konferma ta' rċevuta lill-applikant. Sa 15-il ġurnata tax-xogħol mir-reġistrazzjoni ta' l-applikazzjoni, l-istituzzjoni għandha jew tipprovdi l-aċċess għad-dokument mitlub u tipprovdi l-aċċess skond l-Artikolu 10 f'dak il-perjodu jew, permezz ta' tweġiba bil-miktub, tagħti r-raġunijiet għar-rifjut totali jew parzjali u tavża lill-applikant dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni ta' konferma skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali, l-applikant jista', fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol minn meta jirċievi t-tweġiba mill-istituzzjoni, jagħmel applikazzjoni ta' konferma fejn jitlob lill-istituzzjoni terġa' tikkunsidra il-pożizzjoni tagħha.

3. F'każi eċċezzjonali, per eżempju fil-każ ta' applikazzjoni dwar dokument twil ħafna jew dwar numru kbir ta' dokumenti, id-data ta' skadenza stipulata fil-paragrafu 1 tista' tiġi estiża bi 15-il ġurnata tax-xogħol, sakemm l-applikant jiġi avżat minn qabel u jingħataw raġunijiet dettaljati.

4. Jekk l-istituzzjoni tonqos li twieġeb fiż-żmien stipulat tkun qed tagħti d-dritt lill-applikant li jagħmel applikazzjoni ta' konferma.

**Artikolu 8 Proċessar ta’ applikazzjonijiet ta' konferma**

1. Applikazzjoni ta' konferma għandha tiġi proċessata mill-ewwel. Fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol mir-reġistrazzjoni ta’ dan it-tip ta' applikazzjoni, l-istituzzjoni għandha jew tipprovdi l-aċċess għad-dokument mitlub u tipprovdi l-aċċess skond l-Artikolu 10 f’dak il-perjodu jew, permezz ta' tweġiba bil-miktub, tagħti r-raġunijiet għar-rifjut totali jew parzjali. Fil-każ ta’ rifjut totali jew parzjali, l-istituzzjoni għandha tavża l-applikant dwar ir-rimedji disponibbli għalih jew għaliha, b'mod partikulari dwar il-possibiltà li jinfetħu proċeduri legali kontra l-istituzzjoni u/jew li jsir ilment lill-Ombudsman, skond il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 230 u 195 tat-Trattat tal-KE, rispettivament.

2. F’każi eċċezzjonali, per eżempju fil-każ ta’ applikazzjoni li tikkonċerna dokument twil ħafna jew dwar numru kbir ta’ dokumenti, id-data ta' skadenza stipulata fil-paragrafu 1 tista’ tiġi estiża bi 15-il ġurnata tax-xogħol, sakemm l-applikant jiġi avżat minn qabel u jingħataw raġunijiet dettaljati.

3. Jekk l-istituzzjoni tonqos li twieġeb fiż-żmien stipulat tkun qed tagħti d-dritt lill-applikant li jiftaħ proċeduri legali kontra l-istituzzjoni u/jew jagħmel ilment lill-Ombudsman, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE.

**Artikolu 9 Trattament ta’ dokumenti sensittivi**

1. Dokumenti sensittivi huma dokumenti li ġejjin mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji mwaqqfa minnhom, mill-Istati Membri, minn pajjiżi terzi jew minn Organizzazzjonijiet Internazzjonali, li huma klassifikati bħala "TRÉS SECRET/TOP SECRET", "SECRET" jew "CONFIDENTIEL" skond ir-regoli ta’ l-istituzzjoni kkonċernata, li jħarsu l-interessi essenzjali ta’ l-Unjoni Ewropea jew ta’ wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mill-Artikolu 4(1)(a), partikularment is-sigurtà pubblika, id-difiża u affarijiet militari.

2. Applikazzjonijiet għall-aċċess għal dokumenti sensittivi skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 għandhom jiġu proċessati biss minn dawk il-persuni li għandhom dritt isiru jafu dwar dawk id-dokumenti. Dawn il-persuni għandhom ukoll, bla ħsara għall-Artikolu 11(2), jevalwaw liema referenzi għal dokumenti sensittivi jistgħu jsiru fir-reġistru pubbliku.

3. Dokumenti sensittivi għandhom jiġu reġistrati fir-reġistru jew żvelati biss bil-kunsens ta’ min oriġina d-dokument.

4. Istituzzjoni li tiddeċiedi li tiċħad l-aċċess għal dokument sensittiv għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha b’mod li ma jagħmilx ħsara lill-interessi protetti mill-Artikolu 4.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri adegwati sabiex jiżguraw li fl-ipproċessar ta’ applikazzjonijiet għal dokumenti sensittivi jitħarsu l-prinċipji stipulati f’dan l-Artikolu u fl-Artikolu 4.

6. Ir-regoli ta’ l-istituzzjonijiet dwar dokumenti sensittivi għandhom isiru pubbliċi.

7. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom javżaw lill-Parlament Ewropew dwar dokumenti sensittivi skond l-arranġamenti miftiehma bejn l-istituzzjonijiet.

**Artikolu 10 Aċċess wara applikazzjoni**

1. L-applikant għandu jkollu aċċess għad-dokumenti jew billi jikkonsultahom fuq il-post jew billi jirċievi kopja, inkluż, fejn disponibbli, kopja elettronika, skond il-preferenza ta’ l-applikant. L-applikant jista' jintalab jagħmel tajjeb għall-ispejjeż biex jiġu prodotti u mibgħuta kopji.Dan il-ħlas m’għandux jaqbeż l-ispiża li fil-fatt tkun saret biex jiġu prodotti u mibgħuta l-kopji.

Konsultazzjoni fuq il-post, kopji ta’ inqas minn 20 paġna A4 u aċċess dirett fil-forma elettronika jew permezz tar-reġistru għandhom ikunu b'xejn.

2. Jekk dokument ikun diġà nħareġ mill-istituzzjoni konċernata u jkun faċilment aċċessibbli għall-applikant, l-istituzzjoni tista’ twettaq l-obbligu tagħha li tipprovdi l-aċċess għal dokumenti billi tinforma lill-applikant kif jista’ jikseb id-dokument mitlub.

3. Dokumenti għandhom jiġu pprovduti f’verżjoni u format eżistenti (inklużi dawk elettroniċi jew f’format alternattiv bħal bil-Braille, b'tipa kbira jew fuq tejp) u għandha tingħata kull kunsiderazzjoni tal-preferenza ta’ l-applikant.

**Artikolu 11 Reġistri**

1. Sabiex id-drittijiet taċ-ċittadin skond dan ir-Regolament isiru effettivi, kull istituzzjoni għandha tipprovdi aċċess pubbliku għal reġistru ta' dokumenti. Aċċess għar-reġistru għandu jingħata f'forma elettronika. Referenzi għal dokumenti għandhom ikun rreġistrati fir-reġistru mingħajr dewmien.

2. Għal kull dokument, ir-reġistru għandu jkollu numru ta’ referenza (inkluża, fejn tapplika, ir-referenza interistituzzjonali), is-suġġett u/jew deskrizzjoni fil-qosor tal-kontenut tad-dokument u d-data ta' meta l-istituzzjoni tkun irċeviet id-dokumenti, id-data ta' meta tħejja u d-data ta' meta ddaħħal fir-reġistru. Ir-referenzi għandhom isiru b'mod li ma jdgħajfux il-protezzjoni ta' l-interessi stipulati fl-Artikolu 4.

3. L-istituzzjonijiet għandhom immedjatament jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jistabbilixxu reġistru li għandu jkun utilizzabbli sat-3 Ġunju 2002.

**Artikolu 12 Aċċess dirett f’forma elettronika jew permezz ta’ reġistru**

1. L-istituzzjonijiet għandhom, sa fejn hu possibbli, jagħmlu d-dokumenti direttament aċċessibbli għall-pubbliku f'forma elettronika jew permezz ta' reġistru, bi qbil mar-regoli ta' l-istituzzjoni kkonċernata.

2. B’mod partikulari, d-dokumenti leġiżlattivi, jiġifieri, dokumenti mħejjija jew li waslu matul proċeduri għall-adozzjoni ta’ atti li jorbtu legalment fi jew għall-Istati Membri, għandhom ikunu direttament aċċessibbli, bla ħsara għall-Artikoli 4 u 9.

3. Fejn ikun possibbli, dokumenti oħra, partikularment dokumenti dwar l-iżvilupp ta' politika jew strateġija, għandhom ikunu direttament aċċessibbli.

4. Meta aċċess dirett ma jingħatax permezz tar-reġistru, ir-reġistratur għandu, sa fejn ikun possibbli, jindika fejn jinsab id-dokument.

**Artikolu 13 Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali**

1. Flimkien ma' l-atti msemmija fl-Artikolu 254(1) u (2) tat-Trattat tal-KE u fl-ewwel paragrafu ta’ l-Artikolu 163 tat-Trattat Euratom, id-dokumenti li ġejjin, bla ħsara għall-Artikoli 4 u 9 ta’ dan ir-Regolament, għandhom jiġu ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali:

(a) proposti tal-Kummissjoni;

(b) pożizzjonijiet komuni adottati mill-Kunsill skond il-proċedura msemmija fl-Artikoli 251 u 252 tat-Trattat tal-KE u r-raġunijiet għal dawk il-pożizzjonijiet komuni, kif ukoll il-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew f’dawn il-proċeduri;

(c) il-qafas tad-deċiżjonijiet u deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE;

(d) konvenzjonijiet stipulati mill-Kunsill skond l-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE;

(e) konvenzjonijiet iffirmati bejn l-Istati Membri fuq il-bażi ta’ l-Artikolu 293 tat-Trattat KE;

(f) ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Komunità jew skond l-Artikolu 24 tat-Trattat UE.

2. Sa fejn hu possibbli, id-dokumenti li ġejjin għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali:

(a) inizjattivi preżentati lill-Kunsill minn Stat Membru skond l-Artikolu 67(1) tat-Trattat KE jew skond l-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE;

(b) pożizzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 34(2) tat-Trattat UE;

(c) direttivi li m'humiex id-direttivi isemmija fl-Artikolu 254(1) u (2) tat-Trattat KE, deċiżjonijiet li m'humiex id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet.

3. Fir-regoli ta' proċedura tagħha kull istituzzjoni tista’ tistabbilixxi liema dokumenti oħrajn għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Artikolu 14 Tagħrif**

1. Kull istituzzjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tavża l-pubbliku dwar id-drittijiet li għandu skond dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma’ l-istituzzjonijiet fl-għoti ta’ tagħrif liċ-ċittadini.

**Artikolu 15 Prattika amministrattiva fl-istituzzjonijiet**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw prattiki amministrattivi tajbin sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-dritt ta’ l-aċċess garantit minn dan ir-Regolament.

2. L-istituzzjonijiet għandhom iwaqqfu kumitat interistituzzjonali sabiex jeżamina l-aħjar prattika, jindirizza konflitti li jistgħu jinqalgħu u jiddiskuti żviluppi futuri dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

**Artikolu 16 Riproduzzjoni ta’ dokumenti**

Dan ir-Regolament għandu jkun bla ħsara għal regoli fis-seħħ li jistgħu jillimitaw id-dritt ta' terza persuna li tirriproduċi jew li tisfrutta dokumenti żvelati.

**Artikolu 17 Rapporti**

1. Kull istituzzjoni għandha ta' kull sena tippubblika rapport għas-sena ta’ qabel, inkluż in-numru ta’ każi fejn l-istituzzjoni rriffjutat l-aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dan ir-rifjut u n-numru ta’ dokumenti sensittivi li m'humiex reġistrati fir-reġistru.

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Jannar 2004, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta’ dan ir-Regolament u għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet li jinkludu, jekk japplika, proposti għar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament u programm ta’ azzjoni li jinkludi l-miżuri li għandhom jittieħdu mill-istituzzjonijiet.

**Artikolu 18 Miżuri ta’ implimentazzjoni**

1. Kull istituzzjoni għandha tadatta r-regoli ta' proċedura tagħha għad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. L-adattamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mit-3 ta’ Diċembru 2001.

2. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha teżamina l-konformità tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 ta’ l-1 ta’ Frar 1983 dwar il-ftuħ għall-pubbliku ta’ l-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika[103] ma’ dan ir-Regolament sabiex tiżgura, sa fejn ikun possibbli, il-preservazzjoni u l-arkivjar ta’ dokumenti.

3. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha teżamina l-konformità tar-regoli fis-seħħ dwar l-aċċess ta’ dokumenti ma' dan ir-Regolament.

**Artikolu 19 Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mit-3 ta’ Diċembru 2001.

[103]ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1.

## ANNESS XV

## Linji Gwidi għall-interpretazzjoni ta' l-istandards ta' mġiba tal-Membri

1. Għandha ssir distinzjoni bejn azzjonijiet viżwali, li jistgħu jkunu tollerati, kemm-il darba ma jkunux offensivi u/jew difamatorji, jibqgħu f'limiti raġonevoli u ma jwasslux għal konflitt, u dawk li jisfrattaw b'mod attiv kwalunkwe attività parlamentari.

2. Il-Membri għandhom jinżammu responsabbli għal kwalunkwe nuqqas minn persuni li huma jimpjegaw jew li lilhom jirranġaw biex ikollhom aċċess għall-Parlament biex josservaw fil-bini tal-Parlament l-istandards ta' mġiba applikabbli għall-Membri.

Il-President jew ir-rappreżentanti tiegħu jistgħu jeżerċitaw setgħat dixxiplinari fuq tali persuni jew fuq kwalunkwe persuna barranija oħra fil-bini tal-Parlament.

## ANNESS XVI

## Linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni

1. Għandhom japplikaw il-prinċipji, il-kriterji u l-arranġamenti li ġejjin sabiex il-kulleġġ kollu tal-Kummissjoni jkun suġġett għall-vot ta' approvazzjoni tal-Parlament:

(a) Bażi għall-evalwazzjoni

Il-Parlament għandu jevalwa l-Kummissarji nnominati fuq il-bażi tal-kompetenza ġenerali, l-impenn Ewropew u l-indipendenza personali tagħhom. Għandu jevalwa l-għarfien tal-portafoll li għalih qed ikunu proposti u l-ħiliet ta' komunikazzjoni tagħhom.

Il-Parlament għandu joqgħod attent b'mod partikulari għall-bilanċ bejn is-sessi. Jista' jesprimi ruħu dwar l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet tal-portafolli mill-President elett.

Il-Parlament jista' jfittex li jikseb kull tagħrif rilevanti biex jieħu deċiżjoni dwar il-kapaċità tal-Kummissarji nnominati. Huwa jistenna li t-tagħrif dwar l-interessi finanzjarji tagħhom ikun żevalat bis-sħiħ.

Id-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-Kummissarji nnominati għandhom jintbagħtu għall-iskrutinju tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali.

*L-iskrutinju tad-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji ta' Kummissarju nnominat mill-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jikkonsisti mhux biss fil-verifika li d-dikjarazzjoni tkun ġiet debitament mimlija, iżda wkoll fl-evalwazzjoni ta' jekk kunflitt ta' interessi jistax jiġi dedott mill-kontenut tad-dikjarazzjoni. Huwa mbagħad għall-kumitat responsabbli għas-smigħ li jiddeċiedi jekk huwa jeħtieġx aktar informazzjoni mill-Kummissarju nnominat.*

(b) Seduti ta' smigħ

Kull Kummissarju nnominat għandu jkun mistieden jidher quddiem il-kumitat jew kumitati kompetenti għal seduta ta' smigħ waħda. Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru fil-pubbliku.

Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu organizzati mill-Konferenza tal-Presidenti fuq rakkomandazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-president u l-koordinaturi ta' kull kumitat għandhom ikunu responsabbli għall-arranġamenti dettaljati. Jistgħu jinħatru rapporteurs.

Għandhom isiru arranġamenti xierqa biex ikunu assoċjati l-kumitati rilevanti meta l-portafolli jkunu mħallta. Hemm tliet għażliet:

(a) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' taħt il-mandat ta' kumitat wieħed, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dak il-kumitat biss (il-kumitat responsabbli);

(b) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' bejn wieħed u ieħor b'mod indaqs taħt il-mandat ta' iktar minn kumitat wieħed, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dawn il-kumitati flimkien (kumitati konġunti); u

(c) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' primarjament taħt il-mandat ta' kumitat wieħed u sa ċertu punt biss taħt il-mandat ta' għall-inqas kumitat ieħor, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' mill-kumitat li għandu r-responsabilità ewlenija, bl-assoċjazzjoni tal-kumitat l-ieħor jew lill-kumitati l-oħra (kumitati assoċjati).

Il-President elett tal-Kummissjoni għandu jkun ikkonsultat bis-sħiħ dwar l-arranġamenti.

Il-kumitati għandhom iressqu mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissarji nnominati kmieni biżżejjed qabel is-seduta. Għal kull Kummissarju nnominat għandhom jitfasslu żewġ mistoqsijiet komuni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, l-ewwel waħda marbuta ma' kwistjonijiet ta' kompetenza ġenerali, l-impenn Ewropew u l-indipendenza personali, u t-tieni waħda marbuta mal-ġestjoni tal-portafoll u l-koperazzjoni mal-Parlament. Il-kumitat responsabbli għandu jfassal tliet mistoqsijiet oħra. Fil-każ tal-kumitati konġunti, kull wieħed minnhom għandu jingħata d-dritt ifassal żewġ mistoqsijiet.

Kull seduta ta' smigħ għandha tiġi skedata li ddum tliet sigħat. Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru f'ċirkostanzi, u skond kundizzjonjiet, li fihom il-Kummissarji nnominati jgawdu minn opportunità ugwali u ġusta biex jippreżentaw lilhom infushom u l-fehmiet tagħhom.

Il-Kummissarji nnominati għandhom ikunu mistiedna biex jagħmlu stqarrija tal-bidu bil-fomm ta' mhux aktar minn 15-il minuta. Meta jkun possibbli, il-mistoqsijiet li jsiru matul is-seduta ta' smigħ għandhom jinġabru flimkien skont it-tema. Il-maġġoranza tal-ħin għad-diskors għandu jkun allokat lill-gruppi politiċi, f'konformità mal-Artikolu 162 mutatis mutandis. It-tmexxija tas-seduti ta' smigħ għandha ssir bl-għan li jkun żviluppat djalogu politiku pluralistiku bejn il-Kummissarji nnominati u l-Membri. Qabel tmiem is-seduta ta' smigħ, il-Kummissarji nnominati għandu jkollhom l-opportunità li jagħmlu stqarrija qasira ta' l-għeluq.

Għandu jkun hemm trażmissjoni awdjoviżiva diretta tas-seduti ta' smigħ. Għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku reġistrazzjoni indiċizzata tas-seduti ta' smigħ fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa.

(c) Evalwazzjoni

Il-President u l-koordinaturi għandhom jiltaqgħu mingħajr dewmien wara s-seduta ta' smigħ biex jevalwaw kull wieħed mill-Kummissarji nnominati. Dawk il-laqgħat għandhom isiru in camera. Il-koordinaturi għandhom ikunu mistiedna biex jgħidu jekk, fil-fehma tagħom, il-Kummissarji nnominati humiex ikkwalifikati kemm biex ikunu membri tal-kulleġġ u biex iwettqu d-dmirijiet partikolari assenjati lilhom. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tfassal mudell pro forma biex tassisti l-evalwazzjoni.

Fil-każ ta' kumitati konġunti, il-president u l-koordinaturi tal-kumitati kkonċernati għandhom jaġixxu b'mod konġunt waqt il-proċedura kollha.

Għandu jkun hemm stqarrija ta' evalwazzjoni waħda għal kull Kummissarju nnominat. L-opinjonijiet tal-kumitati kollha assoċjati mas-smigħ għandhom jiġu inklużi.

Meta l-kumitati jkunu jirrikjedu iktar tagħrif sabiex ilestu l-evalwazzjoni tagħhom, il-President għandu jikteb lill-President elett tal-Kummissjoni f'isimhom. Il-koordinaturi għandhom iqisu r-risposta ta' dan tal-aħħar.

Jekk il-koordinaturi ma jkunux jistgħu jaslu għal konsensus dwar l-evalwazzjoni, jew fuq talba ta' grupp politiku wieħed, il-president għandu jsejjaħ laqgħa tal-kumitat sħiħ. Jekk ikun falla kull tentattiv ieħor, il-president għandu jressaq iż-żewġ deċiżjonijiet għal votazzjoni sigrieta.

L-istqarrijiet ta' evalwazzjoni tal-kumitati għandhom jiġu adottati u ppubblikata fi żmien 24 siegħa wara s-seduti ta' smigħ. L-istqarrijiet għandhom jiġu eżaminati mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati u sussegwentement mibgħuta lill-Konferenza tal-Presidenti. Ħlief jekk tiddeċiedi li tfittex tagħrif ulterjuri, il-Konferenza tal-Presidenti, wara skambju ta' fehmiet, għandha tiddikjara s-seduti ta' smigħ magħluqa.

Il-President elett tal-Kummissjoni għandu jippreżenta l-kulleġġ sħiħ tal-Kummissarji nnominati u l-programm tagħhom f'seduta tal-Parlament li għaliha għandhom ikunu mistiedna jattendu l-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kunsill. Wara l-preżentazzjoni għandu jsir

dibattitu. Sabiex jingħalaq id-dibattitu, kwalunkwe grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni. Għandu japplika l-Artikolu 123(3), (4) u (5).

Wara l-votazzjoni dwar il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, il-Parlament għandu jivvota dwar jekk jagħtix jew le l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra, bħala korp, tal-President elett u l-Kummissarji nnominati. Il-Parlament għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, permezz ta' sejħa ta' l-ismijiet. Huwa jista' jiddifferixxi l-votazzjoni għas-seduta li jkun imiss.

2. L-arranġamenti li ġejjin għandhom japplikaw fil-każ ta' bdil fil-kompożizzjoni tal-kulleġġ tal-Kummissjoni jew ta' bdil sostanzjali tal-portafolli matul il-mandat tagħha:

(a) Meta post vakanti maħluq minħabba riżenja, irtirar mandatorju jew mewt ikun irid jimtela, il-Parlament, malajr u b'mod effettiv, għandu jistieden lill-Kummissarju nnominat biex jieħu sehem f'seduta ta' smigħ bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati fil-paragrafu 1.

(b) Fil-każ ta' l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid, il-Parlament għandu jistieden lill-Kummissarju nnominat biex jieħu sehem f'seduta ta' smigħ bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk stipulati fil-paragrafu 1.

(c) Fil-każ ta' bdil sostanzjali tal-portafolli, il-Kummissarji milquta għandhom ikunu mistiedna jidhru quddiem il-kumitati kkonċernati qabel jieħdu r-responsabilitajiet il-ġodda tagħhom.

B'deroga mill-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1(c), it-tmin subparagrafu, meta l-votazzjoni fil-plenarja tikkonċerna l-ħatra ta' Kummissarju wieħed, il-vot għandu jkun sigriet.

ANNESS XVII

# Proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja

## DEĊIŻJONI TAL-KONFERENZA TAL-PRESIDENTI TAT-12 TA' DIĊEMBRU 2002[104]

Il-Konferenza tal-Presidenti,

wara li kkunsidrat l-Artikoli 27, 29, 132, 133, 37, 46, 49, 51, 52, 54, 216(2) u 220(2) tar-Regoli ta' Proċedura;

IDDEĊIDIET

**Artikolu 1**

**Dispożizzjonijiet Ġenerali**

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-kategoriji li ġejjin ta' rapporti fuq inizjattiva proprja :

(a) Rapporti fuq Inizjattiva Proprja Leġiżlattivi, imħejjija fuq il-bażi tal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura;

(b) Rapporti Strateġiċi, imħejjija fuq il-bażi ta' inizjattivi strateġiċi u prijoritarji mhux leġiżlattivi li huma inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni;

(c) Rapporti fuq Inizjattiva Proprja Mhux Leġiżlattivi, li ma jitħejjewx fuq il-bażi ta' dokument ta' xi istituzzjoni jew entità oħra ta' l-Unjoni Ewropea jew li jitħejjew fuq il-bażi ta' dokument mgħoddi lill-Parlament bħala informazzjoni, bla ħsara għall-Artikolu 2(3);

(d) Rapporti Annwali ta' Ħidma u ta' Segwitu imsemmija fl-Anness 1[105];[106]

(e) Rapporti ta' Implimentazzjoni dwar it-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE fil-liġijiet nazzjonali u dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tagħha fl-Istati Membri.

Kwota

---

[104] Din id-Deċiżjoni ġiet emendata b'deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tas-26 ta' Ġunju 2003 u ġiet ikkonsolidata fit-3 ta' Mejju 2004. Reġgħet ġiet emendata b'riżultat tad-deċiżjonijiet adottati fis-sessjoni plenarja tal-15 ta' Ġunju 2006 u tat-13 ta' Novembru 2007 u b'deċiżjonijiet tal-Konferenza tal-Presidenti tal-14 ta' Frar 2008, tal-15 ta' Diċembru 2011 u tas-6 ta’ Marzu 2014.

[105] Il-Kumitati Parlamentari li jkollhom il-ħsieb li jressqu Rapporti Annwali ta' Ħidma jew ta' Segwitu skond l-Artikolu 132(1) tar-Regoli ta' Proċedura jew skond dispożizzjonijiet legali oħra (kif imniżżla fl-Anness 2) għandhom jagħtu notifika bil-quddiem ta' dan lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, filwaqt li jindikaw, b'mod partikulari, il-bażi legali rilevanti mit-Trattati u minn dispożizzjonijiet legali oħra, fosthom ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati mbagħad tagħti notifika tagħhom lill-Konferenza tal-Presidenti. Rapporti bħal dawn għandhom jiġu awtorizzati b'mod awtomatiku u ma jkunux suġġetti għall-kwota msemmija fl-Artikolu 1(2).

[106] Fid-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' April 2011, il-Konferenza tal-Presidenti stqarret li rapporti fuq inizjattiva proprja imfasslin fuq il-bażi ta' rapporti annwali ta' ħidma u ta' segwitu elenkati fl-Annessi 1 u 2 ta' din id-deċiżjoni għandhom jitqiesu bħala rapporti strateġiċi skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura.

2. Matul l-ewwel nofs tal-leġiżlatura, kull kumitat parlamentari jista' jabbozza b'mod simultanju sa sitt rapporti fuq inizjattiva proprja. Il-kwota għall-kumitati li jkollhom sottokumitati tiżdied bi tliet rapporti għal kull sottokumitat. Dawn ir-rapporti supplimentari għandhom jiġu mfassla mis-sottokumitat.

Matul it-tieni nofs tal-leġiżlatura, kull kumitat parlamentari jista' jabbozza b'mod simultanju sa tliet rapporti fuq inizjattiva proprja. Għall-kumitati b'sottokumitati, din il-kwota tiżdied b'żewġ rapporti għal kull sottokumitat. Dawn ir-rapporti supplimentari għandhom jitfasslu mis-sottokumitat.

Dawn li ġejjin mhumiex suġġetti għal dan il-limitu massimu:

– ir-rapporti fuq inizjattiva proprja leġiżlattivi;

– ir-rapporti ta’ implimentazzjoni (kull kumitat jista' jħejji dan it-tip ta' rapport fi kwalunkwe mument).

<u>Perjodu minimu qabel l-adozzjoni</u>

3. Il-kumitat parlamentari li jkun qiegħed jistenna l-awtorizzazzjoni ma jistax jadotta r-rapport konċernat qabel jgħaddu tliet xhur li jibdew jgħoddu mid-data ta' l-awtorizzazzjoni jew, fil-każ ta' notifika, qabel jgħaddu tliet xhur li jibdew jgħoddu mid-data tal-laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati li fiha jkun ġie nnotifikat ir-rapport.

**Artikolu 2**

**Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni**

1. Ir-rapport propost m'għandux jittratta suġġetti li jinvolvu fil-biċċa l-kbira tagħhom ħidmiet ta' analiżi u ta' riċerka li jistgħu jiġu koperti b'mezzi oħra, bħal permezz ta' studji.

2. Ir-rapport propost m'għandux jittratta suġġetti li jkun diġà sar rapport dwarhom li jkun ġie adottat f'sessjoni plenarja fit-12-il xahar ta' qabel, ħlief meta fatti ġodda jiġġustifikaw dan bħala eċċezzjoni.

3. Rigward ir-rapporti li jitħejjew fuq il-bażi ta' dokument li jkun mgħoddi bħala informazzjoni lill-Parlament, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

– id-dokument bażiku għandu jkun dokument uffiċjali ta' xi istituzzjoni jew entità ta' l-Unjoni Ewropea u għandu

  (a) ikun ġie mgħoddi b'mod uffiċjali lill-Parlament Ewropew għal konsultazzjoni jew bħala informazzjoni, jew

  (b) ikun ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*, għall-iskop ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, jew

  (c) ikun ġie ippreżentat b'mod uffiċjali lill-Kunsill Ewropew;

– id-dokument għandu jkun tressaq bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea;

– it-talba għall-awtorizzazzjoni għandha tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-data li fiha d-dokument imsemmi jkun tressaq quddiem il-Parlament Ewropew jew meta jkun ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

**Artikolu 3**

**Il-proċedura**

Awtorizzazzjoni awtomatika

1. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata b'mod awtomatiku wara notifika tat-talba lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati

– għar-rapporti ta' implimentazzjoni;

– għar-rapporti annwali ta' ħidma u ta' segwitu, imsemmija fl-Anness 1.

L-Irwol tal-Konferenza tal-Presidentital-Kumitati

2. It-talbiet għall-awtorizzazzjoni, sostanzjati kif jistħoqq, għandhom jiġu indirizzati lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, li għandha teżamina l-konformità tagħhom mal-kriterji stipulati fl-Artikoli 1 u 2 kif ukoll mal-kwota stabbilita fl-Artikolu 1. Talbiet bħal dawn għandu jkollhom indikazzjoni tat-tip u tat-titolu eżatt tar-rapport u tad-dokument(i) bażiku (bażiċi), jekk ikun il-każ.

3. Awtorizzazzjonijiet għat-tħejjija ta' rapporti strateġiċi għandha tingħata mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati wara li jkun ġie solvut kull kunflitt ta' kompetenza. Il-Konferenza tal-Presidenti tista', wara talba speċifika minn grupp politiku, tirrevoka din l-awtorizzazzjonijiet fi żmien mhux aktar minn erba' ġimgħat ta' ħidma parlamentari.

4. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tgħaddi lill-Konferenza tal-Presidenti it-talbiet għal awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja leġiżlattivi jew rapporti fuq inizjattiva proprja mhux leġiżlattivi li jiġu evalwati bħala li jkunu konformi mal-kriterji u mal-kwota allokata. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha fl-istess ħin tinnotifika lill-Konferenza tal-Presidenti bir-rapporti annwali ta' ħidma u ta' segwitu msemmija fl-Annessi 1 u 2, bir-rapporti ta' implimentazzjoni u bir-rapporti strateġiċi li jkunu ġew awtorizzati.

L-awtorizzazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti u s-soluzzjonita' kunflitti ta' kompetenza

5. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tadotta deċiżjoni dwar dawn it-talbiet għall-awtorizzazzjoni biex jitħejjew rapporti fuq inizjattiva proprja leġiżlattivi kif ukoll rapporti fuq inizjattiva proprja mhux leġiżlattivi fi żmien mhux aktar minn erba' ġimgħat ta' ħidma parlamentari wara li jkunu tressqu quddiem il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, ħlief jekk il-Konferenza tal-Presidenti tiddeċiedi, għal raġunijiet eċċezzjonali, li ttawwal id-data ta' l-iskadenza.

6. Jekk jitqajmu dubji dwar il-kompetenza ta' kumitat li jitlob li jħejji rapport, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat ta' ħidma parlamentari fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mfassla mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew, jekk ma jkunx hemm rakkomandazzjoni bħal din, tal-President tagħha. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti ma tiħux deċiżjoni fil-perjodu msemmi, ir-rakkomandazzjoni tiġi ddikjarata li tkun ġiet approvata.

**Artikolu 4**

**Applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura - proċedura tal-kumitati assoċjati**

1. It-talbiet għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu ppreżentati mhux aktar tard mit-Tnejn ta' qabel il-laqgħa ta' kull xahar tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati li fiha jiġu ttrattati t-talbiet għal awtorizzazzjoni biex jitħejjew rapporti fuq inizjattiva proprja.

2. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tittratta t-talbiet għall-awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja u dawk għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 fil-laqgħa tagħha ta' kull xahar.

3. Jekk il-kumitati konċernati ma jaslux għal ftehim dwar it-talba għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54, il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat ta' ħidma parlamentari fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mfassla mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew, jekk ma jkunx hemm rakkomandazzjoni bħal din, tal-President tagħha. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti ma tiħux deċiżjoni fil-perjodu msemmi, ir-rakkomandazzjoni għandha tiġi ddikjarata li tkun ġiet approvata.

**Artikolu 5**

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Lejn tmiem il-leġiżlatura tal-Parlament, it-talbiet biex jitressqu rapporti fuq inizjattiva proprja għandhom isiru mhux aktar tard mix-xahar ta' Lulju tas-sena ta' qabel l-elezzjonijiet. Wara dik id-data, jiġu awtorizzati biss it-talbiet eċċezzjonali sostanzjati kif jistħoqq.

2. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tippreżenta rapport lill-Konferenza tal-Presidenti dwar il-progress tat-tħejjija tar-rapporti fuq inizjattiva proprja kull sentejn u nofs.

3. Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2002. Hija tħassar u tissostitwixxi d-deċiżjonijiet li ġejjin:

– id-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tad-9 ta' Diċembru 1999 dwar il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tar-rapporti fuq inizjattiva proprja fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura, u d-Deċiżjonijiet tal-Konferenzi tal-Presidenti tal-15 ta' Frar u tas-17 ta' Mejju 2001 li aġġornaw l-anness għal dik id-Deċiżjoni;

– id-Deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-15 ta' Ġunju 2000 dwar il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tar-rapporti mħejjija fuq id-dokumenti mgħoddija bħala informazzjoni lill-Parlament Ewropew minn Istituzzjonijiet jew entitajiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

## ANNESS 1 Rapporti Annwali ta’ ħidma u ta’ segwitu suġġetti għall-awtorizzazzjoni awtomatika u b'referenza speċifika għar-Regoli ta' Proċedura (mhux suġġetti għall-kwota ta' rapporti li jistgħu jiġu abbozzati (skont l-Artikolu 1(2)u l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni)

Rapport dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja u l-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-materja - (Kumitat għall-Affarijiet Barranin)

Rapport Annwali tal-Kunsill skond id-Dispożizzjoni Operattiva 8 tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-Esportazzjoni ta' l-Armi - (Kumitat għall-Affarijiet Barranin)

Rapport dwar il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea - (Kumitat għall-Affarijiet Legali)

Għal leġiżlazzjoni aħjar - L-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità - (Kumitat għall-Affarijiet Legali)

Rapport dwar il-ħidma ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta bejn l-ACP u l-UE - (Kumitat għall-Iżvilupp)

Rapport dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea - (Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern)

Rapport dwar l-ugwaljanza bejn n-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea - (Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi)

Strateġija Integrata għall-ugwaljanza bejn n-nisa u l-irġiel fil-ħidma tal-kumitat (rapport annwali) - (Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi)

Rapport dwar il-koeżjoni - (Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali)

Il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - il-ġlieda kontra l-frodi - (Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit)

Rapport Annwali dwar l-EIB - (Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit/Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji - kull sentejn)

Il-Finanzi Pubbliċi fl-EMU - (Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji)

Il-qagħda ekonomika Ewropea: rapport ta' tħejjija dwar il-linji gwida għall-politika integrata, rigward, b'mod partikulari, il-linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika - (Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji)

Rapport annwali ta' l-ECB - (Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji)

Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni - (Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji)

Rapport Annwali dwar it-tabella ta' l-evalwazzjoni tas-suq intern - (Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur)

Rapport Annwali dwar il-ħarsien tal-konsumatur - (Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur)

Rapport Annwali dwar is-Solvit - (Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur)

## ANNESS 2 Rapporti annwali ta' ħidma u ta' segwitu suġġetti għall-awtorizzazzjoni awtomatika u b'referenza speċifika għar-Regoli ta' Proċedura (mhux suġġetti għall-kwota ta' rapporti li jistgħu jiġu abbozzati simultanjament)

Rapport Annwali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, Artikolu 116(7) - (Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern)

Rapport dwar il-Partiti Politiċi Ewropej, Artikolu 225(6) - (Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali)

Rapport dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, Artikolu 216(8) - (Kumitat għall-Petizzjonijiet)

Rapport dwar ir-rapport annwali ta' l-Ombudsman, Artikolu 220(2) - it-tieni parti - (Kumitat għall-Petizzjonijiet)

# ANNESS XVIII

## Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija

### Għanijiet u prinċipji

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea jagħtu l-ogħla importanza lit-titjib tal-komunikazzjoni dwar temi tal-UE biex iċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, li d-deċiżjonijiet fiha jittieħdu b'mod miftuħ qrib taċ-ċittadini kemm jista' jkun, b'osservanza tal-prinċipji tal-pluraliżmu, tal-parteċipazzjoni, tal-ftuħ u tat-trasparenza.

2. It-tliet Istituzzjonijiet jixtiequ jinkoraġġixxu l-konverġenza ta' fehmiet dwar il-prijoritajiet ta' komunikazzjoni tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, biex jippromwovu l-valur miżjud tal-approċċ tal-UE fil-komunikazzjoni dwar temi Ewropej, biex ikunu ffaċilitati l-iskambji ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki u biex jiġu żviluppati sinerġiji bejn l-Istituzzjonijiet meta ssir komunikazzjoni marbuta ma' dawn il-prijoritajiet, kif ukoll biex tkun iffaċilitata l-kooperazzjoni fost l-Istituzzjonijiet u l-Istati Membri fejn xieraq.

3. It-tliet Istituzzjonijiet jirrikonoxxu li l-komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea tirrikjedi impenn politiku mill-Istituzzjonijiet tal-UE u mill-Istati Membri, u li l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà tagħhom li jikkomunikaw maċ-ċittadini dwar l-UE.

4. It-tliet Istituzzjonijiet jemmnu li attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar kwistjonijiet Ewropej għandhom jagħtu lil kulħadd aċċess għal informazzjoni ġusta u diversa dwar l-Unjoni Ewropea u jippermettu liċ-ċittadini jeżerċitaw id-dritt tagħhom biex jesprimu l-opinjoni tagħhom u biex jipparteċipaw attivament fid-dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

5. It-tliet Istituzzjonijiet jippromwovu r-rispett għall-multilingwiżmu u d-diversità kulturali meta jimplimentaw azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni.

6. It-tliet Istituzzjonijiet huma impenjati politikament biex jilħqu l-objettivi ta' hawn fuq. Huma jħeġġu lill-Istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħra tal-UE biex jappoġġaw l-isforzi tagħhom u biex jikkontribwixxu, jekk ikunu jixtiequ hekk, għal dan l-approċċ.

### Approċċ bi sħubija

7. It-tliet Istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiffaċċjaw l-isfida tal-komunikazzjoni dwar kwistjonijiet tal-UE fi sħubija bejn l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE biex jiżguraw komunikazzjoni effettiva u informazzjoni oġġettiva mal-akbar udjenza possibbli fil-livell xieraq.

Huma jixtiequ jiżviluppaw sinerġiji ma' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll ma' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Huma jixtiequ għal dan il-għan irawmu approċċ ta' sħubija prammatiku.

8. F'dan il-kuntest, huma jfakkru l-irwol prinċipali tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI) li jservi ta' qafas f'livell għoli għall-Istituzzjonijiet biex jinkoraġġixxi d-dibattitu politiku dwar attivatijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati mal-UE sabiex jitrawmu s-sinerġija u l-komplimentarjetà. Għal dak il-għan, l-IGI, kopresedut mir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea, u bil-parteċipazzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bħala osservaturi, jiltaqa' fil-prinċipju darbtejn fis-sena.

**Qafas għal ħidma flimkien**

It-tliet Istituzzjonijiet għandhom il-ħsieb li jikkooperaw fuq il-bażi li ġejja:

9. Waqt li jirrispettaw ir-responsabbiltà individwali ta' kull Istituzzjoni tal-UE u ta' kull Stat Membru fir-rigward tal-istrateġija ta' komunikazzjoni u l-prijoritajiet tagħhom, it-tliet Istituzzjonijiet fil-qafas tal-IGI jidentifikaw numru limitat ta' prijoritajiet ta' komunikazzjoni komuni kull sena.

10. Dawn il-prijoritajiet ikunu bbażati fuq prijoritajiet ta' komunikazzjoni identifikati mill-Istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE wara l-proċeduri interni tagħhom u jikkomplimentaw, fejn xieraq, il-viżjonijiet strateġiċi u l-isforzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam, waqt li jqisu l-aspettattivi taċ-ċittadini.

11. It-tliet Istituzzjonijiet u l-Istati Membri ifittxu li jippromwovu appoġġ xieraq għal komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet identifikati.

12. Is-servizzi responsabbli għall-komunikazzjoni fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jaħdmu flimkien biex jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-prijoritajiet ta' komunikazzjoni komuni, kif ukoll attivitajiet oħra relatati mal-komunikazzjoni tal-UE, jekk meħtieġ abbażi ta' arranġamenti amministrattivi adatti.

13. L-Istituzzjonijiet u l-Istati Membri huma mistednin jiskambjaw informazzjoni dwar attivitajiet ta' komunikazzjoni oħra relatati mal-UE, b'mod partikolari fuq attivitajiet ta' komunikazzjoni settorali previsti mill-Istituzzjonijiet u l-korpi meta jirriżultaw f'kampanji ta' informazzjoni fl-Istati Membri.

14. Il-Kummissjoni hija mistiedna tirrapporta lura fil-bidu ta' kull sena lill-Istituzzjonijiet l-oħra tal-UE dwar is-suċċessi ewlenin milħuqa fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' komunikazzjoni komuni tas-sena ta' qabel.

15. Din id-dikjarazzjoni politika ġiet iffirmata fit-tnejn u għoxrin jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja.

ANNESS XIX

# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR ARRANĠAMENTI PRATTIĊI GĦALL-PROĊEDURA TA' KODEĊIŻJONI (ARTIKOLU 251 TAT-TRATTAT KE)[107]

## PRINĊIPJI ĠENERALI

1. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, minn hawn 'il quddiem imsemmija flimkien l-'istituzzjonijiet', jinnotaw li l-prattika attwali, li tinvolvi taħdidiet bejn il-Presidenza tal-Kunsill, il-Kummissjoni u ċ-chairmen tal-kumitati relevanti u/jew rapporteurs tal-Parlament Ewropew u bejn il-ko-presidenti tal-Kumitat tal-Konċiljazzjoni, uriet is-siwi tagħha.

2. L-istituzzjonijiet jikkonfermaw li din il-prattika, li żviluppat fl-istadji kollha tal-proċedura ta' kodeċiżjoni, għandha tibqa' titħeġġeġ. L-istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jeżaminaw il-metodi ta' ħidma tagħhom bil-ħsieb li jagħmlu użu aktar effettiv tal-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-proċedura ta' kodeċiżjoni kif stabbilit fit-Trattat KE.

3. Din id-Dikjarazzjoni Konġunta tiċċara dawn il-metodi ta' ħidma u l-arranġamenti prattiċi sabiex dawn jiġu segwiti. Din timla fuq il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-"Tfassil Aħjar tal-Liġijiet"[108] u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tiegħu rigward il-proċedura ta' kodeċiżjoni. L-istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom b'mod sħiħ li jirrispettaw dawn l-impenji skond il-prinċipji ta' trasparenza, responsabilizzazzjoni u effiċjenza. F'dan ir-rigward, l-istituzzjonijiet għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex isir progress fuq il-proposti ta' simplifikazzjoni filwaqt li jiġi rispettat l-acquis communautaire.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkoperaw in bona fede matul il-proċedura kollha bil-ħsieb li jirrikonċiljaw il-pożizzjonijiet tagħhom kemm jista' jkun u b'hekk iwittu t-triq, fejn ikun xieraq, għall-adozzjoni ta' l-att konċernat fi stadju bikri tal-proċedura.

5. B'dan il-għan fi ħsiebhom, huma għandhom jikkoperaw permezz ta' kuntatti interistituzzjonali xierqa sabiex jimmonitorjaw il-progress tax-xogħol u janalizzaw il-grad ta' konverġenza fl-istadji kollha tal-proċedura ta' kodeċiżjoni.

6. L-istituzzjonijiet, skond ir-regoli ta' proċedura interni tagħhom, jimpenjaw ruħhom li jwettqu skambju regolari ta' informazzjoni dwar il-progress tad-dossiers ta' kodeċiżjoni. Għandhom jiżguraw li l-kalendarji tax-xogħol rispettivi tagħhom ikunu koordinati kemm jista' jkun b'mod illi jippermetti t-tmexxija tal-proċedimenti b'mod koerenti u konverġenti. Għaldaqstant, ser jaħdmu sabiex jistabbilixxu skeda ta' żmien indikattiva għall-istadji varji li jwasslu għall-adozzjoni finali ta' proposti leġiżlattivi differenti, filwaqt li jirrispettaw b'mod sħiħ in-natura politika tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

7. Il-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet fil-kuntest tal-kodeċiżjoni ta' sikwit tieħu l-għamla ta' laqgħat bejn tliet partijiet ("trijalogi"). Din is-sistema ta' trijalogu wriet il-vitalità u l-flessibbiltà tagħha biż-żieda sinifikattiva tal-possibiltajiet għal ftehim fl-istadji ta' l-ewwel u tat-tieni qari, kif ukoll ikkontribwiet għall-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

8. Trijalogi bħal dawn normalment jitmexxew f'qafas informali. Jistgħu jsiru fl-istadji kollha tal-proċedura u f'livelli differenti ta' rappreżentazzjoni, skond in-natura tad-diskussjoni mistennija. Kull istituzzjoni għandha, skond ir-regoli ta' proċedura tagħha stess, taħtar il-parteċipanti tagħha għal kull laqgħa, tiddefinixxi l-mandat tagħha għan-negozjati, u tinforma lill-istituzzjonijiet l-oħra bl-arranġamenti għal-laqgħat fil-ħin.

[107] ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.
[108] ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

9. Kemm jista’ jkun, kwalunkwe abbozz ta’ test ta’ kompromess imressaq għal diskussjoni f’laqgħa li se ssir għandu jiġi ċċirkolat minn qabel lill-parteċipanti kollha. Biex tiġi mtejba t-trasparenza, it-trijalogi li jsiru fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill għandhom jitħabbru, fejn ikun prattikabbli.

10. Il-Presidenza tal-Kunsill ser tagħmel ħilitha biex tattendi l-laqgħat tal-kumitati parlamentari. Sejra tikkunsidra b’attenzjoni u kif jixraq it-talbiet li tirċievi sabiex tipprovdi informazzjoni relatata mal-pożizzjoni tal-Kunsill.

## L-EWWEL QARI

11. L-istituzzjonijiet għandhom jikkoperaw in bona fede bil-ħsieb li jirrikonċiljaw il-pożizzjonijiet tagħhom kemm jista’ jkun biex fejn ikun possibbli l-atti jkunu jistgħu jiġu adottati fl-ewwel qari.

### Ftehim fl-istadju ta’ l-ewwel qari fil-Parlament Ewropew

12. Għandhom jiġu stabbiliti kuntatti xierqa sabiex jiffaċilitaw it-tmexxija tal- proċedimenti fl-ewwel qari.

13. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita dawn il-kuntatti u għandha teżerċita d-dritt ta’ inizjattiva tagħha b’mod kostruttiv bil-ħsieb li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li tqis kif dovut il-bilanċ bejn l-istituzzjonijiet u l-irwol mogħti lilha mit-Trattat.

14. Fejn jintlaħaq ftehim permezz ta’ negozjati informali fit-trijalogu, il-President tal-Coreper għandu jibgħat, permezz ta' ittra liċ-chairman tal-kumitat parlamentari konċernat, id-dettalji tas-sustanza tal-ftehim, f' għamla ta’ emendi għall-proposta mill-Kummissjoni. Din l-ittra għandha tindika r-rieda tal-Kunsill li jaċċetta dak ir-riżultat, suġġett għal verifika legali-lingwistika, filkaż li dan ikun ikkonfermat bil-votazzjoni fil-plenarja. Kopja ta’ dik l-ittra għandha tintbagħat lill-Kummisjoni.

15. F’dan il-kuntest, fejn il-konklużjoni ta’ dossier fl-ewwel qari tkun imminenti, għandha tkun disponibbli faċilment u minnufih l-informazzjoni dwar l-intenzjoni li jintlaħaq ftehim.

### Ftehim fl-istadju tal-pożizzjoni komuni

16. F’każ li ma jintlaħaq l-ebda ftehim fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, jistgħu jissoktaw il-kuntatti sabiex jintlaħaq ftehim fl-istadju tal-pożizzjoni komuni.

17. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita dawn il-kuntatti u għandha teżerċita d-dritt ta’ inizjattiva tagħha b’mod kostruttiv bil-ħsieb li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li tqis kif dovut il-bilanċ bejn l-istituzzjonijiet u r-rwol mogħti lilha mit-Trattat.

18. Fejn jintlaħaq ftehim f' dan l-istadju, iċ-chairman tal-kumitat parlamentari konċernat għandu jindika, f’ittra lill-President tal-Coreper, ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-plenarja li tiġi aċċettata l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill mingħajr emendi, suġġetta għal konferma tal-pożizzjoni komuni mill-Kunsill u għal verifika legali-lingwistika. Kopja ta’ l-ittra għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

## IT-TIENI QARI

19. Fid-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tiegħu, il-Kunsill għandu jispjega bl-aktar mod ċar possibbli r-raġunijiet li wassluh biex jadotta l-pożizzjoni komuni tiegħu. Waqt it-tieni qari tiegħu, il-Parlament Ewropew għandu kemm jista' jkun iqis dawn ir-raġunijiet u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni.

20. Qabel ma jibgħat il-pożizzjoni komuni, il-Kunsill għandu jagħmel ħiltu biex iqis, b'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni, id-data tat-trażmissjoni tagħha biex jiżgura l-effiċjenza massima tal-proċedura leġiżlattiva fit-tieni qari.

**Ftehim fl-istadju tat-tieni qari fil-Parlament Ewropew**

21. Għandhom jissoktaw il-kuntatti xierqa hekk kif il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tintbagħat lill-Parlament Ewropew, bil-ħsieb li jinkiseb intendiment aħjar tal-pożizzjonijiet rispettivi li b'hekk iwassal lill-proċedura leġiżlattiva għal konklużjoni malajr kemm jista' jkun.

22. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita kuntatti bħal dawn u tagħti l-opinjoni tagħha bil-ħsieb li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, filwaqt li tqis kif dovut il-bilanċ bejn l-istituzzjonijiet u l-irwol mogħti lilha mit-Trattat.

23. Fejn jintlaħaq ftehim permezz ta' negozjati informali fi trijalogu, il-President tal-Coreper għandu jibgħat, permezz ta' ittra liċ-chairman tal-kumitat parlamentari konċernat, id-dettalji tas-sustanza tal-ftehim, f' għamla ta' emendi għall-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill. Din l-ittra għandha tindika r-rieda tal-Kunsill li jaċċetta dak ir-riżultat, suġġett għal verifika legali-lingwistika, filkaż li tiġi kkonfermata b'votazzjoni fil-plenarja. Kopja ta' dik l-ittra għandha tintbagħat lil-Kummisjoni.

## KONĊILJAZZJONI

24. Jekk jidher evidenti li l-Kunsill ma jkunx f'pożizzjoni li jaċċetta l-emendi kollha tal-Parlament Ewropew fit-tieni qari u meta l-Kunsill ikun lest biex jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu, jiġi organizzat l-ewwel trijalogu. Kull istituzzjoni għandha, skond ir-regoli ta' proċedura tagħha stess, taħtar il-parteċipanti tagħha għal kull laqgħa u tiddefinixxi l-mandat tagħha għan-negozjati. Il-Kummissjoni għandha tindika liż-żewġ delegazzjonijiet, fl-iktar stadju bikri possibbli, l-intenzjonijiet tagħha fir-rigward ta' l-opinjoni tagħha dwar l-emendi fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew.

25. It-trijalogi għandhom isiru matul il-proċedura ta' konċiljazzjoni kollha bil-ħsieb li jinsabu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet pendenti u li jippreparaw il-bażi biex tintlaħaq ftehim fil-Kumitat tal-Konċiljazzjoni. Ir-riżultati tat-trijalogi għandhom jiġu diskussi u possibilment jiġu approvati fil-laqgħat ta' l-istituzzjonijiet rispettivi.

26. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jissejjaħ mill-President tal-Kunsill, bi ftehim mal-President tal-Parlament Ewropew u b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.

27. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem fil-proċedimenti tal-konċiljazzjoni u għandha tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa bil-għan li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Inizjattivi bħal dawn jistgħu jinkludu abbozzi ta' testi ta' kompromess li jqisu l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'kunsiderazzjoni xierqa ta' l-irwol mogħti lill-Kummissjoni mit-Trattat.

28. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jkun presedut b'mod konġunt mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill. Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom ikunu preseduti b'mod alternat minn kull ko-president.

29. Id-dati u l-aġendi għal laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandhom jiġu stabbiliti b'mod konġunt mill-ko-presidenti bil-ħsieb tat-tħaddim effettiv tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni matul il-proċedura tal-konċiljazzjoni kollha. Il-Kummissjoni għandha tiġi kkonsultata dwar id-dati previsti. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirriservaw, għal raġunijiet ta' gwida, dati xierqa għal proċedimenti ta' konċiljazzjoni u jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

30. Il-ko-presidenti jistgħu ipoġġu diversi dossiers fuq l-aġenda fi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Minbarra s-suġġett prinċipali (“punt-B”), fejn ikun għadu ma ntlaħaqx ftehim, jistgħu jinfetħu u/jew jingħalqu l-proċeduri ta’ konċiljazzjoni dwar suġġetti oħrajn mingħajr diskussjoni dwar dawn il-punti (“punt-A”).

31. Filwaqt li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tat-Trattat rigward l-iskadenzi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, kemm jista’ jkun, iqisu il-ħtiġijiet marbuta ma' l-iskedar tal-ħinijiet, b’mod partikolari dawk li jirriżultaw minn waqfiet fl-attivitajiet ta’ l-istituzzjonijiet u mill-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. F’kull każ, il-waqfa fl-attivitajiet għandha tkun qasira kemm jista’ jkun.

32. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jiltaqa’ b’mod alternat fil-bini tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, sabiex il-faċilitajiet, inklużi l-faċilitajiet ta’ interpretazzjoni, jinqasmu b’mod indaqs.

33. Il-proposta mill-Kummissjoni, il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill u l-opinjoni tal-Kummissjoni dwarha, l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew, l-opinjoni tal-Kummisjoni dwarhom u dokument ta’ ħidma konġunt mill-Parlament Ewropew u mid-delegazzjonijiet tal-Kunsill għandhom ikunu disponibbli għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Dan id-dokument ta’ ħidma għandu jgħin lill-utenti biex jidentifikaw il-kwistjonijiet relevanti faċilment u biex jirreferu għalihom b’mod effiċjenti. Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-opinjoni tagħha fi żmien tliet ġimgħat minn meta tkun irċeviet uffiċjalment ir-riżultat tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew u mhux aktar tard mill-bidu tal-proċeduri tal-konċiljazzjoni.

34. Il-ko-presidenti jistgħu jippreżentaw testi għall-approvazzjoni tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

35. Ftehim dwar test konġunt għandu jiġi stabbilit f’laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jew, sussegwentement, bi skambju ta’ ittri bejn il-ko-presidenti. Kopji ta’ dawn l-ittri għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni.

36. Jekk il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jilħaq ftehim dwar test konġunt, it-test għandu, wara li ssir il-finalizzazzjoni legali-lingwistika, jiġi preżentat lill-ko-president għall-approvazzjoni formali. Madankollu, f’każijiet eċċezzjonali u sabiex jiġu rispettati l-iskadenzi, jista’ jiġi ppreżentat abbozz ta’ test konġunt lill-ko-presidenti għall-approvazzjoni tagħhom.

37. Il-ko-presidenti għandhom jibagħtu t-test konġunt approvat lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill permezz ta’ ittra ffirmata b'mod konġunt. Fejn il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma jkunx jista’ jaqbel fuq test konġunt, il-ko-presidenti għandhom jinformaw lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'dan, f'ittra ffirmata b'mod konġunt. Dawn l-ittri għandhom iservu bħala rekord uffiċjali. Kopji ta’ dawn l-ittri għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni għall-informazzjoni. Id-dokumenti ta’ ħidma użati waqt il-proċedura ta’ konċiljazzjoni ser ikunu aċċessibbli fir-Reġistru ta’ kull istituzzjoni ladarba l-proċedura tkun konkluża.

38. Is-Segretarjat tal-Parlament Ewropew u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala s-segretarjat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, f' assoċjazzjoni mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni.

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

39. F'każ li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill iqisu li huwa essenzjali li jiġu estiżi t-termini msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, għandhom javżaw lill-President ta’ l-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni dwar dan.

40. Fejn jintlaħaq ftehim fl-ewwel jew fit-tieni qari, jew waqt il-konċiljazzjoni, it-test miftiehem għandu jiġi finalizzat mis-servizzi legali-lingwistiċi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jaġixxu f’koperazzjoni mill-qrib u bi ftehim reċiproku.

41. M'għandomx isiru bidliet lil kwalunkwe test miftiehem mingħajr il-ftehim esplìċitu, fil-livell xieraq, kemm tal-Parlament Ewropew kif ukoll tal-Kunsill.

42. Il-finalizzazzjoni għandha titwettaq filwaqt li jitqiesu l-proċeduri differenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, b’mod partikolari fir-rigward ta' l-iskadenzi għall-konklużjoni tal-proċeduri interni. L-istituzzjonijiet jintrabtu sabiex ma jużawx l-iskadenzi stabbiliti għall-finalizzazzjoni legali-lingwistika ta’ l-atti biex jinfetħu mill-ġdid diskussjonijiet dwar kwistjonijiet sostantivi.

43. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jaqblu dwar preżentazzjoni komuni tat-testi preparati b' mod konġunt minn dawk l-istituzzjonijiet.

44. L-istituzzjonijiet għandhom jimpenjaw ruħhom, kemm jista' jkun, sabiex jużaw klawsoli standard aċċettabbli reċiprokament sabiex jiġu inkorporati fl-atti adottati permezz tal-kodeċiżjoni b’mod partikolari dwar dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-eżerċizzju tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (skond id-deċiżjoni tal-“komitoloġija”[109]), id-dħul fis-seħħ, it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta’ atti u r-rispett għad-dritt ta’ l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

45. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex itellgħu konferenza stampa konġunta biex iħabbru r-riżultat ta’ suċċess tal-proċess leġiżlattiv fl-ewwel jew fit-tieni qari, jew fil-konċiljazzjoni. Għandhom jagħmlu ħilthom ukoll biex joħorġu stqarrijiet konġunti għall-istampa .

46. Wara l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill ta’ att leġiżlattiv taħt il-proċedura ta’ kodeċiżjoni it-test għandu jiġi preżentat għall-firma lill-President tal-Parlament Ewropew, lill-President tal-Kunsill u lis-Segretarji Ġenerali ta' dawk l-istituzzjonijiet.

47. Il-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jirċievu t-test għall-firma fil-lingwi rispettivi tagħhom u għandhom, kemm jista’ jkun, jiffirmaw it-test flimkien f’ċerimonja konġunta li tiġi organizzata kull xahar bil-għan li jiġu ffirmati atti importanti fil-preżenza tal-midja.

48. It-test iffirmat b'mod konġunt għandu jintbagħat għall-pubblikazzjoni lill-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Pubblikazzjoni għandha normalment issir fi żmien xahrejn mill-adozzjoni ta’ l-att leġiżlattiv mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

49. Jekk waħda mill-istituzzjonijiet tidentifika żball klerikali jew żball ovvju f’test (jew f’waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi tiegħu), din għandha tavża lill-istituzzjonijiet l-oħrajn minnufih. Jekk l-iżball ikun f’att li jkun għadu ma ġiex adottat mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, is-servizzi legali-lingwistiċi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jippreparaw il-corrigendum meħtieġ f’koperazzjoni mill-qrib. Fejn dan l-iżball jikkonċerna att li jkun diġà ġie adottat minn waħda jew miż-żewġ istituzzjonijiet, sew jekk ikun ippubblikat kif ukoll jekk ma jkunx, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw, bi ftehim komuni, corrigendum jew rettifika mfassla skond il-proċeduri rispettivi tagħhom.

[109] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23). Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 27.7.2006, p. 11).

## ANNESS XX

## Kodiċi ta' mġiba għal negozjar fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja[110]

### 1. Introduzzjoni

Dan il-kodiċi ta' mġiba jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali fil-Parlament dwar kif għandhom jitmexxew in-negozjati tul il-fażijiet kollha tal-proċedura leġislattiva ordinarja, bl-għan li jiżdiedu t-trasparenza u r-responsabilità, speċjalment fi stadju bikri tal-proċedura [111] . Dan huwa kumplimentari għad-"Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni" li kien hemm qbil dwarha bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni [112] u li tiffoka iktar fuq ir-relazzjoni bejn dawn l-istituzzjonijiet.

Fil-Parlament, il-kumitat parlamentari prinċipali għandu jkun il-korp responsabbli ewlieni matul in-negozjati kemm waqt l-ewwel u kif ukoll waqt it-tieni qari.

### 2. Id-deċiżjoni li jidħol f'negozjati

Bħala regola ġenerali, il-Parlament għandu jagħmel użu mill-possibilitajiet kollha offruti fl-istadji kollha tal-proċedura leġislattiva ordinarja. Id-deċiżjoni li jipprova jilħaq ftehim kmieni fil-proċess leġiżlattiv għandha tkun deċiżjoni li tittieħed skont il-każ partikolari, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi partikolari ta' kull fajl individwali. Għandha tkun ġustifikata politikament f'termini, pereżempju, ta' prijoritajiet politiċi; in-natura mhux kontroversjali jew "teknika" tal-proposta; sitwazzjoni urġenti u/jew l-attitudni ta' Presidenza partikolari fir-rigward ta' fajl speċifiku.

Il-possibilità li jidħol f'negozjati mal-Kunsill għandha tiġi ppreżentata mir-rapporteur lill-kumitat kollu u d-deċiżjoni li tittieħed azzjoni bħal din għandha tittieħed jew permezz ta' konsensus wiesa' jew, jekk ikun meħtieġ, permezz ta' votazzjoni.

### 3. Il-kompożizzjoni tat-tim ta' negozjaturi

Id-deċiżjoni mill-kumitat li jidħol f'negozjati mal-Kunsill u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim għandha tinkludi wkoll deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni tat-tim ta' negozjaturi tal-PE. Bħala prinċipju ġenerali, il-bilanċ politiku għandu jiġi rispettat u l-gruppi politiċi kollha għandhom ikunu rrappreżentati mill-inqas fil-livell tal-persunal f'dawk in-negozjati.

Is-servizz rilevanti tas-Segretarjat Ġenerali tal-PE għandu jkun responsabbli għall-organizzazzjoni prattika tan-negozjati.

### 4. Il-mandat tat-tim ta' negozjaturi

Bħala regola ġenerali, l-emendi adottati fil-kumitat jew waqt seduta plenarja għandhom ikunu l-bażi tal-mandat tat-tim ta' negozjaturi tal-PE. Il-kumitat jista' jiddetermina wkoll il-prijoritajiet u limitu ta' żmien għan-negozjati.

F'każ mhux tas-soltu li jsiru negozjati dwar ftehim fl-ewwel qari qabel il-votazzjoni fil-kumitat, il-kumitat għandu jipprovdi gwida lit-tim ta' negozjaturi tal-PE.

### 5. l-organizzazzjoni tat-trijalogi

---

[110] Kif approvat mill-Konferenza tal-Presidenti fit-18 ta' Settembru 2008.
[111] Għandha tingħata attenzjoni speċjali lin-negozjati li jseħħu f'dawk l-istadji tal-proċedura fejn il-viżibilità tal-Parlament hija limitata ħafna. Dan huwa l-każ tan-negozjati: qabel il-votazzjoni tal-kumitat fl-ewwel qari bl-għan li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari; wara l-ewwel qari tal-Parlament bl-għan li jintlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari.
[112] Ara l-Anness XIX.

Bħala kwistjoni ta' prinċipju u sabiex tiżdied it-trasparenza, it-trijalogi li jseħħu fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill għandhom jitħabbru.

In-negozjati fit-trijalogi għandhom ikunu bbażati fuq dokument konġunt wieħed, li jindika l-pożizzjoni tal-istituzzjoni rispettiva fir-rigward ta' kull emenda individwali, u li jinkludi wkoll kwalunkwe testi ta' kompromess li jitqassmu fil-laqgħat tat-trijalogi (pereżempju l-prattika stabbilita ta' dokument b'erba' kolonni). Sa fejn hu possibbli, testi ta' kompromess imressqa għad-diskussjoni f'laqgħa li tkun se ssir għandhom jiġu mqassma minn qabel lill-parteċipanti kollha.

Jekk ikun meħtieġ, għandhom jiġu pprovduti faċilitajiet ta' interpretazzjoni lit-tim ta' negozjaturi tal-PE[113].

6. Opinjonijiet u d-deċiżjoni dwar il-ftehim milħuq

Wara kull trijalogu, it-tim ta' negozjaturi għandu jirrapporta lill-kumitat dwar ir-riżultati tan-negozjati u jagħmel disponibbli għall-kumitat it-testi kollha li tqassmu. Jekk dan ma jkunx possibbli minħabba raġunijiet ta' żmien, it-tim ta' negozjaturi għandu jiltaqa' max-shadow rapporteurs, flimkien mal-koordinaturi jekk ikun meħtieġ hekk, għal aġġornament sħiħ.

Il-kumitat għandu jikkunsidra kwalunkwe ftehim milħuq jew jaġġorna l-mandat tat-tim ta' negozjaturi f'każ li jkunu meħtieġa aktar negozjati. Jekk dan ma jkunx possibbli minħabba raġunijiet ta' żmien, l-iktar fl-istadju tat-tieni qari, id-deċiżjoni dwar il-ftehim għandha tittieħed mir-rapporteur u mix-shadow rapporteurs, flimkien mal-president tal-kumitat u mal-koordinaturi jekk ikun meħtieġ hekk. Għandu jkun hemm biżżejjed żmien bejn it-tmiem tan-negozjati u l-votazzjoni waqt seduta plenarja biex il-gruppi politiċi jkunu jistgħu jippreparaw il-pożizzjoni finali tagħhom.

7. Għajnuna

It-tim ta' negozjaturi għandu jingħata r-riżorsi kollha meħtieġa biex ikun jista' jwettaq ħidmietu kif suppost. Dan għandu jinkludi 'tim ta' appoġġ amministrattiv' magħmul mis-segretarjat tal-kumitat, il-konsulent politiku tar-rapporteur, is-segretarjat għall-kodeċiżjoni u s-servizz legali. Skont il-fajl individwali u l-istadju tan-negozjati, dan it-tim jista' jiġi mkabbar.

8. Finalizzazzjoni

Il-ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill għandu jiġi kkonfermat bil-miktub permezz ta' ittra uffiċjali. M'għandhom isiru l-ebda tibdiliet f'testi miftehma mingħajr il-kunsens espliċitu, fil-livell xieraq, kemm tal-Parlament Ewropew u kif ukoll tal-Kunsill.

9. Konċiljazzjoni

Il-prinċipji stipulati f'dan il-kodiċi ta' mġiba għandhom japplikaw ukoll għall-proċedura ta' konċiljazzjoni, bid-delegazzjoni tal-PE bħala l-korp ewlieni responsabbli fil-Parlament.

[113] Bi qbil mad-deċiżjoni meħuda mill-Bureau fl-10 ta' Diċembru 2007.

ANNESS XXI

# Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà demokratika u tas-superviżjoni tal-eżerċizzju tal-kompiti mogħtija lill-BĊE fil-qafas tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku[114]

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

–wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

–wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament ta l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(6)[115] tiegħu,

–wara li kkunsidraw ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(1)[116] tagħhom,

–wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jagħti kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew dwar politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu , u b'mod partikolari l-Artikolu 20(8) u (9) tiegħu,

–wara li kkunsidraw id-dikjarazzjoni konġunta mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, fl-okkażjoni tal-votazzjoni tal-Parlament għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013,

A.billi r-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, bil-għan li jingħata kontribut lis-sikurezza u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Unjoni Ewropea u f'kull Stat Membru li jipparteċipa fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU);

B.billi l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jistabbilixxi li l-BĊE huwa l-awtorità kompetenti għat-twettiq tal-kompiti superviżorji mogħtija lilu minn dak ir-Regolament;

C.billi l-għoti ta' kompiti superviżorji jimplika responsabbiltà sinifikanti għall-BĊE biex jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni, bl-użu tas-setgħat superviżorji tiegħu bl-aktar mod effettiv u proporzjonat;

D.billi kwalunkwe għoti ta' setgħat superviżorji lil-livell tal-Unjoni għandu jkun ibbilanċjat permezz ta' rekwiżiti xierqa ta' responsabilità; skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 il-BĊE huwa għalhekk responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament lejn il-Parlament u l-Kunsill bħala istituzzjonijiet demokratikament leġittimizzati li jirrappreżentaw liċ-ċittadini tal-Unjoni u l-Istati Membri;

E.billi l-Artikolu 20(9) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jipprovdi li l-BĊE għandu jikkoopera b'mod sinċier ma' kwalunkwe investigazzjonijiet mill-Parlament, mingħajr ħsara għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

F.billi l-Artikolu 20(8) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jipprovdi li, fuq talba, il-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE għandu jkollu diskussjonijiet kunfidenzjali bil-fomm fil-magħluq mal-President u l-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament dwar il-kompiti superviżorji tal-BĊE fejn tali diskussjonijiet huma meħtieġa biex il-Parlament ikun jista' jeżerċita s-setgħat

[114]ĠU L 320, 30.11.2013, p. 1.
[115]Issa Artikolu 140(1).
[116]ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.

tiegħu skont it-TFUE;  billi dak l-Artikolu jeħtieġ li l-modalitajiet għall-organizzazzjoni ta' dawk id-diskussjonijiet jiżguraw kunfidenzjalità sħiħa f' konformita' mal-obbligi tal-kunfidenzjalità imposti fuq il-BĊE bħala awtorità kompetenti skont il-liġi relevanti tal-Unjoni;

G.billi l-Artikolu 15(1) tat-TFUE jipprovdi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom imexxu l-ħidma tagħhom b'mod miftuħ kemm jista' jkun; billi l-kundizzjonijiet li skonthom dokument tal-BĊE huwa kunfidenzjali huma stipulati fid-Deċiżjoni 2004/258/KE tal-BĊE (BĊE/2004/3)[117]; billi dik id-Deċiżjoni tipprovdi li kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tgħix jew li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandha dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-BĊE, mingħajr ħsara għall-kundizzjonijiet u l-limiti definiti f'dik id-Deċiżjoni; billi, skont dik id-deċiżjoni, il-BĊE għandu jirrifjuta d-divulgazzjoni fejn ċerti interessi pubbliċi jew privati speċifikati jiġu imminati minnha;

H.billi l-iżvelar tal-informazzjoni relatata mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu mhuwiex għad-diskrezzjoni ħielsa tal-BĊE iżda huwa suġġett għal-limiti u l-kundizzjonijiet kif stabbiliti mil-liġi relevanti tal-Unjoni li għalihom huma suġġetti kemm il-Parlament kif ukoll il-BĊE; billi bis-saħħa tal-Artikolu 37.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-BĊE ('l-Istatut tas-SEBĊ'), persuni li għandhom aċċess għal dejta koperta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li timponi obbligu ta' segretezza huma suġġetti għal din il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

I.billi l-Premessa 55 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 tispeċifika li kwalunkwe obbligi ta' rapportar fil-konfront tal-Parlament għandhom ikunu suġġett għar-rekwiżiti ta' segretezza professjonali rilevanti; billi l-Premessa 74 u l-Artikolu 27(1) ta' dak ir-Regolament jipprovdu li l-membri tal-Bord Superviżorju, il-kumitat ta' tmexxija, il-persunal tal-BĊE u l-persunal issekondat mill-Istati Membri parteċipanti li jwettqu dmirijiet superviżorji għandhom ikunu suġġetti għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali stabbiliti fl-Artikolu 37 tal-Istatut tas-SEBĊ u fl-atti rilevanti tal-liġi tal-Unjoni; billi l-Artikolu 339 tat-TFUE u l-Artikolu 37 tal-Istatut tas-SEBĊ jistabbilixxu li l-membri tal-korpi li jiggvernaw u l-persunal tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali huma marbutin mill-obbligu ta' segretezza professjonali;

J.billi, skont l-Artikolu 10.4 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-proċedimenti tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE huma kunfidenzjali;

K.billi l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jipprovdi li għall-għan li jitwettqu l-kompiti mogħtija lilu f'dak ir-Regolament, il-BĊE għandu japplika l-liġi kollha relevanti tal-Unjoni, u fejn din il-liġi tal-Unjoni hija magħmula minn Direttivi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi dawk id-Direttivi;

L.billi mingħajr ħsara għall-emendi futuri jew kwalunkwe atti legali relevanti futuri, id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni rilevanti fir-rigward tat-trattament ta' informazzjoni, li jkun instab li hija kunfidenzjali, b'mod partikolari l-Artikoli 53 sa 62 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[118] jimponu obbligi stretti ta' segretezza professjonali fuq l-awtoritajiet kompetenti u l-persunal tagħhom għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu; billi l-persuni kollha li jaħdmu għal jew li kienu jaħdmu għall-awtoritajiet kompetenti huma marbutin mill-obbligu tas-segretezza professjonali; billi l-informazzjoni kunfidenzjali li jirċievu matul it-twettiq ta' dmirijiethom tista' tiġi żvelata biss f'forma sommarja jew aggregata, b'tali mod li

[117]Deċiżjoni 2004/258/KE tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' l-4 ta' Marzu, 2004, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2004/3) (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 42).
[118]Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

l-istituzzjonijiet ta' kreditu individwali ma jistgħux ikunu identifikati, mingħajr preġudizzju għall-każijiet koperti mil-liġi kriminali;

M.billi l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jipprovdi li għall-fini tat-twettiq tal-kompiti mogħtija lilu minn dak ir-Regolament, il-BĊE huwa awtorizzat, fil-limiti u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, li jagħmel skambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet u korpi nazzjonali jew tal-Unjoni fejn il-liġi relevanti tal-Unjoni tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jiddivulgaw informazzjoni lil dawk l-entitajiet jew fejn l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal tali divulgazzjoni skont il-liġi relevanti tal-Unjoni;

N.billi l-ksur ta' rekwiżiti ta' segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni superviżorja għandu jwassal għal sanzjonijiet adegwati; billi l-Parlament għandu jipprovdi għal qafas adegwat biex isegwi kwalunkwe każ ta' ksur tal-kunfidenzjalità mill-Membri jew il-persunal tiegħu;

O.billi s-separazzjoni organizzattiva tal-persunal tal-BĊE involut fit-twettiq tal-kompiti superviżorji tal-BĊE minn persunal involut fit-twettiq tal-kompiti tal-politika monetarja trid tkun b'tali mod li r-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jiġi osservat b'mod sħiħ;

P.billi dan il-Ftehim ma jkoprix l-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali rigward il-politika monetarja jew kompiti oħra tal-BĊE li mhumiex parti mill-kompiti mogħtija lill-BĊE permezz tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013;

Q.billi dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali lejn il-parlamenti nazzjonali skont mal-liġi nazzjonali;

R.billi dan il-Ftehim ma jkoprix jew ma jaffettwax ir-responsabbiltà u l-obbligi ta' rapportar tal-MSU lejn il-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-parlamenti nazzjonali;

JIFTIEHMU KIF ĠEJ:

## I. RESPONSABBILTÀ, AĊĊESS GĦAL INFORMAZZJONI, KUNFIDENZJALITÀ

### 1. Rapporti

– Kull sena l-BĊE għandu jressaq rapport lill-Parlament ('Rapport Annwali') dwar it-twettiq tal-kompiti mogħtija lilu mir-Regolament (UE) Nru.../2013. Il-President tal-Bord Superviżorju għandu jippreżenta r-Rapport Annwali lill-Parlament waqt smigħ pubbliku. L-abbozz tar-Rapport Annwali għandu jkun disponibbli għall-Parlament fuq bażi kunfidenzjali f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni erbat ijiem tax-xogħol qabel issmigħ. It-traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni għandhom ikunu disponibbli sussegwentement. Ir-Rapport Annwali għandu jkopri, fost l-oħrajn:

i. it-twettiq tal-kompiti superviżorji,

ii. il-qsim tal-kompiti mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali,

iii. il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet relevanti nazzjonali jew tal-Unjoni oħra,

iv. is-separazzjoni bejn il-politika monetarja u l-kompiti superviżorji,

v. l-evoluzzjoni tal-istruttura superviżorja u l-persunal, inkluż in-numru u l-kompożizzjoni nazzjonali tal-Esperti Nazzjonali Sekondati,

vi. l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta,

vii. il-metodu ta' kalkolu u l-ammont ta' tariffi superviżorji,

viii. il-baġit għall-kompiti superviżorji,

ix. l-esperjenza fir-rapportar abbażi l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 (Rapportar ta’ ksur).

Matul il-fażi tal-bidu msemmija fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE għandu jibgħat rapporti trimestrali lill-Parlament rapporti dwar il-progress fl-implimentazzjoni operattiva tar-Regolament, li jkopru fost l-oħrajn:

i. it-tħejjija, l-organizzazzjoni u l-ippjanar intern tax-xogħol,

ii. l-arranġamenti konkreti magħmula għall-konformità mal-ħtieġa li l-funzjonijiet ta’ politika monetarja u dawk superviżorji jinfirdu,

iii. il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew tal-Unjoni oħra,

iv. kwalunkwe ostaklu affaċċjat mill-BĊE fit-tħejjija tal-kompiti superviżorji tiegħu,

v. kwalunkwe avveniment ta' tħassib jew bidla fil-Kodiċi ta' Kondotta.

– Il-BĊE għandu jippubblika r-Rapport Annwali fuq il-websajt tal-MSU. Il-‘hotline tal-posta elettronika għall-informazzjoni' tal-BĊE se jiġi estiż sabiex jittratta speċifikament mistoqsijiet relatati mal-MSU, u l-BĊE għandu jibdel ir-rispons li jirċievi permezz tal-ittri elettroniċi f'sezzjoni tal-FAQ fuq il-websajt tal-MSU.

**2. Seduti tas-smigħ u diskussjonijiet kunfidenzjali bil-fomm**

– Il-President tal-Bord Superviżorju għandu jipparteċipa fis-seduti pubbliċi tas-smigħ **ordinarji** dwar it-twettiq tal-kompiti superviżorji fuq talba tal-kumitat kompetenti tal-Parlament. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament u l-BĊE għandhom jaqblu dwar kalendarju għal żewġ seduti ta' smigħ bħal dawn li jridu jinżammu matul is-sena ta' wara. Talbiet għal bidliet fil-kalendarju miftiehem għandhom isiru bil-miktub.

– Barra minn hekk, il-President tal-Bord Superviżorju jista' jiġi mistieden għal skambji ta' opinjonijiet addizzjonali **ad hoc** dwar kwistjonijiet superviżorji mal-kumitat kompetenti tal-Parlament.

– Fejn hu meħtieġ għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-Parlament skont it-TFUE u l-liġi tal-Unjoni, il-President tal-kumitat kompetenti tiegħu jista' jitlob laqgħat **kunfidenzjali** speċjali mal-President tal-Bord Superviżorju bil-miktub, waqt li jagħti r-raġunijiet. Dawn il-laqgħat għandhom isiru f'data li tkun miftiehma rbejn iż-żewġ naħat.

– Il-parteċipanti kollha fil-laqgħat **kunfidenzjali** speċjali għandhom ikunu suġġetti għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità ekwivalenti għal dawk li japplikaw għall-membri tal-Bord Superviżorju u għall-persunal superviżorju tal-BĊE.

– Fuq talba motivata mill-President tal-Bord Superviżorju jew tal-President tal-kumitat kompetenti tal-Parlament, u bi qbil reċiproku, ir-rappreżentanti tal-BĊE fil-Bord Superviżorju jew il-membri għolja tal-persunal superviżorju (Diretturi Ġenerali jew id-Deputati tagħhom) jistgħu jattendu għas-seduti ta’ smigħ **ordinarji**, għall-iskambji ta' opinjonijiet **ad hoc** u għal-laqgħat **kunfidenzjali**.

– Il-prinċipju tal-ftuħ tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni skont it-TFUE għandu japplika għall-MSU. Id-diskussjoni f'laqgħat **kunfidenzjali** speċjali għandha ssegwi l-prinċipju tal-ftuħ u l-elaborazzjoni madwar iċ-ċirkustanzi relevanti. Hija tinvolvi l-iskambju tal-informazzjoni kunfidenzjali rigward it-twettiq tal-kompiti superviżorji, fil-limitu stipulat mil-liġi tal-Unjoni. Id-divulgazzjoni tista' tkun ristretta mil-limiti ta' kunfidenzjalità previsti b'mod legali.

– Persuni impjegati mill-Parlament u mill-BĊE ma jistgħux jiddivulgaw informazzjoni miksuba matul l-attivitajiet tagħhom relatata mal-kompiti mogħtija lill-BĊE skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, anke wara li dawn l-attivitajiet ikunu ġew fi tmiemhom jew il-persuni jkunu telqu minn tali impjieg.

– Is-seduti tas-smigħ **ordinarji**, l-iskambji ta' opinjonijiet **ad hoc** u l-laqgħat **kunfidenzjali** jistgħu jkopru l-aspetti kollha tal-attività u t-twettiq tal-MSU koperti mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

– Ma jistgħu jittieħdu l-ebda minuti jew kwalunkwe reġistrazzjoni oħra tal-laqgħat **kunfidenzjali**. Ma għandha ssir l-ebda dikjarazzjoni għall-istampa jew xi midja oħra. Kull parteċipant fid-diskussjonijiet kunfidenzjali għandu jiffirma dikjarazzjoni solenni kull darba li ma jiddivulgax il-kontenut ta' dawk id-diskussjonijiet lil xi terza persuna.

– Il-President tal-Bord Superviżorju u l-President u l-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament biss jistgħu jattendu għal-laqgħat **kunfidenzjali**. Kemm il-President tal-Bord Superviżorju kif ukoll il-President u l-Viċi Presidenti tal-kumitat kompetenti tal-Parlament jistgħu jiġu akkumpanjati minn żewġ membri tal-persunal tal-BĊE u tas-Segretarjat tal-Parlament rispettivament.

**3. Tweġib ta’ mistoqsijiet**

Il-BĊE għandu jwieġeb bil-miktub għal mistoqsijiet bil-miktub imressqa lilu mill-Parlament. Dawk il-mistoqsijiet għandhom jintbagħtu lill-President tal-Bord Superviżorju permezz tal-President tal-kumitat kompetenti tal-Parlament. Il-mistoqsijiet għandhom jitwieġbu malajr kemm jista' jkun, u f’kull każ fi żmien ħames ġimgħat minn meta jintbagħtu lill-BĊE.

– Kemm il-BĊE kif ukoll il-Parlament għandhom jiddedikaw sezzjoni speċifika tal-websajts għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet imsemmija hawn fuq.

**4. Aċċess għall-informazzjoni**

– Il-BĊE għandu jipprovdi lill-kumitat kompetenti tal-Parlament mill-inqas b’rekord komprensiv u sinifikanti tal-proċeduri tal-Bord Superviżorju li jippermetti li d-diskussjonijiet jinftiehmu, inkluża lista annotata tad-deċiżjonijiet. F’każ ta' oġġezzjoni mill-Kunsill Governattiv kontra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Bord Superviżorju skont l-Artikolu 26(8) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-President tal-BĊE għandu jinforma lill-President tal-kumitat kompetenti tal-Parlament bir-raġunijiet għal din l-oġġezzjoni, f’konformità mar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità msemmija f'dan il-Ftehim.

– Fil-każ tal-istralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu, informazzjoni mhux kunfidenzjali relatata ma' dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tiġi divulgata ex-post, ladarba tieqaf tapplika kwalunkwe restrizzjoni dwar l-għoti ta' informazzjoni relevanti li tirriżulta mirrekwiżiti ta' kunfidenzjalità.

– It-tariffi superviżorji u l-ispjegazzjoni dwar kif dawn jiġu kkalkulati għandhom jiġu ppubblikati fil-websajt tal-BĊE.

– Il-BĊE għandu jippubblika fuq il-websajt tiegħu gwida għall-prattiki superviżorji tiegħu.

**5. Ħarsien tal-informazzjoni u tad-dokumenti kklassifikati tal-BĊE**

– Il-Parlament għandu jimplimenta salvagwardji u miżuri li jikkorrispondu għal-livell ta' sensittività tal-informazzjoni tal-BĊE jew tad-dokumenti tal-BĊE u għandu jinforma l-BĊE dwar dan. F'kull każ, informazzjoni jew dokumenti divulgati ser jintużaw biss għar-raġuni li għaliha jkunu ngħataw.

– Il-Parlament għandu jfittex il-kunsens tal-BĊE għal kwalunkwe divulgazzjoni lil persuni jew istituzzjonijiet addizzjonali u ż-żewġ istituzzjonijiet ser jikkooperaw fi kwalunkwe proċediment ġuridiku, amministrattiv jew proċedimenti oħra li fihom jintalab l-aċċess għal tali informazzjoni jew dokumenti. Il-BĊE jista' jitlob lill-Parlament, fir-rigward tal-kategoriji kollha ta' informazzjoni jew dokumenti divulgati jew ta' uħud minnhom, li huwa jżomm lista ta' persuni li għandhom aċċess għal din l-informazzjoni u dawn id-dokumenti.

## II. PROĊEDURI TA' GĦAŻLA

– Il-BĊE għandu jispeċifika u jagħmel pubbliċi l-kriterji għall-għażla tal-President tal-Bord Superviżorju, inkluż il-bilanċ tal-ħiliet, l-għarfien tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji, u l-esperjenza fis-superviżjoni finanzjarja u s-sorveljanza makroprudenzjali. Fl-ispeċifikazzjoni tal-kriterji, il-BĊE għandu jimmira għall-ogħla standards professjonali u għandu jqis il-ħtieġa li jiġi mħares l-interess tal-Unjoni fit-totalità tagħha u d-diversità fil-kompożizzjoni tal-Bord Superviżorju.

– Il-kumitat kompetenti tal-Parlament għandu jkun informat ġimgħatejn qabel ma l-Kunsill Governattiv tal-BĊE jippubblika l-avviż ta impjieg bid-dettalji, inkluż il-kriterji tal-għażla u l-profil tal-impjieg speċifiku, tal-"proċedura tal-għażla miftuħa" li bi ħsiebu japplika għall-għażla tal-President.

– Il-kumitat kompetenti tal-Parlament għandu jkun infurmat mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE bil-kompożizzjoni tan-numru ta' applikanti għall-pożizzjoni ta' President (numru ta' applikanti, taħlita ta' ħiliet professjonali, bilanċ ta' sess u nazzjonalità, eċċ.) kif ukoll il-metodu li permezz tiegħu n-numru ta' applikanti jiġi skrinjat sabiex titfassal lista qasira b'tal-inqas żewġ kandidati u eventwalment jiddetermina l-proposta tal-BĊE.

– Il-BĊE għandu jipprovdi lill-kumitat kompetenti tal-Parlament b'lista iqsar ta' kandidati għall-pożizzjoni tal-President tal-Bord Superviżorju. Il-BĊE għandu jipprovdi dik il-lista qasira tal-inqas tliet ġimgħat qabel il-preżentazzjoni tal-proposta tiegħu għall-ħatra tal-President.

– Il-kumitat kompetenti tal-Parlament jista' jressaq mistoqsijiet lill-BĊE relatati mal-kriterji tal-għażla u l-lista qasira tal-kandidati fi żmien ġimgħa minn meta jkun irċeviha. Il-BĊE għandu jwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet bil-miktub fi żmien ġimagħtejn.

– Il-proċess ta' approvazzjoni jinkludi l-passi li ġejjin:

  – Il-BĊE għandu jgħaddi l-proposti tiegħu lill-President u lill-Viċi President tal-Parlament flimkien ma' spjegazzjonijiet bil-miktub dwar ir-raġunijiet sottostanti.

  – Għandu jsir smigħ pubbliku tal-President u l-Viċi President tal-Bord Superviżorju proposti fil-kumitat kompetenti tal-Parlament.

  – Il-Parlament għandu jiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tal-kandidat propost mill-BĊE bħala President u bħala Viċi President permezz ta' votazzjoni fil-kumitat kompetenti u fil-plenarja. Il-Parlament, normalment, filwaqt li jqis il-kalendarju tiegħu, ifittex li jieħu dik id-deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat mill-proposta.

– Jekk il-proposta għall-President ma tiġix approvata, il-BĊE jista' jiddeċiedi jew li jagħżel mil-lista ta' kandidati li applikaw għall-pożizzjoni oriġinarjament jew li jerġa' jinbeda l-proċess ta' għażla, inkluż l-elaborazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' impjieg ġdid.

– Il-BĊE għandu jressaq kwalunkwe proposta biex jitneħħa l-President jew il-Viċi President mill-kariga lill-Parlament u jipprovdi l-ispjegazzjonijiet.

– Il-proċess ta' approvazzjoni jinkludi:

– votazzjoni fil-kumitat kompetenti tal-Parlament dwar abbozz ta' riżoluzzjoni; u

– votazzjoni fil-plenarja, għal approvazzjoni jew oġġezzjoni, dwar dik ir-riżoluzzjoni.

Fejn il-Parlament jew il-Kunsill ikun informa l-BĊE li jqis il-kundizzjonijiet għat-tneħħija tal-President jew tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju bħala sodisfatti għall-finijiet tal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE għandu jipprovdi l-kunsiderazzjonijiet tiegħu bil-miktub fi żmien erba' ġimgħat.

## III. Investigazzjonijiet

Fejn il-Parlament iwaqqaf Kumitat ta' Inkjesta, skont l-Artikolu 226 tat-TFUE u d-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni[119], il-BĊE, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, għandu jassisti lill-Kumitat ta' Inkjesta biex iwettaq il-kompiti tiegħu bi qbil mal-prinċipju tal-kooperazzjoni sinċiera.

Kwalunkwe attività ta‘ Kumitat ta' Inkjesta li fiha jassisti l-BĊE għandha ssir fil-ambitu tad-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA.

Il-BĊE għandu jikkoopera b'mod sinċier ma' kwalunkwe investigazzjoni mill-Parlament imsemmija fl-Artikolu 20(9) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 fi ħdan l-istess qafas li japplika għall-Kumitati ta' Inkjesta u taħt l-istess protezzjoni tal- kunfidenzjalità kif previst f'dan il-Ftehim għal-laqgħat kunfidenzjali bil-fomm (I.2.).

Dawk kollha li jirċievu l-informazzjoni pprovduta lill-Parlament fil-kuntest ta' investigazzjonijiet għandhom ikunu suġġetti għal rekwiżiti ta' kunfidenzjalità ekwivalenti għal dawk li japplikaw għall-membri tal-Bord Superviżorju u għall-persunal superviżorju tal-BĊE u tal-Parlament u l-BĊE għandhom jaqblu dwar il-miżuri li jridu jiġu applikati ħalli tiġi żgurata l-protezzjoni ta' tali informazzjoni.

Fejn il-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat rikonoxxut fid-Deċiżjoni 2004/258/KE tirrikjedi li tinżamm il-kunfidenzjalità, il-Parlament jiżgura li din il-protezzjoni tinżamm u m'għandux jiddivulga l-kontenut ta' kwalunkwe informazzjoni bħal din

Id-drittijiet u l-obbligi tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni kif stipulati fid-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-BĊE.

Kwalunkwe tibdil fid-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA minn att legali ieħor jew emenda tiegħu għandu jwassal għal negozjar mill-ġdid tal-parti III ta' dan il-Ftehim. Sakemm ma jinstabx Ftehim ġdid dwar il-partijiet rispettivi, dan il-Ftehim għandu jibqa' validu inkluża d-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA fil-verżjoni tagħha fid-data tal-firma ta' dan il-ftehim.

## IV. KODIĊI TA’ KONDOTTA

Qabel l-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta msemmi fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE għandu jinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament dwar l-elementi ewlenin tal-Kodiċi ta' Kondotta maħsub.

Fuq talba bil-miktub tal-kumitat kompetenti tal-Parlament, il-BĊE għandu jinforma lill-Parlament bil-miktub dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-BĊE għandu jinforma wkoll lill-Parlament dwar il-bżonn ta' aġġornamenti fil-Kodiċi ta' Kondotta.

[119] Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċitar tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew, ĠU L 78, 6.4.1995, p. 1.

Il-Kodiċi ta' Kondotta għandu jindirizza kwistjonijiet ta' kunflitt ta' interess u jiżgura r-rispett tar-regoli dwar is-separazzjoni bejn il-funzjonijiet tal-politika superviżorja u dawk monetarji.

## V. ADOZZJONI TA' ATTI MILL-BĊE

Il-BĊE għandu jinforma kif suppost lill-kumitat kompetenti tal-Parlament bil-proċeduri (inkluż iż-żmien) li jkun stabbilixxa għall-adozzjoni tar-regolamenti, id-deċiżjonijiet, il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-BĊE ('atti'), li huma suġġetti għal konsultazzjoni pubblika bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

B'mod partikolari, il-BĊE għandu jinforma lill-Parlament bil-prinċipji u t-tipi ta' indikaturi jew informazzjoni li ġeneralment juża biex jiżviluppa atti u rakkomandazzjonijiet ta' politika, bil-għan li jiżdiedu t-trasparenza u l-konsistenza mal-politika.

Il-BĊE għandu jibgħat l-abbozz tal-atti lill-kumitat kompetenti tal-Parlament qabel il-bidu tal-proċedura ta' konsultazzjoni pubblika. Fejn il-Parlament jibgħat kummenti dwar l-atti, jista' jkun hemm skambji informali ta' opinjonijiet mal-BĊE dwar dawn il-kummenti. Skambji ta' opinjonijiet informali bħal dawn għandhom isiru b'mod parallel mal-konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa li l-BĊE jmexxi skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

Ladarba l-BĊE jkun adotta att, huwa għandu jibagħtu lill-kumitat kompetenti tal-Parlament. Il-BĊE għandu jinforma wkoll b'mod regolari lill-Parlament bil-miktub dwar il-bżonn li jiġu aġġornati l-atti adottati.

## VI. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

1. L-implimentazzjoni prattika ta' dan il-Ftehim għandha tiġi evalwata miż-żewġ istituzzjonijiet kull tliet snin.

2. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 jew fid-data wara l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, skont liema tiġi l-aħħar.

3. L-obbligi rigward il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni għandhom ikomplu jkunu vinkolanti għaż-żewġ istituzzjonijiet anki wara t-tmiem ta' dan il-Ftehim.

4. Dan il-Ftehim jiġi ppubblikat *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropew*.

## INDIĊI

*Numri bil-kitba Għarbija jirreferu għar-Regoli. L-Annessi huma miktuba bil-kitba Rumana u n-numri jew l-ittri bil-kitba Għarbija jew Rumana li hemm wara jirreferu għat-Taqsimiet, l-Artikoli jew il-Paragrafi ta' dawn l-Annessi.*

### - A -


ACP ..... VI.II
Aċċess
- għal dokumenti ..... 115 - 116, 160, VII.D, VII.E, XIV
- għal gallarija ..... 157
- għall-kamra ..... 157
- għall-Parlament ..... 11, XV

Aċċessibiltà u trasparenza ..... 31, 115 - 116
Aċċess pubbliku għal dokumenti ..... 31, 115 - 116, XIV
Aġenda
- abbozz ..... 27, 74, 149 - 150
- adozzjoni ..... 152 - 153
- emenda ..... 152, 188, 190
- l-aħħar abbozz ..... 135, 150, 152
- punti mqiegħda fil- ....9, 56, 61 - 62, 67, 72, 113, 128, 135, 149 - 150, 153 - 154, 188, 201, 219, IV, V.4
- tal-kumitat ..... 4, 66, 130 - 131, 206, VII.A

Aġenziji
- konsultazzjoni ..... 139

Aġġornament ta' dibattitu u votazzjoni ..... 185, 190
Allokazzjoni
- ħin għad-diskors ..... 135, 162
- siġġijiet fil-kamra ..... 36

Allowances ..... 166
Ammissibilità
- emendi ..... 21 - 22, 69, 99, 170, 174
- mistoqsijiet ..... 129, II
- mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub ..... 130 - 131

Annessi ..... 227, 230
Arkivji ..... 192, 217
Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa ..... 213
Assistenti ..... 11, 206
Atti adottati ..... 77
Atti delegati ..... 105, 107
Atti ta' implimentazzjoni ..... 106 - 107


### - B -


Baġit
- eżami fil-Parlament ..... 86 - 92
- kontroll fuq l-implimentazzjoni ..... 95, 125, VI.V
- kwittanza ..... 93 - 94, 125, V, VI.V

Bandiera ..... 228
Bank Ċentrali Ewropew
- Ftehim Interistituzzjonali dwar Mekkaniżmu Superviżorju Uniku ..... XXI

- mistoqsijiet li jeħtieġu tweġiba bil-miktub ....131
- nominazzjonijiet ....122
- stqarrijiet ....126

Bażi Legali
- ftehimiet internazzjonali ....108
- inizjattiva leġislattiva taħt l-Artikolu 192KE ....46
- kumitat responsabbli .... 46, VI.XVI
- l-ewwel qari ....39
- proposti tal-Kummissjoni (bidliet) ....63

Bullettin ....31

Bureau
- abbozz preliminari
- accountability ....31
- dmirijiet ....11, 25, 87 - 92, 158 - 159, 161, 167, 211, 224
- komposizzjoni .... 19 - 20, 24
- kumitati ....198, 204, I, VII.A
- mistoqsijiet ....31

## - C -

Corrigenda ....193, 231

COSAC ....143

## - Ċ -

Ċaħda
- pożizzjoni tal-Kunsill ....68, 171, 192
- proposta tal-Kummissjoni ....60, 104, 192

Ċensura ....119

## - D -

Delegazzjonijiet ....25, 158
- ad hoc ....27
- għall-kumitati parlamentari konġunti ....214
- interparlamentari ....212, VI.II
- permanenti ....27, 212
- president

Delegazzjonijiet interparlamentari ....212

Demokrazija ....38, 91, 99, 135, 224 - 225, IV

determinazzjoni ta' ksur ....83

Dibattitu
- aġġornament ....185, 190
- egħluq ta' stqarrija ....123
- għeluq ....185, 189
- konġunt ....155
- ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt ...135, 149, IV
- kummissarji nominati ....118, XVI
- proċedura mingħajr ....50, 150
- straordinarju ....153

Dibattitu konġunt ....155

Dibattitu straordinarju ........ 153
Dikjarazzjonijiet
- Interessi finanzjarji ........ 21, 34, I
Dikjarazzjonijiet bil-miktub
- anness mar-Rapport Verbatim ........ 162
- inkluż fir-reġistru ........ 136
- mill-Membri ........ 136
- skaduti ........ 136
Diskorsi ta' minuta ........ 163, 192
Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ........ 106 - 107, 141
Diżordni barra mill-kamra ........ XV
Djalogu bejn min imexxi u l-ħaddiema ........ 101
Djalogu mal-Kunsill ........ 62, 66
Dokumenti
- aċċess għal ........ 115 - 116, 160, VII.D, VII.E, XIV
- kunfidenzjali ........ VII
- leġislattivi ........ 47
- skaduti ........ 229
- tqassim ........ 156 - 160
Dokumenti leġislattivi ........ 47
Drittijiet fundamentali ........ 38, 99, VI.XVII
Drittijiet tal-bniedem ........ 91, 99, 114, 135, 224 - 225, IV

**- E -**

Elezzjoni
- Kummissjoni ........ 118, XVI
- Kwesturi ........ 15, 18 - 20
- Parlament ........ 1, 229
- President ........ 15 - 16, 19 - 20
- President tal-Kummissjoni ........ 117
- Viċi President ........ 15, 17, 20
Elezzjoni ta' Uffiċjali
- Kwesturi ........ 18
- President ........ 16
- Viċi-President ........ 17
Emendi ........ 169
- adozzjoni ........ 61
- ammissibilità ........ 22, 104, 170
- eżami f'kumitat ta' emendi tas-seduta plenarja ........ 175
- identifikazzjoni f'test konsolidat ........ 73, 193
- kompromess ........ 61, 66, 69, 73, 173 - 174
- kumitat ........ 175, 208
- lingwi ........ 158 - 159, 169
- orali ........ 113, 169, 208
- ordni tal-votazzjoni ........ 174
- posizzjoni tal-Kummissjoni ........ 58, 61 - 62, 64, 69
- preżentazzjoni ........ 169
- proċedura mingħajr ........ 50, 150
- rtirar ........ 169
- skadenzi ........ 74, 169
- skaduti ........ 169 - 170
- stampar ........ 169

- tittieħed ....... 169
- tqassim ....... 169
- tressiq ....... 74, 169, 208
Emendi ta' kompromess ....... 61, 66, 69, 173 - 174
Ex-membri ....... 11

- F -

Finalizzazzjoni legali u lingwistika ....... 75, 78, 193, XIX
Finanzi ....... 98
Frodi ....... 12, XI
Ftehim fit-tieni qari ....... 73, 75, XX
Ftehim fl-ewwel qari ....... 73, 75, XX
Ftehimiet interistituzzjonali ....... 140, 230, IV, VII.B, VII.D, IX.B, XII, XIII, XVIII, XIX, XXI
Ftehimiet internazzjonali ....... 99, 108 - 109, XIII.4
Ftehimiet volontarji ....... 102

- Ġ -

Ġurnal Uffiċjali 25, 32, 76, 78, 91, 116, 130 - 131, 192 - 194, 198, 219, V, VI.VI, VI.VIII, VI.IX, VI.XI, VI.XV, VI.XVIII, VI.XX, VIII
Ġustifikazzjonijiet ....... 45, 49, 51, 53, 169, 227

- G -

Gruppi ....... 32 - 33, 35 - 36
- attivitajiet ....... 33
- bidla ta' Membru ....... 199 - 200
- formazzjoni ....... 32
- sitwazzjoni legali ....... 33
Gruppi mhux uffiċjali ta' Membri ....... 34, I
Gruppi politiċi-ara Gruppi
Gruppi ta' interess ....... 11, IX

- Ħ -

Ħarsien tal-privileġġi u l-immunità ....... 7, 9
Ħatriet
- Bank Ċentrali Ewropew ....... 1, 122, XXI
- Kapijiet ta' delegazzjonijiet barranin ....... 111
- Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri ....... 121
- Ombudsman ....... 219
- Proċedura ta' votazzjoni ....... 122
- Rappreżentant lokali għas-CFSP
- Rappreżentant speċjali ....... 110
Ħidma mhux mitmuma ....... 229
Ħin għad-diskorsi ....... 128, 135, 152 - 154, 162, 164, 185 - 186, IV, XVI
Ħin għall-mistoqsijiet
- fil-kumitat ....... 210
- fis-seduta plenarja ....... 129, II

## - I -


Iffirmar ta' atti adottati ....... 77
Iffirmar ta' dokumenti ....... 161
Il-President tal-Kummissjoni (elezzjoni) ....... 117
Il-President tal-Parlament
- dmirijiet .. 22, 25, 77, 124, 129, 135, 139, 141, 162 - 163, 169 - 170, 184, 186, 223, 225, II
- elezzjoni ....... 15 - 16, 19 - 20
Imġiba
- kodiċi ta' mġiba ....... XV
- standards ta' mġiba ....... 11, 165, XV
- ta' seduti ....... 145 - 154
Immunità ....... 5 - 9, 179 - 180, 208, VI.XVI
Implikazzjonijiet finanzjarji ....... 38, 41, 112
Inammissibilità (Preżentazzjoni) ....... 185, 187
Informazzjoni klassifikata ....... 5, VII.B, VII.E, XIV
Informazzjoni sigura ....... VII.E
Inizjattiva
- Ċittadin ....... 211, 218, XIII
- Leġislattiva ....... 37 - 38, 45 - 46
- preżentata minn Stat Membru ....... 48
- rapport fuq inizjattiva proprja ....... 45, 52, 54
- skond l-artikolu 225 TFUE ....... 46
Inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini ....... 211, 218, XIII
Inizjattiva leġislattiva ....... 37, 45 - 46
Inizjattiva taċ-ċittadini ....... 211, 218
Inkjesta ....... 198, IV
Innu ....... 228
Interessi finanzjarji
- tal-Membri ....... 11, I
- tal-Unjoni ....... 12, XI
Intergruppi ....... 34, I
Interpretazzjoni ....... 158, 195
Irtirar mill-Unjoni ....... 82
It-tielet qari
- estensjoni ta' l-iskadenzi ....... 65
- konċiljazzjoni ....... 70 - 71, XIX
- laqgħat konġunti ta' kumitati ....... 55
- stadju tas-seduta plenarja ....... 72
- test konġunt ....... 72
It-tieni qari
- baġit ....... 87 - 92
- estensjoni ta' l-iskadenza ....... 65
- eżami fil-Kummissjoni ....... 55, 64 - 66
- ftehimiet ....... 73, XIX
- laqgħat konġunti ta' kumitati ....... 55
- rakkomandazzjoni għal ....... 66 - 67
- stadju tal-kumitat ....... 64 - 66
- stadju tas-seduta plenarja ....... 67 - 69, 76
- tmiem ....... 67
- votazzjoni ....... 67 - 69, 76, 171, XX
It-tieni rapport ....... 60 - 61, 188

## - K -


Kamra (aċċess għall-) ....157
Kard ta' aċċess .... 11, IX
Karta kaħla ....162
Karta tad-Drittijiet Fundamentali ....38, 115
Kelliema
- allokazzjoni ta' ħin għad-diskors .... 135, 162, IV
- diskorsi
- ħin għall-interventi ....123, 128, 152 - 154, 163 - 164, 166, 185 - 186, 192
- lista ta' kelliema ....189
- sejħa
Kodiċi ta' mġiba .... 11, 21, I, IX, XIII, XX
Kodifikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni ....103
Komitoloġija .... XII
Kompatibilità finanzjarja ....41, 49, 51
Kompetenzi tal-kumitati ....27, 54 - 55, 201, 214, 225, VI
- kumitati assoċjati ....54, 107
- kunflitt ta' kompetenzi ....201
- laqgħat konġunti tal-kumitati ....55, 107
Kompożizzjoni tal-Parlament ....84, 99
Konċessjonijiet ....10
Konċiljazzjoni
- it-tielet qari .... 70 - 72
- komposizzjoni u proċedura fil-kumitat ....71
- skond id-dikjarazzjoni konġunta ta' l-1975
Konferenza tal-Parlamenti ....144
Konferenza tal-Presidenti .... XVII
- accountability ....31
- dmirijiet .... 21, 27, 46, 73 - 74, 166, 225
- komposizzjoni ....26
- mistoqsijiet ....31
Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet
Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati .... 73, 211, XVII
Konsultazzjoni .... 47 - 48
- Artikolu 140 TFUE ....100
- CFSP ....112
- Korpi ta' l-UE (jew Ewropej) ....139
- Kumitat Ekonomiku u Soċjali ....137
- Kumitat tar-Reġjuni ....138
- mġedded ....63
- proposti ppreżentati minn Stat Membru ....48
- Pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet kriminali
- rapport ....49
Kontabilità ....96, 98, VI.IV, VI.V
Kooperazzjoni
- f'affarijiet kriminali
- kooperazzjoni msaħħa ....85, 99
Kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istati Membri - ara Kooperazzjoni msaħħa
Kooperazzjoni ġudizzjarja
Kooperazzjoni mill-puluzija
Kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri ....85, 99
koordinaturi tal-kumitati .... 73, 205, I, XVI

Korpi governattivi ........ 24 - 31
Korruzzjoni ........ 12, XI
Kredenzjali (verifikar) ........ 3, 14, 202
Ksur
- tad-drittijiet tal-bniedem tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat ta' dritt ..... 135, 149, IV
- tal-prinċipji fundamentali ........ 83, 91, 99
Kumitat Ekonomiku u Soċjali ........ 11, 137
Kumitati ........ 49 - 54, 56, 196 - 204, 206 - 210, VI
- assoċjati ........ 54, 60, 73, 106, XVI, XVII
- bureau ........ 56, 204
- corrigenda ........ 231
- djalogu mal-Kunsill ........ 66
- dmirijiet ........ 27, 201, VI
- drittijiet ........ 199 - 200
- emendi tas-seduta plenarja ........ 175
- Ħin għall-mistoqsijiet ........ 210
- it-tielet qari ........ 70 - 71, XIX
- it-tieni qari ........ 64 - 66
- komposizzjoni ........ 27, 199 - 200
- konċiljazzjoni (Artikolu 294 TFUE) ........ 70 - 72, XIX
- konċiljazzjoni (ftehim ta' l-1975)
- konġunti ........ XVI
- kunflitt dwar kompetenzi ........ 201
- laqgħat 25, 50, 66, 112, 115, 118, 121 - 122, 126, 136, 147, 175, 200, 203 - 204, 206 - 207, VII.A
- laqgħa ta' emerġenza ........ 113
- laqgħat konġunti ........ 55, 107, 201
- l-ewwel qari ........ 39, 41, 43, 57 - 58
- membri ........ 199 - 200, 204
- minuti ........ 115, 207
- opinjonijiet ........ 53 - 54
- parlamentari konġunti ........ 214
- permanenti ........ 196
- post għas-seduti ........ 147
- president ........ 29, 56, 73, 106, 198, 204
- proċedura ........ 66, 206 - 210
- rapport ........ 49, 51 - 52, 54, 56, 60 - 61, XVII
- referenza lura ........ 188
- responsabbli ........ 46 - 47, 66, 73, 136
- setgħat ........ 196 - 197, 201, VI
- sostituti ........ 200
- sotto-kumitati ........ 201, 203
- ta' inkjesta ........ 27, 198 - 199, 201, VIII
- talba għal opinjoni ........ 53, 201, 208
- temporanju (ara kumitati specjali) ........ 197, 201, 203
- twaqqif ........ 196 - 198, VIII
- verifika ta' kredenzjali ........ 3, 202, VI.XVI
- votazzjoni ........ 208 - 209
Kumitati Assoċjati ........ 54, 60, 73, 106 - 107, 211, XVII
Kumitati parlamentari konġunti ........ 214
Kumitati speċjali ........ 197, 201, 203
Kumitati ta' inkjesta ........ 27, 198 - 199, 201, VIII
Kumitat konsultattiv dwar l-imġiba tal-Membri Parlamentari ........ I

Kumitat tar-Reġjuni ....................................................................................................11, 138
Kummissjoni
- addozzjoni ta' emendi għal proposta ...........................................................................61
- ċaħda ta' proposta ........................................................................................60, 104, 192
- elezzjoni ...........................................................................................................................118
- Ftehim Qafas ............................................................................................VII.E, XIII
- ħin għad-diskors ..........................................................................................................162
- kwittanza ...........................................................................................................................93
- mandat ta' negozjar ......................................................................................................108
- membri .....................................................................................................................118, XIII
- mistoqsijiet .................................................................................................128 - 130, II
- modifika ta' proposta ............................................................................................57, 63
- mozzjoni ta' ċensura ....................................................................................................119
- posizzjoni dwar emendi ................................................................ 58, 61 - 62, 64, 69, XIII
- president ...........................................................................................................................117
- programm leġislattiv u ta' ħidma (ara l-programm ta' ħidma)
- programm ta' ħidma
- programm tal-Kummissjoni nominat ...........................................................................117
- rapport annwali dwar il-liġi tal-Unjoni ........................................................................132
- rapport ġenerali annwali ..............................................................................................132
- riżenja ta' membru ........................................................................................................XIII
- rtirar ta' proposta .........................................................................................43, 60, 62, 68
- segwitu ..................................................................................................................... 62 - 63
- setgħat ta' implimentazzjoni ............................................................. 106, XII, XIII.2
- stqarrijiet ............................................................................................................. 123 - 124
- tagħrif lill-Parlament ...............................................................................VII.E, XIII
- talba għal opinjonijiet ......................................................................................................47
Kunfidenzjalità .........................5, 11, 25, 31, 115, 198, 220, VII.A, VII.B, VII.D, VII.E, VIII, XIV
Kunflitt ta' Interess ..........................................................................................................I, VII.F
Kunsill
- djalogu mal-kumitat responsabbli tal- ...................................................................62, 66
- ħin għad-diskors ..........................................................................................................162
- konsultazzjoni ..............................................................................................................47, 49
- laqgħat ta' ..........................................................................................................................44
- mistoqsijiet .................................................................................................128 - 130, II
- nuqqas ta' azzjoni
- posizzjoni .............................................................................................................................64
- rakkomandazzjonijiet lil ..........................................................................................113, 134
- stqarrijiet ..........................................................................................................................123
Kunsill Ewropew .......................................................................................................................123
Kunsill ta' l-Ewropa ....................................................................................................................213
Kwesturi
- accountability ...................................................................................................................31
- dmirijiet .......................................................................................11, 24 - 25, 28, IX
- elezzjoni u mandat ............................................................................................. 15, 18 - 21
- interessi finanzjarji
- Kard ta' aċċess ....................................................................................................................11
- mistoqsijiet lill- ...................................................................................................................31
- Reġistru ta' appoġġ lill-intergruppi ..............................................................................34
Kwittanza
- deċiżjonijiet ...........................................................................................................................V
- korpi oħrajn ..........................................................................................................................94
- Kummissjoni .......................................................................................................................93

- Parlament ....98
- President tal-Parlament ....94
- stqarrijiet tal-Qorti ta' l-Awdituri ....125

Kworum ....168, 208


- L -

Laqgħat konġunti ta' kumitati ....55, 73, 107, 211
L-ewwel qari ....38 - 39, 41, 43, 47, 57 - 63, 75
- baġit .... 87 - 92
- ftehimiet ....73, 75, XIX
- konċiljazzjoni
- konklużjoni ....57, 59
- proċedura ta' segwitu .... 62 - 63
- stadju ta' kumitat ....39, 41, 43, 49 - 54, 56 - 58
- stadju tas-seduta plenarja .... 59 - 61
- votazzjoni ....59

Libertajiet fundamentali ....91, 99
Liġi tal-Unjoni
- applikazzjoni .... 141, 198, VI.VIII, VI.XVI, XIII.2
- kodifikazzjoni ....103
- simplifikazzjoni .... 103 - 104
- tfassil mill-ġdid ....104

Lingwi ....25, 107, 158 - 159, 198, 215, VI.X
Lista ta' kelliema ....189
L-Istat tad-dritt ....38, 91, 99, 135, 224 - 225, IV
Lobbyists .... 11, IX


- M -

Maġġoranza (kwalifikata) u n-numru minimu ta' Membri meħtieġa
- annessi ....230
- atti delegati
- atti ta' implimentazzjoni ....106
- deċiżjonijiet tal-Parlament
  . dwar jekk għandhiex issir votazzjoni dwar emenda ta' kompromess ....174
  . ftehimiet internazzjonali ....108
  . inizjattiva leġislattiva ....46
  . mozzjoni ta' ċensura (adozzjoni) ....119
  . posizzjoni tal-Kunsill
    - emendi ....69
    - tiċħid ....68
  . proċedura ta' kunsens ....99
  . sħubija ....89
  . test konġunt ....72
  . żamma ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja
- elezzjoni ta' uffiċjali
  . kwesturi ....15
  . nominazzjonijiet ....15
  . President ....15
  . Viċi-President ....15
- emendi

. abbozzi ta' emendi fit-tieni qari tal-baġit ........ 87 - 92
. abbozzi ta' emendi u tibdil propost fl-ewwel qari tal-baġit ........ 87 - 92
. l-aħħar abbozz ta' l-aġenda ........ 152
. oġġezzjoni għal votazzjoni għal emenda li mhiex imqassma fil-lingwi uffiċjali kollha ........ 158 - 159, 169
. Regoli ta' Proċedura ........ 227
. tressiq ........ 169
- Formazzjoni ta' Kumitati u Gruppi
. gruppi politiċi ........ 32
. Kumitati ta' inkjesta ........ 198 - 199
- ħatriet
. Bank Ċentrali Ewropew (talba sabiex il-votazzjoni tiġi proposta) ........ 122
. Kummissjoni (Membri) ........ 118
. Kummissjoni (President) ........ 117
. Ombudsman (Ħatra) ........ 219
. Ombudsman (Tkeċċija) ........ 221
. Qorti ta' l-Awdituri (talba sabiex il-votazzjoni tiġi proposta) ........ 121
- oġġezzjonijiet
. aġenda
- punti li ttieħdu mingħajr emendi jew dibattitu ........ 153
. interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura ........ 226
. rakkomandazzjonijiet tal-kumitat dwar il-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni ... 113
. rakkomandazzjonijiet tal-kumitat dwar il-puluzija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'affarijiet kriminali
. Tibdil fl-ordni tal-votazzjoni ........ 174
. votazzjoni dwar emendi mhux mqassma fil-lingwi uffiċjali ........ 169
- partiti Politiċi fuq livell Ewropew ........ 225
- rakkomandazzjoni lill-Kunsill ........ 134
- talbiet
. aġenda
- dibattitu fuq punt mingħajr emendi ........ 150
- dibattitu straordinarju ........ 153
- sabiex punt ikun ikkunsidrat għal emenda ........ 150
. aġġornament ta' dibattitu ........ 190
. aġġornament ta' votazzjoni ........ 190
. dibattitu dwar ksur tad-drittijet tal-bniedem, tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt ........ 135
. għeluq ta' dibattitu ........ 189
. Konsultazzjoni mill-ġdid ........ 63
. proċedura urġenti ........ 154
. referenza lura lill-kumitati ........ 188
. sospensjoni jew għeluq tas-seduta ........ 191
. tlaqqigħ tal-Parlament ........ 146
. twaqqif ta' kumitat ta' inkjesta ........ 198
. twaqqif ta' kworum ........ 168
. votazzjoni b'sejħa ta' l-ismijiet ........ 180
- Tmiem ta' kariga (qabel iż-żmien) ........ 21
- Tressiq ta' mozzjonijiet
. għar-resoluzzjonijiet
- dibattiti dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem, tal-prinċipji tad-demokrazija u ta' l-istat ta' dritt ........ 135
- mistoqsijiet għal tweġibiet orali mingħajr dibattitu ........ 128
- refusing discharge ........ V.4

- stqarrijiet tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew ....123
. proposta għaċ-ċaħda totali tal-baġit .... 87 - 92
. proposta għal deċiżjoni li tistabilixxi rata massima ġdida .... 87 - 92
. ta' ċensura ....119
- verifika ta' ksur ....91
- żamma ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ....141
Mandat ....1 - 11, VI.XVI
Mandat ta' nnegozjar ....73, 108
Mandat tal-Parlament ....145
Mekkaniżmu Superviżorju Uniku ....XXI
Membri ....1 - 6, 9 - 11, 148
- Assistenti .... IX
- attendenza għas-seduti ....148
- Bank Ċentrali Ewropew ....122
- ex Membri ....6, 11, I, IX
- interessi finanzjarji .... 11, I
- Kumitat .... 198 - 199
- Kummissjoni ....118, VI.XIII
- mhux affiljati ....35
- Qorti ta' l-Awdituri ....121
- spejjes ....10
- Statut ....10 - 11, 52, I, VI.XVI
- tkeċċija ....166
- tul tal-mandat ....4
Membri mhux affiljati .... 35, 199 - 200, 205
Mġiba
- kodiċi ta' kondotta .... 11, IX
- tas-seduti ....157 - 160, 162 - 167
Mhux ammissibbli ....39, 103, 105, 170, 185, 187
Minuti
- Bureau ....31
- Konferenza tal-Presidenti ....31
- Kumitati .... 207, VII.A
- seduti ....136, 148, 192
. ta' attendenza tal-Membri
Mistoqsijiet
- għal tweġiba bil-miktub .... 130 - 131, III
- għal tweġiba orali b'dibattitu ....128
- Ħin għal mistoqsijiet ....129, II
- lill-Bank Ċentrali Ewropew ....131, III
- lill-Bureau, Konferenza tal-Presidenti u Kwesturi ....31
- mhux mitmuma ....229
- prijorità ....130
- qosra u konċiżi .... 123 - 124
Miżuri ta' implimentazzjoni ....106 - 107, 141, XII
Modifika
- proposta tal-Kummissjoni ....38, 57
- Regoli ta' Proċedura .... 226 - 227
Motto ....228
Mozzjonijiet
- għal resoluzzjonijiet ....51 - 53, 62, 91, 95, 102, 114, 123, 128, 133, 135, 170, 216, 229, IV
- ta' ċensura kontra l-Kummissjoni ....119
- ta' proċedura ....185

Mozzjonijiet ta' interruzzjoni u ta' proċedura
Mozzjoni konġunta għal risoluzzjoni ....................123, 128, 135

- N -

Negozjati interistituzzjonali fi proċeduri leġiżlattivi ....................73 - 74, XX
Nominazzjonijiet
- Bank Ċentrali Ewropew ....................122
- il-President tal-Kummissjoni ....................117
- il-President tal-Parlament ....................16
- Kumitati ....................199
- Kummissarji nominati ....................118
- Kwesturi ....................18
- Ombudsman ....................219
- Uffiċjali tal-Parlament .................... 15 - 18, 199
- Viċi-Presidenti ....................17

- O -

OLAF ....................12
Ombudsman .................... 219 - 221
- attivitajiet ....................220, X
- elezzjoni ....................163
- ħatra ....................219
- tneħħija ....................221
Opinjonijiet
- dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill ....................100
- minoranza ....................56, 198
- proċedura ta' segwitu għal opinjoni tal-Parlament .................... 62 - 63
- rikjesta għal .................... 47 - 48
- tal-Kumitati .................... 39, 41, 50, 53 - 54, 87 - 92, 134, 201, 216 - 217, V.1, VI
- tal-Parlament .................... 59, 108, 112, 117, 121 - 122, 132, 154, 208
Opinjonijiet tal-minoranza ....................56, 198
Opinjonijiet Xjentifiċi ....................139
Ordni fil-kamra .................... 157, 165 - 167
Ordni tal-ħidma ....................149 - 150, 152, 154 - 156
Osservaturi ....................13

- P -

Pajjiżi terzi
- ACP ....................VI.II
- assoċjati mal-Unjoni ....................214
- negozjati għas-sħubija ....................89, 214, XIII.4
- relazzjonijiet ma' ....................32, 214
- Trattati ta' Sħubija .................... 89, 99, IV
Parlamenti
- konferenzi tal- ....................144
- ta' l-istati membri .................... 27, 142 - 143
Parlamenti Nazzjoni
- koperazzjoni ma' ....................142
- Opinjonijiet motivati ....................42

- relazzjonijiet ma' ....25
Partiti politiċi fuq livell Ewropew .... 223 - 225
- assistenza teknika ....224
- esklużjoni mill-iffinanzjar ....224
- Kumitat magħmul minn persuni eminenti indipendenti
- programm ....225
- regoli ta' implimentazzjoni ....25
- rkupru ta' ammonti li jkunu tħallsu bi żball ....224
- setgħat u responsabbiltajiet tal-Bureau ....224
- setgħat u responsabbiltajiet tal-kumitat responsabbli ....225
- setgħat u responsabbiltajiet tal-President ....223
Permessi ....5
Petizzjonijiet .... 215 - 218, 229, VI.XX
Pieni .... 166 - 167
Pjan ta' twaqqif (Segretarjat) .... 25, 87 - 92, 222
Plenarja
- baġit .... 87 - 92
- Emendi .... 53 - 54, 169, 175
- it-tielet qari ....72
- it-tieni qari .... 67 - 69, 76
- l-ewwel qari .... 59 - 61, 72
- minuti ....192
- rapport verbatim ....194
Politika barranija ....112 - 115, VI.I
Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (CFSP) ....112 - 113, VI.I, VII.B
- rappreżentant għoli
- stqarrijiet
Politika ekonomika ....127
Politika Monetarja ....126
Posizzjoni
- tal-Kummissjoni .... 48, 58, 61 - 62, 64, 69
- tal-Kunsill ....64
- tal-Parlament ....62
Posizzjoni tal-Kunsill
- approvazzjoni ....76
- emendi ....69
- komunikazzjoni .... 64 - 66
- nuqqas ta' azzjoni mill-Kunsill
- Tiċħid ....66, 68, 192
Post fejn isiru s-seduti u l-laqgħat ....147
Postijiet Vakanti ....4, 20, 199
President proviżorju ....14
President tal-Kummissjoni ....117
President tal-Kunsill ....66, 76, 119, VII, XVI, XIX
President tal-Kunsill Ewropew ....118, 123, 130, 162
President tal-Parlament ....124, 135, 192, II
- dmirijiet ....46, 136, 166, 211, 231, XV
- elezzjoni ....15 - 16, 19 - 20
Prevenzjoni ta' frodi u korruzzjoni ....12
Preżentazzjoni
- emendi ....169
- inammissibilità .... 185 - 187
Prinċipji fundamentali ....91, VI.XVIII

Privileġġi u immunitajiet ........ 5 - 9, 222, VI.XVI
Proċedura
- approvazzjoni ........ 77, 89, 99, 108
- baġit ........ 86 - 93, 95, VI.IV
- fil-kumitat ........ 49 - 54, 56, 66, 70 - 71, 175, 204, 206 - 208, 210, VII.A
- fil-Kumitati ........ 231
- għall-votazzjoni ........ 150, 171 - 172, 208
- konċiljazzjoni ........ 70 - 72, XIX
- kwittanza ........ 93 - 94, 98
- leġislattiva ........ 37 - 39, 41, 43 - 44, 46 - 72, 75 - 77, 99 - 104, 106, 141, 231, XIX
- mingħajr emenda u diskussjoni ........ 50, 150
- mozzjonijiet ........ 22, 185
- segwitu ........ 62 - 63, 198
- simplifikata ........ 50, 150
- skrutinju ta' ftehimiet volontarji ........ 102
- urġenti ........ 154
Proċedura bi preżentazzjoni qasira ........ 52, 151
Proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ........ 141, 219, 221, V.6
Proċedura ssimplifikata ........ 50, 150
Proċedura ta' Kunsens ........ 85, 89, 91, 99, 108
Proċeduri fil-qorti ........ 141
Proċeduri leġislattivi 37 - 39, 41, 43 - 44, 46 - 54, 56 - 72, 75 - 77, 99 - 104, 106, 141, 231, XIII.2, XIX
Proċeduri ta' appell ........ 167
Proċeduri Urġenti ........ 154
Proċessar elettroniku ta' dokumenti ........ 161
Programm Leġislattiv Annwali ........ 37 - 38, 46 - 47
Programm leġislattiv u ta' ħidma
Programm ta' ħidma ........ 37
Proporzjonalità ........ 38, 48
Protokoll finanzjarju ........ 108
Punti ta' ordni ........ 22, 186

**- Q -**

Qafas finanzjarju plurijennali ........ 86, 99
Qari ........ 39, 41, 43 - 44, 46 - 72, 75 - 77
Qorti ta' l-Awdituri ........ VI.I, VI.V
- ħatra tal-membri ........ 121
- stqarrijiet ........ 125
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ........ 141, 219, 221, V.6
- Nomini ........ 120
- Proċeduri quddiem ........ 141, 219, 221, V.6

**- R -**

Rakkomandazzjonijiet ........ 46, 67, 99, 133 - 134, 136
- CFSP ........ 112 - 113
- għat-tieni qari ........ 66 - 67
- lill-Kunsill ........ 113, 134
- linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika ........ 127
- mandat ta' nnegozjar ........ 108

- mill-Kunsill skond l-Artikolu 140 TFUE ....................100
- pulizija u kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Affarijiet kriminali
- trattati ta' adeżjoni ....................89, 99, 214
- wara inkjesta ....................198

Rapport
- abbozz ....................56
- applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni ....................132
- bbażżat fuq mozzjoni għal resoluzzjoni ....................133
- f'konsultazzjoni ....................49
- fuq inizjattivi preżentati minn Stat Membru ....................48
- inizjattiva proprja ....................27, 45 - 46, 52, 54, 91, 132 - 133, XVII
- interim ....................99
- leġislativ ....................49, 59
- mhux leġislattivi ....................51
- mill-Kumitat ta' Inkjesta ....................198
- mill-Kummissjoni ....................132
- minn istituzzjonijiet oħrajn ....................132
- opinjonijiet tal-minoranza ....................56, 198
- orali .................... 56, 60 - 61, 154
- strateġiku .................... 52, XVII
- tieni .................... 60 - 61

Rapport annwali dwar l-applikazzjoni tal-Liġi tal-Unjoni ....................132

Rapporteur u Rapporteur għall-opinjoni ..4, 21, 25, 47, 49 - 51, 53, 56, 61 - 62, 64, 66, 68, 71, 73, 103, 105 - 106, 154, 171, 173 - 174, 185, 198, 208, XVI

Rapport Ġenerali Annwali ....................132

Rapporti fuq inizjattiva proprja ....................27, 45 - 46, 52, 54, 81, 132 - 133, XVII

Rapport interim ....................99

Rapport Verbatim ....................194

Rappreżentant Għoli - ara Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli

Rappreżentant għoli tas-CFSP .................... 112, II

Rappreżentanti speċjali ....................110

Rappreżentanti ta' interessi .................... 11, IX

Rappreżentanza barranija tal-Unjoni
- Rappreżentanti speċjali ....................110
- Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli ....................112

Rappreżentazzjoni tal-Parlament f'laqgħat tal-Kunsill ....................44

Referenza lill-Kumitat
- corrigenda ....................231
- ftehimiet internazzjonali ....................108
- it-tieni qari ....................66
- l-ewwel qari ....................47

Referenza lura lill-Kumitat
- baġit .................... 87 - 92
- corrigenda ....................231
- kwittanza ....................V.5
- mozzjonijiet ta' proċedura ....................185
- Posizzjoni tal-Kunsill ....................47
- proposti mill-Kummissjoni
  . it-tieni qari ....................66
  . proposta ta' votazzjoni(emenda mhux meħuda mill-Kummissjoni) ....................61
  . tiċħid ....................60

Referenza mill-ġdid lill-Parlament ....................63

Reġistru

- Appoġġ lill-intergruppi ...34
- ta' attendenza tal-Membri ...148
- ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub ...136
- ta' l-Interessi tal-Membri
- ta' trasparenza ... 11, IX
- tad-dokumenti tal-Parlament ...116, XIV
- tal-Lobbyists ... 11, IX
- tal-petizzjonijiet ... 215 - 216

Reġistru Elettroniku ta' petizzjonijiet ...216

Regoli ta' Proċedura
- applikazzjoni ...226, VI.XVIII
- emenda ...227, VI.XVIII
- ftehimiet interistituzzjonali ...140
- points of order ...186

Relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet oħrajn ...27, 36, 117 - 119, 121 - 138, 140

Riċerka u surveys xjentifiċi ...139

Rigali jew benefiċċji simili ... I

Riżoluzzjoni leġislattiva ...48 - 49, 59 - 61, 171

## - S -

Seduta kostituttiva ...3, 14, 146

Seduta ta' emerġenza tal-Parlament ...146

Seduti ...145
- attendenza tal-Membri ...148
- kondotta ...145 - 149, 157 - 160, 162 - 167
- kondotta pubblika ...112, 192, 194, 206 - 207, VII.A
- minuti ...192
- post ...147
- rapport verbatim ...194
- reġistru pubbliku ...192, 194
- rekord pubbliku ...195
- sospensjoni jew għeluq ...152, 165, 167, 185, 191
- tmexxija ...25
- trażmissjoni awdjoviżiva ...195

Seduti ta' smiegħ ... 25, 198, 205 - 206, 211, 216, XVI

Seduti ta' smigħ pubbliku dwar inizjattivi taċ-ċittadini ...211

Segretarjat ...25, 222
- Gruppi Politiċi ...33
- Membri mhux affiljati ...35

Segretarju Ġenerali ...4, 11, 25, 77, 96, 157, 159, 165, 222, 224, I, IX

Segretezza ... 5, VII.B, VII.E

Sessjonijiet ... 145 - 146

Sessjonijiet parzjali ... 145 - 146

Setgħat ta' superviżjoni ...103, 106, 141

Shadow rapporteurs ...73, 205

Sħubija
- negozjati ...89, 214, XIII.4
- trattati ...89, 99, 214

Sigurtà tal-informazzjoni ...VII.E

Simboli tal-Unjoni ...228

Simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ... 103 - 104

Sistema tal-qsim proviżorju fi tnax-il parti ...92

Sit internet ....31, 34, 116, 130 - 131, 136, 195, I, IX
Skadenza
- dokumenti ....229
- emendi .... 169 - 170
Skadenzi
- Dibattitu u votazzjoni ....156
- Emendi ....169, 174
- estensjoni għat-tieni u t-tielet qari ....65, 72
- rapport ....56, 180
- votazzjonijiet b'sejħa ta' l-ismijiet
- votazzjonijiet maqsuma ....176
Sostituti ....200
Sotto-kumitati ....201, 203
Spezzjoni tal-fajls ....5
Spjegazzjonijiet tal-votazzjoni ....22, 183
Standards ta' mġiba ....11, 165
Stimi ....87 - 92, 96 - 97
Storbju ....167
Stqarrijiet ....123, 126, 136
- Bank Ċentrali Ewropew ....122, 126
- dikjarazzjoni ta' interessi finanzjarji .... 11, I
- Kummissjoni ....57, 123
- Kunsill ....123
- Kunsill Ewropew ....123
- persuna nominata bħala President tal-Kummissjoni ....117
- Qorti ta' l-Awdituri ....125, 127
- Rappresentant Għoli tas-CFSP
Stqarrijiet finanzjarji ....45, 49, 51
Stqarrijiet personali ....164
Studju u missjonijiet għal ġbir ta' informazzjoni ....201
Sussidjarjetà .... 38 - 39, 48

**- T -**

Testi adottati .... 192 - 193
Test konġunt ....72
Tfassil mill-ġdid ta' leġiżlazzjoni tal-Komunità ....104
Tfixkil
- miżuri immedjati ....165
Tfixkil ....165, XV
Tfixkil tal-Parlament ....166
- Pieni .... 166 - 167
Tim tan-negozjati ....73
Tkeċċija
- mill-kamra ....166
- minn delegazzjoni ....166
- minn kumitat .... VII.A
Tlaqqiegħ
- kumitati ....206
- parlament ....146
Tmexxija
- minn kumitat ....206
- tas-seduti ....25, 167

Tmiem (kmieni) tal-kariga ........ 21, 166
Tmiem ta' kariga qabel iż-żmien ........ 21
Tneħħija ta' l-immunità ........ 6, 9
Tqassim ........ 156, 160 - 161, 192
Traduzzjonijiet ........ 31, 46, 64, 74, 194, 198, 215, 227, XIII.3
Trasmissjoni ta' informazzjoni klassifikatata ........ VII.B, VII.E
Trasparenza
- fil-Parlament ........ 5, 11, 25, 31, 115, 198, 217, VII, VIII, XVI
- fil-proċess leġislattiv ........ 43
- interessi finanzjarji tal-Membri
- reġistru ........ 11, IX
Trattati ........ 89, 99, VI.XVIII
- Reviżjoni ordinarja ........ 79, II
- Reviżjoni simplifikata ........ 80, II
Trialogu Finanzjarju ........ 89
Tul ta' kariga
- Membri ........ 4
- Uffiċjali ........ 19

**- U -**

Uffiċjali ........ 14 - 20, 22 - 23

**- V -**

Verifika
- bażi legali ........ 39
- kredenzjali ........ 3, 14, 202, VI.XVI
Verifika ta' kredenzjali ........ VI.XVI
Viċi-President
- dmirijiet ........ 23 - 25, 27, 71, 89 - 90, 116, 143, 211
- elezzjoni u mandat ........ 15, 17, 19 - 21
Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-affarijiet barranin u l-politika ta' sigurtà ........ 112, 129
Votazzjoni ........ 171 - 174, 176 - 178, 180 - 184, 189
- aġġornament ........ 60, 185, 192
- aħħarija ........ 58, 179, 208
- bilqiegħda jew bilwieqfa ........ 178
- diżgwid ........ 184
- dritt għall-vot ........ 177
- elettroniku ........ 181, 208
- emendi ........ 169, 174 - 175, 179, 208
- it-tielet qari ........ 72
- it-tieni qari ........ 67 - 69, 76
- kollettivament ........ 22, 100, 173 - 174
- kumitat ........ 200, 208
- l-ewwel qari ........ 59
- maqsuma ........ 22, 173, 176
- ndaqs ........ 16 - 17, 24, 172
- ordni ........ 22, 59, 171, 174
- prinċipji ........ 173
- proċedura ........ 171, 208

- rapport ....... 39, 58, 60, 118
- sejħa ta' l-ismijiet ....... 22, 52, 90, 118 - 119, 173, 179 - 182, 208
- sigriet ....... 182, 199
- spjegazzjonijiet ....... 22, 123, 183
- turija ta' l-idejn ....... 178, 208
- validità ....... 168
- vot waħdieni ....... 58, 179, 208

Votazzjonijiet ndaqs ....... 172